

# *Fonti għall-ħajja ta'* SANTA KLARA

Il-Kitbiet ta' Santa Klara
Fonti Medjevali tal-ħajja ta' Santa Klara

# FONTI GĦALL-ĦAJJA
# TA' SANTA KLARA T'ASSISI

IL-KITBIET TA' SANTA KLARA
FONTI MEDJEVALI TAL-ĦAJJA TA' SANTA KLARA

Traduzzjoni mill-Edizzjoni Kritika Latina

Marija Immakulata Bellizzi OSC
Noel Muscat OFM
Ġużepp Beneditt Xuereb OFM

Introduzzjonijiet u apparat kritiku

Noel Muscat OFM

Sorijiet Klarissi, Monasteru Santa Klara, Malta
Edizzjoni TAU, Patrijiet Franġiskani, Malta 2006

Ippubblikat mis-Sorijiet Klarissi tal-Monasteru ta' Santa Klara
u l-Provinċja Franġiskana Maltija tal-Patrijiet Minuri

© Edizzjoni TAU, Patrijiet Franġiskani, Malta, 2006

Il-jeddijiet kollha miżmuma. Ebda silta minn dan il-ktieb
ma tista' tkun ippubblikata jew maħruġa b'xi mod jew ieħor
fotostatiku, elettroniku, mekkaninku, jew irrekordjat
mingħajr il-permess bil-miktub ta' l-Edizzjoni TAU.

ISBN: 13: 978-99909-48-33-2

Disinn tal-qoxra u stampat mill-P.E.G. Ltd., San Ġwann, Malta

# PREŻENTAZZJONI

## TAL-MADRE BADESSA
## TAL-MONASTERU TA' SANTA KLARA

Inħossni ixxurtjata li ġejt mistiedna sabiex nikteb il-preżentazzjoni tal-Fonti għall-Kitbiet u l-Ħajja ta' Ommna Santa Klara. Kont fraħt ħafna meta, snin ilu, ħutna l-patrijiet Franġiskani tawna f'idejna t-traduzzjoni mill-oriġinal Latin ta' dawn id-dokumenti bl-ilsien Malti. Iżda din kienet opra maqsuma f'kotba għalihom. Issa, għall-istedina li għamlilna P. Noel Muscat OFM, ġietna l-okkażjoni li niġbru dawn il-kitbiet klassiċi f'volum wieħed. Din il-ħidma hija grazzja kbira għalina, is-Sorijiet Klarissi, u għal kull min iħobb lil San Franġisk u Santa Klara, għax b'mod mill-aktar profond u mistiku, Klara twasslilna l-esperjenza ta' mħabba tal-maħbub tagħha Ġesù.

Klara, li kienet il-mara eċċezzjonali u li għarfet tkun l-oħt u d-dixxipla l-aktar qrib ta' San Franġisk, turina x-xebħ tal-viżjoni spiritwali tagħha ma' dik ta' San Franġisk. Hija tħeġġiġna sabiex bħalha nixtiequ lil Ġesù u, kif kitbet lil Sant'Agnese ta' Praga f'waħda mill-ittri tagħha, nimpenjaw ruħna billi "inħarsu lejH, nimmeditawH, nikkontemplawH, u ninbidlu fiH". Hekk, bil-mod il-mod, Hu jsir il-kollox għalina: "Alla tiegħi u kollox". Dan li rnexxielha tagħmel Santa Klara, u bir-raġun issejjaħlu, filwaqt li tixtiequ: "O Għarus tas-sema, iġbidni warajk! (Għan 1,3). Aħna niġru warajk, miġbudin mill-ħlewwa tal-fwieħa tiegħek" (EpAgn IV,30).

Mhux ta' b'xejn li, b'passi ħfief u mgħaġġla, Klara ħarbet lejn il-Porziuncola fil-lejl ta' Ħadd il-Palm tas-sena 1211. Hija ġriet wara l-faqar u l-umiltà ta' Kristu, kif hi ratu jiddi fl-eżempju tal-Missier imqaddes Franġisku. Dik il-ġirja bil-lejl, dak it-taħbit ta' qalbha żagħżugħa li tisfida kull biża' u sigurtà tad-dinja, saru għal Klara programm ta' ħajja. F'San Damiano Klara baqgħet tiġri u tħaffef wara Kristu. Baqgħet sħiħa fir-rieda tagħha li tgħix skond ma titlob minnha l-professjoni ta' l-Evanġelju mqaddes. Waqt li ħalliet barra d-dinja, Klara ġriet ħielsa u ħafifa, bla ħorġa, wara Kristu. Ġriet bil-ferħ, bil-libertà ta' min ma għandu xejn tiegħu, ta' min hu fqir fil-fatti u mhux biss fil-kliem. Ġriet wara Kristu, biex bħal Franġisku hi wkoll titwaħħad f'għerusija ħelwa u safja miegħU.

Mill-qalb, nirringrazzja lil P. Noel Muscat OFM tal-ħidma siewja tiegħu sabiex tkun tista' taslilna b'ilsienna din l-opra hekk sabiħa fuq Santa Klara u l-Ordni li waqqfet.

Sr. Rose Therése Ellis OSC
Monasteru Santa Klara
San Ġiljan, Malta

7 ta' Frar 2006
Tifkira ta' Santa Koleta minn Corbie, Verġni Klarissa

# DAĦLA

L-edizzjoni kritika tal-Fonti għall-Ħajja ta' San Franġisk t'Assisi bil-Malti ilha f'idejna mis-sena li għaddiet. Żewġ volumi li fihom ġbarna, għall-ewwel darba, il-kitbiet ta' San Franġisk u l-bijografiji prinċipali tas-sekli 13 u 14, magħrufin ġenerikament bħala *Fontes Franciscani*.

Din is-sena jmiss li noffru edizzjoni kritika ġdida tal-Fonti għall-Ħajja ta' Santa Klara t'Assisi. Dan qegħdin nagħmluh għax ma jistax ikun li titkellem dwar San Franġisk mingħajr ma ssemmi lill-*pianticella*, jew "xitla ċkejkna" tiegħu. Klara, bint Favarone di Offreduccio u Ortolana, imwielda f'Assisi fl-1193, ta' żagħżugħa iddeċidiet li tħalli warajha l-ħajja nobbli li kienet tgħix u marret tingħaqad ma' Franġisku u l-ewwel patrijiet Minuri fil-Porziuncola. Fl-1212, flimkien ma' l-ewwel *Povere Dame*, jew Sorijiet Foqra, marret toqgħod fil-kunventin ta' San Damiano, fejn twieled it-Tieni Ordni Franġiskan. Hemmhekk damet tgħix sal-11 ta' Awissu 1253, fil-klawsura, fis-sempliċità u l-faqar. Ġiet dikjarata qaddisa sentejn biss wara mewtha, fl-1255.

Klara wkoll ħallietilna sensiela ta' kitbiet, fosthom Ittri, Regola u Testment. Il-Fonti dwar ħajjitha mhumiex ftit. Fosthom ta' min isemmi l-Proċess ta' Kanonizzazzjoni u l-*Legenda Sanctae Clarae Virginis*, miktubin bejn l-1253 u l-1255.

Fl-okkażjoni tat-8 ċentinarju mit-twelid ta' Santa Klara, fl-1993, il-Provinċja Franġiskana Maltija tal-Patrijiet Minuri, flimkien mas-Sorijiet Klarissi tal-Monasteru ta' Santa Klara f'San Ġiljan, kienu ippubblikaw sensiela ta' studji dwar Santa Klara, li kienu jinkludu l-kitbiet tagħha (ippubblikati flimkien ma' dawk ta' San Franġisk fl-1986), bijografija popolari minn P. Guido Schembri OFM, ktieb dwar l-ispiritwalità ta' Klara minn Sr. Marija Immakulata Bellizzi OSC u P. Noel Muscat OFM, u t-traduzzjoni ta' xi *Fontes* ewlenin, fosthom dawk li semmejna, minn P. Ġużepp Beneditt Xuereb OFM.

F'din l-edizzjoni qegħdin niġbru flimkien dan ix-xogħol kollu, biż-żjieda ta' bosta dokumenti Klarjani oħrajn li ġew editi f'dawn l-aħħar snin minn studjużi Franġiskani ta' fama internazzjonali. In-nisġa ta' dan il-volum issegwi fedelment dik taż-żewġ volumi dwar il-Fonti għall-Ħajja ta' San Franġisk, u tinkludi introduzzjonijiet u appart kritiku fin-noti, bibljografija dettaljata, u indiċijiet bibliċi, ta' ismijiet, postijiet u indiċi tematiku.

Dan il-volum qegħdin noħorġuh f'kollaborazzjoni fraterna ma' ħutna s-Sorijiet Klarissi, li f'Malta wkoll jesprimu l-kariżma femminili Franġiskan karatterizzat mill-faqar u s-sempliċità, u minn ħajja ta' kontemplazzjoni fil-klawsura. B'sens ta' radd il-ħajr lilhom għall-appoġġ tagħhom u għas-sehem li taw fit-traduzzjoni ta' xi siltiet mill-kitbiet ta' Santa Klara, aħna nippreżentaw dan il-volum lill-pubbliku Malti, bit-tama li l-figura simpatika ta' Santa Klara, il-mara "imdawwla", issir aktar magħrufa fostna.

Fis-sensiela ta' volumi li bihom nixtiequ niċċelebraw għeluq il-25 sena mill-Edizzjoni TAU tal-Patrijiet Franġiskani (1982) u t-8 ċentinarju mill-fondazzjoni ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri (1209-2009), issa għandna f'idejna studji eżawrjenti dwar San Franġisk u Santa Klara, bit-tama li 'l quddiem noffru volumi simili dwar Sant'Antnin ta' Padova u dwar il-Qaddisin mistiċi Franġiskani.

Kunvent ta' San Salvatur, Ġerusalemm<br>
Kustodja Franġiskana ta' l-Art Imqaddsa<br>
2 ta' Marzu 2006<br>
Tifkira ta' Sant'Agnese ta' Praga, Verġni Klarissa

# PJAN ĠENERALI

Abbrevjazzjonijiet
Kronoloġija għall-Ħajja ta' Santa Klara

I TAQSIMA – IL-KITBIET TA' SANTA KLARA
Introduzzjoni għall-Kitbiet ta' Santa Klara
L-Ewwel Ittra lil Santa Agnese ta' Praga (1234)
It-Tieni Ittra lil Santa Agnese ta' Praga (1235)
It-Tielet Ittra lil Santa Agnese ta' Praga (1238)
Ir-Raba' Ittra lil Santa Agnese ta' Praga (1253)
Ittra lil Ermentrude ta' Bruges
Testment ta' Santa Klara (1253)
Regola ta' Santa Klara (1253)
Barka ta' Santa Klara (1253)

II TAQSIMA – FONTI GĦALL-ĦAJJA TA' SANTA KLARA
Privileġġ tal-Faqar mogħti minn Innoċenz III (1216)
Ittra tal-Papa Onorju III lill-Kardinal Ugolino (1219)
Kostituzzjonijiet tal-Kardinal Ugolino (1219)
Ittra tal-Kardinal Ugolino (1220)
Ittra tal-Papa Girgor IX (1228)
Ittra tal-Kardinal Rainaldo (1228)
Privileġġ tal-Faqar mogħti minn Girgor IX (1228)
Ittra ta' Santa Agnese ta' Assisi lil oħtha Santa Klara (1230)
Mandat (1238)
Regola tal-Papa Innoċenz IV (1247)
Tħabbira tal-Mewt ta' Santa Klara ta' Assisi (1253)
Atti tal-Proċess tal-Kanonizzazzjoni (1253)
Leġġenda Versifikata ta' Santa Klara ta' Assisi, Verġni (1254-1255)
Bulla ta' Kanonizzazzjoni «Clara claris praeclara» (15 ta' Awissu 1255)
Leġġenda ta' Santa Klara ta' Assisi, Verġni (1255)
Uffiċċju ta' Santa Klara «Iam sanctae Clarae claritas» (1255)
Regola tal-Papa Urbanu IV (1263)
Żjieda: Talba tal-Ħames Pjagi li kienet titlob Santa Klara

III TAQSIMA – IL-FONTI TA' SAN FRANĠISK DWAR KLARA U S-SORIJIET FOQRA
Forma tal-Ħajja mogħtija minn San Franġisk lil Santa Klara (1212)
Ittra ta' Jacques de Vitry (1216)
Għanja tal-Ħlejjaq (1225)
Kantiku ta' Eżortazzjoni «Audite Poverelle» lil Klara u s-Sorijiet Foqra (1225)
Aħħar Rieda mogħtija minn San Franġisk lil Santa Klara (1226)
«Vita Sancti Francisci» ta' Tommaso da Celano (1228-1229) 18-20 u 116-117
Giovanni da Perugia, «Anonimo Perugino» (1240-1241) 41

Leggenda dei Tre Compagni (1241-1246) 24
«Compilatio Assisiensis» (1246) 85 u 109
«Memoriale in Desiderio Animae» ta’ Tommaso da Celano (1246-1247) 13 u 204-207
Ittra tal-Ministru Ġeneral San Bonaventura lill-Badessa u s-Sorijiet tal-Monasteru ta’ Santa Klara f’Assisi (1259)
«Legenda Maior» ta’ San Bonaventura (1260-1263) IV,6 u XII,2
«Speculum Perfectionis» [Edizzjoni Sabatier] (1318), 90 u 108

IV TAQSIMA – DOKUMENTI PAPALI
Dokumenti tal-Papa Innoċenz III
Dokumenti tal-Papa Onorju III
Dokumenti tal-Papa Girgor IX
Dokumenti tal-Papa Innoċenz IV

Biblijografija

Indiċi ta’ Riferimenti Bibliċi
Indiċi ta’ Ismijiet
Indiċi ta’ Postijiet
Indiċi Analitiku-Tematiku

# ABBREVJAZZJONIJIET

## SKRITTURA MQADDSA

| | |
|---|---|
| Ġen | Ġenesi |
| Eż | Eżodu |
| Lev | Levitiku |
| Num | Numri |
| Dt | Dewteronomju |
| Ġoż | Ġożwè |
| Mħ | Mħallfin |
| Rut | Rt |
| 1Sam | 1 Samwel |
| 2Sam | 2 Samwel |
| 1Slat | 1 Slaten |
| 2Slat | 2 Slaten |
| 1Kron | 1 Kronaki |
| 2Kron | 2 Kronaki |
| Esd | Esdra |
| Neħ | Neħemija |
| Tob | Tobit |
| Ġud | Ġuditta |
| Est | Ester |
| 1Mak | 1 Makkabin |
| 2Mak | 2 Makkabin |
| Ġob | Ġob |
| S | Salmi |
| Prov | Proverbji |
| Koħ | Koħelet |
| Għan | Għanja ta’ l-Għanjiet |
| Għerf | Għerf |
| Sir | Bin Sirak |
| Iż | Iżaija |
| Ġer | Ġeremija |
| Lam | Lamentazzjonijiet |
| Bar | Baruk |
| Eżek | Eżekjel |
| Dan | Danjel |
| Hos | Hosegħa |
| Ġoel | Ġoel |
| Għam | Għamos |
| Għabd | Għabdija |
| Ġona | Ġona |
| Mik | Mikea |
| Naħ | Naħum |

| | |
|---|---|
| Ħab | Ħabakkuk |
| Sof | Sofonija |
| Ħag | Ħaggaj |
| Żak | Żakkarija |
| Mal | Malakija |
| | |
| Mt | San Mattew |
| Mk | San Mark |
| Lq | San Luqa |
| Ġw | San Ġwann |
| Atti | Atti ta’ l-Appostli |
| Rum | Rumani |
| 1Kor | 1 Korintin |
| 2Kor | 2 Korintin |
| Gal | Galatin |
| Efes | Efesin |
| Fil | Filippin |
| Kol | Kolossin |
| 1Tess | 1 Tessalonkin |
| 2Tess | 2 Tessalonkin |
| 1Tim | 1 Timotju |
| 2Tim | 2 Timotju |
| Tit | Titu |
| Film | Filemon |
| Lhud | Lhud |
| Ġak | Ġakbu |
| 1Pt | 1 Pietru |
| 2Pt | 2 Pietru |
| Ġuda | Ġuda |
| 1Ġw | 1 Ġwanni |
| 2Ġw | 2 Ġwanni |
| 3Ġw | 3 Ġwanni |
| Apk | Apokalissi |

## KITBIET TA’ SAN FRANĠISK

| | |
|---|---|
| Adm | Admonitiones. |
| CantAudPov | Cantico di esortazione Audite Poverelle. |
| CantSol | Canticum fratris Solis. |
| LaudDei | Laudes Dei Altissimi. |
| BenLeo | Benedictio fratri Leoni data. |
| EpAnt | Epistola ad sanctum Antonium. |
| EpCler I | Epistola ad Clericos (Redactio prior). |
| EpCler II | Epistola ad Clericos (Redactio posterior). |
| EpCust I | Epistola ad Custodes I. |

| | |
|---|---|
| EpCust II | Epistola ad Custodes II. |
| EpFid I | Epistola ad Fideles I. |
| EpFid II | Epistola ad Fideles II. |
| EpLeo | Epostola ad fratrem Leonem. |
| EpMin | Epistola ad Ministrum. |
| EpOrd | Epistola toti Ordini missa. |
| EpRect | Epistola ad populorum rectores. |
| ExhLD | Exhortatio ad Laudem Dei. |
| ExpPat | Expositio in Pater noster. |
| FormViv | Forma vivendi sanctae Clarae data. |
| Fragm | Fragmenta alterius Regulae non bullatae. |
| LaudHor | Laudes ad omnes horas dicendae. |
| OffPass | Officium Passionis Domini. |
| OrCruc | Oratio ante crucifixum. |
| RegB | Regula bullata. |
| RegNB | Regula non bullata. |
| RegEr | Regula pro eremitoriis data. |
| SalBMV | Salutatio beatae Mariae Virginis. |
| SalVirt | Salutatio virtutum. |
| Test | Testamentum. |
| UltVol | Ultima voluntas sanctae Clarae scripta. |

## FONTI TAL-ĦAJJA TA' SAN FRANĠISK

| | |
|---|---|
| 1C | Tommaso da Celano, *Vita Sancti Francisci*. |
| LCh | Tommaso da Celano, *Legenda ad usum chori*. |
| OR | Julian minn Speyer, *Officium Rhythmicum Sancti Francisci*. |
| LJS | Julian minn Speyer, *Vita Sancti Francisci*. |
| SC | *Sacrum Commercium Sancti Francisci cum Domina Paupertate*. |
| AP | Giovanni da Perugia, *Anonimo Perugino.* |
| L3C | *Leggenda dei Tre Compagni*. |
| CA | *Compilatio Assisiensis*. |
| 2C | Tommaso da Celano, *Memoriale in Desiderio Animae*. |
| 3C | Tommaso da Celano, *Tractatus de Miraculis Sancti Francisci*. |
| LM | S. Bonaventura, *Legenda Maior Sancti Francisci*. |
| LMin | S. Bonaventura, *Legenda minor Sancti Francisci*. |
| LdL | Bernard de Besse, *Liber de Laudibus Sancti Francisci*. |
| SP (Sabatier) | *Speculum Perfectionis* (ed. Paul Sabatier). |
| SP (Lemmens) | *Speculum Perfectionis* (ed. Leonhard Lemmens). |
| ABF | *Actus Beati Francisci et Sociorum Eius*. |
| Fior | *Fioretti di San Francesco*. |
| Vitry | Jacques de Vitry. |
| LChUmb | *Legenda Choralis Umbra.* |
| EpTrans | Ittra attribwita lil fra Elia dwar it-Transitu ta' San Franġisk. |
| Vor | Jacobo da Voragine, *Vita Sancti Francisci in Legenda Aurea*. |

| | |
|---|---|
| LMon | *Legenda Monacensis*. |
| IndulPorz | *Diploma di Teobaldo sull'Indulgenza della Porziuncola*. |

## KITBIET U FONTI TAL-ĦAJJA TA' SANTA KLARA

| | |
|---|---|
| BenCl | Barka ta' S. Klara. |
| CostHug | *Constitutiones Hugolianiane*. |
| EpAgn I-IV | Ittri lil S. Agnese ta' Praga. |
| LegCl | *Legenda Sanctae Clarae Virginis*. |
| LegVerCl | *Legenda Versificata Sanctae Clarae Virginis.* |
| PrivPaup | *Privilegium Paupertatis*. |
| ProcCan | Proċess ta' Kanonizzazzjoni. |
| RegCl | Regola ta' S. Klara. |
| RegIn | Regola ta' Innoċenz IV. |
| RegUrb | Regola ta' Urbanu IV. |
| TestCl | Testment ta' S. Klara. |

## ABBREVJAZZJONIJIET OĦRAJN

| | |
|---|---|
| AASS | *Acta Sanctorum* (Bollandisti). |
| AB | *Analecta Bollandiana*. |
| AF | *Analecta Franciscana*. |
| AFH | *Archivum Franciscanum Historicum*. |
| AM | Wadding, *Annales Minorum*. |
| BBT | *Biblioteca Biobibliografica della Terra Santa*. |
| BF | *Bullarium Franciscanum*. |
| CF | *Collectanea Franciscana*. |
| DAF | *Documenta Antiqua Franciscana*. |
| EF | *Etudes Franciscaines*. |
| FSF | *Fonti għall-Ħajja ta' S. Franġisk* (b'riferimenti għan-numri marġinali). |
| FSK | *Fonti għall-Ħajja ta' S. Klara* (b'riferimenti għan-numri marġinali). |
| FS | *Franciscan Studies*. |
| FrStud | *Franziskanische Studien*. |
| GFR | *Greyfriars Review*. |
| MF | *Miscellanea Francescana*. |
| MGH | *Montumenta Germaniae Historica, Scriptores*. |
| OCH | *Opuscules de Critique Historique*. |
| PG | *Patrologia Greca* (Migne). |
| PL | *Patrologia Latina* (Migne). |
| SF | *Studi Francescani*. |
| SĦ | *Spirtu u Ħajja*. |
| TM | *Testimonia minora* (Lemmens). |
| WW | *Wissenschaft und Weisheit*. |

# KRONOLOĠIJA GĦALL-FONTI TAL-ĦAJJA TA' SANTA KLARA

| | |
|---|---|
| 1193/1194 | Klara titwieled f'Assisi minn Favarone di Offreduccio di Bernardino u Ortolana. Id-dar tal-familja nobbli kienet maġenb il-kattidral ta' San Rufino. |
| 1198 | In-nies ta' Assisi jqumu kontra n-nobbli. Jassedjaw ir-Rocca, simbolu tal-qawwa imperjali, u jiddikjaraw Assisi bħala *comune* indipendenti. |
| 1199 | Il-familji nobbli mkeċċijin minn Assisi. Il-familja ta' Klara ssib kenn f'Perugia. |
| 1202 | Battalja ta' Collestrada. Gwerra bejn Assisi u Perugia. |
| 1203 | Wara trattat ta' paċi n-nobbli, fosthom Favarone, jirritornaw Assisi. |
| 1211[28Mar] | Ħadd il-Palm. Klara taħrab mid-dar u tmur fil-Porziuncola għand San Franġisk. Tikkonsagra ħajjitha lil Alla fl-altar tal-Verġni Marija ta' l-Anġli. Franġisku jeħodha fil-monasteru Benedittin ta' San Paolo delle Abbadesse, Bastia Umbra, u mbagħad fil-monasteru ta' Sant'Angelo di Panzo, fejn tingħaqad magħha oħtha Caterina (Agnese). |
| | Klara tmur toqgħod definittivament f'San Damiano. Jitwieled l-*Ordo Pauperum Dominarum Sancti Damiani* (Ordni tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano)[1]. |
| 1212 | Franġisku jagħti lil Klara u s-Sorijiet Foqra l-*Forma ta' Ħajja*. |
| 1215 [Nov] | Konċilju Lateran IV. Klara trid taċċetta t-titlu ta' badessa. |
| 1216 | *Privileġġ tal-Faqar* mogħti minn Innoċenz III lill-monasteru ta' San Damiano. |
| 1218/1219 | *Kostituzzjonijiet tal-Kardinal Ugolino*. |
| | San Damiano eżentat mill-ġurisdizzjoni episkopali. |
| | Iċ-Ċisterċensi Ambrogio maħtur Viżitatur tas-Sorijiet Foqra. |
| 1219 | Fra Filippo Longo Viżitatur tas-Sorijiet Foqra. |
| 1220 | Franġisku, meta jirritorna mill-Orjent, ineħħi lil Fra Filippo minn Viżitatur. |
| 1220 | Fra Pacifico magħżul Viżitatur tas-Sorijiet Foqra. |
| 1224 | Brunetto, qassis sekular, Viżitatur tas-Sorijiet Foqra. |
| | Bidu tal-marda twila ta' Santa Klara. |
| 1225 [Mar] | San Franġisk, li tilef id-dawl, joqgħod għal ftit ġimgħat f'San Damiano. Jikkomponi l-*Għanja tal-Ħlejjaq*. |
| 1226 | Fra Pacifico Viżitatur tas-Sorijiet Foqra. |
| | Ortolana, omm Klara, tidħol fil-monasteru ta' San Damiano. |
| | San Franġisk jagħti lis-Sorijiet Foqra l-*Aħħar Rieda* tiegħu. |
| 1226 [3Ott] | San Franġisk imut fil-Porziuncola. |
| 1226 [4Ott] | Klara u s-Sorijiet jaraw għall-aħħar darba l-ġisem mejjet ta' San Franġisk, |

[1] Rigward id-data tal-ħarba ta' Klara, skond l-*Atti tal-Proċess* u l-*Leġġenda ta' Santa Klara*, kien il-lejl tat-28 ta' Marzu 1211, u għalhekk id-data tat-twelid ta' Klara hi dik ta' l-1193 (Z. LAZZERI, «Il processo di canonizzazione di santa Chiara d'Assisi», *Archivum Franciscanum Historicum* 13 (1920), 403-507; C.A. LAINATI, *Santa Chiara d'Assisi*, Assisi 1969; *Temi spirituali del Secondo Ordine Francescano*, Assisi 1970). Studjużi oħrajn isostnu li d-data kienet il-lejl tat-18 ta' Marzu 1212, u għalhekk id-data tat-twelid ta' Klara tkun l-1194 (L. HARDICK, «Zur Chronologie im Leben der heiligen Klara», *Franziskanische Studien* 35 (1953) 174-210).

li jinġieb f'San Damiano qabel id-difna fil-knisja ta' San Giorgio f'Assisi.
1227 [14Diċ] Bulla *Quoties cordis* ta' Girgor IX tafda l-kura tas-Sorijiet Foqra f'idejn il-Ministru Ġeneral tal-Minuri, fra Giovanni Parenti (1227-1232).
1228 Fundazzjoni tal-monasteru ta' Pamplona fi Spanja, l-ewwel wieħed barra l-Italja.
1228 [16Lul] Girgor IX jiddikjara lil San Franġisk qaddis f'Assisi.
1228 [17Sett] *Privileġġ tal-Faqar* mogħti minn Girgor IX.
1228/1229 Fra Filippo Longo jerġa' jinħatar Viżitatur tas-Sorijiet Foqra (1228-1246).
1229 Beatrice, oħt Klara, tidħol f'San Damiano.
1229 Agnese, oħt Klara, tintbagħat bħala badessa fil-monasteru ta' Monticelli.
1230 [25Mej] Translazzjoni tar-relikwi ta' San Franġisk fil-Bażilika l-ġdida mibnija minn Girgor IX f'Assisi.
Klara tipprotesta kontra l-projbizzjoni magħmula lill-patrijiet Minuri biex ma jżurux lis-Sorijiet Foqra mingħajr awtorizzazzjoni papali.
1234 *1 Ittra lil Agnese ta' Praga* (qabel il-11 ta' Ġunju).
1234-1238 *2 Ittra lil Agnese ta' Praga.*
Fundazzjoni tal-monasteru ta' Praga.
1235-1237 Jintbagħtu s-Sorijiet Foqra fil-Ġermanja u l-Boemja.
1238 *3 Ittra lil Agnese ta' Praga* (qabel il-11 ta' Mejju).
1240 [Sett] Invażjoni tat-truppi Saraċini ta' Federiku II. Il-miraklu ta' l-Ewkaristija.
1243-1254 Papa Innoċenz IV.
1247 [6Aw] *Regola ta' Innoċenz IV*. Is-Sorijiet Foqra taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ministru Ġeneral tal-Minuri, imma jistgħu jaċċettaw proprjetà.
Klara tibda ssawwar Regola fuq il-mudell ta' dik tal-patrijiet Minuri.
1250 Taggrava l-marda ta' Klara.
1252 [8Sett] Żjara tal-Kardinal Protettur Rinaldo di Segni lil Klara.
Klara titolbu l-approvazzjoni tar-Regola tagħha.
1252 [16Sett] Il-Kardinal jagħti l-approvazzjoni tiegħu lir-*Regola ta' Santa Klara*.
1253 Agnese, oħt Klara, terġa' lura f'San Damiano.
*4 Ittra lil Agnese ta' Praga*.
Innoċenz IV iżur lil Klara darbtejn, fis-27 ta' April u qabel id-9 ta' Awissu.
Klara, għoddha se tmut, titlob lill-Papa jikkonferma r-Regola.
*Testment ta' Santa Klara*.
1253 [9Aw] Innoċenz IV japprova r-*Regola ta' Santa Klara*.
1253 [11Aw] Klara tmut fil-monasteru ta' San Damiano.
1253 [18Ott] Innoċenz IV jaħtar lil Bartolomeo, isqof ta' Spoleto, biex jiġbor ix-xhieda dwar il-ħajja u l-mirakli ta' Klara.
1253 [Nov] *Proċess ta' kanonizzazzjoni* f'San Damiano (24-29 ta' Novembru).
1254-1261 Il-Kardinal Rinaldo jsir Papa Alessandru IV.
1255 [15Aw] Kanonizzazzjoni ta' Santa Klara minn Alessandru IV fil-kattidral ta' Anagni.
1257-1274 San Bonaventura minn Bagnoregio, Ministru Ġeneral tal-patrijiet Minuri.
1260 Translazzjoni tal-ġisem ta' Santa Klara u trasferiment tal-komunità ta' San Damiano għall-Protomonasteru ta' Santa Klara f'Assisi.
1261-1264 Papa Urbanu IV.
1263 Approvazzjoni tar-Regola ta' Isabella ta' Franza

| | |
|---|---|
| 1263 [18Ott] | *Regola ta' Urbanu IV*. It-II Ordni jibda jissejjaħ *Ordni ta' Santa Klara*. |
| 1850 [30Aw] | Sejba tal-ġisem ta' Santa Klara. |
| 1850 [23Sett] | Rikonjizzjoni tar-Relikwi. |
| 1872 [30Ott] | Translazzjoni tar-relikwi ta' Santa Klara fil-kripta tal-Bażilika ta' Santa Klara f'Assisi. |
| 1893 | Sejba tal-*Bulla* oriġinali bir-*Regola ta' Santa Klara*. |

# INTRODUZZJONI

L-istudjuż Franġiskan P. Kajetan Esser OFM, kien kiteb: «Il-ħajja u l-kitbiet ta' Santa Klara t'Assisi, ix-'xitla ċkejkna tal-missier imqaddes Franġisku' – kif hi kienet tħobb issejjaħ lilha nnifisha – huma fost il-Fonti primarji għall-għarfien ta' San Franġisku l-Ordni tiegħu. Tabilħaqq, Klara kienet imxiet mill-qrib wara Franġisku fil-ħajja ġdida tiegħu u fil-ġrajjiet tal-bidu ta' l-Ordni tiegħu. Kienet assimilat b'mod profond l-ispirtu tiegħu, kienet ħarsitu fiha nnifisha fl-istat l-aktar safi tiegħu. Ix-xhieda tagħha għalhekk jistħoqqilha l-ogħla kunsiderazzjoni» (K. ESSER, *Origini e valori autentici dell'Ordine dei frati minori,* Milano 1972, 6-7).

Ftit snin wara, l-istudjuża Klarissa Sr. Chiara Augusta Lainati OSC, kitbet: «L-istudji dwar Santa Klara u l-Ordni tagħha mhumiex daqshekk avanzati bħall-istudju dwar San Franġisk. L-istess Fonti ta' Santa Klara ftit huma magħrufin, bil-konsegwenza li hemm diversi interpretazzjonijiet mingħajr argumenti kritiċi dwar l-eżistenza tagħha u dwar is-sens tal-persuna tagħha flimkien ma' Franġisku u l-familja Franġiskana» (C.A. LAINATI, *Introduzione,* in *Fonti Francescane,* Assisi 1977, 2216).

Minn dak iż-żmien, l-interess ta' l-istudjużi dwar Santa Klara kiber. F'dawn l-aħħar tletin sena l-interess storiku dwar Klara t'Assisi ma kienx biss marbut ma' dak dwar San Franġisk, kif normalment kien ikun qabel. Saru studji profondi dwar l-istorja tal-ħajja reliġjuża femminili fl-Ewropa medjevali. Fil-fatt, min irid jistudja bis-serjetà l-istorja tar-rwol tal-mara fil-Knisja medjevali, ma jistax ma jistudjax lil Klara, għax hi mara li ħallitilna l-uniku dokument leġislattiv miktub għal familja reliġjuża ta' nisa, jiġifieri r-Regola ta' Santa Klara. U fil-kamp ta' l-istudju ta' l-aġjografija, Klara tippreżenta ruħha bħala qaddisa li, minn banda, tkompli t-tradizzjoni monastika fil-ħajja reliġjuża femminili, imma li tintroduċi element ġdid, dak ta' ħajja reliġjuża femminili qrib ħafna tal-ħajja tas-soċjetà fil-bliet medjevali, fejn fis-seklu 13 twieled ordni soċjali ġdid.

Kien it-800 anniversarju mit-twelid ta' Santa Klara fl-1993-1994 li ta spinta 'l quddiem għall-pubblikazzjonijiet dwar il-qaddisa. F'Assisi s-Società Internazionale di Studi Francescani, iddedikat l-XX konvenju annwali tagħha lill-figura ta' Santa Klara, bit-titlu *Santa Chiara d'Assisi*. F'Malta, bil-ħidma ta' grupp ta' patrijiet Franġiskani u sorijiet Klarissi, kienu ħarġu l-Fonti dwar Santa Klara, wara li fl-1986 kienu diġà ġew ippubblikati l-Kitbiet tagħha flimkien ma' dawk ta' San Franġisk. Fl-1994 kien sar ukoll konvenju ta' studji dwar Klara u l-ispiritwalità tagħha, li fih kien ħa sehem l-istudjuż Franġiskan P. Fernando Uribe OFM, professur fil-Pontificia Università Antonianum ta' Ruma. Kienet ġie ippubblikata ħajja popolari ta' Santa Klara minn P. Guido Schembri OFM, u volum dwar l-ispiritwalità ta' Santa Klara, minn P. Noel Muscat OFM u Madre Marija Immakulata Bellizzi OSC.

Kien f'dan iż-żmien li ħarġu diversi monografiji dwar Santa Klara. L-istudji dwar il-qaddisa kienu konċentrati fuq żewġ punti prinċipali, jiġifieri r-relazzjoni bejn Klara u Franġisku, flimkien mar-relazzjoni bejn Klara u l-Ordni tal-patrijiet Minuri; kif ukoll l-awtentiċità tal-kitbiet li huma attribwiti lil Santa Klara.

Rigward l-ewwel aspett ngħidu li l-interess imġedded dwar il-figura ta' Klara llum ma għadux marbut, bħall-imgħoddi, ma' l-istorjografija ta' Klara f'relazzjoni ma' dik ta' Franġisku. L-ewwel konvenju internazzjonali dwar Klara, li ġie organizzat mis-Società Internazionale di Studi Francescani f'Assisi, fl-1979, u li kien intitolat *Movimento religioso femminile e francescanesimo nel secolo XIII,* studja lil Santa Klara fil-kuntest tal-movimenti reliġjużi femminili medjevali, u mhux direttament f'dipendenza mill-moviment imwaqqaf minn San

Franġisk. Il-*Pauperes Dominarum Sancti Damiani,* jew *Povere Dame di San Damiano,* kif kienu jissejħu l-ewwel Klarissi, irridu narawhom f'relazzjoni ma' esperjenzi oħrajn ta' ħajja reliġjuża femminili li fl-istess żmien kienu twieldu kullimkien fl-Ewropa. Dawn l-istudji jagħtu importanza lill-aspett monastiku ta' l-esperjenza Klarjana, u jisħqu dwar il-fatt li l-ewwel Klarissi kienu tfajliet u nisa verġni ġejjin mill-aristokrazija ta' Assisi, u li għaldaqstant kienu diversi ħafna mill-patrijiet Minuri, li fil-maġġoranza tagħhom, kienu ġejjin mill-klassi medja, u li kienu deċiżament orjentati lejn ħajja itineranti u mhux stabbli.

Mill-banda l-oħra, fir-Regola tagħha, Santa Klara tisħaq bil-qawwa li l-fundatur tal-*Povere Dame* kien San Franġisk. Il-Papa Girgor IX innifsu kien sejjaħ lil San Franġisk fundatur tat-II Ordni f'ittra li hu kien kiteb lil Sant'Agnese ta' Praga. Minkejja dan, xi studjużi jsostnu li l-veru fundatur tal-Klarissi kien l-istess Girgor IX meta kien għadu kardinal Ugolino, protettur tal-patrijiet Minuri, li fl-1219 laqa' fl-ubbidjenza rumana xi espressjonijiet femminili ta' ħajja monastika fit-Toscana u fl-Umbria, u tahom Kostituzzjonijiet apposta.

Teżi interessanti hi dik ta' Maria Pia Alberzoni, *Chiara e il Papato,* Milano 1995. Din l-istudjuża turi li llum nistgħu insolvu definittivament il-problema dwar il-bidu ta' l-Ordni ta' San Damiano. Hi tgħid li, fil-każ tal-Klarissi, nistgħu nitkellmu minn żewġ fundaturi, u saħansitra minn tlieta. Rigward il-monasteri ta' Lucca, Firenze u Perugia, u oħrajn li twieldu fl-istess żmien, ma hemmx dubju li l-fundatur kien il-kardinal Ugolino, li mbagħad sar Papa Girgor IX (1227-1241). Il-monasteru ta' San Damiano f'Assisi kien ġie mwaqqaf żgur minn San Franġisk, meta bagħat hemm lil Klara u l-ewwel Sorijiet fl-1212. Billi hu l-eqdem monasteru, l-istudjużi llum jitkellmu minn San Franġisk bħala l-fundatur ta' l-*Ordo Pauperum Dominarum Sancti Damiani*, kif kien jissejjaħ it-II Ordni fil-bidunett. Imma, aktar tard, dawn iż-żewġ esperjenzi ta' ħajja monastika ġew magħqudin flimkien f'Ordni wieħed mill-Papa Girgor IX. Klara kellha taċċetta l-Kostituzzjonijiet li kien kiteb hu fl-1219, ħlief għall-fatt li, fil-każ ta' San Damiano, is-Sorijiet qalgħu mingħand il-Papa l-famuż *Privilegium paupertatis* (Privileġġ tal-faqar), li bih ma setgħux jiġu mġiegħelin jakkwistaw proprjetà. Kien biss fl-1253, ftit qabel mietet, li Klara rnexxielha li r-Regola li kitbet hi tiġi approvata mill-Papa Innoċenz IV, wara li f'San Damiano s-Sorijiet Foqra kienu osservaw il-Kostituzzjonijiet ta' Ugolino u mbagħad ir-Regola ta' Innoċenz IV. B'hekk, eżatt qabel mietet, Klara ġiet rikonoxxuta mill-Knisja bħala fundatriċi ta' l-Ordni tagħha, li ftit wara li mietet, kellu jieħu isimha, u jibda jissejjaħ *Ordo Sanctae Clarae*, Ordni ta' Santa Klara (OSC). Klara, ix-«xitla ċkejkna» ta' San Franġisk, tqis lill-missier imqaddes bħala l-fundatur ta' l-Ordni tagħha f'San Damiano fil-bidunett. L-iżvilupp storiku ta' diversi monasteri kien frott ta' Ugolino, li nistgħu inqisuh bħala l-fundatur tagħhom. Fl-aħħarnett, il-Knisja, bl-approvazzjoni tar-Regola ta' Klara (1253), u speċjalment bir-Regola ta' Urbanu IV (18 ta' Ottubru 1263), irrikonoxxiet lil Santa Klara bħala l-fundatriċi ta' dak li beda jissejjaħ l-Ordni ta' Santa Klara.

Rigward ir-relazzjoni bejn Franġisku u Klara, xi studjużi, bħal Jacques Dalarun, urew li San Franġisk qatt ma jsemmi lil Klara fil-kitbiet tiegħu. Mhux biss jipprojbixxi li l-patrijiet Minuri ma jidħlux fil-monasteri tas-Sorijiet jekk mhux bil-permess tas-Sede Apostolika, imma wkoll li l-ebda patri ma seta' jilqa' mara għall-ubbidjenza reliġjuża. B'danakollu nafu li hu kiteb almenu żewġ biljetti lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano, u li waslu għandna, jiġifieri l-*Forma ta' Ħajja miktuba lill-Povere Dame* fl-1212, u l-*Aħħar Rieda lill-Povere Dame*, miktuba lejn tmiem ħajtu. Imma dan il-vojt min-naħa ta' San Franġisk jimtela fil-kitbiet ta' Klara. Mhux biss issejjaħ lilha nnifisha diversi drabi bħala *plantula*, «xitla ċkejkna» ta' l-imqaddes Franġisku, imma fir-Regola, kap. 6, turi b'mod ċar li hi u l-ewwel Sorijiet kienu wiegħdu ubbidjenza lill-imqaddes Franġisku, u li dan wiegħedhom li, kemm hu kif ukoll il-patrijiet Minuri, ikomplu jħarsuhom bil-fedeltà.

Illum il-ġurnata l-istudjużi ma jsostnux li Franġisku kien ġuridikament waqqaf xi komunitajiet femminili, jew li ħa fuq spallejn l-Ordni tiegħu l-*cura monialium* (il-kura tas-sorijiet), kif kien għamel San Duminku. Mill-banda l-oħra ħadd ma jiddubita li l-esperjenza ta' San Damiano twieldet bl-inizjattiva ta' Franġisku, u li kien hu li laqa' għall-ubbidjenza lil Klara u l-ewwel Sorijiet tagħha.

Studjużi bħal W. Maleczek xeħtu dawl ġdid fuq il-valur intrinsiku ta' xi kitbiet ta' Santa Klara. Mill-ġdid infetħet il-kwestjoni ta' l-awtentiċità tat-Testment ta' Santa Klara. Din il-kitba waslet għandna f'xi kodiċijiet li fihom hemm dokument ieħor, jiġifieri l-*Privilegium paupertatis*. Issa dan jidher fl-edizzjoni attribwita lil Innoċenz III, li ġġib id-data 1216. Għalkemm studjużi bħal J.F. Godet aċċettawh bħala awtentiku fl-edizzjoni kritika tal-Kitbiet ta' Santa Klara, illum il-ġurnata l-istudjużi jippreferu jagħtu l-*Privilegium paupertatis* fil-verżjoni aktar tardiva tal-Papa Girgor IX (17 ta' Settembru 1228), li l-oriġinal tagħha jinsab imħares fil-Protomonasteru ta' Assisi.

Rigward it-Testment, illum jidher li nstabet soluzzjoni għall-problema, u li dan id-dokument hu milqugħ bħala awtentiku. N. Kuster juri li l-manuskritt tal-monasteru ta' Montevergine ta' Messina jagħmel parti minn kodiċi li jġib id-data tat-tieni nofs tas-seklu 13. Kemm id-data hekk qrib il-mewt ta' Klara, kif ukoll l-istil u l-kontenuti tad-dokument ma jħallux dubji biex inqisu t-Testment bħala kitba ġenwina u awtentika tal-qaddisa.

L-importanza tal-komunità ta' Sorijiet Foqra ta' San Damiano, flimkien ma' Klara, saret punt ta' riferiment għall-patrijiet Minuri fis-snin wara l-mewt ta' San Franġisk. Kien f'San Damiano li l-patrijiet sabu l-espressjoni l-aktar ġenwina u «l-post tat-tifkira» tal-kariżma evanġeliku ta' Franġisku. Il-Franġiskan Ubertino da Casale, awtur ta' l-*Arbor Vitae Crucifixae Iesu* (1305), jikteb:

«Agħti widen, qarrej, u immedita fil-ġewwieni moħbi ta' qalbek. Għaliex dak li issa se ngħidlek ġej mill-qaddis frate Corrado, li semgħu mil-leħen ta' l-imqaddes frate Leone, li kien preżenti u kiteb ir-Regola. U dawn l-istess affarijiet jingħad li kienu miktubin f'ċerti *rotoli* li hu kien kiteb u li mbagħad ħallihom fil-monasteru ta' Santa Klara sabiex hemmhekk iħarsuhom bħala tifkira għall-ġejjieni. Fihom frate Leone kien kiteb bosta fatti, li hu kien ġabarhom minn fomm il-missier jew li hu kien rah iwettaq, u fosthom hemm miġburin xi fatti ta' l-għaġeb u li jistħoqqilhom l-ammirazzjoni għax kien wettaqhom il-qaddis, jiġifieri dawk il-fatti li għandhom x'jaqsmu ma' kif ir-Regola kellha tiġi mħassra u mbagħad imġedda. Hemm ukoll ħwejjeġ ta' l-għaġeb li għandhom x'jaqsmu mat-twaqqif u t-tiġdid tar-Regola min-naħa ta' Alla, u ma' l-intenzjoni ta' l-imqaddes Franġisku rigward l-osservanza tar-Regola, u dwar kif hu nnifsu qal li din l-intenzjoni kien għaddihielu Kristu nnifsu. Dawn huma fatti li frate Bonaventura ħallihom barra u ma riedx jiktibhom pubblikament fil-leġġenda tiegħu, l-aktar għaliex fihom kien hemm xi fatti li kienu juru b'mod miftuħ li diġà kienu daħlu fl-Ordni xi abbużi kontra r-Regola. Bonaventura ma riedx inaqqas il-fama ta' l-aħwa quddiem in-nies ta' żmienu. Imma jidher ċar li kien ikun aħjar kieku hu kitibhom, għaliex forsi hekk ma kienetx tiġi fuqna din ir-rovina tallum. Jiena smajt b'ħafna niket li dawk ir-*rotoli* ġew imferrxin u forsi wkoll intilfu, u l-aktar xi wħud minnhom» (UBERTINO DA CASALE, *Arbor vitae crucifixae Iesu*, Venezia 1485, V, cap. 5: *Iesus normam constituens*, 443-447. Traduzzjoni taljana fil-*Fonti Francescane*, Editrice Francescane 2004, 2098).

Nafu li kien ukoll frate Leone, flimkien ma' frate Angelo, li bejn l-1257 u l-1258 iddeċidew li jħallu l-brevjar li kien juża San Franġisk fil-ħarsien ta' Swor Benedetta, badessa tal-monasteru ta' Santa Klara f'Assisi (cfr. A. VAN DIJK, «The Breviary of St. Francis», *Franciscan Studies* 9 (1949) 13-40).

It-testi tal-kitbiet ta' Santa Klara u tal-bijografiji li qed nippreżentaw f'dan il-volum huma ta' arrikkiment għall-volumi dwar il-Fonti għall-Ħajja ta' San Franġisk, li diġà ġew pubblikati fl-2005. Illum il-ġurnata, l-aktar wara l-konvenji li saru dwar Santa Klara fiċ-ċentenarju ta' l-1993-1994, nistgħu ngħidu li għandna f'idejna *dossier* aġjografiku tajjeb dwar Santa Klara. Hu *dossier* interessanti, għaliex fih insibu li baqgħu konservati (fit-traduzzjoni bil-lingwa volgare) l-atti tal-proċess ta' kanonizzazzjoni ta' Santa Klara, kif ukoll il-*Legenda Sanctae Clarae virginis,* li hi l-bijografija uffiċjali tal-qaddisa wara l-kanonizzazzjoni tagħha fl-1255, miktuba taħt l-istess kundizzjonijiet li fihom Tommaso da Celano kien kiteb il-bijografija uffiċjali ta' San Franġisk fl-1228-1229. B'dawn iż-żewġ dokumenti waslet għandna l-figura storika ta' Santa Klara permezz ta' dokumenti uniċi tas-sekli 13, li huma hekk qrib il-fatti.

B'hekk nistgħu ngħaddu, qabel xejn, għall-istudju tal-Kitbiet ta' Santa Klara (1 Taqsima), biex imbagħad ngħaddu għall-Fonti għall-Ħajja ta' Santa Klara (2 Taqsima), għall-Fonti ta' San Franġisk li jitkellmu dwar Santa Klara (3 Taqsima), u għad-Dokumenti Papali dwar it-II Ordni (4 Taqsima).

I TAQSIMA

# KITBIET TA’ SANTA KLARA

# ITTRI LIL SANT'AGNESE TA' PRAGA

## INTRODUZZJONI

Santa Klara kitbet erba' ittri lil Sant'Agnese ta' Praga, jew tal-Boemja (1211-1282), bejn l-1234 u l-1253. Agnese kienet prinċipessa tal-familja rjali tal-Boemja. Ċaħdet id-dinja tal-lussu li kienet tgħix fiha, biex saret soru Klarissa. Hi meqjusa bħala l-fundatriċi tal-monasteru ta' Praga, u kienet l-ewwel badessa tiegħu. Dawn l-erba' Ittri li waslulna huma biss parti mir-relazzjoni epistolari bejn iż-żewġ nisa qaddisin. Huma xhieda prezzjuża tal-preżenza femminili fil-letteratura reliġjuża tal-Medjuevu.

Agnese kienet kuġina ta' Santa Eliżabetta ta' l-Ungerija (1207-1231), patruna ta' l-Ordni Franġiskan Sekular. Twieldet fl-1211. Missierha kien ir-re Premsyl Ottokar I tal-Boemja, u ommha kienet Kostanza ta' l-Ungerija. Kellhom ħamest itfal: Wenceslas, li laħaq re wara missieru, Agnese, Anna, Giuditta u Vladislas.

Meta kienet għadha ċkejkna missierha wegħedha lil Boleslas, it-tifel tad-Duka ta' Silesja. Agnese marret hemmhekk, fil-kura ta' Santa Edwige, li ħadet ħsieb l-edukazzjoni tagħha. Imma t-tifel tad-Duka miet ħesrem u Agnese irritornat Praga. Meta kellha għaxar snin ġiet proposta għaż-żwieġ mill-Imperatur Federiku II, li riedha tiżżewweġ lil ibnu Enriku. Ir-re tal-Boemja kien jidhirlu li din ir-rabta mal-familja famuża ta' Hohenstaufen kienet ta' min jaħtafha bħala opportunità tad-deheb. Agnese marret fil-palazz ta' Leopoldu VI, Duka ta' l-Awstrija, biex tħejji ruħha għaż-żwieġ. Imma anke dan it-tentattiv falla. Meta Agnese reġgħet lura Praga l-pajjiż kien għaddej minn tensjoni qawwija, bejn ir-re Ottokar u l-Knisja. Sadanittant ġew żewġ proposti oħrajn ta' żwieġ: waħda minn Enriku III ta' l-Ingilterra u oħra mill-Imperatur Federiku II innifsu, li kien romol fl-1228. Ir-re Premsyl Ottokar abdika għat-tron favur ibnu Wenceslas, li ġie inkurunat fil-kattidral ta' San Vito fi Praga. Ottokar miet f'Diċembru 1230.

Għall-ħabta ta' l-1225 kienu waslu fi Praga l-ewwel patrijiet Minuri, li minnhom Agnese ħadet l-ewwel tagħrif dwar San Franġisk u dwar Klara u s-Sorijiet Foqra ta' San Damiano. Fl-istess żmien ukoll kuġintha Eliżabetta ta' l-Ungerija kienet bniet sptar wara l-mewt ta' żewġha u tat ruħha għall-kura tal-morda u tal-lebbrużi. Agnese wkoll bniet sptar u kunvent għall-partrijiet Minuri, u iddeċidiet li tgħix ħajja bħal dik ta' Klara u s-Sorijiet Foqra.

Imma kien hemm quddiemha l-proposti ta' żwieġ li semmejna. Għalhekk, Agnese kitbet lill-Papa Girgor IX u talbitu biex jagħtiha l-permess li tikkonsagra ħajjitha għal Kristu. Il-Papa ferħilha u għamlilha l-kuraġġ biex tibqa' soda fil-fehma tagħha. Ħuha r-re Wenceslas irrispetta x-xewqa ta' oħtu.

Nhar Pentekoste, 11 ta' Ġunju 1234, fil-kattidral ta' Praga, quddiem il-Legat tal-Papa, ir-re Wenceslas, ir-reġina omm Kostanza, il-prinċpijiet irjali u l-kbarat tal-Boemja, Agnese neħħiet il-kuruna ta' prinċipessa u libset it-tonka Franġiskana. Flimkien ma' seba' tfajliet nobbli mill-Boemja marret fil-monasteru li kienet bniet hi stess. Hekk daħlet fl-Ordni tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano. Il-Papa Girgor IX, bil-Bulla *Sincerum animi tui* (30 ta' Awissu 1234) iddikjara t-twaqqif tal-monasteru ta' Praga u ħatar lil Agnese bħala badessa.

Ir-rabta bejn Agnese u Klara bdiet f'dan iż-żmien, għax Agnese kienet talbet li jintbagħtulha xi Sorijiet Foqra mill-monasteru ta' Trento. Kien fl-1234 li bdiet il-korrispondenza bejn iż-żewġ nisa qaddisin. B'kollox Klara kitbet erba' ittri li nafu bihom lil Agnese ta' Praga. L-ewwel ittra inkitbet fl-1234/1235, kważi ċertament wara li Agnese daħlet fil-monasteru. It-tieni ittra inkitbet waqt il-ġeneralat ta' Fra Elia (1239-1239) li Klara ssemmih bħala Ministru fl-ittra, u

bħala riżultat tal-Bulla *Cum relicta saeculi* (18 ta' Mejju 1235), li fiha Girgor IX ta bażi ġuridika lill-monasteru ta' Praga u mezzi ta' għajxien lis-sorijiet. It-tielet ittra inkitbet aktarx fl-1238, wara li fil-15 ta' April, il-Papa Girgor IX, bil-Bulla *Pia credulitate tenentes*, laqa' t-talba ta' Agnese li tiċħad għall-isptar ta' San Franġisk, favur il-patrijiet Minuri. L-aħħar ittra Klara bagħatitha lil Agnese wara qabża ta' ħmistax il-sena, fl-1253, ftit qabel ma mietet. L-ittra intbagħtet permezz ta' Fra Amato u Fra Bonaugura, żewġ patrijiet li minn Assisi marru Praga.

Sadanittant Agnese kienet talbet lil Girgor IX li jagħti lilha wkoll il-*Privileġġ tal-faqar*, kif kien ta lil Klara u lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano bil-Bulla *Sicut manifestum* (17 ta' Settembru 1228). Il-Papa weġibha bil-Bulla *Pia credulitate tenentes* (15 ta' April 1238). Imma meta, aktar tard, Agnese talbitu biex il-monasteru ta' Praga jħares il-*Forma vitae* li San Franġisk kien ta lill-*Povere Dame* f'San Damiano, it-tweġiba tal-Papa kienet negattiva. Fil-Bulla *Angelis gaudium* (11 ta' Mejju 1238), Girgor XI talab lil Agnese biex tadegwa ruħha għall-monasteri l-oħrajn kollha tas-Sorijiet Foqra fl-Italja u tħares ir-Regola li hu kien kiteb għalihom fl-1219, meta kien għadu l-kardinal Ugolino.

Agnese kellha tistenna sa l-1247 biex takkwista dak li xtaqet mill-Papa Innoċenz IV li ħareġ il-Bulla *Quoties a nobis* (23 ta' Awissu 1247), indirizzata lid-Damianite kollha, u tahom Regola ġdida. Din ir-Regola kienet tirrikonoxxi l-*Forma vitae* ta' San Franġisk ta' l-1212, u kienet tqiegħed lis-Sorijiet Foqra direttament taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ministru Ġeneral ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri, imma xorta waħda kienet tmur kontra dak li xtaqet Klara, għax kienet tagħti l-permess ta' proprjetà in komuni fuq il-mudell Benedittin. Żgur li Agnese f'dan iż-żmien kienet ta' qawwa u kuraġġ għal Klara fil-battalja tagħha biex tħares is-safa tal-karizma evanġeliku li ħaddnet hi u s-Sorijiet Foqra. Mhux ta' b'xejn li, fl-aħħar ittra li kitbet lil Agnese, Klara tindirizzaha bl-isem ta' «nofs ir-ruħ tiegħi».

Agnese, fil-monasteru tagħha fil-qalba ta' Praga, baqgħet tinteressa ruħha fil-morda, fil-lebbrużi, u fil-foqra, billi tibgħat parti sostanzjali mill-ġid li kienet tirċievi biex tgħinhom. Sofriet ħafna minn mewt wara l-oħra fil-familja li kienet tħobb. Ommha, ir-reġina Kostanza, mietet fl-1240, in-neputi tagħha, bin ir-re Wenceslas, miet fl-1247, neputi ieħor, Olrik, ġie maqtul bi ħruxija kbira waqt li nqabad f'battalja, u l-maħbub ħuha, ir-re Wenceslas I, miet fl-1253, l-istess sena li fiha mietet Klara f'San Damiano. In-neputi Premsyl Ottokar II, li laħaq re wara missieru Wenceslas, kellu qima kbira lejn Agnese. Meta kien fil-gwerra ma' l-Imperatur Rodolfo ta' l-Awstrija, Agnese u s-sorijiet kien jgħaddu sigħat jitolbu biex ikun imħares. Fis-27 ta' Awissu 1278 dan ir-re laqqa' l-armata tiegħu, imma ġie maqtul.

Fil-ħajja ta' Agnese ma naqsux is-salib u t-tbatija. Wara l-mewt tan-neputi tagħha, ir-re Premsyl Ottokar II, kien hemm il-ġuħ fi Praga, imma Agnese u s-Sorijiet Foqra tal-monasteru dejjem sabu l-ikel meħtieġ li kien jiġihom bil-karità. Kien hemm żmien meta x-xmara Vltava faret u l-monasteru kien imdawwar bl-ilma bħal gżira, hekk li biex iġibulhom l-ikel in-nies kellhom jaqsmu fuq id-dgħajjes.

Fir-Randan ta' l-1282 Agnese mardet, u irċeviet il-vjatku minn idejn il-patrijiet Minuri. Fit-2 ta' Marzu 1282, għall-ħabta ta' nofs in-nhar, Agnese mietet fil-monasteru. Mall-ewwel akkwistat fama ta' qdusija minħabba l-mirakli li saru bl-interċessjoni tagħha.

Il-Papa Piju IX iddikjara lil Agnese Beata fl-1874, u fit-12 ta' Novembru 1989, waqt żjara pastorali fi Praga, il-Papa Ġwanni Pawlu II iddikjaraha Qaddisa.

Sa tmiem is-seklu 19 l-unika verżjoni ta' l-Ittri ta' Santa Klara lil Agnese ta' Praga kienet dik ippubblikata fl-1668 mill-Bollandisti fl-*Acta Sanctorum*, kif ukoll kien jeżisti t-test ta' l-ewwel Ittra li Nicolas Glassberger daħħal fil-*Chronica XXIV generalium Ordinis minorum* ta' l-1491.

Fl-1915 Walter Seton ippubblika verżjoni ta' l-ittri bil-lingwa Boema, li hu kien skopra fil-Bibljotka Rjali ta' Bamberg f'manuskritt tas-seklu 14 (W. SETON, *Some new sources for the life of Blessed Agnes of Bohemia*, British Society of Franciscan Studies, 7, Aberdeen 1915, 51-55; 151-164). Skond hu din kienet traduzzjoni minn edizzjoni latina eqdem minn dik ippubblikata mill-Bollandisti.

Fl-1896 l-edizzjoni latina awtentika kienet instabet minn Achille Ratti, li mbagħad sar Papa Piju XI, fil-kodiċi M10 tal-Bibljoteka tal-Kapitlu ta' Sant'Ambrogio ta' Milano. Din kienet mansukritt li ġie ikkupjat fi Praga lejn tmiem is-seklu 13 jew il-bidu tas-seklu 14, u li kien fih ukoll *Legenda* latina ta' Agnese tal-Boemja.

Fl-1924 Seton ippubblika l-Ittri skond dan il-kodiċi M10 (W. SETON, «The Letters from Saint Clare to Blessed Agnes of Bohemia», AFH 17 (1924), 509-519).

Fl-1932 Jan Kapistran Vyskočil, flimkien mal-*Legenda* ta' Sant'Agnese, ikkura l-ewwel edizzjoni kritika ta' l-Ittri fuq il-bażi tal-kodiċi ta' Hall (H), li kien sab Glassberger, kif ukoll fuq manuskritt ieħor tas-seklu 14, il-kodiċi S, imħares fil-kunvent tal-patrijiet Minuri Konventwali ta' Sibenik (Kroazja), li kien fih parti mit-tieni Ittra u t-tielet u r-raba' Ittra.

Fi żminijiet aktar reċenti ħadu ħsieb l-edizzjonijiet ta' l-Ittri Giovanni Boccali u Ignacio Omaechevarria, u fl-1999 Giovanni Pozzi (CHIARA D'ASSISI, *Lettere ad Agnese. La visione dello specchio*, a cura di G. Pozzi e B. Rima, Milano 1999).

Fl-ewwel Ittra (1234/1235) Klara tifraħ lill-prinċipessa Agnese talli għażlet bħala għarus lil Ġesù Kristu, u ikkonsagrat ħajjitha lil Alla fil-klawsura, u tħeġġiġha biex tibqa' sħiħa fis-servizz ta' l-Imsallab fqajjar. L-Ittra fiha innu lill-verġinità u l-faqar evanġeliku, fid-dawl ta' l-istmerrija tal-ġid ta' l-art u l-għażla tal-ġid tas-sema, wieħed mit-temi li nsibuh il-ħin kollu fl-Ittri. Klara tindirizza lil Agnese bit-titlu ta' prinċipessa, iben ir-re tal-Boemja. Aktar tard Klara tindirizza lil Agnese b'titli aktar familjari, bħala l-għarusa ta' Kristu u bħala parti minn ruħha stess.

It-tieni Ittra (Mejju 1235 – bidu 1237) inkitbet waqt il-ġeneralat ta' Fra Elia. Fiha Klara tħeġġeġ lil Agnese biex tibqa' sħiħa fil-mixja tagħha wara Kristu fqir. Issemmi l-*Aħħar rieda* li Franġisku kien kiteb lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano, u turi l-fedeltà ta' Klara lejn il-wirt spiritwali tal-missier imqaddes. L-Ittra hi xhieda tal-ġlieda li kellhom jitqabdu dawn iż-żewġni nisa qaddisin biex iħarsu l-fedeltà lejn l-identità Franġiskana tal-bidu, l-aktar fir-rigwardi ta' *Madonna Povertà,* u dan ukoll f'diverġenza ma' dak li kien irid il-Papa Girgor IX, li ried jagħti forma uniformi fuq linji monastiċi tradizzjonali lill-Ordni tas-Sorijiet Foqra. F'din il-ġlieda Klara ssemmi s-sens ta' rabta fidila li s-Sorijiet Foqra ried ikollhom mal-patrijiet Minuri, u twissi lil Agnese biex issegwi l-pariri għaqlin tal-Ministru Ġeneral Fra Elia.

It-tielet Ittra (bidu ta' l-1238) inkitbet fuq xewqa ta' Agnese li Klara tagħtiha spjegazzjoni dwar l-użu tas-sawm fil-monasteru ta' San Damiano, li s-sorijiet ta' Praga riedu jimitaw. F'din l-Ittra nsibu xhieda tal-ferħ ta' Klara għall-fedeltà ta' Agnese fit-triq tal-faqar radikali, u fiha espressjonijiet mistiċi mill-isbaħ dwar l-unjoni ma' Kristu u l-esperjenza ta' faqar tal-Verġni Marija, l-Omm l-aktar ħelwa ta' Ġesù Kristu, Alla u bniedem.

L-aħħar Ittra (1253) inkitbet fl-aħħar xhur tal-ħajja ta' Klara. Hi Ittra li turi li kien riesaq il-waqt li ż-żewġ nisa jinfirdu minn xulxin, u Klara tuża kliem mimli ħlewwa biex issellem lil oħtha Agnese, li saret għaliha l-aktar bint maħbuba tagħha. Issejħilha «nofs ir-ruħ tiegħi». L-Ittra fiha espressjonijiet ta' natura mistika għolja li jħeġġu lil Agnese għall-kontemplazzjoni ta' Kristu permezz tax-xbieha tal-mera – Kristu fil-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, tal-Passjoni u tal-Glorifikazzjoni tiegħu. L-Ittra wkoll fiha espressjonijiet meħudin mill-Għanja ta' l-Għanjiet, biex bihom Klara tesprimi l-ġmiel ta' l-għerusija mistika ta' Agnese ma' Kristu.

# L-EWWEL ITTRA LIL SANTA AGNESE TA’ PRAGA
(1234/1235)

[1] 1 Lill-meqjuma u l-aktar qaddisa verġni, is-Sinjura Agnese, bint l-aktar għoli u glorjuż Sultan tal-Boemja[2], 2 Klara, qaddejja indenja ta’ Ġesù Kristu u serva li *ma tiswa għal xejn* (cfr. Lq 17,10) tas-Sorijiet magħluqin għalihom fil-monsteru ta’ San Damiano, qaddejja umli tiegħek u li toqgħod f’kollox għalik, tirrikmanda ruħha b’kull mod u bl-akbar qima, waqt li tixtieqlek li tasal *fil-glorja ta’ l-hena* ta’ dejjem (cfr. Sir 50,5)[3].

[2] 3 Kif smajt bil-fama[4] tal-ħajja reliġjuża qaddisa tiegħek, fama magħrufa mhux biss minni, imma li hija magħrufa mad-dinja kollha b’mod ta’ l-għaġeb, inħossni *nifraħ b’ferħ kbir fil-Mulej u nithenna* (Ħab 3,18). 4 U b’dan nifraħ mhux biss jien, imma wkoll dawk kollha li jaqdu jew li jixtiequ jaqdu lil Ġesù Kristu. 5 U r-raġuni hija din: għax inti, iżjed minn ħaddieħor, stajt tgawdi l-ġieħ u l-unuri tad-dinja, u stajt tiżżewweġ lill-Imperatur, bi glorja li tixraq lilek u lill-majestà tiegħu, 6 imma int warrabt dawn il-ħwejjeġ kollha u għażilt b’qalbek u b’ruħek kollha li tħaddan ħajja ta’ faqar l-aktar qaddis u ċ-ċaħdiet tal-ġisem, 7 biex tingħata lil Għarus wisq aktar nobbli, il-Mulej Ġesù Kristu, li jħares il-verġinità tiegħek bla tebgħa u jżommha bla mittiefsa.

[3] 8 L-imħabba tiegħu tagħmlek kasta, it-tgħannieqa tiegħu tagħmlek aktar safja, u aktar ma tersaq lejh, aktar issir safja; aktar ma tagħmlu tiegħek, aktar titwettaq fil-verġinità.

[4] 9 Għaliex is-setgħa tiegħu tgħaddi kull setgħa oħra, il-ġenerożità tiegħu hija akbar minn kull ġmiel ieħor, l-imħabba tiegħu tisboq kull ħlewwa, u t-tjieba tiegħu ma tistax titfisser bil-kliem.

[5] 10 Issa inti tinsab maħtufa fit-tgħannieqa tiegħu, u Huwa żejjinlek sidrek b’ħaġar prezzjuż u qegħedlek ma’ widnejk ġawhar li ma għandux prezz.

[6] 11 Imliek kollok b’ħaġar prezzjuż ġdid u jleqq, qisu ward li jfewwaħ fir-rebbiegħa, u qegħedlek fuq rasek *kuruna ta’ deheb imnaqqxa bis-siġill tal-qdusija tiegħu* (Sir 45,14 Vg)[5].

---

[2] Agnese (1211-1282) kienet il-bint iż-żgħira tar-re tal-Boemja Premysl Ottokar I u ta’ Kostanza ta’ l-Ungerija. Sa minn ċkunitha sabet ruħha maqbuda f’rabtiet ta’ għerusija rjali għal skopijiet politiċi: l-ewwel ġiet imwiegħda lid-Duka ta’ Silesja, imbagħad lil Enriku, iben l-Imperatur Federiku II, wara lil Enriku III ta’ l-Ingilterra, u fl-aħħarnett fl-1228 lill-istess Imperatur li kien romol. Agnese, li kellha ma’ l-għoxrin sena, talbet il-protezzjoni tal-Papa Girgor IX, u ċaħdet għaż-żwieġ ma’ l-Imperatur, għax riedet tikkonsagra ħajjitha lil Alla fil-verġinità. Miġbuda mill-esperjenza evanġelika ta’ San Franġisk u mgħarrfa dwar il-forma ta’ ħajja tas-Sorijiet Foqra ta’ San Damiano, fi Praga waqqfet l-isptar ta’ San Franġisk għas-servizz tal-foqra, u bniet monasteru u maġenbu kunvent għall-patrijiet Minuri. Fil-11 ta’ Ġunju 1234 daħlet fil-monasteru flimkien ma’ seba’ xbejbiet nobbli mill-Boemja, li magħhom ingħaqdu ħames Sorijiet Foqra mill-monasteru ta’ Trento. Il-Papa Girgor IX ħatar lil Agnese badessa tal-monasteru mwaqqaf minnha. Klara kitbet din l-Ittra ftit wara li Agnese daħlet fil-monasteru, biex tifraħ magħha għall-għażla evanġelika li għamlet.

[3] L-awgurju li bih tikkonkludi din it-tislima jiftaħ it-tema ta’ l-Ittra. Agnese ċaħdet il-ġid materjali biex tintrabat biss ma’ Kristu fil-verġinità, u hekk tidħol għal żwieġ mistiku li hu aqwa minn kull żwieġ imperjali, u għal ħajja ta’ faqar li hi aqwa mir-rikkezzi rjali li kienet imdorrija tgħix fihom.

[4] Fil-lingwaġġ *cortese* il-fama (*honestas*) kienet tfisser li wieħed ikollu isem tajjeb, fama tajba, quddiem is-soċjetà. Din il-kwalità kienet mitluba l-aktar min-nisa verġni li jikkonsagraw ħajjithom lil Alla. Dan il-kunċett ta’ *honestas* jidher tmintax il-darba fil-Kitbiet ta’ Santa Klara.

[5] Fil-vv. 7-11 Klara tfaħħar il-kobor ta’ l-għerusija ma’ Kristu f’nisġa ta’ espressjonijiet liturġiċi u aġjografiċi meħudin mill-Uffiċċju tal-festa ta’ Sant’Agnese, Verġni u Martri (21 ta’ Jannar). Skond ir-rit tal-Knisja rumana li ġie riformat minn Innoċenz III, u addottat mill-patrijiet Minuri (cfr. *RegB* 3,1) u mill-istess Sorijiet Foqra (cfr. *RegCl* 3,1), fil-mattutin tal-festa ta’ Sant’Agnese u fl-ottava tagħha (28 ta’ Jannar) kienet tinqara l-*Passio sanctae Agnetis,* opra tas-seklu 5, attribwita falsament lil Sant’Ambroġ, filwaqt li r-responsorji u l-antifoni ta’ l-Uffiċċju kienu kollha meħudin mill-istess *Passio,* li elementi minnhom tħallew fil-liturġija mġedda tal-qaddisa skond il-Konċilju Vatikan II. Il-v. 11b hu ispirat mill-ewwel responsorju tat-tielet notturn ta’ l-Uffiċċju tal-komun ta’ qaddis martri.

[7] 12 Għalhekk maħbuba oħti, jew ngħidlek aħjar, Sinjura li jistħoqqlok kull qima, għaliex inti *l-omm, l-oħt u l-għarusa* tal-Mulej tiegħi Ġesù Kristu[6] (cfr. 2Kor 11,2; Mt 12,50), 13 imżejna bil-marka tiddi tal-verġinità bla mittiefsa, u tal-faqar l-aktar imqaddes; issaħħaħ fis-servizz li int dħalt għalih b'xewqa mħeġġa għall-Imsallab fqir[7]. 14 *Hu qagħad għas-salib* (Lhud 12,2), u *ħelisna mill-ħakma* tal-Prinċep *tad-dlam* (Kol 1,13), li tiegħu konna sirna lsira minħabba d-diżubbidjenza ta' l-ewwel ġenituri tagħna, u hekk *habbibna mill-ġdid ma' Alla l-Missier* (2Kor 5,18).

[8] 15 O faqar hieni! Lil min iħobbok u jħaddnek int iżżejnu bil-għana ta' dejjem.

16 O faqar qaddis! Lil dawk li jiksbuk u jixtiequk, Alla jwiegħed is-*saltna tas-smewwiet* (cfr. Mt 5,3) u joffri b'mod li ma jiġix nieqes il-glorja ta' dejjem u l-ħajja hienja.

17 O faqar qaddis! Lilek għoġbu jħaddan miegħu, qabel kull ħaġa oħra, il-Mulej Ġesù Kristu, li fis-setgħa tiegħu kienu u huma s-smewwiet u l-art[8], ladarba kienet biżżejjed *kelma waħda tiegħu biex ikun maħluq* kollox (S 32,9; 148,5).

[9] 18 Tabilħaqq, hu qal: *Il-volpijiet għandhom il-għerien, u l-għasafar ta' l-ajru għandhom il-bejtiet tagħhom, imma Bin il-bniedem*, jiġifieri Ġesù Kristu, *m'għandux fejn imidd rasu* (Mt 8,20), u meta serraħha fuq sidru, serraħha biex *jagħti l-aħħar nifs* tiegħu[9] (cfr. Ġw 19,30).

[10] 19 Issa, jekk Sinjur bħal dan u daqshekk kbir niżel fil-ġuf tal-Verġni, u ried jidher fid-dinja bħala bniedem imżeblaħ, fqir u *fil-bżonn* (cfr. 2Kor 8,9), 20 biex dawk il-bnedmin li kienu jgħixu fl-akbar faqar u nieqsin minn kollox, u mġewwħa għall-ikel tas-sema, *jistagħnew fih* billi jiksbu s-saltna tas-smewwiet; 21 int, mela, *ifraħ u thenna ħafna*, u mtela b'hena kbir u b'ferħ spiritwali (cfr. Ħab 3,18). 22 Għax tabilħaqq, int ippreferejt iż-żeblieħ għall-unuri tad-dinja, u għażilt il-faqar minflok il-għana materjali, u *ħżint it-teżori tiegħek fis-sema*, u mhux fuq l-art, 23 fejn *la s-sadid u lanqas il-kamla ma jmermruhom, u lanqas il-ħallelin ma jinfdu u jisirqu* (Mt 6,20); *għalhekk il-ħlas tiegħek huwa kbira fis-smewwiet* (Mt 5,12), 24 u inti jistħoqqlok tassew tissejjaħ *oħt, għarusa u omm* ta' l-Iben ta' Alla l-Aktar Għoli, u tal-Verġni glorjuża (cfr. 2Kor 11,2; Mt 12,50).

[11] 25 Int taf sewwa – jiena żgura minn dan – li *s-saltna tas-smewwiet*, il-Mulej iwegħedha u jagħtiha *lill-fqar* biss (cfr. Mt 5,3), għaliex min iħobb il-ħwejjeġ tad-dinja jitlef il-frott ta' l-imħabba[10]. U *ma tistax taqdi 'l Alla u lill-flus*, għaliex trid *jew tħobb 'il wieħed u tobgħod lill-ieħor, jew taqdi lit-tieni u titlaq lil ta' l-ewwel* (Mt 6,24). 27 Taf ukoll li bniedem imlibbes il-ħwejjeġ ma jistax joħodha ma' għadu għeri, għaliex malajr isib ruħu mixħut ma' l-art min lill-

---

[6] Fi Klara nsibu b'mod ċar it-tagħlim ta' San Franġisk: dawk li jgħixu taħt il-ħidma ta' l-Ispirtu tal-Mulej "huma għarajjes, aħwa u ommijiet tal-Mulej Ġesù Kristu" (*EpFid II*,50).

[7] Cfr. Litanija tal-qaddisin, invokazzjoni: *Ut nosmetipsos in tuo sancto servitio confortare et conservare digneris* ("Sabiex lilna jogħġbok issaħħaħna u tħarisna fis-servizz qaddis tiegħek").

[8] Mill-Introjtu *Salve sancta parens* tal-quddiesa tat-Twelid tal-Verġni Mqaddsa Marija u tal-quddiesa votiva tal-Verġni Marija barra minn żmien l-Avvent u Milied. Dawn il-kliem ta' tifħir lill-faqar juru l-istess stil tat-tifħir lill-virtujiet personalizzati, li nsibu fis-*Salutatio Virtutum* ta' San Franġisk. Cfr. *Dicta beati Aegidii Assisiensis*, Ad Claras Aquas 1905, 114: "O santa povertà, per coloro che ti imitano e ti amano tu sei il tesoro del Re celeste".

[9] Wieħed jinnota l-oriġinalità tal-mod kif Klara tqiegħed flimkien dawn iż-żewġ espressjonijiet evanġeliċi, li bil-latin jagħmlu rima: *cput reclinet* u *inclinato capite*.

[10] Cfr. S. GIRGOR IL-KBIR, *Omeliji fuq l-Evanġelji* 2,27,2: "Meta nħobbu l-ħwejjeġ ta' din id-dinja, aħna nitilfu l-imħabba vera". Il-paragrafu 5 ta' l-istess omelija jikkummenta Ġw 15,16: "Jiena ħtartkom biex tmorru tagħmlu l-frott u l-frott tagħkom jibqa". Fil-brevjar kurjali-franġiskan il-paragrafi 1-6 ta' din l-omelija jikkostitwixxu l-lezzjonijiet VII-IX tal-Komun ta' l-Appostli. Ninnutaw il-komplessità ta' din l-espożizzjoni fuq is-sbuħija tal-faqar permezz ta' ġabra flimkien ta' siltiet evanġeliċi, li turi kemm Klara kienet midħla ta' l-Iskrittura.

għadu tiegħu jagħtih mnejn jista' jaqbdu[11]; anqas ma jista' wieħed jixtieq jgħix fil-hena tad-dinja u mbagħad ikun irid isaltan ma' Kristu fis-sema[12]. 28 U hu *eħfef li ġemel jgħaddi minn għajn ta' labra, milli wieħed għandi jidħol fis-saltna tas-smewwiet* (cfr. Mt 19,24). 29 Għalhekk inti neħħejt minn fuqek l-ilbies żejjed, jiġifieri l-għana tad-dinja, biex ma tkunx mirbuħa mill-għadu, u hekk tkun tista' tidħol fis-saltna tas-smewwiet mit-*triq id-dejqa* u *mill-bieb id-dejjaq* (cfr. Mt 7,13-14).

[12] 30 X'bidla sabiħa u li jistħoqqilha kull tifħir[13]: li tħalli l-ġid li jgħaddi għal dak li ma jispiċċa qatt; tagħżel il-ħwejjeġ tas-sema minflok dawk ta' l-art; *tirċievi bil-mija fil-wieħed, u jkollok b'sehemek il-ħajja ta' l-hena bla tmiem* (cfr. Mt 19,29).

[13] 31 Għalhekk jiena ħsibt li mill-aħjar li nista' nitlob lill-eċċellenza u l-qdusija tiegħek, bit-talb umli tiegħi, *fil-qalb ta' Kristu* (Fil 1,8), biex tissaħħaħ fis-servizz tiegħu u timxi 'l quddiem, 32 mit-tajjeb għall-aħjar, *minn virtù għal virtù* (S 83,8) biex Dak li inti taqdi bl-imħabba kollha ta' qalbek jogħġbu jagħtik il-ħlas li inti mxennqa għalih.

[14] 33 Nitolbok ukoll fil-Mulej, kif nista' b'qalbi kollha, biex iddaħħal *fit-talb* l-aktar qaddis *tiegħek* lili, għad li jien *qaddejja li ma niswa għal xejn* (cfr. Rum 15,30; Lq 17,10), u miegħi lis-Sorijiet kollha ta' dan il-monasteru li lilek tant iqimuk, 34 biex bil-għajnuna tat-talb tiegħek ikun jistħoqqilna naqilgħu l-ħniena ta' Ġesù Kristu, u miegħek nithennew bid-dehra tiegħu għal dejjem. 35 Saħħa fil-Mulej, u *itlob għalija* (cfr. 1Tess5,25).

---

[11] Hawnhekk u fil-v. 29 li jitkellem dwar il-faqar, tiġi applikata silta ta' San Girgor il-Kbir dwar il-ġlieda spiritwali, meħuda mill-*Omeliji fuq l-Evanġelji* 2,32,2, u li kienet tinqara fit-tielet notturn tal-Komun tal-Martri (lezzjonijiet VII-IX).

[12] L-għajn ta' din l-espressjoni ġejja wkoll minn silta li l-awturi medjevali kienu jattribwixxu lill-Papa San Girgor il-Kbir (*Omeliji fuq l-Evanġelji* 1,11,5): "Ħadd ma jista' jgawdi hawn isfel fid-dinja u jsaltan hemm fuq mal-Mulej" L-espressjoni, iżda, tinsab ukoll f'San Ġilormu, (*Ittri* 14,10) e f'San Massimo ta' Torino (*Omeliji* 63,3). San Pier Damiani jirreferiha għall-appostlu San Pawl (*Sermones* 5,317; 54,173; 68,205).

[13] Hawnhekk Klara donnha hi ispirata mit-tifħir lill-faqar li jinsab fl-omelija *De contemptu mundi,* 7, u miġjuba mill-Migne bħala li hi ta' awtur inċert (*Patrologia Latina* 40, 1215.1216): *Infelix commercium, pro tam brevi gaudio, coelesti privari regno! Felix paupertas, per quam coelestis acquiritur haereditas! Felix commercium, pro perituris aeterna recipere: et quod ineffabile bonum est, cum Christo sine fine regnare!* ("X'impenn ta' min jitħassru, li fih għal ftit ħin ta' pjaċir, wieħed jiċċaħħad mis-saltna! O faqar hieni, li permezz tiegħu wieħed jakkwista l-wirt tas-sema! O impenn hieni, li wieħed jitlef dak li jgħaddi biex jikseb dak li jibqa' għal dejjem: u kemm hu ta' ġid li ma jitfissirx, li wieħed isaltan ma' Kristu għal dejjem!").

# IT-TIENI ITTRA LIL SANTA AGNESE TA' PRAGA
(1235/1237)

[15] 1 Lill-bint is-*Sultan tas-slaten* (Apk 19,16) u lill-qaddejja tas-*Sid tas-sidien* (1Tim 6,15), lill-għarusa li tixraq lil Ġesù Kristu, u għalhekk sultana tassew nobbli, is-Sinjura Agnese: 2 Klara, qaddejja li *ma tiswa għal xejn* (cfr. Lq 17,10) u indenja tas-Sorijiet foqra, tibgħat it-tislima tagħha waqt li tixtiqilha tibqa' tgħix ħajja ta' l-ogħla faqar[14].

[16] 3 Jien inrodd ħajr lil Dak li *mingħandu tiġi kull għotja tajba u kull don perfett* (Ġak 1,17)[15], li għoġbu jżejnek b'tant ġmiel ta' virtù, u riedek li tiddi b'sinjali l-aktar għoljin ta' perfezzjoni, 4 biex ladarba int sirt tixbaħ lill-*Missier ta' kull perfezzjoni* (cfr. Mt 5,48) min-naħa tiegħek ikun jixraqlek li ssir perfetta, hekk li *għajnejh ma jsibu xejn* fik *li fih xi ħjiel ta' imperfezzjoni* (cfr. S 138,16).

[17] 5 U din hija l-perfezzjoni li għaliha s-Sultan ser jgħaqqdek miegħu fl-għamara tat-tieġ tal-ġenna, fejn Hu qiegħed glorjuż fuq tron tal-kwiekeb[16], 6 għaliex int stmellejt il-kobor tas-saltna tad-dinja u qist bħala ħaġa ta' bla siwi ż-żwieġ ma' l-Imperatur. 7 Flok dan kollu, għall-imħabba tal-faqar imqaddes, u fi spirtu ta' umiltà kbira u ta' karità l-aktar imħeġġa, għażilt li timxi b'rieda sħiħa fuq *il-passi* (cfr. 1Pt 2,21) ta' Dak li stħaqqlek li tkun l-għarusa tiegħu.

[18] 8 Billi jien nafek mimlija b'kull virtù, ma rridx noqgħod nitkellem fit-tul, u anqas irrid ngħajjik b'ħafna kliem, 9 għad li int xejn ma tara żejjed f'dak il-kliem li minnu tista' tikseb xi faraġ. 10 U billi *ħaġa waħda biss hija meħtieġa* (cfr. Lq 10,42), nieqaf fuq din il-ħaġa waħda, u nitolbok għall-imħabba ta' Dak li lilu offrejt lilek innifsek bħala *vittma qaddisa* u li togħġbu (cfr. Rum 12,1), 11 li tibqa' tiftakar dejjem, bħal *Rakele* oħra[17] (cfr. Ġen 29,16), fir-rabta tiegħek, u żżomm quddiem għajnejk il-bidu tas-sejħa tiegħek.

[19] Dak li għandek f'idejk ibqa' żommu sħiħ; dak li tagħmel, agħmlu sewwa.

12 Tieqaf qatt, iżda b'mixja mgħaġġla, b'pass ħafif, b'riġlejk fuq is-sod, hekk li anqas it-trabijiet li jittajjru ma jżommuk lura,

13 imxi 'l quddiem bla biża', ferħana fit-triq li għaraft tagħżel b'għaqal kbir.

---

[14] Fit-Tieni Ittra tonqos il-formalità tar-relazzjoni bejn Klara u Agnese. Il-forma *cortese* tat-tieni persuna plurali (*vos*) tinbidel f'dik familjari tat-tieni persuna singulari (*tu*). L-awgurju li Agnese "tibqa' tgħix ħajja ta' l-ogħla faqar" tirrifletti l-isfond storiku ta' din l-Ittra, jiġifieri n-nuqqas ta' qbil bejn Agnese u l-Papa Girgor IX dwar l-impostazzjoni li kellha tingħata lill-monasteru ta' Praga rigward il-faqar. Agnese tiġi mħeġġa biex tibqa' miexja żgura fit-triq ta' Kristu fqir, mingħajr ma tagħti widen għal min ikun irid iwarrabha mill-vokazzjoni li hi rċeviet minn Alla. Fit-18 ta' Mejju 1235, bil-Bulla *Cum relicta saeculi*, Girgor IX kien ta bħala proprjetà lill-monasteru ta' Praga l-isptar ta' San Franġisk bil-beni kollha tiegħu, sabiex b'hekk is-sorijiet ikollhom fuqhiex iserrħu rashom għall-għajxien tagħhom. Id-data ta' din l-Ittra hi inċerta, forsi inkitbet bejn Mejju 1235 u l-bidu ta' l-1237, qabel ma Agnese talbet lill-Papa biex jissepara ż-żewġ istituti ħalli hekk jiggarantixxi li s-sorijiet tal-monasteru ta' Praga jkunu jistgħu jgħixu fl-ogħla faqar.

[15] *Largitor gratiae*, hi espressjoni meħuda mil-letteratura patristika (cfr. S. WISTIN, *De natura et origine animae*, 4,11,16). Flimkien ma' l-espressjoni "Missier il-ħniena", hi wieħed mill-attributi ta' Alla li l-aktar kienet tippreferi tużah Klara (cfr. *TestCl* 2.58).

[16] Id-destin glorjuż ta' Agnese jiġi espress b'mod kuraġġuż bix-xbieha ta' l-għerusija meħuda mil-liturġija tal-Verġni Marija (l-antifona *Maria virgo assumpta est ad aethereum thalamum* tal-festa ta' l-Assunzjoni tal-Verġni Marija).

[17] Rakele, skond l-etimoloġija mogħtija minn San Ġilormu (*Liber interpretationis de nominibus ebraicis*, 8,7; 9,25), tfisser "dik li tara l-bidu" jew "il-bidu ikkontemplat", tradizzjoni li mbagħad għaddiet fl-ispiritwalità medjevali l-aktar permezz tal-kitbiet ta' San Girgor il-Kbir (*Moralia* 6,16; *Omeliji fuq Eżekjel* 2,2,10-11).

[20] 14 U temmen lil ħadd, tħalli ‘l ħadd jingannak billi jfittex ibegħedek mill-fehma tiegħek jew li *jfixklek f’din it-triq* (cfr. Rum 14,13), u ma jħallikx *trodd lill-Aktar Għoli l-wegħdiet tiegħek* (S 49,14) b’dik il-perfezzjoni li għaliha stiednek l-Ispirtu tal-Mulej.
[21] 15 F’dan kollu, biex timxi bla biża’ fit-*triq tal-kmandamenti tal-Mulej* (cfr. S 118,32), oqgħod fuq il-parir tal-wisq meqjum missier tagħna u ħuna fra Elia, il-Ministru Ġeneral[18]. 16 Għożż dak li jgħidlek hu aktar minn dak li jgħidlek ħaddieħor, u żommu bħala egħżeż minn kull don ieħor.
[22] 17 U jekk ħaddieħor jgħidlek xi ħaġa oħra, jew jissuġġerilek xi inizjattivi oħrajn li jfixkluk fit-triq tal-perfezzjoni li ħaddant, jew jidhirlek li jmorru kontra l-vokazzjoni divina, ġib ruħek miegħu bir-rispett kollu, imma tagħmilx dak li jgħidlek. 18 Verġni fqira, tgħannaq ma’ Kristu fqir[19].
[23] 19 Qis li Hu sar oġġett ta’ disprezz, u għalhekk int imxi warajh, u għall-imħabba tiegħu tarahiex bi kbira li ssir immaqdra f’din id-dinja. 20 O Reġina l-aktar nobbli, ħares lejn l-Għarus tiegħek, *l-isbaħ wieħed fost ulied il-bnedmin* (S 44,3) li biex isalvak sar l-aħħar wieħed fost il-bnedmin, immaqdar, *imsawwat* u midrub f’ġismu kollu, u miet fost l-eħrex tbatijiet fuq is-salib. Iffissa ħarstek fuqu, aħseb fuqu, u ikkontemplah, u xtieq b’ħerqa li ssir tixbħu[20].
[24] 21 Jekk tbati miegħu, *għad tifraħ miegħu* (cfr. Rum 8,17); jekk tmut miegħu fuq is-salib tan-niket, għad tgħammar miegħu fil-*għamajjar leqqiena tal-qaddisin* (cfr. S 109,3), 22 u *ismek* ikun miktub *fil-ktieb tal-ħajja*, u jkun imsebbaħ fost il-bnedmin.
[25] 23 U għalhekk inti għad tiret għall-eternità u għal dejjem ta’ dejjem il-glorja tas-sema minflok l-unuri li jgħaddu ta’ din id-dinja; ikollok sehem mill-ġid li ma jispiċċa qatt minflok il-ġid li jisfa fix-xejn, u tgħix għal dejjem ta’ dejjem.
[26] 24 Saħħa lilek, maħbuba oħti, anzi minħabba l-Mulej l-Għarus tiegħek, ngħidlek is-sinjura tiegħi. 25 Ħu ħsieb li *tiftakarni quddiem il-Mulej* (cfr. Atti 14,22) lili u lil ħuti, fit-talb imħeġġeġ tiegħek, lilna li lkoll nifirħu għall-ġid li l-Mulej jaħdem fik bil-grazzja tiegħu. U bil-qawwa kollha nitolbok tgħid lis-Sorijiet ħutek jiftakru fina wkoll.

---

[18] Elia ta’ Assisi, li Klara tindika lil Agnese bħala dak li jiggarantixxi l-vokazzjoni evanġelika tagħha, kien Ministru Ġeneral tal-patrijiet Minuri mill-1232 sa l-1239, wara li kien vigarju ta’ San Franġisk mill-1221 sa l-1227. Din hi xhieda mimlija tifsir tar-relazzjoni ta’ fiduċja u stima li kienet torbot lil Santa Klara ma’ sħab San Franġisk, u f’dan il-każ ma’ Fra Elia. Jidher li l-Ministru Ġeneral kien jappoġġja l-għażla ta’ faqar komunitarju għall-monasteri femminili ispirati minn dak ta’ San Damiano, għalkemm ċertament Elia ma kienx xempju ta’ faqar evanġeliku waqt il-ġeneralat tiegħu.

[19] Klara hawnhekk qed tirreferi għall-eżortazzjoni li Franġisku kien ħalla lis-Sorijiet Foqra ta’ San Damiano ftit qabel ma miet, u li hi magħrufa bħala *Ultima voluntas* (*L-Aħħar rieda*), u li Klara tikkwotaha fir-*RegCl* 6,6-9. Għalkemm moħbi, hemm riferiment lejn il-Papa Girgor IX. Fil-Bulla *Angelis gaudium* (11 ta’ Mejju 1238), li Girgor IX bagħat lil Agnese ta’ Boemja, hu kien wissieha biex ma tagħtix widen “għal dak kollu li jgħidlek xi ħadd, ikun min ikun, ukoll jekk imħeġġeġ, imma li ma hux imżejjen bil-għerf”. X’aktarx dan hu riferiment għal Fra Elia. Dan id-dettall wassal lill-istudjużi li jikkonkludu li din it-Tieni Ittra ta’ Klara lil Agnese inkitbet wara l-*Angelis gaudium*, dejjem jekk Klara kienet taf bil-kontenut ta’ din il-Bulla papali.

[20] Dawn il-verbi jindikaw mumenti partikulari ta’ talb fir-ruħ mistika: Klara titlob lil Agnese biex tiffissa ħarsitha fuq (*intuere*) Kristu fqir u msallab, taħseb fuqu (*considera*), u tikkontemplah (*contemplare*). L-istess formola narawha b’mod aktar sħiħ fir-IV Ittra lil Agnese ta’ Praga, 15-23, fejn Klara titkellem mix-xbieha tal-mera li fiha tikkontempla l-misteri tal-ħajja ta’ Kristu.

# IT-TIELET ITTRA LIL SANTA AGNESE TA' PRAGA
(1237/1238)

[27] 1 Lis-sinjura wisq maħbuba fi Kristu, u oħt maħbuba aktar minn kulħadd, Agnese, oħt is-sultan l-aktar magħruf tal-Boemja[21], imma issa *oħt u għarusa* tas-Sultan l-Aktar Għoli tas-smewwiet (cfr. Mt 12,50; 2Kor 11,2), 12 Klara, qaddejja l-aktar umli u indenja ta' Kristu, u serva tal-*Povere Dame*, tixtiqilha l-ferħ tal-fidwa fl-*awtur tas-salvazzjoni* (cfr. Lhud 2,10), u l-ġid kollu li tista' tixtieq[22].
[28] 3 L-aħbarijiet dwar is-saħħa u l-hena tiegħek, u l-progress ta' l-għaġeb li inti qed tagħmel fil-mixja tiegħek biex tirbaħ il-*premju* (cfr. Fil 3,14) tas-sema, jimlewni b'ferħ kbir. 4 U nifraħ fuq li nifraħ fil-Mulej x'ħin nara kif inti qed tpatti b'mod wisq sabiħ għall-imperfezzjonijiet tiegħi u ta' ħuti s-sorijiet fil-mixja tagħna *fuq il-passi* (cfr. 1Pt 2,21)[23] ta' Ġesù Kristu fqir u umli.
[29] 5 Tassew, għandi għalfejn nifraħ, u dan il-ferħ tiegħi ħadd ma jista' jisraquli, 6 għax nara li int ilħaqt fuq l-art dak li jiena tant kont imxennqa għalih[24]. Għax nara lilek imżejna b'mod ta' l-għaġeb u li ma jitwemminx, megħjuna b'mod speċjali bid-don ta' l-għerf li ħiereġ minn fomm Alla nnifsu, u tirbaħ fuq il-ħażen tas-serpent *li jilħaqlu* (cfr. Ġen 3,1), fuq is-suppervja li tgħarraq in-natura, u fuq il-frugħa li tbellaħ il-qlub tal-bnedmin. 7 U nammirak ukoll inti u tgħannaq bl-umiltà, bil-qawwa tal-fidi u bid-dirgħajn tal-faqar *it-teżor* li xejn ma jista' jitqabbel miegħu,[25] *moħbi fil-għalqa* (cfr. Mt 13,44) tad-dinja u fil-qlub tal-bnedmin, li bih takkwista 'l Dak li *għamel kollox mix-xejn* (cfr. Ġw 1,3). 8 U biex ninqeda bl-istess kliem ta' l-Appostlu, lilek ngħoddok bħala *ħaddiema ma' Alla* stess (cfr. 1Kor 3,9; Rum 16,3), u għajnuna tal-membri dgħajfa u mhux tant sodi tal-Ġisem mistiku tiegħu[26].
[30] 9 Min għalhekk, jista' jfixkilni milli nifraħ meta għandi raġunijiet hekk kbar għaliex nithenna? 10 Għalhekk *ifraħ dejjem fil-Mulej* (cfr. Fil 4,4). 11 Tħallix li xi sħaba ta' swied il-qalb tinżel fuqek biex iddallmek, sinjura l-aktar maħbuba fi Kristu, *hena* ta' l-Anġli u *kuruna* ta' ħutek (Fil 4,1). 12 Qiegħed għajnejk quddiem il-mera ta' l-eternità, qiegħed ruħek *fid-dawl tal-glorja* (cfr. Lhud 1,3) 13 u qalbek f'Dak li hu x-xbieha ta' l-essenza divina; permezz tal-kontemplazzjoni inbidel dejjem iżjed fix-xbieha tad-divinità tiegħu. 14 Hekk inti wkoll tħoss dak li jħossu l-ħbieb

---

[21] Din hi riferenza għal Venceslaw I (1205-1253), ħu Agnese, li sar re f'Diċembru 1230, wara l-mewt ta' missieru Premysl Ottokar I.
[22] It-tielet Ittra inkitbet wara li Agnese talbet lil Klara tiċċaralha xi mistoqsijiet tagħha dwar is-sawm. L-Ittra tiġi datata bejn it-tmiem ta' l-1237 u l-bidu ta' l-1238. L-awgurju *salutis gaudia* ("il-ferħ tal-fidwa") jesprimi s-sens doppju bejn it-tislima ta' l-Ittra u l-ferħ spiritwali li jwassal għas-salvazzjoni, u jantiċipa n-nota karatteristika ta' l-Ittra, jiġifieri dik tal-ferħ: il-ferħ ta' Klara talli Agnese ingħaqdet ma' ħajja ta' l-ogħla faqar; il-ferħ għall-esperjenza personali ta' l-għaqda tagħha ma' Alla, li tesprimi ruħha f'bidla fi Kristu u fil-laqgħa tal-ħajja trinitarja kif għamlet Marija. Għal disa' darbiet f'din l-Ittra niltaqgħu mal-kelmiet *gaudium* (ferħ) u *gaudere* (tifraħ).
[23] L'espressjoni "mixja fuq il-passi" tittraduċi l-espressjoni *vestigium imitationis* (cfr. EpAgn II,15.17; TestCl 35.56).
[24] Mill-Uffiċċju liturġiku ta' Sant'Agnese, verġni u martri: III notturn, lezzjoni IX; antifona tal-*Benedictus*. Klara hi mimlija bil-ferħ għaliex, wara l-biża' li hi kienet uriet fit-tieni Ittra, issa tara lil Agnese li ħakmet it-"teżor li xejn ma jitqabbel miegħu". Bejn il-vrus wieħed jista' jara riferimenti għall-istorja tal-monasteru ta' Praga: fl-14 ta' April 1237, il-Papa Girgor IX kien ta lill-komunità ta' Agnese l-permess li jiċħdu għall-ġid ta' l-isptar ta' San Franġisk. Dan il-ġest wassal biex fil-15 ta' April 1238, permezz tal-Bulla *Pia credulitate tenentes*, il-Papa jagħti lill-monasteru ta' Praga l-Privileġġ tal-Faqar li kellu l-monasteru ta' San Damiano sa mill-1228.
[25] Uffiċċju ta' Sant'Agnese, responsorju tal-V Lezzjoni.
[26] Għall-missjoni ekkleżjali ta' Agnese (*cadentium membrorum sublevatricem*), Klara tuża l-istess xbieha li nsibuha fil-ħajjiet ta' San Franġisk rigward il-ħolma ta' Innoċenz III: "Dan hu tassew ir-raġel reliġjuż u qaddis li permezz tiegħu l-Knisja ta' Alla se terġa' tinbena (*sublevabitur*) u titwieżen" (L3C 51; Cfr. 2C 17).

tiegħu, u dduq dik il-*ħlewwa moħbija* (cfr. S30,20) li Alla nnifsu ħejja sa mill-bidu għal dawk li jħobbuh. 15 U mingħajr ma tagħti lanqas ħarsa waħda lejn dawk il-ħwejjeġ li f'din id-dinja qarrieqa u mqallba jonsbu n-nases għall-għomja li jorbtu qalbhom magħhom, ħobb b'qalbek kollha lil Dak li, għax ħabbek, ta lilu nnifsu kollu kemm hu.

[31] 16 Ix-xemx u l-qamar jistagħġbu bi ġmielu[27], u d-doni tiegħu huma ta' kobor, ta' prezz u ta' ġmiel *bla tmiem* (S144,3). 17 Qed nifhem ngħid għall-Iben ta' l-Aktar Għoli, li wellditu l-Verġni, u baqgħet dejjem Verġni wara twelidu[28]. 18 Tgħannaq b'qalbek kollha ma' l-Omm l-aktar ħelwa tiegħu, li nisslet Iben tant kbir, hekk li *lanqas is-smewwiet ma jisgħuh* (cfr. 1Slat 8,27; 2Kor 2,5). 19 Iżda hi laqgħetu fil-kjostru żgħir tal-ġuf imqaddes tagħha, u refgħetu fil-ħdan verġinali tagħha[29].

[32] 20 Min ma jistmellx bil-qawwa kollha l-qerq ta' l-għadu ta' l-umanità, bit-tlellix tal-glorja li malajr tgħaddi u tispiċċa, li jipprova jxejjen dak li hu akbar mis-smewwiet? 21 Iva, għax hija ħaġa ċara li r-ruħ tal-bniedem fidil, li hi l-aktar ħlejqa denja fost il-ħlejjaq kollha, il-grazzja ta' Alla tagħmilha akbar mis-smewwiet. 22 Għaliex waqt li s-*smewwiet* u l-ħlejjaq kollha *ma jistgħux jesgħu* l-Ħallieq tagħhom, hi biss hija l-post fejn Hu jgħammar u jgħix, u dan iseħħ bil-qawwa ta' l-imħabba, u l-ħżiena din huma mċaħħdin minnha. 23 Dan jgħidulna l-istess Verità: *Min iħobb lili, iħobbu wkoll il-Missier, u jien ukoll inħobbu; u aħna niġu u ngħammru għandu* (Ġw 14,21.23).

[33] 24 Hekk, mela, kif il-glorjuża Xebba tax-xbejbiet ġarret fiżikament fi ħdanha lil Kristu, 25 inti wkoll billi *timxi* fuq il-*passi tiegħu* (cfr. 1Pt 2,21), u l-iżjed l-umiltà u l-faqar tiegħu, tista' dejjem, bla dubju ta' xejn, iġġorru spiritwalment fil-ġisem kast u verġinali tiegħek. 26 Hekk int *tħaddan* fik lil Dak li int u l-*ħlejjaq kollha intom imħaddnin minnu* (Għerf 1,7; 1,17). U jkollok bħala ħaġa tiegħek il-ġid li, meta tqabblu ma' kwalunkwe ġid ieħor li jintemm ta' din id-dinja, hu aktar żgur u jibqa'. 27 Kemm rejiet u rġejjen ta' din id-dinja spiss jitqarrqu ħafna dwar dan, li bis-suppervja tagħhom jixtiequ jilħqu sas-sema u b'rashom jilħqu s-sħab, 28 imma fl-aħħar jintemmu fix-xejn, u jitwarrbu qishom knis.

[34] 29 Niġi issa għall-mistoqsija li għamiltli, u naħseb li nista' nwieġbek hekk[30]. 30 Staqsejtni dwar liema jiem ta' festa l-glorjuż Missier tagħna San Franġisk ħeġġiġna biex niċċelebraw

[27] Antifona u responsorju ta' l-Uffiċċju ta' Sant'Agnese, verġni u martri.

[28] Cfr. Ir-responsorju u l-versett tal-liturġija (I Għasar) tal-festi tal-Verġni Marija: *Post partum Virgo inviolata permansisti*, li qabel kienet tingħad bħala versett wara l-antifona tal-Madonna fi żmien il-Milied.

[29] Klara tgħaqqad f'din is-silta żewġ testi liturġiċi: ir-responsorju *Sancta et immaculata virginitas*, li tinsab fl-Uffiċċju tal-Milied, l-Annunċjazzjoni, il-Qaddisin kollha, u l-Uffiċċju votiv tal-Verġni Marija: *Quia quem caeli capere non poterant tuo gremio contulisti* ("Għax dak li s-smewwiet ma jesgħux, inti ġarrejtu fil-ġuf tiegħek"); u l-innu *Quem terra pontus* tal-festi Marjani u ta' l-Uffiċċju tal-qari votiv tal-Verġni Marija: *Quem terra, pontus, aethera / colunt, adorant, praedicant / trinam regentem machinam / claustrum Mariae baiulat. // Cui luna, sol et omnia / deserviunt per tempora / perfusa caeli gratia / gestant puellae viscera*.

[30] Agnese tixtieq tkun taf f'liema festi tas-sena Franġisku kien irid li jiġi mnaqqas is-sawm ta' kuljum. Forse din it-talba saret minħabba l-pubblikazzjoni tal-Bulla *Licet velut ignis* (9 ta' Frar 1237), li biha Girgor IX kien impona fuq l-Ordni ta' San Damiano l-astinenza perpetwa mil-laħam, f'imitazzjoni ta' l-Ordni Ċisterċensi. Klara twieġeb billi tispjega l-prassi li kienu jsegwu s-Sorijiet Foqra f'San Damiano: kienu jieklu dejjem ikel tar-Randan (jiġifieri ċereali, legumi, ħaxix nej u frott), kemm fil-ġranet ferjali kif ukoll f'dawk festivi, u kienu jagħmlu sawm kontinwu (jiġifieri ikla waħda biss fil-ġurnata), ħlief nhar ta' Ħadd, fil-Milied u, għal min irid, nhar ta' Ħamis fiż-żminijiet mhux penitenzjali. F'dawn il-ġranet setgħu jieklu darbtejn. Skond ir-regoli mogħtija minn Franġisku f'kull "Għid", jiġifieri fis-solennitajiet il-kbar bħall-Epifanija u Pentekoste, skond il-lingwaġġ popolari użat fl-Umbria u reġjuni oħrajn, kif ukoll fil-festi tal-Verġni Marija u ta' l-appostli, jekk ma jaħbtux nhar ta' Ġimgħa, is-sorijiet ma kienux obbligati għas-sawm, imma xorta kienu jibqgħu marbutin mar-regola ta' l-ikel "tar-Randan". Il-varjetà fl-ikel kienet biss permessa għas-sorijiet dgħajfin u morda, li fir-Regola tagħha Klara tiddispensahom mis-sawm (cfr. RegCl 3,8-11). X'aktarx li Agnese inqdiet bl-ispjegazzjoni li tatha Klara meta kitbet lil Girgor IX biex titolbu jnaqqas il-ħruxija tas-sawm li hu kien talab meta kiteb il-*forma vivendi* tiegħu lis-Sorijiet Foqra (Regola ta' Ugolino). Fil-fatt l-istess talba terġa' tidher

b'solennità partikulari billi, jekk fhimtek sewwa, inżidu xi ħaġa u nvarjaw xi ftit fl-ikel. 31 Fil-għaqal tiegħek int taf żgur li, ħlief il-morda u dawk li għandhom bżonn ta' kura speċjali – li lejhom San Franġisk kien iħeġġiġna biex nagħtuhom bl-ikbar imħabba l-ikel kollu li jkollhom bżonn – 32 ħadd minna li aħna qawwijin u f'saħħitna ma għandu jiekol għajr ikel tar-randan, kemm matul il-ġranet tal-ġimgħa kif ukoll fil-jiem ta' festa. 33 Hekk aħna insumu kuljum ħlief il-Ħdud u nhar il-Milied tal-Mulej; f'dawn il-ġranet nistgħu nieklu darbtejn. 34 U nhar ta' Ħamis ukoll, fiż-żmien meta ma hemmx l-obbligu tas-sawm, kull waħda hija mħollija fil-libertà, tara hi ssumx jew le, imma mhix obbligata. 35 Iżda aħna li aħna qawwijin u f'saħħitna, insumu kuljum ħlief il-Ħdud u nhar il-Milied.

[35] 36 Iżda m'aħniex obbligati għas-sawm fiż-żmien ta' l-Għid, kif ħallielna bil-miktub San Franġisk, u fil-festi tal-Madonna u ta' l-Appostli, ħlief meta dawn jiġu l-Ġimgħa. 37 Imma kif diġà għidtlek, aħna li ninsabu qawwijin u f'saħħitna nieklu dejjem ikel bħal ma nieklu fi żmien ir-Randan.

[36] 38 Iżda peress li l-*ġisem* tagħna mhux *tal-bronż u anqas saħħitna m'hi taż-żonqor* (Ġob 6,12), 39 u aħna niddgħajfu u nħossu t-toqol tal-mard, 40 għalhekk nitolbok minn qiegħ qalbi fil-Mulej, maħbuba tiegħi, li tuża l-qjies bil-għaqal f'dik l-astinenza kważi esaġerata u impossibbli li, kif smajt, int dħalt għaliha, 41 biex, *waqt li tgħix, il-ħajja tiegħek tkun ta' tifħir lill-Mulej*, u lill-Mulej toffrilu *qima spiritwali* (cfr. Iż 39,19; Sir 17,27) u s-*sagrifiċċju* tiegħek ikun dejjem *imħawwar bil-melħ* ta' l-għaqal[31] (cfr. Rum 12,1; Lev 2,13; Kol 4,6).

[37] 42 Żomm dejjem sħiħa fil-Mulej, u dan nixtiqulek bl-istess qawwa li kont nixtieqU biha għalija stess. Ftakar fija u f'ħuti s-sorijiet fit-talb imħeġġeġ tiegħek.

---

bl-istess kliem f'żewġ bulli papali bi tweġiba għal Agnese, dawk tal-5 ta' Mejju u tat-18 ta' Diċembru 1238. F'din l-aħħar Bulla, *Ex parte carissimae*, il-Papa jikkonkludi l-kwestjoni, u jobbliga lil Agnese u lis-Sorijiet għall-osservanza tas-sawm preskritt fir-Regola tiegħu, li hu kien ikkonferma għall-monasteru ta' Praga fid-9 ta' Mejju.

[31] Dak li San Pawl jafferma dwar il-qima spiritwali u l-Levitiku dwar il-preskrizzjonijiet għall-offerti ritwali, Klara tapplikah għas-sagrifiċċju li s-Sorijiet għandhom jagħtu lil Alla skond kriterji ta' raġuni u ta' prudenza. Hu interessanti l-fatt li affermazzjoni tixbaħ lil din tinsab f'ittra li l-Papa Girgor IX indirizza lil Agnese ta' Boemja fid-9 ta' April 1237, dejjem rigward is-sawm: "Billi hi ħaġa tajba li l-qima li l-ħlejqa tagħti lil Alla tkun raġjonevoli". Mill-fonti bijografiċi nafu li meta Klara kitbet din l-Ittra kienet marida diġà għal tlittax il-sena: minn din l-esperjenza personali ta' dgħufija umana tnissel din in-nota ta' ħniena u moderazzjoni li dejjem kienet turi lejn is-Sorijiet.

# IR-RABA’ ITTRA LIL SANTA AGENSE TA’ PRAGA
(1253)

[38] 1 Lil dik li hija n-nofs l-ieħor ta’ ruħi, u l-maqdes għażiż ta’ l-imħabba waħdanija u speċjali ta’ qalbi, lill-magħrufa reġina, għarusa tal-Ħaruf, Sultan ta’ dejjem: lis-sinjura Agnese, ommna l-maħbuba u, fost l-oħrajn kollha, binti l-aktar għażiża: 2 Klara, serva indenja ta’ Kristu u qaddejja *li ma tiswa għal xejn* (cfr. Lq 17,40) tal-qaddejja tal-Mulej li jgħixu fil-monasteru ta’ San Damiano ta’ Assisi, tibgħatilha t-tislijiet tagħha, 3 u tixtiqilha li tkun tista’ *tgħanni għanja ġdida* flimkien mal-verġni l-oħra l-aktar qaddisa quddiem it-tron ta’ Alla u tal-Ħaruf, u li *timxi wara l-Ħaruf kull fejn imur* (Apk 14,3-4)[32].

[39] 4 O *omm* u bint, *għarusa* tas-Sultan ta’ dejjem (cfr. Mt 12,50): la tistagħġibx li ma ktibtlekx ta’ spiss bħalma qalbek u qalbi jixtiequ, 5 u la taħsibx li l-ħeġġa ta’ l-imħabba tiegħi għalik birdet, jew li saret inqas ħelwa fil-qalb ta’ ommok. 6 Le; l-uniku tfixkil fil-korrispondenza tagħna ġie minħabba n-nuqqas ta’ messaġġiera u t-twegħir tat-toroq[33]. 7 Imma llum, li ġietni l-okkażjoni li nikteb lill-imħabba tiegħek, arani nithenna miegħek, u nifraħ miegħek *fil-ferħ ta’ l-Ispirtu s-Santu* (cfr. 1Tess 1,6), o *għarusa* ta’ Kristu (cfr. 2Kor 11,2), 8 għaliex, bħall-qaddisa verġni l-oħra Agnese, int ħallejt għal kollox il-frugħat kollha tad-dinja biex tingħaqad b’mod ta’ l-għaġeb bħala għarusa mal-*Ħaruf bla tebgħa li jneħħi d-dnubiet tad-dinja* (1Pt 1,19; Ġw 1,29).

[40] 9 Int tassew hienja! Lilek ġie mogħti li tieħu sehem f’din l-ikla mqaddsa biex tkun tista’ tingħaqad bil-qawwa kollha ta’ qalbek ma’

10 Dak li l-qtajjiet tas-sema jixxennqu jħarsu lejn ġmielu.

11 L-imħabba tiegħu thenni, il-kontemplazzjoni tiegħu trodd is-saħħa mill-ġdid, u t-tjieba tiegħu ixxabba’.

12 Il-ħlewwa tiegħu tfawwar ir-ruħ u t-tifkira tiegħu iddawwal il-moħħ.

---

[32] Ir-raba’ Ittra ġiet miktuba x’aktarx fl-aħħar sena tal-ħajja ta’ Klara. Hi espressjoni tat-tluq tal-qaddisa minn din id-dinja u l-aħħar tislima lil oħtha Agnese. Kif turi t-tislima tal-bidu, Klara tħares lejn l-għerusija tagħha u dik ta’ Agnese ma’ Kristu bħala innu ta’ tifħir lill-Ħaruf bla tebgħa, li wara jiġru l-verġni, bħallikieku l-bidu ta’ l-għerusija tal-ħajja ta’ dejjem. It-test latin jilgħab bil-kliem *agnus* (ħaruf) u l-isem ta’ Agnese, u hekk jissuġġerixxi r-rabta intima li kien hemm bejn Agnese u l-Ħaruf bla tebgħa.

[33] Għalkemm jidher li kien hemm intervall twil ta’ żmien fil-korrispondenza bejn Klara u Agnese tal-Boemja, ma nistgħux neskludu li seta’ kien hemm ittri oħrajn bejn it-tielet Ittra (1237/1238) u din ta’ l-aħħar (1253). Dan anzi kien perjodu kruċjali għall-ġrajja ta’ Klara u tal-kariżma tagħha, li wassal għall-konferma tar-Regola jew *Forma vitae* ta’ Klara għall-monasteru ta’ San Damiano, mill-Papa Innoċenz IV fid-9 ta’ Awissu 1253. Hu importanti nifhmu r-rwol li kellha l-badessa ta’ Praga: wara l-Bulla *Angelis gaudium* tal-11 ta’ Mejju 1238 Girgor IX kien ċaħad l-approvazzjoni ta’ Regola ġdida li Agnese riedet tibni fuq il-*Forma vitae* mogħtija minn Franġisku lis-Sorijiet Foqra fl-1212. Il-Papa kien iddefiniha bħala “ħalib għat-trabi għadhom jitwieldu”. Agnese fl-1243 talbet lill-Papa Innoċenz IV biex idaħħal xi tibdiliet importanti fir-Regola ta’ Ugolino, biex jirrispetta l-kariżma Franġiskan tas-Sorijiet Foqra. Dawn it-talbiet ġew milqugħa parzjalment fir-Regola li Innoċenz IV ippubblika fit-23 ta’ Awissu 1247 bil-Bulla *Quoties a nobis*, li fiha neħħa r-riferimenti għar-Regola ta’ San Benedittu u daħħal l-isem ta’ San Franġisk. Imma fl-istess Regola l-Papa kien ħalla l-permess li l-monasteri tas-Sorijiet Foqra seta’ jkollhom proprjetà in komuni fuq l-istil monastiku Benedittin. Biex iħarsu s-safa ta’ l-impenn tal-ħajja evanġelika tagħhom iż-żewġ nisa ingħaqdu fil-fehma tagħhom, u dan iwassalna biex nissupponu li l-kuntatti episoltari tagħhom ma waqfux f’dan iż-żmien. Skond xhieda mogħtija mil-*Legenda* ta’ Sant’Agnese tal-Boemja (datata għas-seklu 13), Klara stess kienet bagħtet ir-Regola tagħha lil Agnese eżattament wara li din kienet ġiet approvata mill-Kardinal Rinaldo f’Settembru 1252. Agnese ħarset din ir-Regola sal-mewt, u kisbet konferma għall-monasteru tagħha ta’ Praga minn Alessandru IV. Mela hemm motiv fundat għall-espressjonijiet ta’ mħabba u affett li Klara tirreserva għal Agnese, għalkemm din l-Ittra ma tagħmel l-ebda aċċenn espliċitu għal xi ċirkustanzi storiċi li fihom inkitbet.

[34] Mill-Uffiċċju ta’ Sant’Agnese, verġni u martri, I Notturn, Lezzjoni III.

13 Il-fwieħa tiegħu tqajjem il-mejtin[34], u d-dehra glorjuża tiegħu timla bil-hena liċ-ċittadini kollha ta' Ġerusalemm tas-sema.

[41] 14 U għax din id-dehra tiegħu hija *dija tal-glorja* eterna (Lhud 1,3), *raġġ tad-dawl ta' dejjem* (Għerf 7,26), *u mera bla tebgħa* (cfr. 2Kor 11,2): 15 kuljum ħares f'din il-mera[35], o reġina, *għarusa* ta' Ġesù Kristu, u ħares sewwa lejn wiċċek fiha l-ħin kollu, 16 biex tkun tista' tiżżejjen kollok kemm int, minn ġewwa u minn barra, 17 *imlibbsa l-isbaħ ilbies* (S44,10) u l-ġawhar, u kun imżejna bil-fjuri ta' ħafna xorta ta' kull virtù, u b'ilbies il-ġmiel tiegħu, kif jixraq lill-bint u l-għarusa ta' l-ogħla Sultan. 18 F'din il-mera inti tara jirriflettu l-faqar hieni, l-umiltà qaddisa u l-imħabba li tisboq kull kliem; dan kollu int, bil-għajnuna tal-grazzja ta' Alla, tista' tarah mifrux fuq il-wiċċ tal-mera kollha.

[42] 19 Ħares in-naħa ta' fuq ta' din il-mera, u ara l-faqar ta' Dak li kien imqiegħed *f'maxtura, u mfisqi fil-ħrieqi fqajrin* (cfr. Lq 2,12). 20 O x'umiltà ta' l-għaġeb, u x'faqar li jgħaġġeb! 21 Is-Sultan ta' l-Anġli, *is-Sid tas-sema u ta' l-art* (cfr. Mt 11,25) imqiegħed f'maxtura![36] 22 Ħares fin-nofs ta' din il-mera, u ara l-umiltà qaddisa u magħha l-faqar hieni, l-għejja u s-sofferenzi bla għadd li hu ġarrab biex jifdi l-ġens tal-bnedmin. 23 U inti u tħares lejn in-naħa t'isfel tal-mera, sammar għajnejk fuq l-imħabba li ma titfissirx bil-kliem, imħabba li wasslitu biex jagħżel li jbati fuq il-għuda tas-salib, u jmut mewta l-iżjed mistkerrha.

[43] 24 Għalhekk hi l-istess mera li mill-għoli ta' l-għuda tas-salib, tistieden lil dawk għaddejjin mit-triq u tgħidilhom jieqfu u jaħsbu: 25 *U intom ilkoll li għaddejjin mit-triq ħarsu sewwa u araw jekk hawnx hemm bħall-hemm tiegħi* (Lam 1,12)[37]. 26 Inweġbuh ilkoll, Lilu li qed isejħilna u jitniehed, b'leħen wieħed u qalb waħda: *Tiftakar ruħi u taħseb, u tinfena ġewwa fija* (Lam 3,20). 27 Ħalli, għalhekk, o reġina, għarusa tas-Sultan tas-smewwiet, li inti titkebbes b'qawwa dejjem akbar mill-ħeġġa ta' din l-imħabba.

[44] 28 Kompli ikkontempla wkoll il-hena li ma jitfissirx, il-għana u l-ġieħ ta' dejjem, 29 u għajjatlu bil-ħeġġa u l-imħabba ta' qalbek:

30 O Għarus tas-sema, *iġbidni warajk*! (Għan 1,3). *Aħna niġru warajk, miġbudin mill-ħlewwa tal-fwieħa tiegħek.*

31 Jiena niġri bla ma ngħejja qatt, sakemm *iddaħħalni fil-kantini ta' l-inbid* (Għan 2,4).

32 Imbagħad, driegħek tax-*xellug* jgħaddi minn *taħt rasi*, u l-*leminija tiegħek tħaddanni* bil-ħlewwa, u *tbusni* bil-*bewsa* l-aktar hienja ta' *fommok* (Għan 1,1)[38].

[45] 33 U waqt li tkun qegħeda f'din il-kontemplazzjoni, ftakar fl-omm fqajra tiegħek, 34 u la tinsiex li jiena nqaxt it-tifkira ħelwa tiegħek, b'mod li ma titħassarx, *fil-qiegħnett ta' qalbi* (Prov 3,3; cfr. 2Kor 3,3); għaliex għalija int l-għeżeż waħda minn uliedi kollha.

---

[34] Mill-Uffiċċju ta' Sant'Agnese, verġni u martri, I Notturn, Lezzjoni III.

[35] Il-metafora tal-mera (*speculum*) kienet preżenti ħafna fil-letteratura medjevali. Hawnhekk tiġi użata biex tesprimi l-proċess ta' imitazzjoni u trasformazzjoni fi Kristu permezz ta' l-għaqda ta' għerusija miegħu (cfr. EpAgn III,13). Il-mera li quddiemha Agnese hi mistiedna biex tiżżejjen hi l-persuna ta' Ġesù nnifsu, fit-totalità tal-misteru tiegħu ta' Verb etern tal-Missier, magħmul bniedem fil-faqar u fil-kundizzjoni umana, imsallab u irxuxtat, u li jgħix għal dejjem fil-glorja.

[36] Hemm xebħ ta' dawn il-kelmiet ma' silta meħuda mis-*Sermones* ta' Sant'Antnin ta' Padova: "O faqar, o umiltà! Is-sid tal-ħolqien kollu jinsab imgeżwer fil-faxex, u s-sultan ta' l-anġli hu mimdud fi stalla!" (*In Nativitate Domini*, 7).

[37] Dan il-versett mill-Ktieb tal-Lamentazzjonijiet, imqiegħed fuq xofftejn Ġesù hu u jmut fuq is-salib, jiftaħ ukoll is-salm tan-Nona fl-Uffiċċju tal-Passjoni ta' San Franġisk, li skond il-LegCl 30, Klara kienet titolbu b'imħabba u qima kbira.

[38] Dawn ir-riferimenti għall-Ktieb ta' l-Għanja ta' l-Għajniet juru kemm fil-medjuevu kien popolari dan il-Ktieb ma' qaddisin mistiċi. Eżempji ta' użu abbundanti minnu jinkludu lil San Bernard ta' Clairvaux, u Guglielmo ta' St. Thierry.

[46] 35 U x'nista' ngħidlek iżjed? Ikun aħjar li l-ilsien jiskot waqt li nipprova nfisser l-imħabba li għandi għalik; hi biss ir-ruħ tiegħi, bil-kliem sieket tagħha, li tasal biex iġġegħelek tħossha din l-imħabba. 36 U ladarba, o bint imbierka tiegħi, ilsieni ma jistax ifissirlek l-imħabba li jien għandi lejk; dan il-ftit li ktibtlek, b'mod imperfett ħafna u li ma jgħidx in-nofs ta' dak li ħsibt li ngħidlek, hu kull ma stajt inwassallek. 37 Nitolbok iżda, li tilqa' l-kliem tiegħi bl-imħabba u l-qima, u tisma' fihom l-aktar l-imħabba ta' omm li biha hi mimlija qalbi, u l-ħeġġa tal-karità li nħoss għalik u għal uliedek kuljum. 38 U nirrikmanda ħafna fil-Mulej lili nnifsi u lil uliedi. Dawn l-istess uliedi mbagħad, imma b'mod partikulari l-verġni l-aktar għaqlija, Agnese, oħtna[39], jirrikmandaw ruħhom bil-qawwa kollha fil-Mulej lilek u lil uliedek.

[47] 39 Saħħa binti l-aktar għażiża, saħħa lilek u lil uliedek sakemm niltaqgħu quddiem it-tron tal-*glorja tas-Sultan il-kbir*, u itolbu għalina.

[48] 40 Bil-ħeġġa u l-imħabba kollha fl-aħħarnett, nirrikmandalek li tilqa' bl-imħabba lill-messaġġiera li wasslulek din l-ittra, il-għażiż ħuna Fra Amato, *għażiż għal Alla u għall-bnedmin* (Sir 45,1), u Fra Bonagura[40]. Amen.

---

[39] Caterina, oħt Klara, u iżgħar minnha tliet snin, li mbagħad ħadet l-isem ta' Agnese fil-ħajja reliġjuża, kienet l-ewwel waħda li marret tgħix ma' oħtha meta din kienet f'Sant'Angelo di Panzo, sittax il-ġurnata wara li Klara kienet telqet mid-dar tal-familja Offreduccio. Fl-1219 Agnese intbagħtet bħala badessa fil-monasteru tas-Sorijiet Foqra f'Monticelli, qrib Firenze, biex hemmhekk tara li tiġi mħarsa l-osservanza tal-faqar (cfr. *Chronica XXIV Generalium Ordinis minorum*, AF III, Quaracchi 1897, 175). Ma nafux eżattament meta irritornat Assisi. L-istoriku tas-seklu sittax Fra Mariano da Firenze jgħid li hi ġiet lura San Damiano fl-1253, l-istess sena li fiha mietet oħtha Klara (cfr. *Libro delle dignità et excellentie del Ordine della seraphica madre delle povere dame santa Chiara da Assisi,* a cura di G. Boccali, S. Maria degli Angeli 1986, 140). Mix-xhieda tal-*Leġġenda ta' Santa Klara* nafu li Agnese kienet maġneb Klara fil-mument tat-transitu tagħha u li hi nnifisha mietet f'San Damiano ftit żmien wara. It-titlu *Virgo prudentissima* ("Verġni l-aktar għaqlija") hu appellattiv li l-liturġija tattribwih lill-Verġni Marija: f'dan ir-riferiment qasir nistgħu niġbru l-affett mimli stima li kien jorbot lil Klara ma' oħtha iżgħar minnha.

[40] Ma nafu xejn dwar dawn iż-żewġ patrijiet. Mill-ġdid Klara tilgħab bit-tifsira tal-kliem latin, *Amatus* (il-maħbub), u *Bonaugura* (xewqat sbieħ).

# ITTRA LIL ERMENTRUDE

[49] 1 Lill-wisq maħbuba oħtha, Ermentrude[41]: Klara ta' Assisi, qaddejja umli ta' Ġesù Kristu, tixtieq saħħa u sliem.

[50] 2 Sirt naf, maħbuba oħti, li bil-għajnuna tal-grazzja ta' Alla, irnexxielek taħrab mit-tħassir tad-dinja, 3 u dan lili jferraħni ħafna u rrid nifraħlek minn qalbi; il-ferħ tiegħi jikber għax naf li int, u l-ulied tiegħek qed timxu bi qlubija fit-triq tal-virtù.

[51] 4 Għalhekk żomm sħiħ sal-mewt maħbuba tiegħi, ma' Dak li ntrabatt miegħu għal dejjem. Hu żgur għad jagħtik il-*kuruna tal-ħajja* (Ġak 1,12). 5 Iż-żmien tal-ħidma tagħna hawn fl-art hu qasir, imma l-ħlas hu għal dejjem. 6 Tħallix li t-tlellix tad-*dinja, li tgħaddi bħad-dell* (cfr. Ġob 14,2), jgħammixlek għajnejk. Tħallix li l-pjaċiri fiergħa ta' din id-dinja jqarrqu bik. Agħlaq widnejk għat-tfesfis ta' l-infern, u egħleb bil-qawwa l-ħbit tiegħu. 7 Ilqa' t-tiġrib bil-qalb it-tajba, u tħallix il-kburija timlielek qalbek meta kollox jimxi sewwa; għaliex din teqridlek il-fidi tiegħek, waqt li ta' l-ewwel jitlob li jkollok fidi waqqija.

[52] 8 *Rodd* mela bil-fedeltà kollha *lil Alla l-wegħdiet tiegħek* (cfr. S75,12), u Hu jagħtik il-ħlas tiegħek. 9 O għażiża tiegħi, ħares lejn is-sema li qed isejħilna, *erfa' s-salib tiegħek u imxi wara Kristu* (cfr. Lq 9,23), li għadda qabilna. 10 Għaliex wara *ħafna tbatijiet* ta' kull xorta, Hu *jdaħħalna fil-glorja tiegħu* (Apk 14,21; Lq 24,26). 11 *Ħobb lil Alla b'qalbek kollha* (cfr. Dt 11,1; Lq 10,27; 1Kor 16,22), u lil Ġesù Ibnu, li kien imsallab għalina midinbin, u tħalli qatt it-tifkira tiegħu toħroġ minn moħħok. 12 Tgħejja qatt taħseb fuq il-misteru tas-Salib, u d-duluri ta' *Ommu, wieqfa ħdejn is-salib* (cfr. Ġw 19,25).

[53] 13 *Ishar* u *itlob bla waqfien* (Mt 26,41). 14 *Wassal għat-tmiem il-ġid li bdejt tagħmel,* u *wettaq* il-misteru li ħaddant fil-faqar imqaddes u l-umiltà sinċiera (cfr. 2Tim 4,5.7).

[54] 15 La tibżax, binti: *Alla hu ta' kelmtu fil-wegħdiet tiegħu kollha, u twajjeb f'dak kollu li għamel* (S144,13) u jxerred kotrana l-barka tiegħu fuqek u fuq uliedek. 16 Hu jkun l-għajnuna tiegħek, l-aħjar faraġ tiegħek[42], għaliex hu l-Feddej tagħna, u Hu nnifsu hu l-ħlas tagħna ta' dejjem.

---

[41] Ermentrude kienet bint nobbli ġejja minn Cologne, fil-Ġermanja. Ħalliet art twelidha madwar l-1240 u marret f'bosta pellegrinaġġi, bix-xewqa li taqdi lil Alla f'ħajja moħbija. Waslu fi Flanders u bdiet tgħix f'eremitaġġ bħala rekluża qrib il-belt ta' Bruge. Meta saret taf bil-forma ta' ħajja tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano, għamlet vjaġġ fl-Italja biex tiltaqa' ma' Klara u titlob lill-Papa l-permess li tbiddel l-eremitaġġ klawstrali tagħha f'monasteru ta' *Damianite*. Meta kisbet l-approvazzjoni, marret lura Bruges, u hemm bniet monasteru li fih daħħlet l-osservanza tar-Regola ta' Santa Klara. Il-monasteru ta' Bruges fi żmien qasir sar iċ-ċentru li minnu infirxet il-ħajja klarjana fi Flanders.

L-Ittra lil Ermentrude ta' Bruges ġiet ippubblikata minn Melissano da Marco, fis-supplement ta' l-*Annales Minorum*, ad. ann. 1257 (a cura di L. Wadding, Collegium S. Bonaventurae, Quaracchi) Tom. III, 8-27. L-Ittra mhijiex meqjusa awtentika, almenu fil-forma attwali tagħha. Setgħet kienet magħmula minn żewġ ittri li, skond Melissano, Klara kienet kitbet lil din id-dixxipla tagħha. Nafu li f'manuskritt anonimu tas-seklu 17, li llum jinsab fil-kunvent tal-patrijiet Minuri fi Bruxelles, hemm riferiment għal ittra konsolatorja indirizzata minn Klara lil Ermentrude, li qabel kienet imħarsa fil-monasteru tal-Klarissi ta' Bruges, fil-Belġju, flimkien ma' test tal-Barka ta' Santa Klara. L-Ittra lil Ermentrude, bħall-Ittri lil Santa Agnese ta' Praga, tibqa' xhieda ta' kemm kienet xterdet il-kariżma ta' Klara fl-Ewropa, meta kienet għadha ħajja Klara. Mill-monasteru ċkejken tal-*Pauperes Dominae* magħluqin fil-klawsura f'San Damiano, l-imħabba għal Kristu fqir fost in-nisa verġni xterrdet bħal leħħa ta' berqa fl-Ewropa kollha. Għal studji dwar l-EpErm, cfr. D. DEKOK, "De Origine Ordinis Sanctae Clarae in Flandria", AFH 7 (1914) 234-246; A. HEYESSE, "Origo et progressus Ordinis S. Clarae in Flandria", AFH 37 (1944) 165-201.

[42] L-epressjoni *consolatur optimus* ("l-aħjar faraġ") hi l-isem li bih l-Ispirtu s-Santu jissejjaħ fis-sekwenza ta' Pentekoste: *Veni sancte Spiritus*.

[55] 17 *Nitolbu* lil Alla *waħda għall-oħra* (Gal 6,2), biex hekk, waqt li nerfgħu *it-tagħbija ta' xulxin*, *inħarsu* b'ħeffa *l-liġi ta' Kristu* (Ġak 5,16). Amen.

# REGOLA TA' SANTA KLARA
# «FORMA VITAE ORDINIS SORORUM PAUPERUM»
# (1253)

## INTRODUZZJONI

Ir-Regola ta' Santa Klara (RegCl), jew, aktar eżattament, il-*Forma vitae Ordinis Sororum Pauperum* (Forma ta' ħajja ta' l-Ordni tas-Sorijiet Foqra), li Klara obbligat għall-osservanza tagħha lill-komunità ta' San Damiano, ġiet approvata mill-Kardinal Protettur Rainaldo di Jenne, fis-16 ta' Settembru 1252, bl-ittra *Quia vos*, u ġiet ikkonfermata mill-Papa Innoċenz IV bil-Bulla *Solet annuere* tad-9 ta' Awissu 1253. Hi l-ewwel Regola miktuba minn mara għal Ordni ta' nisa.

Ir-RegCl hi dokumentata minn ħames manuskritti:

1) Messina, Bibljoteka tal-Monasteru ta' Montevergine, kodiċi mingħajr senjatura, tas-seklu 14, ff. 3r-11r;

2) Urbino, Bibljoteka tal-Monasteru ta' Santa Klara, kodiċi mingħajr senjatura, tas-seklu 15, ff. 2v-11r;

3) Uppsala, Universitätsbibliotheck, kodiċi C63, tas-seklu 14, ff. 176r-180r;

4) Madrid, Archivio Historico Nacional, kodiċi 1258, tas-sekli 15-17, ff. 249v-225v;

5) Bruxelles, Bibliothèque Royale Albert I, Manuskritt latin II. 1561, tas-seklu 15, ff. 185r-194v.

Id-dokument oriġinali latin tar-RegCl jinsab fl-oriġinal tal-Bulla *Solet annuere*, u b'xorti tajba instab fit-tonka ta' Santa Klara, fl-okkażjoni tar-rikonjizzjoni tar-relikwi tal-qaddisa li ġrat fl-1893. Dan l-oriġinal, li llum hu mħares fost ir-relikwi tal-qaddisa fil-kappella tar-relikwi int u nieżel fil-kripta tal-Bażilika ta' Santa Klara f'Assisi, fih noti ta' interess mill-aktar importanti għall-istudju ta' l-awtentiċità tiegħu. Fuq ir-rokna ta' fuq fin-naħa tax-xellug, hemm nota li bil-kemm tinqara: *"Ad instar fiat S."* ("Isir bħallikieku kien hekk S"). Aktar 'l isfel hemm miktub: *"Ex causis manifestis michi et proctectori monasterii fiat ad instar"* ("Minħabba raġunijiet li naf bihom jien u l-protettur tal-monasteru jsir bħallikieku kien hekk"). Fuq barra mbagħad wieħed jaqra l-kliem: *"Hanc beata Clara tetigit et obsculata est pro devotione pluribus et pluribus vicibus"* ("L-imqaddsa Klara bieset dan [id-dokument] bid-devozzjoni għal bosta drabi"). Din in-nota, li x'aktarx inkitbet minn xi ħadd li kien preżenti ħdejn is-sodda tal-mewt ta' Klara, taqbel ma' dak li tiddikjara Swor Filippa fil-Proċess ta' Kanonizzazzjoni tal-Qaddisa: "Ħaditha b'qima kbira, għad li kienet f'ħalq il-mewt, u għafset dik il-Bulla ma' ħalqha biex tbusha" (ProcCan III,32). L-ewwel żewġ noti huma miktubin b'idejn l-istess Papa Innoċenz IV – li kien jiffirma S., l-isem tal-magħmudija, Sinibaldus (Fieschi). Huma indirizzati lill-kanċellerija pontifiċja, biex tifhem għaliex il-Papa qiesha ħaġa urġenti li jagħmel deroga mill-prassi ta' burokrazija ta' kif kienu jsiru l-Bulli pontifiċji. Ir-raġuni kienet valida, għax Klara kienet qiegħda tmut, u ma kienx hemm żmien x'jintilef biex ir-Regola tiġi konfermata permezz tal-Bulla ħalli l-qaddisa taqta' l-akbar xewqa li qatt kellha, dik li tara approvata l-Forma ta' ħajja evanġelika li hi fasslet fuq il-mudell tar-Regola Bullata tal-Patrijiet Minuri.

Fost l-edizzjonijiet kritiċi tar-RegCl, l-ewwel waħda kienet dik ta' Hilaire de Paris, ippubblikata fl-1897 fis-*Seraphicae legislationis textus originales*, fuq il-bażi tal-Bulla li kienet

instabet fl-1893, u li fuqha jiddependu l-edizzjonijiet ta' Giovanni Boccali (1978) u ta' Becker-Godet-Matura (1985).

Ir-RegCl approvata fl-1252 u ikkonfermata fl-1253 hi l-unika kitba ta' natura leġislattiva li nafu li ċertament saret personalment minn Santa Klara. Il-qaddis tippreferi ssemmi r-Regola bit-titlu *Forma vitae Ordinis Sororum Pauperum*. Interessanti li, fil-Bulla *Angelis gaudium* (11 ta' Mejju 1238), li Girgor IX kien bagħat lil Agnese ta' Praga, li talbet biex tkun tista' tħares il-*Forma vitae* oriġinali li San Franġisk kien ta lil Klara u lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano fl-1212, il-Papa kien wieġeb fin-negattiv u kien kiteb: "l-Imqaddes Franġisku, li kien għadu kemm welled (lis-Sorijiet Foqra) ra li huma ma setgħux jieħdu ikel solidu, u għalhekk tahom jixorbu l-ħalib billi għaddielhom il-*forma vitae*" (*Bullarium Franciscanum* I,243). Jidher, mela, li Klara donnha trid tinsisti li l-*Forma vitae* mogħtija lilha minn Franġisku fl-1212 ma kienetx ħalib għat-trabi, kif kien qal Girgor IX, imma l-ispirazzjoni l-aktar ġenwina tal-proġett ta' ħajja evanġelika li hi u s-Sorijiet Foqra riedu jgħixu. Mhux ta' b'xejn li hi daħħlet il-*Forma vitae* ta' l-1212, kelma b'kelma, fil-kapitlu 6 tar-Regola tagħha, li hu l-kapitlu ċentrali tar-RegCl.

It-tifkira ta' San Franġisk tikkundizzjona l-ħsieb u l-kitba ta' Klara, tant li studjuż Franġiskan, Z. Lazzeri, kiteb: "ir-Regola ta' Santa Klara ta' l-1253 mhijiex Regola *ġdida* li Klara kitbitha f'dak il-ħin; imma kienet ir-Regola li Santa Klara u s-Sorijiet tagħha kienu ilhom josservaw, jiġifieri dik li San Franġisk kien tahom fil-bidunett" ("La *Forma vitae* di S. Chiara e le regole sue e del suo Ordine", *Santa Chiara d'Assisi. Studi e cronaca del VII Centenario, 1253-1953,* Assisi 1954, 80).

Ir-RegCl hi dokument leġislattiv li r-redazzjoni tiegħu, skond il-fonti li jiġu utilizzati, rridu nqiegħduha bejn is-6 ta' Awissu 1247, il-jum tal-promulgazzjoni tar-Regola ta' Innoċenz IV, u s-16 ta' Settembru 1252, il-jum ta' l-approvazzjoni tagħha mill-Kardinal Rainaldo. Bil-Bulla *Cum omnis vera religio* (6 ta' Awissu 1247), Innoċenz IV kien ta Regola ġdida lis-Sorijiet Foqra, li kienu ilhom iħarsu l-*Constitutiones Hugolianiae* mogħtija lilhom mill-Kardinal Ugolino fl-1219, li kien fassalhom fuq il-mudell tar-Regola Benedittina. Ir-Regola ta' Innoċenz IV kienet tqiegħed lis-Sorijiet Foqra taħt id-dipendenza diretta tal-Patrijiet Minuri, u neħħiet kull riferiment għar-Regola Benedittina, imma xorta waħda kien fiha l-klawsola li s-Sorijiet setgħu jkollhom proprjetà in komuni. Dan kien imur direttament kontra l-*Forma vitae* ta' l-1212 u l-*Privilegium paupertatis* li Klara kienet qalgħet mingħand Girgor IX fl-1228. Għaldaqstant Klara ma kellhiex għażla oħra ħlief li tikteb Regola li tassew tkun tesprimi l-kariżma ta' ħajja evanġelika mħaddna mis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano, fuq il-mudell muri lilhom minn San Franġisk.

Il-fonti tar-RegCl jinkludu partijiet tar-Regola ta' San Benedittu – li Klara x'aktarx diġà kella taċċetta li tipprofessa fl-1216, wara dak li kien talab il-Konċilju Lateran IV fil-kostituzzjoni XIII, li kienet trid li Ordnijiet ġodda jaċċettaw Regoli diġà approvati mill-Knisja – u partijiet mill-Kostituzzjonijiet ta' Ugolino ta' l-1219, flimkien mar-Regola ta' Innoċenz IV ta' l-1247. Imma parti kbira mir-RegCl tixbaħ aktar lir-Regola Bullata tal-Patrijiet Minuri (1223), u bħalha ġiet ukoll maqsuma aktar tard fi 12 il-kapitlu.

Ir-RegCl hi eżempju ta' "demokratizzazzjoni" tal-komunità, minn linji monastiċi-Benedittini għal dawk fraterni-Franġiskani. Dan id-dokument leġislattiv irridu naqrawh minn lenti Franġiskan. Tant hu hekk li l-parti ċentrali tar-RegCl hi l-kapitlu 6, li fih Klara daħħlet, kelma b'kelma, ż-żewġ kitbiet li San Franġisk kien ta lilha u lis-Sorijiet Foqra, jiġifieri l-*Forma vitae* ta' l-1212, u l-*Ultima voluntas* qabel ma miet. In-normattiva kollha tar-RegCl tidher li hi żvilupp ġuridiku u prattiku li jinbena fuq dan in-nukleju fundamentali għal Klara.

Filwaqt li, fl-Ittri lil Anjeże ta' Praga, Klara tevita kważi għal kollox li ssemmi b'ismu lil San Franġisk (ħlief fil-każ tat-Tielet Ittra rigward il-kwestjoni tas-sawm f'San Damiano), fir-

Regola u fit-Testment, wara li ssejjaħ lilha nnifisiha *plantula beatissimi patris Francisci* ("xitla ċkejkna tal-wisq imqaddes missier Franġisku"), issemmi lil San Franġisk f'diversi okkażjonijiet, u dejjem tisħaq fuq l-awtorità tiegħu bħala fundatur li iddefenda l-idejali ta' ħajja tas-Sorijiet Foqra, u l-aktar dak tal-faqar, "li wegħedna lill-Mulej Alla u lill-imqaddes Franġisku" (RegCl 6,10). Jidher ċar li Klara riedet tiddefendi proġett ta' ħajja evanġelika li hu ċertament tagħha, imma wkoll ta' Franġisku.

# REGOLA TA' SANTA KLARA
# «FORMA VITAE ORDINIS SORORUM PAUPERUM»
# (1253)

## Bulla tal-Papa Innoċenz IV[43]

[56] 1. Innoċenz Isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla. 2 Lill-maħbubin uliedu fi Kristu, Klara, Badessa, u s-Sorijiet tal-monasteru ta' San Damiano, saħħa u barka apostolika.

[57] 3. Is-Sede Apostolika għandha d-drawwa li tilqa' t-talbiet qaddisa u bil-qalb kollha taqta' x-xewqat tajba ta' dawk li jitolbuha. 4 Hawn għandna quddiemna t-talba li umilment għamiltulna biex bis-setgħa apostolika tagħna inwettqu 5 l-forma ta' ħajja[44] li takom San Franġisk, u li intom aċċettajtu minn qalbkom, 6 u din titlob minnkom li tgħixu flimkien f'għaqda tal-qlub u bil-professjoni ta' l-*ogħla faqar* (cfr. 2Kor 8,2). 7 Il-venerabbli ħuna, l-isqof ta' Ostia u Velletri[45], deherlu li għandu jwettaq din l-għamla ta' ħajja, kif jidher ċar mill-ittri li kitbilkom hu stess.

[58] 8 Aħna għalhekk insaħħu din bis-setgħa apostolika tagħna, nilqgħu t-talbiet tagħkom, napprovaw dak li għamel l-isqof f'din il-materja, u nikkonfermawh bis-setgħa ta' din il-kitba. 9 Għaldaqstant, se nniżżlu kelma b'kelma kull ma kitbilkom l-isqof:

[59] 10 Rinaldo, għall-ħniena ta' Alla isqof ta' Ostia u Velletri, lill-wisq għażiża omm u bint fi Kristu, is-Sinjura Klara, Badessa ta' San Damiano f'Assisi, 11 u lis-Sorijiet tagħha, dawk tallum u dawk li għad jiġu warajhom, saħħa u barka ta' missier.

[60] 12 Ladarba intom, uliedi maħbubin fi Kristu, begħidtu minnkom il-frugħat u l-pjaċiri tad-dinja 13 biex *timxu fuq il-passi* ta' l-istess Kristu (cfr. 1Pt 2,21) u ta' l-Omm imqaddsa tiegħu, u għażiltu li tgħixu magħluqa fil-klawsura u tingħataw lill-Mulej fl-ogħla faqar biex tkunu tistgħu taqduh b'qalb ħielsa, 14 Aħna nfaħħru fil-Mulej din il-għamla ta' ħajja qaddisa, u b'imħabba ta' missier napprovaw bil-qalb ix-xewqat u t-talbiet qaddisa tagħkom.

[61] 15 Għalhekk, waqt li nilqgħu t-talbiet qaddisa tagħkom, imqanqlin mit-talb li għamiltulna, bis-saħħa ta' din l-ittra u bl-awtorità tal-Papa u tagħna, inwettqu għalikom ilkoll u għal dawk li għad jiġu warajkom fil-monasteru tagħkom, għal dejjem 16 din l-għamla ta' ħajja li tgħixu

[43] L-edizzjonijiet kollha ta' din il-Bulla, li fiha t-test oriġinali tar-RegCl, u li ġġib id-data 9 ta' Awissu 1253, ġew magħmulin, wara l-1897, fuq id-dokument oriġinali tal-Kanċellerija ta' Innoċenz IV, li sallum għadu mħares fl-Arkivju tal-Protomonasteru ta' Santa Klara f'Assisi, imma li mhuwiex l-uniku eżemplar antik li jeżisti ta' din il-Bulla li fiha r-Regola magħquda magħha, bħal fil-każ tar-RegB tal-Patrijiet Minuri. Għall-istess eżemplari ta' din il-Bulla ta' Klement IV ta' l-1266 u ta' Klement VI ta' l-1343, kif ukoll għal studju aktar eżattta' din ir-Regola, l-aktar għall-mod kif għandha tinftiehem bħala mixja mingħajr kummenti wara l-Evanġelju, cfr. C.A. LAINATI, *Novus Ordo, nova vita,* Monastero Clarisse S. Maria Maddalena, Matelica 2001.

[44] L-espressjoni "Forma ta' ħajja" ma tfissirx eżattament "Regola", għax din hi kelma aktar restrittiva. Il-"ħajja" hi element li biss l-Ispirtu tal-Mulej jqajjem, u li titwieled u tikber skond il-proġett ta' Alla. "Regola" tindika kodiċi ta' liġijiet, bħal garanzija biex wieħed ikun jista' jgħix il-"ħajja" reliġjuża skond l-iskop li għalih din ġiet imwaqqfa. F'din l-espressjoni nifhmu n-nuqqas ta' preċiżjoni normattiva f'dan it-test ta' Klara, li fih il-qaddisa ma tobbligax lis-Sorijiet biex josservaw xi regola fissa ta' mġieba, daqskemm li jimxu fuq il-passi ta' Kristu fil-proġett ta' ħajja evanġelika, bil-qawwa tad-dawl ta' l-Ispirtu li jmexxihom.

[45] Il-kardinal Rainaldo (jew Rinaldo) di Jenne sar imbagħad Papa Alessandru IV (12 ta' Diċembru 1254). Kien protettur tal-Patrijiet Minuri u tas-Sorijiet Foqra, fi żmien il-Papa Girgor IX, elett fid-19 ta' Marzu 1227.

f'għaqda qaddisa u fl-*ogħla faqar* (cfr. 2Kor 8,2) li l-qaddis missier Franġisku takom bil-kelma u bil-kitba biex tħarsuha, u li ssibuha f'din il-kitba tagħna[46], 17 li hi din:

## I
## F'ISEM IL-MULEJ TIBDA L-GĦAMLA TA' ĦAJJA TAS-SORIJIET FOQRA[47]

[62] 1 L-għamla ta' ħajja ta' l-Ordni tas-Sorijiet Foqra[48] li waqqaf l-imqaddes Franġisku hija din: 2 li jħarsu l-Evanġelju mqaddes ta' Sidna Ġesù Kristu, billi jgħixu fl-ubbidjenza, bla xejn tagħhom u fil-kastità.

[63] 3 Klara, qaddejja ta' Kristu u xitla ċkejkna tal-qaddis l-aktar kbir Franġisku, twiegħed ubbidjenza u qima lis-Sinjur Papa Innoċenz u lil dawk li jiġu warajh, magħżula skond il-liġi kanonika, u lill-Knisja Rumana.

[64] 4 U kif fil-bidu tal-konverżjoni tagħha, flimkien mas-Sorijiet tagħha, hija wegħdet ubbidjenza lill-imqaddes Franġisku, hekk ukoll hija twiegħed ubbidjenza sħiħa u bla mittiefsa lil dawk li jiġu warajh.

[65] 5 Is-Sorijiet l-oħra għandhom dejjem jobdu lil dawk li jiġu wara l-imqaddes Franġisku u lil Swor Klara, kif ukoll lill-Badessi l-oħra li jiġu warajha, magħżula skond il-liġi kanonika[49].

---

[46] Kemm din il-Bulla ta' konferma ta' Innoċenz IV, kif ukoll Klara fir-RegCl 1,1 jaffermaw il-paternità ta' Franġisku rigward ir-Regola u l-Ordni tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano. Tabilħaqq din ir-Regola ta' l-1253 hi l-iżvilupp finali ta' dik il-*Forma vitae* li Franġisku kien ta lil Klara u l-ewwel Sorijiet Foqra ftit wara li dawn daħlu f'San Damiano, fis-snin 1212-1213 (cfr. K. ESSER, *Gli Scritti di San Francesco d'Assisi,* Edizioni Messaggero Padova 1982, 355-357). Din il-Forma ta' ħajja hi meqjusa bħala n-nukleju tar-RegCl, u tokkupa l-kapitlu 6,2-3. Mhux biss, imma talli l-ispirtu tagħha qisu janima l-espressjonijiet kollha tal-qaddisa fir-Regola. Nistgħu ngħidu li r-RegCl, mibnija fuq il-mudell tar-RegB tal-Patrijiet Minuri, tiġbor fiha l-qofol tal-*Forma vitae* ta' l-1212, flimkien mal-*Privilegium paupertatis* ta' l-1228, ir-*Regola għall-eremitaġġi* miktuba minn San Franġisk, ir-*Regola tal-Kardinal Ugolino* ta' l-1219, u r-*Regola ta' Innoċenz IV* ta' l-1247. Klara ħolqot sintesi mill-isbaħ ta' dawn l-esperjenzi kollha li għaddiet minnhom bl-osservanza ta' dawn id-dokumenti, mingħajr ma tinsa l-ispirazzjoni Franġiskana li tinsab fil-qiegħnett tal-ħajja ta' l-Ordni tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano.

[47] Id-diviżjoni tar-RegCl fi 12 il-kapitlu mhijiex oriġinali fl-edizzjoni tal-bidunett magħmula minn Klara. Bħal fil-każ tar-RegB ir-RegCl hi dokument li hu inkluż f'Bulla pontifiċja u li jkompli nieżel bla ebda qsim minn fuq sa isfel tal-parċmina. It-taqsim, bħal fil-każ tar-RegB, sar aktar tard għal raġunijiet liturġiċi-monastiċi, meta l-*lectio Regulae* (il-qari tar-Regola) kien sar prassi normali fir-refettorju u waqt il-kapitli.

[48] *Ordo Pauperum Dominarum (Sancti Damiani)*, "Ordni tas-Sorijiet Foqra (ta' San Damiano)", hu l-isem uffiċjali li kellhom il-Klarissi fil-bidunett. L-isem jindika l-post ġeografiku li fih Franġisku ta bidu għall-forma ta' ħajja evanġelika ta' Klara u s-Sorijiet. *Pauperes Dominae (de Sancto Damiano)* jindika l-element ta' faqar assolut li fih kellhom jgħixu s-Sorijiet. Sfortunatament bil-Malti ma nistgħux nittraduċu l-kelma latina *Dominae,* jew dik taljana *Dame*. Tindika nisa ta' nisel nobbli, u hi titlu ta' rispett u ta' kortesija lejn is-sess femminili. Klara tippreferi tuża l-isem *Sorores pauperes*, "Sorijiet foqra", li hu l-isem li jikkorrispondi għall-fergħa femminili tal-*Fratres minores*, "Patrijiet Minuri". Is-sostanza ta' dan l-istil ta' ħajja tinsab fl-esperjenza evanġelika tal-*fraternitas* (fraternità), jew *sororitas* (sororità), madwar Ġesù Kristu, li għex ta' fqir u ta' minuri. Interessanti li, għal Klara, il-faqar ma jindikax biss aġġettiv li jikkwalifika x'inhuma s-Sorijiet, kif għal Franġisku l-aġġettiv "minuri" mhux marbut biss ma' xi kwalità jew virtù. Hi persuna ħajja ta' Ġesù Kristu fl-Evanġelju li hi fqira u minuri.

[49] Il-ħarsien jew osservanza ta' l-Evanġelju mqaddes, l-ubbidjenza lejn il-Knisja Rumana u l-ubbidjenza lejn San Franġisk, jiffurmaw ċertament l-eqdem taqsima tal-*Forma vitae* li Klara irċeviet fil-bidunett tal-ħajja ta' konverżjoni tagħha minn San Franġisk innifsu. Prova ta' dan insibuh fir-RegCl 6,1; 12,13, u TestCl 24-25; 44).

II

DWAR DAWK LI JIXTIEQU JĦADDNU DIN IL-ĦAJJA

U KIF GĦANDHOM JIĠU MILQUGĦA

[66] 1 Jekk xi persuna, imnebbħa minn Alla, tiġi għandna u turi x-xewqa li tħaddan din il-ħajja, il-Badessa hi fid-dmir li titlob il-kunsens tas-Sorijiet l-oħra kollha[50], 2 u jekk il-biċċa kbira jagħtu l-kunsens tagħhom, tista' iddaħħalha bil-permess tal-Kardinal Protettur.

[67] 3 Jekk il-Badessa jidhrilha li dil-persuna hi denja li tiġi aċċettata, qabel iddaħħalha teżaminaha bir-reqqa kollha, hi stess jew tqabbad lil ħaddieħor, dwar il-fidi kattolika u s-sagramenti tal-Knisja.

[68] 4 U jekk hi temmen dan kollu, u għandha rieda sħiħa li tistqarru, u trid bil-fedeltà kollha tħarsu għal matul ħajjitha kollha sa l-aħħar; 5 u ma tkunx miżżewġa, jew jekk miżżewġa r-raġel tagħha jkun ġa ħaddan il-ħajja reliġjuża bil-permess ta' l-isqof tad-djoċesi u jkun ġa għamel il-vot tal-kastità; 6 u fl-aħħarnett, kemm il-darba ma tkunx imfixkla minħabba l-età avanzata ħafna tagħha, jew minn xi mard tal-ġisem jew tal-moħħ, biex tkun tista' tgħix sewwa l-ħajja tagħna; 7 imbagħad ifissrulha bir-reqqa kollha fhiex tikkonsisti u x'titlob minna l-ħajja tagħna.

[69] 8 Jekk tinsab li tkun tajba, ħa jgħidulha l-kliem ta' l-Evanġelju mqaddes: li *tmur* u *tbiegħ* kull ma għandha u tfittex li tqassmu *lill-foqra* (cfr. Mt 19,21)[51]. 9 Jekk dan ma tkunx tista' tagħmlu, biżżejjed li jkollha rieda tajba.

[70] 10 Joqogħdu attenti l-Badessa u s-Sorijiet li ma jimlewx rashom huma dwar il-ħwejjeġ temporali tagħha, biex hi titħalla fil-libertà li tagħmel dak li l-Mulej inebbaħha. 11 B'danakollu, jekk hija titlob parir, ħa jibgħatuha għand nies għaqlija u li *għandhom il-biża' ta' Alla*, biex hija tkun tista' tqassam ġidha skond il-parir li jagħtuha (cfr. Atti 13,16).

[71] 12 Imbagħad, wara li jaqtgħulha xagħarha tond u tkun neħħiet il-libsa tad-dinja, jagħtuha tliet tonok u mantell. 13 Wara dan ma tkunx tista' toħroġ barra l-monasteru, jekk mhux meta jkun hemm raġuni ta' ħtieġa vera li tidher, u dir-raġuni tkun approvata[52].

---

[50] Id-deċiżjoni li jintalab il-kunsens tas-Sorijiet kollha biex tiġi milqugħa kandidata turi r-rieda ta' Klara biex tħares il-għaqda u l-imħabba reċiproka fil-paċi fi ħdan il-komunità, li għandha tiġi fuq kull liġi oħra li tmexxi l-fraternità kollha kemm hi. Dan hu, mingħajr dubju, element essenzjali minn dik id-"demokratizzazzjoni fit-tmexxija tal-komunità", li minnha jitkellem Th. MATURA (Introduzzjoni għal M.F. BECKER – Th. MATURA – J.F. GODET, *Chiara d'Assisi. Scritti,* LIEF, Vicenza 1986, 54-56). Din hi forsi fost l-aktar karatteristiċi oriġinali ta' Klara, "bint żmienha, iż-żmien tal-'comuni' liberi, fejn bħala prinċipju ċ-ċittadini kollha setgħu jsemmgħu leħinhom fil-kapitlu", imma tagħmel parti wkoll mill-ħeġġa evanġelika għall-għaqda fi ħdan il-grupp miġbur fl-Ispirtu tal-Mulej.

[51] Dan il-ġest ta' *abdicatio proprietatis* – iċ-ċaħda tal-ġid, li jindika firda totali minn dak li l-kandidata jkollha u saħansitra mill-istess personalità tagħha – kien jagħmel ċertament parti mill-forma primittiva ta' ħajja li Franġisku ta lil Klara. Anke Klara "ġiegħlet li jibiegħ il-wirt tagħha u jingħata lill-foqra" (ProcCan 2,22; 3,31; 12,3; 13,11). Nistgħu nifhmu l-importanza ta' din in-norma fuq l-oħrajn kollha, minħabba l-fatt li hawn Klara tagħmel kwotazzjoni mill-Evanġelju kelma b'kelma. Għaldaqstant Klara turi li, sa tmiem ħajjitha, hi riedet li tibqa' fidila sa l-aħħar għal din l-*abdicatio proprietatis,* li tikkostitwixxi l-ispirazzjoni li l-ebda soru ma setgħet tiċħadha jekk riedet tidħol mas-Sorijiet Foqra. Għall-argument dwar l-*abdicatio proprietatis*, cfr. M. CONTI, "La Sacra Scrittura nella Regola di Chiara", *Dialoghi con Chiara d'Assisi,* Edizioni Porziuncola, Assisi 1995, 278; *Introduzione e commento alla Regola di S. Chiara d'Assisi,* Edizioni Porziuncola, Assisi 2000.

[52] L'Ordini tas-Sorijiet Foqra twieled bħala Ordni klawstrali: hekk jiġi rikonoxxut fil-bidunett mill-Knisja, li meta tindirizza lil Klara u lis-Sorijiet, ukoll fil-konferma ta' din il-"Forma ta' ħajja", issejħilhom Sorijiet li jgħixu *incluso corpore* (letteralment *rinchiuse*, "magħluqin ġewwa"), jiġifieri, li jgħixu fil-klawsura. Sa mill-eqdem dokumenti nsibu l-Knisja ssejħilhom *pauperes moniales inclusae* ("sorijiet foqra klawstrali"), jew "moniales inclusae" (*sorijiet tal-klawsura*). Ta' min jinnota li l-ordinament intern tal-ħajja f'San Damiano jippreżenta qbil – ukoll taħt l-aspett klawstrali – mar-*Regola għall-Eremitaġġi* miktuba minn San Franġisk ftit wara l-1217. Għal studju approfondit dwar it-tema tal-klawsura fl-Ordni ta' Santa Klara, cfr. C.A. LAINATI, "La clôture de Sainte Claire et des premières

[72] 14 Meta tintemm is-sena tal-prova, hija għandha tiġi milqugħa għall-ubbidjenza, u twiegħed li tħares għal dejjem din il-għamla ta' ħajja u l-faqar tagħha.
[73] 15 L-ebda waħda ma tista' tilbes il-velu matul is-sena tal-prova. 16 Is-Sorijiet jista' jkollhom ukoll imnatar qosra għall-kumdità u l-ħeffa fil-qadi u x-xogħol. 17 Barra dan, il-Badessa għandha wkoll tieħu ħsieb li bil-għaqal kollu tipprovdilhom il-ħwejjeġ li jkollhom bżonn, skond il-qagħda ta' kull waħda, skond il-postijiet u ż-żminijiet, u l-kesħa ta' l-artijiet, dejjem kif, skond il-bżonn, jidhrilha li jaqbel l-aħjar[53].
[74] 18 It-tfajliet li jidħlu fil-monasteru meta jkunu għadhom taħt l-età, jaqtgħulhom ukoll xagħarhom tond, 19 ineħħu l-ilbies tad-dinja, u jilbsu libsa reliġjuża, kif jidher lill-Badessa li jaqbel l-aħjar. 20 Meta mbagħad jilħqu l-età mitluba mil-liġi, jilbsu bħall-oħrajn u jagħmlu l-professjoni tagħhom.
[75] 21 Il-Badessa għandha tieħu ħsieb li, lilhom u lin-novizzi l-oħra, tagħtihom għalliema minn fost is-Sorijiet l-aktar għaqlin u ta' ħila fil-monasteru, 22 biex b'għaqal kbir tgħallimhom kif jgħixu ħajja reliġjuża qaddisa u kif iżommu d-drawwiet tajba bħalma titlob il-forma tal-professjoni tagħna.
[76] 23 Dwar l-eżami u l-aċċettazzjoni tas-Sorijiet li jaqdu s-servizz tagħhom barra l-monasteru, għandhom jiġu osservati l-istess liġijiet, iżda huma jistgħu jilbsu ż-żraben. 24 Ebda mara ma tista' tgħix magħna fil-monasteru jekk ma tkunx ġiet milqugħa skond il-forma tal-professjoni tagħna.
[77] 25 U għall-imħabba tal-Bambin l-aktar qaddis, li kien *imfisqi* fi *ħrieqi* fqar u *mqiegħed f'maxtura* (cfr. Lq 2,7.21), u ta' l-Omm l-aktar qaddisa tiegħu, inwissi, nitlob bil-ħerqa u nħeġġeġ lil ħuti s-Sorijiet, biex jilbsu dejjem ilbies fqir[54].

## III
## DWAR L-UFFIĊĊJU DIVIN U S-SAWM;
## DWAR IL-QRAR U T-TQARBIN

[78] 1 Is-Sorijiet li jafu jaqraw jgħidu l-Uffiċċju Divin kif jgħiduh il-Patrijiet Minuri, u għalhekk jista' jkollhom il-brevjarji; u l-Uffiċċju jgħiduh, imma bla kant[55]. 2 Jekk xi waħda minnhom, għal

Clarisses dans la législation canonique et dans la pratique", *Laurentianum* 14 (1973) 223-250; traduzzjoni ingliża: "The Enclosure of St. Clare and the First Poor Clares in Canonical Legislation and Practice", *The Cord* 28 (1978) 4-15, 47-60.

[53] Dawn il-versetti fir-RegCl 2,12.16.17, dwar l-ilbies tan-novizzi u s-sorijiet huma xhieda tal-kura materna li Klara kienet turi lejhom. "Tliet tonok u mantell", fil-fatt, ma kienux ftit ħwejjeġ għall-foqra ta' dak iż-żmien. Fir-RegCl, imbagħad, b'differenza miż-żewġ Regoli ta' San Franġisk (RegNB 2,7.13 u RegB 2,11.15), ma nsibux riferiment għall-"ilbies tal-prova" fin-novizzjat, u li l-kandidati għandhom jirċievi tonok differenti wara l-professjoni. Fuq il-mudell tar-RegB 4,3-4 Klara titkellem dwar il-prinċipju tal-ħtieġa, li għaliha ma hemmx liġi (cfr. RegNB 9,16). Fil-ProcCan 2,3 jingħad li Klara bil-lejl kienet tqum tgħatti lis-sorijiet biex ma jsofrux mill-kesħa.

[54] Din l-espressjoni hi interessantissima fir-RegCl. Jidher ċar li, f'San Damiano, l-istruttura normattiva monastika ma kienetx toħnoq l-ispirtu evanġeliku tal-ħajja ta' kuljum. Klara tħalli l-istil ta' Regola monastika biex tieqaf timmedita f'adorazzjoni kontemplattiva quddiem il-ħlewwa ta' Ġesù Bambin imfisqi fil-maxtura, b'sensibilità tipikament femminili.

[55] Bħal fil-każ tar-RegB 3, hawnhekk Klara titkellem fuq il-ħajja liturġika u penitenzjali tas-Sorijiet Foqra. Għal Klara, kif kien għal Franġisku, il-primat assolut tal-ħajja hu Alla. L-ewwel "uffiċċju" li s-Sorijiet iridu jagħmlu (*officium facere*) hu dak "divin". L-Uffiċċju "kif jgħiduh il-Patrijiet Minuri" kien għal Klara garanzija ta' kattoliċità. Klara ma tagħżilx għas-Sorijiet ir-rit monastiku ta' l-Uffiċċju divin, imma dak tal-Kurja papali fil-Lateran, li kien għażel Franġisku għall-patrijiet tiegħu. Imma tagħmel dan b'differenza, għax hi tgħid *sine cantu*, "bla kant". Fil-fatt Klara qiegħda tirrifjuta preskrizzjoni li kien hemm fir-Regola ta' Ugolino, 5, li kienet tordna lis-Sorijiet li jafu jkantaw biex ikantaw l-Uffiċċju fis-sigħat kollha. Jidher li Klara taqta' fid-dritt bl-espressjoni "bla kant", mhux għax riedet

raġuni ġusta, ma tkunx tista' tgħid l-Uffiċċju għandha l-permess li tgħid il-*Missierna*, bħas-Sorijiet l-oħra.

[79] 3 Iżda dawk li ma jafux jaqraw jgħidu erbgħa u għoxrin *Missierna* għall-Matutin, ħamsa għal-Lawdi; 4 għal kull waħda mis-sigħat, Prima, Terza, Sesta u Nona, sebgħa; għall-Għasar tnax; għall-Kumpieta sebgħa.

[80] 5 Barra dan, għall-Uffiċċju tal-mejtin jgħidu seba' darbiet il-*Missierna* u jżidu magħha t-talba, *Agħtihom il-mistrieħ* għall-Għasar, u tnax il-darba għall-Matutin, 6 meta s-Sorijiet li jafu jaqraw huma obbligati li jgħidu l-Uffiċċju tal-mejtin. 7 Meta tmut xi soru tal-monasteru tagħna, jgħidu ħamsin *Missierna* għal ruħha.

[81] 8 Is-Sorijiet għandhom isumu s-sena kollha. 9 Iżda nhar il-Milied jistgħu jagħmlu żewġ ikliet. 10 Il-Badessa, meta tara l-ħtieġa, tista' tiddispensa bi ħniena liż-żgħażagħ, lid-dgħajfa, u 'l dawk is-Sorijiet li jaqdu barra l-monasteru. 11 Iżda meta jkun hemm ħtieġa bid-dieher, is-Sorijiet m'humiex marbutin għas-sawm tal-ġisem[56].

[82] 12 Għandhom iqerru, bil-permess tal-Badessa, mill-inqas tnax il-darba fis-sena, 13 u joqogħdu attenti li ma jdaħħlux kliem li ma għandux x'jaqsam mal-qrar u s-salvazzjoni ta' ruħhom. 14 Jitqarbnu seba' darbiet fis-sena f'dawn il-festi: il-Milied, Ħamis ix-Xirka, l-Għid il-Kbir, Għid il-Ħamsin, it-Tlugħ fis-sema tal-Verġni Mbierka, il-festa ta' San Franġisk u tal-Qaddisin kollha.

[83] 15 Il-kappillan jista' jqaddes fil-monasteru biex ikun jista' jqarben kemm lill-morda, kif ukoll lil dawk f'saħħithom.

## IV
## DWAR L-GĦAŻLA U L-UFFIĊĊJU TAL-BADESSA, U DWAR IL-KAPITLU, IR-RESPONSABBLI TA' L-UFFIĊĊJI U D-DISKRIETI

[84] 1 Fl-elezzjoni tal-Badessa s-Sorijiet għandhom iħarsu l-forma kanonika.

[85] 2 Ifittxu wkoll li jkollhom magħhom il-ministru ġeneral jew provinċjal ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, 3 li bil-għajnuna tal-Kelma ta' Alla jiddisponihom ħa jkunu qalb waħda u ruħ waħda, u biex fil-għażla li se jagħmlu jfittxu biss il-ġid komuni.

[86] 4 L-ebda waħda ma tista' tiġi magħżula jekk ma tkunx diġà għamlet il-professjoni. 5 Jekk tiġi magħżula soru li ma tkunx għamlet il-professjoni, jew tkun mogħtija lilhom Badessa b'xi mod ieħor, is-Sorijiet m'għandhomx jobduha qabel ma tkun għamlet il-professjoni skond il-forma tal-faqar tagħna. 6 Meta tmut hi, is-Sorijiet għandhom jagħżlu Badessa oħra minn flokha.

[87] 7 Jekk f'xi żmien jiġri li s-Sorijiet kollha jkun jidhrilhom li l-Badessa mhix iżjed tajba biex tkompli sservihom ilkoll bil-qadi tagħha, 8 huma għandhom jagħżlu oħra mill-aktar fis biex tkun Badessa u omm tagħhom[57], bil-mod li semmejna qabel.

---

tissemplifika r-reċita korali, daqskemm għax ma riedetx li jkun hemm distinzjoni bejn is-Sorijiet anke rigward il-mod kif jiċċelebraw l-Uffiċċju divin (cfr. G. ZOPPETTI – M. BARTOLI, *Santa Chiara d'Assisi. Scritti e documenti,* Editrici Francescane, Assisi 1994, 314).

[56] In-normattiva dwar is-sawm hi qasira ħafna fir-RegCl, għalkemm tidher iebsa mhux ħażin, bl-obbligu li s-Sorijiet isumu f'kull żmien liturġiku u skond il-forma monastika antika li biha jieklu biss darba fil-jum ("monofagìa"). Fil-fatt, dawn ir-regoli kienu ħafna aktar dettaljati fir-Regola ta' Ugolino. Klara tħalli ħafna spazju għal-libertà evanġelika tas-Sorijiet li hi, li magħhom tinkludi lilha nnifisha – fit-3 Ittra lil Agnese ta' Praga, 32.37 – issejjaħ: "qawwijin u f'saħħitna", u tħalli f'idejn il-badessa biex tiddispensa skond il-ħtiġijiet tas-saħħa tas-Sorijiet, l-aktar taż-żgħażagħ, tal-morda u ta' dawk li huma dgħajfin (v.10).

[57] Dak li Franġisku kien stabilixxa fir-RegB rigward li l-ministru ġeneral jista' jinbidel meta ma jkunx għadu meħtieġ għall-aħwa (RegB 8,5), jiġi applikat minn Klara għall-każ tal-monasteru ta' San Damiano. Flimkien ma' l-isem

[88] 9 Dik li tiġi magħżula imbagħad, għandha toqgħod taħseb sewwa fuq il-piż li ħadet fuq spallejha, u fuq lil min hi *għad trid tagħti kont* tal-merħla afdata lilha (cfr. Mt 12,36; Lq 16,2; Lhud 13,17). 10 Għandha għalhekk tfittex li tkun qabel l-oħrajn fil-virtù u l-qdusija ta' ħajjitha, aktar milli fl-uffiċċju tagħha; hekk is-Sorijiet, imħeġġin mill-eżempju tagħha, jobduha mqanqlin mill-imħabba aktar milli mill-biża'.

[89] 11 Taħrab kull ħbiberija partikulari biex ma jiġrix li billi tħobb lil xi wħud aktar minn oħrajn, tkun ta' skandlu għalihom ilkoll.

[90] 12 Ħa tfarraġ lill-imnikktin, u tkun l-aħħar *kenn għal dawk li huma mħabbtin* (cfr. S31,7), biex ma jiġrix li jekk jonqsu li jsibu fiha l-mediċina tas-saħħa, il-marda tad-disperazzjoni tegħleb lil dawk li huma morda[58].

[91] 13 Għandha tfittex li tkun bħas-Sorijiet f'kollox, imma l-aktar fil-knisja, id-dormitorju, fl-infermerija u fl-ilbies li tilbes; 14 il-Vigarja tagħha wkoll għandha tagħmel l-istess[59].

[92] 15 Ta' l-anqas darba fil-ġimgħa l-Badessa għandha tiġbor is-Sorijiet għall-kapitlu. 16 Hemm, kemm hi u kemm is-Sorijiet jistqarru bl-umiltà n-nuqqasijiet komuni, u li jidhru, li jkunu għamlu, u t-traskuraġni li jkunu ħatja tagħhom. 17 Hemm ukoll titkellem ma' ħutha dwar dak kollu li għandu jsir għall-ġid u għall-mixi 'l quddiem tal-monasteru. 18 Għax spiss jiġri li l-Mulej, dak li hu l-aħjar jgħarrfu lill-iżgħar waħda[60].

[93] 19 M'għandu jsir ebda dejn kbir, jekk mhux bil-kunsens tas-Sorijiet kollha, u dan biss meta jkun hemm ħtieġa kbira li tidher; id-dejn isir permezz tal-prokuratur. 20 Il-Badessa u s-Sorijiet joqogħdu attenti li ma jaħżnu xejn fil-monasteru, 21 għaliex minħabba f'hekk spiss jinqalgħu inkwiet u skandli.

[94] 22 Biex tiġi mħarsa l-għaqda tal-karità lejn xulxin u tal-paċi, dawk kollha li huma responsabbli ta' xi uffiċċju fil-monasteru għandhom jintagħżlu bil-kunsens tas-Sorijiet kollha. 23 U bl-istess mod jintagħżlu tmien Sorijiet fost l-aktar għaqlin, u l-Badessa għandha tieħu l-parir tagħhom f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' l-għamla ta' ħajja tagħna[61].

---

"badessa", li Klara kellha bilfors taċċetta fl-1215, jidher ukoll l-isem ieħor ta' "omm", li hu proprju ta' Klara, li kienet tqis lilha nnifisha tassew bħala omm fil-komunità tagħha. Dan l-isem ifakkarha fl-Omm imqaddsa ta' Alla Marija, imma wkoll ifakkarha f'San Franġisk u fil-kura materna tiegħu fuq livell spiritwali lejn l-aħwa, (cfr. ix-xhieda ta' 2C 137), kif ukoll fl-isem ta' "oħtna u ommna l-art" li Franġisku jagħti fil-Għanja tal-Ħlejjaq. Il-kelma "badessa" tfakkar fl-*abbas,* jew il-*paterfamilias* tas-soċjetà rumana, li Benedittu minn Norcia ħa t-titlu tiegħu biex applikah għall-mexxej tal-monasteru fir-Regola tiegħu. Il-figura ta' Klara bħala "omm" tirreferi għal dik li tagħti l-ħajja fil-ġuf tagħha, li twelled, trabbi, teduka, u tmil bil-ħlewwa fuq binha, mimlija mħabba bħal Alla li hu Missier il-ħniena.

[58] Fost il-*logia* ("kelmiet") attribwiti lil San Franġisk, hemm id-deskrizzjoni twila tal-kwalitajiet tal-ministru ġeneral ta' l-Ordni (2C 185; SP 80). Klara tieħu elementi minn dawn il-kwalitajiet u tqiegħdhom fir-Regola tagħha. X'aktarx li din is-silta, li tirrifletti l-ħsieb ta' Franġisku fuq il-mod kif il-ministru kellu jkun, f'dak li għandu x'jaqsam mad-dmir ta' tmexxija u eżempju, setgħet kienet wieħed mill-ħafna kitbiet ta' tagħlim li Klara tgħid li San Franġisk kien bagħat lilha u lis-Sorijiet f'San Damiano, u li huma mitlufin (cfr. TestCl 34).

[59] "Għandha tfittex li tkun bħas-sorijiet f'kollox": hekk nittraduċu l-espressjoni latina *communitatem servet in omnibus*, jiġifieri li l-badessa għandha taqdi lil kull waħda mill-membri tal-komunità f'kollox b'atteġġjament ta' min "jiddefendi u jħares" il-komunità sabiex ma jitwieldux sitwazzjonijiet ta' privileġġi għal xi wħud u emarġinazzjoni għal oħrajn.

[60] Fil-każ ta' Klara, bħal f'dak ta' San Franġisk, il-kapitlu ta' darba fil-ġimgħa hu mezz ta' importanza mill-akbar. Meta wieħed iqis l-atmosfera ta' silenzju li soltu kienet issaltan f'San Damiano, wieħed jinnota li l-laqgħa ta' darba fil-ġimgħa tas-Sorijiet għandha fiha nnifisha sens profond ta' laqgħa fraterna, aktar milli dik ta' kapitlu monastiku. Hi tgħin lis-Sorijiet biex jikbru flimkien, jagħmlu verifika, jsibu l-aħjar triq biex iwettqu l-proġett evanġeliku tal-ħajja tagħhom. Fil-kapitlu huma jisimgħu l-leħen ta' kulħadd, fil-konvinzjoni li "l-Mulej, dak li hu l-aħjar jgħarrfu lill-iżgħar waħda". Cfr. l-istudju ta' A. ACQUADRO, "*Saepe enim Dominus quod melius est minori revelat (Regula s. Clarae IV,18):* un errore di lettura ormai vecchio di cinque secoli", *Collectanea Franciscana* 71 (2001) 521-526.

[61] L-istituzzjoni tad-"diskrieti" hi element oriġinali ta' Klara. Dawn huma tmienja, li jiffurmaw kunsill ristrett madwar il-badessa. Il-kelma "diskrieti" tirreferi għall-arti tad-dixxerniment, għall-għaqal fil-ġudizzju.

[95] 24 Barra dan, meta xi darba jkun aħjar u aktar jaqbel, is-Sorijiet jistgħu wkoll, u għandhom ineħħu, lil dawk li huma responsabbli ta' xi uffiċċju u lid-diskrieti, u jagħżlu oħrajn flokhom.

## V
## DWAR IS-SILENZJU, IL-PARLATORJU U L-GRATA

[96] 1 Minn wara l-ħin tal-Kumpieta sat-Terza, is-Sorijiet għandhom iżommu s-skiet, ħlief dawk li jaqdu barra mill-monasteru. 2 Għandhom ukoll iżommu dejjem is-skiet fil-knisja, fid-dormitorju u fir-refettorju huma u jieklu biss. 3 Fl-infermerija, iżda, is-Sorijiet jistgħu jitkellmu bil-qjies, biex ifarrġu u jaqdu lill-morda. 4 Huma jistgħu jitkellmu dejjem ma' xulxin u kullimkien, biex jikkomunikaw bejniethom dak li hu ta' ħtieġa, imma bi ftit kliem u b'leħen minn taħt l-ilsien[62].
[97] 5 Is-Sorijiet ma jistgħux imorru jitkellmu fil-parlatorju jew fil-grada mingħajr il-permess tal-Badessa jew tal-Vigarja tagħha. 6 Dawk li jkollhom il-permess m'għandhomx imorru jitkellmu fil-parlatorju jekk ma jkunx hemm magħhom preżenti żewġ sorijiet li jisimgħuhom. 7 M'għandhomx imorru fil-grada jekk ma jkollhomx magħhom tliet sorijiet maħturin mill-Badessa jew mill-Vigarja minn fost dawk it-tmienja magħżula mis-Sorijiet kollha bħala kunsillieri tal-Badessa. 8 Il-Badessa u l-Vigarja wkoll għandhom iħarsu din l-istess regola meta jmorru jitkellmu huma. 9 Fil-grada għandhom imorru mill-inqas, u qatt ma għandhom imorru jitkellmu fil-bieb.
[98] 10 Fil-grada, min-naħa ta' ġewwa, għandu jkun hemm biċċa drapp li titneħħa biss waqt li tkun qed tiġi mxandra l-Kelma ta' Alla, jew meta xi Soru tkun trid titkellem ma' xi ħadd. 11 Ikun hemm ukoll bieba ta' l-injam li tissakkar b'żewġ serraturi tal-ħadid, firrolli u staneg, 12 l-aktar biex tingħalaq sewwa matul il-lejl; tkun tinqafel b'żewġ imfietaħ, li wieħed minnhom jinżamm mill-Badessa u l-ieħor mis-sagristana; 13 u għandha tibqa' dejjem magħluqa ħlief waqt iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Uffiċċju Divin, u għar-raġunijiet li semmejna qabel. 14 Ebda waħda, għal ebda raġuni, ma tista' tmur titkellem fil-grada qabel tlugħ ix-xemx jew wara li tinżel.
[99] 15 Fil-parlatorju imbagħad, fuq in-naħa ta' ġewwa, għandu jkun hemm biċċa drapp li m'għandha titneħħa għal ebda raġuni. 16 Matul ir-Randan ta' San Martin u r-Randan il-kbir, ħadd ma jista' jmur jitkellem fil-parlatorju, 17 ħlief għall-qrar ma' saċerdot jew għal xi ħtieġa oħra li tidher, u f'dan il-każ imiss lill-Badessa, jew lill-Vigarja tagħha, li tagħmel ġudizzju għaqli[63] dwar dak li għandu jsir.

---

[62] Bħal fil-każ tal-patrijiet li jgħixu fl-eremitaġġi, fir-RegCl il-liġi tas-skiet hi liġi ta' ħajja ta' kontemplazzjoni. Għal Klara, fil-fatt, kif ukoll għall-erwieħ kontemplattivi kollha, din hi n-norma ta' l-lingwaġġ ta' min iħobb, kif Klara tikteb lil Agnese (EpAgn IV,35). Dan, iżda, mhuwiex silenzju kontinwu fuq stil monastiku kif inhu preskritt fir-Regola ta' Ugolino, fejn hu leċitu li waħda titkellem biss jekk għandha inkarigu speċjali jew jekk tikseb permess. Kif juri ġustament M. Bartoli, Klara "tidher imħassba li s-sorijiet jinterpretaw b'mod legalista n-norma dwar is-silenzju, u għaldaqstant iżżid hi xi dispożizzjonijiet li jiġu biss mill-ħsieb tagħha, u li mix-xeħta huma frott tal-prattika twila ta' ħajja komunitarja f'San Damiano" (*Chiara d'Assisi,* Bibliotheca seraphico-capuccina, 37, Roma 1989, 127). Għaldaqstant Klara titkellem dwar id-dispensa mis-silenzju fl-infermerija, għax hawnhekk ukoll, mill-ġdid, tidħol il-liġi tal-ħtieġa u tal-ħniena lejn il-proxxmu, f'dan il-każ, lejn is-sorijiet morda.
[63] Fi studju reċenti dwar ir-Regola ta' Santa Klara magħmul mill-Federazione S. Chiara d'Assisi delle Clarisse di Umbria-Sardegna (cfr. *Chiara di Assisi e le sue fonti legislative. Sinossi cromatica,* Edizioni Messaggero, Padova 2003), it-test tar-RegCl ġie emendat f'diversi punti. B'mod partikulari, il-qari korrett ta' 5,17 hu: *quod reservetur in providentia* (it-test preċedenti li aħna ittraduċejna jgħid: *in prudentia*) *abbatissae vel eius vicariae*.

## VI
## DWAR IL-WEGĦDIET TA’ L-IMQADDES FRANĠISKU U DWAR LI M’GĦANDNA JKOLLNA XEJN TAGĦNA[64]

[100] 1 Wara li l-Missier l-aktar għoli tas-smewwiet għoġbu jdawwalli ‘l qalbi bil-grazzja tiegħu, biex fuq l-eżempju u t-tagħlim ta’ l-imqaddes missier tagħna Franġisku nibda nagħmel il-penitenza, ftit taż-żmien wara l-konverżjoni tiegħu, jiena flimkien mas-Sorijiet tiegħi, wegħedtu l-ubbidjenza.

[101] 2 Il-missier qaddis imbagħad, x’ħin ra li aħna ma konna nibżgħu la mill-faqar, la mix-xogħol iebes, la mit-tbatija u la mill-umiljazzjoni jew tmaqdir tad-dinja[65], anzi li f’dan kollu konna nsibu hena kbir, imqanqal minn imħabba kbira ta’ missier għalina, kitbilna għamla ta’ ħajja b’dawn il-kelmiet: 3 “Għaliex intom, imnebbħin minn Alla, għamiltu lilkom infuskom ulied u qaddejja tas-Sultan l-aktar għoli, il-Missier tas-sema, u tgħarrastu ma’ l-Ispirtu s-Santu billi għażiltu li tgħixu skond ma titlob il-perfezzjoni ta’ l-Evanġelju mqaddes, 4 jiena rrid u nwiegħed li jien, flimkien ma’ l-aħwa tiegħi, nibqa’ dejjem nieħu ħsiebkom kif imiss, u li nuri lejkom, bħalma nuri lejhom stess, ħerqa speċjali”[66]. 5 Huwa żamm bir-reqqa kollha sakemm dam ħaj il-kelma li tana, u ried li ħutu l-patrijiet jagħmlu bħalu wkoll.

[102] 6 U biex ma nitbegħedu qatt mill-faqar imqaddes li ħaddanna, la aħna u lanqas dawk li kellhom jiġu warajna, ftit taż-żmien qabel ma miet reġa’ kitbilna mill-ġdid l-aħħar rieda tiegħu f’dawn il-kelmiet: 7 “Jiena, ħukom iċ-ċkejken Franġisku, irrid nimxi fuq il-ħajja u l-faqar ta’ l-Aktar Għoli l-Mulej tagħna Ġesù Kristu, u ta’ l-Omm l-aktar qaddisa tiegħu, u nibqa’ miexi fiha sa l-aħħar. 8 U nitlob lilkom, sinjuri xbejbiet tiegħi, u nagħtikom ukoll dan il-parir: li tibqgħu tgħix f’din il-ħajja l-aktar qaddisa u fil-faqar. 9 U għassu sewwa fuqkom infuskom li, minħabba t-tagħlim u l-pariri ta’ xi ħadd, kien min kien, ma jiftlilkomx titbiegħdu minn dan l-idejal”[67].

---

[64] Dan hu l-kapitlu ċentrali, il-fus li fuqu ddur ir-Regola kollha ta’ Santa Klara. Fih il-qaddisa tesprimi l-punt ċentrali ta’ l-esperjenza reliġjuża ġdida tagħha, li tiddistingwiha mill-esperjenzi l-oħrajn kollha ta’ ħajja monastika medjevali: il-faqar *tam in speciali quam in comuni* (kemm individwali kif ukoll komunitarja), iċ-ċaħda għal kull tip ta’ proprjetà, mhux biss dik personali imma wkoll dik komunitarja, u l-impenn li s-sorijiet jintelqu għal kollox f’ħdan il-providenza divina. Dan il-kapitlu 6 tar-RegCl jiġbor fih il-Privileġġ tal-faqar li Klara kienet qalgħet għall-ewwel darba minn Innoċenz III qabel is-16 ta’ Lulju 1216, data tal-mewt tal-Papa, u li ġie konfermat minn Girgor IX fis-17 ta’ Settembru 1228 (cfr. ProcCan 3,14-32; 7,8; 12,6; LegCl 14).

[65] Klara tiddeskrivi l-kundizzjoni ta’ umiltà mill-aktar radikali (*vilitas*) ta’ min ma għandu xejn fil-ħajja, tal-foqra li Klara tħossha parti mill-ħajja tagħhom. Din il-qagħda għandha l-elementi tagħha preċiżi li Klara tqiegħdhom f’lista “in crescendo”: faqar, xogħol iebes, tbatija, umiljazzjoni, tmaqdir tad-dinja. Jikkostitwixxu kuntest penitenzjali speċifiku ta’ min isir ħaġa waħda ma’ Kristu msallab, li “sar oġġett ta’ disprezz ... li biex isalvak sar l-aħħar wieħed fost il-bnedmin” (EpAgn II,19-20).

[66] Din is-silta ikkwotata kelma b’kelma tikkostitwixxi l-*Forma vitae* li Franġisku kien ta lil Klara u l-ewwel Sorijiet Foqra ta’ San Damiano fl-1212. Hu jsejħilhom ulied u qaddejja tal-Missier, għarajjes ta’ l-Ispirtu s-Santu, ommijiet ta’ Kristu, għaliex huma jinkarnaw fihom il-ħajja tiegħu meta jgħixu l-Evanġelju. F’dawn l-espressjonijiet, li huma ta’ importanza eċċezzjonali, wieħed jara li l-*Forma vitae* ma kienetx xi dokument leġislattiv, daqskemm dokument li fih Franġisku ġabar il-fundament tejoloġiku-spiritwali ta’ l-Ordni. Il-forma ta’ ħajja tagħhom tieħu xejra trinitarja, kristoloġika u marjana. Fit-tieni parti tal-*Forma vitae,* imbagħad, Franġisku jisħaq dwar ir-rabta kariżmatika li kellha tgħaddi bejn is-Sorijiet Foqra u l-Patrijiet Minuri, u d-dipendenza spiritwali tagħhom mill-I Ordni. Fuq kollox, jissemma l-impenn ta’ kura, mhux dejjem rispettat wara l-mewt tal-missier imqaddes, li l-patrijiet kellhom juru lejn id-Damianite.

[67] Hu interressanti li l-ewwel kitba ta’ San Franġisk (*Forma vitae* mogħtija lil Klara u s-Sorijiet Foqra ta’ San Damiano) u l-aħħar waħda (*Ultima voluntas* mogħtija lil Klara u s-Sorijiet Foqra ta’ San Damiano) huma indirizzati lit-II Ordni Franġiskan. Anke fil-każ ta’ l-*Ultima voluntas,* Klara tħarisha b’għira qaddisa billi tikkwotaha, kelma b’kelma, fil-kapitlu 6 tar-Regola tagħha. Kienet ir-RegCl l-unika għajn li minnha sirna nafu l-kontenuti ta’ din l-

[103] 10 U kif jiena, flimkien ma' ħuti, dejjem kont ħerqana li nħares dan il-faqar imqaddes li wegħedna lill-Mulej Alla u lill-imqaddes Franġisku, 11 hekk ukoll il-Badessi li jiġu warajja u s-Sorijiet l-oħra kollha għandhom iħossuhom marbuta li jżommuh bla mittiefes sa l-aħħar. 12 Għalhekk m'għandhomx jaċċettaw u anqas ikollhom bħala tagħhom xi ġid jew possedimenti jew proprjetà, la f'isimhom u anqas f'isem xi ħadd ieħor, 13 u anqas ebda ħaġa oħra li b'mod raġjonevoli tista' tissejjaħ proprjetà, 14 ħlief biss biċċa art li tkun meħtieġa għall-użu, u biex il-monasteru jkun maqtugħ għalih waħdu; 15 imma dik il-biċċa art għandha tinħadem biss bħala ġnien għat-tkabbir tal-ħxejjex ta' l-ikel li jkollhom bżonn.

## VII
## DWAR KIF GĦANDHOM JAĦDMU

[104] 1 Is-Sorijiet li l-Mulej tahom il-grazzja li jaħdmu, ħa jaħdmu wara s-siegħa tat-Terza, u japplikaw ruħhom f'xogħlijiet xierqa u li jservu għall-ġid ta' kulħadd, u jaħdmu bil-qalb it-tajba u d-devozzjoni kollha, 2 biex hekk, waqt li jbegħedu minnhom il-għażż, għadu tar-ruħ, *ma jiftux fihom l-ispirtu* tat-talb (cfr. 1Tess 5,19) imqaddes u tad-devozzjoni, li lejhom kull ħaġa maħluqa għandha tressaq.
[105] 3 U l-Badessa jew il-Vigarja tagħha għandha tqassam lis-Sorijiet, fil-kapitlu quddiem il-komunità kollha, ix-xogħol li kull waħda minnhom għandha tagħmel b'idejha[68]. 4 Għandu jsir l-istess meta xi ħadd jibgħat il-karità, biex ilkoll jitolbu flimkien għal min ikun bagħatha. 5 Kollox jitqassam skond il-ħtieġa mill-Badessa jew mill-Vigarja tagħha bil-parir tad-diskrieti għall-ġid ta' kulħadd.

## VIII
## DWAR LI S-SORIJIET M'GĦANDHOMX IKOLLHOM XEJN TAGĦHOM, U DWAR LI JITTALLBU L-KARITÀ, U S-SORIJIET MORDA

[106] 1 Is-Sorijiet m'għandhom ikollhom xejn tagħhom, la dar, la post u l-ebda ħaġa oħra, 2 iżda *bħala barranin u għorba* (cfr. S38,13; 1Pt 2,11; Lhud 11,13) f'din id-dinja, jaqdu lill-Mulej fil-faqar u l-umiltà[69], u jibgħatu jittallbu l-karità bil-fiduċja. 3 U m'għandhomx għax jistħu, għaliex

---

*Ultima voluntas*, li Franġisku bagħat lil Klara ftit ġranet qabel ma miet, bejn tmiem Settembru u l-bidu ta' Ottubru 1226.

[68] Klara tikkwota kważi kelma b'kelma r-RegB 5 tal-Patrijiet Minuri. Bħal San Franġisk, hi tqis ix-xogħol ta' l-id bħala grazzja, fid-dawl ta' dak li jgħid l-Evanġelju skond San Ġwann: "Missieri għadu jaħdem sa issa, mela naħdem jien ukoll" (Ġw 5,17). F'San Damiano s-Sorijiet kienu jingħataw l-aktar għax-xogħol manwali u umli (cfr. M. BARTOLI, *Chiara d'Assisi*, 85-92). Ix-xogħol bl-idejn jindika l-impenn personali li kull waħda mis-Sorijiet kellha tħoss lejn il-ħidma partikulari li tingħatalha. F'San Damiano kien hemm ħidmiet ta' l-id definiti. Eżempji jinkludu l-insiġ, il-ħjata, ir-rakkmu, u kull attività li kienet marbuta ma' l-aktar industrija importanti tas-seklu 13, jiġifieri dik tat-tessuti. Imma din il-ħidma kienet issir bla ebda intenzjoni li tkun għajn ta' qligħ għas-Sorijiet. "Dan kien il-paradoss ekonomiku f'San Damiano: is-sorijiet kienu jaħdmu biex jirregalaw il-frott tax-xogħol tagħhom u mbagħad jittallbu l-karità biex jgħixu" (BARTOLI, 101).

[69] *Peregrinae et advenae in hoc saeculo* ("barranin u għorba f'din id-dinja"). Jidher stramb li jintużaw dawn il-kelmiet, li juża San Franġisk fir-RegB 6,-7, fil-każ ta' "povere monache rinchiuse" (sorijiet foqra klawstrali), li kienu limitati fil-movimenti tagħhom għax kienu magħluqin ġewwa, u kienu marbutin b'regoli iebsin. Din l-insistenza fuq l-*itineranza* (il-vokazzjoni li wieħed ma jintrabatx ma' post u ħidma), li tidher il-maqlub ta' dak li kienet trid ir-Regola Benedittina, li torbot lis-sorijiet klawstrali għall-vot ta' *stabilitas loci* (stabilità f'monasteru wieħed), tesprimi spirtu

il-Mulej sar fqir għalina fuq din l-art. 4 Din hija l-quċċata ta' l-*ogħla faqar*, li għamel minnkom ħuti l-aktar għeżież, werrieta u slaten tas-Saltna tas-smewwiet; faqqarkom fil-ħwejjeġ li jgħaddu, imma għaniekom fil-virtù (cfr. 2Kor 8,9; 8,2; Mt 5,3; Lq 6,20). 5 Jalla dan ikun *is-sehem tal-wirt* tagħkom li jwassalkom *fl-art tal-ħajjin* (cfr. S141,6). 6 Marbutin bis-sħiħ miegħu, ħuti l-aktar għeżież, m'għandkom tixtiequ li jkollkom xejn aktar fuq din l-art, għall-imħabba tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, u ta' l-Omm l-aktar qaddisa tiegħu[70].

[107] 7 Ebda soru ma tista' tibgħat jew tirċievi ittri, jew tibgħat xi ħaġa barra l-monasteru, tkun xi tkun, mingħajr il-permess tal-Badessa. 8 U anqas ma tista' żżomm xejn jekk ma jkunx mogħti lilha mill-Badessa jew bil-permess tagħha. 9 Jekk xi ħadd minn tal-familja jew oħrajn jibgħatu xi ħaġa lil xi soru, il-Badessa għandha tagħtihielha. 10 Kemm il-darba s-soru jkollha bżonnha hi, tista' tużaha; jekk le, tagħtiha bil-karità kollha lil xi soru li jkollha bżonnha hi. 11 Iżda jekk jintbagħtulha flus, il-Badessa bil-parir tad-diskrieti għandha tixtrilha dak li jkollha bżonn.

[108] 12 Dwar is-Sorijiet morda, il-Badessa hi fid-dmir li tara bil-ħerqa kollha, hi stess jew permezz ta' Sorijiet oħrajn, x'jeħtieġu waqt il-mard tagħhom, kemm għal dawk li huma pariri, kif ukoll dwar l-ikel u l-ħtiġijiet l-oħra, 13 u taħseb tipprovdilhom bil-karità u b'qalb kbira, skond il-possibilitajiet tal-post. 14 Għaliex ilkoll għandhom jipprovdu u jaqdu lis-Sorijiet morda, bħalma jkunu jridu li jiġu moqdija huma li kieku kellhom jimirdu huma stess.

[109] 15 Ħalli juru lil xulxin bil-fiduċja l-bżonnijiet tagħhom, 16 għax jekk omm tħobb u tmantni 'l bintha spiritwali, kemm u kemm aktar soru għandha tħobb u tmantni lil oħtha spiritwali!

[110] 17 Dawk li huma morda jistgħu joqogħdu fuq saqqijiet tat-tiben u jkollhom imħaded tar-rix taħt rashom; 18 u dawk li għandhom bżonn kalzetti u saqqijiet tas-suf, jistgħu jużawhom. 19 Meta s-Sorijiet morda jkollhom żjajjar minn dawk li jidħlu fil-monasteru, jistgħu jwieġbu bi ftit kliem ta' edifikazzjoni lil dawk li jkunu jkellmuhom.

[111] 20 Iżda s-Sorijiet l-oħra, għad li jkollhom il-permess, m'għandhomx jieħdu l-libertà li jitkellmu ma' dawk li jidħlu fil-monasteru jekk mhux fil-preżenza ta' żewġ diskrieti li jkunu jisimgħuhom, maħturin mill-Badessa jew mill-Vigarja tagħha. 21 Il-Badessa u l-Vigarja wkoll għandhom iħarsu din id-drawwa meta jkollhom għax jitkellmu ma' xi ħadd[71].

---

ta' itineranza ta' fidi u ta' faqar fuq il-passi ta' Kristu. Hi kwalità ta' itineranza li mhijiex inqas vera minn dik tal-Patrijiet Minuri. Dan għaliex is-Sorijiet Foqra wkoll kienu jwiegħdu li ma jridu jkollhom l-ebda proprjetà f'din id-dinja – la dar, la post u l-ebda ħaġa oħra – filwaqt li kienu jgħixu fil-kundizzjoni spiritwali ta' eżodu kontinwu, bħall-poplu Lhudi tat-Testment il-Qadim, li kien jimxi fid-deżert mingħajr waqfien fit-tfittxija ta' l-art imwiegħda. Il-virtù li tmexxi lis-Sorijiet Foqra fl-itineranza tagħhom kienet il-fidi, it-tama, iċ-ċertezza tal-ġid li kien għadu ma jidhirx. Hekk il-vera *stabilitas loci* Benedittina, li kienet il-monasteru, iċċedi postha għat-*tinda vera* tal-*Forma vitae* tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano, jiġifieri l-umanità ta' Ġesù Kristu fqir u umli, li ma kellux fejn imidd rasu. Hu jsir il-veru "monasteru" ta' Klara u s-Sorijiet Foqra.

[70] Klara tikkwota l-ispirtu tar-RegNB 9,8 tal-patrjiet minuri: "Il-karità hi l-wirt li l-foqra għandhom dritt għalih b'ġustizzja, għax lilna kisibhielna l-Mulej tagħna Ġesù Kristu". Hawnhekk insibu l-motivazzjoni tar-raġuni għaliex is-Sorijiet Foqra għandhom jittallbu l-karità, li hi l-quċċata ta' l-ogħla faqar. Min hu tassew fqir u jagħżel li jgħix fost il-foqra u l-miseri, jaqla' l-ħniena ta' Alla. Li s-Sorijiet jibgħatu biex jaqilgħu l-karità jfisser li huma jittallbu biex jaqilgħu l-ħniena ta' Alla, li hu Missier li jqassam il-ġid b'idu miftuħa lil uliedu, mhux biss dak materjali, imma l-aktar dak morali u spiritwali.

[71] Rigward is-sorijiet morda, Klara tiddeskrivi b'ħafna sempliċità fil-vv. 12-14 u 17-18 dik li kienet il-prassi li kienu jsegwu s-Sorijiet f'San Damiano matul ħajjitha. Il-versetti 15-16 joħorġu mill-qalb ta' Klara li kienet tgħallmet minn San Franġisk x'jiġifieri tħobb lill-aħwa. Fir-RegB 6,7-9, li minnha tiġi ispirata Klara, Franġisku jikteb: "U kull fejn jinsabu jew jiltaqgħu l-aħwa, għandhom iġibu ruħhom bħal nies ta' familja waħda. U bla xejn ħabi juru l-ħtieġa tagħhom wieħed lill-ieħor, għaliex jekk omm tħobb u tgħajjex lil binha li ġabet fid-dinja, b'kemm aktar reqqa għandu wieħed iħobb u jgħajjex lil ħuh spiritwali? U, jekk xi ħadd minnhom jimrad, l-aħwa l-oħrajn għandhom jaqduh, bħalma huma jixtiequ li jiġu moqdija". Franġisk u Klara kienu jafu li kienu qed jesponu lil ħuthom patrijiet u sorijiet għar-riskju gravi tan-nuqqas ta' sigurtà fil-ħajja minħabba l-għażla tagħhom ta' faqar radikali. L-unika sigurtà fil-

## IX
## DWAR IL-PENITENZA LI TINGĦATA LIS-SORIJIET LI JIDINBU, U DWAR IS-SORIJIET LI JAQDU BARRA L-MONASTERU

[112] 1 Jekk xi soru, imxewwxa mill-għadu, tidneb bi dnub mejjet kontra l-forma tal-professjoni tagħna, u wara li tkun ġiet imwissija għal darbtejn jew tliet darbiet mill-Badessa jew minn Sorijiet oħra, 2 tibqa' ma tbiddilx ħajjitha, hija għandha tiekol ħobż u ilma fl-art, fir-refettorju, quddiem is-Sorijiet kollha, għal tant ġranet daqskemm tkun damet twebbes rasha. 3 U jekk il-Badessa jidhrilha li jkun hemm il-ħtieġa, tista' tagħtiha piena eħrex. 4 Sadanittant, sakemm din is-soru iddum f'dan l-istat ta' ebusija ta' qalb, l-oħrajn għandhom jitolbu għaliha biex il-Mulej idawrilha qalbha għall-penitenza.
[113] 5 Iżda l-Badessa u s-Sorijiet għandhom ibegħedu minnhom kull għadab, u m'għandhomx jitħawwdu minħabba n-nuqqas ta' xi waħda minnhom, 6 għax l-għadab u t-taħwid ifixklu l-karità fihom infushom u fl-oħrajn.
[114] 7 Jekk, allaħaresqatt jiġri li bejn soru u oħra, minħabba l-kliem jew xi għemil, tinqala' okkażjoni ta' taħwid jew skandlu, 8 dik li kienet il-kawża ta' dan kollu, għandha tmur bla telf ta' żmien, qabel ma *toffri* lill-Mulej *il-qima* tat-talb tagħha (cfr. Mt 5,23), tinxteħet bl-umiltà għarkobbtejha quddiem l-oħra, titlobha maħfra, 9 u bis-sempliċità kollha titlobha tidħol għaliha quddiem il-Mulej biex jaħfrilha. 10 L-oħra, imbagħad, tiftakar fil-Kelma tal-Mulej: *Jekk ma taħfrux lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, lanqas Missierkom tas-sema ma jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom* (Mt 6,15; 18,35), 11 u taħfer b'qalb kbira lil oħtha l-offiżi kollha li tkun irċeviet minn għandha[72].
[115] 12 Is-Sorijiet li jaqdu barra l-monasteru[73] m'għandhomx jiddawru ħafna barra, jekk mhux għax imġegħelin minn xi ħtieġa li tidher. 13 Meta jkunu fit-triq għandhom iġibu ruħhom sewwa

---

ħajja li huma setgħu joffru lil ħuthom kienet dik kristjana u evanġelika tal-fraternità, li wieħed jifhimha bħala komunjoni perfetta ta' ħajja, li fiha kull wieħed u waħda mill-aħwa foqra jkunu jistgħu u għandhom isibu kenn u appoġġ. Il-konfront ma' l-imħabba ta' l-omm li tforni l-mudell għall-imħabba bejn l-aħwa, hi l-konferma li l-impenn ta' ħajja bla dar u bla xejn tagħhom kien jagħti lill-Patrijiet Minuri u s-Sorijiet Foqra s-sigurtà li setgħu jsibu kura u protezzjoni mill-imħabba materna ta' l-aħwa li magħhom kienu jgħixu, partikolarment meta jimirdu.

[72] Din is-silta tidher li kienet waħda mill-aktar li ħabbtet moħħ Klara biex tesprimi ruħha. Meta wieħed jagħmel qari approfondit tagħha jara evidenti t-tentattiv ta' Klara li ssib it-triq tan-nofs fil-prassi monastika ta' żmienha. Dan għamlitu billi irrikorriet għal Franġisku u l-kitbiet tiegħu, mingħajr ma għamlet sintesi, ħlief li irreferiet direttament għal dak li jgħid l-Evanġelju.

[72] Din is-silta tidher li kienet waħda mill-aktar li ħabbtet moħħ Klara biex tesprimi ruħha. Meta wieħed jagħmel qari approfondit tagħha jara evidenti t-tentattiv ta' Klara li ssib it-triq tan-nofs fil-prassi monastika ta' żmienha. Dan għamlitu billi irrikorriet għal Franġisku u l-kitbiet tiegħu, mingħajr ma għamlet sintesi, ħlief li irreferiet direttament għal dak li jgħid l-Evanġelju.

[73] Ir-rabta tar-RegCl mar-Regola għall-Eremitaġġ miktuba minn San Franġisk turi, fl-ambjent tar-riċerka ta' l-elementi komuni bejn iż-żewġ regoli, ix-xebħ rigward l-organizzazzjoni bejn "ommijiet" u "ulied" tar-RegEr, u l-ordinament intern f'San Damiano bejn id-*dominae* (sorijiet klawstrali) u l-*inservientes extra monasterium* (is-sorijiet li jaqdu barra l-monasteru). Fid-dawl ta' l-istorja ta' l-Ordni ta' Santa Klara, ma nistgħux naraw dan ix-xebħ fil-konsegwenzi estremi tiegħu, jiġifieri fuq il-mudell ta' "ommijiet-qaddejja", jew ta' sorijiet li jingħataw għat-talb u oħrajn għall-qadi, bi bdil fir-rwoli kull tant żmien. Jekk ix-xebħ kariżmatiku-spiritwali jista', fil-fatt, ikun eżatt, imma l-iżvilupp storiku ma jimplikax dan. Fl-istorja ta' San Damiano, kif nafuha mill-fonti, kienet ċara d-distinzjoni bejn ir-rwoli, għalkemm nafu li Klara ma kienetx qiegħda taħseb fuq linji monastiċi ta' sorijiet *choristae* (klawstrali li jgħidu l-Uffiċċju fil-kor) u sorijiet *conversae* (sorijiet qaddejja fil-monasteru). Fil-każ tal-Klarissi ma teżisti l-ebda distinzjoni,

u jitkellmu ftit, biex ikunu dejjem ta' edifikazzjoni għal dawk li jarawhom. 14 Għandhom dejjem jaħarbu kull relazzjoni jew laqgħat ma' nies, li jistgħu jqajjmu suspetti. 15 Lanqas ma jistgħu jagħmluha ta' parrinijiet, la ta' rġiel u lanqas ta' nisa, biex minħabba okkażjonijiet bħal dawn ma jinqalax tgergir jew taħwid.
[116] 16 Lanqas ma għandhom idaħħlu fil-monasteru l-kliem fieragħ tad-dinja, 7 u m'għandhomx imorru jgħidu barra dak li jingħad jew isir fil-monasteru, li jista' jkun ta' skandlu. 18 Jekk xi soru, fis-sempliċità tagħha kellha tonqos f'dawn iż-żewġ affarijiet, imiss lill-Badessa li bil-prudenza kollha tagħtiha l-penitenza bil-ħniena. 19 Imma jekk tonqos bi drawwa ħażina, l-Badessa, wara li tkun ħadet il-parir tad-diskrieti, tagħtiha penitenza skond il-gravità tal-ħtija tagħha.

## X
## DWAR IT-TWISSIJA U L-KORREZZJONI TAS-SORIJIET

[117] 1 Il-Badessa għandha twissi u żżur lis-Sorijiet tagħha, u tikkoreġihom bl-umiltà u bil-karità, u m'għandha qatt tqabbadhom jagħmlu xi ħaġa li tmur kontra l-kuxjenza tagħhom u l-forma tal-professjoni tagħna.
[118] 2 Is-Sorijiet li huma sudditi mbagħad, għandhom jiftakru li għall-imħabba ta' Alla huma ċaħdu r-rieda tagħhom. 3 Għalhekk huma fid-dmir li jobdu lill-Badessa tagħhom f'dak kollu li wegħedu lill-Mulej li jobdu, u li ma jmurx kontra l-kuxjenza u l-forma tal-professjoni tagħna.
[119] 4 Il-Badessa, min-naħa tagħha, għandha tkun taf tmur tant tajjeb magħhom, hekk li huma jkunu jistgħu jitkellmu u jġibu ruħhom magħha bħal sidien mal-qaddejja tagħhom, 5 għax hekk għandu jkun, li l-Badessa tkun il-qaddejja tas-Sorijiet kollha.
[120] 6 Inwissi mbagħad, u nħeġġeġ lis-Sorijiet fil-Mulej Ġesù Kristu, li *jżommu ruħhom* 'il bogħod *minn kull* kburija, ftaħir fieragħ, għira, *xeħħa, ħsibijiet u mħabba żejda lejn il-ħwejjeġ ta' din id-dinja* (cfr. Mt 13,22; Lq 12,15; Lq 21,34), tqassis u tgemgim, nuqqas ta' ftehim u firda.
[121] 7 Iżda, ħa jkunu dejjem ħerqana li jżommu bejniethom il-għaqda ta' l-*imħabba* lejn xulxin, *li hija l-qofol tal-perfezzjoni* (cfr. Ef 4,3; Kol 3,14)[74].
[122] 8 Dawk li ma jafux jaqraw u jiktbu m'għandhomx ifittxu li jitgħallmu, 9 iżda għandhom jixtiequ li jkollhom fuq kollox l-Ispirtu tal-Mulej u l-ħidma qaddisa tiegħu, 10 jitolbu dejjem b'qalb safja u jkollhom l-umiltà u s-sabar fit-tiġrib u fil-mard; 11 iħobbu lil dawk li joħduha kontra tagħna, iċanfruna u jixluna, 12 għax il-Mulej jgħid: *Ħenjin dawk li huma ippersegwitati minħabba s-sewwa, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet* (Mt 5,10), 13 u *Min jibqa' jżomm sħiħ sa l-aħħar, dan isalva* (Mt 10,22).

---

ħlief għall-fatt li s-sorijiet li jaqdu barra l-monasteru, appuntu, mhumiex marbutin bil-vot tal-klawsura perpetwa bħas-sorijiet l-oħrajn.

[74] Klara tieħu dan il-kapitlu mir-RegB tal-Patrijiet Minuri, fil-kapitlu 10, filwaqt li tintroduċi xi elementi tagħha proprji. Il-kapitlu sostanzjalment għandu x'jaqsam ma' l-ubbidjenza lejn il-badessa, imma wkoll ma' l-osservanza tar-Regola minn kulħadd. Klara titkellem mill-osservanza "spiritwali", jiġifieri "fl-Ispirtu tal-Mulej", li permezz tagħha kulħadd – il-badessa qabel xejn – huma "suġġetti" u "qaddejja" (vv.2-5). Iż-żewġ siltiet ta' Ef 4,3: ("ħabirku biex iżżommu spirtu wieħed fir-rabta tas-sliem"), u Kol 3,14: ("u fuq kollox ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni"), mhumiex meħudin mir-RegB, imma huma kwotati indirettament minn Klara, li tgħaqqadhom flimkien f'dak li tgħid fil-v.7.

## XI
## DWAR IL-ĦARSIEN TAL-KLAWSURA

[123] 1 Is-soru li tkun għassa mal-bieb għandha tkun mara matura fl-imġieba tagħha u prudenti, u jkollha ċerta età[75]. Matul il-jum hi toqgħod hemm f'ċella miftuħa, bla bieb. 2 Għandha tingħatalha soru oħra magħha, waħda li tkun tista' tieħu postha meta jkun meħtieġ.

[124] 3 Il-bieb għandu jkun magħluq tajjeb, b'żewġ serraturi differenti tal-ħadid, staneg u firrolli, biex, l-aktar bil-lejl, ikun jista' jissakkar tajjeb b'żewġ imfietaħ; 4 wieħed iżżommu l-Badessa u l-ieħor is-soru tal-bieb. 5 Il-bieb m'għandu jitħalla qatt mingħajr għassa matul il-jum, u jkun dejjem magħluq b'muftieħ wieħed. 6 Jieħdu ħsieb imbagħad, u jaraw bil-għaqal kollu li l-bieb ma jitħalla qatt miftuħ, ħlief għall-ftit ħin tal-bżonn. 7 U m'għandhomx jiftħuh biex idaħħlu 'l kull min ikun irid jidħol, imma biss lil dawk li jkollhom il-permess mogħti lilhom mill-Papa u l-Kardinal protettur tagħna.

[125] 8 Ħadd ma jitħalla jidħol fil-monasteru qabel tlugħ ix-xemx, u anqas jibqa' ġewwa wara nżulha, ħlief meta dan ikun mitlub minn bżonn bid-dieher u raġjonevoli, u ma jkunx jista' jsir mod ieħor.

[126] 9 Jekk xi isqof ikollu l-permess iqaddes ġewwa l-monasteru biex jagħti l-barka lill-Badessa jew biex jikkonsagra lil xi waħda mill-aħwa bħala soru, jew għal xi raġuni oħra, jikkuntenta li jdaħħal miegħu nies u ministri mill-inqas, u dawn ikunu ta' fama tajba.

[127] 10 Jekk imbagħad ikun hemm bżonn li jidħlu fil-monasteru xi ħaddiema għal xi biċċa xogħol, il-Badessa tieħu ħsieb li tagħżel soru, adattata għal mal-bieb biex tiftaħ biss lill-ħaddiema, u 'l ħadd iżjed, 11 u ddaħħal lil dawk li huma mqabbdin għax-xogħol. 12 Is-sorijiet l-oħra għandhom ifittxu b'għaqal kbir li ma joqogħdux fejn jidhru minn dawk li jidħlu.

## XII
## DWAR IL-VIŻITATUR, IL-KAPPILLAN U L-KARDINAL PROTETTUR

[128] 1 Il-Viżitatur tagħna għandu jkun reliġjuż ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, skond ir-rieda u l-kmand tal-Kardinal tagħna. 2 Ikun bniedem magħruf tajjeb għall-ħajja qaddisa tiegħu. 3 Id-dmir tiegħu jkun li jikkoreġi, kemm fir-ras u kemm fil-membri, in-nuqqasijiet li jsiru kontra l-forma tal-professjoni tagħna. 4 Hu joqgħod f'post pubbliku, fejn jarah kulħadd, u jista' jitkellem ma' xi wħud mis-Sorijiet flimkien, jew magħhom waħda waħda, kif jidhrilu li jaqbel l-aħjar, dwar il-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' l-uffiċċju tiegħu ta' Viżitatur.

[129] 5 Għall-imħabba ta' Alla u ta' l-imqaddes Franġisku, nitolbu lill-istess Ordni l-pjaċir li jagħtina kappillan u soċju tiegħu, it-tnejn ta' fama tajba, għaqlija u prudenti, u żewġ aħwa lajċi, li jħobbu l-ħajja qaddisa u tajba, 6 biex jgħinuna fil-faqar tagħna, 7 kif l-imsemmi Ordni tal-Patrijiet Minuri dejjem ħaseb jagħtina b'qalb mimlija mħabba għalina. 8 Il-kappillan ma jistax jidħol waħdu fil-monasteru mingħajr is-soċju tiegħu. 9 U meta jkunu ġewwa għandhom joqogħdu f'post pubbliku fejn jaraw lil xulxin, u fejn ikun jista' jarahom kulħadd. 10 Jistgħu jidħlu għall-qrar tal-morda li ma jifilħux imorru l-parlatorju, u biex iqarbnuhom, biex jagħtuhom id-Dilka tal-morda,

---

[75] Klara – li wara l-kapitlu 5 ma komplietx issegwi l-linja tar-Regola ta' Ugolino ta' l-1219 biex hekk daħħlet kapitli sħaħ fuq il-faqar, fuq il-ħajja tal-familja, fuq il-karità fraterna – f'dan il-punt terġa' taqbad l-elementi mniżżlin mill-kardinal Ugolino, l-aktar fil-preskrizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-istruttura ġuridika tal-klawsura. Il-kapitli 11 u 12, għalkemm b'varjazzjonijiet, fil-prattika jirrepetu t-tieni parti tar-Regola ta' Ugolino. L-oriġinali tal-qaddisa nsibuh fil-v.1: iċ-ċella li fiha trid toqgħod is-soru purtinara matul il-jum trid tkun miftuħa, mingħajr bieb.

u jassistu magħhom sal-punt tal-mewt. 11 Għall-funerali mbagħad, u għall-quddiesa solenni tal-mejtin, kif ukoll għat-tħaffir u l-ftuħ tal-qabar, jew it-thejjijiet għad-difna, il-Badessa, skond il-ġudizzju prudenti tagħha, tista' tagħti l-permess li jidħlu nies tas-sengħa li jagħmlu dan ix-xogħol.
[130] 12 Barra dan, is-Sorijiet huma fid-dmir li jkollhom bħala gvernatur, protettur u dak li jikkoreġihom, lill-istess kardinal tal-Knisja mqaddsa Rumana li l-Papa jkun ħatar għall-Ordni tal-Patrijiet Minuri[76], 13 biex hekk, dejjem sudditi u taħt ir-riġlejn ta' l-istess Knisja mqaddsa, u *sħaħ fil-fidi* (cfr. Kol 1,23) kattolika, inħarsu għal dejjem il-faqar u l-umiltà tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, u ta' l-Omm l-aktar qaddisa tiegħu, u l-Evanġelju mqaddes, kif aħna bil-qawwa kollha wegħedna. Amen.

## GĦELUQ

[131] 14 Mogħti f'Perugia, nhar is-16 ta' Settembru, l-għaxar sena tal-Pontifikat tas-sinjur Papa Innoċenz[77].
[132] 15 Ħadd, għalhekk, ma jista' jġib fix-xejn din il-kitba tagħna ta' twettieq, jew bi ħsieb ħażin imur kontriha. 16 Jekk xi ħadd ikollu l-ħila jipprova jagħmel dan, ħa jkun jaf li jaqa' taħt il-qilla ta' Alla li jista' kollox u tal-qaddisin Appostli tiegħu Pietru u Pawlu.

17 Mogħti f'Assisi, nhar id-9 ta' Awissu, il-ħdax il-sena tal-Pontifikat tagħna[78].

---

[76] Ir-rwol tal-kardinal protettur kien ta' importanza ewlenija kemm għall-Ordni tal-Patrijiet Minuri kif ukoll għall-Ordni tas-Sorijiet Foqra. Għal Klara u l-Ordni tagħha kienet determinanti kemm il-ħidma tal-kardinal Ugolino dei Conti Segni kif ukoll dik tal-kardinal Rainaldo di Jenne, li sar protettur wara li Ugolino ġie elett Papa bl-isem ta' Girgor IX. Kien bil-ħidma ta' dawn iż-żewġ kardinali protetturi li l-"moviment" mibdi minn Franġisku u Klara f'San Damiano sar Ordni reliġjuż, għalkemm dan ma sarx mingħajr tensjoni u diffikultajiet fit-tfittxija ta' integrazzjoni tan-*novitas* (l-element ġdid) ta' dan l-Ordni fi ħdan l-istruttura ġuridika tal-Knisja rigward l-Ordnijiet monastiċi, quddiem il-bżonn li tiġi mħarsa l-ispirazzjoni evanġelika u Franġiskana fi ħdan l-istess struttura. Il-kardinal protettur jidher, mela, dejjem bħala l-kustodju u dak li jiggarantixxi l-kariżma li għalih Klara tħabtet sabiex l-idejali tal-proġett ta' ħajja evanġelika mogħti lilha minn Franġisku jibqa' dejjem mhux mimsus.
[77] Fis-sena 1252.
[78] Fis-sena 1253.

# TESTMENT TA’ SANTA KLARA
(1253)

## INTRODUZZJONI

Bħalma għamel San Franġisk mal-patrijiet Minuri, hekk ukoll Santa Klara ħalliet Testment (TestCl) lis-Sorijiet Foqra ta’ San Damiano. Bħat-Testment ta’ San Franġisk anke t-TestCl hu kitba ta’ natura awtobijografika li jagħtina informazzjoni prezzjuża dwar il-personalità u l-ispiritwalità ta’ Santa Klara.

Fost il-kitbiet ta’ Santa Klara t-Testment hu dokument ta’ importanza fundamentali, mimli tifkiriet personali tal-qaddisa, u li juri l-kariżma awtentiku tat-Tieni Ordni Franġiskan fl-elementi essenzjali tiegħu ta’ faqar evanġeliku, tad-distakk mid-dinja fl-ambjent ċkejken tal-klawsura mingħajr proprjetà, u fil-ħajja ta’ fraternità evanġelika mfassla fuq dik ta’ San Franġisk u tal-patrijiet Minuri.

It-TestCl hu l-aktar wieħed fost il-kitbiet ta’ Klara li qajjem dubji dwar l-awtentiċità tiegħu, minħabba nuqqas ta’ tradizzjoni manuskritta. Il-kwestjoni dwar l-awtentiċità tiegħu bdiet fl-1892, meta Lempp u Van Ortroy esprimew id-dubji tagħhom dwaru. Kien biss fis-seklu 20 li instabu xi manuskritti tat-Testment. Attwalment nafu b’ħames manuskritti: f’Madrid, Messina, Uppsala (Svezja), Urbino u Bruxelles. Hemm ukoll dak stampat *ex Memoriali antiquo Ms*. minn Luke Wadding. Dawn il-manuskritti huma tardivi, għax il-kritika moderna iddatathom bejn it-tmiem tas-seklu 14 u t-tieni nofs tas-seklu 15. Kollha ġejjin mill-Osservanza femminili ta’ l-Ordni ta’ Santa Klara.

Chiara Augusta Lainati OSC tagħti din id-deskrizzjoni ta’ dawn il-manuskritti latini tat-TestCl:

1) Il-kodiċi tal-Monasteru tal-Klarissi ta’ Montevergine f’Messina (sekli 14-15), li fih it-TestCl, li jiġi wara r-RegCl u l-*Privilegium pauperatis*. Dan il-kodiċi ġie studjat minn D. Ciccarelli, “I manoscritti francescani della Biblioteca Universitaria di Messina”, MF 78 (1978) 517-521; u “Contributi alla recensione degli scritti di santa Chiara”, MF 79 (1979) 349-351.

2) Il-kodiċi C63 tal-Bibljoteka Universitarja ta’ Uppsala, fl-Isvezja (sekli 14-15). Dan il-kodiċi ġej mill-monasteru tas-Sorijiet ta’ Santa Briġida ta’ Vladstena, u skond xi studjużi, kienet Santa Briġida, li kienet terzjarja Franġiskana, li ġabitu minn Assisi.

3) Il-kodiċi tal-Monasteru ta’ Santa Klara ta’ Urbino (seklu 15). Dan il-kodiċi, kif ukoll dak ta’ Messina, huma marbutin mal-monasteru ta’ Monteluce f’Perugia, għax iż-żewġ monasteri huma fundazzjonijiet ta’ dan il-monasteru, fejn l-istudjużi jgħidu li kien hemm *scriptorium* famuż.

4) Il-kodiċi 1258 ta’ l-Archivo Historico Nacional ta’ Madrid (sekli 15-16). Il-kodiċi fih ir-RegNB, RegCl, TestCl, BenCl, *Privilegium paupertatis*, u r-Regola ta’ Urbanu IV ta’ l-1263 (RegUrb).

5) Il-manuskritt latin II.1561 tal-Bibliothéque Royale ta’ Bruxelles.

Għalkemm dawn il-kodiċijiet jinsabu mxerrdin fl-aktar partijiet imbiegħda ta’ l-Ewropa (Svezja, Sqallija, Italja ċentrali, Spanja), hemm rabta kbira bejniethom, u jidhru li ġejjin mill-istess fonti. Fil-fatt, il-kodiċi ta’ Uppsala nafu li ġej minn Santa Briġida, li marret iżżur l-Umbria. Imbagħad nafu li l-monasteru ta’ Messina kellu rabtiet kbar mal-monasteru ta’ Monteluce f’Perugia, u dak ta’ Urbino kien ukoll fundazzjoni ta’ Monteluce. Dawn l-argumenti kollha juruna li bejn il-manuskritti hemm rabta intima.

Minn meta l-istudjuż Grau tkellem favur l-awtentiċità tat-TestCl, jidher li l-istudjużi bidlu l-fehma tagħhom. Fil-Konvenju ta' l-1979 tas-Società Internazionale di Studi Francescani, hu kien qal: "Ma hemmx dubji dwar l-awtentiċità tat-Testment ta' Santa Klara. U jiena konvint bil-qawwa li għad insibu xi manuskritt antik ieħor, qrib is-seklu 13" (E. GRAU, "Die Schriften der heiligen Klara", in *Movimento religioso femminile e francescanesimo nel XIII secolo,* Atti del VII Convegno della Società Internazionale di Studi Francescani), Assisi 1980, 219).

Fl-1989 ħarġet l-edizzjoni kritika ta' Boccali, ibbażata fuq manuskritt ieħor li sadanittant kien instab fi Bruxelles. Meta sar l-XX Convegno della Società Internazionale di Studi Francescani f'Assisi, fl-1992, li kien iddedikat lill-figura ta' Santa Klara, ma kienx għad fadal dell ta' dubji fuq it-TestCl.

Fl-1995 ġie ippubblikat l-istudju ta' W. MALECZEK, *Chiara d'Assisi. La questione dell'autenticità del "Privilegium paupertatis" e del Testamento,* Biblioteca Francescana, Milano, li mill-ġdid ċaħad l-awtentiċità tat-TestCl u ikkunsidrah bħala opra tat-tieni nofs tas-seklu 15, li inkitbet fi *sciptorium* ta' xi monasteru, x'aktarx dak ta' Monteluce f'Perugia. L-istudjuż jibbaża l-argument tiegħu fuq il-fatt li t-TestCl jitkellem dwar *Privilegium paupertatis* mogħti minn Innoċenz III fl-1216, li llum ħadd ma jqisu bħala awtentiku, imma biss dak li ġie mogħti aktar tard minn Girgor IX fl-1228.

Fi żminijiet reċenti A. Bartoli Langeli, meta ippreżenta eżami ta' l-awtografi ta' San Franġisk u ta' Fra Leone, meta eżamina l-manuskritt ta' Messina ikkonkluda li dan fil-fatt inkiteb lejn tmiem is-seklu 13, f'ambjent tal-patrijiet Minuri, u meta wieħed iqabblu ma' l-awtografi li ċertament ġejjin minn Fra Leone, jippreżenta karatteristiċi jixxiebħu hekk li nistgħu nattribwuh lil Fra Leone bħala dokument storiku.

E. Paoli jgħid li rridu nqiegħdu l-kompożizzjoni tat-TestCl fl-aħħar jiem tal-ħajja ta' Klara, bejn it-8 u d-9 ta' Awissu, li fihom il-qaddisa kienet tistenna bil-ħerqa l-konferma mill-Papa tal-*forma vitae* li sawret hi stess. Kienet imkebbsa biex tħeġġeġ lis-Sorijiet iħarsu din ir-Regola, u għaldaqstant iddettat it-Testment tagħha lil fra Leone (l-istess kif kien għamel San Franġisk ftit qabel ma miet). Xi espressjonijiet mill-ProcCan 3,23.32 u mil-LegCl 45 imorru favur din l-ipotesi, tant li l-LegCl tgħid li maġenb Klara, meta kienet fi tmiem ħajjitha, kien hemm Fra Angelo u Fra Leone.

Fil-manuskritt ta' Messina l-*Privilegium paupertatis* hu inkluż mar-RegCl, u jitqies bħala l-kapitlu 13 tagħha, jiġifieri miżjud wara l-aħħar kapitlu. Jiġi attribwit lill-Papa Innoċenz, imma ma nafux liema wieħed. Issa billi r-RegCl tagħmel parti mill-Bulla *Solet annuere* li biha Innoċenz IV approvaha (9 ta' Awissu 1253), hu loġiku li rridu nirreferu l-*Privilegium paupertatis* għal Innoċenz IV. Fil-fatt kien Girgor IX li kien approva l-*Privilegium paupertatis* diġà fl-1228. L-indikazzjoni ġenerika tat-TestCl 42, li titkellem minn "privileġġi" mogħtija mill-Papa Innoċenz u s-suċċessuri tiegħu, ma tikkostitwix prova kontra l-awtentiċità tat-TestCl, għax il-kelma "privileġġi" hi ġenerika għall-aħħar.

Lanqas, iżda, ma nistgħu insostnu, kif għamel Bartoli Langeli, li qies li Fra Leone hu l-"awtur" tat-TestCl, u li kitbu min-noti li hu nnifsu kien ħa meta kien qrib Klara, għax kien żgur li kien interpretu ġenwin ta' l-intenzjonijiet ta' San Franġisk, u għaldaqstant ukoll ta' l-azzjonijiet, kliem, u rieda ta' Klara, "ix-xitla ċkejkna" tiegħu.

Nistgħu x'aktarx insostnu li t-TestCl hu sostanzjalment opra ta' Klara, li setgħet iddettatu lil Fra Leone b'lingwa mħallta bejn il-"volgare" u l-Latin, u b'ħafna espressjonijiet liturġiċi, li Klara tidher li kienet midħla tagħhom. Fra Leone ċertament ħass li hu kellu jkun fidil għax-xewqat ġenwini ta' Klara fil-mument tal-mewt tagħha, minħabba l-istima kbira li kellu lejha, għax Klara baqgħet mudell u punt ta' riferiment għall-patrijiet li kienu sħab San Franġisk, kif kien Leone.

Jidhrilna li nistgħu naffermaw proprju karatteristika ta' Klara, jiġifieri li t-TestCl jagħtina diversi espressjonijiet ta' natura femminili. Kieku inkiteb minn moħħ Fra Leone, ma kienx ikun possibbli jaħbi elementi maskili fil-mod kif kiteb! Biżżejjed insemmu d-diversi drabi li Klara ssemmi s-Sorijiet, biex wieħed jifhem li d-dokument hu frott ta' esperjenza ta' snin f'ħajja ta' komunjoni bejn dawn in-nisa verġni magħluqin ġewwa f'San Damiano.

Diġà għidna li t-TestCl hu kitba awtobijografika dwar Klara u l-ispiritwalità tagħha. F'dan id-dokument ninsabu quddiem l-esperjenza ta' mara li tħares lejn it-tmiem tal-ħajja tagħha u lejn il-mixja twila li għamlet biex tibqa' fidila għas-sejħa evanġelika li kienet ħaddnet fuq l-eżempju ta' Franġisku.

Nistgħu nagħmlu qari parallel tax-xhieda tas-Sorijiet fil-ProcCan, li jirreferu għall-aħħar jiem ta' Klara. L-aħħar kliem tal-qaddisa: "Mur moħħok mistrieħ u fis-sliem..." (ProcCan 3,20; 11,3) juru l-atteġġjament ta' Klara fit-Testment, li hu innu ta' tifħir lill-"Missier tal-ħniena" (v.2).

Skond Chiara Giovanna Cremaschi, fl-introduzzjoni għat-TestCl fil-*Fonti Francescane*, li qegħdin insegwi l-linji essenzjali tagħha, "din il-kitba kollha kemm hi għandha l-istil tal-prefazju tal-quddiesa u tesprimi l-'ewkaristija ta' Klara', iċ-ċelebrazzjoni tal-mewt u tal-qawmien tal-Mulej li fiha l-ħajja kollha ssir tifkira ħajja: offerta u ringrazzjament fl-aħħar jiem ta' l-eżistenza f'din id-dinja. It-tifkira tal-bidu u tal-mixja tal-ħajja f'San Damiano wkoll jidħol fl-ottika ta' min irid 'jagħmel tifkira' tad-don ta' Alla, tal-patt li din il-mara għexitu f'għaqda intima ma' ħutha s-sorijiet". It-TestCl nistgħu narawh bħala l-kant tal-*Magnificat* ta' Klara, lil Alla li ħares lejn iċ-ċokon tagħha, qaddejja tiegħu.

Klara tesprimi kemm il-ħajja tagħha umana ma kienetx faċli: "ċaħdiet, faqar, xogħol iebes u tweġħir, għajb u disprezz tad-dinja" (v.27), flimkien mas-snin twal li għaddiet marida u mad-diffikultajiet li tfiehem lill-awtoritajiet tal-Knisja dwar l-identità speċifika tal-*forma vitae* tas-Sorijiet Foqra, kif ukoll ma' dawk ta' l-iżvilupp tar-relazzjoni mal-patrijiet Minuri wara l-mewt ta' San Franġisk.

F'dan il-mument solenni ta' tmiem ħajjitha Klara kellha biss xewqa waħda: dik li tara approvata mill-Papa l-Forma ta' ħajja li kitbet hi u li kienet diġà ġiet approvata mill-kardinal protettur Rainaldo di Jenne. Fid-dawl ta' dawn ix-xewqat intimi ta' Klara nifhmu l-isplużjoni ta' ferħ fit-TestCl għad-don tal-Missier li minnu jiġi kull ġid u għar-rigal tal-vokazzjoni tas-Sorijiet Foqra (vv.2-3), u x-xewqa tagħha li huma ma jitbiegħdu qatt mill-faqar l-aktar qaddis li wegħedu (v. 34).

Fit-TestCl hu ċar li l-inizjattiva kienet ġejja kollha minn Alla l-Missier, imma li fl-ispirazzjoni tiegħu inqeda b'San Franġisk, li Klara ssemmieh bosta drabi bħala "missier tagħna Franġisku, fundatur, ġennien u għajnuna tagħna xitel ċkejknin tiegħu fil-qadi ta' Kristu" (vv. 48-49). Fl-umiltà kbira tagħha Klara tirrikonoxxi li l-kariżma tas-Sorijiet Foqra hi r-riżultat ta' l-impenn radikali ta' ħajja ta' Franġisku, li jinsab fil-qiegħ tar-relazzjoni tagħhom mal-patrijiet Minuri.

Għal Klara Franġisku hu x-xhieda viżibbli tal-pjan divin għas-Sorijiet Foqra, hu li kien dixxipli ta' Kristu, "l-Iben ta' Alla li sar it-triq tagħna; u din it-triq ġiet murija u mgħallma lilna bil-kelma u bl-eżempju mill-missier qaddis tagħna Franġisku, li kien tant iħobbu u jimitah" (v.5).

Is-sens ta' *Madonna Povertà* fit-TestCl juri li hi t-tema dominanti fil-ħsieb ta' Klara. Mhix biss virtù li tisboq il-virtujiet l-oħrajn kollha, imma turi l-modalità tal-mixja wara Ġesù Kristu, fuq stil tipikament Franġiskan, kif riedet Klara. Fin-nofs ma hemmx sempliċement kwestjoni ta' ħajja ta' faqar bħala għażla soċjoloġika, ukoll jekk il-fatt li s-Sorijiet Foqra jaqsmu l-ħajja tagħhom mal-*minores* tas-soċjetà medjevali tagħmel parti fundamentali mill-kariżma tagħhom. Klara pjuttost tisħaq fuq li s-Sorijiet iridu "jimxu fuq il-passi" (v.36) ta' Kristu "fqir u umli" (v.46). Il-ħarsa

tagħha hi ħarsa mistika lejn Ġesù li jagħżel il-kundizzjoni ta' dawk li jiġu l-aħħar "għall-imħabba ta' dak il-Mulej li twieled fqir u kien imqiegħed f'maxtura (cfr. Lq 2,12), li għex fqir fuq l-art u baqa' sa l-aħħar għeri fuq is-salib" (v.45). Hi r-rappreżentazzjoni ta' Kristu fqir u msallab fi stil femminili, b'modalità speċifika marjana u ekkleżjali, bħala tweġiba għar-rieda tal-Missier fil-għotja sħiħa tal-ħajja tas-Sorijiet Foqra u fil-ħarsien sa l-aħħar ta' l-impenn tagħhom evanġeliku (cfr. v.73).

It-TestCl mhux dokument ġuridiku, imma xhieda ta' ħajja mibnija fuq l-Evanġelju, li tidher b'mod ċar f'xi punti partikulari. Ix-xitla ċkejkna taf li hi għexet fil-milja tagħha s-sejħa li tkun "mera u eżempju" għas-Sorijiet fir-relazzjonijiet ta' mħabba li riedu juru lil xulxin, fir-relazzjoni mal-patrijiet Minuri u fir-relazzjoni ma' kull krejatura umana. Hekk hi tqiegħed lilha nnifisha bħala "forma ta' ħajja", għax taf li hi "bint u qaddejja" tal-"Missier tas-sema" (cfr. RegCl 6,3). Jekk is-Sorijiet iħarsu sa l-aħħar il-fedeltà lejn dan il-proġett ta' ħajja evanġelika, huma jimxu fuq triq li hi għajn ta' barka mhux biss min-naħa ta' Alla u ta' Franġisku, imma wkoll ta' Klara li ssejjaħ lilha nnifisha "omm u qaddejja tagħkom" (v.79).

# TESTMENT TA’ SANTA KLARA
## (1253)

[133] 1 *F’isem il-Mulej* (Kol 3,17). Amen.
2 Fost il-grazzji[79] kollha li rċevejna u li kuljum nirċievu mingħand il-Benefattur tagħna, *il-*
*Missier tal-ħniena* (2Kor 1,3), u li għalihom aħna fid-dmir li nroddulu ħajr minn qalbna, 3 l-akbar
waħda hija dik tal-vokazzjoni tagħna. U aktar ma hi kbira u perfetta, aktar għandna nkunu
obbligati lejh. 4 Hu għalhekk li l-Appostlu jwissina: *Agħrfu sewwa s-sejħa tagħkom* (1Kor 1,26).
[134] 5 L-Iben ta’ Alla sar *it-triq* tagħna (cfr. Ġw 14,26); u din it-triq ġiet murija u mgħallma
lilna bil-*kelma* u bl-*eżempju* (cfr.1Tim 4,12) mill-missier qaddis tagħna Franġisku, li tant kien
iħobbu u jimitah.
[135] 6 Għalhekk, maħbubin ħuti, għandna nżommu quddiem għajnejna[80] l-benefiċċji kbar li l-
Mulej fawwarna bihom, 7 l-aktar dawk li għoġbu jagħtina permezz tal-maħbub qaddej tiegħu l-
imqaddes missier tagħna Franġisku, 8 u dan mhux biss wara l-konverżjoni tagħna, imma sa minn
mindu konna għadna ngħixu fost il-frugħat tad-dinja[81]. [136] 9 Infatti, l-istess Qaddis, meta
kien għad ma kellu la aħwa u lanqas sħab, ftit taż-żmien wara l-konverżjoni tiegħu, 10 waqt li kien
qed isewwi l-knisja ta’ San Damiano fejn il-Mulej kien żaru u mlieh b’faraġ tas-sema, 11 misjuq
minn ferħ kbir u mdawwal mill-Ispirtu s-Santu, ħass li għandu jitlaq id-dinja għal kollox[82], u
għamel din il-profezija fuqna, li mbagħad il-Mulej wettaqha iżjed ‘il quddiem. 12 Tela’ fuq il-ħajt
ta’ l-imsemmija knisja, u għajjat b’leħen għoli, bl-ilsien franċiż, lill-bdiewa li kienu jinsabu f’dawk
l-inħawi, u qalilhom: 13 “Ejjew u għinuni nibni[83] l-monasteru ta’ San Damiano, 14 għaliex għad

[79] Il-latin juża l-kelma *beneficia,* li aħna għażilna li nittraduċuha bil-kelma “grazzji”, għaliex is-sens profond tagħha hu dak ta’ doni ġejjin mis-sema, u mhux sempliċement benefiċċji.

[80] Il-verb latin *considerare*, li ittraduċejna “inżommu quddiem għajnejna”, hu partikolarment importanti għal Klara. Jesprimi karatteristika tal-kontemplazzjoni mistika tagħha, li sseħħ permezz ta’ ħarsa dejjem aktar profonda ta’ mħabba. Hi tqis l-azzjoni ta’ Alla fl-istorja, speċjalment fl-inkarnazzjoni, fil-passjoni u fil-qawmien mill-imwiet ta’ Kristu; il-preżenza tiegħu fl-istorja personali ta’ kull bniedem, fil-ġrajjiet u ċ-ċirkustanzi tal-ħajja; hi l-ħarsa li biha r-ruħ kontemplattiva ddawwar għajnejha fuqha nnifisha u fuq l-aħwa, fid-dawl tal-ħniena divina mimlija tjieba.

[81] It-TestCl hu mibni fuq il-mudell tat-Testment ta’ San Franġisk. Jirrakkonta l-bidu tal-ħajja ta’ Klara fil-monasteru ta’ San Damiano, bl-iskop li jiffissa l-linji fundamentali tal-vokazzjoni tagħha u tal-komunità tan-nisa li hi nisslet mill-ispirazzjoni evanġelika ta’ Franġisku. Ir-rakkont tal-ġrajjiet għandha qabilha innu ta’ radd il-ħajr lil Dak li minnu jiġi kull ġid. Dan it-tifħir jixħet dawl fuq it-TestCl fis-sens li jisħaq fuq id-don li Alla jagħti b’xejn lil Klara u lis-Sorijiet Foqra, biex jimlihom bi stagħġib, u biex isejħilhom għal tweġiba totali fil-Knisja u għall-Knisja.

[82] Għal Klara l-laqgħa mal-Kurċifiss ta’ San Damiano hi l-mument deċiżiv tal-konverżjoni ta’ San Franġisk. Meta nitilqu minn 2C 10-11, u neżaminaw 2C 204, nistgħu nifhmu kif iż-żjara tal-Mulej quddiem l-ikona ta’ San Damiano kienet il-mixja vokazzjonali fundamentali ta’ Franġisku, rigward ir-rabta li hu kien jara bejn il-Kurċifiss ta’ San Damiano u s-Sorijiet Foqra ta’ San Damiano. Cfr. O VAN ASSELDONK, “Il Crocifisso di San Damiano visto e vissuto da San Francesco”, *Laurentianum* 22 (1981) 453-576; *Maria, Francesco, Chiara. Una spiritualità per domani,* Collegio S. Lorenzo da Brindisi, Roma 1989, 501-503.

[83] Il-kelma *opera*, li bil-Malti nistgħu nittraduċuha “binja” f’dan il-kuntest, tindika l-bini ta’ knisja. Nistgħu nsemmu, bħala eżempju, l-“opera del duomo”, il-bini tal-knisja kattidrali, f’diversi bliet ta’ l-Italja, matul il-medjuevu, jew ukoll il-“fabbrica di San Pietro”, il-bini tal-bażilika ta’ San Pietru f’Ruma.

jiġu joqogħdu fih nisa li bil-fama u l-ħajja qaddisa tagħhom[84] *għad jagħtu glorja lill-Missier* tagħna *tas-sema* fil-Knisja mqaddsa kollha tiegħu" (cfr. Mt 5,16)[85].

[137] 15 Għalhekk għandna raġun nistagħġbu bit-tjieba kbira li Alla wera magħna; fil-kobor tal-ħniena u ta' l-imħabba tiegħu, 16 Hu għoġbu jnebbah dan il-kliem lill-Qaddis tiegħu li ħabbar dan minn qabel dwar is-*sejħa u l-għażla tagħna* (cfr. 2Pt 1,10). 17 Iżda mhux għalina biss il-missier qaddis ħabbar dawn il-ħwejjeġ, imma wkoll għal dawk li warajna kellhom jieħdu sehem minn din il-vokazzjoni qaddisa li għaliha sejħilna l-Mulej.

[138] 18 B'liema impenn għalhekk, u b'liema ħeġġa tar-ruħ u tal-ġisem, għandna nħarsu l-kmandamenti ta' Alla u tal-qaddis missier tagħna Franġisku biex, bil-għajnuna tal-grazzja divina, inkunu nistgħu nroddulu lura imkattrin, it-*talenti* li fdalna (cfr. Mt 25,15-23).

[139] 19 Il-Mulej infatti, għażilna biex inkunu mera u eżempju[86] mhux biss għall-bnedmin l-oħra, imma wkoll għal ħutna s-Sorijiet li Hu sejjaħ għall-istess vokazzjoni, 20 biex huma wkoll ikunu għal dawk kollha li jgħixu fid-dinja mera u eżempju.

[140] 21 Ladarba mela l-Mulej sejħilna għal ħwejjeġ tant kbar, hekk li dawk li għandhom ikunu mudelli u mirja għall-oħrajn ikunu jistgħu jaraw lilhom infushom fina, 22 aħna fid-dmir li dejjem inbierku u nfaħħru lill-Mulej u li kuljum nikbru fl-għemil it-tajjeb. 23 Għalhekk, jekk ngħixu fuq il-għamla ta' ħajja li semmejna, lill-oħrajn *inħallulhom eżempju* sabiħ, u bi prezz ta' ħidma li tgħaddi fi żmien qasir, niksbu l-*ħlas* ta' l-hena bla tmiem (cfr. 2Mak 6,28.31; Fil 3,14; 2Kor 4,17)[87].

[141] 24 Wara li *l-Missier* l-aktar għoli *tas-smewwiet* (cfr. Mt 6,26)[88], fil-ħniena u l-grazzja tiegħu, għoġbu jdawwal lil qalbi biex nibda nagħmel il-penitenza fuq l-eżempju u t-tagħlim tal-missier tagħna Franġisku, 25 ftit wara l-konverżjoni tiegħu, jien flimkien ma' dawk il-ftit aħwa li l-Mulej kien tani wara ftit żmien mill-konverżjoni tiegħi, minn qalbi u bil-libertà kollha, wegħedtu l-ubbidjenza, 26 fi qbil sħiħ mat-tnebbiħ li l-Mulej kien tana permezz tal-ħajja qaddisa li kien jgħix, u t-tagħlim tiegħu.

[142] 27 Imma meta l-imqaddes Franġisku ra li minkejja d-dgħufija u l-fraġilità ta' ġisimna, aħna ma bżajna minn ebda xorta ta' ċaħdiet, faqar, xogħol iebes u twegħir, jew għajb u disprezz tad-

---

[84] Bil-latin l-espressjoni hi *sancta conversatio*. L-espressjoni hi marbuta mat-tradizzjoni Benedittina, u l-kelma *conversatio* ta' spiss tintrabat mal-konverżjoni. Fi Klara din il-kelma tidher tliet darbiet fit-Testment (ukoll fil-vv. 56 u 70). Fir-RegCl 2,22 tindika wieħed mid-dmirijiet tal-majjistra tal-formazzjoni. Hi għalhekk kelma importanti ħafna u tirriferixxi għall-istil kollu tal-ħajja tas-Sorijiet Foqra f'San Damiano, li kien iċċentrat fuq Alla f'atteġġjament ta' konverżjoni kontinwa.

[85] L-istudjużi li ċaħdu l-awtentiċità tat-TestCl jgħidu li dan ir-riferiment għall-kliem ta' San Franġisk hu profezija *post eventum* (wara li seħħ il-fatt), u jqisu li l-verżjoni identika ta' L3C 24 hi tardiva. Imma ma rridux ninsew li l-istess episodju f'sintesi jinsab ukoll f'2C 13, jissemma f'2C 204, u ta' min jistudja x-xebħ li hemm bejn dawn iż-żewġ siltiet, l-aktar fil-mod ċar kif tesprimi ruħha t-tieni silta ta' Celano. Jekk l-episodju kien awtentiku fl-elementi sostanzjali tiegħu, mela ninsabu quddiem preċedenza storika tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano rigward il-Patrijiet Minuri ta' San Franġisk.

[86] Il-kelma latina oriġinali hi *forma*, li t-traduzzjoni tagħna taqlibha fil-kelma "eżempju". Imma *forma* tfisser ħafna aktar, għax tindika mudell ta' ħajja li jsir "forma" għall-għajxien ta' min iħaddnu. Minn hawn tiġi l-espressjoni *Forma Vitae*, "għamla ta' ħajja", li ta' spiss Klara tużaha flok il-kelma "Regola".

[87] Hawnhekk tintemm il-parti introduttiva tat-TestCl, li tisħaq dwar kemm Klara kienet konxja mill-missjoni apostolika tas-Sorijiet Foqra u l-valur li din kellha fil-vokazzjoni ekkleżjali tagħhom.

[88] Tibda hawnhekk l-istorja ta' l-esperjenza reliġjuża fil-monasteru ta' San Damiano. Klara tfakkarha b'toni mqanqlin, l-aktar meta tfakkar kemm Franġisku kien qrib tagħha u tas-Sorijiet Foqra bħal missier, u l-fatt li hu l-fundatur ta' l-*Ordo Pauperum Dominarum Sancti Damiani*. It-tema ċentrali hi dik ta' l-iskoperta u d-difiża tal-ħajja ta' l-ogħla faqar. Hawnhekk insibu xebħ mal-kapitlu 6 tar-RegCl, fejn Klara tikkwota, kelma b'kelma, il-*Forma vivendi* li Franġisku ta lilha u lis-Sorijiet Foqra fl-1212, kif ukoll l-*Ultima voluntas* li ħallielhom qabel ma miet, li fihom iħeġġiġhom biex qatt ma jitbiegħdu mill-fedeltà tagħhom lejn *Madonna Povertà*.

dinja, 28 anzi li, fuq l-eżempju tal-qaddisin u ta' l-aħwa tiegħu, konna ngħoddu dan kollu bħala xi ħaġa li tferraħna – u dan setgħu jarawh b'għajnejhom stess hu nnifsu u l-aħwa tiegħu – il-missier qaddis *imtela bil-ferħ fil-Mulej* (cfr. Fil 4,10; Ġw 2,20). 29 Għalhekk, imqanqal b'imħabba ta' missier għalina, rabat lilu nnifsu u lill-Ordni tiegħu[89] li dejjem juri magħna l-istess imħabba u ħeġġa ħerqana bħalma juri ma' ħutu stess[90].

[143] 30 U bir-rieda tal-Mulej u tal-qaddis missier tagħna Franġisku, ġejna ngħixu ħdejn il-knisja ta' San Damiano. 31 Hawn, fi ftit żmien, il-Mulej, bil-ħniena u l-grazzja tiegħu, kattar ħafna il-għadd tagħna, biex jitwettaq dak li kien ħabbar minn qabel bil-fomm tal-qaddis tiegħu. Qabel dan, għal ftit żmien, aħna konna noqogħdu f'post ieħor[91].

[144] 33 Aktar 'il quddiem kitbilna għamla ta' ħajja, u dan l-aktar biex nibqgħu sa l-aħħar fil-faqar imqaddes. 34 Ma kienx biżżejjed għalih, matul ħajtu, li *jħeġġiġna bil-kelma u bl-eżempju* (cfr. Atti 20,2) biex inħobbu u nħarsu dan il-faqar l-aktar qaddis, iżda ħallielna wkoll ħafna kitbiet[92], biex wara mewtu qatt ma nitbegħedu minnu; 35 għax l-Iben ta' Alla wkoll qatt ma ried jitbiegħed minn dan il-faqar qaddis matul il-ħajja tiegħu fuq l-art.

[145] 36 U l-missier l-aktar qaddis tagħna Franġisku, li mexa fuq il-*passi tiegħu* (cfr. 1Pt 2,21), għażel għalih u għal ħutu[93] dan il-faqar imqaddes ta' l-Iben ta' Alla, u sakemm dam ħaj b'ebda mod ma tbiegħed minnu, la bil-kliem u lanqas bil-ħajja li għex.

[146] 37 U jiena, Klara, għad li ma jistħoqqlix, *qaddejja* (cfr. Lq 1,38)[94] ta' Kristu u tas-Sorijiet foqra tal-monasteru ta' San Damiano, u xitla ċkejkna tal-qaddis missier tagħna, filwaqt li flimkien ma' ħuti ħsibt fit-tul fuq il-vokazzjoni għolja tagħna u fuq ir-rieda ta' missier bħal dan, 38 kif ukoll fuq id-dgħufija ta' l-oħrajn li kellhom jiġu warajna, u li bżajna li se tiġi anke fuqna wara l-mewt tal-qaddis missier tagħna Franġisku – hu, li wara Alla kien għalina l-*kolonna* u l-uniku faraġ u *rfid* tagħna (cfr. 1Tim 3,15) – 39 aħna għalhekk, bosta u bosta drabi, bil-libertà kollha ġeddidna r-rabta tagħna mal-faqar l-aktar qaddis biex wara mewti, is-Sorijiet li huma magħna llum, u dawk li għad jiġu warajna, ikollhom il-qawwa ħalli b'ebda mod ma jitbegħedu qatt minnu.

[147] 40 U kif jiena kont dejjem inħabrek biex jien stess inħares bil-ħerqa, u nara li jkun imħares ukoll mill-oħrajn, il-faqar imqaddes li aħna wegħedna lill-Mulej u lill-missier tagħna Franġisku,

---

[89] Għalkemm nittraduċu "ordni", il-kelma latina hi *religio* ("reliġjon") li, fil-fatt, tindika ordni reliġjuż.

[90] Ninsabu quddiem silta oħra li fih it-TestCl juri xebħ mar-RegCl, filwaqt li jisħaq dwar ir-relazzjoni tas-Sorijiet Foqra mal-patrijiet Minuri. Hu diffiċli li nispjegaw għaliex din ir-relazzjoni kienet hekk importanti. Dawk li jiċħdu l-awtentiċità tat-TestCl isolvu l-problema sempliċement billi jgħidu li, min kiteb dan id-dokument, jikkopja r-RegCl b'mod mhux oriġinali. Imma meta naqraw b'attenzjoni ma nistgħux ma narawx sfumaturi ta' ton aktar familjari, li flimkien ma' elementi oħrajn ta' din il-kitba, juru li t-TestCl hu, fil-fatt, trasmissjoni ta' esperjenza ta' ħajja.

[91] Il-ProcCan u l-LegCl jinfurmawna fuq dan il-"post". Fil-fatt nafu li kienu żewġ postijiet, għax Klara l-ewwel ittieħdet fl-abbazija Benedittina ta' San Paolo delle Abbadesse f'Bastia Umbra, u mbagħad fil-monasteru ta' Sant'Angelo di Panzo, fuq il-ġenb tal-Monte Subasio. Hemm min jgħid li dan ta' l-aħħar ma kienx monasteru Benedittin, imma *reclusorio* jew *beghinaggio*, jiġifieri kunvent li fih kienu jgħixu nisa *recluse* (magħluqin ġewwa fil-klawsura) li kienu "beghine", membri ta' moviment penitenzjali femminili li kien imferrex ħafna fil-Medjuevu. Kien f'Sant'Angelo di Panzo li Caterina, oħt Klara, ġiet biex hi wkoll tgħix il-perfezzjoni ta' l-Evanġelju. Wara hi kellha tibdel isimha f'dak ta' Agnese (cfr. ProcCan 12,4-5; LegCl 8,10; 24; M. BARTOLI, *Chiara d'Assisi*, Istituto Storico dei Cappuccini, Roma 1989, 72-73).

[92] Klara titkellem minn *plura scripta* ("ħafna kitbiet"), imma ħafna minnhom intilfu u llum fadal biss il-*Forma vivendi* u l-*Ultima voluntas*, fir-RegCl 6, flimkien mal-kantiku *Audite poverelle*.

[93] Din hi xhieda ta' valur uniku, għaliex hi dettata minn Klara, li kienet għażlet l-ogħla faqar bħala l-forma ta' ħajja tagħha, u li biex tiddefendi dan il-privileġġ, tassew eċċezzjonali, kienet iġġieldet tul ħajjitha kollha.

[94] L-użu ta' din il-kelma *ancilla* ("qaddejja") biex bih Klara tiddefinixxi l-qadi tagħha u tas-Sorijiet Foqra lejn l-Evanġelju, hu meħud mill-*ancilla Domini* ("qaddejja tal-Mulej") tat-tislima ta' l-anġlu lil Marija. Franġisku juża l-istess espressjoni fil-*Forma vivendi* li jagħti lil Klara, biex jindika l-vokazzjoni speċifika ta' Klara u tas-Sorijiet Foqra u l-konsagrazzjoni totali tagħhom lil Alla fuq il-mudell ta' dik tal-Verġni Marija ta' Nażaret.

41 hekk is-Sorijiet li jiġu warajja f'dan l-uffiċċju huma fid-dmir li jħarsuh u li jgħassu li jkun imħares mis-Sorijiet l-oħra sa l-aħħar.
[148] 42 U barra minn dan, biex inkun aktar fiż-żgur, jien ħsibt li nirrikorri għand is-Sinjur Papa Innoċenz, li matul il-pontifikat tiegħu beda l-Ordni tagħna, u għand is-suċċessuri tiegħu, biex jikkonfermawlna u jsaħħulna bil-privileġġi tagħhom[95] il-professjoni tagħna tal-faqar l-aktar imqaddes, li aħna wegħedna lill-Missier tagħna, 43 u dan biex qatt, u f'ebda żmien, ma nitbiegħdu minnu.
[149] 44 Għalhekk, mixħuta għarkobbtejja, u milwija sa l-art fir-ruħ u fil-ġisem[96] b'sinjal ta' rispett, nirrikmanda fil-ħarsien ta' l-imqaddsa Knisja Rumana, tal-Papa, u l-aktar tas-Sinjur Kardinal li jkun ġie maħtur bħala ħarries ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri u tagħna, lil ħuti kollha ta' issa u dawk li għad jiġu warajna, 45 biex għall-imħabba ta' dak il-Mulej li twieled fqir u kien *imqiegħed f'maxtura* (cfr. Lq 2,12), li għex fqir fuq l-art u baqa' sa l-aħħar għeri fuq is-salib, 46 jieħu ħsieb din il-*merħla ċkejkna* (cfr. Lq 12,32) – din il-merħla li l-Missier l-aktar Għoli, bil-kelma u bl-eżempju tal-missier tagħna Franġisku welled fil-Knisja mqaddsa tiegħu, proprju bil-għan li timita l-faqar u l-umiltà ta' Ibnu l-għażiż u tal-glorjuża Omm Verġni tiegħu[97] – 47 tħares il-faqar imqaddes li wegħedna 'l Alla u lill-missier tagħna Franġisku, u jieħu ħsieb li jkompli jħeġġiġha u jgħinha biex iżżomm sħiħ sa l-aħħar fil-faqar li semmejna.
[150] 48 Kif il-Mulej għoġbu jagħtina 'l-qaddis missier tagħna Franġisku bħala fundatur, ġennien u għajnuna tagħna fil-qadi ta' Kristu u f'dak kollu li wegħedna lil Alla u lilu stess, missier tagħna, 49 u kif hu, sakemm dam ħaj, ħa ħsieb bil-kliem u bl-eżempju tiegħu, biex jikkultivana u jkabbarna[98], lilna x-xitel ċkejknin tiegħu; 50 hekk ukoll issa, jiena nafda lil ħuti kollha, dawk li hawn illum u dawk li għad iridu jiġu 'l quddiem, lis-suċċessur ta' l-imqaddes missier tagħna Franġisku u lill-aħwa kollha ta' l-Ordni tiegħu, 51 biex ikunu dejjem ta' għajnuna għalina ħa nimxu 'l quddiem fis-servizz ta' Alla, u fuq kollox biex dejjem inħarsu aħjar il-faqar l-aktar qaddis[99].
[151] 52 U jekk f'xi żmien kellu jiġri li s-Sorijiet iħallu dan il-monasteru ta' San Damiano u jmorru joqogħdu post ieħor[100], ħa jibqgħu dejjem fid-dmir, ikunu fejn ikunu wara mewti, li jħarsu din l-istess xorta ta' faqar li aħna wegħedna lil Alla u lill-missier tagħna Franġisku[101].

---

[95] Hawnhekk hemm min jara riferiment preċiż għall-*Privilegium paupertatis*, li skond LegCl 14 kien ġie mogħti lil Klara għall-ewwel darba minn Innoċenz III f'Lulju 1216. Rigward il-kumplessità tat-tifsira ta' din il-kelma, li minħabba fiha t-TestCl tqiegħdet f'dubju l-awtentiċità tiegħu, ara l-Introduzzjoni għat-TestCl.

[96] L-espressjoni latina, *utroque homine*, li tindika l-persuna fid-dimensjoni fiżika u spiritwali tagħha ("il-bniedem ta' ġewwa u l-bniedem ta' barra"), ittradu ċdejniha sempliċement fl-espressjoni "ruħ u ġisem".

[97] F'sentenza waħda Klara tiġbor fil-qosor l-essenza tal-ħajja tagħha, jiġifieri l-mixja wara l-Maħbub Kristu (bil-latin jintuża l-verb *insequendo*) li hu fqir u umli, kif ukoll l-Omm tiegħu, riferiment li jagħtina sintesi mill-isbaħ ta' l-ispiritwalità Franġiskana-Klarjana, għaliex jindika li Klara kienet konxja mill-missjoni speċifika tagħha u tas-Sorijiet fi ħdan il-Knisja u f'relazzjoni mal-patrijiet Minuri. Iċ-ċentralità tal-mixja wara Kristu fqir hi dokumentata b'mod dettaljat fl-Ittri ta' Santa Klara lil Santa Anjeże ta' Praga, u fil-kapitlu 6 tar-RegCl.

[98] Il-verb latin *fovere* ittraduċejnih fil-verb Malti "ikabbarna", fis-sens li jmantnina bl-ilma li jsaqqina bih, li jesprimi l-kura ta' Franġisku lejn Klara u s-Sorijiet, ix-"xtieli" ċkejknin tiegħu.

[99] Dawn il-kelmiet jesprimu r-relazzjoni fundamentali li s-Sorijiet Foqra riedu li jkollhom mal-Knisja u ma' l-Ordni tal-patrijiet Minuri, bħala garanzija ta' ħarsien tal-vokazzjoni speċifika tagħhom.

[100] Ittraduċejna *locum alium* bl-espressjoni "post ieħor", biex inżommu l-kelma oriġinali u għażiża għat-tradizzjoni Franġiskana tal-bidunett, jiġifieri *locus*, "post", li kienet tindika eremitaġġ ċkejken fejn kienu jgħixu l-ewwel aħwa: Porziuncola, Le Carceri, u s-Sorijiet Foqra: San Damiano, distinta mill-*conventus*, "kunvent" jew *monasterium*, "monasterju" fil-każ tal-Klarissi, li huma binjiet kbar li żviluppaw wara, u li taw bixra deċiżament konventwali lill-Patrijiet Minuri u monastika lis-Sorijet Klarissi.

[101] Hawnhekk ukoll, dawk li jiċħdu l-awtentiċità tat-TestCl jaraw profezija *post eventum* (wara li seħħ il-fatt), fuq il-bażi ta' dak li ġara bejn l-1257 u l-1260, meta s-Sorijiet Foqra telqu minn San Damiano u marru joqogħdu fil-protomonasteru ta' Santa Klara f'Assisi, maġenb il-bażilika li nbniet biex tħares fiha r-relikwi ta' l-Omm qaddisa

[152] 53 B'danakollu, kemm dik li jkollha l-uffiċċju (ta' badessa)[102], kif ukoll is-Sorijiet l-oħra, jieħdu ħsieb u jgħassu sewwa li la jakkwistaw u lanqas jaċċettaw artijiet madwar l-imsemmi monasteru, ħlief biss kemm ikun strettament meħtieġ għal ġnien ċkejken biex fih ikabbru l-ħaxix għall-ikel. 54 Kemm il-darba, imbagħad, f'xi żmien tinħass il-ħtieġa, biex il-monasteru jkun aktar maqtugħ għalih waħdu, li tiġi akkwistata xi biċċa art żgħira 'l hemm mill-ħitan tal-ġnien, jaraw li jkollhom biss skond il-bżonn; 55 u li dik il-biċċa raba m'għandha la tiġi maħduma u anqas miżrugħa, imma tibqa' xagħri, u ma tinħaratx.

[153] 56 Inwissi u nħeġġeġ fil-Mulej Ġesù Kristu lil ħuti kollha, dawk ta' issa u dawk li għad jiġu, li jkollhom għal qalbhom li dejjem jimxu fit-triq tas-sempliċità qaddisa, ta' l-umiltà u tal-faqar, u ta' l-onestà[103] ta' dik il-ħajja qaddisa 57 li għallimna l-missier tagħna Franġisku sa mill-bidunett tal-konverżjoni tagħna lejn Kristu.

[154] 58 Hu bis-saħħa ta' dawk il-virtujiet, u mhux għall-merti tagħna, u biss bil-ħniena u l-grazzja tal-Benefattur tagħna, l-istess *Missier il-ħniena* (cfr. 2Kor 1,3 u 2,5), li huma jxerrdu *dejjem* il-*fwieħa* tal-fama tajba tagħhom kemm fuq ħuthom li jinsabu fil-bogħod, kif ukoll fuq dawk li jinsabu fil-qrib.

[155] 59 U *waqt li tħobbu lil xulxin fl-imħabba ta' Kristu* (cfr. Rum 12,10; Ġak 2,18; 1Ġw 3,18), uru dik l-imħabba li għandkom f'qalbkom minn barra, bl-għemejjel tagħkom, 60 sabiex is-Sorijiet, misjuqin minn dan l-eżempju tajjeb, jikbru dejjem fl-imħabba ta' Alla u fil-karità lejn xulxin.

[156] 61 Nitlob ukoll lil dik li għad ikollha t-tmexxija tas-Sorijiet, li tara li tkun qabel l-oħrajn aktar fil-virtujiet u fil-qdusija tal-ħajja milli fid-dinjità, 61 sabiex is-Sorijiet, imħeġġa mill-eżempju tagħha, jobduha mhux tant minħabba l-uffiċċju li għandha, imma mqanqlin mill-imħabba. 63 Barra dan, jalla tkun mara qalbha f'idejha u għaqlija[104], bħal omm għal uliedha; 64 b'mod speċjali tieħu ħsieb, li bil-għajnuna tal-karità li l-Mulej jibgħat, kull waħda jkollha dak kollu li teħtieġ. 65 U għandha tkun tant ħelwa u taf tmur ma' kulħadd, hekk li s-Sorijiet ikunu jistgħu jiftħu qalbhom bil-fiduċja kollha dwar dak kollu li jkollhom bżonn, 66 u bil-kunfidenza kollha jmorru għandha kull ħin, kif jidhrilhom l-aħjar, kemm għalihom infushom kif ukoll għas-Sorijiet ħuthom.

[157] 67 Iżda min-naħa tagħhom is-Sorijiet li huma sudditi għandhom jiftakru li minn jeddhom, għall-imħabba tal-Mulej, huma ċaħdu r-rieda tagħhom. 68 Għalhekk irrid li huma jobdu lill-omm tagħhom bħalma minn rajhom wegħedu lill-Mulej[105], 69 biex hi, x'ħin tara l-imħabba u l-ftehim isaltnu bejniethom, tħoss il-piż ta' l-uffiċċju tagħha aktar ħafif, 70 u dak li fih innifsu hu morr u tqil, bil-ħajja qaddisa tagħhom jinbidel għaliha fi ħlewwa[106].

---

tagħhom. Bi probabilità tajba nistgħu naħsbu li dan il-pjan, fil-fatt, kien diġà preżenti f'moħħ is-Sorijiet meta kienet għadha ħajja Klara. Biżżejjed nirreferu għan-nuqqas ta' sigurtà li kien joffri San Damiano, barra l-ħitan tal-belt, u n-nuqqas ta' spazju f'dan il-monasteru ċkejken, fi żmien meta n-numru ta' Sorijiet kien żdied ġmielu.

[102] Hawnhekk Klara titkellem mill-badessa, li aħna, fit-traduzzjoni tagħna, ġibniha f'parentesi. Fil-fatt il-latin jgħid biss *in officio*, mingħajr speċifikazzjoni ta' x'uffiċċju hu. Nafu li l-kelma "badessa" qatt ma tiġi użata minn Santa Klara, li tippreferi tirreferi għal servizz fi ħdan il-fraternità mhux b'lingwaġġ monastiku. Imma ma rridux ninsew li l-kelma *officium* kienet, fil-fatt, tindika dmir ta' tmexxija u awtorità.

[103] Il-kelma "onestà" llum tilfet ħafna mis-sens oriġinali tagħha. Għal Klara, li tużaha ta' spiss, u li hawnhekk tgħid *honestatem sanctae conversationis*, il-kelma ma tindikax biss ir-rettitudni morali fl-osservanza tal-kmandamenti, imma wkoll il-mod kif wieħed iġib ruħu fil-pubbliku, il-koerenza mal-prinċipji tal-ħajja tiegħu li, f'dan il-każ, jinkludu l-ħajja klawstrali, u kwalitajiet tajbin oħrajn.

[104] Id-*discetio* (tradotta bil-kelma "prudenti") hi virtù importanti għal Franġisku u Klara t'Assisi. Tfisser qjies, għerf li jevita l-eċċessi, miżura ġusta, dik il-virtù li aħna nsejħula dixxerniment evanġeliku.

[105] L-espressjoni latina *sua spontanea voluntate* jista' jirreferi għall-wegħda li s-soru għamlet lill-Mulej fil-ħarsien ta' l-obbligi tagħha, kif ukoll il-mod kif hi għandha tkun lesta li tobdi lill-badessa, bir-rieda tajba tagħha.

[106] Din il-frażi hi mimlija tifsir u warajha hemm l-esperjenza ta' Klara. Għaliha l-awtorità kienet piż, ukoll jekk hi ħaddmitha b'dik l-imħabba u umiltà u spirtu ta' servizz u eżemplarità, li bih tkellmet fil-vv. 61-66. Klara tapplika

[158] 71 Iżda billi *dejqa hija t-triq* u l-mogħdija, u *dejjaq* ukoll huwa *l-bieb* li minnhom ngħaddu u nidħlu *fil-ħajja, ftit huma dawk* li jimxu minnhom, u jidħlu hemm (cfr. Mt 7,13-14); 72 u jekk hemm minn dawk li jimxu fiha għal ftit, ftit aktar huma dawk li jibqgħu miexjin fiha sa l-aħħar. 73 Imma ħenjin dawk li lilhom hu mogħti li *jimxu* f'din it-triq, u *jżommu sħiħ sa l-aħħar* (S 118,1; Mt 10,22).

[159] 74 Aħna għalhekk, li dħalna fit-triq tal-Mulej, ngħassu sewwa fuqna nfusna biex ma nitbegħedu qatt minnha, la bi ħtija tagħna, la bi traskuraġni u lanqas minħabba l-injuranza tagħna. 75 Jekk jiġri dan, inkunu qed nagħmlu tort lil Sinjur hekk kbir, lill-Omm Verġni tiegħu, lill-qaddis missier tagħna Franġisku, lill-Knisja trijunfanti fis-smewwiet, u wkoll lill-Knisja hawn fl-art. 76 Għaliex kif hemm miktub: *Misħutin dawk li jitbegħedu mill-kmandamenti tiegħek* (S 118,21).

[160] 77 *Għalhekk, ninżel għarkobbtejja quddiem il-Missier ta' Sidna Ġesù Kristu* (Ef 3,14), biex għall-merti tal-glorjuża l-imqaddsa Verġni Marija Ommu, tal-qaddis missier tagħna Franġisku u tal-qaddisin kollha, 78 l-istess Mulej li tana l-grazzja li nibdew tajjeb, jagħtina wkoll li *nikbru fit-tajjeb* (cfr. 2Kor 8,6.11; 1Kor 3,6.7), u li nżommu sħiħ sa l-aħħar. Amen.

[161] 79 Inħallilkom din il-kitba sabiex tkun imħarsa tajjeb, ħuti l-aktar għeżież u maħbubin, ta' issa u dawk li jiġu warajkom, bħala sinjal tal-barka tal-Mulej, tal-qaddis missier tagħna Franġisku, u tal-barka tiegħi, l-omm u l-qaddejja tagħkom.

---

b'mod kuraġġuż għall-eżerċizzju ta' l-awtorità is-sentimenti li jimmarkaw il-bidu tal-ħajja ġdida ta' Franġisku, l-aktar dak li hu ħass meta iltaqa' mal-lebbruż u ħaddnu miegħu, kif juri fil-bidu tat-Testment tiegħu.

# BARKA TA' SANTA KLARA

[162] 1 *Fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu* (cfr. Mt 28,19). Amen[107].
2 *Il-Mulej iberikkom u jħariskom.*
3 *Jurikom wiċċu, u jkollu ħniena minnkom.*
4 *Idawwar ħarstu* lejkom, u *jagħtikom is-sliem* (cfr. Num 6,24-26)[108].

[163] 5 Sliem għalikom, ħuti u uliedi, u 'l dawk kollha li jiġu warajkom, u li għad jgħixu f'din il-komunità; sliem lill-oħrajn kollha li fl-Ordni kollu jibqgħu jħarsu sa l-aħħar il-faqar imqaddes.

[164] 6 Jiena, Klara, qaddejja ta' Kristu u xitla ċkejkna tal-qaddis missier tagħna Franġisku, oħt u omm tagħkom u tas-Sorijiet Foqra l-oħra, għad li ma jistħoqqlix, 7 nitlob lill-Mulej tagħna Ġesù Kristu, għall-ħniena tiegħu u għall-interċessjoni ta' l-Omm l-aktar qaddisa tiegħu, il-Verġni Marija, ta' San Mikiel Arkanġlu u ta' l-Anġli qaddisa kollha ta' Alla, tal-qaddis missier tagħna Franġisku u tal-qaddisin kollha: 8 biex l-istess Missier tas-smewwiet jagħtikom u jsaħħaħ fikom din il-barka l-aktar qaddisa tiegħu *fis-sema u fl-art* (cfr. Ġen 27,28); 9 fuq l-art, billi jkattarkom fil-għadd bil-grazzja tiegħu u bil-virtujiet tiegħu fost il-qaddejja tiegħu fil-Knisja militanti; 10 fis-sema, billi jgħollikom u jdaħħalkom fil-glorja tal-Knisja trijunfanti fost il-qaddisin tiegħu.

[165] 11 Inberikkom kemm indum ħajja, u wkoll wara mewti, kemm nista' u aktar milli nista', bil-barkiet kollha 12 li bihom l-istess *Missier il-ħniena* (cfr. 2Kor 1,3; Efes 1,3) *bierek* u għad ibierek fis-smewwiet u fuq l-art lil uliedu spiritwali, 13 u li bihom kull missier u omm spiritwali jbierku u għad ibierku lill-ulied spiritwali tagħhom. Amen[109].

[166] 14 Ħobbu dejjem lil Alla, ħobbu 'l ruħkom, u lil ħutkom kollha, 15 u kunu dejjem ħerqana li tħarsu dak kollu li wegħedtu lill-Mulej[110].

---

[107] Il-Barka ta' Santa Klara [BenCl] tinsab fil-manuskritti li fihom hemm it-TestCl. Għaldaqstant il-kwestjoni rigward l-awtentiċità ta' din il-kitba hi marbuta ħaġa waħda ma' dak li diġà għidna rigward it-TestCl. Barra minn din il-Barka, mogħtija lis-Sorijiet kollha, huma magħrufin ukoll żewġ barkiet oħrajn: waħda mogħtija lil Agnese ta' Praga, li tinsab fi tmiem il-manuskritti li fihom l-Ittri ta' Klara lil Agnese, u barka oħra mibgħuta lil Ermentrude ta' Bruges, li jagħtihielna Wadding. Huma sostanzjalment identiċi, u tinbidel biss id-destinatarja tagħhom, u l-espressjonijiet tagħhom isiru fis-singular. Il-Barka lil Agnese tintemm bil-kliem: "Jiena nibqa' dejjem il-ħabiba tar-ruħ tiegħek u ta' dik ta' ħutek is-Sorijiet". Il-Barka lil Ermentrude hi x'aktarx dubja. Dan kollu jurina li kienet ħaġa normali għal Klara li tbierek lis-sorijiet, skond tradizzjoni qadima, meħuda mill-Iskrittura, u fl-ispirtu tal-barka li l-missier u l-omm jgħaddu lil uliedhom bħala frott tad-don li rċevew minn Alla l-Ħallieq. Jidher ċar li Klara, li ħasset li l-mewt kienet fil-qrib, riedet tħalli bħala wirt lis-Sorijiet din il-barka speċjali tagħha. Xhieda ta' dan insibuh fil-LegCl 45: "Talbet il-milja tal-barka fuq is-Sorijiet kollha tal-monasteri foqra, kemm ta' dak iż-żmien kif ukoll dawk li kellhom jidħlu fil-ġejjieni".

[108] Is-silta qasira ibbażata fuq il-Barka ta' Num 6,24-26 (magħrufa bħala l-barka ta' Aron), hi familjari għalina għaliex San Franġisk ukoll użaha bħala Barka lil Fra Leone fil-*Parċmina mogħtija lil fra Leone*, fuq La Verna, illum imħarsa bħala relikwa fil-Bażilika ta' San Franġisk f'Assisi. X'aktarx li Franġisku u Klara kienu jafu din il-Barka mill-formula tar-rikonċiljazzjoni tal-penitenti ta' Ħamis ix-Xirka, meta kienet tintuża din il-Barka. Din id-dipendenza ta' Klara mill-Barka mogħtija lil Fra Leone nifhmhuha mill-fatt li Leone kien punt ta' riferiment kontinwu għal Klara u s-Sorijiet Foqra wara l-mewt ta' San Franġisk. Hu kien dejjem iġorr miegħu l-Barka li kien tah San Franġisk, u min jaf kemm il-darba wera lil Klara dak it-teżor prezzjuż li kien jgħożż. Klara tidher li ifformulat il-Barka tagħha fuq dan il-mudell, billi żiedet magħha espressjonijiet meħudin mit-Testment ta' San Franġisk.

[109] Klara, li tbierek lis-Sorijiet, hi mara, u turi l-għarfien tad-dinjità kbira tagħha bħala "mara nisranija", li rċeviet is-sejħa biex timxi bil-qalb wara Kristu fqir. Il-karattru femminili tagħha joħroġ b'qawwa meta ssellem lis-Sorijiet bħala "qaddejja" ta' Alla, u bħala "ħuti" u "uliedi". Klara ssir l-omm spiritwali tas-Sorijiet Foqra u tħossha msejħa mill-Ispirtu s-Santu għal din il-missjoni, li tagħmilha denja li tgħaddi lilhom il-Barka tal-Missier, bil-qawwa ta' l-Ispirtu tal-Mulej Ġesù msallab u rxuxtat.

[110] L-espressjoni turi l-element għal kollox pożittiv ta' l-ispiritwalità ta' Klara. Tħeġġeġ lis-Sorijiet biex iħobbu lil Alla, lil xulxin, u saħansitra lil ruħhom stess. F'din l-espressjoni jidwu l-kelmiet li Klara qalet lil ruħha qabel mietet

[167]  16 *Il-Mulej ikun magħkom* (cfr. Lq 1,28; Mt 28,20; 2Kor 13,11) dejjem, u jagħmel li issa intom ukoll tkunu dejjem miegħu. Amen[111].

---

skond il-LegCl 46: "'Mur fiż-żgur, għax għandek skorta tajba biex tindukrak matul il-vjaġġ. Mur, għax dak li ħalqek, qaddsek. Hu dejjem ħa ħsiebek, bħalma omm tieħu ħsieb binha, u ħabbek b'imħabba l-aktar tenera'. U żiedet tgħid: 'U Int, Mulej, kun imbierek talli ħlaqtni'. Waħda mis-sorijiet staqsietha ma' min kienet qegħda titkellem, u hi weġbitha: 'Qed inkellem lil ruħi l-imbierka'".

[111] Segwejna l-mod tradizzjonali ta' kif tiġi tradotta l-espressjoni latina: *Dominus vobiscum sit semper et nunc vos sitis semper cum ipso*. L-emfasi fuq l-avverbju "issa" jrid juri l-qawwa tal-preżenza tal-Mulej li Klara tarah dejjem jipproteġi lis-Sorijiet Foqra li ikkonsagraw ħajjithom lilu.

II TAQSIMA

# FONTI GĦALL-ĦAJJA
# TA’ SANTA KLARA

# PRIVILEĠĠ TAL-FAQAR
# MOGĦTI MILL-PAPA INNOĊENZ III
(1216)

Privileġġ tal-Faqar: Privileġġ tas-Sinjur Innoċenz li bih is-Sorijiet ta' Santa Klara ma jistgħux jiġu mġiegħlin jaċċettaw proprjetà[112].

[168] 1 Innoċenz isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lill-maħbubin uliedna fi Kristu, Klara u l-qaddejja l-oħra ta' Kristu fil-knisja ta' San Damiano t'Assisi, kemm dawk preżenti kif ukoll dawk futuri, li ipprofessaw il-ħajja regolari, b'tifkira għal dejjem.
[169] 2 Bħalma diġà deher[113], intom għandhom ix-xewqa ħerqana li tingħataw lill-uniku Mulej, u ċħadtu għal kull xewqa ta' ħwejjeġ ta' din id-dinja; 3 għaldaqstant, *intom ridtu tbiegħu u tqassmu kollox lill-foqra* (Lq 18,22), u twiegħdu li ma jkollkom xejn tagħkom, ħalli b'hekk tibqgħu magħqudin u *timxu fuq il-passi* (1Pt 2,21; 2Kor 8,9) ta' dak li għalina sar fqir, hu li hu *triq, verità u ħajja* (Ġw 14,6); 4 u minn din il-wegħda l-ebda nuqqas ta' ħwejjeġ ma jreġġagħkom lura; 5 *l-id ix-xellugija* ta' l-għarus tas-sema tinsab *taħt raskom* (Għan 2,6; 8,3.6) biex issostni d-dgħufija ta' ġisimkom. 6 Ibqgħu żguri li dak li *jitma l-għasafar ta' l-ajru u jlibbes il-ġilji tar-raba'* (Mt 6,26-28), mhux se jonqos li jipprovdilkom l-ikel u l-ilbies, sakemm *jgħaddi jaqdikom* (Lq 12,37) hu nnifsu fl-eternità, jiġifieri meta *l-id il-leminija tiegħu tħaddankom* (cfr. Għan 8,3) fil-milja tal-viżjoni tiegħu.
[170] 7 Għaldaqstant, bħalma tlabtuna, nikkonfermaw il-proponiment tagħkom ta' l-ogħla faqar (cfr. 2Kor 8,2) bil-favur apostoliku, filwaqt li nagħtukom id-dritt, bl-awtorità ta' din il-kitba, li ma tistgħux tiġu mġiegħlin minn ħadd li tirċievu proprjetà. 8 U jekk xi mara ma tkunx trid jew ma tkunx tista' tosserva dan il-proponiment, ma għandhiex tgħix aktar magħkom, imma għandha tiġi trasferita f'post ieħor.
[171] 9 Għaldaqstant niddikjaraw li mhux leċitu għal ħadd bl-ebda mod li jħawwad b'mod temerarju jew li jitturmenta b'kull mezz ta' qawwa lilkom u l-knisja tagħkom. 10 Jekk fil-ġejjieni xi persuna ekkleżjastika jew sekulari, li tkun taf b'dan id-dokument tal-konferma u l-kostituzzjoni tagħna, tipprova li tmur kontrih b'mod temerarju, u jekk, wara li tiġi mwissija t-tieni u t-tielet darba, ħlief il-każ li tikkoreġi l-iżball tagħha b'soddisfazzjoni xierqa, tiġi mċaħħda mid-dinjità tas-setgħa u l-unur tagħha, għandha tkun taf li jkun jistħoqqilha l-ġudizzju divin għall-ħażen li tkun

---

[112] Il-Konċilju Lateran IV ta' Novembru 1215 kien iddeċieda li l-Ordnijiet reliġjużi ġodda ma setgħux ikollhom Regoli għalihom, imma kellhom jaddottaw Regoli ta' Ordnijiet reliġjużi diġà eżistenti. Id-Digriet 13 ta' dan il-Konċilju (Kostituzzjoni *Ne nimia religionum diversitatis*), kien jgħid: "Biex nevitaw li d-diversità ġdida ta' l-Ordnijiet reliġjużi fil-Knisja tqajjem konfużjoni serja, aħna nipprojbixxu bil-qawwa minn issa 'l quddiem it-twaqqif ta' xi Ordni ġdid. Imma jekk xi ħadd jixtieq li jgħix ħajja ta' konverżjoni f'xi Ordni, għandu jagħżel il-ħajja ta' wieħed mill-Ordnijiet li diġà jeżistu. Hekk ukoll, jekk xi ħadd jixtieq iġedded xi dar ta' l-Ordni tiegħu diġà mwaqqfa, għandu jadotta r-Regola u l-forma ta' ħajja ta' wieħed mill-Ordnijiet approvati" (cfr. *Conciliorum oecumenicorum decreta,* Freiburg 1962, 218). Santa Klara, li flimkien mas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano, kienet tosserva l-*Forma vitae* mogħtija lilhom minn San Franġisk fl-1212, kellha issa taċċetta r-Regola ta' San Benedittu, flimkien mat-titlu ta' Badessa. Biex tħares bla mittiefsa l-għażla radikali ta' *Madonna Povertà,* u hekk tiggarantixxi l-fedeltà lejn Franġisku u l-kariżma evanġeliku tiegħu, Klara talbet lill-Papa Innoċenz III, qabel is-16 ta' Lulju 1216, data li fiha miet dan il-Papa, "privileġġ" speċjali, jiġifieri li hi u s-Sorijiet Foqra ma setgħux jiġu mġiegħela jaċċettaw proprjetà. Din kienet ħaġa għal kollox ġdida fil-komunitajiet monastiċi femminili.

[113] Bulla *Sicut manifestum est* tal-Papa Innoċenz III, mibgħuta lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano f'Assisi.

wettqet, u għandha tinżamm milli tirċievi l-ġisem u d-demm l-aktar qaddis ta' Alla u tal-Mulej Ġesù Kristu, Feddej tagħna, u li fil-ġudizzju finali tkun ikkundannata bil-qawwa għall-kastig. 11 Il-paċi tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu tkun magħkom ilkoll u ma' dawk li fl-istess post iħarsu l-imħabba fi Kristu, ħalli anke dawn jirċievu l-frott ta' l-għemejjel tajba u quddiem l-imħallef iebes isibu l-premju tas-sliem bla tmiem. Amen[114].

---

[114] L-awtentiċità tal-*Privilegium Pauptertatis* approvat minn Innoċenz III hi diskussa minn bosta studjużi, minħabba t-tradizzjoni manuskritta fqira tagħha. L-uniku dokument tiegħu kien dak tal-*Firmamenta Trium Ordinum,* Pariġi 1512, V, fol. 5r. Xi studjużi baqgħu jsostnu l-awtentiċità tiegħu. Cfr. Z. LAZZERI, "Il *Privilegium Paupertatis* concesso da Innocenzo III e che cosa fosse in originale", *Archivum Franciscanum Historicum* 11 (1918) 270-276; P. SABATIER, "Le Privilège de la pauvreté", *Revue d'Histoire Franciscaine* 1 (1924) 1-54; E. GRAU, "Das *Privilegium paupertatis* Innocenz III", *Franziskanische Studien* 31 (1949) 337-349; E. GRAU, "Saint Clare's *Privilegium Paupertatis*: Its History and Significance", *Greyfriars Review* 6 (1992) 327-336. Fost l-istudjużi li ċaħdu l-awtentiċità tal-*Privilegium Paupertatis* ta' l-1216, cfr. W. MALECZEK, *Das "Privilegium paupertatis" Innocenz' III. Und das Testament der Klara von Assisi. Überlegungen zur Frage ihrer Echtheit,* Roma 1995. Traduzione italiana: *Chiara d'Assisi. La questione dell'autenticità del "Privilegium paupertatis" e del Testamento*, Milano 1996. Traduzione inglese: "Questions about the Authenticity of the Privilege of Poverty of Innocent III and of the Testament of Clare of Assisi", *Greyfriars Review* 12 (1988) Supplement, 1-80. L-edizzjoni kritika tal-kitbiet ta' Santa Klara, ta' M.F. BECKER – J.F. GODET – Th. MATURA, *Claire d'Assise: Écrits*, (Sources Chrétiennes, No. 325), Les Éditions du Cerf, Paris 1985, 14, li aħna segwejna fit-traduzzjoni tagħna, tafferma li hemm tliet manuskritti antiki li jikkonfermaw il-pożizzjoni ta' l-istudjużi li jiddefendu l-awtentiċità tad-dokument ta' l-1216. Għalhekk aħna għażilna li, fuq il-bażi ta' dawn l-argumenti, ninkludu l-*Privilegium Paupertatis* ta' l-1216 fost il-Fonti għall-Ħajja ta' Santa Klara.

# ITTRA TAL-PAPA ONORJU III
# LILL-KARDINAL UGOLINO
(1218)

[172] Onorju, Isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, jibgħat it-tislijiet tiegħu u l-barka Apostolika lil ħuna, [Ugolino], Isqof ta' Ostia u Legat tas-Sede Apostolika[115].

Fl-ittra tiegħek li inti bgħattilna, għidtilna li bosta nisa verġni u nisa oħrajn jixtiequ jaħarbu mill-frugħa u l-għana ta' din id-dinja u jinġabru fi djar għalihom, li fihom huma jridu jgħixu mingħajr ma jkollhom xejn tagħhom taħt is-sema ħlief dawn id-djar u l-oratorji li jinbnew għalihom. Minħabba n-nuqqas ta' stabilità fil-għana materjali tad-dinja, bosta nisa nobbli jwiegħdu li jgħixu ħajja ta' ġid spiritwali f'din id-dinja, għaliex Dak li jonfoħ fejn irid inebbaħhom biex jaħarbu minn fuq wiċċ l-art, wara li huma jixorbu mill-inbid tas-sogħba u jirċievu sinjali li jidhru minn barra. Minħabba li, għal din ir-raġuni, bosta fundazzjonijiet qiegħdin jiġu offruta lilek minn bosta nies f'isem il-Knisja ta' Ruma, xi wħud minn dawn in-nies jixtiequ jżommu għalihom infushom il-progress, it-twaqqif u l-abbandun ta' dawn il-fundazzjonijiet, u hekk, ma jibżgħux li jieqfu lir-rieda qawwija ta' salvazzjoni ta' dawn in-nisa. Għaldaqstant, il-Fraternità tiegħek talbitna li nieħdu ħsieb li nipprovdu għal dawn in-nisa bi ħsieb ta' missier.

Aħna nixtiequ li nikkonċedu l-favur Apostoliku tagħna fuq ix-xewqat qaddisa ta' dawn in-nisa, b'tali mod li huma jistgħu jiksbu r-riżultat tat-talbiet tagħhom, u sabiex kemm l-isqfijiet tad-djoċesijiet u oħrajn li fil-parroċċi tagħhom dawn in-nisa waqqfu d-djar tagħhom, ma jkollhomx raġuni ġusta biex jilmintaw. Għalhekk aħna nikkmandawk permezz ta' l-awtorità ta' din l-ittra biex tirċievi, legalment u bħala proprjetà, il-fundazzjonijiet ta' din ix-xorta f'isem il-Knisja ta' Ruma u li tordna li l-knejjes li jinbnew f'dawn il-postijiet jaqgħu biss taħt il-ġurisdizzjoni tas-Sede Apostolika. Dan sabiex l-ebda isqof jew ekkleżjastiku ieħor jew persuna sekulari ma jkunu jistgħu jirreklamaw id-dritt għalihom infushom, sakemm dawn in-nisa jibqgħu mingħajr proprjetà, għexur u testmenti li minnhom tista' titnissel ħsara lill-Ordinarji tal-postijiet jew lill-prelati oħrajn tal-knejjes. Jekk fil-ġejjieni jiġri li huma ma jkollhomx proprjetà, jew l-affarijiet l-oħrajn li għadna kif semmejna, aħna ma rridux li dawn l-isqfijiet, jew persuni oħrajn, jiġu mqarrqin kanonikament taħt il-pretest ta' din l-eżenzjoni.

Mogħti fil-Lateran nhar is-27 ta' Awissu, fit-tielet sena tal-pontifikat tagħna.

---

[115] Fl-1217 il-kardinal Ugolino dei Conti di Segni, isqof ta' Ostia u Velletri, ġie maħtur mill-Papa Onorju III bħala Legat Papali fil-Lombardia u t-Toscana, kif ukoll fil-Valle di Spoleto. Ugolino kien twieled fl-1170, u kien jiġi mill-Papa Innoċenz III. Wara li studja f'Pariġi u Bologna daħal fis-servizz tal-kurja Rumana. X'aktarx li kellu formazzjoni spiritwali mill-Ordni taċ-Ċisterċensi u wera interess kbir fil-movimenti reliġjużi ta' żmienu. Hu probabbli li kellu wkoll relazzjoni ma' Jacques de Vitry, elett isqof ta' Acri fl-1216, u kronista dwar il-moviment Franġiskan fil-bidunett tiegħu. Bħala Legat fit-Tuscia u l-Valle Spoletana, Ugolino wera interess partikulari fil-monasteri tal-Povere Dame li bdew jinbtu f'dawn l-inħawi, fuq il-mudell tal-monasteru ta' San Damiano. L-Ittra *Litterae tuae nobis* (27 ta' Awissu 1218), hi dokument importanti fil-leġislazzjoni papali, għax turi li dawn il-monasteri ġodda tneħħew minn taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-isqfijiet u tqiegħdu direttament taħt il-ġurisdizzjoni tal-Papa. Dan il-"privileġġ ta' l-eżenzjoni", li sar komuni fil-medjuevu fil-każ ta' l-Ordnijiet mendikanti, kien ta' għajnuna biex dawn jinfirxu bla xkiel mal-kristjanità. Ugolino, permezz ta' din l-ittra, sar effettivament il-fundatur u l-mexxej ta' bosta monasteri tas-Sorijiet Foqra. Il-verżjoni latina ta' l-ittra tinsab fil-*Bullarium Franciscanum,* I, ed. J.H. Sbaralea, Roma 1759-1768, 1011.

# KOSTITUZZJONIJIET TAL-KARDINAL UGOLINO (1219)

## INTRODUZZJONI

Fl-ittra tiegħu lill-Papa Onorju III, li għaliha l-Papa jwieġeb bid-dokument *Litterae tuae nobis* (27 ta' Awissu 1218), il-Kardinal Ugolino dei Conti di Segni, isqof ta' Ostia u Velletri, u Legat Pontifiċju fil-Lombardia u t-Toscana, tkellem dwar il-komunitajiet ta' *mulieres religiosae* (nisa reliġjużi) li kienu qed jinbtu fir-reġjun tat-Tuscia u l-Valle Spoletana. Bosta minnhom kellhom bżonn ta' direzzjoni minn xi Ordni reliġjuż maskili, imma ma setgħux isibu min jgħinhom. Il-kanoniċi regolari Premonstratensi kienu irtiraw mill-assistenza pastorali għall-*mulieres religiosae* ta' l-Ordni tagħhom fl-1198, u ċ-Ċisterċensi kienu għamlu l-istess ħaġa fl-1212.

Kienu diversi dawk il-komunitajiet ta' nisa verġni li bdew isegwu l-mudell ta' ħajja reliġjuża propost mill-Ordnijiet Mendikanti, partikolarment mill-idejali ta' San Duminku u San Franġisk. Fir-reġjuni ta' l-Umbria u t-Toscana bosta minn dawn il-komunitajiet ta' nisa reliġjużi kienu twieldu fuq il-mudell tal-komunità ta' Klara u s-Sorijiet Foqra ta' San Damiano. Imma ħafna minn dawn il-komunitajiet ma setgħux isibu assistenza spiritwali fil-patrijiet Minuri, li kienu jgħixu ħajja itineranti u li ma kienux lesti li jistabilixxu kunventi tagħhom qrib dawn il-komunitajiet ta' nisa verġni.

Permezz ta' l-ittra *Litterae tuae nobis,* il-Kardinal Ugolino irċieva l-awtorità mill-Papa biex jirrimedja din is-sitwazzjoni. Hu deherlu li kellu jipprovdi forma ta' ħajja aktar stabbli lil dawn in-nisa reliġjużi, biex jagħtihom struttura ġuridika li tkun aċċettabbli mil-leġislazzjoni ekkleżjastika. Fost dawn il-monasteri kien hemm ukoll dawk tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano. Għaldaqstant Ugolino kiteb forma ta' ħajja, jew regola monastika, li tissejjaħ *Constitutiones Hugolinianae*. Fis-sena 1219 nafu b'erba' dokumenti ekkleżjastiċi li jiġu indirizzati lill-monasteri tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano f'Monticello (17 ta' Lulju 1219), Monte Lucio f'Perugia (29 ta' Lulju 1219), Sancta Maria extra Portam de Caniullia fi Siena (29 ta' Lulju 1219), u Santa Maria de Grataiola fid-djoċesi ta' Lucca (30 ta' Lulju 1219). F'dawn id-dokumenti l-Kardinal Ugolino jibgħat forma ta' ħajja lil dawn il-*moniales* (sorijiet tal-klawsura), li hu kitibha fuq il-mudell tar-Regola ta' San Benedittu (cfr. *Bullarium Franciscanum,* I, ed. J.H. Sbaralea, Roma 1759, 3, 4, 13).

L-oriġinal ta' dan id-dokument hu mitluf. It-traduzzjonijiet moderni tal-Kostituzzjonijiet ta' Ugolino jiġu ibbażati fuq l-eqdem edizzjoni tiegħu, li hi manuskritt li kien bagħat l-istess Ugolino li kien sar Papa Girgor IX, lill-monasteru ġdid ta' Sorijiet Foqra f'Pamplona, fi Spanja, l-ewwel wieħed barra l-Italja. Id-data tad-dokument *Cum a nobis* hi dik tat-12 ta' April 1228 (cfr. *Escritos de santa Clara y documentos contemporaneos*, ed. Ignacio Omaechevarria, Biblioteca de Autores Cristianos, Madrid 1970; J.R. DE LARRÍNAGA, "Las Clarísas de Pamplona", *Archivo Ibero Americano,* 2ª ed., 5 (1945) 242-277; I. VÁZQUEZ, "La *forma vitae* hugoliniana para las Clarísas en una bula desconocida de 1245", *Antonianum* 52 (1977) 94-125).

Dan id-dokument jixħet dawl fuq l-istil ta' ħajja ta' dawn il-komunitajiet ta' *mulieres religiosae* fl-Italja ċentrali fil-bidu tas-seklu 13. Juri wkoll kif Klara u s-Sorijiet Foqra ta' San Damiano kellhom jaċċettaw dawn l-elementi tar-Regola Benedittina, meta huma kienu qed iħarsu l-*Forma vitae* li San Franġisk kien tahom fl-1212

# KOSTITUZZJONIJIET TAL-KARDINAL UGOLINO (1219)

[173] 1 [Girgor, Isqof, Qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lill-maħbubin uliedna fi Kristu, saħħa u barka apostolika.

Meta lilna jitolbuna ħwejjeġ li huma ġusti u xierqa, inħossuna obbligati, kemm biex inżommu l-ordni kif ukoll biex inġibu ruħna l-istess ma' kulħadd li, bil-ħeġġa ta' l-uffiċċju tagħna, dawn it-talbiet inwieġbuhom kif suppost. Għaldaqstant, ulied maħbuba tagħna fi Kristu, filwaqt li aħna naqblu bil-qalb kollha mat-talbiet ġusti tagħkom, aħna iddeċidejna li ninkludu ħaġa waħda ma' din l-ittra l-Forma u l-Għamla ta' Ħajja li aħna konna tajna lis-Sorijiet Foqra Klawstrali kollha meta aħna konna f'qagħda inferjuri għal dik tallum u konna qed naqdu d-dmir ta' Legat f'partijiet mit-Toscana u l-Lombardia. Aħna nikkonfermaw din il-Forma u Għamla ta' Ħajja bl-awtorità apostolika tagħna u nsaħħuha bil-protezzjoni ta' dan id-dokument preżenti, filwaqt li nixtiequ li hi tkun imħarsa b'mod sħiħ fil-monasteru tagħkom. Il-Forma ta' din il-ħajja hi din:]

[174] 2 Kull Reliġjon vera u kull istitut ta' ħajja li hu approvat jibqa' sħiħ permezz ta' ċerti regoli u ħtiġijiet, u permezz ta' liġijiet dixxiplinarji. Jekk kull waħda mis-sorijiet ma titħabatx biex tosserva regola ta' mġieba tajba u dixxiplina fil-ħajja, hi toħroġ barra mit-triq tal-ġustizzja hekk li hi ma tibqax aktar tħares ir-regoli ta' ħajja retta. Hi tidħol fil-periklu li taqa' sal-punt fejn hi, bil-qawwa tar-rieda ħielsa tagħha, tkun ittraskurat li tibni għaliha pedament żgur u stabbli biex timxi 'l quddiem[116]. Għaldaqstant, uliedna maħbuba fi Kristu, billi intom għażiltu li, taħt l-ispirazzjoni tal-grazzja divina, timxu matul it-triq iebsa u dejqa li twassal għall-ħajja, u li tgħixu ħajja ta' faqar biex tiksbu l-għana li ma tintemm qatt, aħna iddeċidejna li niktbu fil-qosor il-forma u l-osservanza ta' din il-għamla ta' ħajja, sabiex kull waħda minnkom issir taf dak li għandha tagħmel u dak li għandha titbiegħed minnu, sabiex hekk ma jiftillhiex tiskuża ruħha minħabba l-injuranza u taqa' fil-periklu li taħseb li tagħmel dak li mhux permess u li hu projbit, jew inkella, bil-mod il-mod permezz ta' ħajja laxka u telqa ta' min jistmerrha, hi tittraskura b'mod perikoluż dak li ġie ikkmandat. Għaldaqstant, bil-qawwa ta' l-ubbidjenza aħna nobbligaw lil kull waħda minnkom, u nikkmandawkom biex bl-umiltà u l-qima kollha tilqgħu din il-forma ta' ħajja, li hi spjegata b'mod sħiħ aktar 'l isfel, li aħna qiegħdin nibgħatulkom, u li intom u dawk li jimxu warajkom titħabtu biex tosservawha bla ma tiksruha f'kull żmien.

[175] 3 Sabiex l-ordni tal-ħajja tagħkom, mibnija b'mod sħiħ u mwaqqfa fuq Kristu wara l-mudell u b'imitazzjoni ta' dawk li qdew lill-Mulej mingħajr tgemgim u li inkurunaw il-bidu tal-ħajja mbierka u qaddisa tagħhom bl-aktar tmiem qaddis tal-perseveranza, tkun tista' tikber f'tempju qaddis fil-Mulej, u sabiex intom timxu fuq il-passi tal-qaddisin u hekk tkunu tistgħu tilħqu l-premju ta' din il-vokazzjoni hekk għolja malajr u bil-ferħ kollu, aħna qegħdin nagħtukom ir-Regola ta' San Benedittu biex tħarsuha f'dawk il-ħwejjeġ kollha li bl-ebda mod ma jmorru kontra dik l-istess Forma ta' Ħajja li ġiet mogħtija lilkom minna u li biha intom ridtu tagħżlu b'mod speċjali li tgħixu. Din ir-Regola ta' San Benedittu hi magħrufa li tiġbor fiha l-perfezzjoni tal-virtù

[116] Il-vot ta' *stabilitas loci* (stabilità f'post wieħed) kien dejjem meqjus bħala mezz ta' perseveranza fil-konverżjoni u fit-talb kontemplattiv. Hekk hu sar element essenzjali ta' l-ispiritwalità monastika. Cfr. A. ROBERTS, "The Meaning of the Vow of Stability", *Cistercian Studies* VII 7 (1972) 256-269.

u l-ogħla għaqal. Hi ġiet milqugħa bid-devozzjoni kollha sa mill-bidunett mill-Missirijiet qaddisa u ġiet approvata bil-qima kollha mill-Knisja Rumana[117].

[176] 4 Għaldaqstant, hi ħaġa xierqa u dmir ta' dawk in-nisa li, wara li stmerrew u ħallew warajhom il-frugħat tad-dinja, intrabtu li jħaddnu u jingħaqdu ma' l-Ordni tagħkom, li huma għandhom josservaw din il-liġi ta' ħajja u dixxiplina, u għandhom jibqgħu magħluqin ġewwa fil-klawsura ż-żmien kollu ta' ħajjithom[118]. Wara li huma jkunu daħlu fil-klawsura ta' dan l-Ordni u jkunu libsu t-tonka reliġjuża, huma qatt ma għandhom jingħataw permess jew fakultà li joħorġu [minn din il-klawsura], ħlief jekk jista' jiġri li xi wħud jiġu mibgħutin f'post ieħor biex iwaqqfu jew jibnu dan l-istess Ordni. Mhux biss, imma hi wkoll ħaġa xierqa li, meta jmutu, kemm is-sorijiet kif ukoll il-qaddejja li huma professi, għandhom jindifnu ġewwa l-istess klawsura[119].

[177] Id-dmirijiet iebsin u ħarxa, li permezz tagħhom skond ir-Reliġjon naslu għand Alla u li għalhekk għandhom bilfors jiġu mħarsa, għandhom jiġu spjegati lil dawk kollha li jixtiequ li jidħlu f'din ir-Reliġjon u jiġu milqugħin fiha, qabel ma jidħlu u qabel ma jbiddlu l-ilbies tagħhom, sabiex ma jmurx jiġri li aktar tard iġibu l-iskuża li ma kienux jafuhom. Ma għandhiex tiġi milqugħa dik li turi bid-deher li ma tkunx tajba biżżejjed biex tosserva din il-ħajja minħabba ż-żmien li jkollha, minħabba l-mard jew minħabba nuqqas ta' saħħa mentali. Għaldaqstant, għandha tiġi evitata bir-reqqa kollha kull okkażjoni li fiha jiġu milqugħin persuni bħal dawn, ukoll jekk, għal xi żmien u għal kawża raġjonevoli għandha tingħata dispensa lil xi wħud.

[178] Dawk kollha li jiġu milqugħin fil-klawsura, jekk ikunu kbar biżżejjed biex jifhmu, għandhom, skond id-drawwa, ineħħu mill-aktar fis il-ħwejjeġ tagħhom ta' sekulari u għandhom jagħmlu l-professjoni f'idejn il-Badessa wara ftit ġranet[120]. Din in-norma trid tiġi mħarsa wkoll fil-każ tas-sorijiet qaddejja[121].

---

[117] Ir-Regola ta' San Benedittu ġiet mogħtija lill-komunitajiet tas-Sorijiet Foqra bħala bażi ġuridika meħtieġa fid-dawl ta' dak li kienet talbet il-Kostituzzjoni 13 tal-Konċilju Lateran IV, *Ne nimia religionum diversitatis*. F'ittra mibgħuta lil Sant'Agnese ta' Praga, il-Papa Innoċenz IV afferma li din ir-Regola ma kienetx torbot lis-Sorijiet Foqra ħlief f'dak li għandu x'jaqsam ma' "l-ubbidjenza, iċ-ċaħda tal-ġid, u l-kastità perpetwa". Cfr. INNOĊENZ IV, Ittra *In divini timore nominis* lil Agnese ta' Praga (13 ta' Novembru 1243), *Bullarium Franciscanum,* I, ed. J.H. Sbaralea, Roma 1759, 316; L. WADDING, *Annales Minorum,* III ed., 1243, Ad Claras Aquas, Firenze 1931, 96; L. DE SEILHAC, "L'Utilisation de la Règle de Saint Benoît dans Les Monastères Feminins", *Atti del 7 Congresso Internazionale di studi sull'alto medioevo,* Spoleto 1982, 527-545; J. LECLERCQ, "Femminile, monachesimo", *Dizionario degli Istituti di Perfezione* 3 (1976) 1446-1451.

[118] Rigward l-iżvilupp tat-tejoloġija dwar il-klawsura, cfr. N. HUNT, "Enclosure", *Cistercian Studies* 21 (1986) 51-63; 22 (1987) 126-151; J. TIBBETS SCHULENBERG, "Strict Active Enclosure and Its Effects on the Female Monastic Experience", *Medieval Religious Women, Volume One: Distant Echoes,* eds. J.A. Nichols and L. Thomas Shank, Cistercian Publications, Kalamanzoo 1984, 51-86.

[118] Rigward l-iżvilupp tat-tejoloġija dwar il-klawsura, cfr. N. HUNT, "Enclosure", *Cistercian Studies* 21 (1986) 51-63; 22 (1987) 126-151; J. TIBBETS SCHULENBERG, "Strict Active Enclosure and Its Effects on the Female Monastic Experience", *Medieval Religious Women, Volume One: Distant Echoes,* eds. J.A. Nichols and L. Thomas Shank, Cistercian Publications, Kalamanzoo 1984, 51-86.

[119] Il-klawsura li tiġi deskritta f'dan id-dokument ta' Ugolino tirrifletti l-prassi li mbagħad saret liġi tal-Knisja permezz tad-digriet *Periculoso* tal-Papa Bonifaċju VIII (1298). Il-Konċilju ta' Trento saħħaħ dawn il-proviżjonijiet fl-1563. Cfr. J. LECLERCQ, "Women's Monasticism in the 12th and 13th Centuries", *Greyfriars Review* 7 (1993) 167-192.

[120] Din il-leġislazzjoni ma ssemmix "is-sena tal-prova" li l-Papa Onorju III obbliga għaliha l-Patrijiet Minuri permezz tal-Bulla *Cum secundum consilium* (22 ta' Settembru 1220). Tidher ukoll differenti mir-Regola ta' San Benedittu 58, li titkellem minn żmien ta' prova li fih isir in-novizzjat. Cfr. *RB 1980: The Rule of Saint Benedict in Latin and English with Notes,* ed. T. Fry et al., The Liturgical Press, Collegeville 1980, Appendix 5, "Monastic Formation and Profession", 437-466.

[121] Il-ħarsien tal-klawsura kien jitlob li jkun hemm persuni oħrajn fil-monasteru li jkunu jistgħu jaqdu l-ħtiġijiet materjali billi joħorġu barra mill-klawsura. Evidenza ta' dan tinsab fir-Regola ta' San Benedittu 57. Dawn il-persuni kienu jissejħu b'diversi ismijiet: *familiares, conversi/conversae, servi/servae*. Fir-RegCl, cap. 9, Klara titkellem mis-

[179] 5 Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-offerta ta' l-Uffiċċju Divin lill-Mulej kemm bin-nhar kif ukoll bil-lejl, għandha tiġi mħarsa n-norma li dawk li jafu jaqraw is-Salmi għandhom jiċċelebraw l-Uffiċċju regolari[122]. Jekk huma jkunu wkoll jafu jkantaw, għandhom il-permess li jiċċelebraw l-Uffiċċju u jfaħħru lill-Mulej ta' kollox billi jkantaw fis-Sigħat preskritti[123]. Għandhom jagħmlu dan bl-akbar serjetà u modestja, bl-umiltà u b'devozzjoni kbira, sabiex dawk li jisimgħuhom ikunu edifikati għas-salvazzjoni tagħhom. Dawk li ma jafux is-Salmi għandhom jitħabtu biex, skond id-drawwa, jirreċitaw il-*Missierna* b'mod devot lill-Ħallieq matul dawn is-Sigħat[124].
[180] Jekk ikun hemm xi sorijiet żgħażagħ jew ukoll anzjani li huma umli u kapaċi jitgħallmu, il-Badessa, jekk tara li jaqbel, tista' taħtar għalihom majjistra kapaċi u li taf tagħmel għażla għaqlija biex hekk tgħallimhom jaqraw.
[181] 6 Għandu jitħares is-skiet il-ħin kollu u bla jaqta', sabiex ma jkunx permess la li waħda titkellem ma' l-oħra jew lanqas li soru oħra titkellem magħha mingħajr permess, ħlief fil-każ ta' dawk li huma marbutin bl-uffiċċju jew id-dmir tat-tagħlim, li wieħed ma jistax jagħmlu kif suppost fis-skiet[125]. Jista' jingħata permess lil dawn it-talin li jitkellmu dwar dawk l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-uffiċċju jew id-dmir tagħhom, fejn, meta, u kif il-Badessa tara li jaqbel.
[182] Meta xi pesuna reliġjuża jew sekular ta' kull tip ta' dinjità tfittex li tiġi biex titkellem ma' xi waħda mis-sorijiet, għandha qabel xejn tiġi avżata l-Badessa[126]. Jekk hi tagħti l-permess, dik is-soru għandha jkollha magħha żewġ sorijiet oħrajn maħturin mill-Badessa biex jakkumpanjawha fil-parlatorju, u li jisimgħu dak kollu li jingħad lilha u dak kollu li hi tgħid lill-oħrajn.
[183] Din ir-regola għandha tiġi mħarsa bil-qawwa kollha minn kulħadd, kemm mill-morda kif ukoll minn dawk li huma f'saħħithom, biex hekk huma ma jitkellmux la bejniethom u lanqas ma'

---

*sorores servientibus extra monasterium* (is-Sorijiet li jaqdu barra l-monasteru). L-isem li tagħtihom juri li Klara kienet tqishom, qabel xejn, bħala sorijiet fis-sens sħiħ tal-kelma, u li kienu jgħixu l-impenn sħiħ tal-ħajja ikkonsagrata bħall-oħrajn, ħlief għall-vot tal-klawsura. Din kienet prassi għal kollox radikali, għax fl-Ordnijiet monastiċi, l-*conversi/conversae* kienu meqjusin bħala monaċi/sorijiet ta' kwalità inferjuri għal dawk li jkunu *choristi/choristae*, jiġifieri l-monaċi/sorijiet tal-kor.

[122] Hu diffiċli li wieħed jiddetermina t-tifsira ta' l-espressjoni "Uffiċċju regolari". Meta jispeċifika dak li tgħid ir-Regola ta' San Benedittu, Ugolino b'mod impliċitu tkellem dwar il-verżjoni Benedittina ta' l-Uffiċċju Divin li kienet essenzjalment forma mibdula tal-liturġija Rumana. Fir-RegCl, cap. 3, Klara tissemplifika r-reċita ta' l-Uffiċċju Divin billi tgħid li s-Sorijiet jitolbu l-Uffiċċju *secundum consuetudinem fratrum minorum* ("skond id-drawwa tal-Patrijiet Minuri"), jiġifieri skond ir-rit tal-kurja Rumana fil-Lateran. Cfr. O D'ANGERS, "Le Chant Liturgiques dans l'Ordre des Pauvres Dames", *Études Franciscaines* 25 (1975) 291, 293, 296. Jista' jkun possibbli li kien jiġi użat l-Uffiċċju tal-kattidral lokali. Cfr. P. SALMON, *The Breviary through the Centuries*, trans. D. Mary, Liturgical Press, Collegeville 1962, 28, 38-39, 97.

[123] Il-kant ta' l-Uffiċċju Divin mill-komunitajiet monastiċi wieħed irid jistudjah fil-kuntest tar-riformi liturġiċi mibdija minn Innoċenz III u l-Konċilju Lateran IV, u li mbagħad komplewhom Onorju III u Girgor IX. Cfr. S.A. VAN DIJK, "Historical Liturgy and Liturgical History", *Dominican Studies* 2 (1949) 161-182. Fir-RegCl, cap. 3, Klara wkoll tissemplifika l-prassi billi tgħid li s-Sorijiet jitolbu l-Uffiċċju *legendo sine cantu* ("jaqraw bla kant").

[124] Il-prassi tat-talba tal-*Missierna* għal diversi drabi biex tissostitwixxi l-Uffiċċju Divin issib l-oriġini tagħha fil-ħtieġa li kienu jsibu ruħhom fiha l-irħieb li jkunu jivvjaġġaw. Wara xi żmien din id-drawwa daħlet fil-kuntest tad-distinzjoni kanonika bejn ir-reliġjużi kjeriċi u r-reliġjużi lajċi, l-aktar dwar il-fatt jekk kienux jafu jaqraw jew le. Cfr. S.J.P. VAN DIJK – J. HAZELDEN WALKER, *The Origins of the Modern Roman Liturgy: The Liturgy of the Papal Court and the Franciscan Order in the Thirteenth Century*, Newman Press, Darton, Longman & Todd, London 1960.

[125] Rigward it-tradizzjoni monastika tas-silenzju, cfr. A.G. WATHEN, "The Meaning of Silence in the Rule of Saint Benedict", *Cistercian Studies* 22 (1973); ANON., "Certosine", *Dizionario degli Istituti di Perfezione,* II, Roma 1975, 773-775.

[126] Il-latin juża l-kelma *domina*, "mara nobbli". Fir-Regola, Klara tippreferi l-kelma *soror,* "soru". Iddeċidejna li nittraduċu dejjem bil-kelma "soru/sorijiet", għax bil-Malti ma għandniex ekwivalenti għall-kelma latina *domina*, jew taljana *dama*.

oħrajn ħlief jekk ikun hemm almenu tliet persuni preżenti. Din ir-regola għandha tiġi mħarsa dejjem, ħlief fil-każ, li diġà semmejna aktar 'il fuq, ta' dawk li huma mogħtijin għal diversi uffiċċji u dmirijiet, u għal dawk li għandhom bżonn li jitkellmu taħt sigriet mas-saċerdot fil-qrar, jew mal-Viżitatur rigward il-ħajja komuni u l-osservanza regolari tad-dixxiplina. Dan iżda, ma għandux isir ħlief jekk ikun hemm almenu żewġ persuni li jkunu bilqiegħda mhux ħafna 'l bogħod li jkunu jistgħu jaraw lil dawk li jkunu qed iqerru jew jitkellmu, u li dawn bl-istess mod ikunu jistgħu wkoll jarawhom. Il-Badessa nnifisha trid tgħasses bir-reqqa li din il-liġi ta' kif waħda titkellem tiġi mħarsa, sabiex titwarrab kull okkażjoni ta' nuqqas ta' prudenza. Meta, iżda, taħseb li jkun jaqbel, il-Badessa tista' titkellem fil-privat jew fil-pubbliku fis-sigħat xierqa mas-sorijiet tagħha dwar dawk il-ħwejjeġ li jkun hemm ħtieġa li waħda titkellem dwarhom.

[184] 7 Is-Sorijiet huma marbutin għal din l-osservanza dwar is-sawm: huma għandhom isumu dejjem, u bl-istess mod nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa barra mir-Randan, għandhom jagħmlu astinenza mill-frott jew mill-ħaxix u mill-inbid, ħlief jekk f'dawk il-ġranet tkun qed tiġi ċelebrata festa prinċipali ta' xi qaddis[127]. Jekk ikollhom frott u ħaxix frisk f'dawn il-ġranet ta' l-Erbgħa u l-Ġimgħa, dawn għandhom jitqassmu biex isostnu lis-Sorijiet. Imma huma għandhom isumu ħobż u ilma għal erbat ijiem fil-ġimgħa matul ir-Randan il-kbir, u matul tlitt ijiem fil-ġimgħa matul ir-Randan ta' San Martin[128]. Huma jistgħu jagħmlu dan ukoll bir-rieda ħielsa tagħhom fil-vġili solenni kollha. Minkejja dan, is-Sorijiet li huma żgħażagħ ħafna jew li huma anzjani, u dawk li huma dgħajfin fiżikament u mentalment ma għandhomx jingħataw il-permess li josservaw din il-liġi tas-sawm u l-astinenza. Huma għandhom jiġu iddispensati bil-ħniena rigward l-ikel u s-sawm skond id-dgħufija tagħhom.

[185] 8 Għandhom jagħtu l-kura bl-akbar ħerqa lis-Sorijiet morda[129]. Il-morda għandhom jiġu moqdija bil-kortesija u bil-ħerqa u fi spirtu ta' karità skond dak li hu possibbli u li jixraq kemm fl-ikel li l-marda tagħhom titlob kif ukoll fil-ħwejjeġ meħtieġa l-oħrajn kollha. Dawk li huma morda għandhom ikollhom il-post tagħhom, kull meta dan ikun possibbli, fejn huma joqogħdu għalihom u mhux ma' dawk li huma f'saħħithom, sabiex is-saħħa u l-ħemda li jkollhom bżonn ma jiġux imfixklin jew imħawwdin[130]. Dawk li ma jkunux imtaqqlin b'mard gravi jistgħu jimteddu fuq imtieraħ tat-tiben u jkollhom imħadda tar-rix. Imma dawk li huma morda b'mod gravi jistgħu jimteddu fuq saqqijiet, jekk dawn jistgħu jinstabu b'mod konvenjenti. Imma l-morda kollha jistgħu jilbsu għata tar-riġlejn tas-suf li jkollhom is-suletta, jekk dan ikun possibbli. Huma jistgħu jżommuhom u jilbsuhom skond il-ħtieġa.

[186] 9 Dan li se jingħad irid jiġi mħares rigward l-ilbies: kull soru jista' jkollha żewġ tonok u mantell, barra miċ-ċilizzju tax-xagħar jew tal-ħbula misuġin jekk ikollhom wieħed, inkella wieħed ta' l-ixkejjer[131]. Jistgħu wkoll ikollhom skapulari magħmulin minn drapp reliġjuż lixx, jew inkella minsuġ, jekk huma jixtiequ, li jkollhom wesgħa u tul li jixirqu skond kif titlob in-natura u l-qjies

---

[127] Caroline Walker Bynum, li kitbet ħafna dwar it-tifsira reliġjuża ta' l-ikel għan-nisa reliġjużi, issostni li s-sawm kien element ċentrali tad-devozzjoni femminili fil-Medjuevu. Cfr. C. WALKER BYNUM, *Holy Feast and Holy Fast: The Religious Significance of Food to Medieval Women,* University of California Press, Berkeley, Los Angeles, London 1987, 13-69.

[128] Lejn it-tmiem tas-seklu 5 daħlet drawwa fid-djoċesi ta' Tours fi Franza, fejn kien għex l-isqof San Martin. Fil-festa tiegħu (11 ta' Novembru) kien jibda s-sawm li kien jiġi mħares tlitt ijiem fil-ġimgħa. Din id-drawwa xterrdet mal-kristjanità bħala staġun penitenzjali li kien jibda fil-11 ta' Novembru u jintemm fil-Milied. Jikkorrispondi, bejn wieħed u ieħor, għall-Avvent fir-rit Ambrosjan (6 ġimgħat), u kien jissejjaħ "ir-Randan ta' San Martin". Kien wieħed miż-żminijiet penitenzjali ta' San Franġisk (RegB 3,5).

[129] Cfr. Regola ta' San Benedittu 36,1-4.

[130] Ir-Regola ta' San Benedittu 36,7 tgħid li għandu jkun hemm *cella* (kamra) speċjali għall-irħieb morda.

[131] It-tonka kienet libsa li tidħol mir-ras u tibqa' nieżla b'mod abbundanti sar-riġlejn, li kien ikollha kmiem sa l-idejn, jew ukoll setgħet tkun bla kmiem. Għal klima aktar kiesħa kien jintlibes ukoll il-mantell.

ta' kull waħda minnhom[132]. Huma għandhom jilbsu b'dan il-mod meta jkunu qegħdin jaħdmu jew jagħmlu xi ħaġa li waħda ma tkunx tista' tagħmilha b'mod xieraq jekk tkun liebsa l-mantell. Jekk huma jixtieq li jkollhom l-iskapulari flimkien ma' l-imnatar, jew ukoll ikunu jixtiequ jorqdu bihom, huma għandhom il-permess li jagħmlu dan. Jistgħu wkoll joqogħdu mingħajrhom xi mindaqqiet, jekk jidher li jkun jaqbel għall-Badessa, jew ukoll meta minħabba l-ħafna sħana huma jsiru tqal wisq għas-Sorijiet biex jilbsuhom. Jekk dan il-preċett rigward l-ilbies ta' l-iskapular jidher li hu iebes ħafna u għajn ta' dwejjaq għal xi wħud hekk li huma ma jħossuhomx lesti jew imġiegħelin li jaċċettawh, il-Badessa tista' tiddispensahom minnu. Imma dawk li jaċċettaw l-iskapular ikunu jaġixxu b'mod aktar rett u jkunu jogħoġbuna ħafna aktar, u aħna nemmnu li huma jkunu jogħoġbu aktar lil Alla wkoll.

[187] Għandhom jorqdu fuq twavel ta' l-injam. Jekk jixtiequ u jidher xieraq għall-Badessa, dawn it-twavel jistgħu jiġu mgħottijin b'tapit jew biċċa drapp mimlija bi ftit tiben jew b'xi materjal jixbħu li jkun jaqbel mar-Reliġjon tagħhom u li jkun jinsab f'dak il-post. Jistgħu wkoll ikollhom imħaded tat-tiben. Jistgħu wkoll ikollhom gvieret tas-suf, u jgħaddu s-sodod tagħhom b'kutra tas-suf jekk dan ikunu jistgħu jakkwistawh b'mod xieraq.

[188] Għandhom jaqtgħu xagħarhom tond. L-ebda waħda ma tista' tirċievi t-tonsura b'mod ieħor, ħlief jekk mhux imġiegħelha minn mard tal-ġisem[133].

[189] 10 Dwar dak li għandu x'jaqsam mad-dħul tal-persuni fil-monasteru, aħna niddikjaraw bil-qawwa u b'mod strett li l-Badessa u s-Sorijiet ma jistgħu qatt jippermettu lil xi persuna reliġjuża jew sekulari ta' kwalunkwe dinjità li tidħol fil-monasteru[134]. Dan il-permess ma għandu jingħata lil ħadd ħlief lil dawk li jkunu ingħataw il-permess mill-Papa jew minnha, jew inkella, lil dawk li warajna s-Sinjur Papa jkun ħalla f'idejh, kif ħalla f'idejna, l-ħsieb u l-kura speċjali fuqkom.

[190] Intom għandkom tieħdu ħsieb bir-reqqa li, meta xi kardinal jew isqof tal-Knisja Rumana, li jiġi maħtur b'mod speċjali għalikom, ikun għadda minn din il-ħajja, intom għandkom dejjem titolbu lis-Sinjur Papa biex jagħtikom ieħor minn fost ħutu l-isqfijiet, li għandu tkunu tistgħu tirrikorru b'mod speċjali permezz ta' Viżitatur jew permezz tal-messaġġiera tagħkom, kull meta tinqala' l-ħtieġa.

[191] Huma skużati minn din il-liġi dwar id-dħul fil-monasteru dawk li fuqhom jaqa' l-piż li jidħlu biex iwettqu xi ħidma li tkun meħtieġa.

[192] Imma wkoll jekk xi wieħed mill-kardinali xi mindaqqiet jiġi fil-monasteru ta' dan l-Ordni u jkun jixtieq jidħol, hu għandu jiġi milqugħ bil-qima u d-devozzjoni, imma għandu jiġi mitlub biex ikun akkumpanjat minn wieħed jew tnejn minn sħabu li jkunu xierqa. Kull prelat ieħor, li jingħatalu l-permess li jidħol, irid jikkuntenta ruħu b'reliġjuż wieħed bħala sieħeb xieraq tiegħu. Jekk, xi mindaqqiet, jingħata l-permess lil xi isqof biex jiċċelebra l-quddiesa fil-klawsura għall-

---

[132] Ir-Regola ta' San Benedittu 54 issemmi l-iskapular fil-kuntest tax-xogħol. Il-kelma ġejja mil-latin *scapula,* li tfisser "spallejn", u nistgħu nikkonkludu li l-iskapular kien libsa bla kmiem, jew bi kmiem qosra, li jintlibes mir-ras. L-użu ta' l-iskapular jidher li mhux dejjem kien jiġi milqugħ mill-ewwel komunitajiet ta' Sorijiet Foqra, kif jidher mill-kliem ta' din is-silta. Cfr. I. OMAECHEVARRIA, "The Rule and The Rules of the Order of Saint Clare", *Greyfriars Review* 7 (1993).

[133] Rigward informazzjoni dwar it-tonsura fost il-*mulieres religiosae*, cfr. L. PADOVESE, "Clare's Tonsure: Act of Consecration of Sign of Penance", *Greyfriars Review* 6 (1992) 67-74.

[133] Rigward informazzjoni dwar it-tonsura fost il-*mulieres religiosae*, cfr. L. PADOVESE, "Clare's Tonsure: Act of Consecration of Sign of Penance", *Greyfriars Review* 6 (1992) 67-74.

[134] Din is-silta titkellem dwar il-klawsura formali u passiva, jiġifieri, l-esklużjoni ta' l-irġiel u n-nisa mill-post li fih jgħixu s-Sorijiet fil-monasteru. Ir-Regola ta' San Benedittu fiha diversi kapitli li jitkellmu dwar kif għandhom jiġu milqugħin il-barranin. L-*Exordium Parvum* 15 taċ-Ċisterċensi jitkellem dwar id-dħul ta' irġiel sekulari fil-monasteru. Fil-kapitli tagħhom ta' l-1193, 1197 u 1205, iċ-Ċisterċensi kienu għamlu liġijiet oħrajn li imbagħad iddaħħlu fil-leġislazzjoni komuni ekkleżjastika.

barka tal-Badessa jew biex jikkonsagra xi soru jew għal xi raġuni oħra, dan għandu jikkuntenta ruħu li jdaħħal miegħu biss ftit sħab u assistenti li jkun jeħtieġ u li jkunu mimlijin virtù. Dan il-permess għandu jingħata biss rarament lil kull min jitolbu.
[193] Ħadd, la jekk ikun f'saħħtu u lanqas jekk ikun marid, ma għandu jitkellem ma' ħaddieħor ħlief skond il-mod li għadna kif semmejna. Għandha tingħata attenzjoni partikulari li dawk, li jingħatalhom permess biex jidħlu fil-monasteru, għandhom ikunu tali fil-kliem u l-karattru tagħhom, fil-ħajja u l-imġieba tagħhom, li huma jedifikaw lil dawk li jarawhom u b'hekk ma jkunux jistgħu inisslu fihom motiv ta' skandlu.
[194] 11 Meta s-Sorijiet ikollhom il-kappillan tagħhom, dan għandu jkun reliġjuż fil-ħajja u fl-imġieba, u għandu jgawdi minn fama tajba[135]. Ma għandux ikun żagħżugħ ħafna, imma jkollu età xierqa. Meta dan il-kappillan jara li xi waħda mis-Sorijiet, li tinħakem minn xi marda gravi tal-ġisem, tkun waslet fl-aħħar u jkollha bżonn li tqerr dnubietha u tirċievi s-Sagrament tal-Ġisem tal-Mulej, hu jista' jidħol fil-klawsura liebes bi stola bajda u maniplu. Wara li jkun sema' l-qrara tagħha u jkun taha s-Sagrament tal-Ġisem tal-Mulej, hu għandu joħroġ, liebes kif daħal, u ma għandux joqgħod jitlajja ġewwa għal aktar ħin. Għandu jġib ruħu hekk bl-istess mod meta jidħol biex jassisti lil ruħha fil-ħin tat-tluq. Hu ma għandux jidħol fil-klawsura biex imexxi l-funeral fuq il-qabar; dan id-dmir għandu jiġi mwettaq fil-kappella. Minkejja dan, jekk il-Badessa jidhrilha li jkun jixraq li jidħol għall-aħħar tislima, hu għandu jidħol fil-mod deskritt aktar 'il fuq, u wara d-difna għandu jitlaq mingħajr dewmien. Jekk, iżda, jkun meħtieġ li xi ħadd jidħol biex iħaffer jew jiftaħ il-qabar, u ċertament biex jagħalqu wara, hu leċitu li hu jew xi ħadd ieħor li jkun ta' fama retta u xieraq jidħol għal din ir-raġuni. Imma mill-bqija ma għandux jippretendi li jidħol fil-monasteru. Meta xi soru tkun tixtieq titkellem miegħu dwar il-qrar, din għandha titkellem miegħu mill-grada, u hu għandu joqgħod jismagħha hemmhekk.
[195] Ħadd ma għandu jitkellem mill-grada tal-ħadid li minnha s-Sorijiet jirċievu t-tqarbin, jew inkella joqgħod jisma' l-Uffiċċju, ħlief meta xi kultant jingħata l-permess lil xi ħadd għal xi kawża raġjonevoli jew meta titlob il-ħtieġa. Imma dan għandu jiġri biss darba kultant. Għandha titqiegħed biċċa drapp fuq in-naħa ta' ġewwa ta' din il-grada tal-ħadid hekk li l-ebda soru ma tkun tista' tara xejn minn dak li jiġri fil-kappella fuq barra. Il-grada għandha jkollha bibien ta' l-injam biċ-ċappetti u l-istaneg tal-ħadid u bil-muftieħ, sabiex dawn jibqgħu magħluqin u ma jinfetħux ħlief għar-raġunijiet li semmejna aktar 'il fuq, jew sabiex is-Sorijiet xi mindaqqiet ikunu jistgħu il-Kelma ta' Alla li tiġi ippriedkata lilhom fil-kappella minn xi persuna xierqa li tkun approvata għall-fidi, fama tajba u għerf tiegħu[136].
[196] Meta s-Sorijiet ma jkollhomx il-kappillan tagħhom, huma jistgħu jisimgħu l-quddiesa li tkun iċċelebrata minn xi saċerdot ta' fama tajba u ħajja retta. Għandhom, iżda, jitħabtu u jaraw li jirċievu s-Sagramenti tal-Penitenza u tal-Ġisem tal-Mulej minn xi saċerdot li jkun bil-għaqal,

---

135 Il-kappillan kien distint mill-Viżitatur u seta' wkoll ma jkunx patri Minuri. Hu kien jamministra għall-ħtiġijiet sagramentali tas-Sorijiet. Il-patrijiet Minuri ma setgħux ikunu konfessuri tas-Sorijiet Foqra ħlief fi ħtieġa gravi. Dawn il-liġijiet aktar tard saru każwa ta' ħafna argumenti, li fihom il-Patrijiet Minuri bdew jiddefendu n-nuqqas tagħhom li jieħdu ħsieb tal-ħtiġijiet spiritwali tas-Sorijiet Foqra.

136 L-użu tal-grada jidher li kien beda fil-"monasterji doppji" (irġiel u nisa) ta' Fontevrault, Sempringam u Haverholme, imwaqqfin minn Robert ta' Arbrissel u Gilbert ta' Sempringham. Il-grada, il-purtiera, ir-rota u diviżjonijiet oħrajn ġew introdotti biex jirrestrinġu l-kuntatti bejn ir-reliġjużi irġiel u nisa, li kienu jgħixu f'dawn il-monasteri. Billi Gilbert ta' Sempringham kien jimxi fuq l-użanzi taċ-Ċisterċensi almenu fl-ispirtu, hu ried li l-Forma ta' Ħajja għall-monasteri ta' Sempringham u Haverholme tiġi approvata mill-Papa Ewġenju III (1145-1153), li kien Ċisterċensi, fl-1148. Cfr. P.S. GOLD, "Male/Female Cooperation: The Example of Fountevrault", *Medieval Religious Women: Distant Echoes,* ed. J.A. Nichols and L. Thomas Shank, Cistercian Publications Inc., Kalamanzoo 1984, 151-168; S.K. ELKINS, "The Emergence of a Gilbertine Identity", *Medieval Religious Women: Distant Echoes,* 169-182.

reliġjuż fil-ħajja u fl-imġieba, u xieraq fiż-żmien, ħlief biss jekk xi soru tkun waslet fil-mument ta' ħtieġa kbira fil-periklu.

[197] 12 Dwar dak li għandu x'jaqsam mal-Viżitatur ta' din ir-Reliġjon wieħed għandu jara li jieħu ħsieb dan li ġej. Kull min jiġi maħtur bħala Viżitatur ġenerali, jew ukoll xi mindaqqiet, bħala Viżitatur speċjali, għandu jkun persuna tali li dwarha jkun hemm għarfien sħiħ u garanzija rigward il-fidi, il-ħajja u l-karattru tiegħu[137]. Meta jiġi biex jidħol fil-monasteru, għandu juri lilu nnifsu u jġib ruħu b'tali mod f'kollox, li hu jqanqal kollox mit-tajjeb għall-aħjar, u dejjem iħeġġeġ u jqabbad lis-Sorijiet għall-imħabba ta' Alla u għall-imħabba lejn xulxin.

[198] Il-Viżitatur għandu bil-ħerqa kollha jitkixxef il-verità dwar il-kundizzjoni tagħhom u dwar l-osservanza tar-Reliġjon, u dan minn kulħadd in ġenerali, u partikularment mill-individwi. Meta hu jsib xi ħaġa li trid tiġi riformata jew korretta, għandu bil-prudenza kollha u bil-ħeġġa għall-karità u l-imħabba għall-ġustizzja jirriformaha u jikkoreġiha kemm fir-ras kif ukoll fil-membri, skond kif jidhirlu l-aħjar. Imma għandu josserva l-mod ta' kif jitkellem kif għidna aktar 'il fuq, sabiex dak kollu li jgħid lil kulħadd jew lil ħafna f'ħin wieħed, jew dak li jgħid lil xi waħda fil-privat, ikun hemm dejjem almenu żewġ persuni oħrajn li jkunu bilqiegħda 'l bogħod imma li jistgħu jarawh, sabiex l-integrità tal-fama tajba tiegħu tibqa' mħarsa f'kollox. Imma jekk hu jiltaqa' ma' xi ħaġa li ma jkunx jista' jikkoreġi b'mod xieraq waħdu, hu għandu jirreferiha lis-superjur tiegħu, sabiex hi tiġi korretta bil-parir u l-kmand tiegħu skond kif titlob l-okkażjoni.

[199] Il-Badessa għandha toqgħod attenta li hi nnifisha u s-Sorijiet l-oħrajn ma jmorrux jaħbu mill-Viżitatur il-qagħda tal-monasteru tagħhom għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-osservanza tar-Reliġjon fl-għaqda ta' l-imħabba lejn xulxin. Din tkun ħtija qarrieqa u offiża li għandha tiġi ikkastigata b'mod serju. Aħna għaldaqstant nixtiequ u niddikjaraw li dawk l-affarijiet li huma istitwiti jew emendati skond il-forma ta' ħajja tagħhom, għandhom jiġu suġġeriti u proposti bir-reqqa kollha lill-Viżitatur kemm privatament kif ukoll pubblikament, skond kif jaqbel l-aħjar li jsir. Kull min jaġixxi b'mod differenti, kemm jekk tkun il-Badessa jew xi wħud oħrajn, għandhom jiġu ikkastigati skond il-qjies tal-ħtija kif jaqbel l-aħjar.

[200] Bl-istess mod, jekk il-kappillan ikun ħati ta' xi ħaġa li hu ma setax u lanqas kellu jwieżen bil-fehma tiegħu, wara li hu jiġi mwissi, għandu jiġi ikkastigat b'mod xieraq u raġjonevoli mill-Viżitatur. Jekk hu ma jkunx jixtieq jew jittraskura li jbiddel l-imġieba tiegħu, hu ma għandux jinżamm aktar bħala kappillan.

[201] 13 Għandha tiġi maħtura waħda mis-Sorijiet, li tkun żgur tibża' minn Alla, li tkun matura fil-karattru, li tkun bieżla u ta' età xierqa, biex tieħu tagħmilha ta' purtinara fid-daħla tal-monasteru[138]. Għandha tieħu ħsieb hekk bir-reqqa u tħares il-muftieħ tal-bieb, li l-bieb qatt ma jkun jista' jinfetaħ mingħajrha jew mingħajr l-għarfien tagħha. Għandha tingħatalha soru oħra, li tkun xierqa bħalha, biex tieħu postha f'kollox, meta hi tkun okkupata jew miżmuma minn xi kawża raġjonevoli jew minn xi ħidma meħtieġa. Għandhom jieħdu ħsieb bir-reqqa kollha tal-bieb, u joqogħdu attenti li dan qatt ma jinżamm miftuħ, ħlief biss meta dan jista' jsir għal żmien qasir ħafna.

[202] Id-daħla tal-monasteru għandha tkun imsakkra sewwa bil-firrolli, bi travi b'saħħithom u bi staneg tal-ħadid. Qatt ma għandha titħalla mingħajr għassa, ħlief biss għal ftit tal-ħin, jekk il-bieb ma jkunx imsakkar tajjeb bil-muftieħ. Il-bieb lanqas ma għandu jinfetaħ mall-ewwel għal kull min

---

[137] Ir-rwol tal-Viżitatur kien beda fl-Ordni taċ-Ċisterċensi, fejn l-Abbati kien obbligati li jżur il-monasteri li jkunu fil-kura tiegħu. Ta' spiss l-Abbati kien jiddelega raħeb ieħor għal din il-ħidma, l-aktar meta l-monasteru kien ikun wieħed ta' Sorijiet.

[138] Din il-preskrizzjoni tirrifletti r-Regola ta' San Benedittu 56 li titkellem mill-karattru u r-responsabbiltà tar-raħeb li joqgħod mal-bieb.

iħabbat, ħlief jekk waħda tkun taf minn qabel u mingħajr dubju min hi l-persuna li għaliha l-bieb irid jinfetaħ mingħajr dewmien, skond id-digriet li inkludejna aktar 'il fuq f'din il-Forma ta' Ħajja dwar dawk li jkunu se jidħlu fir-Reliġjon.

[203] Imma jekk ikun meħtieġ li jsir xi xogħol ġewwa l-monasteru, dawk is-sekulari jew il-persuni li jridu jagħmluh jistgħu jidħlu. Imma l-Badessa għandha tara bir-reqqa li, waqt li jkun qiegħed isir dan ix-xogħol, għandha tinħatar persuna xierqa biex tagħmel għassa mal-bieb. Hi tista' tiftħu lil dawk il-persuni li huma maħturin biex iwettqu dan ix-xogħol, u ma għandhiex tħalli persuni oħrajn jidħlu. Għal dak il-ħin kollu u sakemm ikun raġjonevolment possibbli, is-Sorijiet għandhom iħarsu lilhom infushom bl-akbar reqqa li ma jarawhomx is-sekulari jew il-persuni minn barra.

[204] Aħna nixtiequ u niddikjaraw li din il-Forma ta' Ħajja, li għadna kemm iddeskrivejna fil-qosor, għandha tiġi osservata bir-reqqa kollha u kullimkien bl-istess mod u minn kull waħda mis-Sorijiet, sabiex hekk il-għaqda fil-ħajja u l-qbil fid-drawwiet ikunu jistgħu jgħaqqdu u jżommu marbutin f'rabta ta' mħabba lil dawk is-Sorijiet li huma separati mid-distanza bejn diversi postijiet. Imma jekk il-għaqal fil-għażla tal-Knisja Rumana, li tara fil-bogħod, minħabba n-natura tal-post jew il-ħsieb għall-individwi, tiddeċiedi li xi Sorijiet għandhom jirċievu dispensa f'xi ħtieġa, is-Sorijiet l-oħrajn li ma għandhomx bżonn ta' dispensa bħal din għandhom iħarsu ruħhom bil-qawwa u jgħixu sa l-aħħar f'din il-Forma ta' Ħajja.

[205] Għaldaqstant, ħadd ma għandu jipprova jnaqqas il-qawwa ta' dan id-dokument tagħna ta' konferma, jew jiftillu jeħodha kontrih b'nuqqas ta' għaqal. Jekk xi ħadd jiftillu jagħmel dan, ħa jkun jaf li jaqa' taħt il-qilla ta' Alla li jista' kollox u ta' l-Appostli qaddisin tiegħu Pietru u Pawlu.

Mogħti f'San Pietru, Ruma, fit-12 ta' April, fit-tieni sena tal-pontifikat tagħna.

# ITTRA TAL-KARDINAL UGOLINO
# LIL SANTA KLARA
(1220)

[206] 1 Ugolino, raġel imsejken u midneb, Isqof ta' Ostia, jirrikmanda lilu nnifsu, dak kollu li hu u dak kollu li jista' jkun lill-oħt wisq għażiż tiegħu fi Kristu u l-omm tas-salvazzjoni tiegħu, il-qaddejja ta' Kristu, is-Sinjura Klara[139].

[207] 2 Oħti wisq għażiża fi Kristu! Minn dik l-istess siegħa li fiha l-ħtieġa tar-ritorn tiegħi hawnhekk firditni mill-konversazzjoni qaddisa tiegħek u ċarrtet minni dak il-ferħ tat-teżor tas-sema, tant ġejt maħkum minn imrar f'qalbi, minn kotra ta' dmugħ u minn niket bla tarf li, li kieku jiena ma nsibx f'riġlejn Ġesù l-faraġ tat-tjieba tiegħu tas-soltu, nibża' li dejjem niltaqa' ma' tant provi li l-ispirtu tiegħi iġiegħeluh jinħall. Dan wieħed jista' jifhmu għaliex, hekk kif tnissel niket kbir li ħakem lid-dixxipli meta l-Mulej ittieħed minn magħhom u ġie msammar mas-Salib, hekk jiena jibqa' deżolat minħabba li inti assenti minni. Dan għaliex dik il-hena glorjuża, li biha jiena tkellimt miegħek dwar il-Ġisem ta' Kristu meta kont qiegħed niċċelebra l-Għid miegħek u mal-qaddejja l-oħrajn ta' Kristu, issa ħallietni. U għalkemm jiena dejjem kont naf u kont inqis lili nnifsi bħala midneb, imma wara li jiena għaraft is-sinjal żgur tal-merti tiegħek u osservajt il-ħruxija ta' l-għamla ta' ħajja tiegħek, jiena tgħallimt b'ċertezza li jiena ittaqqalt b'tant tagħbija ta' dnubiet u tant offendejt lill-Mulej ta' l-univers kollu, li jiena ma jistħoqqlix li ninħall mill-ħsibijiet ta' l-art u ningħaqad mal-kumpanija tal-magħżulin, ħlief jekk it-talb u d-dmugħ tiegħek jaqilgħuli l-maħfra ta' dnubieti.

[208] 3 Għaldaqstant, jiena nafda lil ruħi u nirrikmanda l-ispirtu tiegħi f'idejk, l-istess kif Ġesù fuq is-Salib irrikmanda l-ispirtu tiegħu lill-Missier, sabiex f'jum il-ħaqq inti tkun tista' twieġeb għalija, għaliex inti kont imħassba ħafna dwari u ħerqana għas-salvazzjoni tiegħi. Għaliex jiena nemmen b'ċertezza li inti taqilgħali mill-imħallef l-aktar għoli dak kollu li inti taf titlob għalih bl-insistenza ta' devozzjoni hekk kbira u bil-kotra tad-dmugħ tiegħek. Is-Sinjur Papa mhux ġej Assisi għalissa, imma jiena naħtaf l-ewwel okkażjoni fix-xewqa li għandi li nara lilek u lis-Sorijiet tiegħek. Sellili għall-verġni Agnese, oħti, u għal ħutek is-Sorijiet kollha fi Kristu. Amen.

---

[139] L-awtur tal-*Legenda Sanctae Clarae Virginis* 27 isemmi li kien hemm korrispondenza bejn Santa Klara u l-Kardinal Ugolino. "Mhux ta' b'xejn li s-Sinjur Papa Girgor kellu fiduċja ta' l-għaġeb fit-talb ta' din il-qaddisa, għax għaraf mill-esperjenza li talbha hu qawwi, u dak li titlob taqilgħu. Ħafna drabi, meta kien isib ruħu f'xi diffikultà ġdida, kif jiġri ta' spiss, kemm meta kien għadu Isqof ta' Ostia kif ukoll wara li ġie mgħolli għall-ogħla setgħa apostolika, dejjem ħass l-għajnuna tat-talb tagħha. Tabilħaqq, bħalma dan l-att juri b'mod ta' l-għaġeb l-umiltà, jixraq li jiġu wkoll imitat: il-Vigarju ta' Kristu jitlob l-għajnuna mingħand il-qaddejja ta' Kristu, u jirrikmanda ruħu għas-setgħa tagħha quddiem Alla". Minn dan l-epistolarju fadal biss din l-Ittra u oħra miktuba minn Ugolino ftit wara li sar Papa. Din l-Ittra inkitbet minn Ugolino wara li hu kien żar San Damiano, fejn iċċelebra l-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid mas-Sorijiet Foqra. Ma nafux eżattament id-data ta' din iż-żjara. X'aktarx li kienet fl-1220, meta San Franġisk kien għadu kemm reġa' lura mill-Orjent, u kien talab lill-Papa Onorju III jagħtih lill-Kardinal Ugolino bħala Protettur ta' l-Ordni. Għal studju ta' din l-ittra, cfr. K. ESSER, "Die Briefe Gregors IX an die heiligen Klara von Assisi", *Franziskanische Studien* 35 (1953) 274-295. L-oriġinal Latin ta' l-Ittra jinsab fil-"Chronica XXIV Generalium Ordinis Fratrum Minorum", *Analecta Franciscana* III, 183.

# L-ITTRA TAL-PAPA GIRGOR IX LIL SANTA KLARA

(1228)

[209] 1 Lill-maħbuba binti, l-Badessa, u l-komunità tas-Sorijiet klawstrali ta' San Damiano f'Assisi[140]:

2 Alla l-Missier, li lilu intom offrejtu lilkom infuskom bħala qaddejja, għoġbu li fil-ħniena tiegħu jadottakom bħala wliedu. Bil-ħidma tal-grazzja ta' l-Ispirtu s-Santu, lilkom li se tkunu inkurunati fis-saltna tas-smewwiet flimkien ma' l-Għarus tagħkom tas-sema, Hu għarraskom ma' l-Iben il-waħdieni tiegħu, il-Mulej Ġesù Kristu. Għaldaqstant, billi fuq kollox intom obbligati li tħobbu lill-Għarus tagħkom, li jħobb lil dawk li jħobbuh u jagħmilhom werrieta miegħu, intom għandkom tifirħu bl-affett kollu tagħkom fih biss, sabiex l-ebda ħaġa ma tkun tista' qatt tifridkom mill-imħabba tiegħu. Intom ġejtu imnebbħa mis-sema għal dan il-għan, u għażiltu li tqiegħdu lilkom infuskom fil-klawsura, sabiex b'hekk il-qligħ tagħkom ikun li tiċħdu lid-dinja u dak kollu li fiha u, filwaqt li tħaddnu lill-Għarus tagħkom b'imħabba bla tebgħa, tkunu tistgħu *tiġru wara l-fwejjaħ* tiegħu, sakemm Hu *jdaħħalkom fid-dar ta' ommu* biex tieħdu l-ħajja għal dejjem bil-ħlewwa ta' mħabbtu (cfr. Għan 1,3; 3,4).

Aħna ċerti, nittamaw u mimlijin fiduċja li, jekk intom toqogħdu attenti bil-ħerqa u bir-reqqa, dawk il-ħwejjeġ li issa jidhrulkom morri jieħdu s-saħħa u jsiru ħelwin għalikom, dak kollu li jidher iebes isir ħafif u dak li hu aħrax isir lixx, sabiex b'hekk intom timtlew bil-hena, jekk ikollkom il-mertu li tbatu dan kollu għal Kristu li sofra għalina l-passjoni ta' mewt mistkerrħa.

Tabilħaqq, billi intom il-faraġ tagħna fost il-bosta tiġrib morr u bla jaqta' li miegħu rridu l-ħin kollu nħabbtu wiċċna. Għaldaqstant aħna nitolbukom ilkoll u ninkuraġġukom fil-Mulej Ġesù Kristu, mhux biss, imma nikkmandawkom permezz ta' din l-Ittra Apostolika li, filwaqt li timxu u tgħixu fl-Ispirtu u tinsew l-imgħoddi *kif tgħallimtu mingħandna* (cfr. 1 Tess 4,1), intom tkunu bħall-Appostlu dejjem ħerqanin *biex tiksbu dak li hemm quddiemkom* u *tħabirku għal doni akbar* (cfr. Fil 3,13; 1Kor 12,31), sabiex intom tfuru dejjem aktar fil-virtù u permezz tagħkom jiġi msebbaħ Alla fikom u jimliekom bil-ferħ tiegħu, kif aħna nħaddnukom b'imħabba ġewwenija bħala l-ulied speċjali tagħna (jew *dame*, jekk hu xieraq li nsejħulkom hekk, għaliex intom l-għarajjes tal-Mulej).

Aħna mimlijin fiduċja li intom sirtu ruħ waħda ma' Kristu, u għalhekk aħna nitolbukom biex tiftakru dejjem fina fit-talb tagħkom billi terfgħu l-idejn twajba tagħkom fit-talb bla jaqta' lil Alla. Hu jaf li, imdawwrin kif aħna min tant perikli, aħna ma nistgħux nibqgħu sħaħ minħabba d-dgħufija umana tagħna. Imma meta Alla jsaħħaħna bil-qawwa tiegħu, Hu jagħtina li nwettqu b'mod xieraq il-ministeru li Hu fdalna f'idejna, sabiex dan ikun ta' glorja lilu, ta' ferħ għall-anġli u ta' salvazzjoni għalina u għal dawk li huma mħollijin f'idejna.

---

140 Il-Kardinal Ugolino dei Conti di Segni ġie elett Papa fid-19 ta' Marzu 1227, u ħa l-isem ta' Girgor IX. Bħala Papa hu żamm ħajjin il-kuntatti tiegħu ma' Klara u s-Sorijiet Foqra ta' San Damiano, għaliex hu kien jara fihom qawwa ta' tiġdid għall-Knisja. Din l-Ittra inkitbet bejn Jannar u Lulju ta' l-1228, ftit qabel ma Girgor IX ġie Assisi biex jippresjiedi l-kanonizzazzjoni ta' San Franġisk, nhar is-16 ta' Lulju 1228. L-Ittra turi lil Girgor IX aktar bħala tejologu milli bħala kanonista, jew ekkleżjastiku b'qawwa politika.

# L-ITTRA TAL-KARDINAL RAINALDO LIL SANTA KLARA
## (1228)

[210] 1 Lill-għeżież ommijiet, tiegħi, ħuti u uliedi, il-qaddejja ta' Kristu l-Għarus, l-Iben ta' Alla; lill-badessi u l-komunitajiet tal-monasteri foqra ta' San Damiano t'Assisi: Santa Maria de Vallegloria, Perugia, Foligno, Firenze, Lucca, Siena, Arezzo, Borgo, Acquaviva, Narni, Città di Castello, Todi, Santa Serafica de Cortona, Faenza, Milano, Padova, Trento, Verona, Orvieto, Gubbio, San Paolo de Terni, San Paolo de Spoleto u de Cortona: Rainaldo[141], għall-ħniena divina, Kardinal Djaknu ta' San Eustachio, Camerlengo tal-Casa Pontifiċja, jixtieqilkom saħħa u d-dħul fil-kamra tat-tieġ irjali ta' l-Għarus.

2 Jalla xofftejkom jinfexxu fit-tifħir biex irodduh lura lill-Ħallieq għat-tjieba tiegħu. Jalla s-saħħa ta' ruħkom titwessa fix-xewqa tagħha għalih li l-milja tiegħu hi daqshekk kbira fil-barkiet u d-doni tagħha li aħna niġu mgħallmin b'mod sħiħ mill-barkiet ta' din il-ħajja f'dak li ġie mħejji għalina fl-eternità bil-grazzja tat-tjieba tiegħu bla tarf. Ħarsu lejn il-missier u s-sid tagħkom! Alla għamlu l-Vigarju tiegħu, imma l-imħabba tiegħu għalikom ma berditx u lanqas naqset. Hi tikber ta' kuljum fil-qawwa tagħha. Għaliex kien sewwa u xieraq li *l-ħabib ta' l-Għarus* (cfr. Ġw 3,29), il-Vigarju ta' Kristu, ir-Ragħaj u l-Isqof tal-merħla universali, ikun marbut b'imħabba eterna ma' dawk ix-xbejbiet żgħażagħ li fihom tistrieħ l-aktar imħabba safja ta' l-Għarus.

Aħna m'aħniex is-suċċessuri tiegħu, imma billi hu sab ruħu f'ħafna problemi diffiċli, aħna morna qrib tiegħu sabiex permezz tal-messaġġier tiegħu hu jwettaq dak li hu ma jistax iwettaq waħdu. Għaliex ukoll is-Sultan u l-Mulej kbir tas-sema, li għandu fih innifsu u permezz tiegħu nnifsu l-qawwa kollha, jaħdem il-ħin kollu permezz tal-ministeru tal-messaġġiera tiegħu.

3 Għeżież Sorijiet ħuti, is-Sinjur Papa xtaq li jafda l-kura tagħkom f'idejja, għaliex sa dan il-mument hu sawwab fuqkom imħabba hekk sinċiera li bil-qalb kollha tagħkom intom ħerqanin għall-ġid spiritwali tagħkom. Kien b'dan il-mod li hu ġab lilu nnifsu magħkom meta kien f'pożizzjoni inferjuri. Għaldaqstant u bħala sinjal tal-kura paterna tiegħu għal uliedna s-Sorijiet, aħna urejna l-favur tagħna għat-talbiet ta' Fra Pacifico[142] li hu devot ħafna lejn Alla u lejkom. Il-piż [tal-Viżitatur] deherlu li kien iebes wisq. Għaldaqstant, aħna għażilna lill-ħabib mill-aktar għażiż tagħna, Fra Filippo[143], li se jkun maħtur bħala Viżitatur tagħkom b'mandat speċjali tal-

---

[141] Il-Kardinal Rainaldo dei Conti di Segni, li mbagħad sar Papa Alessandru IV (12 ta' Diċembru 1254 – 25 ta' Mejju 1261), kien ġej mill-istess familja nobbli tal-Papiet Innoċenz III u Girgor IX. Fil-fatt, Girgor IX kien iz-ziju tiegħu, u kien għamlu kollaboratur tiegħu mill-qrib. Fl-1221 Rainaldo kien akkumpanja liz-ziju, li dak iż-żmien kien il-Kardinal Ugolino, meta dan kien ġie maħtur Legat Papali fit-Toscana u l-Lombardia. Meta mbagħad laħaq Papa, Girgor IX talab lil Rainaldo jakkumpanjah fi Rieti u Perugia. X'aktarx li kien waqt wieħed minn dawn il-vjaġġi li hu iltaqa' mas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano u sar jaf il-Forma ta' ħajja tagħhom. Ftit wara li laħaq Papa, Girgor IX ħatar lil Rainaldo bħala Kardinal Djaknu, u ftit wara għamlu Kardinal Protettur tas-Sorijiet Foqra. Kif jidher mil-lista ta' monasteri li tagħti din l-Ittra, in-numru ta' Sorijiet Foqra fl-Italja kien kiber ġmielu fl-1228. L-Ittra għandha importanza storika kbira, għaliex tagħtina lista sħiħa tal-monasteri tas-Sorijiet Foqra li kienu ġew fundati sa l-1228, kif ukoll turi l-importanza tar-rwol tal-Viżitatur.

[142] Fra Pacifico, "re dei versi", kien l-ewwel ministru ta' Franza, fejn intbagħat fl-1219 minn San Franġisk. Mill-1226 sa l-1228 Fra Pacifico kien Viżitatur tas-Sorijiet Foqra.

[143] Fra Filippo Longo hu persunaġġ ta' importanza kbira fil-kuntest tal-ħajja ta' Klara u s-Sorijiet Foqra ta' San Damiano. Kien minn Assisi, u kien bniedem elokwenti fil-ħwejjeġ tas-sema (1C 25). Flimkien ma' San Franġisk ħa sehem fil-laqgħat sigrieti ma' Klara u Bona di Guelfuccio. Ukoll ma' San Franġisk u Frate Bernardo da Quintavalle, hu akkumpanja lil Klara fil-monasteru ta' San Paolo delle Abbadesse, qrib Bastia, kif ukoll f'dak ta' Sant'Angelo di

Papa. Fra Filippo jniżżel l-għeruq tiegħu fil-qiegħnett ta' qalbna u hu reliġjuż li jibża' minn Alla. Aħna nikkmandawkom permezz ta' dan id-dokument bil-virtù ta' l-ubbidjenza stretta, li tirċevuh bil-qima li tixraqlu bħala qaddej ta' Alla, bħala xi ħadd li hu mħeġġeġ għall-ġid spiritwali tagħkom u li sofra bosta tiġrib u diffikultajiet għalikom. F'kollox agħtu widen għat-twissijiet ta' salvazzjoni tiegħu u għal dak li jikkmandakom. F'kollox araw li taqblu mal-preċetti u x-xewqat tiegħu bħala dak li għandu f'idejh l-awtorità fil-milja tagħha. Kunu afu li aħna qatt ma sejrin nreġġgħu lura dawk il-ħwejjeġ li hu jordna b'kastig jew għal xi raġuni oħra.

Jalla intom ilkoll tiksbu l-perseveranza finali u tmiem mill-aktar ferħan, u jalla l-barka ta' Alla li jista' kollox tinżel fuqkom għal dejjem.

Mogħtija f'Perugia, fil-ħmistax tal-*kalendae* ta' Settembru[144], fit-tieni sena tal-pontifikat tas-Sinjur Papa Girgor IX.

---

Panzo, taħt il-Monte Subasio. Kien Viżitatur Ġenerali tas-Sorijiet Foqra, mill-1219 sa l-1226, partikolarment fiż-żmien li fih San Franġisk kien fl-Orjent. Kien ukoll wieħed mill-predikaturi f'San Damiano (ProcCan 10,8 u LegCl 37). Reġa' ġie maħtur Viżitatur tas-Sorijiet Foqra wara l-mewt ta' San Franġisk, fl-1228, kif tixhed din l-Ittra. Fix-xhieda ta' Swor Cecilia (ProcCan 6,1) jingħad li Fra Filippo kien "ta' tifkira hienja". Mela kien mejjet fl-1253.

[144] 18 ta' Awissu 1228.

# PRIVILEĠĠ TAL-FAQAR
# MOGĦTI MILL-PAPA GIRGOR IX
(1228)

[211] 1 Girgor, isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lill-maħbubin uliedna fi Kristu, Klara u l-qaddejja l-oħra ta' Kristu miġburin fil-knisja ta' San Damiano ta' l-episkopat ta' Assisi, saħħa u barka apostolika[145].

[212] 2 Bħalma diġà deher[146], intom għandkom ix-xewqa ħerqana li tingħataw lill-uniku Mulej, u ċħadtu għal kull xewqa ta' ħwejjeġ ta' din id-dinja. 3 Għaldaqstant, *intom ridtu tbiegħu u tqassmu kollox lill-foqra* (Lq 18,22), u twiegħdu li ma jkollkom xejn tagħkom, ħalli b'hekk tibqgħu magħqudin u *timxu fuq il-passi* (1Pt 2,21; 2Kor 8,9) ta' dak li għalina sar fqir, hu li hu *triq, verità u ħajja* (Ġw 14,6); 4 u minn din il-wegħda l-ebda nuqqas ta' ħwejjeġ ma jreġġagħkom lura; 5 l-*id ix-xellugija* ta' l-Għarus tas-sema tinsab *taħt raskom* (Għan 2,6; 8,3.6) biex isostni d-dgħufija ta' ġisimkom, li intom qiegħdtu taħt il-liġi ta' l-ispirtu b'karità meqjusa. 6 Ibqgħu żguri li dak li *jitma l-għasafar ta' l-ajru u jlibbes il-ġilji ta' l-għelieqi* (Mt 6,26-28), mhux se jonqos li jipprovdilkom l-ikel u l-ilbies, sakemm *jgħaddi jaqdikom* (Lq 12,37) hu nnifsu fl-eternità, jiġifieri meta l-id il-leminija tiegħu tħaddankom fil-milja tal-viżjoni tiegħu. 7 Għaldaqstant, bħalma tlabtuna, nikkonfermaw il-proponiment tagħkom ta' l-*ogħla faqar* (cfr. 2 Kor 8,2) bil-favur apostoliku, filwaqt li nagħtukom id-dritt, bl-awtorità ta' din il-kitba, li ma tistgħux tiġu mġiegħlin minn ħadd li tirċievu proprjetà[147].

---

[145] Il-Bulla *Sicut manifestum est* tal-Papa Girgor IX (17 ta' Settembru 1228), li l-oriġinal tagħha hu konservat fil-Protomonasteru ta' Santa Klara f'Assisi, tissejjaħ tradizzjonalment bl-isem ta' *Privilegium Paupertatis* ("Privileġġ tal-Faqar"), għaliex fl-aġjografija Franġiskana, kif ukoll fil-Proċess ta' Kanonizzazzjoni, ta' spiss niltaqgħu ma' l-imħabba li Klara kellha lejn il-"Privileġġ tal-Faqar", b'riferiment għal din il-parċmina, imma wkoll x'aktarx għar-rieda ta' l-azzar li kellha Klara li tibqa' fidila lejn l-"ogħla faqar" li wiegħdet li tgħix quddiem San Franġisk. Kif diġà rajna, jeżisti l-"Privileġġ tal-Faqar" attribwit lill-Papa Innoċenz III (1216), li mhux meqjus bħala awtentiku. B'danakollu nistgħu nikkonkludu li Klara, bħal Franġisku, kienet qalgħet minn Innoċenz III xi forma ta' approvazzjoni, forsi bil-fomm, tal-*Foma Vitae* tagħha u tas-Sorijiet Foqra. Mhix ħaġa minn ewl id-dinja li l-isqof Guido ta' Assisi, li ċertament kien jaf in-nobbiltà kbira ta' bint Favarone di Offreduccio, kien indaħal għaliha quddiem il-Papa Innoċenz III biex hi taqla' din il-konċessjoni. Fl-1216 Innoċenz III kien jinsab f'Perugia, u kien qrib it-tmiem ta' ħajtu.

[146] Huma l-kliem li bihom tiftaħ il-Bulla *Sicut manifestum est* (*Bullarium Franciscanum* I, ed. J.H. Sbaralea, Roma 1759, 62).

[146] Huma l-kliem li bihom tiftaħ il-Bulla *Sicut manifestum est* (*Bullarium Franciscanum* I, ed. J.H. Sbaralea, Roma 1759, 62).

[147] Id-dokment hu sintesi tal-kariżma ta' Klara permezz tax-xbieha ta' l-għerusija mistika ma' Kristu u ta' "l-ogħla faqar". Din ix-xbieha tidher ċara fl-Ittri ta' Klara, li fihom tesprimi li l-*propositum* ta' verġinità tagħha kien marbut ħaġa waħda mal-mixja wara "Kristu fqir" (EpAgn II,18). Ir-riferimenti bibliċi tas-*sequela Christi* huma wkoll tipiċi fil-kariżma Franġiskan, l-aktar 1Pt 2,21 u Ġw 14,6. Is-siltiet mill-Ktieb ta' l-Għanja ta' l-Għanjiet jinsabu wkoll fl-Ittra ta' Klara, u b'mod partikulari fir-IV Ittra lil Agnese ta' Praga. Din il-parċmina, fis-sostanza tagħha, ġġib kliem li x'aktarx kienu miktubin minn Klara stess f'San Damiano. Klara tidher li hi l-għajn ewlenija tad-dokument, u nistgħu inqisuh għaldaqstant bħala "kitba" tal-qaddisa, li fiha hi tesprimi fi ftit kliem il-konvinzjonijiet sempliċi tal-mixja tagħha wara Kristu. Il-prassi medjevali kienet dik li l-konċessjoni tal-Papa kienet titqiegħed bħala introduzzjoni u konklużjoni tar-rikjesta konkreta li kienet issir minn min ikun kitibha oriġinarjament. Għalhekk nistgħu naħsbu li, bi probabiltà kbira, l-istess ħaġa ġrat f'dan il-każ tal-"Privileġġ tal-Faqar" li juru introduzzjoni u konklużjoni ċertament miktubin mill-kanċellerija pontifiċja, imma l-*corpus* tad-dokument li jidher ta' natura spiritwali u ġej x'aktarx minn Klara nnifisha. Fl-okkażjoni taż-żjara li Girgor IX għamel lil Klara f'San Damiano, meta f'Lulju 1228 ġie f'Assisi

[213] 8 Għaldaqstant mhu leċitu għal ħadd li jmur kontra dan id-dokument tal-konċessjoni tagħna jew li jiksruh b'mod temerarju. 9 Jekk xi ħadd ifettillu jagħmel hekk, għandu jkun jaf li jaqa' taħt il-korla ta' Alla li jista' kollox u ta' l-appostli qaddisin tiegħu Pietru u Pawlu. 10 Mogħti f'Perugia, fil-ħmistax tal-*kalendae* ta' Ottubru[148], fit-tieni sena tal-pontifikat tagħna.

---

għall-kanonizzazzjoni ta' San Franġisk, nistgħu naraw il-mument li fih Klara talbitu jagħti din il-konċessjoni hekk għażiż għaliha. Ta' dan insibu ħjiel fil-Fonti ta' Santa Klara (cfr. ProcCan 1,13; 2,22; 3,14; LegCl 14).

[148] 17 ta' Settembru 1228.

# ITTRA TA' SANT'AGNESE TA' ASSISI LIL OĦTHA SANTA KLARA
(1230)

[214] 1 Lis-Sinjura Klara, l-omm wisq meqjuma tagħha u l-mara li Kristu jħobb aktar mill-oħrajn kollha, flimkien mal-komunità tagħha, Agnese, l-iċken u l-aktar umli fost il-qaddejja ta' Kristu, tippreżenta ruħha bl-umiltà, bl-ubbidjenza kollha u bil-qima, bl-isbaħ xewqat lilek u lis-Sorijiet l-oħrajn, li jiksbu dak kollu li hu ħelu u prezzjuż f'għajnejn is-Sultan l-aktar għoli[149].

[215] 2 Id-destin ta' kulħadd irid li l-ebda waħda minna ma tista' tibqa' dejjem fl-istess qagħda jew kundizzjoni. Meta xi ħadd minna taħseb li tkun tinsab tajba, ikun f'dak il-waqt li hi tinħakem mill-kuntrarjetà. Għaldaqstant, ja Ommi, għandek tkun taf li ruħi u ġismi jbatu minn dwejjaq u niket kbar, li jiena mtaqqla u maħkuma minn taħbit bla qjies u li ma nistax infissru bil-kliem, għaliex jiena ġejt mifruda minnek fil-ġisem, kif ukoll minn ħuti s-Sorijiet l-oħrajn li magħkom jiena kont qed nittama li ngħix u mmut f'din id-dinja. Dan in-niket kellu bidu, imma ma nistax nara t-tmiem tiegħu. Donnu li qatt ma jonqos; mhux biss, imma talli jsir agħar. Ġejt maħkuma minnu dan l-aħħar, imma ftit jidher li se jitlaqni. Hu dejjem miegħi u qatt ma jrid iħallini. Jiena kont nemmen li l-ħajja u l-mewt tagħna ikunu l-istess, kif il-ħajja tagħna fil-ġenna se tkun f'għaqda waħda, u li aħna li għandna l-istess ġisem u demm inkunu midfunin fl-istess qabar. Imma issa qiegħda nara li ġejt imqarrqa. Jiena ġejt miżmuma, ġejt abbandunata; u ninsab imħabbta minn kull naħa.

[216] 3 Ħuti Sorijiet l-aktar għeżież, ħossu għalija, nitlobkom, u tnikktu miegħi sabiex intom qatt ma ssofru dawn l-affarijiet u *taraw jekk hemmx niket bħan-niket tiegħi* (cfr. Lam 1,12). Dan in-niket dejjem jifliġni, din il-ħlewwa ta' qalb dejjem tweġġagħni, din ix-xewqa taħraq dejjem tikkunsmani. Hekk jiena ġejt maħkuma għal kollox mit-tiġrib u *x'naqbad nagħmel ma nafx* (Fil 1,22), u lanqas x'naqbad ngħid, billi jiena ma nistenniex li sejra nerġa' nara lilek jew lis-Sorijiet mill-ġdid f'din il-ħajja.

[217] 4 O li kieku nkun nista' nqiegħed quddiemek ċar u tond fuq din il-paġni d-dwejjaq bla jaqta' li jiena nistenna li jiġi fuqi u li hu dejjem miegħi. Ruħi taqbad ġewwa fija, u jiena maħkuma minn nirien ta' tribulazzjonijiet bla tarf. Qalbi titniehed ġewwa fija u għajnejja qatt ma jieqfu jisiltu xmajjar ta' dmugħ. Jiena mimlija b'kull xorta ta' niket u nħossni bla ruħ, u qed innin għal

---

[149] Agnese kienet oħt Klara u iżgħar minnha. Kien jisima Caterina fis-seklu. Meta Klara ħarbet minn dar missierha Favarone di Offreduccio, Caterina marret tilħaqha f'Sant'Angelo di Panzo. Wara ħafna oppożizzjoni mill-familjari tagħha, daħlet ma' Klara f'San Damiano, fejn ħadet l-isem ta' Agnese. Fl-1229 Agnese intbagħtet bħala Badessa fil-monasteru ġdid tas-Sorijiet Foqra f'Monticelli, qrib Firenze. Hemmhekk Agnese damet tgħix sa l-1253, meta irritornat San Damiano ftit qabel ma mietet Klara. Assistiet lil oħtha fuq is-sodda tal-mewt. Għalkemm il-LegCl 48 tgħid li Agnese mietet "ftit ġranet" wara Santa Klara, skond it-tradizzjoni hi mietet ftit ġranet qabel ma beda l-Proċess ta' Kanonizzazzjoni ta' Klara f'San Damiano, fis-16 ta' Novembru 1253. Matul il-perjodu twil li damet nieqsa minn San Damiano, Agnese kitbet bosta ittri lil oħtha Klara, imma minnhom kollha din biss għadha teżisti. Kif lanqas għandna l-ittri li Klara kitbet lil oħtha Agnese bi tweġiba. Din l-Ittra nistgħu niddatawha għall-1230, jiġifieri xi sena wara li Agnese waslet f'Monticello. L-Ittra tesprimi n-niket kbir li kienet qed tħoss Agnese għall-firda tagħha minn oħtha Klara u mis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano. Imma fl-istess ħin tesprimi t-tama ta' l-imħabba u l-għaqda tal-qlub li kien hemm fil-monasteru ta' Monticelli. Il-verżjoni oriġinali ta' l-Ittra ta' Santa Angese lil oħtha Santa Klara tinsab fil-"Chronica XXIV Generalium Ordinis Minorum", *Analecta Franciscana sive Chronica aliaque varia Documenta ad Historiam Fratrum Minorum spectantia*, III, Quaracchi, Typographia Collegii S. Bonaventurae, 1885, 173-182. Għal informazzjoni dwar il-ħajja ta' Santa Agnese ta' Assisi, cfr. A. DE SERENT, "Agnès d'Assise", *Dictionnaire d'Histoire et de Geographie Ecclésiastiques* 1 (1912) 976-977.

kollox. *Ma għandi lil ħadd min ifarraġni* (cfr. Lam 1,2), u nnissel niket fuq niket, kull meta nitħasseb ġewwa fija bil-biża' li jiena qatt aktar ma jiena se nerġa' nara lilek u lis-Sorijiet. F'dan it-tiġrib jiena tlift kull tama.

[218] 5 Mill-banda l-waħda ma hemm ħadd minn dawk li huma għeżież għalija biex ifarraġni; imma mill-banda l-oħra jiena sibt ħafna konsolazzjoni u tistgħu tawgurawli għal dan li se ngħid: jiena sibt qbil sħiħ u l-ebda firda hawnhekk, b'mod li lanqas wieħed jista' jemmen. Kulħadd laqagħni b'ferħ kbir u hena, u kollha wegħeduni bil-qima kollha l-ubbidjenza u r-riverenza. Kollha irrikmandaw ruħhom lil Alla, lilek u lill-komunità tiegħek, u jiena nirrikmanda lili nnifsi u lilhom lilek f'kollox u b'kull mod, sabiex inti jkollok ħsieb mimli kura għalija u għalihom l-istess kif għandek għas-Sorijiet u l-ulied tiegħek. Kun af li jiena u s-Sorijiet nixtiequ li nħarsu bla mittiefsa u għall-jiem kollha ta' ħajjitna t-twissijiet u l-preċetti tiegħek.

[219] 6 Dwar dak li għandu x'jaqsam mal-preċetti, kun żgura li s-Sinjur Papa laqa' t-talbiet tiegħi, kif għidtlek, kif laqa' wkoll it-talbiet tiegħek, f'kollox u b'kull mod skond l-intenzjoni tiegħek u tiegħi, rigward dak li aħna rridu fil-kwestjoni tal-proprjetà, kif inti taf. Nitolbok biex titlob lil Fra Elia biex jiġi jżurni aktar ta' spiss, biex hekk ifarraġni fil-Mulej.

# IL-MANDAT
## (1238)

[220] F'isem il-Mulej Alla. Amen[150].

Is-Sinjura Klara, Badessa tal-monasteru ta' San Damiano f'Assisi, taħtar u tistabilixxi permezz ta' dan id-dokument u bir-rieda tad-*Dame* jew Sorijiet li isimhom hu mniżżel hawn taħt, li jkollhom prokuratur jew teżorier li jbiegħ jew jaljena f'isimha u f'isem il-monasteru biċċa proprjetà magħluqa f'Compiglione, flimkien ma' l-art li hemm maġenbha, lill-Knisja jew lill-Kapitlu ta' San Rufino f'Assisi. Din il-proprjetà magħluqa għandha bħala konfini fuq in-naħa l-waħda x-xmara Tescio u miż-żewġ naħat l-oħrajn it-toroq. Din il-proprjetà magħluqa hi mdawwra mill-art fuq iż-żewġ naħat, fuq it-tielet xaqliba mill-għelieqi ta' iben Maragoni, u fuq ir-raba' xaqliba mill-art ta' iben Balducino.

Dan il-prokuratur jew teżorier iwiegħed u jobbliga lilu nnifsu li jieħu f'idejh din il-proprjetà magħluqa u l-art f'isem dan il-monasteru għall-iskop li jittrasferiha lill-Knisja jew lill-Kapitlu jew lid-delegati tiegħu li jidħlu fil-pussess u t-teniment ta' din il-proprjetà magħluqa u l-art, u għall-iskop li jagħmel il-prattika legali u dak kollu li hu dan il-prokuratur jew teżorier jidhirlu li jkun jeħtieġ rigward dan il-bejgħ.

L-ismijiet tad-*Dame* jew Sorijiet huma dawn: Agnese, Filippa, Jacoba, Illuminata, Cecilia, Egidia, Agnese, Anastasia, Cristiana, Jacobina, Balvina, Mansueta, Amata, Benvenuta, Bonaventura, Benvenuta, Benricevuta, Consolata, Andrea, Aurea, Leonarda, Agata, Felicita, Angeluccia, Felicita, Massariola, Maria, Gregoria, Maria, Giovanna, Benedetta, Ionna, Bennata, Ionna, Lucia, Elia, Mattia, Clara, Stella, Lea, Beatrice, Bartolomea, Prassede, Erminia, Daniella, Clarella, Pacifica, Vetera, Patricia.

Sabiex dan id-dokument preżenti jkun ikkonfermat għal dawk li bħalissa jgħixu, għal dawk li għad jiġu, u għall-ġenerazzjonijiet fil-ġejjieni, is-Sinjura Klara u s-Sorijiet tagħha qiegħdu fuqu s-siġill tal-kapitlu tal-monasteru tagħna fit-tmienja ta' Ġunju tas-sena tal-Mulej 1238, fl-indizzjoni XVII[151], fiż-żmien tas-saltniet ta' Girgor IX u ta' l-Imperatur Federiku.

---

[150] Dan id-dokument, li mhux tant magħruf, ġie ippubblikat minn Luke Wadding fl-*Annales Minorum* taħt is-sena 1238. Imma kien Arnaldo Fortini li skopra d-dokument oriġinali fl-arkivji ta' Assisi u ippubblikah. Għalkemm id-dokument ma għandux xi importanza spiritwali, jipprovdila informazzjoni prezzjuża dwar min kienu s-Sorijiet li kienu jgħixu f'San Damiano f'dan iż-żmien, u jixħet dawl fuq ir-rieda qawwija ta' Klara u s-Sorijiet Foqra li jiżguraw li huma ma jkollhom l-ebda proprjetà, biex iħarsu bla mittiefsa l-*Forma vitae* mogħtija lilhom minn San Franġisk. Cfr. A. FORTINI, *Nova Vita di San Francesco,* Vol. II, Milano 1926, 417-424; "L'autenticità del documento del 1238", *Archivum Franciscanum Historicum* 46 (1953) 37-43.

[151] Il-kelma *indictio*, "indizzjoni", tirreferi għal ċiklu ta' ħmistax il-sena, li kienu meqjusin bħala "ċiklu ta' indizzjoni". In-numru li jiżdied ma' l-indizzjoni jindika s-sena speċifika f'dak iċ-ċiklu. L-indizzjoni Rumana jew Papali kienet tiġi determinata billi wieħed iżid 3 mas-sena li tkun. Ir-riżultat imbagħad kien jiġi diviż bin-numru 15.

# REGOLA TAL-PAPA INNOĊENZ IV
(1247)

## INTRODUZZJONI

Fl-1219 il-Kardinal Ugolino kien ta l-*Constitutiones Hugolinianae* lill-monasteri kollha tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano. Din ir-Regola kienet tirrispetta l-*Forma Vitae* li San Franġisk kien ta' lil Klara f'San Damiano fl-1212 rigward dak li għandu x'jaqsam maċ-ċaħda ta' proprjetà tas-Sorijiet Foqra, imma kienet, fil-prattika, tagħti struttura tixbaħ lil dik tar-Regola Benedittina lill-Ordni tas-Sorijiet Foqra, biex il-monasteri kollha jieħdu bixra monastika kif kienet trid il-liġi ekkleżjastika. B'dan id-dokument il-Kardinal Ugolino sar, fil-fatt, il-fundatur ta' bosta monasteri tas-Sorijiet Foqra, l-aktar fiż-żmien li hu kien Legat Papali fit-Toscana u l-Lombardia.

Kienu bosta, iżda, dawk il-monasteri, li urew li ma kienx kuntenti li jiġu meqjusin bħala *moniales* fuq il-mudell Benedittin. Fosthom kien hemm il-monasteru ta' Praga, imwaqqaf mill-prinċipessa Agnese tal-Boemja fl-1234, meta hi wkoll ikkonsagrat ħajjitha lil Kristu u daħlet mas-Sorijiet Foqra. Għalkemm Girgor IX kien ta l-konċessjoni wkoll lil Agnese biex tħares il-*Privilegium Paupertatis* mogħti lil Klara u lis-Sorijiet ta' San Damiano fl-1228, permezz tal-Bulla *Angelis gaudium* (11 ta' Mejju 1238) il-Papa ċaħad it-talba ta' Agnese biex ma tosservax il-*Constitutiones Hugolinianae*, imma biss il-*Forma Vitae* ta' l-1212.

Il-Papa Innoċenz IV (1243-1254) baqa' jinsisti fuq il-ħarsien tar-Regola Benedittina, kif kienet tobbliga lis-Sorijiet Foqra skond id-dokument ta' Ugolino. Imma fis-6 ta' Awissu 1247 hu ippubblika l-Bulla *Cum omnis vera religio*, li permezz tagħha hu ta Regola ġdida lil Klara u lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano. Din ir-Regola kienet tneħħi kull riferiment għar-Regola ta' San Benedittu, imma kienet tinbena fuq ħafna mill-preskrizzjonijiet tal-*Constitutiones Hugolinianae*. Għalkemm kienet tqiegħed lis-Sorijiet Foqra taħt il-ġurisdizzjoni tal-Ministru Ġeneral ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri, u kienet tirrikonoxxi l-*Forma Vitae* ta' l-1212 bħala l-bażi tal-ħajja tas-Sorijiet, l-aktar dwar iċ-ċaħda radikali tal-proprjetà, imma din ir-Regola kienet imbagħad, mill-banda l-oħra, tħalli l-permess għall-proprjetà fil-komun, u hekk kienet terġa' tqis ġuridikament lis-Sorijiet Foqra bħal Ordni monastiku femminili bħall-oħrajn, mingħajr l-ebda rikonoxximent tan-*novitas* evanġelika tiegħu. Din ir-Regola ta' Innoċenz IV ma kienetx milqugħa b'entużjażmu minn Klara u s-Sorijiet. Fil-Bulla *Quoties a nobis* (23 ta' Awissu 1247), il-Papa Innoċenz IV insista dwar l-aċċettazzjoni u l-osservanza ta' din ir-Regola min-naħa tas-Sorijiet Foqra. Imma wara tliet snin hu neħħa din il-preskrizzjoni, biex hekk Klara ħassitha libera li tikteb hi l-*Forma ta' Ħajja*, jew Regola, li imbagħad ippreżentat għall-approvazzjoni tal-Kardinal Protettur Rainaldo di Jenne f'Settembru 1252.

Din ir-Regola ta' Innoċenz IV hi dokument li juri x-xewqa ħerqana ta' Klara u s-Sorijiet Foqra li jkunu magħqudin ħaġa waħda ma' l-Ordni tal-patrijiet Minuri. Fl-istess ħin turi t-tensjoni li kien hemm biex il-kariżma u l-idejal evanġeliku ta' Klara jiġi integrat fil-leġislazzjoni uffiċjali tal-Knisja.

L-istudju ta' din ir-Regola juri żvilupp interessanti fuq dak li kien kiteb Ugolino fl-1228. Biex inrendu aktar faċli l-konfront bejn iż-żewġ testi leġislattivi, il-partijiet kollha li Innoċenz IV ħa mill-*Constitutiones Hugolinianae* ħallejniehom fil-korsiv, filwaqt li l-partijiet ġodda miżjuda mill-Papa jidhru b'tipa normali

# REGOLA TAL-PAPA INNOĊENZ IV
(1247)

[221] Innoċenz, Isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lill-maħbubin uliedna fi Kristu, lill-Badessi kollha u s-Sorijiet klawstrali ta' l-Ordni ta' San Damiano, saħħa u barka apostolika.
[222] 1 *Kull Reliġjon vera u kull istitut ta' ħajja li hu approvat jibqa' sħiħ permezz ta' ċerti regoli u ħtiġijiet, u permezz ta' liġijiet dixxiplinarji. Jekk kull waħda mis-sorijiet ma titħabatx biex tosserva regola ta' mġieba tajba u dixxiplina fil-ħajja, hi toħroġ barra mit-triq tal-ġustizzja hekk li hi ma tibqax aktar tħares ir-regoli ta' ħajja retta. Hi tidħol fil-periklu li taqa' sal-punt fejn hi, bil-qawwa tar-rieda ħielsa tagħha, tkun ittraskurat li tibni għaliha pedament żgur u stabbli biex timxi 'l quddiem.*
[223] *Għaldaqstant, uliedna maħbuba fi Kristu, billi intom għażiltu li, taħt l-ispirazzjoni tal-grazzja divina, timxu matul it-triq iebsa u dejqa li twassal għall-ħajja*, aħna nilqgħu t-talbiet twajba tagħkom, u nagħtu lilkom u lil dawk li jiġu warajkom li tosservaw ir-Regola ta' San Franġisk f'dak li għandu x'jaqsam mat-tliet [kunsilli], jiġifieri l-ubbidjenza, iċ-ċaħda tal-proprjetà b'mod partikulari, u l-kastità perpetwa, kif ukoll il-Forma ta' Ħajja miktuba f'dan id-dokument preżenti, li fuqha intom għażiltu li tgħixu b'mod partikulari[152]. B'dan il-mod aħna nistabilixxu bl-awtorità apostolika tagħna li dan kollu għandu jiġi osservat f'kull żmien u f'kull monasteru ta' l-Ordni tagħkom, skond dan li ġej:
[224] *Għaldaqstant, hi ħaġa xierqa u dmir ta' dawk in-nisa li, wara li stmerrew u ħallew warajhom il-frugħat tad-dinja, intrabtu li jħaddnu u jingħaqdu ma' l-Ordni tagħkom, li huma għandhom josservaw din il-liġi ta' ħajja u dixxiplina*, billi jgħixu fl-ubbidjenza, bla xejn tagħhom, u fil-kastità. Huma jridu jibqgħu dejjem, għal ħajjithom kollha, magħluqin fil-klawsura u fil-professjoni ta' din il-ħajja[153]. *Wara li huma jkunu daħlu fil-klawsura ta' dan l-Ordni u jkunu libsu t-tonka reliġjuża, huma qatt ma għandhom jingħataw permess jew fakultà li joħorġu minn din il-klawsura, ħlief jekk jista' jiġri li xi wħud jiġu mibgħutin f'post ieħor* bil-permess tal-ministru ġeneral ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri jew tal-provinċjal tal-provinċja ta' dak l-Ordni li fih l-monasteru jkun jinsab, *biex iwaqqfu jew jibnu dan l-istess Ordni*, jew biex jirriformaw xi monasteru, jew minħabba raġuni ta' dixxiplina jew korrezzjoni, jew biex jevitaw xi saram kbir. Xi mindaqqiet jistgħu jkunu trasferiti għal xi raġuni qaddisa u raġjonevoli barra minn dawk li diġà semmejna, almenu, bħala regola ġenerali, bil-permess tal-ġeneral[154]. *Mhux biss, imma hi wkoll ħaġa xierqa li, meta jmutu, kemm is-sorijiet kif ukoll il-qaddejja li huma professi, għandhom jindifnu ġewwa l-istess klawsura.*
[225] *Id-dmirijiet iebsin u ħarxa, li permezz tagħhom skond ir-Reliġjon naslu għand Alla u li għalhekk għandhom bilfors jiġu mħarsa, għandhom jiġu spjegati lil dawk kollha li jixtiequ li jidħlu f'din ir-Reliġjon u jiġu milqugħin fiha, qabel ma jidħlu u qabel ma jbiddlu l-ilbies tagħhom, sabiex*

[152] Il-Papa Innoċenz IV b'hekk jirrikonoxxi r-*Regula Bullata* tal-Patrijiet Minuri, u l-*Forma Vitae* miktuba minn San Franġisk fl-1212 għal Klara, bħala l-fundament tal-ħajja tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano. Ir-RegB ġiet approvata solennement mill-Papa Onorju III bil-Bulla *Solet annuere* (29 ta' Novembru 1223).
[153] Din iż-żjieda tispeċifika li l-elementi essenzjali tal-ħajja reliġjuża mħaddna mis-Sorijiet Foqra jinkludu t-tliet kunsilli evanġeliċi, li s-Sorijiet iridu jgħixuhom fil-kuntest tal-klawsura.
[154] Dan hu l-ewwel element li juri r-relazzjoni ċara li tgħaddi bejn is-Sorijiet Foqra u l-Patrijiet Minuri. Dawn il-kliem iqiegħdu lis-Sorijiet Foqra direttament taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri. Fil-Bulla *Licet olim* (12 ta' Ġunju 1246), Innoċenz IV kien wera x-xewqa tiegħu li jintensifika r-rabta bejn il-Patrijiet Minuri u s-Sorijiet Foqra (*Bullarium Franciscanum*, I, ed. J.H. Sbaralea, Roma 1759-1768, 115).

*ma jmurx jiġri li aktar tard iġibu l-iskuża li ma kienux jafuhom. Ma għandhiex tiġi milqugħa dik li turi bid-deher li ma tkunx tajba biżżejjed biex tosserva din il-ħajja minħabba ż-żmien li jkollha, minħabba l-mard jew minħabba nuqqas ta' saħħa mentali*, għaliex l-istat u l-qawwa ta' l-Ordni jiġi mxejjen u mxekkel minn persuni bħal dawn[155]. *Għaldaqstant, għandha tiġi evitata bir-reqqa kollha kull okkażjoni li fiha jiġu milqugħin persuni bħal dawn, ukoll jekk, għal xi żmien u għal kawża raġjonevoli għandha tingħata dispensa lil xi wħud*.

[226] *Dawk kollha li jiġu milqugħin fil-klawsura, jekk ikunu kbar biżżejjed biex jifhmu, għandhom, skond id-drawwa, ineħħu mill-aktar fis il-ħwejjeġ tagħhom ta' sekulari*. Għandha tiġi maħtura majjistra għalihom, li tiffurmahom fil-għarfien tal-ħajja reliġjuża[156]. Wara li jtemmu s-sena tal-prova, huma għandhom jagħmlu l-professjoni tagħhom skond din il-formula: Jiena, Swor N., inwiegħed lil Alla, lill-imqaddsa Verġni Marija, lil San Franġisk, u lill-qaddisin kollha, li nosserva għal dejjem l-ubbidjenza skond ir-Regola u l-Forma ta' Ħajja mogħtija lill-Ordni tagħna mis-Sede Apostolika, billi għall-jiem kollha ta' ħajti ngħix bla xejn tiegħi, u fil-kastità[157]. *Din in-norma trid tiġi mħarsa wkoll fil-każ tas-sorijiet qaddejja*.

[227] 2 *Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-offerta ta' l-Uffiċċju Divin lill-Mulej kemm bin-nhar kif ukoll bil-lejl, għandha tiġi mħarsa n-norma* li dawk li jafu jaqraw u jkantaw għandhom jiċċelebraw l-Uffiċċju skond id-drawwa ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri[158]. *Għandhom jagħmlu dan bl-akbar serjetà u modestja*. Imma dawk li ma jafux jaqraw għandhom jgħidu erbgħa u għoxrin *Missierna* għall-Matutin, ħamsa għal-Lawdi, sebgħa għal kull waħda mis-sigħat ta' Prima, Terza, Sesta, u Nona; tnax għall-Għasar; sebgħa għall-Kumpieta[159]. Dan ukoll għandu jiġi mħares fis-sigħat kollha fl-Uffiċċju tal-Verġni Mqaddsa Marija. U għandhom jitolbu għall-mejtin.

[228] *Jekk ikun hemm xi sorijiet żgħażagħ jew ukoll anzjani li huma umli u kapaċi jitgħallmu, il-Badessa, jekk tara li jaqbel, tista' taħtar għalihom majjistra kapaċi u li taf tagħmel għażla għaqlija biex hekk tgħallimhom jaqraw*. Imma s-Sorijiet għandhom jokkupaw ruħhom f'ħidma meħtieġa u sinċiera matul is-sigħat stabiliti għal dan il-għan, kif jiġi ordnat.

[229] 3 *Għandu jitħares is-skiet il-ħin kollu u bla jaqta', sabiex ma jkunx permess la li waħda titkellem ma' l-oħra jew lanqas li soru oħra titkellem magħha mingħajr permess*. Minkejja dan,

---

[155] Bħala riżultat ta' digrieti papali, episkopali, konċiljari u monastiċi, il-kwestjoni ta' l-età kanonika biex wieħed jidħol fil-ħajja reliġjuża kienet ġiet sostanzjalment leġislata lejn in-nofs tas-seklu 13. Fid-*Decretales*, il-Papa Girgor IX kien ordna li t-tfal ma setgħux jiġu professati qabel l-età ta' 12 il-sena għall-bniet u 14 il-sena għas-subien. Innoċenz IV ikkonferma dan u inkluda liġi oħra papali li kienet trid li l-voti jiġu rikonfermati fl-età ta' 15 il-sena.

[156] Filwaqt li l-*Constitutiones Hugolinianae* ma jgħidu xejn dwar il-formazzjoni tan-novizzi, hawnhekk tissemma b'mod espliċitu l-majjistra u s-sena tan-novizzjat. Dan bħala ubbidjenza għal dak li l-Knisja kienet ikkmandat fid-digriet *Cum secundum consilium*, li ġie ippubblikat fit-22 ta' Settembru 1220.

[157] Din il-formula ta' professjoni hi waħda mill-akbar differenzi li jeżistu bejn din ir-Regola u l-*Constitutiones* ta' Ugolino. Cfr. C.A. LAINATI, "Le formule di professione più antiche nell'Ordine di Santa Chiara", *Forma Sororum* 20 (1983) 199-200.

[158] Jista' jkun li, f'xi żmien qabel ma nkitbet din ir-Regola, is-Sorijiet Foqra kienu adottaw il-brevjar li kien sar għall-patrijiet qabel ma sar Ministru Ġeneral Haymo of Faversham (1240-1244). B'hekk is-Sorijiet Foqra adottaw ir-Rit tal-kurja Papali fil-Lateran, li kienu jsegwu l-Patrijiet Minuri, ħlief għas-salterju, li ma kienx dak Ruman imma s-Salterju Gallikan. Cfr. J.P. VAN DIJK – J. HAZELDEN WALKER, *The Origins of the Roman Liturgy: The Liturgy of the Papal Court and the Franciscan Order in the Thirteenth Century*, Newman, Darton, Longman & Todd, Westminster, London 1960. Rigward il-kwestjoni dwar jekk l-Uffiċċju Divin għandux jitkanta jew ikun reċitat, għandha l-każ ta' Innoċenz IV li kien spiċċa involut fid-diskussjoni mqanqla mid-Dumnikani u l-Franġiskani, li kienu talbu forma aktar sempliċi ta' reċita ta' l-Uffiċċju sabiex ikollhom aktar ħin għall-predikazzjoni u l-istudju. Cfr. S.A. VAN DIJK, "Historical Liturgy and Liturgical History", *Dominican Studies* 2 (1949) 161-182; O. D'ANGERS, "Le Chant Liturgique dans l'Ordre de Saint François aux Origines", *Etudes Franciscaines* 25 (1975) 157-306.

[159] Innoċenz IV jispeċifika n-numru eżatt ta' *Missierna* li jipprovdu l-Uffiċċju alternattiv għas-Sorijiet illitterati, u jsegwi dak li tispeċifika r-RegB tal-Patrijiet Minuri, fil-kapitlu 3.

il-Badessa għandha tieħu ħsieb bil-ħerqa biex tara fejn, meta u kif għandha tagħti l-permess lis-Sorijiet biex jitkellmu. Imma kulħadd għandu jkun ħerqan li jagħmel użu minn sinjali reliġjużi u xierqa[160].

[230] Meta xi persuna reliġjuża jew sekulari ta' dinjità tkun liema tkun tistaqsi biex titkellem ma' xi waħda mis-Sorijiet, għandha qabel xejn tiġi avżata l-Badessa. Jekk hi tagħti l-permess, dik is-soru għandu jkollha almenu żewġ Sorijiet oħrajn imqabbdin mill-Badessa biex jakkumpanjawha fil-parlatorju. Dawn għandhom ikunu kapaċi jaraw lill-kelliema u jisimgħu dak li jingħad.

[231] Din ir-regola għandha tiġi mħarsa minn kulħadd, jiġifieri li, meta xi soru marida fil-klawsura tkun se tagħmel il-qrara tagħha lis-saċerdot, hi ma għandhiex titkellem jekk ma jkunx hemm almenu żewġ Sorijiet oħrajn li jkunu mhux tant 'il bogħod, u li jkunu jistgħu jaraw lill-konfessur u lill-penitenta, u bl-istess mod dawn ikunu jistgħu jarawhom.

[232] *Il-Badessa nnifisha trid tgħasses bir-reqqa li din il-liġi ta' kif waħda titkellem tiġi mħarsa, sabiex titwarrab kull okkażjoni ta' nuqqas ta' prudenza. Meta, iżda, taħseb li jkun jaqbel skond Alla, il-Badessa tista' titkellem fil-privat jew fil-pubbliku fis-sigħat xierqa mas-sorijiet tagħha.* Imma s-Sorijiet morda u dawk li jaqduhom, skond id-dispożizzjonijiet tal-Badessa, jistgħu jitkellmu fl-infermerija matul iż-żmien tal-marda tagħhom.

[233] 4 Is-Sorijiet u dawk li jaqdu fil-monasteru għandhom isumu dejjem mill-festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes sal-festa tal-Qawmien mill-Imwiet tal-Mulej, ħlief fil-Ħdud u fil-festi ta' San Mikiel, San Franġisk, il-Qaddisin kollha, it-Twelid tal-Mulej, u l-jumejn li jiġu wara, l-Epifanija, u l-Purifikazzjoni[161].

[234] Imma huma m'humiex obbligati li jsumu mill-Għid il-Kbir sa l-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes ħlief nhar ta' Ġimgħa u f'dawk il-jiem li huma osservati mill-Knisja universali. Huma jistgħu jużaw b'mod leġittimu l-inbid, il-ħut, il-bajd, il-ġobon, u prodotti oħrajn tal-ħalib. Minkejja dan, mill-Avvent sat-Twelid tal-Mulej, matul ir-Randan il-kbir, nhar ta' Ġimgħa u fil-jiem tas-sawm u astinenza li huma dikjarati mill-Knisja, huma ma jistgħux jużaw bajd, ġobon jew lattiċini oħrajn.

[235] Il-Badessa tista' bil-ħniena kollha tiddispensa lis-Sorijiet qaddejja milli jsumu ħlief fl-Avvent, fir-Randan il-kbir, nhar ta' Ġimgħa u fil-jiem l-oħrajn ta' sawm osservati mill-Knisja.

[236] Is-Sorijiet żgħażagħ li għandhom inqas minn erbatax il-sena, dawk anzjani u morda, mhumiex bl-ebda mod marbutin għal din il-liġi tas-sawm u l-astinenza. Kemm il-laħam, kif ukoll ikel ieħor meħtieġ, għandu jiġi ipprovdut bil-ħniena lil dawn it-talin, skond id-dgħufija tagħhom.

[237] Is-Sorijiet li huma f'saħħithom ukoll mhumiex marbutin li jsumu meta japplikaw is-sangisugi, ħlief fir-Randan il-kbir u nhar ta' Ġimgħa, fl-Avvent, u fil-jiem ta' sawm osservati mill-Knisja universali[162]. Minkejja dan, il-Badessa għandha toqgħod attenta li ma tippermettix li

[160] Din in-norma tissuġġerixxi l-influss tal-prattika Ċisterċensi ta' l-użu tal-lingwaġġ tas-sinjali għall-komunikazzjoni fi spirtu ta' skiet. Cfr. R.A. BARAKAT, *The Cistercian Sign Language: A Study in Non-Verbal Communication*, Cistercian Publications, Kalamanzoo 1975.

[161] Dawn huma l-festi prinċipali osservati mill-Knisja fl-istaġun tal-ħarifa u xitwa fis-seklu 13. Ninsabu 19 il-sena wara l-kanonizzazzjoni ta' San Franġisk, u għalhekk il-qaddis jiġi inkluż mal-festi ewlenin li s-Sorijiet Foqra jiċċelebraw flimkien ma' dawk tal-Knisja universali.

[162] Fil-Medjuevu kienu jaħsbu li n-nuqqas ta' bilanċ fiżjoloġiku seta' jirriżulta f'mard u problemi marbutin mal-karattru. Tant kienet qawwija din il-konvinzjoni li għal bosta sekli t-tobba kienu japplikaw is-sangisugi fuq in-nies li

japplikaw is-sangisugi fil-komunità aktar minn erba' darbiet fis-sena, ħlief jekk ikun hemm ħtieġa li tidher u li titlob li dan isir aktar ta' spiss. Lanqas ma għandhom iħallu li tapplika fuqhom is-sangisugi persuna barranija, l-aktar raġel, kull meta jistgħu b'mod konvenjenti jevitaw dan.
[238] *Għandhom jagħtu l-kura bl-akbar ħerqa lis-Sorijiet morda. Il-morda għandhom jiġu moqdija bil-kortesija u bil-ħerqa u fi spirtu ta' karità skond dak li hu possibbli u li jixraq kemm fl-ikel li l-marda tagħhom titlob kif ukoll fil-ħwejjeġ meħtieġa l-oħrajn kollha. Dawk li huma morda għandhom ikollhom il-post tagħhom, kull meta dan ikun possibbli, fejn huma joqogħdu għalihom u mhux ma' dawk li huma f'saħħithom, sabiex is-saħħa u l-ħemda li jkollhom bżonn ma jiġux imfixklin jew imħawwdin*.
[239] 5 Kull soru jista' jkollha żewġ tonok, jew aktar, skond dak li jidher jaqbel l-aħjar għall-Badessa, flimkien ma' ċilizzju magħmul mix-xagħar u minsuġ, jekk ikollhom wieħed, u mantell ta' tul u wisgħa xierqa. Dawn il-ħwejjeġ iridu jkunu magħmulin minn drapp rozz, li jkun irħis u li ma jkollux lewn qawwi, skond id-diversi reġjunijiet. Imma għandhom ikollhom kurdun bħala ċinturin, ħlief is-Sorijiet li jaqdu li jistgħu jilbsu ċintorin tad-drapp u mhux kurdun.
[240] Għandhom ikollhom skapular mingħajr kapoċċ, magħmul minn drapp ħafif, reliġjuż u minsuġ, li jkun ta' tul u wisgħa xieraq, skond kif jitolbu n-natura u t-tul ta' kull waħda. Għandhom jilbsuhom meta jkunu qegħdin jaħdmu jew jagħmlu xi ħaġa li ma jkunux jistgħu jagħmluha b'mod xieraq jekk ikunu lebsin il-mantell. Imma jekk ikunu jridu jilbsu l-iskapulari flimkien ma' l-imnatar, jew ukoll ikunu jixtiequ jorqdu bihom, għandhom il-permess jagħmlu dan. Jistgħu joqogħdu mingħajrhom xi minndaqqiet, jekk dan jidher li jaqbel għall-Badessa, l-aktar meta minħabba s-sħana qawwija jew raġunijiet simili, dawn ikunu tqal wisq għas-Sorijiet biex jilbsuhom.
[241] Għandhom jgħattu rashom kollha bl-istess mod xieraq billi jkollhom faxex ta' madwar ir-ras jew drapp ieħor li jkun kollu abjad, għalkemm ma għandux jidher stramb. Għandhom jgħattu ġbinhom, il-ħaddejn, u l-għonq, kif jixraq. Ma għandhomx jażżardaw li jidhru b'mod ieħor quddiem il-barranin. Għandhom ikollhom ukoll velu iswed, li jkun daqshekk twil u wiesgħa, li jkun jinżel fuq ir-ras kollha u jibqa' jiddendel minn kull naħa ta' l-iskapular u minn wara sa ftit 'l isfel mill-kapoċċ tat-tonka[163].
[242] In-novizzi, iżda, għandhom jilbsu velu abjad ta' l-istess daqs. Is-Sorijiet li jaqdu, mill-banda l-oħra, jistgħu jilbsu minn rashom drapp abjad ta' l-għażel li jkollu forma ta' tonka, u li jkollu tul u wisgħa tali li jgħatti l-ispallejn u s-sider, u dan l-aktar meta huma joħorġu barra.
[243] Is-Sorijiet kollha li huma f'saħħithom, kemm il-Badessa kif ukoll l-oħrajn, huma obbligati li jorqdu f'dormitorju komuni. Kull waħda għandha jkollha s-sodda tagħha separata mill-oħrajn. Minkejja dan, is-sodda tal-Badessa tista' titqiegħed f'parti mid-dormitorju li minnha hi tkun tista' tara, kemm hu possibbli, is-sodod l-oħrajn tad-dormitorju mingħajr l-ebda xkiel.
[244] Kull soru jista' jkollha tapit tat-tiben u mħadda li tkun miksija bid-drapp ta' l-għażel, li tkun magħmula mit-tiben, jew ukoll mir-rix, skond kif jidhrilha l-aħjar il-Badessa. *Jistgħu wkoll ikollhom gvieret tas-suf, u jgħaddu s-sodod tagħhom b'kutra tas-suf jekk dan ikunu jistgħu jakkwistawh b'mod xieraq*.
[245] Għandu jkun hemm musbieħ imdendel f'nofs id-dormitorju li jkun dejjem mixgħul matul il-lejl.

---

kienu jsofru minn mard mediku jew psikjatriku. Għar-reliġjużi din il-prattika ta' saħħa kienet iġġib magħha dispensa ta' tlitt ijiem mill-obbligi ta' l-osservanza regolari, u kienet sa tiġi meqjusa bħala parti mil-leġlislazzjoni tar-reliġjużi.
[163] Flimkien mal-preskrizzjonijiet tal-*Constitutiones Hugolinianae* 9, Innoċenz IV iżid il-kurdun jew ċintorin, il-faxex tar-ras, il-velu abjad jew iswed, u jnaqqas id-deskrizzjoni ta' l-iskapular. Din il-leġislazzjoni wkoll ġejja minn drawwiet taċ-Ċisterċensi, l-aktar mid-deċiżjonijiet meħudin fil-Kapitlu Ġenerali ta' l-1235.

[246] *Għandhom jaqtgħu xagħarhom tond* kulħadd l-istess sal-widnejn. *L-ebda waħda ma tista' tirċievi t-tonsura b'mod ieħor, ħlief jekk mhux imġiegħelha minn mard tal-ġisem.*
[247] 6 *Dwar dak li għandu x'jaqsam mad-dħul tal-persuni fil-monasteru, aħna niddikjaraw bil-qawwa u b'mod strett li l-Badessa u s-Sorijiet ma jistgħu qatt jippermettu lil xi persuna reliġjuża jew sekulari ta' kwalunkwe dinjità li tidħol fil-monasteru. Dan il-permess ma għandu jingħata lil ħadd ħlief lil dawk li jkunu ingħataw il-permess* mis-Sede Apostolika jew mill-ministru ġeneral jew mill-ministru provinċjal ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri li fil-provinċja tiegħu jkunu jinsabu dawn il-monasteri[164].
[248] Huma skużati minn din il-liġi dwar id-dħul it-tabib u dak li japplika s-sangisugi minħabba n-natura gravi ħafna tal-mard. Dawn, iżda, ma għandhomx jiddaħħlu jekk ma jkollhomx magħhom żewġ kumpanji xierqa mill-familja monastika. Wara li jtemmu x-xogħol tagħhom, huma għandhom joħorġu mill-aktar fis. Huma ma jistgħux jinfirdu minn xulxin fil-monasteru. Bl-istess mod, jistgħu jidħlu persuni skond il-ħtieġa, bħal meta jkun hemm ħruq, jew il-qerda ta' xi bini, jew xi periklu jew telfien, kemm biex jipproteġu l-monasteru nnifsu jew xi persuni minn xi vjolenza, jew biex iwettqu xi xogħol li ma jistax isir b'mod konvenjenti barra mill-monasteru.
[249] Minkejja dan, l-ebda bniedem barrani ma jista' jkollu permess li jorqod fil-klawsura tal-monasteru.
[250] *Meta xi wieħed mill-kardinali xi mindaqqiet jiġi fil-monasteru ta' dan l-Ordni u jkun jixtieq jidħol, hu għandu jiġi milqugħ bil-qima u d-devozzjoni, imma għandu jiġi mitlub biex* jidħol bi ftit persuni li jakkumpanjawh u li jkunu xierqa. *Kull prelat ieħor, li jingħatalu l-permess li jidħol*, irid jikkuntenta ruħu bi tnejn jew l-aktar tliet reliġjużi biex jakkumpanjawh.
[251] *Jekk, xi mindaqqiet, jingħata l-permess lil xi isqof biex jiċċelebra l-quddiesa fil-klawsura għall-barka tal-Badessa jew biex jikkonsagra xi soru jew għal xi raġuni oħra, dan għandu jikkuntenta ruħu li jdaħħal miegħu biss ftit sħab u assistenti li jkun jeħtieġ u li jkunu mimlijin virtù. Dan il-permess għandu jingħata biss rarament lil kull min jitolbu.*
[252] *Ħadd, la jekk ikun f'saħħtu u lanqas jekk ikun marid, ma għandu jitkellem ma' ħaddieħor ħlief skond il-mod li għadna kif semmejna. Għandha tingħata attenzjoni partikulari li dawk, li jingħatalhom permess biex jidħlu fil-monasteru, għandhom ikunu tali fil-kliem u l-karattru tagħhom, fil-ħajja u l-imġieba tagħhom, li huma jedifikaw lil dawk li jarawhom u b'hekk ma jkunux jistgħu inisslu fihom motiv ta' skandlu.*
[253] 7 *Meta s-Sorijiet ikollhom il-kappillan tagħhom, dan għandu jkun reliġjuż fil-ħajja u fl-imġieba, u għandu jgawdi minn fama tajba. Ma għandux ikun żagħżugħ ħafna, imma jkollu età xierqa. Meta xi waħda mis-Sorijiet, li tinħakem minn xi marda gravi tal-ġisem,* u ma tkunx f'saħħitha biżżejjed biex tiġi fil-parlatorju *u jkollha bżonn li tqerr dnubietha u tirċievi s-Sagrament tal-Ġisem tal-Mulej*, u s-sagramenti l-oħrajn, *hu jista' jidħol fil-klawsura liebes bi stola bajda u maniplu*, flimkien ma' żewġ reliġjużi xierqa li jakkumpanjawh, jew almenu wieħed. Wara li jkun sema' l-qrara u amministralha s-sagrament, hu għandu jitlaq flimkien ma' sħabu, liebes kif ikun daħal, u ma għandux jitlajja ġewwa aktar. Għandhom ukoll joqogħdu attenti li, filwaqt li jkunu ġewwa l-monasteru, huma qatt ma għandhom jinfirdu minn xulxin sabiex hekk ikunu jistgħu jidhru quddiem xulxin il-ħin kollu. Il-kappillan għandu jġib ruħu bl-istess mod meta jidħol biex jirrikmanda lil xi ruħ ta' soru li tkun se tmut.
[254] *Hu ma għandux jidħol fil-klawsura biex imexxi l-funeral fuq il-qabar; dan id-dmir għandu jiġi mwettaq fil-kappella. Minkejja dan, jekk il-Badessa jidhrilha li jkun jixraq li jidħol għall-aħħar tislima, hu għandu jidħol fil-mod deskritt aktar 'il fuq, u wara d-difna għandu jitlaq*

---

[164] Din il-preskrizzjoni wkoll tirrifletti l-Istatut 7 tal-Kapitlu Ġenerali taċ-Ċisterċensi ta' l-1225, li kien jillimita d-dħul fil-klawsura tas-Sorijiet lill-Viżitatur, jiġifieri jew l-Abbati nnifsu jew xi ħadd ieħor maħtur minnu.

*mingħajr dewmien. Jekk, iżda, jkun meħtieġ li xi ħadd jidħol biex iħaffer jew jiftaħ il-qabar, u ċertament biex jagħalqu wara, hu leċitu li hu jew xi ħadd ieħor li jkun ta' fama retta u xieraq jidħol għal din ir-raġuni.*

[255] *Imma mill-bqija ma għandux jippretendi li jidħol fil-monasteru. Meta xi soru tkun tixtieq titkellem miegħu dwar il-qrar, din għandha titkellem miegħu mill-grada, u hu għandu joqgħod jismagħha hemmhekk.* Mill-grada hu għandu mbagħad jitkellem magħha dwar dak kollu li għandu x'jaqsam mal-qrara[165].

[256] *Meta s-Sorijiet ma jkollhomx il-kappillan tagħhom, huma jistgħu jisimgħu l-quddiesa li tkun iċċelebrata minn xi saċerdot ta' fama tajba u ħajja retta. Għandhom, iżda, jitħabtu u jaraw li jirċievu s-Sagramenti tal-Penitenza u tal-Ġisem tal-Mulej* u s-sagramenti l-oħrajn tal-Knisja, biss mill-aħwa ta' l-Ordni tal-Minuri, *ħlief biss jekk xi soru tkun waslet fil-mument ta' ħtieġa kbira fil-periklu*, jekk ikun impossibbli għalihom li jsejjħu lil dan il-patri li semmejna.

[257] Aħna wkoll nixtiequ li jkun hemm grada tal-ħadid ta' daqs xieraq imqiegħda fil-ħajt li jifred lis-Sorijiet mill-kappella[166]. Għandha tiddendel purtiera sewda ta' l-għażel fuq in-naħa ta' ġewwa tal-grada *sabiex is-Sorijiet ma jaraw xejn fil-kappella fuq barra. Il-grada għandha jkollha bibien ta' l-injam biċ-ċappetti u l-istaneg tal-ħadid u bil-muftieħ, sabiex dawn jibqgħu magħluqin u ma jinfetħux ħlief* meta s-Sorijiet jiċċelebraw l-Uffiċċju Divin, *jew sabiex is-Sorijiet xi mindaqqiet ikunu jistgħu il-Kelma ta' Alla li tiġi ippriedkata lilhom fil-kappella minn xi persuna xierqa li tkun approvata għall-fidi, fama tajba u għerf tiegħu.*

[258] Ħadd ma jista' jitkellem ma' ħaddieħor mill-grada, ħlief meta jingħata l-permess xi kultant lil xi ħadd għal xi raġuni eċċezzjonali u raġjonevoli, jew meta titlob hekk il-ħtieġa. Billi xi mindaqqiet jista' jiġri li xi persuna barranija tkun trid tersaq lejhom jew titkellem magħhom mill-grada, huma għandhom jitbaxxew u jostru wiċċhom bil-modestja, kif inhu xieraq għar-reliġjużi ta' ħajja retta.

[259] Imma meta jkun meħtieġ li huma jirċievu t-Tqarbin xi mindaqqiet, għandu jkun hemm tieqa żgħira, li jkollha bieb żgħir li jkollu firrolli tal-ħadid, u li għandu jinżamm dejjem magħluq bi stanga tal-ħadid u b'muftieħ. Minn din it-tieqa jkun jista' jiddaħħal b'mod xieraq il-pissidi biex jiġi amministrat is-sagrament tal-Ġisem tal-Mulej. It-tieqa għandha tkun għolja mill-art b'mod tali li s-saċerdot ikun jista' jeżerċita l-ministeru tiegħu bla xkiel.

[260] 8 *Dwar dak li għandu x'jaqsam mal-Viżitatur ta' din ir-Reliġjon wieħed għandu jara li jieħu ħsieb dan li ġej. Kull min jiġi maħtur bħala Viżitatur ġenerali, jew ukoll xi mindaqqiet, bħala Viżitatur speċjali, għandu jkun persuna tali li dwarha jkun hemm għarfien sħiħ u garanzija rigward il-fidi, il-ħajja u l-karattru tiegħu.*

[261] *Meta jiġi biex jidħol fil-monasteru, għandu juri lilu nnifsu u jġib ruħu b'tali mod f'kollox, li hu jqanqal kollox mit-tajjeb għall-aħjar, u dejjem iħeġġeġ u jqabbad lis-Sorijiet għall-imħabba ta' Alla u għall-imħabba lejn xulxin.* U meta jidħol fil-klawsura tal-monasteru għall-viżta tiegħu,

---

[165] Riferiment ieħor għall-Istatuti tal-Kapitlu Ġenerali taċ-Ċisterċensi ta' l-1225, 1231 u 1242, li kien tkellem dwar il-qrar tas-Sorijiet.

[166] Rigward dan il-ħajt li kien jifred lis-Sorijiet mill-kappella, cfr. JACQUES DE VITRY, *Historia Orientalis*, fejn l-istess tqassim jidher fil-każ tat-Tieni Ordni ta' l-Umiliati. Cfr. D. KNOWLES, "Gilbertini e Gilbertine", *Dizionario degli Istituti di Perfezione* IV, Roma 1977, 1178-1182; "Certosine", *Dizionario degli Istituti di Perfezione* III, Roma 1975, 773-775.

[166] Rigward dan il-ħajt li kien jifred lis-Sorijiet mill-kappella, cfr. JACQUES DE VITRY, *Historia Orientalis*, fejn l-istess tqassim jidher fil-każ tat-Tieni Ordni ta' l-Umiliati. Cfr. D. KNOWLES, "Gilbertini e Gilbertine", *Dizionario degli Istituti di Perfezione* IV, Roma 1977, 1178-1182; "Certosine", *Dizionario degli Istituti di Perfezione* III, Roma 1975, 773-775.

hu għandu jieħu miegħu żewġ reliġjużi xierqa biex jakkumpanjawh u biex joqogħdu miegħu; huma ma għandhomx jinfirdu minn xulxin għal ebda raġuni.
[262] *Il-Viżitatur għandu bil-ħerqa kollha jitkixxef il-verità dwar il-kundizzjoni tagħhom u dwar l-osservanza tar-Reliġjon, u dan minn kulħadd in ġenerali, u partikularment mill-individwi. Meta hu jsib xi ħaġa li trid tiġi riformata jew korretta, għandu bil-prudenza kollha u bil-ħeġġa għall-karità u l-imħabba għall-ġustizzja jirriformaha u jikkoreġiha kemm fir-ras kif ukoll fil-membri, skond kif jidhirlu l-aħjar*[167].
[263] *Imma għandu josserva l-mod ta' kif jitkellem kif għidna aktar 'il fuq, sabiex dak kollu li jgħid lil kulħadd jew lil ħafna f'ħin wieħed, jew dak li jgħid lil xi waħda fil-privat, ikun hemm dejjem almenu żewġ persuni oħrajn li jkunu bilqiegħda 'l bogħod imma li jistgħu jarawh, sabiex l-integrità tal-fama tajba tiegħu tibqa' mħarsa f'kollox*, ħlief jekk hu jkun jixtieq li jitkellem fil-parlatorju ma' xi waħda jew aktar mis-Sorijiet dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' l-uffiċċju tiegħu.
[264] *Il-Badessa għandha toqgħod attenta li hi nnifisha u s-Sorijiet l-oħrajn ma jmorrux jaħbu mill-Viżitatur il-qagħda tal-monasteru tagħhom għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-osservanza tar-Reliġjon fl-għaqda ta' l-imħabba lejn xulxin. Din tkun ħtija qarrieqa u offiża li għandha tiġi ikkastigata b'mod serju. Aħna għaldaqstant nixtiequ u niddikjaraw li dawk l-affarijiet li huma istitwiti jew emendati skond il-forma ta' ħajja tagħhom* u l-osservanza regolari, *għandhom jiġu suġġeriti u proposti bir-reqqa kollha lill-Viżitatur kemm privatament kif ukoll pubblikament, skond kif jaqbel l-aħjar li jsir.* Is-Sorijiet huma obbligati jobdu lill-Viżitatur f'kollox. *Kull min jaġixxi b'mod differenti, kemm jekk tkun il-Badessa jew xi wħud oħrajn, għandhom jiġu ikkastigati skond il-qjies tal-ħtija kif jaqbel l-aħjar.*
[265] *Bl-istess mod, jekk il-kappillan ikun ħati ta' xi ħaġa li hu ma setax u lanqas kellu jwieżen bil-fehma tiegħu, wara li hu jiġi mwissi, għandu jiġi ikkastigat b'mod xieraq u raġjonevoli mill-Viżitatur,* skond kif jixraq. *Jekk hu ma jkunx jixtieq jew jittraskura li jbiddel l-imġieba tiegħu*, jew ukoll jistmerr it-twissija, hu għandu jiġi mneħħi għal kollox mill-monasteru mill-istess Viżitatur.
[266] Aħna wkoll niddikjaraw li hu biss il-ministru ġeneral jew provinċjal ta' l-Ordni msemmi aktar 'il fuq, li jista' jeżerċita fostkom l-uffiċċju ta' Viżitatur, li jikkoreġi, u jirriforma kemm ir-ras kif ukoll il-membri jew personalment jew inkella permezz ta' patrijiet oħrajn kwalifikati li jkunu ġew maħturin minnu fil-kapitlu ġenerali. Minkejja dan, il-ġeneral u l-provinċjali li semmejna fil-provinċji tagħhom, għal xi raġuni, jistgħu xi mindaqqiet jaħtru xi Viżitatur speċjali u kwalifikat minn fost il-patrijiet imħollija fil-kura tagħhom skond il-forma li tingħata lill-ġemgħa kollha tal-ministri fil-kapitlu ġenerali[168].
[267] 9 Meta jkun possibbli, f'kull monasteru għandu jkun hemm biss bieb wieħed li minnu persuna tista' tidħol jew toħroġ mill-klawsura skond il-liġi tad-dħul u tal-ħruġ imniżżla f'din il-Forma ta' Ħajja. U dan il-bieb għandu jkun imqiegħed b'mod konvenjenti f'post fil-għoli sa fejn ikun possibbli li jsir hekk, sabiex, minn fuq barra, wieħed ikun jista' jasal għalih biss permezz ta' sellum li jinġarr apposta. Dan is-sellum għandu jkun imħares bil-ħerqa permezz ta' katina tal-ħadid, u għandu jittella' mill-art 'il ġewwa mill-bieb il-ħin kollu mir-reċita tal-Kumpieta sal-Prima

---

[167] L-espressjoni *in capite et in membris* ("fir-ras u fil-membri") kienet tipika fit-tejoloġija ta' riforma tas-seklu 13. Cfr. P. HAVEN STRUMP, *Reform in Head and Members: The Reform Ideas of Constance (1414-1418)*, unpublished dissertation, University of California, Los Angeles 1978.
[168] Dawn il-kliem jirriflettu l-Bulla *Cum vos inclusae* (3 ta' Frar 1244), li Innoċenz IV bagħat lis-Sorijiet Dumnikani ta' San Sisto, li biha l-Papa wera lis-Sorijiet x'kien ir-rwol tal-Viżitatur Dumnikan. Cfr. *Bullarium Ordinis Fratrum Praedicatorum*, Tomus I, ed. Th. Ripoll, Tipographia Hieronymi Maindardi, Roma 1739, 131.

tal-jum ta' l-għada, kif ukoll fil-ħin tal-mistrieħ ta' wara l-ikel u waqt il-viżta, ħlief jekk xi ħtieġa li tidher jew xi vantaġġ li jaqbel jitolbu li jsir mod ieħor[169].

[268] *Għandha tiġi maħtura waħda mis-Sorijiet, li tkun żgur tibża' minn Alla, li tkun matura fil-karattru, li tkun bieżla u ta' età xierqa, biex tieħu tagħmilha ta' purtinara fid-daħla tal-monasteru* li semmejna. *Għandha tieħu ħsieb hekk bir-reqqa u tħares* wieħed mill-imfietaħ *tal-bieb, li l-bieb qatt ma jkun jista' jinfetaħ mingħajrha jew mingħajr l-għarfien tagħha.* Il-Badessa għandha tieħu ħsieb tal-muftieħ l-ieħor li għandu jkun għal kollox differenti mill-ewwel wieħed. *Għandha tingħatalha soru oħra, li tkun xierqa bħalha, biex tieħu postha f'kollox, meta hi tkun okkupata jew miżmuma minn xi kawża raġjonevoli jew minn xi ħidma meħtieġa.*

[269] *Għandhom jieħdu ħsieb bir-reqqa kollha tal-bieb, u joqogħdu attenti li dan qatt ma jinżamm miftuħ, ħlief biss meta dan jista' jsir għal żmien qasir ħafna. Id-daħla tal-monasteru għandha tkun imsakkra sewwa bil-firrolli, bi travi b'saħħithom u bi staneg tal-ħadid. Qatt ma għandha titħalla mingħajr għassa, ħlief biss għal ftit tal-ħin, jekk il-bieb ma jkunx imsakkar tajjeb* b'muftieħ wieħed matul il-jum u b'żewġ imfietaħ matul il-lejl. *Il-bieb lanqas ma għandu jinfetaħ mall-ewwel għal kull min iħabbat, ħlief jekk waħda tkun taf minn qabel u mingħajr dubju min hi l-persuna li għaliha l-bieb irid jinfetaħ mingħajr dewmien, skond id-digriet li inkludejna aktar 'il fuq f'din il-Forma ta' Ħajja dwar dawk li jkunu se jidħlu fir-Reliġjon.*

[270] *Imma jekk ikun meħtieġ li jsir xi xogħol ġewwa l-monasteru, dawk is-sekulari jew il-persuni li jridu jagħmluh jistgħu jidħlu. Imma l-Badessa għandha tara bir-reqqa li, waqt li jkun qiegħed isir dan ix-xogħol, għandha tinħatar persuna xierqa biex tagħmel għassa mal-bieb. Hi tista' tiftħu lil dawk il-persuni li huma maħturin biex iwettqu dan ix-xogħol, u ma għandhiex tħalli persuni oħrajn jidħlu. Għal dak il-ħin kollu u sakemm ikun raġjonevolment possibbli, is-Sorijiet għandhom iħarsu lilhom infushom bl-akbar reqqa li ma jarawhomx is-sekulari jew il-persuni minn barra*[170].

[271] Mill-bqija, billi aħna ma nixtiequx li l-imsemmi bieb jinfetaħ għal affarijiet oħrajn ħlief għal dawk il-ħwejjeġ li ma jkunux jistgħu jgħaddu b'mod konvenjenti mir-rota jew permezz ta' mezzi oħrajn, aħna nordnaw li f'kull monasteru għandu jkun hemm rota waħda b'saħħitha ta' wisgħa u għoli meħtieġ li titqiegħed f'post xieraq. Dak kollu li jkun meħtieġ għandu jgħaddi mir-rota kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra. Ir-rota għandha tintuża b'tali mod li min ikun fuq barra ma jkunx jista' jara lil min ikun fuq ġewwa u bil-maqlub. Il-bieb żgħir għandu jkun magħmul b'saħħtu fuq iż-żewġ naħat sabiex jibqa' dejjem magħluq u msakkar bil-katnazzi u l-imfietaħ bil-lejl u, matul is-sajf, ukoll matul il-mistrieħ ta' wara nofs in-nhar. Il-Badessa għandha tqiegħed soru li hi diskrieta, ta' min jafdaha, u matura kemm fil-karattru kif ukoll fiż-żmien, li tkun tħobb il-fama tajba tal-monasteru, biex tħares lir-rota u tieħu ħsieb hi tgħaddi dak li hu meħtieġ minnha.

---

[169] Dawn il-liġijiet dwar il-klawsura jirriflettu t-tendenza ġenerali taż-żmien biex tiġi msaħħa l-klawsura tal-monasteru fis-seklu 13. Dan id-dokument jirrifletti ħafna mil-leġislazzjoni li diġà kienet tinsab f'Regoli ta' reliġjużi oħrajn, u li spiċċat biex issir il-fundament tal-famuż dokument *Periculoso* ta' Bonifazju VIII (1298), li jitqies bħala d-dokument fondamentali tal-Knisja rigward il-klawsura femminili. Cfr. P.F. ANSON, "Papal Enclosure for Nuns", *Cistercian Studies* 3 (1968) 119-120. Għandna prova ta' din il-prassi saħansitra fil-monasteru ta' San Damiano, fejn għadu jidher sallum il-bieb imqiegħed fil-għoli, u li jagħti għad-dormitorju tas-Sorijiet, li ħafna, bi żball, iqisuh bħala t-tieqa li minnha ħarġet Santa Klara bl-Ewkaristija f'idejha biex tħarrab lit-truppi Saraċini. Fil-fatt nafu, mil-*Legenda S. Agnetis Assisiensis*, li fil-funerali ta' Sant'Agnese, oħt Klara, bosta nies ġew biex jaraw lil din il-verġni qaddisa, u li l-"ponte levatoio" (bl-ingliż "draw-bridge") li minnu kienu jitilgħu biex jidħlu fil-monasteru, ċeda bil-piż tal-persuni li kien hemm fuqu. Cfr. C.A. LAINATI, "Cenni biografici di Sant'Agnese d'Assisi", *Santa Chiara d'Assisi*. Atti del XX Convegno della Società Internazionale di Studi Francescani (Assisi, 15-17 ottobre 1992), Spoleto 1993, 101-112.

[170] Minn hawn 'il quddiem ir-Regola ta' Innoċenz IV iżżid elementi għal kollox ġodda ma' dawk tal-*Constitutiones Hugolinianae*.

Hi waħedha, jew dik li tiġi maħtura bħala sieħba tagħha, meta hi ma tkunx tista' tkun preżenti, tista' titkellem u twieġeb dwar dawk l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-uffiċċju tagħha.
[272] Il-parlatorju komuni, iżda, għandu jitqiegħed fil-kappella, jew preferibilment fil-klawsura, fejn waħda tkun tista' tużah b'mod aktar konvenjenti u xieraq, li ma jmurx jiġri li, jekk jitqiegħed fil-kappella, tiġi mfixkla l-paċi ta' dawk li jkunu jitolbu. Il-parlatorju għandu jkun ta' daqs xieraq, u jkollu pjanċa tal-metall li tkun imtaqqba b'ħafna toqob fini u li tkun hekk b'saħħitha b'ċappetti ħoxnin li qatt ma tkun tista' tinfetaħ. Għandha tiddendel purtiera sewda ta' l-għażel fuq in-naħa ta' ġewwa, hekk li s-Sorijiet ma jistgħux jaraw lil min ikun fuq barra u lanqas ikunu jidhru huma.
[273] Ħadd ma għandu jingħata permess li jitkellem fil-parlatorju mill-ħin tal-Kumpieta, li għandha tingħad fil-ħin tagħha, sa wara l-Prima tal-jum ta' l-għada, jew waqt il-ħin ta' l-ikel, jew matul is-sajf, waqt il-mistrieħ ta' wara l-ikel, jew meta jkun qiegħed jiġi iċċelebrat l-Uffiċċju, ħlief għal kawża raġjonevoli u meħtieġa li ma tkunx tista' tistenna b'mod konvenjenti.
[274] 10 Rigward is-Sorijiet li jaqdu[171] u li mhumiex marbutin li jibqgħu dejjem fil-klawsura bħall-oħrajn, aħna nixtiequ li jitħares dan li ġej b'mod strett: li ħadd ma jista' joħroġ mill-klawsura mingħajr permess u li dawk li joħorġu mill-klawsura jkunu retti u ta' età xierqa. Għandhom jimxu fit-toroq b'għata tar-riġlejn deċenti, kemm huma kif ukoll dawk is-Sorijiet li xi mindaqqiet ikun jeħtieġ li jingħataw il-permess li joħorġu, bħal fil-każi li semmejna hawn fuq. L-istess permess jista' wkoll jingħata lis-Sorijiet li jibqgħu ġewwa l-klawsura, jekk jixtiequ huma.
[275] Għandu jingħata ċertu ħin biex dawk li joħorġu jirritornaw ġewwa. Ma hemmx permess għal ħadd minnhom li jieqfu biex jieklu, jixorbu, jew jorqdu barra mill-monasteru jekk ma jkollhomx permess speċjali, jew li jinfirdu waħda mill-oħra, jew li jitkellmu ma' xi ħadd fil-privat, jew li jidħlu fil-post li fih jgħammar il-kappillan tal-monasteru jew tal-konversi jew penitenti jew ta' l-aħwa li jkunu jgħixu hemmhekk[172]. Jekk xi waħda mis-Sorijiet tagħmel xi ħaġa kontra dan li għidna, għandha tiġi ikkastigata b'mod aħrax. U għandhom juru ħerqa u joqogħdu attenti li ma jieqfux f'postijiet suspettużi u jsiru familjari ma' persuni ta' fama ħażina. Malli jidħlu lura fil-monasteru ma għandhomx joqogħdu jirrakkontaw lis-Sorijiet ħwejjeġ tad-dinja u fiergħa li bihom huma jkunu imfixklin jew imdgħajjfin. U waqt li jkunu barra, huma għandhom iġibu ruħhom b'tali mod li jedifikaw lil dawk li jaraw l-imġieba tajba tagħhom. Dak kollu li jingħatalhom jew li jwiegħduhom, huma għandhom iġibuh u jagħtuh lill-Badessa jew lil xi soru oħra li tieħu postha f'dan ir-rigward.
[276] 11 Għal dak li għandu x'jaqsam ma' dan li qed ngħidu, intom għandkom il-permess li tirċievu, jew li jkollkom fil-komun, u li żżommu bil-libertà kollha prodotti u proprjetà. Kull monasteru ta' l-Ordni jista' jkollu prokuratur, li jkun prudenti kif ukoll ta' min jafdah biex jieħu ħsieb hu l-amministrazzjoni xierqa tal-proprjetà[173]. Kull meta tinqala' ħtieġa, hu għandu jiġi maħtur jew imneħħi minn Viżitatur skond kif dan jidhirlu l-aħjar.

---

[171] Ir-Regola ta' Innoċenz IV titkellem mis-"Sorijiet li jaqdu", filwaqt li l-*Constitutiones Hugolinianae* kienu jitkellmu biss mill-"qaddejja".
[172] Il-*conversi* ("konversi") kienu persuni affiljati mal-monasteru bħala ħaddiema, kollaboraturi, eċċ. Huma ma kienux reliġjużi professi, għalkemm bosta minnhom kienu jgħixu ħajja iddedikata għad-dmirijiet tar-reliġjużi. Fl-1224 iċ-Ċisterċensi kienu introduċew leġislazzjoni li kellha x'taqsam mal-preżenza u r-responsabiltajiet tal-konversi fil-monasteri tas-Sorijiet.
[173] Il-permess għall-prokuratur hu ritratt tal-konċessjoni li Innoċenz IV kien ta lill-Patrijiet Minuri fil-Bulli *Ordinem vestrum* (14 ta' Novembru 1245) u *Quantum studiosus* (19 ta' Awissu 1247). B'hekk kemm il-Patrijiet Minuri kif ukoll is-Sorijiet Foqra kellhom il-permess papali li jkollhom prokuraturi biex jieħdu ħsieb l-amministrazzjoni tal-flus u proprjetà. Dan il-provvediment kien l-akbar daqqa ta' ħarta li qalgħet Klara rigward l-insistenza tagħha dwar li s-Sorijiet Foqra kellhom jgħixu *sine proprio*, bla proprjetà. Kien għalhekk li, wara li rċeviet din ir-Regola fl-1247, Klara talbet li tibda tikteb Regola hi, li tkun ritratt fidil tal-*Forma vitae* li kien taha San Franġisk fl-1212.

[277] Dan il-prokuratur, stabilit b'dan il-mod, ikun obbligati li jagħti rendikont lill-Badessa u lil tliet Sorijiet li jiġu maħturin apposta għal dan il-għan, kif ukoll lill-Viżitatur, jekk hu jkun irid, dwar dak kollu li jiġi mħolli f'idejh, u dwar dak li jkun irċieva u dak li jkun nefaq. Hu ma jistax ibiegħ, ipartat, jobbliga jew jaljena l-ebda ħaġa mill-ġid kollu tal-monasteru, hekk hu ma jkollux il-permess tal-Badessa kif ukoll tal-komunità. Niddikjaraw li dak kollu li jsir kuntrarju għal dan li qed ngħidu jiġi meqjus bħala illeċitu u invalidu. Minkejja dan, xi partijiet żgħar tal-proprjetà mobbli jistgħu xi mindaqqiet jingħataw.

[278] 12 Dan qed ngħiduh biex ma jiġrix li, minħabba l-ħtija ta' amministrazzjoni ħażina, intom terġgħu lura aktar tard milli tosservaw din il-Formula ta' Ħajja bil-mod li għandna kif spjegajna fil-qosor aktar 'il fuq, u li aħna nixtiequ u nordnaw li għandha tiġi mħarsa kullimkien u minn kulħadd bl-istess mod. Sabiex intom ma tibdewx tagħżlu għamliet differenti ta' ħajja taħt it-tagħlim ta' persuna diversi bl-awtorità ta' dan id-dokument preżenti, aħna inħallu b'mod sħiħ il-kura tagħkom u tal-monasteri kollha ta' l-Ordni tagħkom lill-ministri ġenerali u provinċjali ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri[174]. Aħna niddikjaraw li intom għandkom tibqgħu taħt l-ubbidjenza, it-tmexxija u t-tagħlim tagħhom jew ta' oħrajn li jkunu ministri għal xi żmien. Intom strettament obbligati li tobduhom.

[279] Huma imbagħad, billi juru ħerqa biex jieħdu kura ta' rwieħkom, għandhom iħabirku biex iwettqu l-uffiċċju ta' Viżitatur għal dawn il-monasteri jew huma nfushom jew inkella permezz ta' aħwa oħrajn li huma kwalifikati biex jagħmlu dan u li jiġu maħturin minnhom skond din il-Forma ta' Ħajja, kull meta huma jidhrilhom li jkun meħtieġ, billi jikkoreġu u jirriformaw dawn il-postijiet, kemm fir-ras kif ukoll fil-membri. Minkejja dan, huma għandhom jistabilixxu jew ineħħu, ibiddlu jew jordnaw skond kif huma jaraw li jaqbel f'għajnejn Alla.

[280] L-elezzjoni tal-Badessa, iżda, għandha tkun kompetenza biss tal-komunità. Il-konferma jew l-invalidazzjoni tagħha tista' ssir mill-ministru ġeneral, jekk ikun preżenti fil-provinċja, jew inkella, fl-assenza tiegħu, mill-ministru provinċjal ta' dik il-provinċja li fiha jinsab il-monasteru. L-aħwa li huma inkarigati minn dan l-uffiċċju għandhom jisimgħu l-qrar u jamministraw is-sagramenti tal-Knisja lilkom. Imma billi l-aħwa ta' dan l-Ordni li semmejna mhumiex obbligati li joqogħdu l-ħin kollu fil-monasteri tagħkom, in-nuqqas ta' saċerdot jista' jkun ta' theddida għalikom. Għaldaqstant huma għandhom jaħtru kappillani oħrajn prudenti u mimlijin ħeġġa biex jisimgħu l-qrar tagħkomu fil-mumenti ta' ħtieġa jamministraw is-sagramenti li semmejna kif ukoll iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Uffiċċju Divin.

[281] L-ebda monasteru ta' l-Ordni tagħkom ma jista' jiġi mwaqqaf fil-ġejjieni mingħajr il-permess u l-kunsens tal-kapitlu ġenerali ta' l-Ordni li semmejna qabel.

[282] Il-kappillan u l-konversi jistgħu jwiegħdu ubbidjenza lill-Badessa, skond dak li jistabilixxi l-Viżitatur, billi jwiegħdu l-istabilità fil-post u li jgħixu għal dejjem mingħajr xejn tagħhom, u fil-kastità[175]. Il-Viżitatur għandu l-permess li jittrasferixxi l-kappillan, is-Sorijiet li jaqdu, kif ukoll il-konversi, minn monasteru għal ieħor jekk tinqala' ħtieġa evidenti jew għall-bżonnijiet oħrajn li jidhru.

---

[174] B'dan l-ordni Innoċenz IV jorbot ġuridikament lis-Sorijiet Foqra ma' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, biex hekk ir-rabta spiritwali tagħhom tkun sħiħa.

[175] Fix-xewqa tiegħu li jipprovdi għall-ħtiġijiet spiritwali tas-Sorijiet Foqra, Ugolino kien waqqaf fraternitajiet zgħar ta' Patrijiet Minuri qrib il-monasteri. Barra milli kien jieħdu ħsieb spiritwali tas-Sorijiet, huma kienu wkoll imsejħin biex jieħdu ħsieb tagħhom materjalment. Innoċenz IV qiegħed isegwi regolament taċ-Ċisterċensi li kienu jippermettu lill-kappillan u lill-konversi li jipprofessaw l-ubbidjenza lill-Badessa tal-monasteru imħolli fil-kura tagħhom. Cfr. GRATIEN DE PARIS, *Histoire de la Fondation de l'Ordre des Frères Mineurs au XIIIe Siècle,* Paris 1928, 604.

[283] Huma għandhom iħarsu s-sawm kif isumu s-Sorijiet. Il-Badessa, iżda, għandha l-permess biex, bil-ħniena, tiddispensahom mis-sawm minħabba s-sħana, jew xi vjaġġ, jew xi ħidma, inkella minħabba xi raġuni oħra raġjonevoli u retta.

[284] Huma jistgħu jkollhom tonok mingħajr kapoċċ, magħmulin minn drapp fqir, skond il-ħtieġa tagħhom. Il-kmiem tagħhom ikunu qosra u jaslu biss sa l-idejn. Imma t-tul tat-tonok tagħhom irid ikun tali li huma jridu jaslu sa erba' swaba 'l fuq minn riġlejhom. Huma jistgħu jkollhom qafla xierqa u ċintorin. Jistgħu wkoll jilbsu mantell żgħir fuq it-tonok; it-tul tiegħu għandu jasal ftit 'l isfel mill-irkobba u l-wisgħa tiegħu sal-minkeb. Il-kappillan, iżda, jista' jkollu mantell żgħir li jkun iqsar. Hu jista' wkoll jagħmel użu minn mantell deċenti, meta jkun jixraq. Jistgħu wkoll ikollhom l-għata tar-riġlejn u l-kalzetti, kif ukoll il-qliezet li jkunu wesgħin u twal u li jinqaflu fuq quddiem.

[285] Il-konversi għandhom jgħidu l-istess Uffiċċju kif iddiskrevejna aktar 'il fuq għas-Sorijiet li ma jafux jaqraw, ħlief li huma jistgħu almenu jiġu obbligati li jitolbu l-Uffiċċju tal-Verġni Marija.

[286] Il-kappillan u l-penitenti għandhom joqogħdu għal kollox għall-għarfien u l-korrezzjoni tal-Viżitatur li huma strettament obbligati li jobduh.

[287] *Għaldaqstant, ħadd ma għandu jipprova jnaqqas il-qawwa ta' dan id-dokument tagħna ta' konferma, jew jiftillu jeħodha kontrih b'nuqqas ta' għaqal. Jekk xi ħadd jiftillu jagħmel dan, ħa jkun jaf li jaqa' taħt il-qilla ta' Alla li jista' kollox u ta' l-Appostli qaddisin tiegħu Pietru u Pawlu.*

Mogħti f'Lyons, fid-9 ta' Awissu, fil-ħames sena tal-pontifikat tagħna.

# NOTIFIKA TAL-MEWT
# TA' SANTA KLARA
## (1253)

[288] Lis-Sorijiet kollha ta' l-Ordni ta' San Damiano imxerrdin mad-dinja, is-Sorijiet li jgħixu f'Assisi jixtiequlhom is-salvazzjoni fl-awtur tal-fidwa[176].

Billi x-xewka tan-niket mudlam issa nibtet, aħna sejrin – mhux mingħajr dmugħ – nirrakkontaw ġrajja li tħallina mbikkmin. Aħna rridu nafdawlkom l-aħbar – mhux mingħajr l-ilfiq kiebi tal-viżtu tagħna – biex ngħidulkom li l-mera tal-kewkba ta' filgħodu, li x-xbieha tagħha konna nammirawha bħala l-mudell tad-dawl veru, issa għabet minn quddiem għajnejna. Il-ħatar tar-reliġjon tagħna intemmet! Dik li ġarritna fil-professjoni tagħna, jiddispjaċina ngħidulkom, telqet minn dan l-istat ta' pellegrinaġġ uman!

Is-Sinjura tagħna Klara, il-mexxejja tagħna u l-omm meqjuma tagħna, l-għalliema tagħna, ġiet imsejħa minn dik li tifred ir-rabta tal-ġisem, jiġifieri, l-mewt qerrieda, u mhux tant żmien ilu telgħet lejn il-kamra tat-tieġ ta' l-Għarus tas-sema. It-tlugħ ferrieħi tagħha mid-dinja, mid-dell tad-dlam għad-dija tad-dawl, u d-dehra tagħha li ġiet iċċelebrata fis-sema – għalkemm spiritwalment tagħti l-hena lis-sensi – għal dak li għandu x'jaqsam ma' din id-dinja, ħakmet id-dawl tagħna b'sentimenti ta' niket. Għax filwaqt li hi ġarritna mit-triq li tiżloq tax-xewqat tal-ġisem u mexxietna fuq it-triq tas-salvazzjoni, imma issa, hi telqet minn quddiem għajnejna. Minħabba l-ħtija ta' l-imperfezzjoni tagħna, li forsi immeritajna, il-Mulej għoġbu li jagħmel lill-glorjuża Klara tiddi aktar bir-raġġi tad-dawl tas-sema, milli jħalliha tibqa' hawnhekk b'tant ħlewwa għal aktar żmien flimkien mas-Sorijiet tagħha fil-postijiet ta' din l-art.

Tassew hi kienet timmerita dan kollu, iżda, jekk aħna nirriflettu fuq il-merti tal-perfezzjoni li minħabba fiha, sa mill-ewwel snin ta' ħajjitha, hi warrdet fis-sahriet tal-kontemplazzjoni divina u li kienu, ukoll f'dak iż-żmien, jistħoqqilhom il-premju. Hekk hi sawwbet it-talb mimli ħerqa ta' tjieba permezz ta' atti ta' qima mimlija mħabba. Hekk hi wegħdet il-ġilju tal-modestja verġinali tagħha biex titgħarras ma' Kristu, billi stmerret il-prinċpijiet ta' l-imħabba tal-ġisem. Hekk hi intrabtet b'ruħha u ġisimha miegħu b'rabta ta' żwieġ u biċ-ċurkett ta' l-imħabba. Meta hi laħqet l-età taż-żwieġ, kienet tolqot il-għajnejn fil-ġmiel ta' ġisimha, kienet għanja fir-rikkezzi tad-dinja, kienet imrobbija f'dar ta' nisel nobbli, imma flok il-libsa rjali tat-tieġ hi libset it-tonka fqajra, ħadet f'idejha t-torċa tal-funeral flok il-musbieħ tat-tieġ, u, flok il-ħżiem tal-libsa tat-tieġ, hi ħażżmet lilha nnifisha b'ħabel. Kemm kien solenni dan iż-żwieġ! Kemm tat frott il-verġinità tagħha li ma kienetx imtebba' mill-kuntatti fiżiċi ta' mħabba tal-ġisem u li kienet tnissel kotra hekk kbira ta' ulied.

Oqogħdu attenti minn kull telqa, o Sorijiet! Oqogħdu attenti biex taraw kemm din is-sensibilità ta' mara kienet tiddi u tleqq b'tant virtujiet, u kemm kienet tħeġġeġ bil-qawwa tagħhom!

---

[176] Dan id-dokument mhux daqshekk magħruf, li bih titħabbar il-mewt ta' Santa Klara, li ġrat f'San Damiano fil-11 ta' Awissu 1253, intbagħat lis-Sorijiet ta' mija u għaxar monasteri li kienu jipprofessaw il-Forma ta' Ħajja tagħha. Id-dokument ġie mikxuf fil-bidu tas-seklu li għadda fil-Librera Landau ta' Firenze f'kollezzjoni imsejħa *Liber epistolarum secundum usum Curiae Romanae et aliorum Principium*. Cfr. Z. LAZZERI, "La Vita di Santa Chiara", *Archivum Franciscanum Historicum* 13(1920) 403-507; I. OMAECHEVARRIA, *Escritos de Santa Clara y Documentos Contemporaneos*, Biblioteca de Autores Cristianos, Madrid 1983, 55-59. Bħala dokument jidher li hu diffiċli ħafna u li sar bil-għaġġla. L-istil mhux raffinat, u xi mindaqqiet lanqas jidher li hemm ħsieb loġiku. Id-dokument jintemm f'daqqa u mingħajr l-ebda konklużjoni. Imma fl-istess ħin juri l-qawwa tar-ruħ li kellhom is-Sorijiet Foqra ta' San Damiano biex jibqgħu fidili għas-sejħa tagħhom, minkejja l-mewt ta' ommhom Santa Klara.

Hi rebħet il-ħmiġijiet qarrieqa u jiżolqu tad-dinja li kienu jinfirxu quddiem riġlejha. Hi ġiet midruba mix-xewka ta' marda twila u kienet miżmuma bil-ħlewwa ta' l-età anzjana li ġiet wara, imma hi qatt ma nfexxet fil-garr minħabba d-dgħufija u lanqas ma kienet tiftaħ fommha biex tilminta. Mhux biss, imma aktar ma kienet titniggeż mix-xewk ippuntat tal-mard, aktar kienet toffri bid-devozzjoni kollha l-għanja ta' tifħir tagħha lill-Mulej. Kemm kienet kbira u serja r-rabta li biha riedet tintrabat! Kemm kien kbir in-nar ta' l-imħabba li bih kienet titħeġġeġ hekk li wkoll l-attakki ta' tempesta mimlija korla ma kienux kapaċi li jqallbu ta' taħt fuq il-ħemda tar-ruħ tagħha, bħal dak il-qlugħ li jdur 'il hemm mill-irwiefen inkurlati meta jkun f'idejn kapaċi.

Filwaqt li nsaħħu qluba biex nitħaddnu mad-Divinità, hi kienet dejjem treġġagħna lura lejn l-imħabba ta' xulxin permezz tad-duwa tal-konsolazzjoni bla taqta'! Meta kien jiġri – kif xi mindaqqiet jista' jkun – li xi waħda minna kienet tkun bla saħħa, li kienet teħtieġ l-ilbies jew kienet bil-ġuħ jew bil-għatx, hi kienet tiġri f'nofsna bi kliem ta' kuraġġ mimli ħlewwa u kienet tgħidilna: "Ilqa' dan kollu bil-kortesija", "Ilqa' t-toqol tal-faqar bis-sabar, il-piżta' l-umiltà bil-ħlewwa. Is-sabar ta' dawk li l-ħarsa tagħhom titlaq mill-kunsiderazzjoni tad-Divinità tipproduċi l-ħlewwiet tal-ġenna għal min hu mimli sabar u tikseb il-għana ta' premju li ma jintemm qatt".

Għaliex inkomplu iżjed? Il-qiegħ ta' din il-qdusija ma tafx bl-ebda spjegazzjoni bi kliem tal-bnedmin. Imma isimgħu dak id-don tad-Divinità li hi rċeviet matul it-tmiem ta' jiemha fuq din l-art. Il-Vigarju ta' Kristu flimkien mal-Kulleġġ venerabbli ta' ħutu l-kardinali ġie jżurha meta kienet qed tmut u, billi hu baqa' hemmhekk bil-ħlewwa kollha wara u ma telaqx mill-funeral tal-mejta tagħna, hu radd il-ġieħ lil ġisimha waqt id-difna tagħha.

Ukoll jekk l-uġiegħ qawwi jaħtfilna 'l qlubna minħabba l-mewt tagħha, imma ejjew xorta waħda mmiddu l-id il-leminija tar-ruħ tagħna għall-glorja tat-tifħir divin, għall-palma tal-ferħ. Għaliex kif l-intelliġenza morali tagħna tifhem iż-żifna tal-ferħ li biha l-armata tas-sema u l-ispirti qaddisa joħorġu biex jilqgħuha u jippreżentaw il-ħidmiet tal-ġisem miqjum tagħha lid-dehra tal-Ħallieq, bl-istess qawwa li taħdem ta' Dak li jagħmel kollox, hi baqgħet tiddi b'varjetà ta' mirakli...

# PROĊESS TA' KANONIZZAZZJONI TA' SANTA KLARA
(1253)

L-Atti tal-Proċess ta' Kanonizzazzjoni ta' Santa Klara, li kienu magħrufin lejn tmiem is-seklu 15 u l-bidu tas-seklu 16, imbagħad baqgħu għal kollox moħbija sa l-1920. Kien Patri Zefferino Lazzeri OFM li kellu l-mertu li reġa' skoprihom, wara li għamel riċerka dettaljata f'bosta bibljoteki, sakemm sabhom fil-kodiċi tal-Biblioteca privata Landau, li kienet proprjetà tas-sinjura Finaly, taħt in-numru 1975-2040. Dan il-manuskritt kien proprjetà tal-konti Gustavo Galletti u kien ġej mill-monasteru ta' Santa Chiara Novella ta' Firenze. Illum il-manuskritt jinsab fil-Biblioteca Nazionale di Firenze, fondo Laudau-Finaly, n. 251.

Normalment, meta jsiru l-atti ta' proċess kanoniku, dawn jisparixxu wara li ssir il-kanonizzazzjoni tal-qaddis u tinkiteb il-*Legenda* uffiċjali. Id-dokument proċesswali, li kien miktub bil-latin, kien jgħaddi fl-arkivju u kien jibqa' l-uniku manuskritt ta' l-atti, hekk li kien faċli li jintilef matul is-sekli. Hekk ġara fil-każ ta' l-Atti tal-proċess ta' San Franġisk. Kif jurina l-istudjuż Franġiskan Giovanni Boccali (*Santa Chiara d'Assisi sotto processo. Lettura storico-spirituale degli Atti della canonizzazione*, Porziuncola, Assisi 2002, 20-32), fil-każ tal-Proċess ta' kanonizzazzjoni ta' Santa Klara, bil-ħila ta' Swor Battista Alfani, soru tal-monasteru ta' Monteluce f'Perugia, fejn kien hemm *scriptorium* famuż, aħna għandna f'idejna manuskritt bil-verżjoni *volgare* ta' tmiem is-seklu 15. Swor Battista Alfani, li ta' sekulara kien jisimha Antonia, bint Alfano u Iacopa Beccuti, oħt żgħira ta' Swor Eufrasia, li kienet badessa tal-monasteru, kienet awtriċi ta' diversi opri, fosthom il-famuż *Memoriale* tal-monasteru bejn l-1488 u l-1515.

Fost l-opri li dan il-*Memoriale* jagħti l-lista tagħhom, hemm ukoll *Legenda della nostra madre sancta Chiara*. Kif juri Boccali, din hi l-istess *Vita di santa Chiara* li ġiet ippubblikata fl-1920 minn Z. Lazzeri, li kien iqisha bħala "opra ta' Franġiskan Toskan tas-seklu 16". Għar-redazzjoni l-aktar sħiħa possibbli ta' din il-*Legenda*, swor Battista, bl-għajnuna tas-sorijiet addetti fli *scriptorium*, ġabret flimkien dawk li sejħiltilhom "librecti de diverse cose". Skond il-*Memoriale* dawn it-testi ingħatawlha mill-ministri ġenerali, li "le arechavano li dicti libri" (*Memoriale di Monteluce.* Cronaca del monastero delle Clarisse di Perugia dal 1448 al 1838, a cura di suor Chiara Augusta Lainati e delle clarisse del monatero di Santa Maria di Monteluce, con introduzione di Ugolino Nicolini, Santa Maria degli Angeli, Porziuncola 1983, f. 65v, stampata f'paġna 124).

Fost dawn il-"librecti de diverse cose" kien hemm ukoll il-verżjoni bil-*volgare* ta' l-Atti tal-proċess kanoniku ta' Santa Klara. Din il-verżjoni ġejja mill-inħawi ta' Perugia, kif wera tajjeb Lazzeri, u dan jidher l-aktar mill-kalligrafija: hu jagħraf l-id ta' swor Battista Alfani fil-folji 1r-11r, u id oħra mhix magħrufa sal-folja 33v. Flimkien ma' dan hemm il-konferma tad-djalett Perugino, li bih inkitbu dawn l-Atti.

Minn Perugia dan id-dokument għadda Firenze, bil-ħila ta' swor Maddalena, soru ta' Monteluce, bint Roberto konti ta' Firenze. Fiż-żmien li din Maddalena kienet badessa, fis-16 ta' Ottubru 1453 irċeviet *Breve* mill-Papa Niccolò V biex tmur Firenze ħalli twaqqaf monasteru ġdid ta' Santa Chiara Novella. Kien f'dan il-mument li kemm il-kodiċi tal-Proċess, li jġib l-istemma tal-monasteru ta' Monteluce f'Perugia, kif ukoll il-*Legenda della nostra madre sancta Chiara* għaddew minn Perugia għal Firenze u hemm baqgħu proprjetà tal-monasteru ta' Santa Chiara Novella.

Fil-verżjoni bil-*volgare* li għandna f'idejna, u li minnha saret din it-traduzzjoni, il-Proċess fih l-Atti li inkitbu, b'ordni tal-Papa Innoċenz IV bil-Bulla *Gloriosus Deus* (18 ta' Ottubru 1253) fl-aħħar ġimgħa ta' Novembru ta' l-istess sena (mit-Tnejn 24 sas-Sibt 29 ta' Novembru). Huma x-xhieda li ġew miġburin, fil-kjostru u fl-infermerija ta' San Damiano, minn fomm is-Sorijiet ta' Santa Klara, u minn fomm xi sekulari fil-knisja ta' San Paolo fil-belt ta' Assisi. Kienu appena għaddew tliet xhur mill-mewt ta' Santa Klara, li ġrat filgħaxija tat-Tnejn 11 ta' Awissu 1253.

Minn konfront li wieħed jista' jagħmel bejn l-Atti u l-Leġġenda ta' Santa Klara, attribwita minn xi wħud liċ-Celano, flimkien mal-Bulla ta' Kanonizzazzjoni, dawn jikkostitwixxu biss parti mill-Proċess sħiħ. Fil-fatt fl-Atti tonqos il-maġġoranza tal-mirakli li seħħu *post mortem*, li fil-Leġġenda ta' Santa Klara huma inklużi u jikkostitwixxu trattat proprju *De miraculis sanctae Clarae*.

Għal dak li għandu x'jaqsam mad-dokument li għandna f'idejna, nistgħu insostnu li ftit dokumenti fihom il-karattru frisk tal-Proċess ta' Kanonizzazzjoni ta' Santa Klara, fejn ix-xhieda mqanqla tas-sorijiet, tagħtina ritratt ħaj ta' Klara, u għandha spontanjetà u immedjatezza li ma nsibuhomx fil-Leġġenda uffiċjali. Qisna qed nisimgħu l-istess rakkonti li sħab San Franġisk jagħtuna f'dawk il-Fonti magħrufin bħala *nos, qui cum eo fuimus* ("aħna, li għexna miegħu"), bħalma huma siltiet mill-*Compilatio Assisiensis*.

Id-djalett antik Perugino, li bihom huma miktubin, ikompli jagħti sens ta' verità lil dawn ix-xhieda li raw il-fatti b'għajnejhom u messewhom b'idejhom. Ta' importanza kbira wkoll, minħabba li huma uniċi fl-istil tagħhom, huma l-kliem tal-ħames sekulari li jagħtu xhieda fil-knisja ta' San Paolo: il-kavallier Ugolino di Pietro Girardone, li kien nobbli midħla tad-dar ta' Favarone, missier Klara; Bona di Guelfuccio, is-sieħba fidila sa mill-bidunett tal-vokazzjoni ta' Klara, li tixhed dwar il-laqgħat sigriet ta' Klara ma' Franġisku; Ranieri di Bernardo, Pietro di Damiano u Giovanni di Ventura, li Arnaldo Fortini jsejjaħlu "uomo d'arme" fost il-membri tal-klassi nobbli li magħhom kienet tindieħes il-familja ta' Klara.

Irridu nsemmu wkoll l-importanza u l-valur tal-Proċess ta' Kanonizzazzjoni bħala fonti primarja għall-għarfien bijografiku ta' Klara, imma wkoll bħala dokument, uniku fl-istil tiegħu, li jippermettielna li nivvalutaw il-kitbiet ta' l-aġjografi tal-qedem, u partikolarment ta' l-awtur tal-*Legenda Sanctae Clarae Virginis*, kif ukoll tal-*Legenda Versificata* ta' Santa Klara, u ta' l-Uffiċċju ritmiku *Iam sanctae Clarae claritas* (miktub wara l-1253 u qabel l-1261), li baqa' jintuża fil-Brevjar Ruman-Serafiku sar-riforma postkonċiljari tal-Liturġija tas-Sigħat, kif ukoll fil-ġabriet ta' innografija klarjana (innijiet, antifoni u sekwenzi) tas-seklu 13. Dawn il-Fonti kollha, li mhux dejjem jiddependu minn xulxin, kollha nistgħu ngħidu li kellhom fundament wieħed, jiġifieri l-Atti tal-Proċess kanoniku kif inkiteb b'mod sħiħ. Dawn jiġu interpretati u riproposti minn kull wieħed mill-kittieba u r-redatturi bis-sensibilità u l-istil tiegħu. Il-Bulla ta' Kanonizzazzjoni, li hi bħall-frott li nibet mill-Proċess, hi meqjusa bħala l-kurunament tal-kumpless bijogafiku kollu kemm hu.

Il-Proċess hu dokument prezzjuż li jagħtina xhieda li l-aġjografu tal-Leġġenda ta' Santa Klara Verġni, kien min kien, ma jieqafx biss f'dak li hu mirakoluż, ukoll jekk il-ħajja ta' Santa Klara tidhirlu li kienet tassew meraviljuża, iċċentrata kollha kemm hi fuq il-misteru ta' Kristu li jidher preżenti fil-ħajja tagħha ta' għarusa f'rabta ta' mħabba mistika. L-awtur, kif juri fil-Prologu, ried tassew jikteb storja, u biex għamel hekk uża dokumenti oriġinali, u hu minħabba din ir-raġuni li ta' min jorbot fuqu b'mod sħiħ, kif inhu ta' min jorbot fuqu l-awtur tal-Leġġenda Versifikata u ta' l-Uffiċċju ritmiku. Mhux dak kollu li hemm fil-Proċess daħal fil-Leġġenda, kif il-Leġġenda wkoll għandha xi elementi ġodda li ma nsibuhomx fil-Proċess. Dan juri li l-awtur tal-Leġġenda wkoll seta' għamel intervisti lill-patrijiet u lis-Sorijiet Foqra li kienu jafu lil Santa Klara u kienu għexu magħha. B'din l-informazzjoni f'idejna jkollna ngħidu li l-ipotesi ta' min irid li Tommaso

da Celano hu l-awtur tal-*Legenda Sanctae Clarae Virginis* mhijiex ta' min jiskartaha għal kollox. L-istess ngħidu għal-*Legenda Versificata* ta' Santa Klara, li fiha partikularitajiet li ma jidhrux la fil-Proċess u lanqas fil-Leġġenda uffiċjali, imma li xi ħadd li kien midħla tal-Kurja Papali kien jaf dawn il-fatti mill-qrib.

Il-Proċess ta' Kanonizzazzjoni ta' Santa Klara nistgħu ngħidu li hu l-Fonti ewlenija li fuqha rridu nibnu l-għarfien storiku tal-persuna ta' Klara. Saħansitra l-ħafna aġġettivi marbutin mat-tema tad-dawl u ma' l-isem ta' Klara (*praeclara, claritas, clare, clarere, clarescere, inclarescere*), għandhom fil-Proċess l-isbaħ mod ta' espressjoni, li mbagħad tkompli f'dokumenti uffiċjali bħall-Bulla ta' Kanonizzazzjoni: "Il-għada s-Sinjura Klara, tabilħaqq kollha bjuda u bla ebda tebgħa jew dalma ta' dnub, għaddiet minn din il-ħajja għal għand il-Mulej, għall-bjuda tad-dawl ta' dejjem" (ProcCan 3,32).

# PROĊESS TA' KANONIZZAZZJONI
# TA' SANTA KLARA
## (1253)

*Dwar kif il-Papa Innoċenz bagħat ittra apostolika lill-Isqof ta' Spoleto*[177]*,*
*u ikkmandah biex jindaga bil-għaqal kollu u bil-ħerqa*
*dwar il-ħajja, il-konverżjoni, u l-imġieba ta' Santa Klara,*
*u wkoll dwar il-mirakli li għamlet, kif jidher fil-*Bulla *li hi din.*

[289] F'isem il-Mulej Ġesù Kristu. Amen.

Jiena Bartolomeo, Isqof ta' Spoleto, irċevejt mingħand il-Qdusija Tiegħu *messere* Papa Innoċenz IV dan il-kliem, jiġifieri:

### BULLA TAL-PAPA INNOĊENZ IV
### LIL BARTOLOMEO, ISQOF TA' SPOLETO

[290] Innoċenz, Isqof, qadej tal-qaddejja ta' Alla, lill-meqjum ħuna Bartolomeo, Isqof ta' Spoleto, saħħa u barka apostolika.

Glorjuż hu Alla fil-qaddisin tiegħu, Hu li waħdu jagħmel u jwettaq ħwejjeġ kbar u ta' l-għaġeb. Wara li jkunu temmew il-ġirja tagħhom u għaddew minn din il-ħajja, lill-fidili tiegħu jagħmilhom magħrufa b'ħafna modi u sinjali ta' l-għaġeb, u jagħżilhom biex jieħdu bħala ħlas l-ogħla glorja u l-premju ta' l-hena tal-ġenna. Dan jagħmlu biex meta jsiru magħrufa s-sinjali, l-għeġubijiet u x-xhieda ta' tant u tant ġrajjiet meraviljużi – dawn huma possibbli li jsiru biss bil-qawwa ta' Alla, wieħed fit-Trinità u tliet Persuni fl-Unità – tkun tidher il-qawwa ta' l-Aktar Għoli u Ismu kbir u ta' l-għaġeb ikun adurat hawn fl-art bl-akbar qima, il-ħakma tiegħu tibqa' għal dejjem, u l-majestà tiegħu tkun imxandra fil-għoli.

[291] Imxennqa għal dawn il-premji li huma ta' min jixtieqhom, Klara, ta' tifkira ħienja, li kienet badessa tas-Sorijiet Foqra klawstrali ta' San Damiano, tat widen għall-kliem il-profeta: *Isma', binti, ħares u agħti widen; insa 'l ġensek u 'l dar missierek, għax is-Sultan hu mxennaq għal ġmielek* (S 44,11-12). Hija tefgħet wara spallejha l-ħwejjeġ li jidbielu u jgħaddu, u ħarset 'il quddiem; waqt li insiet għal kollox il-ħwejjeġ ta' warajha, bil-hena u l-qalb it-tajba, tat widen għall-kliem qaddisa.

---

177 L-Atti tal-Proċess ta' Kanonizzazzjoni ta' Santa Klara (ProcCan), fil-kodiċi, jiftħu bit-traduzzjoni tal-Bulla *Gloriosus Deus* ta' Innoċenz IV (18 ta' Ottubru 1253), mibgħuta lil Bartolomeo Accorombani, li kien isqof ta' Spoleto mill-1236 sa l-1271, u li, fil-mument li fih sar il-Proċess ta' Klara, kellu ġurisdizzjoni reliġjuża kif ukoll ċivili fuq Assisi. Bil-Bulla *Gloriosus Deus* il-Papa ordna lill-isqof ta' Spoleto li jistitwixxi l-Proċess kanoniku ta' Klara t'Assisi, billi jinterroga lix-xhieda skond formularju meħmuż mal-Bulla. Kuntrarjament għall-Atti tal-Proċess, il-Bulla *Gloriosus Deus* hi magħrufa u mħarsa fl-oriġinal latin, li jinsab fl-arkivju tal-protomonasteru ta' Santa Klara f'Assisi. It-traduzzjoni bid-djalett umbro antik xi mindaqqiet hi diffiċli li wieħed jifhimha. Fl-edizzjoni taljana tal-*Fonti Francescane* inżammet kif inhi, u kien minn din l-edizzjoni li saret it-traduzzjoni tagħna. Il-Bulla *Gloriousus Deus* ġiet pubblikata fil-*Bullarium Franciscanum,* ed. J.H. Sbaralea, Roma 1759-1768, 684; Cfr. P. ROBINSON, "Inventarium omnium documentorum, quae in Archivio protomonasterii S. Clarae nunc asservatur", *Archivum Franciscanum Historicum* 1 (1908); M. BARTOLI, "Il Processo di Canonizzazione come fonte per la ricostruzione del profilo storico di Chiara d'Assisi", *Dialoghi con Chiara d'Assisi,* Porziuncola, Assisi 1994, 36-52.

[292] Ma ħallitx wisq żmien jgħaddi u lanqas ma tnikkret filli tqiegħed malajr fil-prattika l-kliem li ħadet gost tisma', iżda minnufih ċaħdet lilha nnifisha, lill-ġenituri u lil qrabatha, u dak kollu li kellha. Diġà tfajla żagħżugħa u matura fis-saltna tas-sema, hija għażlet u ħadet b'għarus tagħha lil Ġesù Kristu, il-fqir, is-Sultan tas-slaten. Ingħatat lilu kollha kemm hi, b'ruħha u ġisimha, fi spirtu ta' umiltà, u wiegħditu, bħallikieku dawn kienu d-dota tagħha, dawn iż-żewġ ħwejjeġ partikulari: ir-rigal tal-faqar u l-vot tal-kastità verġinali.

[293] Hekk, il-għarusa pura ngħaqdet fit-tgħannieqa mixtieqa ta' l-Għarus verġinali tagħha. Missodda tal-verġinità bla mittiefsa ħareġ nisel pur u fertili, li jgħaġġeb lil kulħadd. Dan in-nisel, taħt il-fwieħa tat-taħriġ qaddis tagħha u għall-imħabba, għall-professjoni li tagħti s-saħħa, qed jinfirex ma' kull parti tad-dinja, bħal siġra tas-sema li tagħti frott kotran għal Alla[178].

[294] Din hi dik il-għarusa li meta kienet għadha tgħix, kienet mejta għad-dinja. Hija għoġbot lil Alla l-aktar għoli bix-xewqat u l-għemejjel tajba u l-virtujiet tagħha; kienet dejjem tara kif tagħmel biex tehda fit-twettieq ta' ħwejjeġ qaddisa. Sa minn dakinhar li mietet ferħana, anzi wkoll qabel ma ħalliet din il-ħajja li tintemm bil-mewt, fil-ħniena kbira tiegħu, Alla li jista' kollox, li filkotra ta' tjubitu jippremja l-ġid kollu li jsir, għax din it-tjubija tgħaddi bil-bosta l-merti u x-xewqat ta' dawk li jitolbuh; Hu, biex ismu l-qaddis jitgħolla għal dejjem, għall-interċessjoni tal-merti kbar tal-verġni Klara, jingħad li qed jagħmel ħafna benefiċċji ma' dawk li jitolbuh, u li fuq l-art ukoll qed jagħmel ħafna mirakli ta' kull xorta permezz tagħha u għat-talb tagħha.

[295] Jixraq, għalhekk, u tkun ħaġa flokha li fil-Knisja militanti tkun meqjuma dik li, għallħniena ta' Alla, jingħad li għamilha meqjuma mill-fidili tiegħu għad-doni tal-grazzja ta' din ixxorta, u l-mirakli li saru permezz tagħha. Għaldaqstant, nordnawlek, għażiż ħuna, permezz ta' din l-ittra apostolika tagħna, li tagħmel it-tiftix meħtieġ dwar il-ħajja, il-konverżjoni[179] u l-imġieba tagħha; tindaga sewwa u bil-għaqal kollu dwar il-mirakli li qegħdin isiru, u ċ-ċirkustanzi tagħhom, biex issir magħrufa l-verità tagħhom. Imxi fuq dawn il-mistoqsijiet li qed nibgħatulek flimkien ma' din il-Bulla[180]. Dak kollu li jirnexxilek issib dwar dawn il-ħwejjeġ, hu ħsieb li tibgħatulna

[178] Il-Bulla, li bħala dokument kellha tkun biss l-att proċedurali li bih, xahrejn wara l-mewt ta' Klara, il-Papa jiftaħ l-inkwiżizzjoni dwar il-ħajja u l-virtujiet tagħha, diġà tiġbor fiha fil-qosor it-toni ta' tifħir li mbagħad kellha tesprimi l-Bulla ta' kanonizzazzjoni, *Clara claris praeclara meritis*, ta' l-1255. Ma hemm xejn stramb f'dan l-entużjażmu ta' Innoċenz IV, meta naħsbu li fl-istess jum tal-funeral ta' Klara il-Papa ried jiċċelebra għaliha l-Quddiesa tal-verġni, u mhux dik tal-mejtin (LegCl 47), u li l-konvinzjoni tal-Papa dwar il-qdusija ta' Klara kienet tiegħu sehem minnha l-Kurja kollha, kif jidher f'silta mil-*Legenda Versificata*, 33 (B. BUGHETTI, "Legenda versificata S. Clarae Assisiensis", *Archivum Franciscanum Historicum* 5 (1912) 473; in *Fontes Franciscani,* 2389). Għal studju tal-kontenuti tal-Bulla *Gloriosus Deus,* hemm l-istudju ta' G. LA GRASTA, "La canonizzazione di Chiara", *Chiara d'Assisi.* Atti del 20 Convegno della Società Internazionale di Studi Francescani (Assisi, 15-17 ottobre 1992), Spoleto 1993, 299-324. L-istudjuż juri bħala fundamentali t-tema ta' l-għerusija ma' Kristu, kif tidher fis-Salm 44, u fiż-żewġ rigali li Klara toffri lil Kristu l-Għarus, il-faqar u l-kastità, li l-Papa jqishom bħala "rigal" u "vot".

[179] "Konverżjoni" hawnhekk tirreferi għas-sens reliġjuż tal-persuna li "iddur lejn Alla", u f'dan is-sens ukoll tirritorna l-kelma fix-xhieda li jagħtu s-Sorijiet ta' Santa Klara. Fil-kuntest tal-Bulla, mela, tfisser li wieħed għandu jindaga dwar il-mod li bih Klara ikkansagrat ruħha lill-Mulej, iċ-ċirkustanzi tal-passaġġ tagħha mill-ħajja sekulari għall-ħajja reliġjuża. Bil-kliem *vita, conversio, conversatio,* wieħed jifhem it-totalità tal-kwadru bijografiku: mit-tfulija fil-familja u ż-żgħożija ta' Klara (*vita*), għall-konverżjoni li ddur madwar il-persuna ta' San Franġisk (*conversio*), għall-ħajja tagħha fil-monasteru, fl-umiltà u s-satra assoluta (*conversatio*). Billi jwiegħbu għall-iskema tal-mistoqsijiet, ix-xhieda tal-Proċess jippreżentaw profil bijografiku aktar dettaljat minn dak tal-LegCl, l-aktar rigward l-ewwel tmintax il-sena tal-ħajja ta' Klara.

[180] Ma għandniex f'idejna dawn il-formuli ta' mistoqsijiet għall-Proċess ta' Santa Klara, li kienu meħmużin mal-Bulla. Imma hu evidenti, mill-mod kif isir l-interrogatorju tax-xhieda, li dawn il-formuli kienu jikkorrispondu għal dawk li kienu jintużaw dak iż-żmien u li kienu magħrufin għall-isqof Bartolomeo di Spoleto, li sena qabel kien mexxa l-Proċess tal-Beatu Simone da Collazzone. Il-mistoqsijiet kienu jinkludu l-mod kif ix-xhieda kienu jafu l-fatti li jirrakkontaw; f'liema żmien u xahar u jum dawn seħħew; min kien preżenti; fejn seħħew. Cfr. Z. LAZZERI, "De

bis-siġill tiegħek, u kollox ikun miktub minn idejn in-nutar[181], biex ir-ruħ ta' dik li ħafna jemmnu li diġà qiegħda tithenna fis-sema mżejna bl-istola ta' l-immortalità, f'din id-dinja wkoll tkompli tingħata t-tifħir xieraq mill-kotra ta' l-erwieħ ġusti.

Mogħtija f'San Giovanni in Laterano, fil-XV tal-*kalendae* ta' Novembru, il-ħdax il-sena tal-pontifikat tagħna[182].

[296] Għaldaqstant jien, 'il fuq imsemmi Bartolomeo, mort personalment fil-monasteru ta' San Damiano u ħadt ix-xhieda dwar il-ħajja, il-konverżjoni, l-imġieba u l-mirakli tat-tifkira qaddisa tas-Sinjura Klara, li qabel kienet badessa tal-monasteru ta' San Damiano. L-ismijiet u d-dettalji ta' dawk li taw ix-xhieda tagħhom huma miktubin hawn taħt.

Nhar l-24 tax-xahar ta' Novembru, fil-klawsura ta' San Damiano: l-ewwel xhud, madonna Pacifica de Guelfuzio de Assisi; it-tieni, madonna Benvenuta da Perugia; it-tielet, madonna Filippa de messer Leonardo de Gislerio; ir-raba', madonna Amata da messer Martino de Corozano[183]; il-ħames, madonna Cristiana de messer Cristiano de Parisse[184]; is-sitt, madonna Cristiana de Bernardo da Suppo; is-seba', madonna Benvenuta de Oportulo de Alessandro; it-tmien, madonna Francesca de messere Capitaneo da Coldimezzo; id-disa', madonna Beatrice de messere Favarone de Assisi, oħt Santa Klara[185]; il-għaxar, madonna Cecilia da Spello; il-ħdax, madonna Balvina de messere Martino da Corozano; it-tnax, madonna Agnese de Oportulo; it-tlittax[186], u madonna Lucia da Roma. Dawn kollha huma Sorijiet tal-monasteru ta' San Damiano, u ħadu l-ġurament li jgħidu l-verità dwar il-ħajja, il-konverżjoni, l-imġieba u l-mirakli ta' l-imsemmija Santa Klara.

Fil-preżenza ta' dawn ix-xhieda, jiġifieri: messere Leonardo, arċidjaknu ta' Spoleto; messere Iacobo, arċipriet ta' Trieve; fra Leone, fra Angelo da Rieti u fra Marco tal-patrijiet minuri, u *ser* Martino, nutar.

Fil-preżenza tal-meqjum missier, *messer* Bartolomeo, Isqof ta' Spoleto.

---

processu canonizationis S. Clarae", *Archivum Franciscanum Historicum* 5 (1912) 645; "Il processo di canonizzazione di santa Chiara d'Assisi", *Archivum Franciscanum Historicum* 13 (1920) 404 u 441.

[181] Riferiment għall-preżenza tan-nutar *ser* Martino, li ismu jinsab aktar 'il quddiem. L-isqof Bartolomeo ħa miegħu bħala kollaboraturi lil Leonardo, arċidjaknu ta' Spoleto; l-arċipriet ta' Trevi Giacomo; Fra Leone u Fra Angelo, iż-żewġ sħab mill-aktar qrib ta' San Franġisk, u li kienu preżenti maġenb Klara sal-mewt (LegCl 45), u l-kappillan tal-monasteru ta' San Damiano, Fra Marco.

[182] 18 ta' Ottubru 1253.

[183] Swor Amata di Martino, bħal oħtha Swor Balvina, is-seba' xhud, kienet "neputija tad-demm" ta' Santa Klara, kif tixhed hi stess (ProcCan 4,1). Lazzeri ikkoreġa l-lokalità ta' Corozano f'Coccorano, li kien kastell fil-limiti bejn Assisi, Gubbio u Perugia (AFH 13 (1920) 433, nota 2), u b'dan id-dettall jipprova juri min kienu l-familjari ta' Klara. A. Fortini, iżda, jiċħad din it-teżi, u jikkoreġi l-isem f'Corezano, li kien isem ieħor tal-kastell ta' Corano, jew Coriano jew Correggiano, ftit bogħod minn Assisi. Hu jgħid li Amata u Balvina kienu mhux neputijiet diretti ta' Santa Klara (li ma kellhiex aħwa oħrajn ħlief Agnese u Beatrice, li t-tnejn saru Sorijiet Foqra), imma ulied ta' kuġin ta' Klara, li kien jismu appuntu *messer* Martino da Corano (A. FORTINI, "Nuove notizie intorno a santa Chiara d'Assisi", *Archivum Franciscanum Historicum* 46 (1953) 11-15). Fl-istudju tagħha dwar il-familjari ta' Santa Klara, G. CASAGRANDE, "Le compagne di Chiara", *Chiara d'Assisi*. Atti del 20 Convegno della Società Internazionale di Studi Francescani, 381-425, tibbaża l-argumenti tagħha fuq Fortini. Cfr. P. CABANO, "Chiara, Agnese e le prime damianite nell'agiografia francescana primitiva", *Forma Sororum* 25 (1988) 187-201; 253-263; 26 (1989) 50-62.

[184] Sa hawnhekk il-lista timxi b'mod parallel max-xhieda li jiġu wara. Imma mbagħad ma tikkorrispondix aktar b'ordni; mhux biss, imma wieħed jinnota wkoll nuqqas ta' preċiżjoni u ommissjonijiet fl-ismijiet tax-xhieda.

[185] L-espressjoni *beata Clara*, li x'aktarx hi l-bażi tal-verżjoni bil-*volgare*, turi l-qawwa tal-fama tal-qdusija li Klara kienet tgawdi qabel ma din il-qdusija ġiet rikonoxxuta uffiċjalment mill-Knisja.

[186] Fil-manuskritt hu evidenti li hemm xi isem maqbuż qabel *et*: l-isem tat-tlittax il-soru hu dak ta' Swor Angeluccia di Angeleio da Spoleto, li fid-dokument hi l-erbatax il-xhud. Skond dak li jingħad wara, ix-xhieda fost is-Sorijiet ta' San Damiano huma ħmistax, li magħhom irridu nżidu x-xhieda ġenerika tal-Badessa Benedetta flimkien mas-Sorijiet kollha tal-monasteru.

## L-EWWEL XHUD

*Kif Klara kienet tgħix fid-dar ta' missierha*

[297] 1 SORA PACIFICA DE GUELFUCCIO[187] de Assisi, soru tal-monasteru ta' San Damiano, qalet taħt ġurament li hija kienet taf lil Santa Klara meta din il-mara qaddisa kienet għadha tgħix fid-dinja fid-dar ta' missierha. Dawk kollha li kienu jafuha kienu jżommuha bħala mara ta' onestà kbira, u ta' ħajja tajba ħafna. Ħsiebha kien dejjem filli tagħmel opri tajba.

*Dwar il-konverżjoni tagħha*

[298] 2 Hija qalet li Santa Klara bdiet l-Ordni, li issa qiegħed f'San Damiano, fuq it-twissijiet ta' San Franġisk. Daħlet f'dan l-Ordni bħala verġni, u dejjem baqgħet verġni. Meta x-xhud ġiet mistoqsija kif saret taf b'dawn l-affarijiet, wieġbet li meta kienet għadha fid-dinja, hija kienet il-ġara tagħha, u mill-bogħod kienet ukoll tiġi minnha. Il-pjazza[188] biss kienet tifred id-dar tagħha minn dik ta' Klara; ta' spiss kienet toqgħod titkellem magħha.

[299] 3 Qalet ukoll li s-Sinjura Klara kienet tħobb ħafna lill-foqra, u n-nies tal-belt kollha kienu jżommuha b'qima kbira minħabba l-ħajja tajba li kienet tgħix. Meta ġiet mistoqsija kemm kien għadda żmien minn mindu l-verġni Klara kienet ħalliet id-dinja, ix-xhud qalet li kienu għaddew mat-tnejn u erbgħin sena[189]. Mistoqsija dwar kif kienet taf dan, wieġbet li hi kienet daħlet fl-Ordni magħha fl-istess żmien, u l-biċċa l-kbira hi kienet taqdiha lejl u nhar.

---

[187] Pacifica kienet oħt Bona di Guelfuccio, li hi s-sbatax il-xhud. Pacifica kienet familjari ma' Klara sa minn qabel il-konverżjoni, u kienet l-ewwel sieħba tagħha f'San Damiano, wara Caterina, oħt Klara, li irċeviet l-isem ta' Agnese minn Franġisku ("Chronica XXIV generalium", *Analecta Franciscana* III, Quaracchi 1897, 175). Mill-Fonti, iżda, ma jirriżultax li Pacifica akkumpanjat lil Klara meta din ħarbet mid-dar lejn il-Porziuncola, fil-lejl ta' Ħadd il-Palm 1211 jew 1212, kif normalment jingħad. Fil-fatt Pacifica tiskot dwar din is-sehem tagħha f'din il-ġrajja. Il-frażi *cum honesta societate* tal-LegCl 7 hi ġenerika u tħalli spazju għal kull ipotesi. Imma meta l-awtur tal-LegCl jitkellem dwar is-sieħba li kienet takkumpanja lil Klara fil-laqgħat tagħha ma' San Franġisk hu aktar espliċitu, *unica familiari socia comitante*, espressjoni li tirreferi għal Bona di Guelfuccio (ProcCan 17,3). Il-*Legenda Versificata* (vv. 280-281) tippreżenta lil Klara waħedha fil-ħarba, u mill-Fonti l-oħrajn l-ebda waħda mis-Sorijiet sħab Klara ma tidher li kienet akkumpanjatha. Jista' jkun ukoll li l-espressjoni *honesta societas*, f'dak il-ħin tal-lejl, fit-triq twila minn Assisi sa Santa Maria, kienet il-kumpanija tal-patrijiet sħab San Franġisk, li Klara kienet tafhom sewwa.

[188] Hi l-pjazza ta' San Rufino, li fuq il-ġenb tagħha kien hemm id-dar ta' Santa Klara.

[189] Hawnhekk ma nidħlux fil-kwestjoni tal-kronoloġija ta' Santa Klara, li tinbena fuq tliet dati: dik, żgura, tal-mewt, 11 ta' Awissu 1253; dik tal-ħarba tagħha mid-dar fil-lejl ta' Ħadd il-Palm, 42 sena qabel il-mewt; u dik tat-twelid, 18 il-sena qabel ma hi daħlet fir-Reliġjon. Id-data tal-ħarba, skond dak li jgħidu l-ProcCan u l-LegCl, irridu nqiegħduha, skond xi wħud, fil-lejl tat-28 ta' Marzu 1211, li hekk iwassalna għad-data tat-twelid ta' Klara fl-1193 (L. LAZZERI, "Il Processo di canonizzazione", AFH 13 (1920) 434-435; F. CASOLINI, *Vita di santa Chiara vergine d'Assisi di Fra Tommaso da Celano,* Santa Maria degli Angeli, Assisi 1980, 29). Skond oħrajn id-data kienet dik tal-lejl tat-18 ta' Marzu 1212 (D. CRESI, "Cronologia di santa Chiara", SF 25 (1953) 260-267; L. HARDICK, "Zur Chronologie im Leben der heiligen Klara", FrStud 35 (1953) 174-210; A. TERZI, *Cronologia della vita di San Francesco d'Assisi,* Roma 1963, 56-62; L. DI FONZO, "Per la cronologia di San Francesco. Gli anni 1182-1212", MF 82 (1982), 100-102). Skond dawn u l-bijografiji l-aktar reċenti ta' Santa Klara, id-data tat-twelid trid tiġi iffissata fl-1194.

[300] 4 Qalet ukoll li s-Sinjura Klara kienet ġejja minn nisel nobbli, kemm min-naħa ta' missierha kif ukoll min-naħa ta' ommha, it-tnejn nies onesti. Missierha, li kien jismu *messer* Favarone, kien kavallier, imma hi lilu qatt ma kienet ratu. Lil ommha, Ortolana, iva, kienet ratha. Din is-Sinjura Ortolana kienet marret 'l hemm mill-baħar għal raġunijiet ta' talb u devozzjoni[190]. Marru flimkien ukoll Sant'Angelo[191], u Ruma. Qalet ukoll li hija kienet iżżur il-foqra bil-qalb. Mistoqsija dwar kif kienet taf dawn l-affarijiet, wieġbet: għax hija kienet il-ġara tagħha, u kienet magħha, kif diġà ntqal aktar 'il fuq.

[301] 5 Qalet ukoll li s-Sinjura Ortolana daħlet fl-istess Ordni ta' bintha, il-qaddisa Klara[192], u għexet fih flimkien mas-Sorijiet l-oħra f'umiltà kbira. U kien hemmhekk li, imżejna b'għemejjel reliġjużi u qaddisa, ħalliet din il-ħajja.

[302] 6 Ix-xhud qalet ukoll li tlitt snin wara li Santa Klara kienet ilha fl-Ordni, għat-talb u l-insistenza li għamlilha San Franġisk, kważi mġiegħela, hija aċċettat id-direzzjoni u t-tmexxija ta' ħutha[193]. Mistoqsija dwar kif kienet taf dan qalet li hi kienet hemm.

*Kif kienet tgħix il-ħajja fil-monasteru*

[303] 7 Din ix-xhud qalet li l-Omm qaddisa kienet tishar ħafna matul il-lejl tgħid it-talb. Kienet tiċċaħħad ukoll minn ħafna affarijiet, hekk li ħutha kienu jallarmaw ruħhom u jilmintaw ukoll. Qalet ukoll li hi stess xi drabi ġieli bkiet minħabba f'hekk. Mistoqsija dwar kif kienet taf dan, wieġbet: għax rat b'għajnejha stess lis-Sinjura Klara mixħuta ma' l-art, b'ġebla mix-xmara taħt rasha, u semgħetha waqt li kienet titlob.

[304] 8 Hija qalet li kienet tant stretta dwar l-ikel li ħutha kienu jistagħġbu kif ġisimha kien iżomm ħaj. Żiedet tgħid ukoll li Klara kienet issum ħafna, u tlitt ijiem fil-ġimgħa, it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa, ma kienet tmiss xejn ma' ħalqha. U qalet li fil-ġranet l-oħra kienet tant tiċċaħħad minn affarijiet li mbagħad rikbitha marda, u minħabba f'hekk San Franġisk flimkien ma' l-Isqof ta' Assisi, ikkmandaha biex f'dawn il-jiem tiekol ta' l-inqas nofs *bozzo* ħbejża[194], jiġifieri madwar uqija u nofs kollox.

---

[190] Pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa (*Oltremare*). Il-fatt li Ortolana jirnexxielha tagħmel dan il-vjaġġ twil u perikoluż, li kien isir jew bil-baħar mill-kosta tal-Puglie lejn Kreta, Ċipru u Akri jew Ġaffa, jew fuq l-art, mill-Balkani għal Kostantinopli, l-Asja Minuri, Antjokja u l-kosta tal-Libanu u l-Palestina, juri li hi kienet mara sinjura li setgħet tippermetti nies li jmorru magħha biex jiddefenduha u provvisti għal vjaġġ hekk twil.

[191] Sant'Angelo hu l-famuż santwarju ta' San Mikiel Arkanġlu fuq il-Monte Gargano.

[192] Ma nafux meta Ortolana segwiet lil uliedha f'San Damiano. Nafu li mietet fil-monasteru qabel l-1238, għaliex isimha ma jidhirx fil-lista tas-Sorijiet li f'dik is-sena kienu jgħixu hemmhekk (Il-Mandat ta' l-1238).

[193] Is-sistemazzjoni ġuridika ta' San Damiano ta' spiss titqiegħed f'relazzjoni mal-Konċilju Lateran IV ta' l-1215, li fil-kanone 13 kien ikkmanda li, kull min kien se jwaqqaf familja reliġjuża ġdida, kellu jaddotta Regola minn dawk diġà eżistenti. Dan hu wieħed mill-argumenti li, bil-qawwa tiegħu, nafu li Klara daħlet f'San Damiano fl-1212. Jista' jkun li, sakemm sħab Klara kienu tliet jew erbgħa, hi setgħet taħrab min kull nomenklatura ta' ġerarkija. Imma dan kien inqas faċli mill-1214, meta sħabha saru sitta. Kienet ħaġa loġika li l-isqof ta' Assisi, bl-appoġġ ta' San Franġisk, jordnalha biex tieħu f'idejha t-tmexxija tal-monasteru bħala Badessa.

[194] Lazzeri jgħidilna li l-*bozzo* kien jirreferi għall-"bozza fiorentina", jiġifieri ħbejża magħġuna minn ponn għaġina (AFH 13 (1920) 444).

[305] 9 Qalet ukoll li l-Omm qaddisa kienet titlob kollha ħeġġa u bla waqfien, mixħuta ma' l-art għal ħin twil, u kienet iddum ħafna f'dik il-qagħda umli. Meta kienet tiġi lura mit-talb, kienet twissi u tfarraġ lil ħutha, tgħidilhom dejjem kliem Alla, kliem li kien dejjem fuq fommha; għax hija la riedet tgħid u lanqas tisma' kliem fieragħ. Meta kienet tiġi lura mit-talb, ħutha kienu jifirħu biha qisha ġiet mill-ġenna. Mistoqsija dwar kif kienet taf dan, wieġbet li hija għexet magħha.

[306] 10 Hija qalet ukoll li s-Sinjura Klara, meta kienet tikkmanda lil ħutha biex jagħmlu xi ħaġa, kienet tagħmel dan bil-biża' u bl-umiltà, u aktar iva milli le, kienet tixtieq tagħmel hi stess dak li tikkmanda lill-oħrajn.

[307] 11 Ix-xhud qalet ukoll li meta kienet tkun hekk marida li ma kienetx tiflaħ tqum mis-sodda, kienet titlobhom itellgħuha bilqiegħda u jqiegħedulha xi mħaded wara daharha biex iżommuha, u kienet tgħaddi l-ħin tinseġ. Mill-insiġ tagħha kienet tagħmel korporali u trieħi ta' l-altar għal kważi l-knejjes kollha tal-pjanura ta' fuq il-għoljiet madwar Assisi. Mistoqsija dwar kif kienet taf dan, wieġbet li ratha tinseġ hija stess. Meta kienet tlesti d-drapp, u ħutha jkunu ħietuh, il-patrijiet imbagħad kienu joħduh b'idejhom stess fil-knejjes li semmejna, u kienu jagħtu wkoll lis-saċerdoti li jżuru l-monasteru[195].

[308] 12 Hija qalet ukoll li l-Omm qaddisa kienet umli, qalbha tajba u kollha mħabba lejn ħutha; kienet turi mogħdrija kbira lejn il-morda. Meta kienet f'saħħitha, kienet taqdihom u taħslilhom riġlejhom, u tagħtihom l-ilma b'idejha stess. Xi drabi kienet taħsel ukoll is-saqqijiet tal-morda. Mistoqsija dwar kif taf dawn l-affarijiet, wieġbet li ratha tagħmel dan bosta drabi.

[309] 13 Qalet ukoll li kellha mħabba partikolari għall-faqar, hekk li qatt ħadd ma seta' jipperswadiha li tixtieq xi ħaġa bħala tagħha, jew li tirċievi xi proprjetà la għaliha u lanqas għall-monasteru. Mitluba tgħid kif kienet taf dan, wieġbet li hija rat u semgħet lis-Sinjur Papa Girgor IX, ta' tifkira ħienja, li ried jagħtiha ħafna affarijiet u jixtrilha proprjetà għall-monasteru, iżda hi qatt ma kienet tgħid iva għal dan[196].

[310] 14 Qalet ukoll li s-Sinjura Klara kienet turi tant ħeġġa u għaqal dwar l-osservanza regolari ta' l-Ordni tagħha u t-tmexxija ta' ħutha daqskemm xi ħadd juri meta jkun qed jgħasses it-teżor

---

[195] Is-saċerdoti li kienu jżuru l-monasteru ta' San Damiano.

[196] Cfr. ix-xhieda ta' ProcCan 2,22 u 3,14. Il-LegCl 14 tagħtina aktar dettalji dwar l-insistenza ta' Girgor IX, u ġġibilna wkoll it-tweġiba qawwija ta' Klara quddiem il-pressjoni tal-Papa. Klara kellha l-kuxjenza li hi kienet qed tiddefendi, permezz tal-faqar, il-*Forma Vitae* li kien taha San Franġisk. Fl-aħħar mill-aħħar kien hemm fin-nofs is-sustanza tal-ħajja tagħha fqira u sempliċi, li kienet mibnija fuq l-imħabba ta' Kristu u tas-Sorijiet, fuq l-eżempju ta' San Franġisk u tal-patrijiet tiegħu, u fuq l-istess appartenenza tagħha għall-Ordni Franġiskan. Mhux ta' b'xejn li kien mill-istess Papa Girgor IX li Klara qalgħet il-forma miktuba tal-*Privilegium Paupertatis* (17 ta' Settembru 1228). Klara kienet taf x'kien se jiġri, għax malli l-kardinal Ugolino sar Papa Girgor IX hu beda jinsisti li Klara u s-Sorijiet Foqra kellhom jirċievu proprjetà u renti fissi għall-għajxien tagħhom. Hu rnexxilu jagħmel dan fil-ħafna monasteri ta' Sorijiet Foqra li hu nnifsu waqqaf, fil-konvinzjoni li kellu li, b'hekk, is-Sorijiet setgħu jkunu aktar ħielsa biex jingħataw b'ruħhom u ġisimhom għat-talb mingħajr it-tħassib għall-għajxien ta' kuljum. Il-Privileġġ tal-Faqar salva lil Klara u lis-Sorijiet f'San Damiano minn din il-proprjetà, kif salvahom ukoll milli jkollhom jaċċettaw ir-Regola ta' Innoċenz IV fl-1247, li kienet tagħtihom il-fakultà li jkollhom proprjetà in komuni. F'dan id-dettall li għamel mis-Sorijiet Foqra sorijiet tal-klawsura fuq il-mudell Benedittin, naraw żvilupp mill-*Constitutiones Hugolinianae* ta' l-1219 sar-Regola ta' Innoċenz IV ta' l-1247, u mbagħad sar-Regola ta' Urbanu IV ta' l-1263. Il-qawwa ta' karattru ta' Klara xorta waħda żammet sħiħa l-istima li l-Papa kellu lejn din il-mara, hekk li sa mill-1220 hu jsejħilha "omm is-salvazzjoni tiegħu" u jindirizza lilha u lis-Sorijiet ittri mimlijin affett u riverenza lejn l-għażla radikali tal-ħajja tagħhom.

temporali li jkollu. U dawn l-affarijiet, qalet, kienet tafhom għax kienet dejjem magħha għal madwar erbgħin sena u aktar, ħlief biss għal sens waħda meta, bil-permess ta' l-Omm qaddisa, għaddiet xi żmien fil-monasteru ta' Valle Gloria, fi Spello, għall-formazzjoni[197] tas-Sorijiet ta' dak il-post.

*Il-miraklu taż-żejt*

[311] 15 Din ix-xhud qalet ukoll li l-ħajja ta' l-imqaddsa Klara kienet mimlija mirakli. Darba minnhom, meta fil-monasteru ma kienx fadal żejt, l-Omm qaddisa sejjħet wieħed mill-patrijiet Minuri, fra Bentevanga, li kien imur jittallab il-karità għall-monasteru. Hija qaltlu biex mur iġib iż-żejt, u hu talabha tlestilu l-ġarra. Imbagħad is-Sinjura Klara ħadet ġarra, ħaslitha b'idejha stess, u qiegħeditha fuq il-ħajt ħdejn id-daħla tad-dar, biex il-fra joħodha minn hemm. Il-ġarra damet hemm qisu xi siegħa. X'ħin fra Bentevenga mar għaliha, sabha mimlija biż-żejt. Għad li fittex sewwa, ma sabx min kien qiegħedha hemm. Mitluba tgħid kif kienet taf dan, wieġbet li billi hi kienet fid-dar, rat lis-Sinjura tieħu barra l-ġarra vojta, u mbagħad ġabitha lura mimlija. Qalet li hi ma kienetx taf min imlieha jew kif kienet imtliet. Fra Bentevenga qal ukoll l-istess ħaġa. Mitluba tgħid meta ġara dan il-fatt, wieġbet li kien għall-ħabta tat-tieni sena wara li ġew joqogħdu fil-monasteru ta' San Damiano. Mitluba tgħid ukoll ix-xahar u l-ġurnata, qalet li ma tiftakarx. Mistoqsija jekk kienx fis-sajf jew fix-xitwa, wieġbet li l-fatt ġara fis-sajf. Mitluba tgħid liema mis-Sorijiet l-oħra kienu preżenti dik il-ħabta, qalet li Swor Agnese, oħt Santa Klara, li ftit ilu ħalliet din il-ħajja, kienet hemm[198]. Kien hemm ukoll Swor Balvina, badessa tal-monasteru ta' Valle Gloria, li kienet mietet ukoll, u Swor Benvenuta minn Perugia, li għadha ħajja. U ħadet il-

---

[197] Il-kelma "formazzjoni" tfisser l-osservanza tal-*Forma Vitae* ta' San Damiano. Sa mill-ewwel snin, il-monasteru tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano kien ċentru ta' tixrid ta' l-idejali evanġeliċi ta' San Franġisk, l-ewwel fl-inħawi ta' l-Umbria u mbagħad fit-Toscana u l-kumplament ta' l-Italja, u anke aktar 'il bogħod (sa fi Praga, fil-Boemja). Nafu li l-Ittra tal-Kardinal Rainaldo di Jenne ta' l-1228 tagħti lista ta' 24 monasteru tas-Sorijiet Foqra. Cfr. R. RUSCONI, "L'espansione del francescanesimo femminile nel secolo XIII", *Movimento religioso femminile e francescanesimo nel sec. XIII*, Atti del VII Convegno della Società Internazionale di Studi Francescani, Assisi 1980, 263-313; G. CASAGRANDE, "Presenza di Chiara in Umbria nei secoli XIII-XIV", *Collectanea Franciscana* 62 (1992) 481-505. L-Ordni tas-Sorijiet Foqra xtered fi Franza, Spanja, Boemja, u Ġermanja. Skond il-*Chronica* ta' Nicholas Glassberger (*Analecta Franciscana* II, Quaracchi 1887, 157), l-ewwel Sorijiet Foqra li marru lejn il-monasteru ta' Praga, imwaqqaf minn Santa Agnese tal-Boemja, telqu mill-monasteru ta' Trento. Xi oħrajn li marru biex iwaqqfu l-monasteru ta' Ulm fil-Ġermanja telqu minn San Damiano.
Hawnhekk għandna l-każ ta' Swor Pacifica li, għal sena, tmur minn San Damiano fil-monasteru ta' Spello, fejn kienet Badessa soru oħra minn San Damiano, Swor Balvina (ProcCan 1,15), li mietet qrib is-sena 1240 (Z. LAZZERI, *Il monastero di Vallegloria vicino a Spello,* Arezzo 1913, 46). L-uniku motiv validu biex soru setgħet toħroġ mill-klawsura ta' San Damiano, skond il-Kostituzzjonijiet ta' Ugolino, kien dak li tintbagħat għall-fondazzjoni ta' monasteru ġdid.

[198] It-tradizzjoni iffissat il-mewt ta' Santa Agnese ta' Assisi fis-16 ta' Novembru 1253, jiġifieri tmint ijiem qabel ma infetaħ il-Proċess tal-Kanonizzazzjoni ta' Santa Klara. Imma din id-data ma ssib l-ebda prova fl-ebda dokument, u pjuttost irridu naċċettaw dak li tgħid il-LegCl 48: "Ftit jiem wara Agnese wkoll ġiet imsejħa għat-tieġ tal-Ħaruf, u marret wara oħta Klara fil-ferħ ta' dejjem". Agnese hi figura li ftit nafu dwarha, ħdejn il-kobor ta' oħtha Klara (C.A. LAINATI, *Cenni biografici di Sant'Agnese d'Assisi, Santa Chiara d'Assisi*, Assisi 1969, 101-112). Jidhru interressanti xi partikularitajiet, fid-dawl tar-relazzjoni bejn Franġisku u s-Sorijiet Foqra ta' San Damiano: bħal fil-każ ta' Klara, ukoll f'dak ta' Agnese kien Franġisku li laqagħha fl-Ordni, sittax il-jum wara l-konsagrazzjoni ta' Santa Klara, u qatagħlha xagħarha fir-*reclusorio* ta' Sant'Angelo di Panzo (LegCl 24-26). Kien ukoll Franġisku li bidlilha isimha Caterina f'dak ta' Agnese ("Chronica XXIV Generalium", *Analecta Franciscana* III,175), u kien Franġisku li bagħatha fil-monasteru ta' Monticelli, qrib Assisi, biex hemmhekk tħawwel l-osservanza tal-faqar evanġeliku bħala Badessa ta' grupp ta' Sorijiet Foqra.

ġurament dwar dawn il-ġrajjiet, u x-xhud qalet ukoll li ma kienetx taf kif taqbad tfisser bil-kliem il-mirakli u l-virtujiet li l-Mulej kien wera permezz ta' l-imqaddsa Klara.

*Dwar kif bir-radd tas-salib Santa Klara fejqet ħames Sorijiet morda*

[312] 16 Din ix-xhud qalet ukoll li darba minnhom, meta ħamsa mis-Sorijiet kienu morda fil-monasteru, Santa Klara raddet fuqhom b'idejha stess is-sinjal tas-salib u minnufih il-ħamsa li kienu fiequ. Spiss kien jiġri li meta xi waħda mis-Sorijiet kien ikollha xi uġiegħ f'rasha jew f'xi parti oħra ta' ġisimha, l-Omm qaddisa kienet tfejjaqha bis-sinjal tas-salib. Mitluba tgħid kif kienet taf dawn l-affarijiet li semmiet, wieġbet li kienet preżenti. Mitluba tgħid min kienu l-ħames Sorijiet wieġbet li hi kienet waħda minnhom, xi wħud oħrajn mietu, waqt li oħrajn għadhom ħajjin, imma ma tiftakarx min kienu. Mistoqsija dwar kemm żmien ilu li hi, ix-xhud, kienet marida, wieġbet li ilu ħafna. Mitluba tgħid x'marka kienet, wieġbet li kienet marda li kienet iġġiegħelha twerżaq, jitlagħlha d-deni u tirtogħod. Mistoqsija dwar l-oħrajn li kienu tfejqu, kemm kienu ilhom morda, wieġbet li ma tiftakarx dwar l-oħrajn bħalma tiftakar tagħha stess. Mitluba tgħid meta dawk is-Sorijiet kienu tfejqu, wieġbet: qabel ma mardet is-Sinjura.

[313] 17 Mitluba tgħid meta kien li Santa Klara bdiet dik il-marda twila, qalet li jidhrilha li kienu għaddew disgħa u għoxrin sena[199].

[314] 18 Qalet ukoll li l-mediċina tagħha u tas-Sorijiet l-oħra li jimirdu kienet li Ommhom trodd fuqhom is-sinjal tas-salib. Mitluba tgħid xi kliem kienet tlissen is-Sinjura Klara meta kienet tagħmel fuq il-morda s-sinjal tas-salib, hija qalet li ma kienetx tifhimha xi tkun tgħid, għaliex kienet titkellem minn taħt l-ilsien.

[315] 19 Mitluba tgħid meta kien ix-xahar u l-jum li fihom hi, ix-xhud, u s-Sorijiet l-oħra kienu tfejqu, wieġbet li ma kienetx tiftakar. Mistoqsija dwar min kien preżenti meta ġew imfejjqa, qalet li kien hemm ħafna li kienu preżenti, imma la tiftakar kemm u lanqas min kienu.

## IT-TIENI XHUD

[316] 1 SORA BENVENUTA DA PERUGIA[200], soru tal-monasteru ta' San Damiano, qalet taħt ġurament li s-Sinjura Klara, li qabel kienet il-badessa tal-monasteru ta' San Damiano, kienet ta' l-

[199] Santa Klara kienet marida għal 28 sena, skond il-LegCl 39, u għal 29 sena skond Swor Pacifica. Dan jikkorrispondi għall-perjodu 1224-1225 sa jum mewtha, 11 ta' Awissu 1253. "F'dik l-istess ġimgħa li fiha miet l-imqaddes Franġisku, is-sinjura Klara, l-ewwel xitla ta' l-Ordni tas-sorijiet, abbadessa tal-*Povere Dame* tal-monasteru ta' San Damiano f'Assisi, billi kienet marida ħafna u kienet tibża' li se tmut qabel l-imqaddes Franġisku, bdiet tibki ħafna b'ruħha kollha mrar, u ma setgħetx titfarraġ, għax qabel tmut ma setgħetx aktar tara lil dak li wara Alla kien il-missier waħdieni tagħha, jiġifieri l-imqaddes Franġisku, li għaliha kien ta' faraġ fil-ġisem u fir-ruħ, kif ukoll kien dak li kien waqqafha fis-sod fil-grazzja ta' Alla" (SP 108).

[200] It-tifkiriet ta' Benvenuta, it-tielet sieħba ta' Santa Klara, li daħlet f'San Damiano f'Settembru ta' l-ewwel sena ta' l-Ordni – jiġifieri fl-1211, jew skond oħrajn, fl-1212 – jaslu sat-tfulija ta' Klara. Hi kienet taf lil Klara bħala tifla f'Perugia, fejn il-familja tan-nobbli Favarone, missier Klara, kellha taħrab, almenu mill-1203 sa l-1205, billi hi kienet ħadet sehem fil-gwerra ta' Assisi kontra Perugia, u kienet tagħmel man-nobbli fewdatarji ta' Assisi li kienu talbu l-għajnuna tal-Perugini kontra ċ-ċittadini ta' belthom li kienu qamu kontrihom (A. FORTINI, "Nuove notizie intorno a Santa Chiara", AFH 46 (1953) 17-19). Benvenuta tixhed li kienet f'Perugia u kienet tgħix ma' Klara fl-istess dar, u

għaġeb fl-umiltà tagħha, u kellha stima żgħira tagħha nnifisha, hekk li kienet tagħmel hi stess ix-xogħlijiet l-aktar umli. Saħansitra kienet taħsel b'idejha stess is-saqqijiet tas-Sorijiet morda. Mitluba tgħid kif kienet taf dawn l-affarijiet, wieġbet li hi kienet daħlet fir-reliġjon fl-istess sena li kienet daħlet Klara: għax Klara daħlet it-Tnejn tal-Ġimgħa l-Kbira, u hi, ix-xhud, daħlet wara, fix-xahar ta' Settembru.

[317] 2 Mitluba tgħid kemm kellha żmien Santa Klara meta daħlet fir-reliġjon, wieġbet li kellna tmintax il-sena, kif kien jingħad. Kienet miżmuma b'verġni fl-ispirtu u fil-ġisem, u dawk kollha li kienu jafuha, kollha kienu jżommuha b'qima kbira, u dan sa minn qabel ma daħlet fir-reliġjon, minħabba l-onestà, il-qalb tajba u l-umiltà kbira tagħha. Mitluba tgħid kif kienet taf dawn l-affarijiet li semmiet, ix-xhud qalet li hi kienet tafha qabel ma daħlet fir-reliġjon, u kienet tgħix fl-istess dar magħha. Minn mindu daħlet fir-reliġjon, baqgħet magħha sal-mewt, għal kważi tnejn u erbgħin sena, ħlief fiż-żmien li semmiet aktar 'il fuq, mit-Tnejn tal-Ġimgħa l-Kbira sa tmiem Settembru.

*Kif Santa Klara kienet tgħix fil-monasteru*

[318] 3 Ix-xhud qalet li sa minn meta l-Omm Santa Klara daħlet fir-reliġjon, kienet hekk umli li kienet taħsel riġlejn is-Sorijiet. Darba minnhom, hija u taħsel riġlejn waħda mis-Sorijiet li jaqdu barra l-monasteru[201], tbaxxiet bix-xewqa li tbusilha riġlejha. Dik is-soru servjenta, hija u tiġbed riġlejha, bla ma riedet laqtet ħalq l-Omm qaddisa. Barra dan, l-imqaddsa Klara kienet tagħti l-ilma lil ħutha, u bil-lejl kienet tgħattihom minħabba l-kesħa.

[319] 4 Ma' ġisimha kienet x'aktarx ħarxa, hekk li kienet tikkuntenta b'tonka waħda tal-*lazzo*[202] u mantell wieħed. Jekk xi darba kienet tara li t-tonka ta' xi waħda mis-Sorijiet kienet agħar milli kellha fuqha hi, kienet teħodha biex tilbisha hi, u tagħti tagħha lis-soru.

[320] 5 Ix-xhud qalet ukoll li l-imqaddsa Klara darba minnhom libset ħżiem magħmul mill-ġild tal-majjal. Kienet tilbsu bil-moħbi taħt it-tonka tas-suf bil-ġild u s-suf imqaċċat[203] imissu mal-laħam. L-istess ukoll, darb'oħra, ġiegħelet jagħmlulha ħżiem ix-xagħar taż-żiemel imgħaqqad mal-lenza. Rabtitu marsus ma' ġisimha u hekk, b'dawn iċ-ċilizzji, kienet issawwat lil ġisimha verġni. Hija qalet li fil-monasteru kien għad hemm wieħed minn dawn l-iħżma[204].

---

għalhekk tagħtina bosta tifkiriet ta' dawk iż-żminijiet. Fl-istess gwerra, fuq ix-xaqliba l-oħra tal-kamp tal-battalja, kien qiegħed jiġġieled mal-poplu ta' Assisi Franġisku, bin Pietro di Bernardone, li kien 11 il-sena akbar minn Klara (2C 4).

[201] Hekk jissejħu, fil-ProcCan u fil-LegCl 12 il-*famulae* ("qaddejja"), distinti mid-*dominae* ("sinjuri nisa"). Fir-RegCl, kap. 2, 3 u 9 Klara ssejħilhom dejjem *sorores servientes extra monasterium* ("sorijiet li jaqdu barra l-monasteru"), jiġifieri sorijiet li huma addetti għas-servizz estern tal-monasteru, li ma kienux marbutin bil-liġi tal-klawsura u li r-Regola tagħtihom xi konċessjonijiet rigward il-penitenza li kienu jagħmlu l-klawstrali. L-ebda waħda minn dawn is-sorijiet ma tidher bħala xhud fil-Proċess. Biex inżommu l-ispirtu ta' Klara li kienet issejħilhom *sorores*, aħna wkoll nittraduċu "sorijiet li jaqdu", biex nisħqu dwar il-fatt li, għal Klara, huma kellhom l-identità sħiħa ta' reliġjużi, ħlief għall-vot tal-klawsura.

[202] Il-kelma *lazzo* hi mid-djalett ta' l-Umbria, u tindika speċi ta' pannu magħmul minn suf imħallat ma' tessuti aktar foqra, li kien jintiseġ id-dar, u li kienu jilbsuh il-bdiewa (cfr. AFH 13 (1920) 448, nota 2).

[203] Is-suf imqaċċat u mhux maħruq kien irendi ċ-ċilizzju aktar inigges.

[204] Dan iċ-ċilizzju minn San Damiano s-Sorijiet ħaduh magħhom fil-monasteru l-ġdid ġewwa Assisi, meta minn San Damiano telgħu joqoghdu f'San Giorgio biex ikunu qrib il-ġisem ta' ommhom Klara. Sallum wieħed jista' jarah fost

[321] 6 Qalet ukoll li, għad li hi kienet tilbes ċilizzji u iħżma rozzi bħal dawn, ma' ħutha li ma kienux jifilħu jilbsu ħwejjeġ hekk rozzi, kienet ta' mogħdrija kbira, u kienet tfarraġhom bil-qalb.

[322] 7 Mistoqsija dwar kif kienet taf b'dawn l-iħżma, qalet li kienet rathom, u li xi drabi xi wħud mis-Sorijiet kienu isselfuhom. Hi ma setgħetx tiftakar li kienet rat b'għajnejha l-ħżiem magħmul mill-ġild tal-majjal, imma saret taf bih mingħand oħtha naturali[205], li kienet ratu. Għax Klara kienet tilbsu bil-moħbi ħafna, kif diġà qalet, biex ħutha ma jċanfruhiex. Iżda meta s-Sinjura mardet, is-Sorijiet neħħewlha l-ilbies kollu li kien rozz.

[323] 8 Qalet ukoll li l-Omm imqaddsa Klara, qabel ma mardet, kienet tiċċaħħad minn ħafna affarijiet, u li matul ir-Randan il-kbir[206], u r-Randan ta' San Martin[207], kienet issum ħobż u ilma, barra nhar ta' Ħadd: jekk kien ikun hemm, kienet tieħu ftit inbid. Tlitt ijiem fil-ġimgħa, it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa, ma kienet tieħu xejn sa meta San Franġisk ikkmandaha li, ikun xi jkun, tiekol xi ħaġa kuljum. Imbagħad, biex tagħmel l-ubbidjenza, kienet tieħu ftit ħobż u ilma. Mitluba tgħid kif kienet taf dan, qalet li kienet ratha u li kienet preżenti meta San Franġisk taha dak il-kmand.

[324] 9 Ix-xhud qalet ukoll li l-Omm Santa Klara kienet il-ħin kollu mehdija fit-talb, lejl u nhar. Għal qrib nofs il-lejl kienet tqajjem lil ħutha fis-skiet, b'ċerti sinjali, ħalli jqumu jfaħħru 'l Alla. Kienet tixgħel l-imsiebaħ fil-knisja, u ta' spiss iddoqq il-qanpiena għall-Matutin[208]. U lil dawk ħutha li ma jkunux qamu bid-daqq tal-qanpiena, kienet issejħilhom bis-sinjali tagħha.

[325] 10 Qalet ukoll li kliemha kien ikun dejjem fuq il-ħwejjeġ ta' Alla. Ma kienetx tkun trid titkellem dwar l-affarijiet tad-dinja, u kienet tixtieq li ħutha dawn l-affarijiet lanqas biss jiftakruhom. Jekk kien jiġri li xi persuna tad-dinja tagħmel xi ħaġa kontra Alla, kienet tinfexx f'biki ta' l-għaġeb, u araha tħeġġeġ lil dik il-persuna billi tagħmlilha priedka ħerqana biex tindem u tagħmel penitenza. Mitluba tgħid kif kienet taf dawn l-affarijiet li semmiet, wieġbet: hi kienet hemm magħha, u rat dawn l-affarijiet li tkellmet dwarhom.

[326] 11 Hija qalet li s-Sinjura Klara kienet tqerr ta' spiss, u b'devozzjoni kbira, u bil-biża' kienet tirċievi l-imqaddes Sagrament tal-Ġisem tal-Mulej Ġesù Kristu; meta kienet titqarben, ġisimha kollu kien jirtogħod.

---

ir-relikwi tal-bażilika ta' Santa Chiara: hu magħmul minn rettangolu ta' drapp, iffurmat minn ħbula rqaq magħmulin mix-xagħar taż-żiemel, u li jinżammu flimkien b'ħajt ta' l-għażel u ħjut oħrajn aktar ċari.

[205] Agnese, jew Beatrice, li kienu l-aħwa ta' Klara.

[206] Ir-Randan il-kbir hu dak li jiġi qabel l-Għid.

[207] Ir-Randan ta' San Martin kien jibda mill-festa tal-Qaddisin kollha sal-Milied.

[208] L'Uffiċċju tal-Qari tallum, li kien jissejjaħ Matutin qabel ir-riforma liturġika tal-Konċilju Vatikan II, sallum il-ġurnata għadu jingħad f'nofs il-lejl fil-komunitajiet tas-Sorijiet Foqra ta' Santa Klara. Ix-xhieda dwar din l-użanza nsibuha fil-ProcCan 10,3 u fil-LegCl 20, li hi prezzjuża, billi fir-RegCl ma nsibu l-ebda preskrizzjoni dwar din id-drawwa. Dan għaliex ir-RegCl hi "Forma ta' Ħajja", li l-interess ewlieni tagħha hi dik li tkun dokument spiritwali, bħar-Regola ta' San Franġisk, u ma għandhiex skop li toqgħod tagħmel preċiżazzjonijiet fuq kollox, imma biss li titkellem dwar dak li hu essenzjali fil-ħajja Franġiskana. Ir-Regola hi biss l-espressjoni tal-"ħajja" tas-Sorijiet. Jekk ma tgħid xejn dwar il-Matutin f'nofs il-lejl, dan ifisser li kien drawwa komuni fil-ħajja ordinarja ta' San Damiano, kif jikkonfermaw il-ProcCan u l-LegCl. Dan tant hu veru li l-Kostituzzjonijiet ta' Ugolino ta' l-1219, li Klara u s-Sorijiet Foqra kienu jipprofessawhom flimkien mal-Privileġġ tal-Faqar, titkellem b'mod ċar dwar il-Liturġija ta' matul il-lejl: "Għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-offerta ta' l-Uffiċċju Divin lill-Mulej kemm bin-nhar kif ukoll bil-lejl" (*Constitutiones Huglinianae*, 5).

[327] 12 Dwar il-korporali li kienu jsiru mid-drapp li kienet tinseġ hi, hija tenniet dak li kienet qalet Swor Pacifica, ix-xhud ta' qabel. Iżda żiedet tgħid li kienet trid li jagħmlu boroż tal-kartun[209] biex iżommuhom fihom, jiksuhom bil-ħarir, u jitbierku mill-Isqof.

*Kif Klara fejqet soru li kienet tilfet il-vuċi*

[328] 13 Qalet ukoll li wara li hi, ix-xhud, kienet tilfet il-vuċi, hekk li bilkemm setgħet titkellem imqar minn taħt l-ilsien, fil-lejl tat-Tlugħ is-sema tal-Verġni Marija kellha viżjoni li fiha s-Sinjura Klara, waqt li raddet fuqha, b'idejha stess, is-sinjal tas-salib, fejqitha. U hekk ġara: dakinhar stess hija ġiet meħlusa għax għamlitilha s-sinjal tas-salib. Din il-marda, kif qalet ix-xhud, kienet ilha fuqha kważi sentejn. Mitluba tgħid xi kemm ilu li din is-soru li semmiet kienet ġiet meħlusa, wieġbet li ma tiftakarx. Mistoqsija dwar min kien hemm preżenti, wieġbet li Swor Pacifica li xehdet dak li ntqal aktar 'il fuq kienet hemm, u kien hemm ukoll Sorijiet oħra li issa mietu.

[329] 14 Dwar il-ġarra taż-żejt qalet l-istess bħalma kienet qalet Swor Pacifica, biss li hi ma tiftakarx jekk Santa Klara ħaslitx hi stess il-ġarra jew tathiex lil xi oħrajn biex jaħsluha huma.

*Kif Klara fejqet wieħed patri marid b'moħħu*

[330] 15 Ix-xhud qalet ukoll li fra Stefano[210], ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri, kien isofri bil-mard tal-moħħ. San Franġisk bagħatu fil-monasteru ta' San Damiano biex Santa Klara trodd fuqu s-sinjal tas-salib. Wara li għamlet hekk, dan il-patri mar jorqod fil-post fejn l-Omm qaddisa kienet soltu toqgħod titlob. Meta qam, kiel xi ħaġa, u mar lura ħieles mill-marda tiegħu. Mitluba tgħid min kien preżenti għal din il-ġrajja, wieġbet li s-Sorijiet tal-monasteru kienu hemm, xi wħud kienu għadhom ħajjin, oħrajn mietu. Mistoqsija jekk lil dan il-patri kienetx tafu qabel, kemm jiem ratu marid, u kemm żmien ilu li ratu mfejjaq, u minn liema post kien, wieġbet li hija ma kienetx taf dawn l-affarijiet kollha, għax kienet soru magħluqa fil-klawsura, u fra Stefano, wara li ġie meħlus, telaq għal triqtu.

---

[209] Dawn huma l-kustodji tal-korporali, magħmulin mill-kartun imlibbes bi drapp tal-ħarir skond il-kulur liturġiku tal-ġurnata. Bil-Malti nsejħulhom "boroż tal-korporali", li s-saċerdot kien iġorrhom fuq il-velu tal-kalċi għall-Quddiesa, jew inkella ġie li jitqiegħdu quddiem jew maġenb it-tabernaklu fuq l-altar.

[210] Mhux faċli li nidentifikaw lil dan il-patri ma' Stefano da Narni (cfr. AFH 12 (1919) 382-384, jew kif jagħmel Z. Lazzeri fin-noti dwar il-ProcCan, AFH 13 (1920) 450, nota 3). L-episodju juri kemm kienu qrib ir-relazzjonijiet bejn Franġisku u Klara, bejn l-Ewwel u t-Tieni Ordni, fl-għajnuna li kienu jagħtu lil xulxin, kif ukoll fil-komunjoni ta' l-ispirtu, u fil-mod kif kienu jsolvu bil-fidi u t-talb il-problemi reċiproċi li kienu jiltaqgħu magħhom fil-fraternità. Interessanti wkoll, fl-istudju ta' l-arkitettura ta' San Damiano, ir-riferiment għall-"post fejn l-Omm qaddisa kienet soltu toqgħod titlob". L-espressjoni tidher kemmxejn ambigwa minħabba l-klawsura, imma dan ma għandux ikun problema jekk niftakru li l-post tat-talb kien ikun ambjent li parti minnu kienet fuq ġewwa u parti oħra fuq barra tal-klawsura, bi grada tal-ħadid bejniethom (cfr. RegCl 5), Mela dan id-dettall mhuwiex xhieda li f'San Damiano ma kienx hemm klawsura, kif jgħid H. ROGGEN, *Lo spirito di Santa Chiara*, Milano 1970, 102-103. Għall-klawsura ta' San Damiano, cfr. C.A. LAINATI, "La clôture de Sainte Claire et des premières Clarisses dans la législation canonique et dans la pratique", *Laurentianum* 14 (1973) 223-250.

*Ħelsien mill-pjaga tal-fistli*

[331] 16 Ix-xhud qalet li waħda mis-Sorijiet tal-monasteru, Swor Benvenuta de madonna Diambra, kienet marida serjament, u kellha wġigħ kbir ġej minn pjaga serja li kellha taħt dirgħajha. Meta saret taf b'dan, it-twajba Omm Santa Klara tħassritha, u ħassitha mqanqla biex titlob għaliha. Wara li raddet fuqha s-sinjal tas-salib, fieqet minnufih. Mitluba tgħid kif kienet taf dan, qalet li l-ewwel kienet rat il-ġerħa, u wara ratha mfejjqa. Mistoqsija jekk kienetx preżenti meta raddet fuqha s-sinjal tas-salib, wieġbet li ma kienetx, imma kienet taf li hekk ġara l-fatt, u dan ġara kif qalet hi. Mitluba tgħid meta ġara dan, wieġbet li la kienet tiftakar il-ġurnata u lanqas ix-xahar, u lanqas kemm ġranet għaddew qabel jew wara. Iżda hi ratha f'saħħitha u meħlusa minnufih wara dik il-ġurnata li fiha Santa Klara raddet fuqha s-salib.

[332] 17 Ix-xhud qalet ukoll li fil-post fejn is-Sinjura Klara kienet soltu tmur titlob, rat fuqu dija ta' l-għaġeb tant li ħasbet li kienet fjamma tan-nar materjali. Mistoqsija dwar jekk kienx hemm oħrajn li raw dan, wieġbet li dak il-ħin hi biss ratha. Mitluba tgħid xi kemm ilu li ġara dan, wieġbet li kien qabel ma s-Sinjura mardet.

*Kif tfajjel ċkejken ġie meħlus minn ċagħqa*

[333] 18 Hija qalet li tfajjel ċkejken mill-belt ta' Spoleto, jismu Mattiolo, ta' xi tlieta jew erba' snin, kien daħħal ċagħqa ċkejkna f'imnieħru, u li b'xejn ma setgħu jneħħuhielu; u t-tfajjel deher li kien fil-periklu. Meta ġabuh għand Santa Klara u hi raddet fuqu s-salib, dik iċ-ċagħqa żgħira waqgħet minn imnieħru dak il-ħin stess. It-tfajjel ġie meħlus. Mitluba tgħid min kien preżenti wieġbet li kien hemm ħafna Sorijiet, imma li issa mietu. Mistoqsija dwar kemm ilu li ġara l-fatt, wieġbet li ma tiftakarx; hi ma kienetx preżenti meta l-Omm qaddisa raddet fuqu s-sinjal tas-salib, iżda qalet li saret taf b'dan għax semgħet lis-Sorijiet jirrakkontaw il-fatt. Kienet rat lit-tfajjel wara li ħa saħħtu, dak in-nhar stess li ġie meħlus, jew l-għada.

[334] 19 Qalet ukoll li kienet konvinta li la hi u lanqas is-Sorijiet l-oħra ma kienu kapaċi jgħidu kollox dwar il-qdusija u l-kobor tal-ħajja tas-Sinjura Klara, li kieku mhux għax l-Ispirtu s-Santu kien jagħtihom li jitkellmu fuq hekk. Ukoll meta kienet marida gravi, qatt ma xtaqet li tħalli barra t-talb li kienet soltu tgħid.

*Kif il-monasteru ġie meħlus mis-Saraċini għat-talb ta' Santa Klara*

[335] 20 Hija qalet li darba, fi żmien meta f'Assisi kien hemm il-gwerra[211], u xi Saraċini kienu telgħu mal-ħajt u niżlu fil-monasteru ta' San Damiano, Santa Klara, li kienet marida gravi, qamet

[211] L-episodju ta' l-attakk tas-Saraċini, li kienu suldati merċenarji ta' Federiku II, li ħabtu għal San Damiano, u li dwaru insibu ħafna aktar dettalji fil-ProcCan 3,18; 9,2; u wkoll fil-ProcCan 4,14; 6,10; 7,6; 10,9; 12,8; 13,9; 14,3; hu fost il-ftit ġrajjiet li huma datati b'mod żgur. Kien il-Ġimgħa ta' Settembru 1240 madwar is-siegħa tat-Terza (ProcCan 9,2). L-episodju jagħmel parti mill-"gwerra ta' Assisi", li fiha Santa Klara sabet ruħha mdaħħla permezz ta' l-interċessjoni tat-talb tagħha, li għamlet ukoll fis-sena ta' wara. Iż-żewġ episodji ġew studjati b'mod dettaljat minn E. FRANCESCHINI, "Santa Chiara e i Saraceni", *Chiara d'Assisi. Rassegna del Protomonastero* 1 (1953) 147-157; "I due assalti dei saraceni a San Damiano e ad Assisi", *Aevum* 27 (1953) 289-306, li ġie ippubblikat mill-ġdid fil-ktieb ta' l-istess awtur, *Nel segno di Francesco,* Porziuncola, Santa Maria degli Angeli, Assisi 1988, 381-405.

mis-sodda u sejjħet lil ħutha, u farrġithom biex ma jitbeżżgħux. Wara li talbet, il-Mulej ħeles il-monasteru u lis-Sorijiet minn idejn l-għedewwa. Dawk is-Saraċini li kienu diġà daħlu ġewwa, ħarbu.

[336] 21 Qalet ukoll li, għall-virtujiet u l-grazzji li Alla kien għaniha bihom, kull min kien jafha kien iżommha b'qaddisa.

[337] 22 Żiedet tgħid ukoll li kellha mħabba kbira għall-faqar, hekk li la l-Papa Girgor u lanqas l-Isqof ta' Ostia[212] ma rnexxielhom jikkonvinċuha tikkuntenta li tirċievi xi proprjetà. Anzi l-imqaddsa Klara ġiegħlet li jinbiegħ il-wirt tagħha u jingħata lill-foqra. Mitluba tgħid kif kienet taf dawn l-affarijiet, wieġbet li hi kienet hemm u semgħet lis-Sinjur Papa jgħidilha li hu riedha taċċetta li jkollha proprjetà. Dan il-Papa ġie hu personalment fil-monasteru ta' San Damiano.

[338] 23 Ix-xhud qalet ukoll li l-Omm Santa Klara kienet imnebbħa mill-Ispirtu s-Santu li waħda minn ħutha, Swor Andrea li kienet qed issofri minn skrofula f'gerżumtha, darba minnhom, bil-lejl, għafset griżmejha b'idejha stess, u ġara li tilfet il-vuċi, u ma setgħetx titkellem. Klara bagħtitilha minnufih waħda mis-Sorijiet biex jgħinuha u jieqfu magħha[213].

## IT-TIELET XHUD

[339] 1 SORA FILIPPA DE MESSERE LEONARDO DE GISLERIO[214], soru tal-monasteru ta' San Damiano, qalet taħt ġurament li erba' snin wara li Santa Klara daħlet fl-istess reliġjon imħeġġa mill-predikazzjoni ta' San Franġisk, hi, ix-xhud, daħlet fl-istess reliġjon, għax il-qaddisa li diġà semmejna, qagħet tiddeskrivilha kif il-Mulej Ġesù Kristu sofra l-passjoni u l-mewt fuq is-salib għas-salvazzjoni ta' ġens il-bniedem. Ix-xhud, imqanqla minn dan il-kliem, qablet li tidħol fl-istess reliġjon u flimkien magħha tagħmel penitenza. Hija qagħdet dejjem mas-Sinjura Klara minn mindu daħlet sal-jum li fih mietet, kważi tmienja u tletin sena.

[340] 2 Hija qalet li l-qdusija tal-ħajja u l-imġieba tajba ta' l-Omm qaddisa kienu hekk kbar li la hi lanqas is-Sorijiet l-oħra ma kienu jistgħu qatt jispjegawhom kif imiss. Hija saret taf li s-Sinjura Klara, bħalma kienet verġni sa minn tfulitha, hekk baqgħet dejjem verġni, il-magħżula tal-Mulej. La x-xhud u lanqas ħadd mis-Sorijiet qatt ma kellhom dubji dwar il-qdusija tagħha. Barra minn hekk, qabel ma Santa Klara daħlet fir-reliġjon, kull min kien jafha, kulħadd kien iżommha b'qaddisa, u dan minħabba l-onestà ta' ħajjitha, u l-virtujiet u l-grazzji li l-Mulej qiegħed fiha.

---

[212] Dan kien Rainaldo, Kardinal Protettur tal-Patrijiet Minuri u s-Sorijiet Foqra, Isqof ta' Ostia, u mbagħad Papa Alessandru IV.

[213] Klara bagħatitilha lil Swor Filippa, ix-xhud li jmiss, ProcCan 3,16.

[214] Bħal Klara, anke Filippa di Leonardo di Gislerio kienet membru tan-nobiltà fewdali ta' Assisi, u bħal Swor Benvenuta, it-tieni xhud, kienet taf lil Klara sa minn tfulitha, f'Perugia. Kienet bint Leonardo di Gislerio d'Alberico, sinjur tal-kastell ta' Sassorosso, li kien wieħed mill-ewwel kastelli li ġew meqrudin mill-furja popolari tal-Comune ta' Assisi lejn tmiem is-seklu 12 (A. FORTINI, *Nova Vita di San Francesco*, Santa Maria degli Angeli, Assisi 1959, I, 158-159).

*Kif Santa Klara kienet tgħix fil-monasteru*

[341] 3 Din ix-xhud qalet ukoll li, sa minn meta Santa Klara daħlet fir-reliġjon, l-Ispirtu s-Santu kabbrilha l-virtujiet u l-grazzji. Kienet taf lil Santa Klara bħala mara umli u devota ħafna, qalbha tajba u tħobb il-faqar, u kellha ħniena kbira ma' min kien ikun imnikket jew qed isofri. Kienet dejjem mehdija fit-talb, u l-imġieba tagħha kif ukoll kliemha, kienu jirriflettu l-ħwejjeġ ta' Alla, hekk li qatt ma kienet toqgħod tpaċpaċ dwar affarijiet tad-dinja, u lanqas ma toqgħod tismagħhom.

[342] 4 Kienet tgħakkes lil ġisimha b'ilbies rozz, xi drabi kienet tilbes ħżiem magħmul mix-xagħar mgħaqqad ta' għonq jew denb iż-żiemel. It-tonka tagħha u l-mantell li kellha kienu ta' drapp tal-*lazzo* irħis. Is-sodda kienet ta' l-għesieleġ tad-dwieli, u kienet tikkuntenta b'dawn għal xi żmien.

[343] 5 Kienet tgħakkes lil ġisimha billi tlitt ijiem fil-ġimgħa kienet tgħaddihom billi ma dduq xejn: fit-tieni, ir-raba' u s-sitt jum. Fil-ġranet l-oħra kienet issum ħobż u ilma.

[344] 6 B'danakollu kienet dejjem ferħana fil-Mulej, u qatt ma dehret imħawwda; ħajjitha kienet kollha kemm hi anġelika. Il-Mulej taha kotra kbira ta' grazzji, hekk li ħafna drabi, meta s-Sorijiet kienu jkunu morda, il-mara qaddisa kienet tfejjaqhom billi trodd fuqhom is-sinjal tas-salib.

[345] 7 Qalet ukoll li l-Omm qaddisa kellha b'mod speċjali d-don tad-dmugħ, kellha wkoll mogħdrija kbira għal ħutha, u għal kull min qed isofri. Imma l-aktar li kienet ixxerred id-dmugħ kien meta tirċievi l-Ġisem tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu.

[346] 8 Mitluba tgħid kif kienet taf dan, wieġbet: għax hi, ix-xhud, kienet it-tielet soru tas-Sinjura Klara. Kienet tafha sa minn tfulitha, u sa minn dak iż-żmien kienet dejjem magħha, u dawn il-ġrajjiet rathom b'għajnejha.

[347] 9 Qalet ukoll li l-umiltà ta' l-Omm qaddisa kienet hekk kbira li xejn ma kienet tqis lilha nnifisha, u kienet titbaxxa quddiem ħutha l-oħra, tagħmel lilha nnifisha inqas minn kulħadd billi taqdihom, tnewwlilhom l-ilma b'idejha stess, u taħsel is-saqqijiet tas-Sorijiet morda b'idejha wkoll; kienet ukoll taħsel ir-riġlejn tas-Sorijiet li jaqdu barra l-monasteru. Darba minnhom, hija u taħsel riġlejn waħda minn dawn is-Sorijiet li jaqdu barra l-monasteru, daret biex tbusilha riġilha. Dik is-soru ġibdet ir-riġel bil-goff, u waqt li għamlet dan, laqtet lill-Omm qaddisa fuq ħalqha b'riġilha. B'danakollu, għax kienet tabilħaqq umli, Klara ma nġibditx lura, imma bieset qiegħ ir-riġlejn ta' dik il-qaddejja. Mitluba tgħid kif kienet taf dan kollu, wieġbet li rat kollox għax kienet hemm, preżenti.

*Waħda soru mfejjqa minn fistla*

[348] 10 Meta din ix-xhud ġiet mitluba tgħid liema Sorijiet ġew imfejjqa mill-imqaddsa Klara bis-sinjal tas-salib, qalet li Swor Benvenuta de madonna Diambra kienet waħda minnhom. Wara li kienet ilha bi pjaga serja għal tnax il-sena – kellha fistla taħt dirgħajha – is-Sinjura radditilha s-salib fuqha, qalet il-Missierna, u sfat imfejjqa mill-pjaga li kellha.

[349] 11 Qalet ukoll li Swor Amata, soru tal-monasteru, kienet marida serjament bl-idropsija u bid-deni, u kellha l-istonku tagħha minfuħ ħafna. Wara li rċeviet is-sinjal tas-salib mingħand l-Omm qaddisa, li messitha wkoll b'idejha, il-għada filgħodu sebħet imfejjqa, ġisimha ċkien bħal ta' persuna normali u f'saħħitha sewwa. Mitluba tgħid kif kienet taf dawn l-affarijiet, wieġbet li rat b'għajnejha l-Omm qaddisa trodd fuqha s-sinjal tas-salib u tmissha, u kienet taf tajjeb li dik is-soru kienet ilha żmien twil marida; il-jum ta' wara, u minn dakinhar 'il quddiem ratha dejjem f'saħħitha.

[350] 12 Dwar fra Stefano, u kif ġie mfejjaq, hija tenniet l-istess kliem li kienet qalet ix-xhud ta' qabilha, Swor Benvenuta.

[351] 13 Qalet ukoll li kienet tħobb ħafna l-faqar, hekk li meta l-patrijiet kienu jmorru jittallbu l-karità għall-monasteru[215] u jġibu ħobżiet sħaħ, kienet tistaqsi b'leħen qisu ta' ċanfira: "Min takom dawn il-ħobżiet sħaħ?" Kienet tistaqsi hekk, għax kienet tippreferi li tirċievi biċċiet tal-ħobż bħala karità, aktar milli ħobżiet sħaħ.

[352] 14 La l-Papa u lanqas l-Isqof ta' Ostia ma rnexxielhom jipperswaduha biex tirċievi proprjetà. Il-Privileġġ tal-faqar li kien ingħatalha, kienet tosservah b'qima kbira, u żżommu mħares tajjeb u b'għaqal, għax kienet tibża' ħafna li titilfu.

*Kif Santa Klara fejjqet tfajjel ċkejken mid-deni*

[353] 15 Ix-xhud fuq imsemmija qalet ukoll li tfajjel ċkejken, iben *messere* Giovanni de maestro Giovanni, prokuratur tas-Sorijiet[216], kien marid bid-deni serjament. Qalu b'dan lill-Omm qaddisa, Santa Klara. Meta hi raddet fuqu s-sinjal tas-salib, it-tfajjel ġie mfejjaq. Mitluba tgħid kif kienet taf dan, wieġbet: għax hi kienet preżenti meta ġie t-tifel, u meta l-Omm qaddisa messitu, u raddet fuqu s-sinjal tas-salib. Mitluba tgħid jekk dan il-ħin it-tifel kellux deni, u jekk ratux imfejjaq minn dak iż-żmien, wieġbet li mid-dehra kellu d-deni. Wara hija ma ratux, għax it-tifel telaq mill-monasteru, iżda l-missier kien qalilhom li kien ġie mfejjaq minnufih[217].

[215] Dawn kienu l-patrijiet Minuri, li kienu joħorġu biex jittallbu għas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano, skond dak li tixhed għalih Klara nnifisha fir-RegCl 12,5-6: "Għall-imħabba ta' Alla u ta' l-imqaddes Franġisku, nitolbu lill-istess Ordni l-pjaċir li jagħtina kappillan u soċju tiegħu, it-tnejn ta' fama tajba, għaqlija u prudenti, u żewġ aħwa lajċi, li jħobbu l-ħajja qaddisa u tajba, 6 biex jgħinuna fil-faqar tagħna". Fra Bentevenga, li jissemma minn Swor Pacifica (1,15) kien wieħed minn dawn l-"elemosinarii". In-niket ta' Klara, meta kienet tara li l-aħwa kienu jipprovdu lis-Sorijiet b'ħobżiet sħaħ, ifakkarna fit-tweġiba li San Franġisk jagħti lil Fra Masseo fil-kapitlu 13 ta' l-*Actus-Fioretti*: "O fra Masseo, aħna lanqas jistħoqqilna li jkollna teżor hekk kbir" (FSF 1599), meta jirreferi għall-abbundanza ta' karità li l-Mulej ipprovdielhom.

[216] Il-"prokuratur" jew "sindaku apostoliku" kien persuna ta' fiduċja, li kienet tiġi inkarigata mill-amministrazzjoni ekonomika tal-monasteru. Fil-*Mandat* ta' l-1238 jissemma ta' spiss il-"prokuratur u l-ekonomu", li kien responsabbli mill-aljenazzjoni ta' biċċa art li kienu rċevew is-Sorijiet ta' San Damiano.

[217] Fil-ProcCan u l-LegCl ta' spiss niltaqgħu mal-kelma *mammolo/i*, li tirreferi għal tfajjel ċkejken. Il-*mammoli* jidħlu fil-ħajja ta' Santa Klara, u saħansitra fil-glorja tagħha wara l-mewt. Il-ħajja ta' Klara kienet kollha att ta' mħabba lejn il-veru *mammolo*, li hu Ġesù Kristu, fqajjar u ċkejken, "imfisqi fil-ħrieqi fqar" (RegCl 2,25). Kien dan it-tfajjel mill-aktar sabiħ, Ġesù Kristu, li fil-festa ta' *calendimaggio* Swor Francesca ratu quddiem is-sider ta' Klara (ProcCan 9,4), u kien l-istess tfajjel ta' kważi tliet snin li kien deher maġenb Klara, filwaqt li hi kienet tisma' lil Fra Filippo da Atri jippriedka, u li Swor Angese di Oportulo kellha x-xorti li tarah (ProcCan 10,8). Il-ġisem tal-Mulej li Klara tirċievi fit-tqarbin deher bħal "tfajjel ċkejken u sabiħ ħafna" (ProcCan 9,10), u kien il-leħen ta' tfajjel ċkejken mill-Ewkaristija li jiżgura lil Klara: "Jien niddefendikom dejjem" (LegCl 22), filwaqt li barra l-bieb tar-refettorju ta' San Damiano

*Kif fejjqet lil Swor Andrea mill-iskrofula*

[354] 16 Ix-xhud qalet ukoll li meta waħda mis-Sorijiet, Swor Andrea da Ferrara, kienet muġugħa minħabba l-iskrofula li kellha fi griżmejha, is-Sinjura Klara kienet imnebbħa li hi kienet ittentata ħafna bix-xewqa li tfiq. Darba bil-lejl, waqt li Swor Andrea kienet isfel fid-dormitorju, għafset girżmejha b'saħħa kbira, hekk li tilfet il-vuċi. L-Omm qaddisa saret taf b'dan għax kienet imnebbħa. Imbagħad sejjħet minnufih lix-xhud, li kienet torqod ħdejha, u qaltilha: "Inżel malajr fid-dormitorju għax Swor Andrea marida serjament. Għalli bajda u agħtihielha biex tixrobha. Meta terġa' tibda titkellem, ġibha għandi". U hekk sar. Meta s-Sinjura staqsiet lil Swor Andrea x'kien ġara, Swor Andrea ma riditix tgħidilha. Imbagħad is-Sinjura qaltilha kollox x'kien ġara ħaġa b'ħaġa. U dan saru jafu bih is-Sorijiet kollha.

*Kif fejjqet soru truxa u ħelset il-monasteru mis-Saraċini*

[355] 17 Ix-xhud qalet ukoll li s-Sinjura Klara fejjqet waħda mis-Sorijiet, Swor Cristiana, li kienet ilha ħafna ma tismax minn widna waħda[218].

[356] 18 Qalet ukoll li fiż-żmien meta Assisi kienet fil-gwerra, is-Sorijiet kienu mbeżżgħin għall-aħħar meta waslu t-Tartari u s-Saraċini, kif ukoll għedewwa oħra ta' Alla u tal-Knisja. L-Omm qaddisa bdiet issabbarhom, billi qaltilhom: "Ħuti u uliedi: la tibżgħux, għax jekk il-Mulej ikun magħna, il-għadu ma jista' jagħmlilna ebda ħsara. Afdaw fil-Mulej tagħna Ġesù Kristu għax Hu jeħlisna. Irrid inkun il-garanti[219] tagħkom biex ma jagħmlulkom ebda ħsara. Jekk jiġu, qiegħdu lili quddiemhom".

Ġurnata minnhom, meta l-għadu kien avanza ġmielu biex jeqred Assisi, xi Saraċini niżlu mal-ħitan tal-monasteru, u daħlu fil-klawsura. Is-Sorijiet kienu mbeżżgħin għall-mewt, iżda l-Omm qaddisa farrġithom ilkoll, tat ħarsa ta' tmaqdir lejn it-truppi, u qalet: "La tibżgħux, għax ma għandhomx ħila jagħmlulna ħsara". Wara li qalet hekk, marret tgħid it-talb tagħha tas-soltu. Il-qawwa ta' talbha kienet hekk kbira li s-Saraċini qalila telqu bħallikieku xi ħadd tefagħhom 'il barra; ma għamlu l-ebda ħsara, u ma messew lil ħadd li kien fid-dar. Mitluba tgħid kif kienet taf

kienu jiġġerrew is-Saraċini li daħlu fil-monasteru. Il-familjarità ta' Klara mat-tfajjel divin, li dejjem jitwieled spiritwalment fil-qalb fqira u umli, fil-ġisem kast u verġinali, bl-istess mod kif twieled materjalment mill-ġuf tal-Verġni Marija (EpAgn III,24-26), turi s-sempliċità tal-ġesti familjari li bihom Klara tfejjaq it-tfal l-oħrajn, dawk li kienu jkunu morda, u li kienu jġibuhomlha biex hi turi fihom il-qawwa tagħha li tfejjaq. Mattiolo di Spoleto kellu tliet snin u kien daħħal żrara f'imnieħru li kienet tifggħu (ProcCan 2,18; LegCl 33); il-*mammolo* iben ta' *messere* Ioanni, prokuratur tas-Sorijiet (ProcCan 3,15; 8,6; 9,6) li kellu ħames snin u li kien "marid bid-deni serjament"; it-tfajjel ta' Perugia (ProcCan 4,11; LegCl 33) li kellu tebgħa li kienet tgħattilu għajnu kollha. Il-ġest ta' omm li tbierek ta' Klara dejjem kien iħarrab kull dell ta' niket, u jerġa' jrodd it-tbissima fuq it-tfal u l-ġenituri tagħhom. Imma kien wara l-mewt tagħha li Klara tidher li l-aktar turi preferenza għal dan is-servizz ta' mħabba lejn iċ-ċkejknin. Il-maġġoranza tal-mirakli ta' Klara jsiru fuq *mammoli*: Giacomino di Perugia, li jiġi meħlus minn "demonju mill-agħar" (LegCl 50); Pietruccio di Bettona (LegCl 55); tifel ta' ħames snin minn Gubbio, li ma kienx kapaċi jimxi (LegCl 57); tifel ta' għaxar snin, minn raħal qrib Bettona, li kellu diżabilità f'saqajh (LegCl 56); it-tfajjel ċkejken ta' Bona li ħatfu l-lupu (LegCl 60); tifla minn Cannara (LegCl 61), u oħrajn.

[218] ProcCan 5,1.

[219] Il-kelma *recolta* nittraduċuha "garanti", fuq dak li jgħid I. OMAECHEVARRIA, "Santa Chiara *«recolta»* per le sue sorelle", *Frate Francesco* 30 (1972) 23-26.

dawn l-affarijiet li semmiet, hija qalet li kienet hemm. Mistoqsija dwar ix-xahar u l-jum, wieġbet li ma kienetx tiftakar[220].

[357] 19 Qalet ukoll li Vitale d'Aversa, raġel li kulħadd kien jibża' minnu, kien mibgħut mill-imperatur flimkien ma' armata kbira biex jaħbat għal Assisi. Billi hu kien qal li mhux se jitlaq qabel ma Assisi tkun waqgħet taħt idejh, is-Sinjura Klara ġiet mgħarrfa b'dan biex tiskansa l-belt minn dan il-periklu. Meta saret taf b'dan, is-Sinjura, kollha fiduċja fil-qawwa ta' Alla, sejjħet lil ħutha, ġiegħelithom iġibu l-irmied, qarwżet xagħarha, u talbithom iroxxulha l-irmied fuq rasha. Imbagħad is-Sinjura poġġiet l-irmied fuq ras ħutha kollha, u ikkmandathom imorru jitolbu biex il-Mulej jeħles il-belt. Il-għada saret taf li Vitale kien telaq mal-lejl, hu u l-armata kollha miegħu[221].

[358] 20 Ix-xhud żiedet tgħid li meta s-Sinjura u l-Omm qaddisa kienet qrib il-mewt, darba, il-Ġimgħa bil-lejl[222], bdiet titkellem u tgħid hekk: "Mur moħħok mistrieħ u fis-sliem, għax se jkollok miegħek għassa tajba biex tħarsek: għax Dak li ħalqek, qabel xejn qaddsek; u wara li ħalqek bagħatlek l-Ispirtu s-Santu, u dejjem ħa ħsiebek, bħalma omm tieħu ħsieb binha li tħobb". Żiedet tgħid ukoll: "O Mulej: kun imbierek, Int li ħlaqtni". Qalet ukoll ħafna affarijiet oħra dwar it-Trinità, imma tkellmet b'leħen hekk minn taħt l-ilsien li s-Sorijiet ma setgħux jifhmuha tajjeb.

[359] 21 U lil waħda mis-Sorijiet li kienu preżenti x-xhud qaltilha: "Int għandek memorja tajba: ftakar sewwa x'qed tgħid is-Sinjura". Is-Sinjura semgħetha tgħid dan il-kliem, u qalet lil ħutha: "Jirnexxielkom tiftakru dawn l-affarijiet daqskemm jippermettilkom Dak li qed iġiegħelni ngħidhom".

[360] 22 Swor Anastasia staqsiet ukoll lis-Sinjura ma' min jew lil min kienet qiegħda tgħid il-kliem li ssemma' aktar 'il fuq. Hi wieġbet: "Qed inkellem lil ruħi".

[361] 23 Ix-xhud qalet ukoll li l-lejl ta' dakinhar meta hija għaddiet minn din il-ħajja, wissiet lil ħutha billi qagħdet tgħidilhom kliem ta' ħeġġa. U fl-aħħar hija għamlet stqarrija hekk sabiħa u tajba li x-xhud qatt ma semgħet bħalha. Għamlet din l-istqarrija għax ġiha dubju jekk qatt, b'xi mod, setgħet offendiet il-fidi li wiegħdet fil-magħmudija.

---

220 Cfr. nota 35.

221 L-assedju ta' Assisi mit-truppi ta' Vitale di Aversa li kien jikkmanda l-armati ta' l-imperatur Federiku II, hu datat għas-sajf ta' l-1241, u jagħmel parti mill-istess gwerra li fiha s-sena ta' qabel is-Sorijiet Foqra ta' San Damiano kienu daqu l-periklu ta' invażjoni ta' truppi Saraċini fil-monasteru tagħhom. Dwar l-istoriċità ta' l-episodju, li dwaru l-Bulla ta' Kanonizzazzjoni ta' Klara ma tgħid xejn, ma jeżistux dubji (G. GOLUBOVICH, *Relazione del duplice assedio del monastero di San Damiano (1240) e della città di Assisi (1241) secondo il codice assisano 341*, Assisi 1911,33-35). Ix-xhieda ta' Swor Francesca di Capitaneo (ProcCan 9,3) hi aktar dettaljata, u tispjega l-inkwiet li ħasset Klara lejn ix-xorti li kienet se tmiss lil belt twelidha fil-periklu. Prova ta' dan huma l-kelmiet: "Aħna rċevejna ħafna ġid minn din il-belt, u għalhekk aħna fid-dmir li nitolbu 'l Alla jħarisha". Assisi sallum għadha tfakkar dan l-episodju tal-ħelsien permezz tat-talb ta' Klara, biċ-ċelebrazzjoni tal-*festa del voto*, fit-22 ta' Ġunju.

222 Kien il-lejl bejn il-Ġimgħa u s-Sibt qabel il-mewt ta' Klara, jiġifieri l-lejl bejn it-8 u d-9 ta' Awissu 1253. Bla ebda dubju x-xhieda dwar il-mewt ta' Klara fil-ProcCan huma l-isbaħ li għandna; cfr. ProcCan 4,19, 11,3.4. L-ispirtu tal-*plantula* ("xitla ċkejkna") ta' San Franġisk jikkonsisti filli hi tħossha maħbuba għal kollox mill-Mulej, bl-istess imħabba li biha omm tħobb lil binha: "ħarsek bħalma omm tħares lil binha ċ-ċkejken nett" (ProcCan 11,3). Quddiem *sorella morte*, li tiġi bil-ferħ, Klara tesprimi dak li tħoss. Hi kienet qisha "qawsalla ta' talb, kelma ta' mħabba dejjem ħajja quddiem l-Aktar Għoli, ringrazzjament mimli hena ta' tfajjel ċkejken li jwarrad fost l-aktar affarijiet żgħar u essenzjali tal-ħajja u li jidwi fis-sema quddiem il-Missier, u li hu magħruf bl-isem ta' kontemplazzjoni" (G. MANCINI, "Contemporaneità di Santa Chiara", *Santa Chiara d'Assisi. Studi e cronaca del VII centenario, 1253-1953*, Assisi 1954, 40).

[362] 24 Billi kienet marida gravi, is-Sinjur Papa Innoċenz ġie jżurha[223]. Imbagħad hija qalet lil ħutha: "Uliedi, faħħru 'l Alla, għax is-sema u l-art m'humiex biżżejjed għal dan il-ġid kbir li llum irċevejt mingħand Alla. Illum irċevejtu fis-Sagrament imqaddes, u rajt ukoll il-Vigarju tiegħu". Mitluba tgħid kif kienet taf dan kollu, wieġbet li saret tafhom għax rathom u kienet preżenti. Meta ġiet mistoqsija dwar kemm żmien ġara dan qabel il-mewt tas-Sinjura Klara, wieġbet li kien biss ftit jiem qabel.

[363] 25 Ix-xhud qalet ukoll li s-Sinjura Klara, kienet hekk mehdija b'ħerqa fil-kontemplazzjoni li nhar il-Ġimgħa l-Kbira, waqt li kienet taħseb fuq il-Passjoni tal-Mulej, kienet qisha ma tħoss xejn għal matul il-jum kollu, u l-biċċa l-kbira tal-jum ta' wara.

[364] 26 Dwar il-ġarra taż-żejt tenniet l-istess kliem li kienu qalu bil-ġurament ix-xhieda ta' qabel.

[365] 27 Mistoqsija mill-ġdid dwar is-Sorijiet li kienu tfejjqu, qalet li kien hemm aktar li kienu fiequ, u li issa mietu.

*Dwar kif kienet tħabbar il-ġejjieni*

[366] 28 Ix-xhud qalet ukoll li s-Sinjura Klara kienet irrakkontat li ħutha dwar kif ommha, meta kien se jkollha lilha, marret il-knisja, u waqt li kienet quddiem is-salib, titlob b'attenzjoni kbira, talbet biex Alla jgħinnha u jħarisha waqt il-periklu tal-ħlas. Semgħet leħen jgħidilha: "Int se twelled dawl li għad idawwal ħafna fid-dinja".

[367] 29 Is-Sinjura Klara irrakkontat ukoll kif darba kellha viżjoni, u dehrilha li kienet ġabet buqar bl-ilma sħun lil San Franġisk, u xugaman biex jixxotta idejh. U telgħet taraġ għoli ħafna, imma telgħetu hekk malajr, li kienet donnha miexja fil-wita. Meta waslet ħdejn San Franġisk, il-qaddis kixef sidru, u lill-verġni Klara qalilha: "Ejja, ħu, u ixrob". Meta redgħet minnu, il-qaddis wissiha biex terġa' tixrob darb'oħra. Wara li għamlet hekk, dak li kienet daqet kien hekk ħelu u tajjeb li b'ebda mod ma setgħet tfissru bil-kliem. Wara li redgħet, il-beżżul jew il-fetħa tas-sider li minnu joħroġ il-ħalib, baqgħet imwaħħla bejn xufftejn l-imqaddsa Klara. Meta dak li kien baqagħlha f'ħalqha ħaditu f'idejha, kien qisu deheb, tant kien ċar u leqqien, hekk li setgħet tara fih lilha nnifisha bħallikieku ġo mera[224].

---

[223] Innoċenz IV kien Assisi f'April 1253; imbagħad irritorna f'Mejju u baqa' residenti minn Lulju sas-6 ta' Ottubru. Il-*Vita Innocentii IV* ta' Fra Niccolò da Calvi (F. PAGNOTTI, "Niccolò da Calvi e la sua Vita d'Innocenzo IV", *Archivio della Società Romana di storia patria* 21 (1898) 4-120) tfakkar żewġ żjajjar li l-Papa għamel lil Santa Klara. Il-LegCl 41.42 tfakkar l-episodju b'aktar dettalji.

[224] Il-viżjoni hi oġġett ta' studju approfondit ta' M. BARTOLI, "Analisi storica e interpretazione psicanalitica di una visione di Santa Chiara d'Assisi", AFH 73 (1980) 449-472.

[368] 30 Is-Sinjura Klara irrakkontat ukoll kif fil-lejl tal-Milied li għadda[225] hija ma setgħetx tqum mis-sodda u tmur il-kappella minħabba l-marda serja li kellha. Bħas-soltu s-Sorijiet marru kollha għall-Matutin u ħallewha waħidha. Is-Sinjura imbagħad tniehdet u qalet: "Mulej Alla, ħares u ara kif ħallewni waħdi miegħek". Minnufih bdiet tisma' l-orgni, ir-responsorji u l-uffiċċju kollu tal-patrijiet fil-knisja ta' San Franġisk, bħallikieku kienet hemm, preżenti.

[369] 31 Din ix-xhud irrakkontat dawn u ħafna mirakli oħra ta' kliem u smigħ tas-Sinjura Klara, l-ewwel Omm u badessa tal-monasteru ta' San Damiano, u l-ewwel membru ta' l-Ordni.

Nobbli minn nisilha u mill-familja tagħha, u għanja bil-ġid tad-dinja, hija kienet tant tħobb il-faqar li biegħet il-wirt kollu li messha u qassmitu lill-foqra. U kienet tħobb tant lill-Ordni li ma riedet tittraskura l-ħarsien lanqas ta' l-iċken regola, ukoll meta kienet marida.

[370] 32 Fi tmiem ħajjitha, wara li sejħet flimkien lil ħutha kollha, fdatilhom il-Privileġġ tal-faqar biex iħarsuh tajjeb. L-ikbar xewqa tagħha kienet li jkollha r-Regola ta' l-Ordni ikkonfermata b'Bulla tal-Papa, u li ġurnata tkun tista' twaħħal xofftejha mas-siġill papali, u mbagħad, il-jum ta' wara, tmut. Ġara eżattament kif xtaqet. Saret taf li wieħed mill-patrijiet kien ġab l-Ittra li kellha l-Bulla tal-Papa. Ħaditha b'qima kbira, għad li kienet f'ħalq il-mewt, u għafset dik il-Bulla ma' fommha biex tbusha[226]. Il-għada s-Sinjura Klara, tabilħaqq kollha bjuda u bla ebda tebgħa jew dalma ta' dnub, għaddiet minn din il-ħajja għal għand il-Mulej, għall-bjuda tad-dawl ta' dejjem. Din ix-xhud, u s-Sorijiet kollha li kienu jafu bil-qdusija tagħha, jemmnu dan bla l-iċken dell ta' dubju.

## IR-RABA' XHUD

[371] 1 SORA AMATA DE MESSERE MARTINO DA COCCORANO[227], soru tal-monasteru ta' San Damiano, qalet taħt ġurament, li kienet ilha fl-Ordni madwar ħamsa u għoxrin sena, u kienet taf tajjeb lil Santa Klara. Ix-xhud daħlet fir-Reliġjon megħjuna mit-twissijiet u l-kliem imħeġġeġ tal-mara qaddisa. Kienet qaltilha li talbet għaliha grazzja speċjali mill-Mulej biex ma

[225] Dan kien il-lejl tal-Milied ta' l-1252. B'mod mirakoluż u misjuqa mill-imħabba li ma tafx limiti ta' żmien u spazju, Klara – li s-Sorijiet ħallewha waħedha marida sakemm kantaw il-Matutin – issegwi b'mod mistiku ċ-ċelebrazzjonijiet solenni fil-bażilika ta' San Franġisk, u saħansitra tara l-presepju ta' Betleħem (ProcCan 4,16). Minħabba dan id-don straordinarju li bih, f'dak il-lejl, Klara kienet tara u tisma' mill-bogħod, il-Papa Piju XII ipproklama lil Klara bħala patruna tat-televiżjoni, bil-Breve *Clarius explendescit* (14 ta' Frar 1958), *Acta Apostolicae Sedis* 50 (1958) 512-513. Din il-viżjoni ġiet imbagħad rakkontata b'ħafna aktar dettalji fl-*Actus-Fioretti* 35. Cfr. E. FRANCESCHINI, "La notte di Natale del 1252", *Chiara d'Assisi. Rassegna del Protomonastero* 2 (1954) 69-74; *Nel Segno di Francesco,* 406-411; A. FORTINI, *Santa Chiara patrona della televisione*, Santa Maria degli Angeli, Assisi 1960. Rigward is-solitudni ta' Klara fl-aħħar snin ta' ħajjitha, cfr. F. ACCROCCA, "Verso il Getsemani? Chiara, la comunità delle sorelle e la vita quotidiana a San Damiano", *Analecta TOR* 156 (1995) 71-88.

[226] L-Ittra bil-Bulla tal-Papa li inġiebet b'urġenza lejn Klara li kienet qiegħda tmut kienet il-Bulla *Solet annuere* li fiha inkluża r-Regola ta' Santa Klara, issiġillata f'Assisi minn Innoċenz IV jumejn biss qabel il-mewt ta' Klara, fid-9 ta' Awissu 1253. L-oriġinal li Klara ħaditu f'idejha u biesitu b'xofftejha sparixxa sa l-1893 meta, wara ħafna tiftix bir-reqqa fil-Protomonasteru ta' San Damiano mill-Badessa M. Matilde Rossi, instab f'kaxxa siġillata, li kien fiha l-ilbies ta' Santa Klara (cfr. *Seraphicae legislationis textus originales*, Quaracchi 1897, 2.3). Dan l-oriġinal hu llum imħares bħala relikwa prezzjuża fil-Bażilika ta' Santa Klara f'Assisi.

[227] Cfr. nota 7.

tiġix imqarrqa mid-dinja u lanqas ma tibqa' tgħix fiha. Ix-xhud kienet tiġi n-neputija tal-qaddisa, u kienet tgħoddha bħala ommha.

[372] 2 Hija taf tajjeb kif kienet tgħix u kienet semgħet ukoll dwar il-konverżjoni tagħha: megħjuna mill-kliem ta' ħeġġa u l-predikazzjoni ta' San Franġisk, bdiet tgħix il-ħajja reliġjuża, iżda anke qabel ma daħlet fir-reliġjon, kull min kien jafha, kien jgħoddha b'qaddisa minħabba l-grazzji u l-virtujiet li l-Mulej għaniha bihom. Dan kien magħruf minn kulħadd.

[373] 3 Sa minn meta x-xhud daħlet fir-Reliġjon, hija kienet dejjem magħha, u għalhekk kienet taf tajjeb il-qdusija ta' l-imġieba tagħha, qdusija li kienet fid-doni li taha Alla u l-virtujiet li żejjinha bihom; dawn kienu diffiċli tfissirhom bil-kliem: il-verġinità ta' l-għaġeb tagħha, it-tjubija, il-qalb ħelwa, il-ħniena u l-mogħdrija li kellha lejn ħutha u lejn kulħadd.

[374] 4 Kienet dejjem mehdija fit-talb u l-kontemplazzjoni. Meta kienet tiġi lura mit-talb, wiċċha kien jidher leqqien, u kien ikun sabiħ aktar mix-xemx. Kliemha kien ta' ħlewwa li ma titfissirx, hekk li ħajjitha kienet ħajja tas-sema.

[375] 5 Ikel kienet tieħu hekk ftit li kienu qishom l-anġli li qed jitimgħuha. Hija għakkset tabilħaqq lil ġisimha: tlitt ijiem fil-ġimgħa, it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa, ma kienet idduq xejn. Fil-ġranet l-oħra kienet issum ħobż u ilma, sakemm San Franġisk ikkmandaha li f'dawk il-jiem ukoll tiekol xi ħaġa, u mhux xejn, bħal qabel. Imbagħad, biex tagħmel l-ubbidjenza, kienet tiekol ftit ħobż u tixrob naqra ilma[228].

[376] 6 Dwar il-ħwejjeġ rozzi li kienet tilbes u s-sodda li fuqha kienet torqod, ix-xhud qalet l-istess kliem li kienet qalet qabilha Swor Filippa.

*Dwar kif kienet ġiet meħlusa mid-deni, is-sogħla u l-idropisija*

[377] 7 Ix-xhud qalet ukoll li meta hi kienet marida bl-idropisija, id-deni u s-sogħla, u kellha uġigħ f'ġenbejha, Santa Klara raddet fuqha s-sinjal tas-salib, u dak il-ħin stess ħelsitha. Mistoqsija dwar jekk il-qaddisa qalitx xi kliem, hija wieġbet li, wara li qiegħdet idha fuqha, talbet 'l Alla li, jekk hu għall-aħjar ta' ruħha, jeħlisha minn dik il-marda. Ġiet meħlusa dak il-ħin stess. Meta ġiet mistoqsija xi kemm kienet ilha marida, qalet li kienet ilha tlittax il-xahar, iżda minn dakinhar 'il

---

[228] Id-dixxiplina personali mill-aktar ħarxa ta' Santa Klara dwar is-sawm u l-astinenza kienet eċċezzjonali ukoll fil-kuntest tal-monasteru ta' San Damiano. Imma dan il-monasteru kien wieħed mill-aktar rigorużi taħt dan l-aspett. Ir-RegCl 3,8 ftit titkellem dwar is-sawm, u tgħid biss: "Is-Sorijiet għandhom isumu s-sena kollha". Mill-EpAgn III,31-37, nafu li – skond kif kien kiteb San Franġisk lis-Sorijiet – dan is-sawm kien jikkonċedi żewġ ikliet biss nhar ta' Ħadd u fil-Milied; imma s-sawm lanqas ma kien obbligu nhar ta' Ħamis fiż-żmien ordinarju. Fil-kliem ta' Santa Klara naraw li, f'San Damiano, kienet drawwa abitwali li s-Sorijiet jagħmlu astinenza perpetwa. Il-Kostituzzjonijiet Ugoliniane ta' l-1219 kienu jgħidu li, barra mis-sawm is-sena kollha, espressjoni li mbagħad għaddiet fir-RegCl, is-Sorijiet "huma marbutin għas-sawm ... nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa barra mir-Randan, għandhom jagħmlu astinenza mill-frott jew mill-ħaxix u mill-inbid, ħlief jekk f'dawk il-ġranet tkun qed tiġi ċelebrata festa prinċipali ta' xi qaddis. Jekk ikollhom frott u ħaxix frisk f'dawn il-ġranet ta' l-Erbgħa u l-Ġimgħa, dawn għandhom jitqassmu biex isostnu lis-Sorijiet. Imma huma għandhom isumu ħobż u ilma għal erbat ijiem fil-ġimgħa matul ir-Randan il-kbir, u matul tlitt ijiem fil-ġimgħa matul ir-Randan ta' San Martin". Kienu eżenti mir-regola tas-sawm u l-astinenza s-Sorijiet li kienu morda jew anzjani. Bulla ta' Girgor IX (9 ta' Frar 1237), li l-oriġinal tagħha jinsab fl-arkivju ta' San Damiano, tisħaq dwar il-projbizzjoni għas-Sorijiet li jieklu l-laħam, ħlief dawk li huma morda (BF I,209).

quddiem qatt aktar ma kienet ħasset xejn minn dik il-marda. F'dak iż-żmien hija kellha żaqqha hekk minfuħa li bil-kemm setgħet titbaxxa. U hekk, għall-merti tal-qaddisa, il-Mulej ħelisha għal kollox.

*Kif ħelset soru minn fistla*

[378] 8 Bl-istess mod is-sinjura Klara ħelset xi wħud mis-Sorijiet mill-mard tagħhom billi kienet trodd fuqhom is-sinjal tas-salib. Mitluba tgħid minn kienu dawn is-Sorijiet, wieġbet li Swor Benvenuta tas-Sinjura Diambra, li taħt dirgħajha kellha pjaga serja ħafna, hekk li kont tista' ddaħħal fiha ħamest iswaba. Dik il-marda kienet ilha fuqha ħdax il-sena, u meta s-Sinjura raddet fuqha s-sinjal tas-salib, ġiet meħlusa[229]. Mitluba tgħid kif kienet taf dan, wieġbet li mill-pjaga ħarġet ħafna materja, iżda qatt ma reġa' kellha dik il-marda. Meta staqsewha x'kienet il-marda li kellha, qalet li jissejħu fistli.

*Kif ħelset soru li kellha s-sogħla*

[379] 9 Qalet ukoll li waħda oħra minn ħutha, Swor Cecilia[230], kellha sogħla qawwija ħafna, hekk li x'ħin kienet tiġi biex tiekol kienet taqbadha, u għal ftit ma kienetx tkun se tifga. Darba minnhom – kien il-Ġimgħa – l-Omm qaddisa tatha tiekol biċċa ftira żgħira, u hi ħaditha, imma b'ħafna biża'. B'danakollu, biex tobdi l-kmand ta' l-Omm qaddisa, kilitha. Sa minn dak il-ħin ma ħasset qatt xejn aktar minn dik il-marda. Mitluba tgħid kemm kienet ilha tbati mill-marda, wieġbet li ma tiftakarx, imma kienet tal-fehma li kienet ilha ħafna marida.

*Kif ħelset soru li kienet truxa minn widna waħda*

[380] 10 Qalet ukoll li soru oħra, Swor Cristiana[231], kienet ilha ħafna truxa minn widna waħda, sa minn qabel ma daħlet fil-monasteru, u wara wkoll. B'danakollu, is-Sinjura Klara ħelsitha billi messitilha widintha, u raddet fuqha s-sinjal tas-salib. Dwar Sorijiet oħrajn qalet li ma kienetx tiftakar, għad li kien hemm diversi Sorijiet oħrajn li ġew meħlusa wkoll.

*Dwar kif ħelset tifel bi żlieġa li kienet tgħattilu għajnu*

[381] 11 Hija qalet li ċertu tfajjel minn Perugia kellu bħal żlieġa tgħattilu għajnu kollha. Ġabuh għand Santa Klara, messitlu għajnejh, u mbagħad raddet fuqu s-salib. U żiedet tgħid: "Issa ħuduh għand ommi, Swor Ortolana (li kienet fil-monasteru ta' San Damiano), u trodd hi s-salib fuqu". Meta sar dan, it-tfajjel ġie meħlus, u Santa Klara qalet li kienet ommha li ħelsitu, u għall-kuntrarju, ommha qalet li kienet is-Sinjura Klara, bintha, li ħelsitu. Hekk, kull waħda bdiet tgħid li l-grazzja qalgħetha l-oħra. Mitluba kemm kien ilu li lil dak it-tifel kienu rawh b'dik iż-żlieġa, wieġbet li kienet ratu meta ġabuh fil-monasteru għand is-Sinjura Klara. Hi la kienet ratu qabel u lanqas ma

[229] Swor Benvenuta tikkonferma dan il-fatt personalment (cfr. ProcCan 11,1).
[230] Is-sitt xhud fl-Atti tal-Proċess.
[231] Hi x-xhud li tiġi immedjatament wara Swor Amata (ProcCan 5,1).

ratu wara li ġie mfejjaq, għax hu minnufih telaq mill-monasteru, u hi, ix-xhud, matul dak iż-żmien kollu dejjem għexet magħluqa fil-monasteru.

[382] 12 Mistoqsija dwar l-umiltà tal-qaddisa, hija tenniet dak li, bil-ġurament kienet qalet Swor Filippa, ix-xhud ta' qabilha[232].

[383] 13 Qalet l-istess ukoll bħal Swor Filippa dwar l-imħabba tal-qaddisa lejn il-faqar u t-talb.

[384] 14 Ix-xhud qalet ukoll li meta s-Sorijiet kienu mwerwrin bil-biża' minħabba l-wasla tas-Saraċini, it-Tartari u infidili oħra, huma talbu lill-Omm qaddisa li tagħmel minn kollox mal-Mulej biex il-monasteru tagħhom ikun meħlus. L-Omm qaddisa wieġbet: "Ħuti u uliedi, la tibżgħux, għax il-Mulej innifsu jiddefendikom. Jien nixtieq inkun il-garanti tagħkom[233]. Jekk jiġri li l-għedewwa jidħlu fil-monasteru, qiegħdu lili quddiemkom". U ġara li, għat-talb ta' l-Omm hekk qaddisa, il-monasteru, is-Sorijiet u kull ma kien hemm fih lanqas biss ġie migruf.

[385] 15 Dwar il-ħbit fuq il-belt ta' Assisi, u kif ġiet meħlusa, ix-xhud qalet l-istess bħalma kienet qalet Swor Filippa[234].

[386] 16 Qalet l-istess bħal Swor Filippa dwar il-miraklu ta' omm Santa Klara, u dwar il-viżjoni li kellha Santa Klara u s-sider ta' San Franġisk, u l-miraklu li sar fil-lejl tal-Milied[235]. Iżda żiedet li kienet semgħet mingħand is-Sinjura Klara li, nhar il-Milied, hija kienet rat ukoll il-maxtura tal-Mulej Ġesù Kristu.

[387] 17 Ix-xhud qalet ukoll li l-Mulej ried li l-ewwel membru ta' dan l-Ordni tkun hekk qaddisa li ebda difett ma jkun jidher fiha, iżda jkunu jidhru l-virtujiet kollha, hekk li, meta kienet għadha ħajja, kull min kien jafha, kien iżommha b'qaddisa. Kienet nobbli mit-tnissil skond il-ġisem, iżda bil-wisq aktar nobbli fil-ħarsien tar-Reliġjon qaddisa u ta' l-Ordni tagħha. Saħansitra, matul iż-żmien li għaddiet maħkuma mill-mard, qatt ma riedet tħalli barra xi ħaġa ta' l-Ordni, u hekk, fil-qdusija tagħha, mexxiet lilha nnifisha u lil ħutha għal kważi tlieta u erbgħin sena.

[388] 18 Lil ħutha kienet tħobbhom bħalma kienet tħobb lilha nnifisha. Is-Sorijiet, kemm fil-ħajja kif ukoll wara mewtha, kienu jqimuha bħala qaddisa u Omm l-Ordni kollu. Qalet ukoll li l-qdusija u t-tjubija tagħha, il-ġid u l-virtujiet tagħha, kienu ħafna aktar milli kienet taf jew milli setgħet tiddeskrivi hi.

[389] 19 Qalet ukoll li meta s-Sinjura Klara kienet qrib it-tmiem tagħha, waslet biex tgħaddi minn din il-ħajja, il-Ġimgħa qabel mietet[236], qalet lix-xhud, li kienet baqgħet waħidha magħha: "Int qed tarah lis-Sultan tal-glorja li qed nara jien?" Dan tennietu aktar minn darba; xi ftit jiem wara raddet ruħha.

---

[232] Cfr. ProcCan 3,3.
[233] Cfr. nota 43.
[234] Cfr. nota 45.
[235] Cfr. 3,28-30.
[236] Cfr. nota 46.

[390] 20 Ix-xhuda qalet ukoll li kienet semgħet mingħand waħda mara minn Perugia li l-Mulej ħelisha minn ħames xjaten għall-merti ta' Santa Klara, u li d-demonji kienu stqarrew li t-talb tas-Sinjura Klara kien qed jaħraqhom. Kien għalhekk li din il-mara ġiet fil-monasteru, fil-post fejn ikellmu lis-Sorijiet[237], għax riedet l-ewwel trodd ħajr lil Alla, u mbagħad ukoll lis-Sinjura. Mitluba tgħid xi kemm ilu dan il-fatt, wieġbet li kien sar madwar erba' snin ilu.

## IL-ĦAMES XHUD

[391] 1 SORA CRISTIANA DE MESSER CRISTIANO DE PARISSE, soru tal-monasteru ta' San Damiano, qalet taħt ġurament: li hi, ix-xhud kienet ilha truxa minn widna waħda għal ħafna żmien, ħadet ħafna mediċini, imma kien kollu għal xejn. Fl-aħħar Santa Klara radditilha s-salib fuq rasha, messitilha widintha, u nfetħitilha hekk li ġiet tisma' tajjeb. Mitluba tgħid xi kemm ilu li ġara dan, wieġbet: xi sena ilu. Mistoqsija dwar ix-xahar u l-ġurnata, qalet li kien f'Ġunju jew Lulju. Id-data ma kienet tiftakarha.

[392] 2 Ix-xhud qalet ukoll li b'ebda mod ma kienet taf tfisser il-ħajja qaddisa li kienet tgħix Santa Klara, u l-onestà ta' l-imġiba tagħha. Kienet temmen b'qalbha kollha li kienet tabilħaqq mimlija bil-grazzja, bil-virtujiet u bil-ħidmiet qaddisa. Kienet konvinta wkoll li kull ma seta' jingħad dwar il-qdusija ta' xi mara oħra, barra l-Verġni Marija, jista' bil-ħaqq kollu jingħad għaliha. Iżda hi ma kien jirnexxilha qatt tfisser il-virtujiet u l-grazzji li kienet mogħnija bihom.

[393] 3 Dwar il-ħelsien ta' Swor Benvenuta mill-pjagi li kellha, ix-xhud tenniet dak li kienet qalet ix-xhud ta' qabel, Swor Amata.

[394] 4 Qalet ukoll li kienu għadhom ma għaddewx seba' snin minn mindu hi daħlet fil-monasteru.

[395] 5 Qalet ukoll li meta bieb tqil ħafna tal-monasteru waqa' fuq is-Sinjura Klara, waħda mis-Sorijiet, Swor Angeluccia da Spoleto[238], bdiet tgħajjat kemm tiflaħ, għax beżgħet li kienet mietet, u hi waħidha ma setgħetx terfa' dak il-bieb li kien fuqha ma'tulha kollu. Imbagħad ix-xhud u s-Sorijiet l-oħra kollha ġew, u x-xhud rat il-bieb għadu fuqha; kien hekk tqil li tliet patrijiet bilkemm setgħu jerfgħuh u jqiegħduh f'postu. B'danakollu, is-Sinjura qalet li ma kien ġralha xejn, u li qisu kien tqiegħed fuqha mantell. Mitluba tgħid xi kemm ilu li ġara dan, qalet li kien ilu, bejn wieħed u ieħor, xi seba' snin, fix-xahar ta' Lulju, waqt l-ottava ta' San Pietru.

## IS-SITT XHUD

[396] 1 SORA CECILIA BINT MESSERE GUALTIERI CACCIAGUERRA DA SPELLO[239], soru tal-monasteru ta' San Damiano, qalet taħt ġurament li kienet taf lis-Sinjura Klara, ta' tifkira

---

[237] Jiġifieri fil-parlatorju, li dwaru titkellem ir-RegCl 5.
[238] Din kellha tixhed aktar tard, bħala l-erbatax il-xhud.
[239] B'differenza mix-xhud preċedenti (Swor Cristiana di Cristiano di Parisse, li kien kunsillier tal-Comune ta' Assisi, u li daħlet f'San Damiano biss fl-1246 jew 1247: cfr. ProcCan 5,4), Swor Cecilia di Gualtieri Cacciaguerra di Spello

qaddisa, li kienet badessa tal-monasteru. Bejn wieħed u ieħor is-sinjura damet tmexxi lil ħutha għal tlieta u erbgħin sena. Hi kienet daħlet fir-Reliġjon imħeġġa mill-predikazzjoni ta' San Franġisk. Ix-xhud kienet daħlet għax imħajjra mis-Sinjura Klara u minn Fra Filippo[240] ta' tifkira hienja. Sa minn dak iż-żmien, erbgħin sena ilu, hija kienet taħt it-tmexxija tas-Sinjura Klara li ħajjitha u l-imġieba tagħha kienu hekk ta' l-għaġeb u ta' min ifaħħarhom li hi, ix-xhud, ma kien jirnexxilha qatt tiddeskrivihom b'mod sħiħ, kif jixraq.

[397] 2 Iżda Alla għażilha bħala omm tal-verġni, l-ewwel u l-aqwa badessa ta' l-Ordni, biex tkun hi li tħares il-merħla, u bl-eżempju tagħha ssaħħaħ fil-fehma tar-Reliġjon qaddisa lil ħutha l-oħra li jgħixu fil-monasteri ta' l-Ordni. Kienet tabilħaqq għaqlija filli tagħmel il-qalb u tħares lis-Sorijiet u mal-morda kienet ta' ħniena u mogħdrija kbira: taqdihom b'ħerqa liema bħalha, dejjem lesta biex tagħti l-iktar servizzi umli imqar lill-iżgħar minn fost is-Sorijiet li jservu barra l-monasteru; u kienet tiddisprezza lilha nnifisha.

[398] 3 Kienet iddum tishar fit-talb, u ta' l-għaġeb fil-kontemplazzjoni tagħha. Xi drabi, meta kienet tiġi lura mit-talb, wiċċha kien jidher aktar leqqien mis-soltu, u minn ħalqha kienet toħroġ ċerta fwieħa ħelwa.

[399] 4 Waqt it-talb kienet ixxerred ħafna dmugħ, u ma' ħutha kienet turi ferħ spiritwali. Qatt ma kont taraha mħawwda, lil ħutha kienet tgħallimhom bi ħlewwa u tjubija liema bħalha, u xi drabi, meta kien ikun hemm bżonn, kienet twissihom bil-għaqal kollu.

[400] 5 Qatt ma riedet taħfirha lil ġisimha. Fil-bidu tal-ħajja reliġjuża tagħha, kienet iebsa ħafna magħha nnifisha dwar l-irqad u l-ilbies, u stetta għall-aħħar f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ikel u x-xorb. Kienet donnha qed tgħix ħajja bħal dik ta' l-anġli, għax il-qdusija tagħha kienet tidher biċ-ċar lil dawk kollha li kienu jafuha jew semgħu dwarha. Mitluba tgħid kif kienet taf dan, wieġbet li hi għexet magħha għal kważi erbgħin sena, u kienet rat il-ħajja qaddisa tagħha u osservat l-imġieba tagħha. Dan żgur li ma kienx ikun possibbli li kieku l-Mulej ma għanihiex b'kotra ta' grazzji u b'ħafna affarijiet oħra li ma kenitx taf issemmi, imma li kienet żgur imżejna bihom.

---

hi waħda mill-ewwel Sorijiet u sħab ta' Klara f'San Damiano. Tixhed li kienet ilha fil-monasteru kważi erbgħin sena (ProcCan 6,15).

[240] Fra Filippo Longo hu figura ta' importanza mill-aktar kbira fl-ambjent tas-Sorijiet Foqra klawstrali ta' San Damiano. Twieled f'Atri, u kien imżejjen bid-don li "jitkellem fuq Alla bi ħlewwa liema bħalha" (Cfr. 1C 25: FSF 224). Kien qrib San Franġisk fil-laqgħat sigrieti bejn Klara u l-Missier imqaddes (Cfr. Bona di Guelfuccio, ProcCan 17,3). Kien hu li, flimkien ma' San Franġisk u Bernardo da Quintavalle, akkumpanjaw lil Klara mill-monasteru ta' San Paolo delle Abbadesse, qrib Bastia Umbria, lejn ir-*reclusorio* ta' Sant'Angelo di Panzo, fuq il-ġenb tas-Subasio (ProcCan 12,5). Kien nominati Viżitatur ġenerali tas-Sorijiet Foqra mill-Kardinal Ugolino meta San Franġisk kien jinsab fl-Orjent, fl-1219-1220 (L. OLIGER, "De origine Regularum Ordinis S. Clarae", AFH 5 (1912), 419-420). Malli Franġisku reġa' lura talab lill-istess Kardinal Ugolino biex ineħħih, u floku għażel lil Fra Pacifico. Filippo kien wieħed mill-predikaturi f'San Damiano (ProcCan 10,8 u LegCl 37). Reġa' ġie magħżul Viżitatur tas-Sorijiet Foqra, wara l-mewt ta' San Franġisk fl-1228: jagħtina aħbar dwar din il-ħatra l-Kardinal Rainaldo fl-ittra ċirkulari li hu bagħat lil 24 monasteru tas-Sorijiet Foqra fit-18 ta' Awissu 1228. Skond dokument ippubblikat minn Z. LAZZERI, AFH 13 (1920) 286-289, Filippo kien għadu Viżitatur ġenerali tas-Sorijiet Foqra fl-1244; u skond AFH 76 (1983) 17, kien għadu Viżitatur fl-1246. (M. MICHALCZYK, *Une compilation parisienne des sources primitives franciscaines*, Paris, Nationale ms. lat. 12707). MARIANO DA FIRENZE, *Libro delle dignità et excellentie del Ordine della seraphica madre delle povere donne sancta Chiara da Assisi*, Pars I, c. 5, jara l-influss ta' Filippo Longo fuq il-kompilazzjoni tal-*Constitutiones Hugolinianae*. I. OMAECHEVARRIA hekk jifhem il-kelmiet: "U ordna xi Kostituzzjonijiet u għamilhom (lid-Damianite) tajjeb ħafna l-imsemmi Fra Filippo". F'Novembru 1253, skond din ix-xhieda ta' Swor Cecilia, Filippo kien "ta' tifkira hienja".

[401] 6 Qalet ukoll li s-Sinjura Klara kellha tant ħeġġa spiritwali li riedet bil-qalb kollha ssofri l-martirju għall-imħabba tal-Mulej. Hija wriet dan meta, wara li semgħet li xi patrijiet kienu sofrew il-martirju fil-Marokk, hija qalet li riedet tmur hemm[241]. Imbagħad, minħabba f'dan, ix-xhud infexxet tibki. Dan ġara qabel ma mardet serjament. Mitluba tgħid min kien hemm aktar meta qalet dan il-kliem, wieġbet li dawk li kienu hemm dak il-ħin, issa mietu.

[402] 7 Tenniet l-istess kliem ta' swor Filippa dwar l-umiltà tal-qaddisa, il-ħruxija tas-sodda u l-ilbies tagħha, l-astinenzi u s-sawm. Żiedet tgħid ukoll li kienet taħsel b'idejha stess is-saqqijiet tas-Sorijiet morda li fihom, xi drabi, kien ikun hemm id-dud. U kif is-Sinjura stess kienet tgħid: hi ma kienet ixxomm xejn meta tkun taħsilhom; imma aktarx riħa tfuħ kienet ixxomm.

[403] 8 Żiedet tgħid ukoll li l-Mulej taha l-grazzja li, meta tagħmel b'idejha s-sinjal tas-salib, tfejjaq ħafna Sorijiet mill-mard tagħhom. Dan qaluh ukoll Swor Amata, Benvenuta, Cristiana u Andrea, kif ukoll Swor Filippa li tat ix-xhieda tagħha qabel. Bħal ma kienet qalet Swor Amata, kienet ħelset lil Swor Cristiana b'dan il-mod.

[404] 9 Rat ukoll nies oħrajn li nġabu fil-monasteru biex jiġu mfejjqa mill-Omm qaddisa: kienet trodd fuqhom is-sinjal tas-salib, u jinħelsu. B'danakollu, hija ma kienetx taf l-ismijiet tagħhom, u la kienet rathom qabel u lanqas wara, għax hi dejjem għexet magħluqa fil-monasteru.

[405] 10 Qalet l-istess bħalma kienet qalet Swor Filippa dwar l-imħabba li s-Sinjura kellha għall-faqar, dwar il-virtù tat-talb, il-ħelsien tal-belt u tal-monasteru.

[406] 11 Qalet ukoll li meta kien ikun hemm xi periklu s-Sorijiet kollha kienu jirrikorru għall-għajnuna tat-talb, kif kienet tikkmandahom l-Omm qaddisa.

[407] 12 Ix-xhud qalet ukoll li kienet semgħet mingħand Omm Santa Klara li meta kien se jkollha lilha, u ntasbet quddiem is-salib titlob lill-Mulej jgħinha fil-periklu tal-ħlas, semgħet leħen jgħidilha li kienet se twelled dawl kbir li jdawwal id-dinja. Mitluba tgħid xi kemm ilha li semgħet dan, wieġbet li kien għall-ħabta ta' meta San Franġisk għadda minn din il-ħajja[242].

[408] 13 Semmiet ukoll dwar il-viżjoni tas-sider ta' San Franġisk, bħalma kienet irrakkontat Swor Filippa, ħlief li hija ma tiftakarx x'kienet qalet dwar il-beżżul tas-sider li Santa Klara żammet f'ħalqha.

---

[241] L-aħbar tal-martirju ta' l-ewwel patrijiet missjunarji fil-Marokk – Berardo, Pietro, Accursio, Adiuto, Ottone -, li seħħ fis-16 ta' Jannar 1220, wara tentattivi biex jikkonvertu l-Misilmin, mela lil Klara bil-ħeġġa biex hi wkoll issofri l-martirju. Hi aktar espliċita dwar dan ix-xhieda ta' Swor Balvina (ProcCan 7,2): "kellha hekk ħeġġa ta' l-ispirtu li, li kien għaliha, kienet lesta li ssofri l-martirju biex tiddefendi l-fidi u l-Ordni tagħha. Qabel mardet kellha xewqa li tmur f'dawk l-inħawi tal-Marokk fejn intqal li xi patrijiet sofrew il-martirju". Il-wirt ta' l-ispirtu ta' Klara, li fl-istess ħin hu xewqa li tagħti xhieda bit-tixrid tad-demm fi spirtu missjunarju, fuq il-mudell li tagħti r-RegNB ta' San Franġisk, fil-kapitlu 16, dejjem baqa' ħaj fl-ispiritwalità tas-Sorijiet Foqra matul il-kors tas-sekli. Cfr. B. CAPEZZALI, "Le Clarisse in terra di missione", *Santa Chiara d'Assisi. Studi e Cronaca del VII centenario 1253-1953,* 495-499; I. OMAECHEVARRIA, *Clarisas entre Musulmanes y otros infieles,* Bilbao 1954; *Las Clarisas a través de los siglos*, Madrid 1972.

[242] Dan ma jippruvax li Ortolana kienet diġà daħlet f'San Damiano qabel l-1226, jiġifieri tliet snin qabel bintha Beatrice, li daħlet hemm fl-1229 (cfr. ProcCan 12,7). Jekk dan hu l-każ, mela Swor Cecilia setgħet semgħet lil Ortolana titkellem "fil-post fejn ikellmu lis-Sorijiet" (ProcCan 4,20).

[409] 14 Qalet ukoll li s-Sinjura Klara, billi qatt ma riedet toqgħod b'idejha marbuta, ma tagħmel xejn, anke waqt l-aħħar marda tagħha, kienet titlobhom iqajmuha u jqiegħduha bilqiegħda fis-sodda, u toqgħod tinseġ. Mill-insiġ tagħha, imbagħad, kienet tagħmel ħafna korporali u boroż li jitqiegħdu fihom, miksijin bil-għażel jew bellus fin[243]. Wara li tibgħathom biex jitbierku mill-Isqof, kienet imbagħad, tqassamhom fil-knejjes tad-djoċesi ta' Assisi. Hija kienet tal-fehma li tat minnhom lil kull knisja.

[410] 15 Qalet ukoll li s-Sinjura Klara kellha l-ispirtu tal-profezija. Darba minnhom, meta San Franġisk bagħatilha ħames nisa biex jiġu milqugħa fil-monasteru, Santa Klara qamet 'il fuq u aċċettat biss erbgħa minnhom; lill-oħra ma rieditx taċċettaha għax ma kienetx se tippersevera fil-monasteru, ukoll kieku kellha tibqa' magħhom għal tliet snin. Minħabba pressjoni kbira li saritilha, irċevietha, iżda l-mara bil-kemm damet hemm sitt xhur. Mitluba tgħid min kienet dik il-mara, wieġbet li kienet is-Sinjura Gadia, bint Taccolo. Dan ġara meta San Franġisk kien għadu ħaj. Mitluba tgħid ukoll jekk kienitx preżenti meta Santa Klara qalet dak il-kliem, wieġbet li oħtha, Swor Agnese – li ftit taż-żmien ilu għaddiet minn din il-ħajja[244] – kienet hemm, tisma'. Ma kienetx tiftakar dwar Sorijiet oħra.

*L-ikla meraviljuża*

[411] 16 Ix-xhud qalet ukoll li darba minnhom, meta kien fadal biss nofs ħobża għas-Sorijiet kollha – billi n-nofs l-ieħor kien intbagħat lill-patrijiet li kienu barra[245] – is-Sinjura qaltilha biex tqatta' ħamsin kisriet[246] minn dik in-nofs ħobża, u tqassamhom lis-Sorijiet li kienu diġà ntasbu fuq il-mejda għall-ikel. Imbagħad ix-xhud qalet lis-Sinjura Klara: "Biex jirnexxili noħroġ ħamsin porzjon minn din in-nofs ħobża, jeħtieġ li jsir il-miraklu ta' meta l-Mulej kattar il-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet!" Iżda s-Sinjura qaltilha: "Mur, u agħmel kif għidtlek". U ġara li l-Mulej kattar dak il-ħobż b'tali mod li hija qattgħet ħamsin biċċa kbira u tajba, kif kienet ikkmandatha tagħmel Santa Klara.

[412] 17 Qalet l-istess bħalma kienet qalet Swor Cristiana dwar il-bieb li kien waqa' fuq is-Sinjura: kif ma ġralha ebda ħsara, u żiedet tgħid li hi ratha meta kienet għadha taħtu.

---

[243] Huma l-boroż li fihom jiġu merfugħin il-korporali, maħdumin minn fulsetta tal-kartun imlibbsa bid-drapp tal-ħarir tal-kulur liturġiku tal-ġurnata li tkun.

[244] Cfr. nota 22.

[245] Huma l-patrijiet Minuri, li dwarhom titkellem ir-RegCl 12,5-11, li kienu addetti għall-assistenza spiritwali u biex jittallbu l-karità għas-Sorijiet Foqra. Sa mill-bidunett ta' l-Ordni huma jidhru dejjem fl-istruttura tal-monasteri tas-Sorijiet Foqra, u jgħixu f'ospizji żgħar barra mill-klawsura ta' l-istess monasteri. Il-miraklu taż-żejt, li fir-rakkont tiegħu jidher li kien jgħix f'San Damiano Fra Bentevenga, seħħ sentejn biss wara d-dħul ta' Klara f'San Damiano (cfr. ProcCan 1,15). Din il-fraternità ċkejkna ta' patrijiet addetti għas-servizz tas-Sorijiet Foqra ma kienetx tgħix biss f'San Damiano, imma wkoll f'monasteri oħrajn: fil-monasteru ta' Arcella ħdejn Padova, fejn miet Sant'Antnin fl-1231, u f'dak ta' San Cosimato ta' Ruma (cfr. I. OMAECHEVARRIA, "La «Regla» y las Reglas de la Orden de Santa Clara", CF 46 (1976) 112).

[246] Il-kelma *lasche* hi mid-djalett ta' Perugia, u tirreferi għal kisriet ta' ħobż. Il-ħamsin kisriet ta' ħobż juruna li f'San Damiano kien hemm ħamsin soru.

## IS-SEBA' XHUD

[413] 1 SORA BALVINA DE MESSERE MARTINO DA COCCORANO[247], soru tal-monasteru ta' San Damiano, qalet taħt ġurament li hi, ix-xhud, kienet ilha fil-monasteru ta' San Damiano għal aktar minn sitta u tletin sena taħt it-tmexxija tas-Sinjura Klara, ta' tifkira qaddisa, li f'dak iż-żmien kienet badessa tal-monasteru. Il-Mulej Alla żejjen ħajjitha u l-imġieba tagħha b'doni u virtujiet li ma jingħaddux.

[414] 2 Kienet taf li s-Sinjura kienet verġni sa mit-twelid, kienet l-aktar waħda nobbli fost is-Sorijiet kollha, u kellha hekk ħeġġa ta' l-ispirtu li, li kien għaliha, kienet lesta li ssofri l-martirju biex tiddefendi l-fidi u l-Ordni tagħha. Qabel mardet kellha xewqa li tmur f'dawk l-inħawi tal-Marokk fejn intqal li xi patrijiet sofrew il-martirju. Mitluba tgħid kif kienet taf dawn l-affarijiet, wieġbet li hi, ix-xhud, kienet magħha matul iż-żmien kollu, u rat u semgħet l-imħabba għall-fidi u l-Ordni li kellha s-Sinjura.

[415] 3 Qalet kif hi kienet lieżma u mħeġġa ħafna fit-talb, fil-kontemplazzjoni u fl-eżortazzjoni tas-Sorijiet; u dwar dan kollu kienet tagħti l-attenzjoni tagħha.

[416] 4 Tenniet dak kollu li kienet qalet Swor Filippa dwar l-umiltà tagħha, il-virtù tat-talb, il-ħruxija ta' l-ilbies u s-sodda, u l-astinenzi u s-sawm, iżda hi ma kienetx rat is-sodda magħmula mill-għesieleġ tad-dwieli, għad li kienet semgħet li kellha din ix-xorta ta' sodda għal xi żmien. B'danakollu, hija kienet rat li kellha sodda magħmula minn tavla qadima ħafna.

[417] 5 Dwar il-ħasil tas-saqqijiet tas-Sorijiet morda, qalet l-istess kliem li kienet qalet Swor Cecilia.

[418] 6 Qalet l-istess ukoll bħal Swor Filippa dwar kif, bil-qawwa tat-talb tagħha, il-belt ta' Assisi ġiet meħlusa meta sfat assedjata minn Vitale de Aversa, u kif il-monasteru wkoll ġie meħlus mis-Saraċini u għedewwa oħra.

[419] 7 Tenniet ukoll kull ma kienet qalet Swor Filippa dwar l-imħabba tagħha għall-Privileġġ tal-Faqar.

[420] 8 Dwar l-imħabba u l-Privileġġ tal-Faqar, qalet l-istess affarijiet li semmiet Swor Filippa.

[421] 9 Ix-xhud qalet ukoll li semgħet lis-Sinjura Klara tgħid kif, fil-lejl tal-Milied li għadda[248], semgħet il-Matutin u l-Uffiċċju Divin li kienu qed jiġu iċċelebrati dak il-lejl fil-knisja ta' San Franġisk bħallikieku kienet qiegħda preżenti hemmhekk. Kien għalhekk li lil ħutha qaltilhom: "Lili ħallejtuni hawn waħdi meta mortu l-kappella biex tisimgħu l-Matutin, iżda l-Mulej ħa ħsiebi sewwa, billi jien ma stajtx inqum mis-sodda".

[422] 10 Qalet li hija wkoll semgħet mingħand is-Sinjura dwar il-viżjoni tas-sider ta' San Franġisk, l-istess kif qalet Swor Filippa.

---

[247] Swor Balvina kienet oħt Swor Amata (cfr. nota 7), u bħala kienet bint kuġin ta' Santa Klara.
[248] Cfr. nota 49.

[423] 11 Ix-xhud qalet ukoll li, minħabba s-sempliċità tagħha, ma kienetx taf kif taqbad titkellem dwar il-ġid u l-virtujiet li kellha fiha, jiġifieri l-umiltà, it-tjubija, il-paċenzja, u virtujiet oħra li qalet li kienu hekk kotrana li kienet konvinta li, ħlief il-Verġni Marija, ma kien hemm ebda mara oħra li kienet tgħaddi lis-Sinjura fil-merti tagħha. Mitluba tgħid kif kienet taf b'dan, wieġbet li hi kienet semgħet dwar il-qdusija ta' ħafna nisa qaddisin mil-leġġendi tagħhom, iżda hi kienet rat b'għajnejha stess il-qdusija tal-ħajja ta' din is-Sinjura Klara matul dan iż-żmien kollu, tneħħi sena u ħames xhur meta, bi kmand tas-Sinjura Klara, kienet fil-monasteru ta' Arezzo[249], flimkien ma' sinjura oħra, li kienet intbagħtet hemm.

Ix-xhud, għax kienet in-neputija ta' Santa Klara, kienet tagħmel attenzjoni kbira għall-ħajja u l-imġieba tagħha, li, meta kienet toqgħod taħseb fuqhom, kienu tassew ta' l-għaġeb f'għajnejha. Mitluba tgħid għala kienu jidhrulha hekk, wieġbet li kien minħabba l-astinenzi kbar tagħha li donnu kien impossibbli li bniedem jagħmilhom, u wkoll minħabba l-ħwejjeġ meraviljużi, kważi infiniti, li Alla għamel għaliha u fiha, kif intqal qabel.

*Kif ħelset soru mid-deni u minn tumur*

[424] 12 Ix-xhud żiedet tgħid li meta hi stess kienet marida, darba, bil-lejl, kienet inkwetata ħafna minħabba uġigħ qawwi li kellha f'koxxitha; bdiet issofri u tilminta. Is-Sinjura staqsietha x'kien ġralha, u x-xhud qaltilha dwar l-uġigħ. Imbagħad l-Omm qaddisa nxteħtet direttament fuq il-parti l-muġugħa, poġġiet fuqha l-velu li kellha fuq rasha, u minnufih l-uġigħ ħalliha għal kollox. Mitluba tgħid xi kemm ilu li ġara dan, wieġbet li kien ilu 'l fuq minn tnax il-sena. Mitluba tgħid ukoll min kien hemm preżenti, wieġbet li hi, ix-xhud, kienet waħidha magħha fil-kamra fejn soltu hi kienet toqgħod titlob. La kienet tiftakar ix-xahar, la l-ġurnata u lanqas il-lejl.

[425] 13 Darba oħra, qabel ma ġara dan, ix-xhud kienet ġiet meħlusa minn Santa Klara mid-deni li b'xejn ma kien ried iħalliha, u minn tumur li kellha f'sidirha tal-lemin, u ħutha kienu jaħsbu li se jwassalha għall-mewt. Dan ġara għoxrin sena ilu. Mitluba tgħid kemm kien ilu fuqha, wieġbet: tlitt ijiem.

[426] 14 Ix-xhud qalet ukoll li kienet semgħet mingħand sinjura oħra li l-Mulej kien ħelisha minn ħames xjaten bl-interċessjoni tal-qaddisa. Mitluba tgħid minn fejn kienet din is-sinjura, wieġbet li kienet minn Pisa, skond kif kienet qalet hi meta ġiet fil-monasteru, fil-post fejn ikellmu lis-Sorijiet: ġiet biex trodd ħajr lil Alla u lill-qaddisa. Mitluba tgħid kemm ilu, wieġbet li kien madwar erba' snin ilu. Il-mara qalet li x-xjaten kienu qalulha: "It-talb ta' dik il-qaddisa qed jaħraqna".

## IT-TMIEN XHUD

[427] 1 SORA LUCIA DA ROMA, soru tal-monasteru ta' San Damiano, qalet taħt ġurament li l-qdusija u t-tjubija tas-Sinjura Klara, li kienet badessa tal-monasteru, kienu hekk kbar li hi b'ebda mod ma setgħet tgħid kollox dwarhom. Mitluba tgħid fhiex kienu jikkonsistu l-qdusija u t-tjubija li semmiet, wieġbet: fl-umiltà kbira tagħha, il-qalb tajba, l-onestà, u l-paċenzja.

---

[249] Swor Balvina, li tixhed hawnhekk, ma kienetx Balvina l-Badessa tal-monasteru ta' Vallegloria di Spello, li matul il-proċess kienet diġà mejta (cfr. ProcCan 1,15). Imma, bħalha, kienet waħda mill-ewwel Sorijiet li kienu ħarġu minn San Damiano biex ixerrdu r-riforma ta' l-idejal Klarjan f'monasteri oħrajn.

[428] 2 Mitluba tgħid kemm kienet ilha fil-monasteru wieġbet li, għal dawk li huma għemejjel tajba, jidher li kienet ilha ftit, iżda meta tgħodd iż-żmien kienet ilha hemm ħafna, tant li lanqas għadha tiftakar. Kienet taf li s-Sinjura Klara aċċettatha fil-monasteru għall-imħabba ta' Alla meta kienet għadha żgħira ħafna. Hija qalet li dejjem rat lis-Sinjura Klara ġġib ruħha bi qdusija kbira.

[429] 3 Mitluba tgħid liema qdusija, wieġbet: filli kienet tgħakkes ħafna lil ġisimha, u filli kienet tgħix ħajja tassew iebsa. Mill-aħjar li setgħet kienet tagħmel minn kollox biex togħġob lil Alla, u tgħallem lil ħutha l-imħabba tiegħu. Kienet taf tagħder ħafna lis-Sorijiet, kemm f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġisem, kif ukoll mar-ruħ. Ix-xhud qalet li billi hi ma kellhiex il-għerf tal-qaddisin, ma jmisshiex tesprimi ruħha dwar it-tjubija u l-qdusija li rat fis-Sinjura Klara.

[430] 4 Hija kienet semgħet li l-Mulej ħeles lil xi wħud mis-Sorijiet għall-merti tagħha, iżda hi ma kienetx preżenti, għax kienet marida.

## ID-DISA' XHUD

[431] 1 SORA FRANCESCA DE MESSERE CAPITANEO DA COL DE MEZZO[250], soru tal-monasteru ta' San Damiano, qalet taħt ġurament li hi, ix-xhud, kienet ilha fil-monasteru madwar wieħed u għoxrin sena f'Mejju li għadda, meta s-Sinjura Klara kienet badessa tal-monasteru. Hija qalet li, kieku kellha l-għerf li kellu Salamun, u kapaċità tal-kelma li kellu San Pawl, kienet konvinta li xorta waħda ma kienx jirnexxilha tgħid kollox dwar it-tjubija u l-qdusija li rat fis-Sinjura Klara matul iż-żmien li semmiet.

[432] 2 Mitluba tgħid x'rat fiha, wieġbet li darba, meta s-Saraċini daħlu fil-klawsura ta' l-imsemmi monasteru, is-Sinjura ġiegħelithom iġibuha quddiem id-daħla tar-refettorju, u jġibu l-kaxxa ż-żgħira li fiha kien jinżamm is-Sagrament Imqaddes ta' Ġisem il-Mulej Ġesù Kristu. Inxteħtet minn tulha fl-art titlob, u bid-dmugħ f'għajnejha qalet fost ħwejjeġ oħra: "Mulej, ħares lil dawn il-qaddejja tiegħek, għax jien ma nistax nipproteġihom". Imbagħad ix-xhud semgħet leħen ta' ħlewwa ta' l-għaġeb li qal: "Jien niddefendik dejjem". Is-Sinjura, imbagħad, talbet għall-belt u qalet: "Mulej, ħa jogħġbok tiddefendi wkoll lil din il-belt". L-istess leħen reġa' nstema' u qal: "Il-belt ikollha ssofri ħafna perikli, imma tkun imħarsa". Imbagħad is-Sinjura daret lejn is-Sorijiet u qaltilhom: "La tibżgħux, għax jien inkun garanti għalikom, biex intom ma ġġarbu l-ebda ħsara la issa u lanqas 'il quddiem biex tkunu tistgħu tobdu l-kmandamenti ta' Alla". Is-Saraċini telqu, imbagħad, bla ma għamlu deni jew ħsara.

Mitluba tgħid xi kemm ilu dan, wieġbet li kien fix-xahar ta' Settembru, u, jidhrilha li kien il-Ġimgħa, għad-disgħa ta' filgħodu. Mitluba tgħid min kien hemm preżenti, wieġbet: is-Sorijiet li kienu qed jitolbu. Mitluba tgħid min kienu s-Sorijiet l-oħra li semgħu dak il-leħen, wieġbet li hi, ix-xhud, semgħetu, u semgħetu wkoll soru oħra li issa mietet, għax huma t-tnejn kienu qed

[250] Massariola – li fir-reliġjon kien jisimha Swor Francesca – di Capitano di Coldimezzo, li kien kastell imqiegħed fuq il-fruntiera bejn Assisi u Todi, kienet iz-zija ta' Vanna di Coldimezzo, l-għarusa żagħżugħa u sabiħa ta' Jacopone da Todi, li kienet iġġorr dejjem ċilizzju taħt il-ħwejjeġ tagħha tad-dinja. Dan iċ-ċilizzju kien instab fuq ġisimha meta mietet traġikament. Dan il-fatt kien immarka darba għal dejjem il-ħajja ta' dak li mbagħad sar Fra Jacopone da Todi (cfr. A. FORTINI, *Nova Vita di San Francesco,* Santa Maria degli Angeli, Assisi 1959, 412-413; "Il cilicio di Vanna da Coldimezzo", *Chiara d'Assisi. Rassegna del Protomonastero* 4 (1956) 113-126).

iwieżnu lis-Sinjura. Mitluba tgħid kif taf li s-soru l-oħra semgħet dak il-leħen, wieġbet li s-soru stess kienet qaltilha. U dik il-lejla Santa Klara sejħitilhom it-tnejn u qaltilhom biex, sakemm iddum ħajja hi, ma jgħidu xejn lil ħadd. Mitluba tgħid x'kien jisimha dik is-soru, wieġbet li kienet Swor Illuminata minn Pisa, li issa mietet[251].

[433] 3 Qalet ukoll li darba, wara li xi ħadd kien qal lis-Sinjura Klara li l-belt ta' Assisi kienet se ċċedi[252], is-Sinjura sejħet lis-Sorijiet u qaltilhom: "Aħna rċevejna ħafna ġid minn din il-belt, u għalhekk aħna fid-dmir li nitolbu 'l Alla jħarisha". Qaltilhom għalhekk biex il-għada filgħodu jmorru għandha. Il-għada filgħodu s-Sorijiet ġew, kif kienet ikkmandathom, u qattgħu xi ħin magħha. Meta ġew, is-Sinjura ġiegħelithom iġibu l-irmied. Neħħiet il-velu minn rasha, u lis-Sorijiet ikkmandathom jagħmlu l-istess. Ħadet imbagħad l-irmied, u tefgħet gozz sewwa fuq rasha, li kienet għadha kemm qarwżet mill-ġdid. Wara dan għamlet l-irmied fuq ras is-Sorijiet kollha. Imbagħad ikkmandathom imorru l-kappella, jitolbu. U ġara li l-għada filgħodu l-armata, imkissra u megħluba, telqet. Minn dakinhar 'il quddiem il-belt ta' Assisi qatt aktar ma nħakmet minn xi armata. U f'dak il-jum ta' talb is-Sorijiet żammew l-astinenza, u samu ħobż u ilma; xi wħud minnhom lanqas biss daqu xejn. Mitluba tgħid xi kemm ilu li ġara dan, wieġbet li kien fi żmien Vitale de Aversa.

[434] 4 Qalet ukoll li darba minnhom, nhar il-"Calendimaggio", hi, ix-xhud, rat fil-ħoġor ta' Santa Klara, quddiem sidirha, tfajjel ċkejken li s-sbuħija tiegħu ma tistax titfisser bil-kliem. Ix-xhud stess li kienet rat dak it-tfajjel ħasset fiha ħlewwa li ma kienx possibbli tiddeskriviha. Hi temmen bla ebda dubju li dak it-tfajjel kien l-Iben ta' Alla. Qalet ukoll li mbagħad, ma' ras Santa Klara, rat żewġt iġwienaħ, jiddu bħax-xemx, li xi drabi kienu jogħlew 'il fuq, u drabi oħra kienu jgħattu ras is-Sinjura. Mitluba tgħid min aktar ra dan, wieġbet li hi biss kienet ratu, u qatt ma qalet xejn lil ħadd. Li ma kienx biex tfaħħar lill-Omm qaddisa, hi ma kienetx fi ħsiebha tirrivelah.

[435] 5 Ix-xhud irrakkontat ukoll kif Santa Klara ħelset, bis-sinjal tas-salib u t-talb tagħha, lil Swor Benvenuta tas-Sinjura Diambra mill-pjaga li kellha taħt dirgħajha, u lil Swor Cristiana min-nuqqas ta' smigħ, l-istess bħalma kienet qalet Swor Filippa qabel, u Swor Cristiana qalet fuqha nnifisha.

[436] 6 Qalet ukoll li darba rat it-tifel tas-sinjur Giovanni di Maestro Giovanni de Assisi, li ġabuh fil-monasteru għand Santa Klara għax kellu d-deni u l-iskrofuli. Il-qaddisa raddet fuqu s-salib, messitu u hekk ħelsitu. Mitluba tgħid kif kienet taf dan qalet li aktar tard kienet semgħet lil missieru jgħid fil-parlatorju li t-tfajjel kien ġie meħlus minnufih. Iżda x-xhud ma kienetx ratu qabel ma ġabuh fil-monasteru għand Santa Klara, imma ftit wara ratu, meta ġie lura fil-monasteru mfejjaq. Mistoqsija dwar kemm kellu żmien dak it-tfajjel, wieġbet: ħames snin. Mistoqsija wkoll dwar l-isem, wieġbet li ma tiftakarx.

---

[251] Meta nqabbluha max-xhieda preċedenti ta' l-istess fatt (ProcCan 2,20; 3,18; 4,14; 6,10; 7,6), din ix-xhieda ta' Swor Francesca, aktar dettaljata, turina kemm mhumiex eżatti xi tradizzjoni li sallum għadna nżommu dwar il-ġrajja. Santa Klara ma kienetx iġġorr la l-Ewkaristija, imma jingħad li "ġiegħelithom iġibulha l-kaxxa ż-żgħira" li fiha kien hemm l-Ewkaristija. Hi toqgħod maġneb il-bieb tar-refettorju ta' San Damiano u tinxteħet titlob quddiem l-Ewkaristija. Barra l-bieb sadanittant kien hemm diġà jiġġerrew is-"Saraċini" li kienu qabżu ċ-ċint tal-kjostru. Hi xbieha differenti ħafna mir-raffigurazzjoni tas-soltu ta' Santa Klara li tgħolli l-ostensorju mill-bieb għoli tad-dormitorju ta' San Damiano, u bid-dija ta' l-Ewkaristija tħarrab lit-truppi tal-merċenarji.

[252] *Tradita*, jiġifieri mogħtija lill-għedewwa, tradotta hawnhekk bil-verb "iċċedi" għaliex ma setgħetx tieqaf aktar għall-assedju. Għall-episodju, cfr. nota 45.

[437] 7 Ix-xhud qalet ukoll li meta kienet qed issofri minn marda serja ħafna, li attakkata f'rasha u kienet iġġiegħelha twerżaq ħafna, u tellfitilha l-memorja, hija għamlet wegħda lill-Omm qaddisa li kienet qorbot lejn tmiem ħajjitha, u waslet biex tgħaddi minn din il-ħajja. Inħelset malajr, dak il-ħin stess. Qatt aktar ma reġgħet ħasset xejn minn dik il-marda. Mitluba tgħid kemm kienet ilha fuqha dik il-marda, wieġbet: aktar minn sitt snin.

[438] 8 Ix-xhud qalet li darba minnhom is-Sinjura Klara, minħabba l-marda tagħha, ma kellhiex forza toħroġ mis-sodda. Hija xtaqet li jġibulha ċerta tvalja, iżda ma kien hemm ħadd li jista' jnewwilhielha, u l-qattusa ċ-ċkejkna tal-monasteru bdiet iġġebbed it-tvalja biex iġġibhielha mill-aħjar li setgħet. Imbagħad is-Sinjura qalet lill-qattusa: "Kattiva! Int ma tafx iġġibha: għax qiegħda tkaxkarha ma' l-art?" Imbagħad il-qattusa, bħallikieku kienet fehmet dak il-kliem, bdiet tgerbeb it-tvalja biex ma tmissx ma' l-art. Mitluba tgħid kif kienet taf dan, wieġbet li kienet is-Sinjura Klara stess li qalithulha.

[439] 9 Dwar il-korporali li kienet tagħmel mid-drapp li tinseġ, ix-xhud qalet li hi stess kienet għaddet ħamsin par; dawn tqassmu lil diversi knejjes, kif diġà intqal mix-xhud ta' qabel.

[440] 10 Ix-xhud qalet ukoll li darba minnhom, meta s-Sorijiet kienu ħasbu li l-Omm qaddisa kienet f'ħalq il-mewt, u s-saċerdot qarbinha bil-Ġisem tas-Sinjur tagħna Ġesù Kristu, hi, ix-xhud, rat dawl qawwi ħafna madwar ras l-Omm, Santa Klara. Dehrilha li l-Ġisem tal-Mulej kien tfajjel ċkejken u sabiħ ħafna. Meta l-Omm qaddisa tqarbnet b'devozzjoni kbira u bid-dmugħ, kif kienet id-drawwa tagħha, qalet dawn il-kelmiet: "Alla llum tani rigal hekk kbir li s-sema u l-art ma jitqabblux miegħu". Mitluba tgħid jekk kienx hemm Sorijiet oħrajn li raw dan, wieġbet li hi ma kienetx taf, iżda dwar x'rat hi kienet taf sewwa. Mistoqsija dwar meta ġara dan, wieġbet li kien qrib il-festa ta' San Martin, tliet snin ilu. Dwar il-ħin qalet li kien filgħodu, wara l-Quddiesa.

## L-GĦAXAR XHUD

[441] 1 SORA AGNESE DE MESSERE OPORTULO DE BERNARDINO DE ASSISI[253], soru tal-monasteru ta' San Damiano, qalet taħt ġurament li mindu hi, ix-xhud, daħlet fil-monasteru, meta kienet għadha tfajla żgħira ħafna, is-Sinjura Klara, li qabel kienet il-badessa tal-monasteru, kienet tilbes ħżiem magħmul mix-xagħar imgħaqqad taż-żwiemel. Qalet li s-Sinjura darba kienet silfithulha għal tlitt ijiem, iżda matul iż-żmien li libsitu hi, dehrilha li kien rozz ħafna, hekk li ma setgħetx tkompli tilbsu.

[442] 2 Ix-xhud qalet ukoll li b'ebda mod ma kien qatt jirnexxilha tesprimi l-umiltà. Il-qalb tajba, il-paċenzja, u l-kobor tal-ħajja qaddisa u l-virtujiet tas-Sinjura Klara, kif rathom hi stess matul iż-

[253] Agnese di Oportulo di Bernardo, li daħlet ċkejkna ħafna fil-monasteru ta' San Damiano qrib l-1220 (meta tixhed kienet ilha fil-monasteru 33 sena), skond A. FORTINI, *Nova Vita di San Francesco*, II, 530-532, kienet bint il-*podestà* ta' Assisi, Oportulo di Bernardo. Kien fi żmien dan il-*podestà*, fl-1225, li San Franġisk ikkompona l-istrofa tal-maħfra u tal-paċi ta' l-Għanja tal-Ħlejjaq, sabiex iħabbeb flimkien lil Bernardo de Oportulo u l-isqof Guido ta' Assisi, li kienu miġġeldin bejniethom (SP 101: FSF 1548). Ir-rakkont ta' *Speculum Perfectionis* jinsisti dwar il-fidi kbira u d-devozzjoni li l-*podestà* kellu lejn San Franġisk, hekk li qagħad jisma' bil-qima l-kant ta' l-istrofa tal-maħfra bilwieqfa bħallikieku qed jisma' l-Evanġelju. Ma nistagħġbux, għaliex hu kellu lil bintu ċ-ċkejkna, l-unika tifla li kellu flimkien ma' żewġ subien, li kienet ilha ħames snin magħluqa fil-klawsura mas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano.

żmien kollu li għexet fil-monasteru. Qalet li kien jidher li fiha kien hemm it-tajjeb kollu, u xejn xi tmaqdar, tant li wieħed jista' jgħoddha b'qaddisa. Mitluba tgħid kif kienet taf dan, wieġbet li dan setgħet tixhdu għax għaddiet madwar tlieta u tletin sena taħt il-kura tagħha.

[443] 3 Qalet li s-Sinjura Klara, b'ħafna dmugħ iġelben ma' ħaddejha, kienet iddum titlob ħafna wara l-Kumpieta. Għall-ħabta ta' nofs il-lejl ukoll kienet tqum titlob, meta kienet għadha f'saħħitha, u kienet tqajjem lis-Sorijiet billi iċċaqlaqhom fis-skiet. Kienet titlob b'qima kbira s-Sesta, għax kienet tgħid li kien f'dak il-ħin li sallbu l-Mulej.

[444] 4 Qalet ukoll li l-qaddisa kienet tgħakkes ħafna lil ġisimha bis-sawm. Mitluba tgħid kif kienet taf b'dan, wieġbet bħal qabel: kienet preżenti.

[445] 5 Qalet ukoll li jekk is-Sinjura Klara kienet tara lil xi waħda mis-Sorijiet issofri minn xi tentazzjoni, jew għaddejja minn xi prova, kienet issejħilha bil-kwiet, u tfarraġha bid-dmugħ f'għajnejha, u xi drabi kienet ukoll tinxteħet f'riġlejha. Mitluba tgħid kif kienet taf dan, wieġbet li ġie li rat xi wħud minn dawk li kienet issejjaħ biex tfarraġhom. Waħda minnhom kienet qaltilha li s-Sinjura kienet intefgħet f'riġlejha. Mistoqsija dwar l-isem ta' din is-soru, wieġbet li kienet Swor Illuminata minn Pisa, li issa kienet mietet.

[446] 6 Qalet ukoll li s-Sinjura kienet ta' umiltà hekk kbira li kienet taħsel riġlejn ħutha, u wkoll ir-riġlejn tas-Sorijiet li jservu barra l-monasteru. Darba minnhom, hija u taħsel riġlejn waħda minn dawn is-Sorijiet li jservu u riedet tbusilha riġlejha, kif kienet tagħmel is-soltu dik is-soru, bla ma riedet, laqtitha fuq ħalqha. Is-Sinjura ferħet b'dan, u bisitilha qiegħ riġlejha. Mitluba tgħid kif kienet taf dan, wieġbet li ratu b'għajnejha. Mistoqsija dwar meta ġara dan il-fatt, wieġbet li kien matul ir-Randan. Mistoqsija wkoll dwar il-ġurnata, qalet li kien il-Ħamis.

[447] 7 Qalet ukoll li għal ħafna żmien li matulu hi, ix-xhud, kienet fil-monasteru, is-Sinjura kellha ħasira bħala sodda, u taħt rasha ftit tiben biss; dan kien biżżejjed għaliha bħala sodda. Dan kienet tafu għax ratu b'għajnejha. Qalet ukoll li qabel daħlet fil-monasteru hi, ix-xhud, kienet semgħet li s-Sinjura Klara kellha sodda magħmula mill-għesieleġ, iżda wara li mardet kellha saqqu tat-tiben, għax hekk kien ikkmandaha San Franġisk.

[448] 8 Ix-xhud qalet ukoll li s-Sinjura Klara kienet titgħaxxaq tisma' l-Kelma ta' Alla. Għad li qatt ma kienet studjat il-letteratura, b'danakollu kienet tisma' bil-qalb priedki dottrinali. Ġurnata fost l-oħrajn, meta Fra Filippo d'Atri, ta' l-Ordni tal-patrijet Minuri[254], kien qed jippriedka, ix-xhud rat ħdejn Santa Klara tfajjel sabiħ ħafna, u dehrilha li kellu madwar tliet snin. Waqt li hi, ix-xhud, kienet qed titlob f'qalbha lil Alla biex ma jħallihiex tkun imqarrqa, semgħet din it-tweġiba f'qalbha: "Jiena ninsab f'nofshom" (cfr. Mt 18,20). B'dawn il-klemiet ried ifisser li t-tfajjel Ġesù Kristu ikun fost dawk li jgħallmu u dawk li jisimgħu, meta huma jippriedkaw u jisimgħu sewwa kif għandu jkun.

Mitluba tgħid xi kemm ilu dan il-fatt, wieġbet: madwar wieħed u għoxrin sena. Mistoqsija meta, wieġbet li kien matul il-ġimgħa ta' wara l-Għid meta jitkanta l-kliem: *Jiena r-Ragħaj it-tajjeb* (Ġw 10,11)[255]. Mitluba tgħid min kien preżenti, wieġbet: is-Sorijiet. Mistoqsija dwar jekk

[254] Cfr. nota 64.

[255] Kien it-tielet Ħadd wara l-Għid il-Kbir, li wara r-riforma liturġika jissejjaħ ir-raba' Ħadd ta' l-Għid, u li hu magħruf bħala l-Ħadd "tar-ragħaj it-tajjeb" minħabba li jinqara l-Evanġelju ta' Ġwann 10.

kienx hemm oħrajn li raw it-tfajjel, wieġbet li waħda mis-Sorijiet kienet qaltilha: "Naf li int rajt xi ħaġa". Mitluba tgħid xi kemm dam hemm dak it-tfajjel, wieġbet: matul il-biċċa l-kbira tal-ħin tal-priedka. Qalet li mbagħad donnu kien hemm bħal dija kbira madwar l-Omm qaddisa Klara, mhux bħallikieku xi ħaġa materjali, imma bħad-dawl leqqien tal-kwiekeb. Qalet ukoll li hi, x-xhud, minħabba dik id-dehra, xammet riħa ħelwa li ma kienetx kapaċi tfissirha bil-kliem.

Wara dan, rat dija li tgħammex, mhux ta' l-istess lewn bħal ta' l-ewwel, imma kollha ħmura hekk li bħal donnha kienet ittajjar xrar tan-nar. Dawwret lill-Omm qaddisa kollha kemm hi, u ksitilha rasha kollha. Ix-xhud li kienet qiegħda tiddubita minn dan, ħadet din it-tweġiba, mhux b'xi leħen, imma f'qalbha: *L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek* (Lq 1,35).

[449] 9 Qalet ukoll li, minħabba l-qawwa tat-talb ta' Santa Klara, kienet temmen li l-monasteru kien ġie meħlus mis-Saraċini u l-belt ta' Assisi mill-assalti ta' l-għedewwa; ix-xhud rat lill-Omm qaddisa Klara titlob b'umiltà kbira għal dan bid-dmugħ f'għajnejha, b'idejha marbuta flimkien, u għajnejha merfugħa lejn is-sema.

[450] 10 Qalet ukoll li meta Santa Klara kienet waslet biex titlaq, wissiet lix-xhud u lis-Sorijiet l-oħra biex jibqgħu jitolbu u hi, ix-xhud, qalet it-Talba tal-Ħames Pjagi tal-Mulej[256]. U kif setgħet tifhem – għax tkellmet ħafna minn taħt l-ilsien – hija kellha l-ħin kollu l-Passjoni fuq xofftejha, u hekk l-isem tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu. L-aħħar kelmiet li l-Omm qaddisa qalet lix-xhud kienu dawn: *Għażiża f'għajnejn il-Mulej hi l-mewt tal-qaddisin tiegħu* (cfr. S 115,15).

[451] 11 Qalet ukoll li darba minnhom, waqt li lill-Omm qaddisa kienet qed taħslilha riġlejha, ix-xhud, għax kienet insistiet, xorbot xi ftit mill-ilma li bih ħaslitilha riġlejha. Dehrilha li kien hekk ħelu u ta' togħma tajba li bil-kemm issib kliem biex tfisser din l-esperjenza. Mitluba tgħid jekk kienx hemm xi waħda oħra mis-Sorijiet li xorbot minn dak l-ilma, wieġbet li le, għax l-Omm qaddisa Klara armietu minnufih, hekk li ma kien fadal xejn x'idduq.

## IL-ĦDAX IL-XHUD

[452] 1 SORA BENVENUTA DE MADONNA DIAMBRA DE ASSISI, soru tal-monasteru ta' San Damiano, qalet taħt ġurament li hi x-xhud, kienet issofri minn pjaga serja taħt dirgħajha u kellha xi fistli f'sidirha li fihom kont tista' ddaħħal ħames swaba, iżda kellhom ħames irjus. Din il-marda kienet ilha ssofri minnha tnax il-sena. Darba bil-lejl marret bid-dmugħ f'għajnejha għand l-Omm qaddisa Klara titlobha l-għajnuna. L-Omm twajba, imqanqla minn mogħdrija kbira bħas-soltu, ħarġet mis-sodda, u nxteħtet għarkobbtejha, titlob lill-Mulej. Meta spiċċat tgħid it-talb, daret lejn ix-xhud, u, wara li raddet hi s-salib, għamlet is-sinjal tas-salib fuqha, u qalet il-Missierna, messitilha l-pjaga b'idejha, u ħelsitha minnufih minn dawk il-pjagi li donnhom ma setgħux jitfejjqu. Mitluba tgħid kemm ilu li ġara dan, wieġbet li, kif tikkalkula hi, ilu sentejn magħluqa f'Settembru li għadda. Qatt aktar ma reġgħet ħasset dik il-marda.

---

[256] Dak li nafu dwar din it-talba tal-Ħames Pjagi tal-Mulej, li tissemma wkoll fil-LegCl 30, jagħtihulna Z. LAZZERI, "L'orazione delle cinque piaghe recitata da santa Chiara", AFH 16 (1923) 246-249. L'awtur jagħtina wkoll ir-redazzjoni latina tal-kodiċi ta' Volterra tal-*Vita mirabile della serafica madre santa Chiara d'Assisi*, ta' Fra Mariano da Firenze, li ġej mill-ewwel nofs tas-seklu 16. Mill-ebda dokument ieħor ma jirriżulta li Santa Klara nnifisha kienet ikkomponiet dan it-talb, imma biss li kienet tgħidu, u ċertament f'redazzjoni ħafna iqsar minn dik li wasslitilha t-tradizzjoni.

[453] 2 Qalet ukoll li għaddew aktar minn disgħa u għoxrin sena minn mindu hi, ix-xhud, daħlet fil-monasteru. Sa minn dakinhar hija kienet dejjem taħt it-tmexxija ta' l-Omm l-aktar qaddisa, is-Sinjura Klara. Is-Sinjura għallmitha titlob 'l Alla fuq kollox, it-tieni għallmitha tqerr dnubietha kollha u tqerrhom ta' spiss, u kif għandha dejjem tiftakar fil-Passjoni tal-Mulej.

*Dwar il-ġrajjiet ta' l-għaġeb tal-kori tas-sema għall-mogħdija ferreħija ta' Santa Klara minn din il-ħajja għall-eternità*

[454] 3 Ix-xhud qalet ukoll li, sa minn filgħaxija tal-Ġimgħa, u s-Sibt ta' wara, li kien it-tielet jum qabel il-mewt tal-qaddisa[257], is-Sinjura Klara, ta' tifkira qaddisa, hi, ix-xhud, flimkien ma' Sorijiet oħra, qagħdu ħdejn is-sodda tas-Sinjura, jibku u jolfqu għax Omm bħal dik kienet waslet biex tħallihom. Is-Sinjura, li ma kienetx qiegħda tindirizza lil xi ħadd partikulari mis-Sorijiet, bdiet tirrikmanda ruħha u tgħid: "Mur fis-sliem, għax se jkollok min iħarsek sewwa. Dak li ħalqek, diġà ħaseb biex iqaddsek. Dak li ħalqek sawwab fik l-Ispirtu s-Santu, u mbagħad ħarsek bħalma omm tħares lil binha ċ-ċkejken nett".

Waħda mis-Sorijiet, Anastasia, meta staqsiet lis-Sinjura lil min kienet qiegħda tkellem u tgħid dak il-kliem, ħadet dan il-kliem bi tweġiba mingħand is-Sinjura: "Qed inkellem lil ruħi l-imbierka".

[455] 4 Imbagħad ix-xhud bdiet taħseb kollha ferħana dwar il-qdusija kbira u ta' l-għaġeb tas-Sinjura Klara. U f'dawk il-ħsibijiet dehrilha li l-kori tas-sema kienu qed jiċċaqilqu u jħejju biex iqimu lil din il-mara qaddisa. Is-Sinjura tagħna l-aktar qaddisa, l-Imqaddsa Verġni Marija, kienet b'mod speċjali qed tipprepara xi ħwejjeġ minn tagħha biex tlibbishom lill-qaddisa l-ġdida. Waqt li x-xhud kienet mitlufa f'dawn il-ħsibijiet u timmaġina dawn l-affarijiet, f'daqqa waħda rat b'għajnejha kotra kbira ta' verġni, kollha liebsa l-abjad u bil-kuruna fuq rashom, ġejjin u jidħlu mill-bieb ta' dik il-kamra fejn kienet l-Omm qaddisa, Klara. Fost dawn il-verġni kien hemm waħda li kienet akbar mill-oħrajn kollha, ħafna sabiħa, u bil-wisq isbaħ milli l-kliem jista' jfisser; il-kuruna li kienet liebsa hi kienet ħafna akbar minn ta' l-oħrajn kollha. Fuq il-kuruna kellha tuffieħa tad-deheb, f'għamla ta' ċensier, li minnu kien ħiereġ dawl ta' l-għaġeb li jdawwal id-dar kollha.

Dawn il-verġni resqu lejn is-sodda tal-qaddisa, is-Sinjura Klara, u dik il-verġni li kienet akbar mill-oħrajn, għall-ewwel għattiet is-sodda bi drapp fin u irqiq ħafna, hekk li s-Sinjura Klara għad li kienet mgħottija kollha kemm hi, b'danakollu xorta baqgħet tidher. Imbagħad il-Verġni tal-verġni, li kienet akbar, mejjlet wiċċha lejn Santa Klara, jew fuq sidirha, hekk li x-xhud ma setgħetx tagħraf sewwa waħda mill-oħra. Wara dan, kollha kemm huma ma dehrux aktar.

Mitluba tgħid jekk hi, ix-xhud, kienetx rieqda jew imqajjma f'dak il-ħin, wieġbet li kienet imqajjma u tħossha tajba. Kien filgħaxija, kif diġà ntqal. Mitluba tgħid min kien hemm preżenti, wieġbet li kien hemm ħafna Sorijiet, xi wħud kienu reqdin, oħrajn imqajjmin. Iżda ma setgħetx tgħid kienux raw dak li rat hi, għax ix-xhud qatt ma qalet xejn lil ħadd dwar dan, ħlief issa. Mitluba tgħid meta u f'liema jum ġara dan, wieġbet: il-Ġimgħa filgħaxija. L-Omm qaddisa, is-Sinjura Klara, mietet it-Tnejn ta' wara.

---

[257] Kien filgħaxija tat-8 ta' Awissu 1253. Cfr. nota 46.

[456] 5 Ix-xhud qalet ukoll li kull ma ntqal dwar il-qdusija tas-Sinjura Klara kien kollu kemm hu veru. Hija ma kienetx taf titkellem dwar qdusija li fis-Sinjura ma kienetx akbar. Kienet temmen li qatt ma kien hemm mara oħra ta' qdusija akbar milli kellha s-Sinjura, Santa Klara, ħlief is-Sinjura tagħna, l-Imqaddsa Verġni Marija. Hija kienet taf li kienet verġni, umli, kollha mħeġġa għall-imħabba ta' Alla, il-ħin kollu mehdija fit-talb u fil-kontemplazzjoni li ma jaqtgħux, dejjem ferħana fiċ-ċaħdiet mill-ikel u fil-ħruxija ta' l-ilbies, u ta' l-għaġeb fis-sawm u s-sahriet, hekk li ħafna mis-Sorijiet kienu jiskantaw kif kienet tista' tgħix bil-ftit ikel li kienet tieħu.

Kellha mogħdrija kbira għal kull min kien qed ibati, u qalb tajba u ġeneruża mas-Sorijiet kollha. Il-konversazzjoni tagħha kienet dejjem dwar Alla, u la kienet titkellem u lanqas trid tisma' dwar ħwejjeġ tad-dinja. Kienet ferm għaqlija u prudenti fit-tmexxija tal-monasteru u tas-Sorijiet bil-wisq aktar milli setgħet tgħid hi. Mitluba tgħid kif kienet taf dan kollu li semmiet, wieġbet li kienet ilha fil-monasteru għal disgħa u għoxrin sena sħaħ. Dawn l-affarijiet kollha rathom b'għajnejha u, li kien meħtieġ, kienet taf tagħti d-dettalji kollha.

## IT-TNAX IL-XHUD

[457] 1 SORA BEATRICE DE MESSERE FAVARONE DE ASSISI[258], soru tal-monasteru ta' San Damiano, qalet taħt ġurament li hi, ix-xhud, kienet l-oħt naturali tas-Sinjura Klara ta' tifkira qaddisa, li ħajjitha kienet, sa minn żogħritha, kważi anġelika; kienet verġni, u hekk baqgħet dejjem. Fit-twettieq ta' l-għemejjel ta' qdusija kienet ħafna bil-għaqal, hekk li l-fama ta' tjubitha xterdet ma' dawk kollha li kienu jafuha.

### *Il-konverżjoni ta' Santa Klara*

[458] 2 Qalet ukoll li, wara li San Franġisk kien sema' bil-fama tal-qdusija tagħha, ħafna drabi hu mar jgħidilha biex iħeġġiġha, hekk li l-Verġni Klara qagħdet għall-kelma tiegħu, ċaħdet id-dinja u dak kollu li hu ta' din l-art, marret taqdi 'l Alla mill-aktar fis possibbli.

[459] 3 Wara dan, biegħet il-wirt kollu tagħha, u parti wkoll minn dak tax-xhud, u tat kollox lill-foqra.

[460] 4 Imbagħad San Franġisk qatagħlha xagħarha quddiem l-altar tal-knisja tal-Verġni Marija, imsejħa l-Porziuncola, u wara bagħatha fil-knisja ta' San Paolo de Abbatissis[259]. Meta l-qraba tagħha riedu jkaxkruha 'l barra, is-Sinjura Klara ħatfet it-trieħi ta' l-aktar u kixfet rasha, u wriethom li kellha t-tonsura, u b'ebda mod ma qagħdet għalli riedu huma: la li joħduha minn hemm, u lanqas li tmur lura magħhom.

---

[258] Beatrice kienet it-tieni u l-aħħar waħda fost ħut Santa Klara, li daħlet fil-monasteru ta' San Damiano fl-1229.

[259] Il-knisja u l-monasteru Benedittin ta' San Paolo delle Abbadesse, fejn ittieħdet Klara wara li ikkonsagrat ħajjitha lil Alla fil-Porziuncola, kienu jinsabu qrib Bastia Umbra, xi 4 kilometri bogħod minn Assisi, u kienu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-isqof ta' Assisi. Bulla ta' Innoċenz III ta' l-1201, kienet tagħti lill-monasteru diversi privileġġi, fosthom id-dritt tal-kenn, u kienet tipprojbixxi taħt piena ta' skomunika li wieħed juża vjolenza, f'isem ġurisdizzjoni oħra li ma kienetx dik ekkleżjastika, fuq dawk li kienu jinsabu jgħixu fil-proprjetajiet tal-monasteru. (Cfr. A. FORTINI, "Nuove notizie intorno a Santa Chiara d'Assisi", AFH 46 (1953) 29-33). F'dan il-post ċertament Klara kienet tinsab fiż-żgur minn kull tentattiv tal-qraba tagħha li joħduha lura d-dar bil-vjolenza.

[461]  5 U mbagħad San Franġisk, Fra Filippo u Fra Bernardo ħaduha fil-knisja ta' Sant'Angelo di Panzo[260], fejn qagħdet biss għal xi żmien, u minn hemm għall-knisja ta' San Damiano fejn il-Mulej taha ħafna Sorijiet biex tieħu ħsieb tmexxihom hi. Mitluba tgħid kif kienet taf dawn l-affarijiet, wieġbet li, billi hi kienet oħtha, rat b'għajnejha xi affarijiet, u oħrajn semgħethom mingħand is-Sinjura Klara, u mingħand oħrajn ukoll. Mistoqsija dwar kemm ilu dan, wieġbet: madwar tnejn u erbgħin sena.

*Il-ħajja ta' Klara fil-monasteru*

[462]  6 Ix-xhud qalet ukoll li, billi s-Sinjura Klara kienet il-badessa tal-monasteru, hija ġabet ruħha bi qdusija u prudenza kbira fit-tmexxija tiegħu. Alla wera ħafna mirakli permezz tagħha, hekk li ħutha kollha u kull min kien jafha, kienu jqimuha bħala qaddisa. Mitluba tgħid fhiex kienet tikkonsisti l-qdusija tas-Sinjura Klara, wieġbet: fil-verġinità tagħha, l-umiltà u l-paċenzja, u l-qalb tajba li kellha; fil-korrezzjonijiet meħtieġa u t-twissijiet li kienet tagħmel lil ħutha; filli kienet dejjem mehdija fit-talb u l-kontemplazzjoni, fl-astinenzi u s-sawm, torqod fuq sodda ħarxa u tilbes ilbies rozz ukoll; filli kienet tmaqdar lilha nnifisha, kienet imħeġġa bl-imħabba ta' Alla u ħerqana għall-aħħar għall-martirju; fuq kollox, fl-imħabba tagħha għall-Privileġġ tal-Faqar.

[463]  7 Mitluba tgħid kif kienet taf dan kollu, wieġbet: għax ratha hi stess tagħmel dawn l-affarijiet, kienet oħtha naturali, u għaddiet madwar erbgħa u għoxrin sena fil-monasteru magħha. Żid ukoll li hi kienet iġġib ruħha u titkellem magħha bħala oħtha. Qalet ukoll li lsienha qatt ma seta' jgħid kull ma hemm x'jingħad dwar it-tjubija tas-Sinjura Klara, għax fiha veru kien hemm ħafna.

[464]  8 Mistoqsija dwar il-mirakli li l-Mulej Alla għamel permezz tagħha, wieġbet: wara li hija kienet trodd fuqhom is-sinjal tas-salib, Alla ħeles ħafna mis-Sorijiet permezz tagħha, u saru ħafna mirakli oħra: għax Alla, għat-talb tagħha, kien iddefenda l-monasteru mis-Saraċini, u l-belt ta' Assisi mill-assalti ta' l-għedewwa, kif kulħadd kien jaf u jemmen. Mitluba tgħid kif kienet taf dan kollu, wieġbet: għax hija rat b'għajnejha li meta talbet hi, is-Saraċini telqu bla ma għamlu ebda ħsara lil ħadd, lanqas lill-monasteru. U wara li talbet hi wkoll, l-armata li kienet fil-belt ta' Assisi, telqet il-għada stess.

[465]  9 Mistoqsija dwar il-ħelsien tas-Sorijiet mill-mard tagħhom, wieġbet li xi wħud ġew meħlusa mis-Sinjura Klara: Swor Benvenuta, Swor Cristiana, u oħrajn. Mitluba tgħid kif kienet taf dan, wieġbet li hi l-ewwel kienet rathom meta kienu morda, u f'qagħda gravi wkoll, u wara rathom qawwija u sħaħ.

---

[260] Il-knisja ta' Sant'Angelo di Panzo kienet tinsab fuq ix-xaqliba tal-lvant tal-Monte Subasio, taħt l-eremitaġġ ta' Le Carceri, xi nofs siegħa bogħod bil-mixi minn Assisi. Proprjament dan ma kienx monasteru ta' Sorijiet Benedittini, kif xi kultant jingħad, imma x'aktarx kien *reclusorio*, jiġifieri kunvent ċkejken ta' nisa penitenti li kienu jgħixu bħall-*Beghine*, u li aktar tard aċċettaw ir-Regola tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano, x'aktarx qabel l-1238. Illum il-ġurnata ma fadal xejn minn dan il-post, imma hemm villa privata li l-proprjetarju tagħha għadu jħares sala medjevali li llum hi mużew, u li x'aktarx kienet ir-refettorju ta' dan ir-*reclusorio*. Min qed jikteb in-nota kellu x-xorti li jżur dawn il-fdalijiet medjevali fl-1984 (Cfr. A. FORTINI, "Nuove notizie intorno a Santa Chiara d'Assisi", AFH 46 (1953) 33-36; F. SANTUCCI, "Sant'Angelo di Panzo presso Assisi", *Atti dell'Accademia Properziana del Subasio* 13 (1986), 83-112; M. BARTOLI, *Santa Chiara d'Assisi,* Roma 1989,78-80).

IT-TLITTAX IL-XHUD

[466] 1 SORA CRISTIANA DE MESSERE BERNARDO DA SUPPO DE ASSISI, soru tal-monasteru ta' San Damiano, qalet taħt ġurament l-istess bħalma qalet Swor Beatrice dwar il-ħajja u l-imġieba tagħha, u żiedet tgħid li l-verġni ta' Alla, Klara, ħalliet dar missierha fid-dinja b'mod tassew ta' l-għaġeb.

Billi ma riedetx toħroġ mill-bieb tas-soltu, għax beżgħet li ma kienux iħalluha tgħaddi, ħarġet minn bieb ieħor li kien imsakkar sewwa bi travi tqal u kolonna tal-ġebel li bilkemm kien jirnexxilhom ineħħuhom ħafna rġiel. U hi waħedha, bil-għajnuna ta' Ġesù Kristu, irnexxielha tneħħihom u tiftħu. Il-għada filgħodu, meta ħafna nies raw dak il-bieb miftuħ, stagħġbu mhux ftit kif daqsxejn ta' tfajla setgħet tagħmel dan.

Mitluba tgħid kif kienet taf dawn l-affarijiet, wieġbet li hi, ix-xhud, dik il-ħabta kienet tgħix f'dik id-dar, u qabel kienet magħha u kienet tafha sewwa, għax kienet tgħix magħha f'Assisi. Mistoqsija dwar kemm ilu dan il-fatt, wieġbet li kien ilu tnejn u erbgħin sena jew ftit aktar. Mistoqsija wkoll dwar kemm żmien kellha Santa Klara dik il-ħabta, wieġbet li, kif kien jingħad, kellha tmintax il-sena.

[467] 2 Qalet ukoll li meta kienet għadha f'dar missierha, kulħadd kien iżommha bħala tfajla onesta u qaddisa, u li erbgħa u tlietin sena ilu hi, ix-xhud, fix-xahar ta' Mejju, kienet daħlet fil-monasteru, u għexet taħt id-dixxiplina u t-tmexxija tagħha. Il-qdusija tas-Sinjura Klara kienet iddawal il-monasteru, u hija iffurmat lis-Sorijiet fil-virtujiet kollha u d-drawwiet tajba li wieħed jistenna li jkunu mżejnin bihom in-nisa qaddisa.

[468] 3 Ix-xhud qalet li hi setgħet twieġeb b'mod sħiħ u bil-verità kollha dwar dawk il-virtujiet li xi ħadd kellu jitlobha tagħti dettalji dwarhom. L-aktar ħaġa importanti kienet li s-Sinjura Klara kienet imħeġġa b'imħabba ta' l-għaġeb, u li lil ħutha kienet tħobbhom bħalma tħobb lilha nnifisha. Meta xi darba kienet tisma' xi ħaġa li ma kienetx togħġob lil Alla, kienet tara kif twissi dwarha b'mogħdrija kbira u bla dewmien. Billi hi kienet ta' dan it-tip, u kienet hekk qaddisa u mżejna bil-virtù, Alla riedha li tkun l-ewwel Omm u għalliema ta' l-Ordni. Hija ipproteġiet il-monasteru, l-Ordni u lilha nnifisha minn kull tinġis tad-dnub, hekk li t-tifkira tagħha tibqa' tinżamm għal dejjem b'qima kbira. Is-Sorijiet kollha huma konvinti li l-Omm qaddisa qed titlob 'l Alla għalihom fis-sema, hi li fuq l-art, b'tant prudenza, tjubija u għassa qaddisa mexxiethom fir-Reliġjon u wettqithom fil-fehma li jgħixu l-faqar. Mitluba tgħid kif kienet taf dawn l-affarijiet, wieġbet li hi rathom b'għajnejha, u li kienet ilha tgħix fil-monasteru għat-tul ta' żmien li diġà semmiet, u li qabel dan, hija għexet magħha, u kienet tafha sew, kif intqal qabel.

[469] 4 Dwar l-ilbies rozz u ċ-ċilizzji, l-astinenzi u t-talb, qalet li ma semgħet qatt dwar xi ħadd li kien bħalha f'din id-dinja, jew li xi ħadd għaddiha f'dawn l-affarijiet; dan kollu kienet tafu tajjeb, għax ratu b'għajnejha.

[470] 5 Tenniet l-istess kliem li kienet qalet Swor Bonaventura dwar kif ġiet meħlusa mill-fistli li kellha, għax kienet preżenti.

[471] 6 Qalet ukoll bħalma kienet qalet Swor Amata dwar kif ġiet meħlusa mill-idropisija, għax kienet preżenti.

[472] 7 U dwar il-ħelsien ta’ Swor Cristiana qalet l-istess ħaġa bħalha.

[473] 8 Anke dwar il-ħelsien ta’ Swor Andrea da Ferrara, qalet l-istess kliem li kienet qalet Swor Filippa.

[474] 9 Fix-xhieda tagħha qablet ukoll ma’ dak li qalet Swor Filippa dwar it-talb li sar għall-ħelsien tal-belt ta’ Assisi li kienet imdawwra mill-għedewwa. Żiedet tgħid li hi, ix-xhud, kienet dik li, bi kmand ta’ l-Omm qaddisa Klara, marret issejjaħ lis-Sorijiet biex joqogħdu jitolbu.

[475] 10 Qalet ukoll li s-Sinjura Klara, matul il-marda li minħabba fiha għaddiet minn din il-ħajja, qatt ma waqfet tfaħħar ‘l Alla, twissi lil ħutha dwar il-ħarsien perfett ta’ l-Ordni, u b’mod speċjali biex iħobbu l-faqar. Mitluba tgħid kif kienet taf dan kollu, wieġbet li ħafna drabi, hija kienet hemm, preżenti.

[476] 11 Ix-xhud qalet ukoll li, meta ġiet biex tbigħ il-wirt tagħha, il-qraba tas-Sinjura Klara riedu jagħtuha prezz ogħla milli jagħtiha ħaddieħor, iżda hi ma riedetx tbiegħu lilhom, imma biegħetu lil oħrajn, biex il-foqra ma jiġux misruqa bil-qerq. Kull ma qalgħet mill-bejgħ ta’ wirtha, qassmitu lill-foqra. Mitluba tgħid kif kienet taf dan, wieġbet: għax dan ratu u semgħetu.

## L-ERBATAX IL-XHUD

[477] 1 SORA ANGELUCCIA DE MESSERE ANGELEIO DA SPOLETO, soru tal-monasteru ta’ San Damiano, qalet taħt ġurament li hi, ix-xhud, kienet ilha tmienja u għoxrin sena fil-monasteru ta’ San Damiano, u tul dan iż-żmien kollu li hija għaddiet fil-monasteru taħt it-temxxija tas-Sinjura Klara, ta’ tifkira qaddisa, hija rat kotra hekk kbira ta’ għemejjel tajba fiha, li setgħet tgħid fis-sewwa kollu kull ma jista’ jingħad dwar kwalunkwe qaddis jew qaddisa fis-sema.

[478] 2 Mitluba tgħid liema kienu dawn l-għemejjel tajba, wieġbet li meta daħlet fil-monasteru hi, ix-xhud, is-Sinjura Klara kienet marida, u b’danakollu mal-lejl kienet tqum mis-sodda u tgħaddi ħafna ħin f’sahriet ta’ talb waqt li xxerred ħafna dmugħ. L-istess kienet tagħmel filgħodu għall-ħabta tal-ħin tat-Terza.

[479] 3 Kienet konvinta li kien bil-qawwa tat-talb tagħha li darba minnhom il-monasteru ġie meħlus mill-attakki tas-Saraċini, li kienu għadhom kif niżlu fil-klawsura tal-monasteru. U darb’oħra wkoll, hija ħelset il-belt ta’ Assisi mill-assedju ta’ l-għedewwa.

[480] 4 Qalet ukoll li l-umiltà tagħha u l-qalb tajba ma’ ħutha, il-paċenzja u l-qawwa fit-tiġrib, l-awsterità tal-ħajja, ir-rażan sħiħ fl-ikel u l-ilbies, il-karità kbira tagħha ma’ kulħadd, il-prudenza u l-għaqal filli tħeġġeġ lis-Sorijiet li kienu sudditi tagħha, il-mod ħelu u ġentili li bih kienet twissi lil ħutha, u ħafna ħwejjeġ oħra tajba u qaddisa kienu hekk kbar fis-Sinjura Klara, li hi b’ilsienha ma kienetx kapaċi tfissirhom jew b’xi mod tfiehemhom: fiha kien hemm qdusija ħafna aktar milli hi setgħet qatt tgħid. U l-istess ħaġa tgħid dwar l-imħabba għall-faqar, li kienet tħares bl-akbar reqqa. Mitluba tgħid kif kienet taf dawn il-ħwejjeġ, wieġbet: għax hija kienet magħha għal dan iż-żmien kollu, u rat b’għajnejha l-qdusija ta’ ħajjitha, kif kienet diġà semmiet.

[481] 5 Ħadd mis-Sorijiet ma kellu l-iċken dubju li Alla kien għamel ħafna mirakli permezz tagħha, anke meta kienet għadha ħajja, kif intqal qabel. Mistoqsija dwar kif saret taf dan, wieġbet: għax rat hi stess meta Swor Benvenuta ġiet meħlusa minnufih mill-pjagi li kellha hekk kif is-Sinjura Klara raddet fuqha s-sinjal tas-salib b'idejha. Semgħet ukoll li ħafna Sorijiet oħra, kif ukoll nies minn barra l-monasteru, ġew meħlusa bl-istess mod.

[482] 6 Ix-xhud rat ukoll meta, hu u jingħalaq il-bieb tal-palazz, jiġifieri tal-monasteru, waqa' fuq is-Sinjura Klara. Is-Sorijiet beżgħu ħafna, għax ħasbu li l-bieb kien qatilha, u bdew jibku u jgħajjtu. Iżda s-Sinjura ma ġralha ebda deni, u qalet li lanqas biss ħasset it-toqol ta' dak il-bieb – bieb hekk tqil li tliet patrijiet bilkemm felħu jqiegħduh f'postu. Mitluba tgħid kif taf dan, wieġbet: għax rat kollox u kienet hemm, preżenti. Mistoqsija dwar kemm ilu li ġara dan, wieġbet: kważi erba' snin. Mistoqsija dwar il-ġurnata, qalet li kien fl-ottava ta' San Pietru, il-Ħadd filgħaxija. U mbagħad, meta semgħu l-għajjat, is-Sorijiet ġew malajr, malajr, u sabu li l-bieb kien għadu fuqha, għax hi, x-xhud, ma setgħetx terfgħu waħedha.

[483] 7 Ix-xhud qalet ukoll li l-mewt tas-Sinjura Klara kienet tassew ta' l-għaġeb u glorjuża, għax lejla waħda, qabel ma mietet, bdiet titkellem fuq it-Trinità u tgħid kliem ieħor, għoli u misterjuż dwar Alla li imqar ħafna nies għorrief ma kienx jirnexxilhom jifhmuh; qalet ukoll ħafna ħwejjeġ oħra. Mistoqsija dwar xi kliem ieħor kien li qalet, wieġbet bħalma kienet wieġbet qabel Swor Filippa.

[484] 8 Ix-xhud qalet ukoll li darba minnhom, meta l-Omm qaddisa, is-Sinjura Klara, semgħet jitkanta l-kliem ta' l-antifona li titkanta wara l-Għid: "Rajt l-ilma ħiereġ min-naħa tal-lemin tat-tempju"[261], faret bil-ferħ, u żammitha f'moħħha. U wara l-ikel u wara l-Kumpieta kienet trid li jagħtu lilha u lil ħutha l-ilma mbierek, u kienet tgħidilhom: "Ħuti u uliedi, għandkom dejjem tiftakru u żżommu quddiem għajnejkom l-ilma li ħareġ minn ġenb il-Mulej Ġesù Kristu waqt li kien imdendel fuq is-salib".

[485] 9 Qalet ukoll li meta l-Omm l-aktar qaddisa kienet tibgħat lis-Sorijiet li jservu barra l-monasteru, kienet tfakkarhom biex ifaħħru 'l Alla meta jaraw is-siġar sbieħ bil-fjuri u l-weraq iħaddar. U kienet tgħidilhom ukoll biex meta jaraw il-bnedmin u l-ħlejjaq l-oħra, dejjem ifaħħru 'l Alla għal kollox u fil-ħwejjeġ kollha[262].

---

[261] Din hi l-famuża antifona *Vidi aquam egredientem de templo a latere dextro*, li tintuża waqt it-tberik u t-traxxix ta' l-ilma fil-Vġili ta' l-Għid il-Kbir u fi żmien il-Għid.

[262] Bħal Franġisku, Klara wkoll, f'kull ħlejqa, fil-"ħaxix aħdar u fjuri sbieħ", kif ukoll fil-bnedmin u fil-ħlejjaq kollha, kienet tara "dik it-tjubija qisha għajn ta' ilma li tnixxi, u li għad tkun kollox f'kulħadd" (2C 165: FSF 889). Franiġisku, "fil-ħwejjeġ sbieħ kien jikkontempla lill-Aktar Sabiħ, u, huwa u jimxi fuq il-marki tal-passi tiegħu stampati f'kull ħlejqa, kien imur wara l-Maħbub tiegħu kullimkien" (LM 9,1: FSF 1218). Il-klawsura għal Klara mhux biss ma għalqitilhiex qalbha ġewwa, imma hi fehmet il-veru skop tagħha, jiġifieri dak li twessa' lill-qalb u tagħmilha aktar safja u ċara, hekk li tkun tista' tfaħħar lil Alla "għal kollox u fil-ħwejjeġ kollha". Din hi l-libertà Franġiskana, li wieħed ikun jista' jinqeda b'mod ħieles mill-ħwejjeġ kollha, għat-tifħir ta' Alla, u li ma juża l-ebda ħaġa għal skopijiet egoistiċi jew għax jaqbel lilu personalment. Dan kien il-mod kif Klara kienet tħossha profondament fi qbil, jew aħjar, f'komunjoni ma' l-univers, fi Kristu li hu l-"milja" (Kol 1,19) u li fih jiġbor u jwassal għat-tmiem is-sbuħija ta' l-eżistenza f'kull krejatura.

[486] 1 Fil-jum tat-tmienja u għoxrin ta' Novembru, fl-infermerija tal-monasteru, quddiem Fra Marco u Swor Filippa, u s-Sorijiet l-oħra[263], SORA BALVINA DA PORZANO, soru tal-monasteru ta' San Damiano, qalet taħt ġurament, b'mod għal kollox sħiħ, kull ma kienet taf dwar il-qdusija tal-ħajja tas-Sinjura Klara, u t-tjubija kbira tagħha.

[487] 2 Qalet ukoll li hi, ix-xhud, kienet rat dak il-bieb fuq l-Omm Santa Klara, meta waqa' fuqha, u li kien għadu ma ġiex imneħħi. Qalet li dak il-bieb ma kien għamlilha ebda deni, u kien fuqha qisu xi mantell. Ix-xhud qalet ukoll li dak il-bieb kien tqil ħafna, u li hi mas-Sorijiet l-oħra, ġriet malli semgħet l-għajjat ta' Swor Angeluccia, imma kollha beżgħu li dak il-bieb kien għaffigħa għall-mewt. Mistoqsija dwar iż-żmien, wieġbet li kien ilu madwar seba' snin li ġara dan.

* * *

[488] 1 Fl-istess jum ukoll, fit-tmienja u għoxrin ta' Novembru, fil-palazz tal-kjostru tal-monasteru ta' San Damiano, fil-preżenza ta' messere Leonardo, Arċidjaknu ta' Spoleto, Don Iacobo, kappillan ta' Trevi, li kien jakkompanja lil messere Bartolomeo, Isqof ta' Spoleto, u Fra Marco ta' l-Ordni tal-patrijiet minuri, kappillan tal-monasteru, inġabru flimkien is-Sorijiet klawstrali kollha li jgħixu fil-monasteru ta' San Damiano. Wara li xi Sorijiet qalu l-verità taħt ġurament u taw ix-xhieda tagħhom dwar il-ħajja, il-konverżjoni u l-mod kif kienet tgħix is-Sinjura Klara, ta' tifkira qaddisa, il-mirakli li ntqal li kienu saru għall-merti tagħha, is-Sinjura Swor Benedetta[264], li kienet il-badessa, flimkien mas-Sorijiet l-oħra tal-monasteru ta' San Damiano, kollha qablu filli jgħidu, fil-preżenza tal-missier wisq meqjum, messere Isqof ta' Spoleto, li dak kollu li kien hemm ta' qdusija fi kwalunkwe mara qaddisa, ħlief il-Verġni Marija, jista' jingħad bil-verità kollha u tingħata xhieda fuqu, li kien ukoll fis-Sinjura Klara, ta' tifkira qaddisa, li qabel kienet badessa u Omm l-aktar qaddisa tagħhom.

[263] Erbat ijiem wara l-bidu tal-Proċess, nhar it-28 ta' Novembru, it-tribunal mar fl-infermerija ta' San Damiano, biex jiġbor ix-xhieda tal-ħmistax il-waħda fost is-Sorijiet li kienu jafu lil Klara, Swor Balvina di Porzano. Quddiem is-Sorijiet miġbura jirċievi x-xhieda fra Marco, kappillan tal-monasteru. Fl-istess jum, it-tribunal bil-membri kollha tiegħu, fil-kjostru ta' San Damiano, ġabar ix-xhieda globali tas-Sorijiet l-oħrajn li, bil-fomm tal-Badessa Benedetta, iddikjaraw ruħhom lesti biex jaħilfu dwar il-qdusija tas-Sinjura Klara.

[264] Swor Benedetta, li saret Badessa wara Santa Klara – li fis-seklu kien jisimha Ginevra di Giorgio di Ugone di Tebalduccio – kienet membru ta' waħda mill-aktar familji nobbli ta' Assisi. Isimha jinsab fil-lista tas-Sorijiet preżenti f'San Damiano fl-1238 (cfr. nota 18). Kienet hi li ikkummissjonat il-Kurċifiss kbir li hemm fl-abside tal-Bażilika ta' Santa Klara, li fih, maġenb riġlejn Kristu msallab, fuq ix-xellug ta' San Franġisk, tidher il-figura ta' Swor Benedetta għarkubbtejha f'atteġġjament ta' talb u mdawwra bil-kelmiet: *Domina Benedicta, post sanctam Claram prima abbatissa, me fecit* ("Is-Sinjura Benedetta, l-ewwel Badessa wara Santa Klara, għamlitni": F. CASOLINI, *Il Protomonastero di Santa Chiara in Assisi,* Milano 1950, 75-76). Fra Leone u Fra Angelo irrikmandaw lil *Domine Benedicte abbatisse pauperum dominarum monasterii sanctae Clarae* ("Sinjura Benedetta, Badessa tas-Sorijiet Foqra tal-monasteru ta' Santa Klara") il-brevjar li kien juża San Franġisk (fol. 1v), li llum għadu mħares fost ir-relikwi tal-Bażilika ta' Santa Klara f'Assisi. Lejha jdur, bi kliem mimli stima, f'Bulla l-Papa Alessandru IV (*Bullarium Franciscanum* II,253). Mietet fl-1260 (cfr. A. FORTINI, *Nova Vita di San Francesco,* Santa Maria degli Angeli, Assisi 1959, II,293). Skond Mariano da Firenze, *Libro delle dignità et excellentie,* 153-154 u Luke Wadding, *Annales Minorum* I, ad ann. 1214, n. 34, 237-238, Swor Benedetta daħlet f'San Damiano fl-1214. LAZZERI, *Il Processo di canonizzazione,* 486, nota 2, jaħseb li hi ma setgħetx tagħti xhieda personali dwar Klara billi kienet għamlet diversi snin barra San Damiano, biex tgħin fil-formazzjoni ta' monasteri ġodda. Bħala sintesi ta' dettalji dwar Swor Benedetta, cfr. M. BIGARONI – H.R. MEIER – E. LUNGHI, *La Basilica di Santa Chiara in Assisi,* Quattroemme, Ponte San Giovanni 1994, 151.

## IS-SITTAX IL-XHUD

[489] 1 Fl-istess jum, fil-knisja ta' San Paolo ta' Assisi[265], quddiem il-miqjum messere l-Isqof ta' Spoleto, kif ukoll fil-preżenza ta' Andriolo de Bartolo, Vianello del Benvenuto Lucchese, u ħafna oħrajn, MESSERE UGOLINO DE PIETRO GIRARDONE[266], kavallier ta' Assisi, taħt ġurament tkellem dwar il-ħajja, il-konverżjoni, il-mod kif kienet tgħix, u l-mirakli li jingħad li saru għall-merti tas-Sinjura Klara, ta' tifkira qaddisa. Huwa qal li s-Sinjura Klara kienet ġejja minn familja mill-aktar nobbli ta' Assisi, għax messere Offreduccio de Bernardino kien nannuha, u messere Favarone, missier Santa Klara, kien ibnu.

[490] 2 Din Santa Klara kienet verġni, u ta' ħajja tajba u onesta għall-aħħar sa minn meta kienet għadha f'dar missierha, u kienet twajba u ħelwa ma' kulħadd. Bħalma San Franġisk kien l-ewwel wieħed fl-Ordni tal-patrijiet minuri li, hu, bl-għajnuna ta' Alla, waqqaf u beda, hekk din il-verġni qaddisa Klara, kif ried Alla nnifsu, kienet l-ewwel waħda fl-Ordni tan-nisa klawstrali. U hi mexxiet l-Ordni bi qdusija u tjubija kbira, kif kulħadd ra u xehed pubblikament.

[491] 3 Qal ukoll li, kif jaf kulħadd, il-verġni Santa Klara daħlet fir-Reliġjon wara li semgħet il-priedki ta' San Franġisk, u qagħdet għat-twissijiet tiegħu.

[492] 4 Ix-xhud qal ukoll li hu kien ħalla 'l martu, is-Sinjura Giudizia, u bagħatha lura f'dar missierha u ommha, u dam mingħajrha għal tnejn u għoxrin sena u aktar, u ħadd ma rnexxielu jipperswadih jiddeċiedi jibgħat għaliha, u jilqagħha lura f'daru, għad li kien imwissi jagħmel dan ħafna drabi, anke minn persuni reliġjużi. Fl-aħħar xi ħadd mar jgħidlu, f'isem is-Sinjura Santa Klara, li hi kellha viżjoni dwar messere Ugolino li kellu bla dewmien joħodha lura lil martu, u kien ser ikollu minnha iben li jġiblu ferħ u faraġ kbir. Meta x-xhud sema' dan, iddispjaċih ħafna. Iżda ftit jiem wara ħassu bħal misjuq minn xewqa mħeġġa, u għalhekk qatagħha li jibgħat għaliha, u jieħu lura l-mara li kien ħalla. Imbagħad, kif is-Sinjura Santa Klara kienet rat fil-viżjoni, minnha tabilħaqq kellu tifel, li kien għadu ħaj, u li kien għalih għajn ta' ferħ kbir, u ta' ħafna faraġ.

[493] 5 Mistoqsi kienx ra lis-Sinjura Klara fid-dar ta' missierha u ommha, bħalma ntqal qabel, wieġeb: iva, hu kien raha ġġib ruħha b'manjiera qaddisa u tassew onesta, kif kien diġà ntqal.

[494] 6 Mistoqsi dar kif kien jaf li l-verġni ta' Alla, Klara, kienet daħlet fir-Reliġjon għaax semgħet il-predikazzjoni ta' San Franġisk, wieġeb li dan kien fatt magħruf pubblikament, u kulħadd kien jaf bih. Huwa kien sema' li San Franġisk taha t-tonsura fil-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola. Wara li daħlet fil-monasteru ta' San Damiano, huwa kien sema', u hekk jidher u hu magħruf, li hija kienet ta' ħajja verament qaddisa u tajba fl-Ordni tagħha, daqs kull qaddis jew qaddisa li hemm fil-ġenna.

---

[265] Fl-istess ġurnata, 28 ta' Novembru 1253, it-tribunal ittrasferixxa ruħu definittivament minn San Damiano fil-knisja ta' San Paolo f'Assisi, biex jiġbor ix-xhieda ta' xi ċittadini ta' Assisi li kellhom tifkiriet partikulari dwar Santa Klara.
[266] Dwar Ugolino di Pietro Girardone id-dokumenti ħallewlna ħafna materjal informattiv (cfr. A. FORTINI, *Nova Vita di San Francesco*, II, 322-323). Kien ċittadin importanti minn Assisi, u kien ġej mill-istess *contrada* ta' San Rufino fejn kienet toqgħod il-familja ta' Klara. Hu dam mifrud għal 22 sena minn martu Guiduccia, kif hu stess jixhed, u minn Santa Klara irċieva l-aħbar li kellu mill-ġdid jingħaqad ma' martu.

Fl-istess siegħa u post, fil-preżenza tax-xhieda, messere Angelo de Pelcio u Bonamanzia Barbieri, u quddiem l-imsemmi messere Isqof ta' Spoleto, is-Sinjura Bona de Guelfuccio, Ranieri de Bernardo, u Pietro de Damiano, tkellmu taħt ġurament dwar il-ħajja, il-konverżjoni, il-mod kif kienet tgħix, u l-mirakli ta' Santa Klara.

## IS-SBATAX IL-XHUD

[495] 1 MADONNA BONA DE GUELFUCCIO DE ASSISI[267], qalet taħt ġurament li kienet taf lil Santa Klara sa minn meta kienet għadha f'dar missierha, għax hi kienet toqgħod titkellem magħha u tgħix fl-istess dar tagħha. Kienet tabilħaqq konvinta li, għall-qdusija kbira tal-ħajja li għexet, kemm qabel kif ukoll wara li daħlet fir-Reliġjon, hija ġiet imqaddsa f'ġuf ommha. Barra dan, l-ikel li kienet tgħid li kienet tiekol hi, kienet tibgħatu lill-foqra; u hi, ix-xhud, xehdet li ħadithulhom kemm il-darba.

[496] 2 Is-Sinjura Klara kienet miżmuma minn kulħadd bħala verġni l-aktar safja, u kellha ħeġġa kbira ta' l-ispirtu biex isservi 'l Alla u togħġbu f'kollox.

[497] 3 Minħabba f'hekk, ix-xhud akkompanjatha ħafna drabi biex tmur tkellem lil San Franġisk, u kienet tmur bil-moħbi, biex il-ġenituri tagħha ma jsirux jafu b'dan. Mistoqsija dwar x'kien qalilha San Franġisk, wieġbet li kien dejjem iħeġġiġha biex tikkonverti għal Ġesù Kristu, u l-istess kien jgħidilha Fra Filippo. Hija kienet toqgħod tisimgħu bil-qalb, u minn rajha qagħdet għall-pariri tajba li taha.

[498] 4 Qalet li meta daħlet fir-Reliġjon, kienet tfajla ta' tmintax il-sena. L-hena tagħha kien li toqgħod id-dar, moħbija, u ma kienetx trid toqgħod fejn kull min jgħaddi minn quddiem id-dar iħares lejha. Kienet ta' qalb tajba ma' kulħadd, u dejjem mehdija fl-għemejjel tajba. Mitluba tgħid kif saret taf b'dawn l-affarijiet li semmiet, wieġbet: għax kienet toqgħod titkellem magħha.

[499] 5 Mitluba tgħid kif ġrat il-konverżjoni tas-Sinjura Klara, wieġbet li San Franġisk kien qatagħlha xagħarha fil-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola, kif kienet semgħet, għax hi, ix-xhud, ma kienetx preżenti, billi kienet diġà telqet lejn Ruma fejn marret tagħmel ir-Randan.

[500] 6 Qalet ukoll li s-Sinjura Klara, qabel ma qatagħla xagħarha, kienet bagħtitha biex iżżur il-knisja ta' San Ġakbu[268], għax is-Sinjura Klara kienet mimlija bil-grazzja, u riedet lill-oħrajn ikunu wkoll hekk mimlijin, bħalha.

---

[267] Bona kienet oħt Pacifica, l-ewwel xhud tal-Proċess (cfr. nota 11). Kienet is-sieħba li fiha Klara kienet uriet l-akbar fiduċja, hekk li kienet takkumpanja lil Klara fil-laqgħat sigrieti tagħha ma' San Franġisk (ProcCan 17,3). Imma Bona ma akkumpanjatx lil Klara personalment lejn il-Porziuncola fil-lejl li fih din ħarġet mid-dar tal-familja biex tikkonsagra ħajjitha lil Alla. Bona, fil-fatt, kienet tinsab f'Ruma, fejn kienet marret f'pellegrinaġġ dak ir-Randan (ProcCan 17,5).

[268] San Ġakbu ta' Compostella fil-Galizia, fi Spanja, wieħed mill-aktar santwarji magħrufin li fih kienu jsiru pellegrinaġġi fil-Medjuevu, u li għadu famuż sal-ġurnata tallum bħala ċentru ta' pellegrinaġġ.

[501] 7 Is-Sinjura Klara, meta kienet għadha fis-seklu, tat lix-xhud, b'devozzjoni, ammont ta' flus, u qaltilha biex tmur tagħtihom lil dawk li kienu qed jaħdmu f'Santa Marija tal-Porziuncola biex bihom jixtru l-laħam[269].

[502] 8 Qalet li l-qdusija ta' Santa Klara kienet tant kbira li hi f'qalbha kellha kotra bla tarf ta' affarijiet li ma kienetx taf kif taqbad tfissirhom bil-kliem, għax li titkellem dwar l-Omm qaddisa Klara dejjem jisfa ta' tagħlim għall-oħrajn.

## IT-TMINTAX IL-XHUD

[503] 1 MESSERE RANIERI DE BERNARDO DE ASSISI, qal taħt ġurament li ma kellu ebda dubju dwar il-qdusija tas-Sinjura Santa Klara, ta' tifkira qaddisa. U lanqas ma kien jiddubita li fil-ġenna hija diġà qaddisa. Jekk xi ħadd jiddubita minnha, żgur m'hemm ħadd li dwaru jew dwarha tista' temmen xi ħaġa. Għalih kien aktar faċli jemmen li l-fidi tagħna hi bla valur milli jiddubita mill-qdusija tagħha. Għax hu, ix-xhud, kien jaf lis-Sinjura Klara meta kienet għadha tifla żgħira f'dar missierha. Qal ukoll li hija kienet dejjem verġni, u sa mill-bidunett tal-ħajja tagħha, dejjem għamlet attenzjoni kbira biex tagħmel għemejjel ta' qdusija, qisha ġiet imqaddsa f'ġuf ommha.

[504] 2 Kienet mara wiċċha sabiħ, u għalhekk bdew jaħsbu biex jagħżlulha raġel. Ħafna minn qrabatha talbuha taċċetta li tiżżewweġ, iżda hija qatt ma riedet tgħid iva. Ix-xhud stess kien talabha kemm il-darba biex taċċetta dan, iżda hi lanqas biss riedet tisma'; anzi lilu hi kienet tħeġġu biex iħalli d-dinja. Mitlub jgħid kif jaf dawn l-affarijiet, wieġeb: għax martu kienet tiġi mis-Sinjura Klara, u għax hu kien jitkellem magħha kunfidenzjalment f'darha, u ra hu stess l-għemejjel tajba tagħha li ssemmew aktar 'il fuq.

[505] 3 Mitlub jgħid x'għemejjel tajba kienet tagħmel, huwa qal li kienet issum, titlob, u kienet tagħti bil-qalb il-karità kemm setgħet. U meta kienet tkun bilqiegħda ma' tad-dar, id-diskors tagħha kien dejjem fuq il-ħwejjeġ ta' Alla; riedet ukoll li, mill-aktar fis possibbli, San Franġisk jaqtagħlha xagħarha. Meta l-familjari tagħha riedu joħduha b'saħħa minn San Paolo u jreġġgħuha lura lejn Assisi, b'ebda mod ma rnexxielhom, għax ma ridtix, u wriethom xagħarha maqtugħ, u hekk ħallewha tibqa' hemm.

[506] 4 Is-Sinjura Klara kienet ġejja mill-aktar familji nobbli tal-belt ta' Assisi, kemm min-naħa ta' missierha kif ukoll min-naħa ta' ommha. Mitlub jgħid kif jaf dawn l-affarijiet, wieġeb li f'dawk l-inħawi dan kien magħruf minn kulħadd.

[507] 5 Ix-xhud qal ukoll li meta s-Sinjura Klara marret tgħix f'San Damiano, bħalma kienet qaddisa hi, hekk għallmet lil uliedha biex jaqdu lil Alla fil-qdusija, kif fil-fatt jidher illum f'uliedha.

---

[269] L-espressjoni "meta kienet għadha fis-seklu", jiġifieri qabel l-1211-1212, tgħinna naħsbu li d-destinatarji tal-karità ta' Klara kienu Franġisku u l-ewwel aħwa li kienu marru jgħixu fil-Porziuncola wara li irrestawrawha, kif jurina LAZZERI, AFH 13 (1920) 430, u li mhumiex dawk li kienu bnew id-dar "tal-Comune" għall-patrijiet maġenb il-Porziuncola aktar tard (2C 57). Dan kien ċertament l-ewwel kuntatt indirett li Klara kellha mar-rejaltà tal-fraternità Franġiskana tal-bidunett.

[508] 6 Iċ-ċittadini kollha kienu jemmnu bis-sħiħ li l-monasteru kien imħares, u l-belt meħlusa mill-għedewwa bil-qawwa tat-talb u l-merti tas-Sinjura Klara.

[509] 7 Mistoqsi dwar kemm ilu li Santa Klara daħlet fir-Reliġjon, wieġeb li kien ilu aktar minn erbgħin sena.

## ID-DSATAX IL-XHUD

[510] 1 PIETRO DE DAMIANO mill-belt ta' Assisi, qal taħt ġurament li hu, ix-xhud, kien joqgħod hu u missieru, qrib id-dar ta' Santa Klara, u ta' missierha u tal-membri l-oħra tal-familja tagħha. Kien jaf lis-Sinjura Klara meta kienet għadha fid-dinja, u kien jaf ukoll lil missierha, messere Favarone, li kien nobbli kbir u setgħani fil-belt, hu u l-oħrajn kollha ta' daru. Is-Sinjura Klara kienet nobbli, ġejja minn familja nobbli, u ta' ħajja verament onesta. Fil-familja tagħha kien hemm seba' kavallieri, u kollha kienu nobbli u ta' setgħa. Mitlub jgħid kif jaf dawn l-affarijiet, wieġeb li hu kien raha, għax kien il-ġar tagħha.

[511] 2 Dak iż-żmien is-Sinjura Klara, li dik il-ħabta kienet għadha daqsxejn ta' tfajla, kienet tgħix ħajja spiritwali, ħaġa li kien iżommha kulħadd. Huwa ra lil missierha, lil ommha u lil qrabatha, li rieduha tiżżewweġ b'mod mill-aqwa kif kien jixraq lin-nobiltà tagħha, ma' xi ħadd kbir u ta' setgħa. Iżda ż-żagħżugħa, li dik il-ħabta kellha bejn wieħed u ieħor xi sbatax il-sena, b'xejn ma setgħu jikkonvinċuha, għax riedet tibqa' verġni u tgħix fil-faqar, kif uriet biċ-ċar meta biegħet il-wirt kollu tagħha u tatu lill-foqra. Kulħadd kien iżommha mara ta' ħajja tajba. Mitlub jgħid kif jaf dan, wieġeb: għax hu kien il-ġar tagħha, u kien jaf li ħadd ma seta' jġiegħelha tqarreb l-ispirtu tagħha lejn il-ħwejjeġ tad-dinja.

## L-GĦOXRIN XHUD

[512] 1 Fid-disgħa u għoxrin ta' Novembru, fil-knisja ta' San Paolo, fil-preżenza ta' Leonardo, Arċidjaknu ta' Spoleto, u Don Iacobo, kappillan ta' Trevi, u wkoll dik ta' messere Isqof ta' Spoleto, IOANNI DE VENTURA DE ASSISI tkellem taħt ġurament dwar dawn il-ħwejjeġ u qal li hu, ix-xhud, kien soltu joqgħod jitkellem fid-dar ta' Santa Klara meta hi kienet għadha tfajla żagħżugħa u verġni f'dar missierha, billi hu kien midħla sewwa tal-familja[270].

[513] 2 Dak iż-żmien is-Sinjura Klara seta' kellha, bejn wieħed u ieħor, xi tmintax il-sena, u kienet ġejja mill-aktar razza nobbli ta' Assisi kollha, min-naħa ta' missierha u min-naħa ta' ommha. Missierha kien jismu Favarone u nannuha Offreduccio de Bernardino. It-tfajla żagħżugħa sa minn dak iż-żmien kienet onesta għall-aħħar fl-imġieba u fl-ilbies, qisha waħda li kienet ilha ħafna tgħix fil-monasteru.

---

[270] Fost dawn l-aħħar xhieda tal-Proċess, Ranieri di Bernardo, Pietro di Damiano, Giovanni di Ventura, A. FORTINI, *Nova Vita di San Francesco,* II, 315-348, jagħtina xi ftit dettalji li joħorġu mid-dokumenti ta' dak iż-żmien. Dawn, iżda, ma jixħtux xi dawl partikularment ġdid fuq dak li jgħidu x-xhieda f'dan il-Proċess ta' Santa Klara. Interessanti d-dettall li Giovanni di Ventura kien "midħla sewwa tal-familja" ta' Klara. L-espressjoni fid-djalett ta' l-Umbria hi *fameglio de casa*, li proprjament tfisser "raġel li jiddefendi l-familja bl-armi".

[514] 3 Mitlub jgħid x'ħajja kienet tgħix, wieġeb: għad li d-dar tagħha kienet waħda mill-akbar tal-belt ta' Assisi, u hemmhekk kienu jintefqu somom kbar ta' flus; b'danakollu hija kienet terfa' l-ikel li kienu jagħtuha tiekol f'dar kbira, taħżnu, u imbagħad tibgħatu lill-foqra. Mitlub jgħid kif jaf dawn l-affarijiet li semma', wieġeb li, billi hu kien ikun fid-dar, rahom hu stess u kien jemminhom bis-sħiħ, u għax hekk ukoll kien jingħad.

[515] 4 Waqt li kienet għadha f'dar missierha, taħt il-ħwejjeġ l-oħra, kienet tilbes ilbies rozz[271].

[516] 5 Qal ukoll li kienet issum, titlob, u tagħmel għemejjel oħra tajba, kif kien ra hu stess; u kulħadd kien konvint li hija kienet ispirata mill-Ispirtu s-Santu sa mill-bidu.

[517] 6 Qal ukoll li l-imsemmija Santa Klara, meta semgħet li San Franġisk għażel it-triq tal-faqar, f'qalbha iddeċidiet li tagħmel hekk hija wkoll. Għalhekk San Franġisk qatagħlha xagħarha fil-knisja ta' Santa Marija tal-Porziuncola jew fil-knisja ta' San Paolo. Meta l-familjari tagħha riedu jkaxkruha 'l barra mill-knisja ta' San Paolo, u jġibuha lura lejn Assisi, hija wriethom xagħarha imqarweż. Mistoqsi dwar kif kien jaf dan, wieġeb li hu hekk kien semagħhom jgħidu, u dil-ħaġa kien jaf biha kulħadd.

[518] 7 Imbagħad marret fil-post ta' San Damiano fejn saret omm u għalliema ta' l-Ordni ta' San Damiano, u hemm nisslet ħafna ulied, irġiel u nisa, fil-Mulej tagħna Ġesù Kristu, kif wieħed jista' jara llum.

[519] 8 Qal li ħadd u b'ebda mod għandu jiddubita mill-qdusija tagħha, għax il-Mulej jagħmel ħafna mirakli bl-interċessjoni tagħha, kif jaf kulħadd.

[520] 9 Qal ukoll li dik is-sena, wara l-mewt tas-Sinjura Santa Klara, ra lil xi ħadd, min-naħa l-oħra ta' l-Alpi, li kien furjuż jew indemonjat, marbut bil-ħbula, li ġabuh ħdejn il-qabar tas-Sinjura Santa Klara, u f'dak il-post huwa ġie meħlus[272]. Mitlub jgħid kif kien jaf dan, wieġeb li ra r-raġel marid b'dik il-marda, u ra wkoll li hemm, ħdejn il-qabar tas-Sinjura Klara, ġie meħlus minnufih. Mitlub jgħid x'kien jismu dak ir-raġel, wieġeb li ma kienx jaf, billi hu ma kienx minn dawk l-inħawi. Mitlub jgħid x'qaddis ġie msejjaħ meta ġiet meħlus, wieġeb li nħeles ħdejn il-qabar ta' Santa Klara. Dan kien fatt li sar fil-pubbliku, u kien magħruf minn kulħadd. Mistoqsi dwar ix-xahar u l-ġurnata, wieġeb li kien jaħseb li kien f'Settembru li għadda. Dwar il-ġurnata qal li ma kienx jiftakarha. Mitlub jgħid min kien preżenti, wieġeb li n-nies kollha li kien hemm fil-pjazza kienu rawh u ġrew miegħu lejn il-qabar tas-Sinjura Santa Klara.

*Finis. Deo gratias. Amen.*

---

[271] *Stamigna* tirrferi għal libsa minsuġa minn drapp rozz u fqir.
[272] Il-LegCl 52 tgħidilna li dan il-mirakolat kien żagħżugħ Franċiż, li kien fis-segwitu tal-Kurja Papali, u li kien indemonjat u ġie meħlus minn Santa Klara f'Settembru 1253, flimkien ma' bosta persuni oħrajn li kienu marru jżuru l-qabar tal-Qaddisa.

# «LEGENDA VERSIFICATA SANCTAE CLARLAE ASSISIENSIS»
(1244-1245)

## INTRODUZZJONI

Il-*Legenda versificata Sanctae Clarae Assisiensis* (LegVerCl) fil-verżjoni oriġinali tinsab fil-famuż kodiċi 338 tal-Biblioteca Comunale di Assisi (ff. 84c-91d). L-ewwel 165 vrus tad-dokument kienu ġew ippubblikati parzjalment minn F. Sensi ("Leggenda latina versificata del secolo XIII intorno a s. Chiara d'Assisi", *Bollettino della Società Umbra di Storia Patria*, I (1885), 114-125). Il-vrus li jitkellmu mit-transitu ta' Santa Klara, vv. 1284-1395, ġew ippubblikati minn L. Alessandri ("La morte di S. Chiara", *Da S. Marco ad Assisi. Numero unico illustrato per il solenne ingresso di Mons. Ambrogio Luddi, novello vescovo di Assisi*, Firenze 1905). L-aħjar edizzjoni tal-LegVerCl hi dik ta' B. Bughetti ("Legenda versificata S. Clarae Assisiensis (saec. XIII)", *Archivum Franciscanum Historicum*, 5 (1912) 237-260, 459-481, 621-631). Studju tajjeb ukoll hu dak ta' E. Franceschini ("Biografie di Santa Chiara", *Santa Chiara d'Assisi. Studi e cronaca del VII centenario (1253-1953)*, Assisi 1954, 263-274; ID., *Nel segno di Francesco*, a cura di F. Casolini e G. Giamba. Premessa di E. Menestò, (Medioevo francescano, Saggi, 1), S. Maria degli Angeli 1988, 346-361).

Il-kodiċi 338 tal-Biblioteca Comunale di Assisi (ff. 74a-84a) jġib ukoll il-*Legenda Sanctae Clarae Virginis* (LegCl), li hi dokument fi proża. Edizzjoni kritika tagħha saret minn F. Pennacchi, *Legenda sanctae Clarae Virginis*. Tratta dal Ms. 338 della Bibl. Comunale di Assisi, Assisi 1910. Bejn iż-żewġ dokumenti hemm rabta intima, u fl-edizzjoni li għamel Bughetti nsibu l-punti kollha paralleli jew ta' dipendenza bejniethom. Ir-rabta bejn iż-żewġ dokumenti ġiet studjata minn Z. Lazzeri ("Le Leggende di S. Chiara e il loro autore", *Studi Francescani,* 3-6 (1916-1920), 209-204). L-istudjuż Franġiskan jgħid li ż-żewġ dokumenti jimxi fuq xulxin, pass pass, u saħansitra xi mindaqqiet fl-istess kliem li jiġu użati. Il-LegVerCl tiddependi mil-LegCl bl-istess mod kif il-*Legenda versificata Sancti Francisci* ta' Henri d'Avranches tiddependi mill-*Vita Sancti Francisci* ta' Tommaso da Celano. Imma, filwaqt li Henri d'Avranches jiddependi biss fl-istorja minn Celano, u juża espressjonijiet meħudin mill-kitbiet tal-klassiċi u saħansitra mill-mitoloġija, l-awtur tal-LegVerCl ma għandux l-iskop li joħloq poeżija mirquma. Dan kollu jurina li ma jistax ikun li l-awtur tal-LegVerCl hu Henri d'Avranches, kif wieħed jista' jimmaġina. Fuq kollox, lanqas ma nafu eżattament min hu l-awtur tal-LegCl, għalkemm ġie li tiġi attribwita lil Tommaso da Celano.

Bughetti jqis li l-awtur hu ċertament xi poeta li kien membru ta' l-Ordni Franġiskan. Jidher li l-awtur kien jgħix għal żmien twil fl-Italja, għax hu midħla ta' kliem u oġġetti partikulari. Mhux probabbli li l-awtur hu Celano, għax għalkemm dan ikkompona xi sekwenzi liturġiċi, imma qatt ma jidher li kien ikkompona testi *versu hexametro* (vers tas-sitta) *vel quocumque alio metro vere latino* (jew b'xi metru ieħor bil-lingwa latina). Giovanni da Cavriana, li hu l-awtur ta' opra jisimha *Anticerberus*, kien persunaġġ li dwaru nafu ftit wisq biex nistabilixxu xi dritt ta' paternità tiegħu fuq il-LegVerCl.

Dejjem skond Bughetti, l-awtur tal-LegVerCl juri kwalitajiet ta' bniedem letterat b'atteġġjamenti ta' moderazzjoni u pjetà. Lazzeri jasal li jgħid li persuna bħal din setgħet tkun

San Bonaventura, għalkemm hu stess jgħid li din l-ipotesi qiegħed jissuġġeriha mhux bħala deċiżiva, imma biss biex titkompla r-riċerka ta' l-awtur.

R.J. Armstrong hu tal-fehma li l-awtur tal-LegVerCl kien membru tal-Kurja Rumana li kien devot lejn il-Papa Alessandru IV, li kien għadu kemm ġie elett fit-12 ta' Diċembru 1254, kif ukoll lejn Santa Klara. L-aktar awtur li x'aktarx jikkwalifika hu John of Kent, li kien uffiċjal tal-kurja u legat papali fl-Ingilterra, Skozja u Wales matul il-pontifikat ta' Innoċenz IV. Nafu li dan John of Kent kien l-awtur ta' opra jisimha *De misteriis rerum, quae fiunt in Ecclesia, versu hexametro ad Fulconem Eposcopum Londoniae,* li hi trattat bil-versi miktuba fl-1245.

Hu aktar faċli li wieħed jindika ż-żmien ta' kompożizzjoni ta' l-opra, li trid tiġi iffissata għal data qrib l-1261, sena li fiha miet il-Papa Alessandru IV, li lilu hi dedikata l-LegVerCl. Billi l-opra li qed nanalizzaw ma titkellimx mill-kanonizzazzjoni ta' Santa Klara (15 ta' Awissu 1255), filwaqt li din tissemma fil-LegCl, Bughetti jqis li x'aktarx li l-LegVerCl ġiet miktuba fl-ewwel perjodu tal-pontifikat ta' Alessandru IV (Diċembru 1254 – Awissu 1255), u li għalhekk tiġi qabel il-LegCl, li inkitbet wara l-15 ta' Awissu 1255, data tal-kanonizzazzjoni ta' Klara fil-kattidral ta' Anagni.

Fil-ġudizzju komplessiv li jagħti lill-opra Franceschini hu kemmxejn iebes. Jidhirlu li din l-opra lirika f'ġieħ Santa Klara, bħal dik miktuba minn Henri d'Avranches f'ġieħ San Franġisk, jonqoshom is-sens ta' spiritwalità, grazzja u poeżija li wieħed jistenna f'opri dwar Franġisku u Klara t'Assisi. Fl-istess ħin, iżda, jitqiesu bħala kontribut validu lejn il-kultura fi żmien li fih kienet moda li jinbnew ad unur tal-qaddisin bażiliċi tal-ġebel, imma wkoll bażiliċi ta' versi poetiċi.

# «LEGENDA VERSIFICATA SANCTAE CLARAE ASSISIENSIS»

(1244-1245)

[521] I – Lill-wisq qaddis u mbierek missier, is-sinjur Papa Alessandru.

O ħlejju Alessandru, ragħaj tajjeb, u Papa mbierek,
Mudell tal-Papiet, glorja tal-mexxejja, tal-kleru
Eżempju, mexxej qaddis tal-poplu, kenn ta' l-umanità,
Prinċep tal-Knisja, dawl tad-dinja, l-akbar fost il-missirijiet;
Inti tqassam b'idejk miftuħa l-ġid tas-sema li tiegħu int ministru
Mill-aktar għoli, is-suċċessur ta' l-ewwel wieħed fost l-appostli u l-eredi tiegħu;
Inti ġejt indikat minn Abel fil-qedem, il-mexxej Noè
Ħabbrek, u l-kbir patrijarka Abraham kien xbieha tiegħek minn qabel;
Inti bħall-mexxej Mosè, bħas-saċerdot Aaron,
Inti tpinġejt mill-imħallef Samwel, u l-qawwa tiegħek ukoll
L-uffiċċju għoli turi ta' Pietru, u d-dilka ta' Kristu.
Ilqa, missier qaddis, din l-opra; jalla l-kliem dgħajjef tagħha
Ipatti għalih il-materjal jiddi, u jalla l-kobor qaddis
Tas-suġġett tagħha jixħet dija fuq id-dalma tal-forma tagħha.
Jalla din id-dehra li npinġi fi stil umli, bil-grazzja tiegħek, nitlob,
Li tistħoqqilha tinfed bil-ħlewwa l-widnejn tiegħek;
Għaliex dak li hu l-ogħla jixraq lilek, l-aktar għoli, li m'għandekx twarrab
Dak li hu aktar fil-baxx; kif lanqas int, għaliex int kbir, ma tirfes fuq dak li hu taħtek.
Dak li inti tfittex tassew jista' jkun li ma jinstabx fl-offerta, imma l-intenzjoni
Titqies mill-offerta; għax dak li ma jiswa xejn jitlewwen
Bir-rieda tajba ta' l-imħabba, u kemm jekk żgħar kemm jekk kbar
Id-doni jitqiesu ndaqs mill-ġenerożità tar-rieda.

[522] II – Kliem ta' l-awtur.

Il-bidu hu tal-biża għal min jimmira lejn opra hekk ta' l-għaġeb,
Il-moħħ rozz u sempliċi jibqa' miblugħ meta jxaqleb lejn tmiemha.
Ix-xemx taħbi l-kwiekeb; hekk is-suġġett nobbli jitħawwad
Quddiem il-qawwa tad-dija tal-ġenju tal-moħħ. Għax min ifittex il-frott bnin
Minn siġra bla ħajja, jew min mill-irħam iebes
Ifittex il-mewġ tax-xmara, jew min fil-mejda tal-fqir
Ifittex ikel raffinat? Għaliex din hi ħaġa ta' bla ħsieb,
Meta tonqos il-kelma, meta s-sens jittallab spjegazzjoni, meta
L-impuls jispira għemejjel glorjużi, meta l-Musa ta' Maro[273]
Ma timxix aktar, u meta lsien il-poeta jogħnos u jiskot.

---

[273] Riferenza għall-poeta Latin Publius Virgilius Maro, li kellu influwenza kbira fuq l-iżvilupp medjevali ta' l-edukazzjoni u l-kultura Kristjana.

Il-qawwa tal-moħħ tiddgħajjef, u r-ruħ imċappsa bil-ħtija
Trażżan il-kelma fuq l-ilsien, għaliex tqisha ħaġa tad-dinja
Li xi ħadd li mhux safi jxandar il-kobor tal-verġni,
Li min hu mċappas jitkellem fuq dik li hi pura, li min għandu t-tbajja'
Jinseġ tifħir fuq min hu bla ħtija, li l-ħurrieq jitkellem dwar il-ward;
Imma billi l-ħsieb tal-moħħ, li jista' jtenni l-ħtija,
Ħiereġ mill-ħerqa tad-devozzjoni, biex hekk din toħroġ għad-dawl,
Jiena se nazzarda nikteb din l-opra. Lill-awtur ta' kull dawl
Jiena nitlob, sabiex ixarrab bin-nida tas-sema dan il-moħħ tiegħi,
Biex iraxxax fuqu x-xita, u jħarrab l-isħaba tal-vizzji;
Jalla jkun maġenbi d-dawl mid-dawl, tal-Missier
Il-mera tad-dija tiegħu, l-għerf, il-għamla, il-figura;
Dak li jpitter kull ma jeżisti, jalla l-qawwa tal-qalb tiegħi
Iqabbadha bin-nar ta' l-Ispirtu, li bin-nifs qaddis tiegħu
Isaħħan fejn hemm il-kesħa, irattab l-ebusija, isaqqi
In-niexef. B'hekk jiena nkun nista' ngħanni t-tifħir
Tal-verġni billi nilgħab bil-versi u l-metru tal-poeżija;
Għaliex jiddi kien il-bidu tagħha, tiddi ż-żgħożija tagħha,
Tiddi l-fidi, tiddi l-ħajja qaddisa, jiddu l-virtujiet,
Tiddi l-fama tal-fwieħa tagħha, tiddi l-mewt tagħha, il-qabar tagħha
Jiddi, jiddu l-fdalijiet tagħha, jiddu l-mirakli tagħha,
L-ispirtu tagħha jiddi, kif tiddi l-art fejn għexet[274].

[523] III – Prologu għal-Leġġenda tal-Verġni Santa Klara.

Il-kitba ta' l-istorja jiena nillustraha bir-regoli tal-vers poetiku,
U nibda' billi ngħid ħaġa waħda, li jiena minix se nfittex ix-xbihat tal-poeti
Jew il-ħolm tan-nies tal-qedem, sabiex ma titħammiġx it-tifsira
Li għandha tlibbes din l-opra, jew xi kelma mirquma tlewwen
Is-suġġett tagħha; għaliex hi titlob li titlibbes bid-dawl,
Sabiex l-awtur jibqa' fidil lejn il-fatti, u jreġġa' dak li jsostni
Lejn id-dehra tal-verità, u jżewweġ il-kelma mal-veru,
Sabiex ma jqanqalx il-widnejn lejn il-ħlewwa tal-kliem.
Għaliex jiena ma nfittixx iċ-ċapċip tan-nies jew it-tifħir tagħhom,
Li ma tmurx żiffa li tgħaddi tisraqli l-frott tal-ħidma tiegħi.
Meta r-ruħ tal-bniedem tipprova titkellem dwar verġni bħal din,
Hi tfittex tnissel il-ħsieb bi kliem umli, u ma ddawwarx lilha nnifisha
Lejn dik il-quċċata mill-aktar għolja jew lejn id-dawl li ma jintmissx
Għax il-moħħ li jrid jogħla 'l fuq mill-bniedem, irid jerġa' jirbaħ lura
Id-dija ta' l-anġli; imma r-ruħ trid tehda f'dak kollu
Li hu fidi qawwija, billi tlissen kliem sempliċi.
Għaldaqstant, filwaqt li niżra' dak li hu l-eħfef, inħalli dak li hu itqal
Lil min jifhem aktar minni, u nkun kuntent bil-kelma tas-sempliċità.

---

[274] Bħal fil-każ tal-Bulla ta' Kanonizzazzjoni *Clara, claris praeclara*, anke hawnhekk l-awtur jilgħab bl-aġġettiv *clarus/clara* (jiddi/tiddi), li hu l-istess isem ta' Klara t'Assisi.

[524] IV – Tibda l-Leġġenda u qabel xejn titkellem dwar il-ħtieġa ta’ Ordnijiet ġodda.

Id-dija tad-dawl li mhux imnissel, li hu minsi sa minn dejjem ta’ dejjem,
Il-Prinċipju li ġej mill-Prinċipju, li l-għerf tiegħu
Żera’ ż-żerriegħa ta’ dak kollu li jeżisti f’kawżi differenti.
Imqanqal minħabba l-ħtija tal-bnedmin, ried li fil-kenn
Tal-ġuf tal-Verġni jinżel, li jitlibbes bil-ġisem, li jgħaqqad flimkien
Iż-żewġ Naturi bil-qawwa tal-ġenju tan-Nifs ta’ Alla.
*Bħal għarus ħiereġ minn kamartu* (cfr. S 18,6), mis-sema niżel
U ħareġ mill-ġuf tal-Verġni, imlibbes bil-ġisem dgħajjef
Ħareġ fil-kamp tal-battalja; biex hekk mal-prinċep tal-mewt
Jitqabad, u bil-qerq qaddis ta’ dan l-istess feddej twajjeb
Ħarrab il-qerq ta’ l-għadu fi ġlieda mill-aktar ta’ l-għaġeb,
Il-ħtijiet tagħna permezz tal-mewġ ta’ demmu prezzjuż li gelgel
Ħasilhom meta ġie mdendel ma’ għuda: hemmhekk ħallas għall-ħtija,
Li t-togħma ta’ l-għuda projbita kienet daħħlet fid-dinja.
Dak li qabel xejn feda l-Knisja permezz ta’ l-agonija ta’ mewtu,
Kien Kristu li waqqafha fuq l-appostli u d-dixxipli tiegħu,
Li permezz tagħhom tidwi mad-dinja kollha d-duttrina vera,
U s-saltniet tad-dinja jinxteħtu taħt ir-riġlejn tal-fidi.
Il-frott safi ta’ tagħlimhom, minħabba li kibret fostu s-sikrana qarrieqa,
Fi żminijietna tħassar; l-istess virtù
Intemmet vittma tal-vizzju; minħabba l-ebusija tal-ħtija tħassar
Il-wiċċ tal-Knisja; l-ereżiji li dejjem jaħdmu
Biex iċarrtu t-tonka tal-Mulej, ma jitkgħawġux ma’ l-art bħal fi żmien il-qedem,
U lanqas ma jinħbew fl-għerien; imma joħorġu mill-moħbiet qodma,
Biex ixandru fil-beraħ l-iżbalji u jxerrdu t-tagħlim falz tagħhom.
Żbaljaw il-popli, kif żbalja wkoll l-istess saċerdot;
Żbaljaw il-mexxejja: il-ħeġġa tar-ragħaj għabet
Għax hu ma tax kas iżjed li jindokra n-nagħaġ, u l-lupu
Fetaħ ħalqu beraħ kontrihom; ilsien il-għorrief siket,
U l-ħajja tal-kjostru waqgħet għaż-żufjett.  Xi ngħidu iżjed?
Mingħajr l-ebda eċċezzjoni, il-virtù ingħalqet fil-morsa ta’ kull xorta ta’ ħtija.
Hekk kiber il-ħażen, u hekk kesħet is-sħana ta’ l-imħabba,
Għax id-dgħajsa tal-Knisja, imħabbta minn bosta mewġ qalil,
Mixħuta ma’ l-art mill-ħażen bla tarf, imkaxkra minn qillet it-tempesta,
Titbekka, u t-tnehid ta’ qalbha joħroġ mill-qiegħnett;
Lanqas ma tista’ żżomm żgura fi triqtha, imma donnha qed tegħreq,
U tgħolli lejn Kristu biss il-biki u d-dmugħ tagħha.
In-nawfraġju tagħha l-baħri tas-sema jixtieq jevitah,
Jixtieq li jixxotta d-dmugħ tagħha,
U għalhekk bagħat żewġ ħabbâra, bħal kwiekeb ileqqu
Li bid-dawl tagħhom id-dinja mill-ġdid reġgħet bdiet tiddi;
Il-kliem ta’ tagħlim qarrieq u s-sħab tal-vizzji ġew maħsuda

Bil-qawwa tal-minġel tal-predikazzjoni, li ħadet ħsieb ixxerred il-fidi,
Hekk tnisslu dawn iż-żewġ irġiel bħall-xrar tal-kwiekeb jaqgħu fuq dinja mdallma,
Biex iqabbdu kullimkien bid-dawl ta' dejjem li qisu għajn tnixxi.
Hekk huma dawwlu x-xjuħija tad-dinja bid-dija tagħhom.
Dawn it-tnejn ħadmu b'mod differenti, u b'ilbies mhux jixxiebaħ,
Ħarbu mill-hena ta' din id-dinja, u ma' Kristu
Ixxiebħu bis-sħiħ u mxew wara l-passi tiegħu bil-voti mqaddsa.
L-ewwel wieħed, li ħa ismu mill-istess isem tal-Mulej,
Sar ħabbâr u mera ta' Kristu billi mexa warajh[275];
L-ieħor kien Franġisku, li bil-libsa umli ta' minuri
Wera lilu nnifsu bħala mexxej tal-Minuri.
Għalkemm ċkejken, kiber f'eluf, u minn *blata* żgħira
F'*muntanja kbira* kiber (cfr. Dan 2,35), minn *għajn* ċkejkna
Bdiet tnixxi *xmara* kbira (cfr. Est 10,6; 11,10) li xterrdet mad-dinja;
Biex hekk issaqqi lill-erwieħ b'ilmijietha, u bl-ilmijiet li jfejjqu
Tagħti jixrobu mid-duttrina tajba biex jaqtgħu l-għatx dawk li huma fil-vizzju.
Dan il-bniedem ra kif il-hena tad-dinja malajr tgħaddi,
U li x-xewqat tal-ġisem jintemmu ma' l-istess ġisem,
U għaliex l-ebda kuruna ma tista' tintrebaħ jekk mhux bil-battalja,
Hu iddikjara gwerra lid-dinja, u mal-prinċep tad-dinja
Tqabad b'mod ta' l-għaġeb bil-ġarra tal-fuħħar ta' ġismu.
Hu saħaq it-tqanqil kollu, u fil-*ġisem* mejjet ma' Kristu
Beda *jgħix*, u fil-membri tiegħu *ġarr il-marki tal-passjoni* tiegħu (cfr. Gal 6,17).
Il-vleġeġ jaħarqu li jtiru, u l-korla ħarxa tax-xitan,
Il-qilla ta' l-ispirti ħżiena, hu saħaqhom u għamilhom trab.
Dan l-atleta ġdid ma kellux armi tal-ħadid
U lanqas armi ġodda fil-fortizza tal-fidi:
Kienet biss il-fidi qawwija ta' qalbu, u l-fiduċja fil-Kelma,
Il-kompassjoni li kellu lejn Kristu mdendel fuq is-salib,
Iċ-ċaħda tal-ħwejjeġ tad-dinja, ir-rieda tal-ġisem li xejjinha għal kollox,
L-iljieli bla rqad, it-talb u l-meditazzjoni bla jaqta',
Il-ftit ikel, xorb bil-ħniena, is-swat tal-ġisem,
Il-ħabel oħxon u r-riġlejn ħafjin, kif ukoll l-ilbies aħrax li kien ixidd.
Dawn kienu l-armi u d-difiża ta' dan ir-raġel apostoliku.
Hu kien imqabbad minn ġewwa bin-nar tad-Dawl divin
U ħalla xhieda ta' dan lill-oħrajn, hekk li jingħad
Li hu kien *musbieħ jixgħel u jiddi* (cfr. Ġw 5,35):
Mogħni b'dawn id-doni kien qisu l-istess Ġwanni nnifsu.
Dan is-suldat qalbieni imtela bil-ħeġġa biex bl-armi
Tal-fortizza tal-Knisja jitqabad, u flimkien ma' wliedu iddefenda
Il-ħitan tal-fidi Kattolika, u l-qerq misħut ta' l-eretiċi
Ħawwdu bil-qawwa tal-kelma tal-verità li tinfed;
Bid-dija ta' ħajtu, bil-ħlewwa tal-kelma
Ġiegħel lil bosta jitriegħdu bil-biża', lil ħafna ħelishom

[275] Dan hu riferiment għal San Duminku Guzman, kontemporanju ta' San Franġisk u fundatur ta' l-Ordni tal-Predikaturi, li ismu bil-latin, *Dominicus*, jixbaħ il-kelma latina għall-Mulej, *Dominus*.

Mill-ilmijiet tad-dinja, lil dawk li inqabdu fil-ħama u ilmijiet fondi se jibilgħuhom
Reġġagħhom lejn il-port tal-maħfra, fis-saltna tal-ħenjin
Għamel li jieħdu sehem lil dawk li ħarġu jittallbu taħt it-tmexxija
U t-tagħlim tiegħu, u dawk li l-ħajja tad-dnub għamlithom imsieken
Dan ir-raġel reġġagħhom mill-miżerja biex ikunu mal-ħenjin fis-sema.

[525] V – Dwar it-twelid u l-ħajja ta’ Klara fid-dar ta’ missierha.

Fi żmienu, filwaqt li s-sema kien iraxxax dawn id-doni,
Assisi welldet warda u kewkba ġdida,
Klara, li warrdet, għax kienet dawl tad-dinja, u l-Ordni
Tal-Verġni li kien għoddu miet reġgħet tatu l-ħajja;
Il-fwieħa ġdida tagħha, id-dija qaddisa tagħha imliet
Lil art twelidha, u dawwlet il-provinċja kollha.
Kif l-art għammiela ta’ Assisi kienet tat dwieli bl-abbundanza,
Li l-frott doppju tagħhom jhenni, hekk taħt dawn iż-żewġ palmiet
Issaħħet, u dehret bħas-sebħ ta’ Betleħem mistika fuq id-dinja.
Betleħem kienet nisslet lil Kristu, filwaqt li Assisi nisslet lil Franġisku
Il-membru nobbli ta’ Kristu; Betleħem iddawlet fil-ħlas tal-Verġni ta’ l-għaġeb,
Assisi iddawlet fit-twelid ta’ din il-verġni Klara.
Din il-verġni safja ħarġet bħal musbieħ jiddi,
Imnissla minn demm nobbli, u dehret fi twelid imdawwal.
Ommha kienet tissejjaħ Ortolana,
Li kienet magħrufa għall-għemejjel nobbli tagħha, u kienet ħabiba tat-tjieba.
Minn dan l-għerq tajjeb bdiet twarrad din ir-rimja li kibret:
Warda ħelwa li minnha kellha toħroġ frotta bnina,
Kif il-fjur li jarmi fis-siġar iħabbar il-frott bnin bil-kotra.
Meta kienet tqila, hi kien tinsab imbeżża’ ħafna,
Din l-omm waqt li titlob, semgħet leħen bil-widnejn tagħha:
‘La tibżax; għaliex bl-għajnuna ta’ don divin, inti għad tnissel
U twelled dawl, li bid-dija tiegħu
Għad idawwal id-dinja kollha’.  Fi qbil ma’ dan il-patt u kelma
Klara ġiet imsejħa meta twieldet fl-ilmijiet qaddisa,
Biex hekk il-leħen jaqbel mal-verità u din tesprimi dak li qal il-leħen.
Bħax-xemx tielgħa li ddawwal bid-dija fietla tagħha,
Hekk hi bil-mod il-mod bdiet tiddi bil-ħerqa tar-ruħ tagħha.
Aktar ma fi tfulitha kienet miġbuda lejn il-verġinità, aktar
Hi kienet tikber f’dak li jitlob is-sens tat-tfulija, hekk li
L-Ispirtu nefaħ fiha, fil-perfezzjoni ta’ kull għemil tajjeb.
Il-bint bdiet timxi fuq il-passi u l-eżempji sbieħ ta’ ommha:
Kellha moħħ pront biex jifhem, spirtu mill-aktar ħlejju, għarfien mill-aktar ċar,
Li matul is-snin ta’ tfulitha rċeviet minn fomm ommha
Fil-kenn ta’ sidirha kienet taħbi l-fidi sinċiera,
Biex hekk titħabat ħalli tibda tkun tempju tal-Mulej;
Aktar ma l-qima lejn Alla u l-għemil kast ta’ ħajjitha

Sa mill-bidunett tas-snin ta’ tfulitha,
Kienu jimmarkaw r-ruħ safja tagħha, aktar minn ġewwa
U wkoll minn barra hi setgħet tixbaħ lil Kristu.
Kienet tiftaħ idejha beraħ biex tgħin lill-foqra, u filwaqt li f’qalbha
Kienet titlob bil-qima lill-Mulej kienet toffri lilha nnifisha qisha duħħan ta’ nċens;
Ta’ spiss kienet titlob il-Missierna billi tgħodd fuq kuruna ta’ ġebel żgħar,
U kienet tishar biex tkanta t-tifħir lill-Mulej.
Filwaqt li kienet tferraħ lil min ibati, kienet tgħolli l-ħarsa ta’ ruħha fil-għoli
U filwaqt li kienet timxi fuq l-eżempju ta’ Marta, kienet tgħannaq lil Marija.
Kienet tiċħad l-ilbies artab u kienet tgħaddi d-drapp fin bi drapp goff,
U kienet tilbes is-suf iniggeż fuq il-laħam.
Meta qrabatha rieduha tiżżewweġ hi uriethom iċ-ċaħda tagħha,
U kienet tixtieq biss li titgħarras ma’ Kristu,
Li l-ħlewwiet tiegħu hi kienet diġà bdiet idduqhom,
Li fit-tħaddina tiegħu u fil-bewsa safja tiegħu
Hi kienet tinfena bl-imħabba biex tħares il-verġinità tagħha,
U togħla ‘l fuq ħalli tiggosta l-ħlewwa ta’ l-għasel ta’ mħabbtu.
O opra ta’ divinità, o grazzja mill-aktar sublimi
Li tinżel mill-Kunsill l-aktar għoli! Aktar ma inti tinżel fir-ruħ bħal traxxix ta’ xita,
Aktar tnaddafha mill-vizzji, tagħtiha t-togħma tajba tal-ħlewwa tas-sema,
Trattabha, tagħmilha ħelwa, tqabbadha bil-fjamma tan-nar,
Minn din l-art tiġbdiha ‘l fuq lejn is-sema; biex hekk issir
Għamara tiegħek, tempju tiegħek, palazz u tron tiegħek,
U meta tiġi għandha, jalla tibqa’ fiha, biex tiekol, tirgħa u tistrieħ fik.

[526] VI – Dwar kif saret taf lil San Franġisk u saret midħla tiegħu.

Din il-verġni, li kienet mill-istess belt u mxiet wara l-passi tal-ħajja qaddisa tal-mexxej,
Li l-fama tiegħu kienet bħal żiffa li xxerred ma’ kullimkien il-fwieħa tiegħu,
Kellha xewqa kbira li tisimgħu u tarah mhux b’qalb bierda.
It-tnejn li huma iltaqgħu bl-istess xewqa: ir-raġel qaddis kien jixtieq
Mhux b’inqas ħeġġa l-preżenza tagħha, u kellu ġuħ mimli ħlewwa
Biex hu, bħal ħalliel tajjeb, jisraqha mill-qerq tad-dinja, u jirbaħha għas-sema.
Dak li kien jixtieq bil-qawwa u li l-aktar li kien jixraqlu,
Li jkollu din il-preżenza, ta’ spiss hi kienet tiġi żżuru;
Huma kienu jbiddlu l-postijiet u jfittxu l-aħjar ħinijiet,
Sabiex l-ilsna tan-nies ma jgħidu xejn dwar il-pjan qaddis tagħhom.
Dik it-tfajla mimlija ħeġġa kienet tmur tiġri għand il-missier imqaddes
Tfittex li taħbi l-passi tagħha, u biss b’mara waħda bħala sieħba tagħha.
Ir-raġel qaddis kien ikellimha; kliemu kienu jerfgħu ‘il fuq lit-tfajla,
U hi kienet tinħataf meta tisma’ dak li hu kien jgħallimha.
Hu kien juża ftit kliem filwaqt li kien jitħabat biex jipperswadiha
Biex tistmerr lid-dinja, u kien jgħallimha kemm hi fiergħa l-hena ta’ din l-art:
Il-pjaċiri, il-għana, l-unuri ta’ dinja li trid tgħaddi,
Is-suriet, ix-xbiehat u l-ħwejjeġ kollha fini li jippruvaw iqarrqu bik bil-kliem

Kien ixebbaħhom mad-duħħan, u kien iqabbilhom ma’ sħaba li tgħib.
Filwaqt li hi kienet tissokta tisma’ kliemu, u t-tagħlim qaddis li kien jagħtiha,
Kienet tikkundanna l-ġibdiet tal-ġisem u dak kollu li jħajrek għall-pjaċir;
Hu kien iwissiha li bħala verġni trid twiegħed li se titgħarras ma’ Kristu,
U kien jgħolli bit-tifħir il-kobor tal-verġinità.
Ma hemmx għalfejn ninsisti iżjed. Kif l-imgħallem jikkonkludi,
Hekk il-verġni tobdi. Dik li sa minn qabel twelidha kienet issaħħnet
Bin-nar ta’ l-imħabba, issa bdiet tissaħħan ħafna iżjed
Bis-sħana dejjem tikber tiegħu; dak li kienet nisslet ġewwa fiha,
Issa beda jmexxiha minn barra. Bdiet tfittex il-ħin u s-siegħa adatti għaliha.
Bħall-ħlewwa tad-daqq taċ-ċetra li tidwi fi qbil mal-kordi tal-vuċi,
Hekk il-verġni kienet issemma’ l-ħlewwa tat-twissijiet li kien taha l-missier:
Kienu ntlaqtu widnejha, il-ġewwieni tagħha qabad; hekk kif
Il-ħadid goff jinħall fil-forġa, iħalli lilu nnifsu jintrebaħ min-nar,
U mbagħad jieħu forma sabiħa, u fiż-żekka isir munita.

[527] VII – Dwar kif ikkonvertiet permezz ta’ l-Imqaddes Franġisku u ħalliet id-dinja biex tgħaddi fir-reliġjon.

Waqt li l-verġni kienet bil-għatx biex taħrab mid-dinja, u kienet tħeġġeġ lill-imgħallem,
Hi tkixxfet miegħu kif u meta setgħet twettaq dan il-pjan.
Il-mexxej innifsu, imbeżżgħa biex ma jtawwalx aktar, dak li l-ogħla
Spirtu kien inissel f’dik il-verġni bin-nifs li kien jonfoħ fiha, u biex l-għerf veru
Inaddaf il-mera li tħammġet bit-trab tad-dinja,
Ikkmandaha biex nhar Ħadd il-Palm li kien riesaq bl-isbaħ ilbies
Toħroġ għaċ-ċelebrazzjoni tal-palm, u li fil-lejl ta’ wara
Kellha *toħroġ mill-kamp* (cfr. Lhud 13,13) li jintemm ta’ din il-ħajja,
U *tbiddel il-ferħ* (cfr. Ġak 4,9) tad-dinja fid-dmugħ tas-salib.
Hekk il-verġni imxiet fuq il-kmand tal-missier, u fil-knisja
Daħlet u kienet tleqq bis-sbuħija fost il-folla tan-nisa nobbli.
Filwaqt li dawk kollha preżenti marru jiffullaw għall-palma, hi
Bdiet riesqa bil-mod donnha mimlija b’mistħija ta’ modestja.
Bit-tnebbiħa ta’ l-Ispirtu l-Isqof niżel sa ħdejha,
U offrielha l-palma. Dawn kienu tħabbiriet ta’ dak li kellu jiġri:
Għax billi Kristu kien diġà rebaħ għalih din l-għarusa tiegħu,
L-istess Isqof mar jiltaqa’ magħha b’sinjal ta’ ġieħ speċjali.
U kif kien għamar li tagħmel l-imgħallem tagħha, fil-lejl ta’ wara,
Klara ħarġet minn darha u lejn il-għatba qaddisa
Tal-Verġni marret tħaffef: lilha b’ħafna dwal mixgħula
Ħarġu jilqgħuha l-Aħwa, mimlijin ferħ minħabba l-priża għanja
Li rnexxielhom jisirqu mill-ġibdiet tad-dinja; mall-ewwel qatgħulha
Ix-xagħar u wara li neħħiet l-ilbies għani u li jonfoħ il-bniedem,
Ħalliet id-dinja, u l-ħmieġ ta’ Babel u l-ħmieġ kollu
U dak kollu li jiġbed, u n-nuqqas ta’ safa, ħalliethom kollha warajha.
Hekk dak li kienet nisslet fiha qabel meta tgħarrset ma’ Kristu,

Issa wellditu minn barra; ma’ Dak li ħareġ mill-palazz tal-Verġni mqaddsa
Hi intrabtet bir-rabta tal-patt ta’ mħabba qawwija,
U tat lil Kristu l-istemma ta’ warda tal-verġinità.
Żwieġ hieni, professjoni ferrieħa, tgħanniqa kasta,
Imħabba tfur bil-ferħ, rabta hekk ħelwa,
Ħerqa li ma kienetx tgħejja, imħabba mimlija ħeġġa! Kbira
Hi l-pjetà, ta’ l-għaġeb il-ħniena kollha tjubija ta’ Alla, li biha
Ir-ruħ devota titgħarras ma’ Alla, il-ġisem dgħajjef jitgħarras mal-Verb,
Dak li hu l-iċken jitwaħħad ma’ l-Aktar Għoli, u dak li ma jiswa xejn mal-prezzjuż!
Il-mexxej għaqli lit-tfajla lejn (il-monasteru ta’) San Paolo (delle Abbadesse)
Bagħatha flimkien ma’ skorta, sakemm jara x’se jiġri minnha
L-Għarus tas-sema, skond ir-rieda li ried iwettaq fiha.

[528] VIII – Dwar kif ġiet ippersegwitata mill-qraba tagħha.

Dak li għamlet sar aħbar li ġriet bħal ħoss jidwi sa widnejn il-qraba tagħha;
Huma marru jħaffu b’qalbhom imċarrta biex iġibu lura lit-tfajla:
Bdew jippruvaw iżiegħlu biha, għamlulha wegħdiet, u ippruvaw iħawwdu
L-moħħ tal-verġni bil-korla tagħhom, biex forsi jreġġgħuha lura;
Imma bl-insistenza tagħhom ma għamlu xejn, u l-isforzi tagħhom ġew fix-xejn.
Dik it-tfajla kixfitilhom rasha, u iggranfat mat-tvalji ta’ l-altar;
Iddikjarat li ma kellha l-ebda intenzjoni li tmur lura mis-servizz ta’ Kristu
U bdiet tgħajjat li qatt ma kienet se tikser il-wegħda li kienet għamlet.
Il-qawwa ta’ l-imħabba divina kienet tqanqalha minn ġewwa,
U kibret fil-virtù, aktar ma beda jikber it-theddid tal-qraba tagħha,
Aktar ma huma kienu jinsistu, aktar hi baqgħet iebsa u ma ċeditx,
Hekk Klara rebħet fuq il-qraba tagħha bil-qawwa kostanti tagħha.
Jogħġobna li niftakru fl-eżempju ta’ Luċija li kienet tiddi bid-dawl.
Jingħad li meta t-tirann Pascasio insultaha hi waqfitlu u qaltlu:
‘Ir-ruħ tiegħi ma tħoss l-ebda qawwa, u mhix se ċċedi għal ebda biża’;
Il-moħqrija anzi tqanqal biss lil ġismi’[276].

[529] IX – Dwar kif ġiet fil-knisja ta’ San Damiano.

Il-kmand ta’ Franġisku din il-verġni qaddisa segwietu,
U marret tgħammar fil-post qaddis ta’ San Damiano.
Din kienet *ix-xaqq fil-blat* li fih din il-*ħamiema* qaddisa (cfr. Għan 2,14)
Marret tibni l-bejta għall-wild verġinali tagħha, u li fiha
Mid-dinja marret tinħeba għall-imħabba ta’ l-għarus tas-sema.
Hawnhekk għakkset lil ġisimha, wara li għafset fuq il-ġamar jaqbad tal-ġisem,
Għallmet lilha nnifisha u lil ħutha s-sorijiet kif jaħkmu fuq il-kruha tal-vizzju;
Hawnhekk is-sess fraġli, jiġifieri l-komunità ta’ nisa li ma kellhomx min jiddefendihom
Filwaqt li għakksu lil ġisimhom u għamlu mortifikazzjoni,

[276] Ir-riferiment għal Santa Luċija, Verġni u Martri, hu meħud minn Jacobo de Voragine, *Legenda Aurea*, IV.

Rebħu fuq il-qtajja’ ta’ l-ispirti u t-tirann ta’ l-Infern.
Hi għexet f’dan il-post għal tnejn u erbgħin sena
U għallmet lil bosta nisa nobbli u tfajliet verġni
Biex jaqdu lil Alla imlibbsin bl-ilbies tal-faqar.
Hawnhekk il-ġilji tal-virtujiet ibajjdu bil-ward tat-tjieba.
Hawnhekk dak li hu tas-sema beda jiġi muri lill-għajnejn tar-ruħ.
Għalfejn nirrakkonta kollox ħaġa, ħaġa, li bihom kollox jiġi mqaddes?
Għax huma saru mera ta’ Reliġjon li sbieħet bħar-rebbiegħa.
O ġlieda ġdida, gwerra ġdida, ġabra ta’ komunità hekk ta’ l-għaġeb,
O taqbida mhux tas-soltu li jixirqilha rebħa mimlija tifħir:
Is-sess inferjuri, imtaqqal bil-piż tal-ġisem,
Jirbaħ il-qawwiet ta’ l-arja u jreġġa’ lura l-qerq tagħhom.

[530] X – Dwar kif il-fama tal-virtujiet tagħha xterrdet ma’ kullimkien.

It-tjieba l-aktar għolja ta’ Alla ma riedetx taħbi *l-musbieħ*
*Taħt il-modd* (cfr. Mt 5,15), imma riedet tkabbar il-merti tat-tfajla,
Għal ħafna bil-qawwa tad-dawl jiddi tagħha,
Hekk li l-fama ta’ Klara bdiet tikber, tiddi u ddawwal id-dinja kollha.
Il-fama tat-tjubija tagħha ġriet ma’ kullimkien,
U imliet l-artijiet kollha ta’ madwar; minn kull naħa bdew jiġru lejha
Bosta tfajliet: ħafna nisa li kienu verġni
Bdew iħaffu fuq l-eżempju tal-verġni ħalli jitgħarrsu ma’ Kristu,
Biex hekk biż-żwieġ ma’ dan l-għarus iwarrbu minnhom il-ħtiġijiet żejda tal-ġisem,
U dawk li kellhom demm nobbli stmerrew għal kollox il-palazzi kbar tagħhom,
U marru jgħixu f’imkejjen reliġjużi, u għażlu li jingħalqu ġewwa fihom.
Il-ħajja iebsa bdiet togħġobhom minħabba l-premju tal-ħajja ta’ dejjem.
Hekk bit-tnebbiħa ta’ Alla l-fwieħa tal-fama tagħha xterrdet fl-inħawi fil-bogħod
U dawwlet bosta artijiet, bin-nida tagħha saqqiet is-saltniet,
U xeħtet ir-raġġi jiddu tal-ħajja tagħha mad-dinja kollha.
Klara, magħluqa ġewwa f’ċella ċkejkna, liebsa b’ilbies fqajjar.
Daħlet ‘il ġewwa fil-kamra tas-sodda tan-nobbli, u mliet il-palazzi tas-slaten
*Bin-nard ifuħ* (cfr. Għan 1,11) tar-riħa ħelwa tagħha li tgħaxxi.
Din il-mexxejja qaddisa tgħallem lit-tfajliet ta’ nisel nobbli
Biex jistmerru l-ġibdiet bla lġiem tal-ġisem,
Il-ħlewwiet tad-dinja, ix-xenqa għal żwieġ ta’ din l-art,
U biex, fuq l-eżempju tagħha, jiżżewġu biss ma’ l-Għarus nobbli tas-sema.
Taħt it-tmexxija ta’ Klara, huma bdew jogħlew ‘il fuq fil-kisba tal-virtù;
Il-ġuf tal-Knisja beda jwarrad b’ulied bla għadd.
Kull fergħa għandha l-weraq, kull rimja tnissel ward mill-isbaħ,
U l-Omm twelled lil uliedha mingħajr iż-żerriegħa tal-ġisem,
Biex hekk ikunu jixirqulha l-kliem mistiċi tal-profeta:
Dik li hi *sterili* (cfr. Iż 54,1) jkollha aktar ulied minn dik li hi miżżewġa.
Filwaqt li ruħha kienet bil-għatx għall-erwieħ, u aktar ma kienet togħxa bihom,
Aktar ma kienet titlob li jaħjuha bit-tuffieħ, li titpaxxa bil-ward,

Minħabba li hi kienet tħoss li *mardet bl-imħabba* (cfr. Għan 2,5).

[531] XI – Dwar l-umiltà tagħha.

Din il-mara umli kienet il-ġebla tax-xewka ta’ l-Ordni tagħha,
Dik li għajjxitu u ħarsitu, kienet tixtieq tifforma lil uliedha
Fil-ħeġġa għall-virtujiet, bħala omm mimlija kura lejhom,
Kienet tippreferi l-ġawhra tal-virtujiet meta tgħallem id-drawwiet it-tajba:
Kienet tikkurahom, kienet tkun trid li s-Sorijiet jitlibbsu b’din il-virtù.
Għaliex din il-virtù hi bħal għerq qaddis,
Li jikber fi pjanta fir-ruħ mimlija mħabba qaddisa.
Hi l-bidu tal-virtujiet l-oħrajn kollha, hi tlewwinhom,
U tagħmel li dawk li jilqgħuha jkunu jistgħu jirċievu d-doni.
Hi kienet tiftakar fil-waqgħa tal-bniedem, u bħal issopo ta’ l-ispirtu
Kienet tnaddaf is-sensi tar-ruħ, u kienet tħarrab il-kankru tal-kburija.
Hi kienet il-ħabiba speċjali ta’ l-Għarus l-aktar għoli,
U kienet tgħammar fir-ruħ tal-verġni u tiddi fl-għemejjel tagħha.
Għalkemm hi kienet l-ewwel waħda li daħlet fl-Ordni,
Kienet tiċħad li toqgħod fl-ewwel post u ma riedetx li *tissejjaħ mgħallma* (cfr. Mt 23,8).
Imma kellha tilqa’, fuq il-kmand ta’ Franġisku,
It-toqol ta’ l-uffiċċju, li bih kellha tmexxi lis-Sorijiet u tieħu ħsiebhom;
Minkejja dan hi ma kienetx ittaqqal dan l-uffiċċju, u lanqas l-ebda kburija
Ma tnissel minnu; mhux biss, imma din li kienet l-ewwel kienet taqdi lil ħutha,
U l-ministeru ta’ din il-verġni kien qadi ta’ minorità, u forma tal-minuri.
Hi kienet iżżomm f’moħħha l-eżempju tal-Mulej li hu l-ogħla mgħallem,
Ma kienetx tfittex li tiġi moqdija, imma li tkun dejjem lesta li taqdi (cfr. Lq 22,26).
Bl-għemejjel tagħha waħda tfajla marret tirrifletti bħalkieku f’mera
Hekk li fehmet li hi ma kellhiex tkun preferuta għal soru oħtha,
Imma li, akbar ma waħda tkun, aktar għandha turi ħerqa biex taqdi liċ-ċkejknin,
U li aktar ma tkun ċkejkna, aktar għandha tqim u tagħti ġieħ lil min hu ikbar.
Huma kienu jaqraw dan kollu fil-omm, u jġeddu l-eżempju ta’ l-imgħallem.
L-omm kienet dejjem lesta għall-aktar uffiċċji umli, u lil ħutha s-sorijiet
Kienet tferragħlhom l-ilma biex jaħslu idejhom, u waqt li jkunu bilqiegħda kienet tqum;
Il-verġni lanqas ma kienet taħrab minn dak li jqażżeż, jew li jrejjaħ,
Kienet taħsel lill-morda u tnaddaf l-imtieraħ maħmuġin tagħhom,
U kienet tbus ir-riġlejn tal-qaddejja li kienet għadha kemm tkun ħaslithom.
Lanqas ma rrid niskot dwar ġrajja ta’ min isemmiha.
Meta darba hi kienet ressqet fommha biex tbus ir-riġlejn ta’ qaddejja,
Din baqgħet miblugħa, ma riedetx li dan jiġri, u fil-pront warrbet riġlejha;
Imma hi u twarrab ir-riġel laqtet lis-sinjura fuq ħalqha.
B’wiċċ mimli hena, dik il-verġni ħadet ir-riġel f’idejha, u kompliet tbus
ir-riġel ta’ dik il-qaddejja b’ħafna bews mimli ħlewwa.

[532] XII – Dwar il-faqar qaddis u veru tagħha.

L-omm fqajra kienet turi t-triq lill-fqajrin.
Dak li qabel kienet ċaħdet fl-ispirtu, jiġifieri l-wirt ta' missierha
Issa kienet qassmitu lill-foqra, u bil-ġisem tagħha għeri
Kienet ħalliet kollox warajha, biex marbuta mal-wegħdiet, flimkien ma' Kristu fqajjar
Timxi fit-triq tal-faqar, u bħal Kristu u l-Omm fqajra tiegħu
Kienet tixtieq toħroġ tittallab. Kienet ferħana li tiġri wara Kristu,
U wara li keċċiet lid-dinja 'l barra minn qalbha, meħlusa
Mill-ħwejjeġ ta' din l-art; fl-arti tal-faqar
Kienet taħseb il-ħin kollu, u kienet tixtieq ukoll
Li bix-xewqa tal-ħajja hienja, tirfes fuq il-hena ta' din id-dinja.
Xejn ma kienet tfittex qabel Kristu, f'ħadd ħlief fi Kristu
Ma kienet tittama, u lil sħabha ma kienet tħallihom jiksbu xejn ħlief lil Kristu.
Il-faqar biss kien sar jogħġobha, u għall-imħabba tiegħu
Il-ħelu kien isir bla togħma, u dak li hu prezzjuż kien bla valur.
Fil-faqar hi bniet il-bejta tagħha, fih sabet it-teżor tagħha, u għamlitu
Fortizza, difiża, kenn għal ruħha
Kontra l-ġisem, id-dinja, u t-tirann kbir.
Kienet tiġġieled mingħajr armi f'idejha, kienet tirbaħ bil-qawwa tal-faqar.
Ħwejjeġ għal kollox ġodda! Il-verġni kienet titlob, għall-ġieħ tal-faqar,
Li l-Ordni ġdid li marret toħolqu fil-faqar
Ikun jista' jissokta għal dejjem bil-kenn tas-Sede Apostolika.
Għalkemm din kienet xi ħaġa mhix tas-soltu, li Klara marret titlob.
Xorta waħda ġiet mogħtija lilha, u l-faqar imqaddes bħala titlu
Ġie ikkonfermat lilha permezz ta' ittra papali.
Wara dan, minħabba l-korla ta' żminijiet imħassrin,
Għalkemm roqgħa art il-Papa ried jagħtiha bħala tagħha,
U saħansitra kien lest li jħollha mill-wegħda li kienet għamlet,
Hi waqfitlu, u jingħad li marret tgħid lill-Papa:
'Jiena ma rridx niġi maħlula milli nimxi għal kollox wara Kristu'.
Din il-mara kienet tagħraf ħwejjeġ għolja, u kellha l-kuraġġ li tieqaf lill-imgħallem,
Lill-istess Papa, li għandu l-qawwa *jħoll* u *jorbot* (cfr. Mt 16,19)
Mogħtija lilu bl-aktar mod għoli mill-istess qawwa divina!
Għaliex hi kienet xorbot minn dak il-kalċi ta' Dak li
Bit-tagħlim tiegħu la jista' jqarraq u lanqas jitqarraq.
Għaliex tassew kien l-Ispirtu divin li kien qed jaħdem fiha.
U *hemm il-ħelsien kull fejn* (cfr. 2Kor 3,17) Hu jonfoħ; dawk li jaħdem fihom,
Ma jinstabux aktar taħt il-liġi: anzi Hu jinsab fuq kull liġi.
Kull meta l-aħwa li kienu jittallbu kienu jġibulha l-ikel li jkunu qalgħu,
Hi kienet tifraħ meta dan ikun ftit, u kienet titnikket meta jkunu qalgħu ħafna;
Ma kienetx tifraħ meta tara ħobżiet sħaħ,
Kienet tithenna aktar bil-loqmiet, biċċiet u farkiet tal-ħobż.
U billi hi kienet tistmerr u tibża' minn dak li hu kbir u abbundanti,
Kienet takkwista ħafna mill-ftit u kienet tifraħ li tkun perfetta fih;
*Il-Mulej tal-qawwa* (cfr. S 23,10), li hu ħelu, twajjeb u mimli ħniena,

Billi kien irid ikattar il-ftit li l-verġni kienet tirċievi,
U ried jgħolli lil Klara bil-merti tas-sinjali jiddu tagħha,
Beda jkabbar bil-mod il-mod il-fama tat-tifħir ta' din il-verġni,
Billi jxabba' l-kunvent tas-Sorijiet b'ħobża waħda biss.
U biex dan jidher aktar ċar, sejrin nirrakkontaw il-ġrajja li ġejja issa.

[533] XIII – Il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż.

Il-kunvent qaddis kellu biss ħobż waħda,
Is-sorijiet ħadhom il-ġuħ, u kien qorob il-ħin ta' l-ikel.
Il-ħobża tinġieb u dik li kienet tieħu ħsieb tqassam l-ikel
Taqsamha fi tnejn. Nofs il-ħobż tintbagħat lill-Aħwa li jaqdu lill-monasteru,
In-nofs l-ieħor, fuq il-kmand ta' l-omm, jinżamm għas-sorijiet.
Hi tikkmanda li dik in-nofs ħobża tinqasam f'ħamsin biċċa
U titqassam lil dawk preżenti; imma s-soru li kienet taqdi qaltilha:
'Jeħtieġ li jerġa' jseħħ il-miraklu tal-qedem biex naqsamha b'dan il-mod'.
Imma l-omm żiedet twieġeb: 'Binti, agħmel dak li qiegħda nikkmandak'.
Dik marret tħaffef, għax riedet twettaq dak li ġiet ikkmandata.
L-omm marret tiġri għand Kristu, u hemm bdiet titniehed u titlob.
Mall-ewwel dawk il-biċċiet ċkejknin kibru bħala rigal mogħti minn Kristu,
Hekk li bihom kielu u xebgħu ħamsin Soru.
Il-ħniena mill-aktar għolja, li bil-qawwa tagħha tista' kollox,
Għoġobha li tkabbar dawk il-loqom ċkejknin ta' ħobż.
O tjubija mill-aktar għolja, li fl-abbundanza tagħha hi int
O Alla, li qatt ma tonqos lil dawk li huma tiegħek;
Għax Int mill-iżjed għani, u mill-għoli tiegħek tiftaħ idejk beraħ,
U tagħti bl-abbundanza, tkattar dak li hu tajjeb u xxerred id-doni tiegħek!

[534] XIV – Miraklu ieħor, dwar iż-żejt li jingħata mis-sema.

Jum ieħor ġara li ma kienx fadal iżjed
Iż-żejt għall-fqajrin ta' Kristu. Imbagħad dik it-twajba
Omm, li ħennet għal ħutha, ħadet ġarra waħda,
Ħaslitha b'idejha stess, u qiegħditha fit-tieqa,
Li minnha l-fra seta' jeħodha; imbagħad sejħulu,
U talbuh imur jittallab iż-żejt għalihom. Imma, hu u ġej bil-ħeffa,
Waslet qabel il-fra l-providenza ta' Alla, li mliet il-ġarra biż-żejt.
L-omm qalgħet dak li talbet għalih bit-talb bla jaqta' tagħha. Il-fra
Ġie jiġri u meta ra l-ġarra mimlija, telaq igerger,
U jgħid li kienu daħqu bih u sejħulu għal xejn b'xejn.
Forsi tistagħġeb, ja qarrej, dwar fejn jinsab hawnhekk il-miraklu; imma hekk
Tistagħġeb, għaliex temmen li dan hu ta' min ifaħħru ħafna iżjed,
U tgħid li dan hu tassew ta' min jemmnu, u jqimu għal kollox;
Għaliex *Alla li hu tal-biża fis-santwarju* (cfr. S 67,36) tiegħu hekk jaħdem:

Il-Mulej iwettaq l-għeġubijiet, fejn il-qaddejja tiegħu jistħoqqilhom ħwejjeġ kbar.
Fil-mertu aħna nqimu l-qaddej; imma fl-għemil inqimu ‘l-Mulej.
Lanqas ma għandek tistagħġeb li l-ġarra mtliet biż-żejt;
Imma pjuttost għandek tistagħġeb dwar Dak li
Mela l-ġarra, għaliex Hu mela biż-żejt li qatt ma jonqos
Ir-ruħ ta’ Klara, li raxxax fuqha n-nida tal-qdusija,
U mall-ewwel xerred il-fama ta’ isimha mad-dinja kollha.
Hu ried li r-rimja ċkejkna tikber fis-siġra tar-rand,
Is-siġra ta’ l-għargħar riedha tikber f’ċedru kbir.
Min ma jistagħġibx? Din il-mara umli u ċkejkna,
Ġarra fraġli tal-fuħħar, irmied li jtir mar-riħ, hekk marret tikber,
Sabiex *id-dar* tagħha jew belt twelidha ma jifilħux iżommu għalihom *il-fwieħa*
*Ta’ l-ungwent* (cfr. Ġw 12,3), li kellha tixtered u timla d-dinja kollha.

[535] XV – Dwar iċ-ċaħdiet tal-ġisem.

Klara ma kienetx taħżen xejn għaliha nnifisha, ma kienetx tfittex l-artab
U riedet tgħix il-ħajja komuni bħal kulħadd. Kienet tagħżel dak li hu iebes.
Dak kollu li lilna jbeżżagħna, hu dak li nistagħġbu meta nirrakkontaw dwarha.
Ma kienet twiegħed xejn, jekk kienet tkun taf li mhux iebes biex twettqu.
Klara kienet tilbes tonka ħarxa minsuġa minn drapp oħxon,
U fuqha mantell żgħir bla ebda valur; ma’ sidirha kienet torbot magħfus
Ċilizzju tal-ġilda tal-ħanżir, li billi kien iniggeż
Bix-xahar iebes tiegħu kien iqatta’ l-ġisem fraġli tagħha.
Kienet ukoll tgħakkes lil ġisimha bil-ħbula magħmulin mix-xahar taż-żiemel
Li kienet torbtu f’għoqod, u kienet tagħmel minnu swat.
Il-ġisem imsejken jilminta li kienu l-missirijiet li dinbu,
Imma n-nisel tagħhom iwassal il-ġisem għall-vizzju
U ingħata għal-lussu, ibbies bil-ħażen, sar ta’ min jistmerru bil-ħtija,
Ma riedx bl-ebda mod isofri tbatija, u kien destinat biex imut.
L-art għerja kienet is-sodda li fuqha torqod, u bħala mitraħ
Kienet tuża zkuk imkissrin, imqiegħdin fuq tavla ta’ l-injam.
Xi mindaqqiet kienet timtedd fuq tapit tat-tiben,
U kienet isserraħ rasha fuq imħadda tat-tiben, daqslikieku kienet tar-rix.
Imma billi ġisimha ftit kellu saħħa biex jiflaħ għal dan kollu
Għax kienet tgħakksu bla ħniena, Franġisku mexxieha biex tuża aktar ħniena,
U ikkmandaha biex timtedd fuq mitraħ mimli bit-tiben.
Ma kienetx iżżomm qjies fir-rit tas-sawm
Li l-Ordni mqaddes tagħha kien jorbotha għalih bid-devozzjoni.
L-ikel tagħha kien ftit ħobż, u kienet tixrob l-ilma, matul is-sena kollha
U matul iż-żewġ randanijiet, hi ma kienetx tiekol
Fit-tieni, fir-raba’ u fis-sitt jum tal-ġimgħa,
U l-inbid kienet tixorbu biss fil-jum tal-Mulej.
Imma billi hi għexet għal żmien twil f’din il-ħajja,
Jew aħjar f’din il-mortifikazzjoni, hi bdiet tħossha tiddgħajjef bil-kif.

Ir-raġel qaddis flimkien ma' l-Isqof ordnawlha, li billi
Din ir-regola tas-sawm tliet darbiet fil-ġimgħa kienet ta' ħsara għaliha,
Kellha tara li l-ebda jum ma jgħaddi li fih
Ma titrejjaqx bi ftit ħobż ħa ttaffi d-dgħufija ta' ġisimha.
B'hekk wieħed jista' jara l-kapaċità ta' din il-verġni, li t-toqol tal-ġisem
Hi tħarrbu u ġġiegħel il-qawwiet tat-tiġrib biex jisktu.
Kull meta l-ġisem tagħna jitħabat biex jirbaħ bil-mod fuqu nnifsu,
Hemm liġi li bl-istess mod tobbligah biex jagħraf iżomm il-qjies fiċ-ċaħda;
B'hekk din il-liġi tirbaħ in-niket bin-niket, tbiegħed il-qawwa bil-qawwa,
U l-qerq twarrbu bil-qerq, biex hekk twasslu għat-tmiem.
La s-sawm iebes, u lanqas dawn l-osservanzi kollha
Ma jmissu dan in-niket; il-ħarsa tagħha kienet dejjem waħda ta' ferħ,
Mimlija hena, dejjem titbissem; is-swat tal-ġisem
Kien jiħfief bl-imħabba li kienet taqbad f'qalbha.  Kienet titħeġġeġ għall-Għarus ħelu.
Kull meta kienet tiftakar, kienet titniehed u titbekka fuq iż-żeblieħ li sofra Kristu,
Fil-bżieq, fis-swat, fit-theddid, fid-daqqiet ta' ponn, fit-torturi bla ħniena,
Il-Mulej tas-sema minxur fuq salib għall-imħabba tal-qaddejja tiegħu,
Minfud bl-imsiemer, jitbekka quddiem il-mewt;
Kienet titbekka fuq il-qaddisin li batew għall-isem ta' Kristu,
Li sofrew id-daqqiet tal-qattiela tagħhom, it-tgħalliq, il-ktajjen, is-swat,
Il-ħadid jikwi, ix-xwabel, il-ħruq, u l-imwiet
Ta' kull xorta minħabba Kristu, li għall-imħabba tiegħu
Stiefnu ma beżax mill-ġebel, Lawrenz iddieħaq
Bin-nirien, Vinċenz  rebaħ fuq tbatijiet ħorox:
Kienet tiftakar fit-tbatija li sofrew tfajliet verġni,
Li fosthom iż-żogħżija mimlija qawwa ta' Anjeże l-ebda ħruxija
Ma setgħet tirbaħha, kif lanqas ma setgħet tiċċaqlaq il-fehma ta' Luċija;
U għalhekk hi kienet timxi wara ċaħdiet iebsin, kienet tgħakkes lil ġisimha
B'sawm iebes, u l-ħidmiet ta' tbatija li kienet tagħmel kienu kollha jsiru
Ħelwin, kienet tqanqal lill-oħrajn bl-eżempju, kienet trattab il-qlub bil-hena,
Kienet tfarraġ lil bosta u tidħol għalihom, kienet tqawwi l-qlub bil-premju ta'dejjem.

[536] XVI – Waqfa fir-rakkont biex nitkellmu dwar il-ġlieda spiritwali.

Jalla ma tiddejjaqx, ja qarrej, li tieqaf biex taħseb fuq dan li se ngħidu.
Huma tlieta l-għedewwa tal-bniedem: ix-xitan, il-ġisem, id-dinja.
L-ispirtu ħażin jattakka, il-glorja tad-dinja tagħmina,
U t-tqanqil kontinwu jkompli jħabbat il-ġisem.
Ix-xitan, biex jirbaħ fuq il-bniedem, ta' spiss jipprova jwaqqgħu,
Jingħaqad mal-ġisem, u jibda l-attakk tiegħu fil-ġisem;
Sabiex il-ġisem, li hu l-aktar post li fih jirbaħ l-għadu,
Ikun jista' jqum kontrih, dan ikollu jiġġieled biex ma jħallix
Il-parti nobbli tal-bniedem titqarraq; hekk il-bniedem iħossu mifrud fih innifsu
Jara fih ġlieda għaddejja, u jkollu jiġġieled bil-ġisem mogħti għall-mewt,
Hekk jingħata għall-battalja, biex jintrebaħ l-għadu li hemm ġo fih.

Il-bniedem ta’ ġewwa jitħabat biex jirbaħ fuq il-ġisem,
Għax meta jirnexxilu jaħkmu, jkun jista’ jirbaħlu; b’hekk jiġġieled fih innifsu,
Biex irażżan it-tqanqil tar-rieda għamja u l-ħruq tal-passjonijiet.
Sabiex il-ġisem ikun jista’ jmexxi lilu nnifsu, ir-ruħ tikkmandah;
U wara li l-battalja tintemm, tiġi żgurata l-wegħda tal-paċi li tiġi wara,
B’hekk hu jqum aktar b’saħħtu fid-dinja, u t-tirann tad-dinja
Jkun jista’ jisħaq fuqu malajr, bħal wieħed ħieles u bla xkiel ta’ rbit.
Jekk għaldaqstant trid idduq is-sliem tal-ġisem, taħt il-liġi tal-modestja
Triq tqiegħed lil ġismek, trid tneħħi kull ma hu żejjed;
Ma għandekx iżżiegħel bih b’tali mod li jista’ jqum kontrik bil-qawwa:
Għax jekk tħallih għal riħu, toffendih; jekk toffendih, ikun irid il-ħelsien.
X’taqbad tagħmel? Jekk ma trażżnux, ma jħallix bi kwietu l-ispirtu;
Jekk tħallih bla kontroll, jirvilla; imma jekk issawwtu, joqgħod għalik.
Il-pjaċir hu l-għadu tar-ruħ, it-tpaxxija hi l-qerda tagħha. Int tistaqsi
Kif se ssalvaha? Trid tqaċċat mill-qiegħ. Jekk tħobb il-ġisem, oqgħod dejjqu,
Waqqaf it-thewdin, qajjem in-nagħas tiegħu, u xekkel il-ħajja bla lġiem tiegħu.
It-tbatijiet tal-ġisem ifejjqu l-infezzjonijiet tal-ġisem:
Ta’ spiss il-kura tal-ħażen isseħħ b’azzjonijiet li jidhru koroħ.
Tiċrita fil-laħam il-ħaj tfejjaq l-uġiegħ; mediċina morra tagħti ħlewwa fil-ġewwieni,
Wara li l-passjonijiet tal-ġisem jiġu maħkumin,
Jew aħjar, jiġu mnaqqsin, l-ispirtu ta’ ġewwa jkun jista’ jgħix mill-ġdid,
Iħares madwaru minn ġewwa; u jekk dak li jiċċaqlaq
Minħabba dak li hu barra, bil-qawwa ta’ ċaqliqa ħażina,
Iniżżel il-ħażen, hu jwasslu quddiem it-tribunal
Tal-qalb, biex hekk ikisser, jakkuża, jikkundanna,
Jaħslu nadif bid-dmugħ, bit-tnehid, bit-talb kollu ħeġġa, ħalli l-qalb
Minn ġewwa jaħsilha, u jbiegħed minnu t-thewdin li jbeżża’,
Iħarrab is-sħab ta’ l-ispirtu, u jġib il-kalma fil-bixra tal-wiċċ.
Hekk kif Klara kienet tishar u saret mgħallma fl-arti tal-ġlieda tas-sema,
Hi ħejjiet it-tempju tagħha: fil-ġewwieni tal-qalb tagħha
Offriet l-inċens ifuħ fuq l-altar, filwaqt li kienet tikkontempla u titlob.
Hemmhekk hi kienet tifga t-tqanqil tan-nirien tal-qalb
U titfihom bix-xmajjar tad-dmugħ. Lir-ruħ tagħha
Kienet issaffiha, kienet tiffissa l-ħarsa ta’ għajnejha fuq dak
Li hu l-ogħla ġid, il-ġid suprem, u li l-kontemplazzjoni tiegħu
Kienet tħalli lil ruħha donnha mdendla, barra minnha nnifisha, u mġedda;
Hekk wara li kienu jintfew is-sensi, bil-ħarsa li tinfed ta’ ruħha fis-sema
Kienet tilmaħ fiha nnifisha l-Verb, li fih ir-ruħ tagħraf lilha nnifisha,
U tara t-tbajja’ kollha li tkun imċappsa bihom,
U jilmaħ f’din il-mera li hi ġiet magħluqa mingħajr tebgħa,
U li hi nnifisha saret l-omm li nisslet kull ħtija fiha nnifisha;
Minnha joħroġ kull vizzju, minnha r-rieda mħassra,
Il-mertu x’aktarx li ma jsalvax lir-ruħ, imma l-grazzja trid
Li tasal qabel il-bniedem, biex hekk timlieh biha nnifisha u tinkurunah;
U għalkemm fiha nnifisha hi difettuża, il-grazzja *hi biżżejjed*
Jekk tkun riferita lil *Alla* (cfr. 2Kor 3,5). Waqt li l-moħħ jirrifettli fuq dan kollu,

Jalla ma jintefaħx bil-merti, u lanqas ma jitkabbar bil-virtù.
Għax jekk iżomm il-qjies f'dan kollu, hu juri ruħu f'saħħtu b'mod sħiħ minn barra.
"Għax il-baqqa ma tehdiex li tiggranfa mal-ġisem, sakemm ma tkunx imtliet bid-demm"[277].
Hi kienet titħawwad b'dak li mhux xieraq, u kienet titfi l-ispirti tal-mistħija,
Kienet taħraq dak li jħajjar, kienet tisħaq fuq dak li jġib l-inkwiet fl-imġieba;
Hekk, waqt li kienet tgħakkes lilha nnifisha, waqt li kienet taħkem it-tbajja' tal-ġisem,
Filwaqt li kienet issawwat bla ħniena l-membri ta' ġisimha,
It-tqanqiliet tan-natura kienu jċedu, u kienu jirbħu l-qawwiet ġewwenija.
Nitolbok tgħidli, hekk nistaqsi, jekk kienetx il-ħerqa ta' Klara li wettqet dan kollu?
Jiena nemmen li l-Ispirtu għamel dan kollu b'qawwa akbar,
Għaliex hu l-virtù bla tarf, u l-akbar qawwa,
U jrattab dak li hu iebes, u jwebbes dak li hu artab, kif irid Hu.

[537] XVII – Dwar kif kienet tehda fit-talb qaddis.

Mimlija bil-ġid ta' dejjem, meħlusa mill-waqgħat tad-dinja,
Kienet tishar fit-tifħir, kienet tkanta innijiet, u kienet titlob b'ħeġġa ta' l-għaġeb.
Wara li kienet tikes minn sider ir-ruħ tagħha l-ħmieġ u t-trab,
Il-għajn ta' ruħha kienet iddur biex tiddi f'dak *id-dawl*
Li jdawwal *lill-bnedmin* (cfr. Ġw 1,4), li fih il-ħlejjaq kollha
Jeżistu, *jgħixu*, u *jiċċaqilqu* (cfr. Atti 17,28).
Kienet tinfexx fid-dmugħ waqt it-talb, u lis-Sorijiet magħha
Kienet tqanqalhom għad-dmugħ: il-biki ta' l-omm kien iqanqalhom.
Kienet toffri l-wegħdiet tagħha lil Alla l-ħin kollu, kienet tgħaqqad il-lejl
Mal-jum, u għal ħin twil wara l-Kumpieta, fis-siegħat
Tal-lejl, waqt li s-Sorijiet kienu jitolbu, hi kienet tibqa' tishar fit-tul.
Imma filwaqt li s-Sorijiet kienu jgħejjew minħabba t-talb fit-tul,
U kienu jirtiraw biex jagħtu ftit mistrieħ lil ġisimhom fl-irqad,
Hi kienet tibqa' tinsisti biex tfittex lill-Għarus tagħha,
Kienet tħabbatlu bl-imħabba, kienet titqanqal bid-dmugħ,
U kienet ta' spiss tfittex li dduq imqar bil-ħatfa l-ħlewwiet tiegħu.
Kienet tintasab għal tulha fl-art, u bix-xmara tad-dmugħ tagħha
Kienet ixxarrab l-art, kienet tbusha b'xofftejha, u donnu kien jidher
Li b'idejha mimlijin devozzjoni kienet trid tgħannaq magħha lil Kristu.
Nitolbok, għidli, ja għarusa l-aktar ħelwa u devota ta' Alla,
Xi jrid id-dmugħ oħxon li jġelben fuq ħaddejk, x'inti titlob?
Tibża' minn xi nawfraġju? Jew inkella xi sens ta' ħtija
Għadu jħabbtek, inti li tant jistħoqqlok li tkun denja għall-Għarus tiegħek
U għall-ħlewwiet tiegħu, u biex tgawdi l-ġid l-aktar bnin tiegħu?
Jew inkella jqanqluk il-kliem qaddisin ta' l-imqaddes Pawlu,
Ta' dak li, wara li ġera b'ħeġġa qaddisa wara l-ħafna virtujiet
Li għalihom kienet tixxennaq ruħu, mar jgħid: *'Jiena ma nħoss xejn fuq il-kuxjenza'*,
*Iżda mhux b'daqshekk* kien iqis lilu nnifsu *iġġustifikat*? (cfr. 1Kor 4,4).
Inti ma tistax tneħħi d-dmugħ tan-niket, jew inkella

[277] Kwotazzjoni minn Orazju, *Epistula ad Pisones*, 476.

Ma tistax twaqqaf il-ferħ ġewwieni li tħoss fil-biki li jaqla' l-hena tas-sema?
X'inhu dak li trid taqla' meta jistħoqqlok li xxerred dak id-dmugħ jaħraq?
Jiena ma nafx.  Inħalli għalik, Klara, it-tweġiba għal dawn is-sigrieti.
Imma jiena injurant f'dan kollu, u niftakar u naqra bosta drabi
Li erwieħ ta' ġieħ ma jxerrdux id-dmugħ, għaliex jibżgħu mill-kastig,
Imma pjuttost għaliex jaraw li l-premju se jdum ma jasal.
Bil-lejl Klara kienet tqum qabel sħabha, b'sinjali magħmulin fis-skiet
Kienet tqajjimhom għat-tifħir 'l Alla; kienet tmur tqajjimhom minn soddthom,
U kienet tixgħel l-imsiebaħ, u ta' spiss kienet hi li tagħti s-sinjal tal-qawmien.
Kull fejn ma hemmx post għall-bruda, kull għażż u ħedla jgħibu;
Ma hemmx dixxipli għajjenin biex iqumu, meta l-imgħallma tqanqalhom.

[538] XVIII – Dwar kif ix-xitan dehrilha waqt li kienet titlob.

Il-għadu tal-qedem ġietu l-għira għall-mixja tagħha fil-virtù.
Hekk mar jidhrilha taħt ix-xbieha ta' tfajjel sewdieni:
Mar iwissiha biex ma tibkix, għax ried jeqridha;
Kien jheddidha li l-ħafna biki tagħha kien se jċaħħadha mid-dawl ta' għajnejha.
Il-verġni weġbitu lil dak li kien jgħassilha biex jaħkimha:
'Kull min jara lill-Mulej ma jista' qatt jitlef id-dawl'.
U hekk imħawwad hu siket; imma fl-istess lejl reġa' ġie
Wara l-Matutin, u t-tentatur reġa' mar itenni l-istess kliem
U jwissiha biex tieqaf mill-biki, inkella jkollha tnissel id-dmugħ
Minn imneħirha u hekk ikollha ssofri tortura ħarxa.
Imma kienet aktar ħafifa biex twieġbu Klara:
'Lill-qaddejja ta' Alla l-ebda tortura ma tista' tagħmlilha ħsara'.
U hekk ix-xitan, imkeċċi, kellu jħalliha, u dak li ġie mirbuħ lanqas ma azzarda
Li jerġa' jhedded lill-verġni, li kienet rebħitlu għal darbtejn.

[539] XIX – Dwar kif kienet tiġi lura mit-talb tiddi bil-qdusija.

Ma' ħutha s-sorijiet kienet taqsam il-ħlewwiet tat-talb
Li kienet idduq meta kienet issir donnha ħuġġieġa qaddisa ta' nar,
Jew l-ilwien sbieħ li kienet iġġib mit-tron ta' l-Għarus tagħha;
Kienet tferraħhom bil-għasel ħelu tal-kelma,
Kienet tħeġġiġhom bil-ħuġġieġa taqbad tal-kliem tagħha:
Il-verġni sħabha kienu jibqgħu miblugħin meta jħarsu lejn
Is-sbuħija ta' wiċċha, u meta jisimgħu l-ħerqa taħraq tal-kliem li kienet tlissen.
Wiċċha kien jiddi aktar kull meta kienet tiġi lura mill-ħuġġieġa
Tat-tfittxija ħerqana tagħha, għax kienet tiddi qisha mixgħula b'raġġi ta' l-għaġeb.
Wieħed jista' jara dak li t-talb safi jista' jaqla' għal dawk li huma ġusti,
Jew dak li l-meditazzjoni qaddisa ġġib għal dawk li jitolbu.
Kif *Mosè*, meta darba minnhom kien niżel *mill-muntanja,* il-ħarsa ħelwa
Tal-Mulej għamlet li *wiċċu* (cfr. Eż 34,29) jiddi b'raġġi ta' dawl qawwi;

Hekk issa l-laqgħa u l-kliem mimli ħlewwa li kienet tlissen ma’ l-Għarus,
Filwaqt li kienet tikkontempla l-ħwejjeġ tas-sema fil-kastell ta’ ruħha,
Kienu jgħanu s-sensi ta’ l-ispirtu tagħha, u jżejjnu l-bixra ta’ wiċċha.

[540] XX – Dwar kif bil-qawwa tat-talb tagħha keċċiet lis-Saraċini.

Kemm kellha ssofri ħażen u miżerja l-Valle di Spoleto!
Kemm dmugħ nisslet il-korla ta’ l-Imperatur Federiku,
U kemm perikli tal-biża’ mar inissel! Kien hemm ġlied u gwerer,
Qerda mill-aktar kiefra ta’ proprjetà, straġi ta’ ħafna postijiet
U massakri ta’ bosta nies li dwew mad-dinja kollha.
Il-ġenn ta’ l-għedewwa wasal biex għamel invażjoni ta’ l-inħawi
Ta’ Assisi, u l-eżerċitu imperjali
Għalaq f’ħabs liċ-ċittadini permezz ta’ assedju; fuqhom għafset
Il-kotra tal-kavallerija u l-eżerċtu li ma jingħaddx
Tas-Saraċini, li kienu armati bi vleġeġ li jiżirgħu l-mewt.
Filwaqt li l-belt imwerwra għalqet il-bibien għall-għedewwa li kienu fil-qrib,
Poplu mimli b’kull ħażen u lest għal kollox, bla biża’
Nisel misħut, għajjur għas-Salib, ta’ l-insara
Jfittxu l-qerda, u kollhom bil-għatx għad-demm tagħhom;
Dawn l-irġiel slavaġ qabżu fil-klawsura tal-knisja ta’ San Damiano,
U mall-ewwel b’dik il-bixra selvaġġa tagħhom
Werwru lill-qaddejja verġni ta’ Kristu, u l-għajjat tagħhom
Ġiegħel lis-sorijiet jaqtgħu qalbhom, iduru fil-vojt, u jitħawwdu,
Kienu hekk imwerwrin li donnhom kienu qegħdin jaraw mostri infernali,
L-uċuħ tagħhom kellhom l-isfura tal-biża’, iddewbet u ddgħajjfet
Ruħhom u l-membri kollha ta’ dawn in-nisa bdew jitriegħdu.
Filwaqt li kienu jimlew kullimkien bil-biki u l-ilfiq tagħhom,
Kienu jidhru hekk imbeżża’, bla ħeġġa u mriegħdin,
Is-sorijiet kollha marru juru d-dmugħ tagħhom lil ommhom.
L-omm ġietha ħniena minnhom, u għalkemm marida fil-ġisem,
B’qalb mimlija kuraġġ talbithom iġorruha lejn id-daħla,
Biex hemm tħares lejn l-għadu f’wiċċu, filwaqt li ordnat li jġibulha l-Ostja
Tal-Qaddis tal-qaddisin magħluqa fil-pissidi tal-fidda, biex Hu jimxi quddiemhom.
Il-verġni bdiet tfittex l-għajnuna ta’ Alla waħdu,
U inxteħtet għal tulha fl-art, talbet, bkiet u bdiet titniehed u tistaqsi:
‘Jaqaw lilek jogħġbok, O Kristu, li dawn il-qaddejja, li jien ngħajjixhom b’imħabbti,
Tħallihom jaqaw f’idejn il-pagani b’mod hekk ikraħ?
Ħarishom, Mulej; nitolbok, u bil-grazzja tiegħek salvahom
Għaliex jiena waħdi ma nistax niddefendi lil dawn il-verġni issa’.
Dak il-ħin stess instema’ leħen ta’ tfajjel ċkejken li kien jidwi f’widnejha:
‘Jiena niddefendikom dejjem’. Hi mall-ewwel żiedet titlob:
‘Mulej, nitolbok, uri ħniena wkoll ma’ din l-art,
Li għall-imħabba tiegħek, dejjem mantnietna b’ħerqa kbira’.
Il-leħen kompla: ‘Din l-art ikollha tgħaddi minn bosta tiġrib;

Imma l-qawwa tiegħi tiddefendiha wkoll'.  Imbagħad mimlija dmugħ
Il-verġni kellmet lis-Sorijiet li kienu wkoll maħsulin bid-dmugħ,
Hi farrġithom, u wegħdithom li ma kien se jiġrilhom xejn
F'daqqa waħda dik iċ-ċorma ta' klieb selvaġġi reġgħet lura,
U ħarbet f'konfużjoni sħiħa, filwaqt li t-talb ta' Klara kien ibiegħdhom bil-qawwa.
Hekk, waqt li talbet b'dan il-mod, il-verġni fil-klawsura keċċiet lill-għadu.
Imbagħad hi talbet lil dawk li semgħu l-leħen jitkellem li, sakemm kellha tkun ħajja,
Kellhom jisktu dwar dak li semgħu u ma jgħidu bih lil ħadd.

## [541] XXI – Il-miraklu ta' meta inħelset il-belt waqt assedju.

Wieħed ċittadin ta' Aversa, li kien jismu Vitale,
Raġel ħali fil-ħajja u bil-ġuħ għall-qawwa, dak iż-żmien
Kien il-mexxej ta' l-armata imperjali, u mimli kburija fl-armatura tiegħu
Hu okkupa Assisi, neżża' l-kampanja mill-ħdura tagħha,
U qaċċat is-siġar kollha ta' madwar u ħarbat dawk l-inħawi kollha.
Hu beda jhedded u jgħid bil-qawwa li qatt ma kien se jitlaq minn hemm
Qabel ma jaħkem l-art u jġiegħelha toqgħod għall-kmand
Ta' l-Imperatur.  Hu kien diġà dawwar il-belt b'assedju
Hekk li kulħadd kien jemmen li l-periklu tal-qerda kien qrib ħafna.
Meta l-verġni semgħet b'dawn il-ġrajja, hi tqanqlet bin-niket u xerrdet id-dmugħ,
Filwaqt li sejħet lil sħabha u qaltilhom dawn il-kelmiet:
'Din l-art wegħdet li lilna tmantnina u taqdina b'ħafna ġid tajjeb;
Ikun għalhekk nuqqas li ma jixraqx lill-bnedmin, jekk f'dan iż-żmien imwiegħer
Aħna ma noffrux l-għajnuna tagħna lilha.  Jekk hi ħaġa tajba li niġġieldu
Għal belt twelidna, u li niddefenduha biss bix-xabla,
Mela tkun ħaġa ħafna aktar nobbli li aħna niġġieldu għaliha bit-talb tagħna'.
Imbagħad talbithom biex iġibilulha l-irmied, u talbet kull waħda mis-Sorijiet
Biex tikxef rasha, u fuq rasha u fuq l-irjus mikxufa tas-Sorijiet
Hi qiegħdet l-irmied.  Imbagħad qaltilhom: 'Morru
Għand il-Mulej tagħna; u ħabbtulu l-bieb tiegħu bil-qima tat-talb tagħkom
U itolbu minn għandu li jħares din l-art u n-nies tagħha'.
Bħas-soltu, huma ġabru flimkien l-armi tat-talb tagħhom.  U x'ġara imbagħad?
Il-Mulej tqanqal mit-talb u mtela ħniena meta ra d-dmugħ tagħhom.
Hu ħarbat dik l-armata lesta għall-battalja, u liċ-ċittadini reġa' tahom
Il-paċi.  Wara dan, il-għadu ma baqax aktar iħabbathom.
Xi ftit taż-żmien wara, l-mexxej tagħhom
Waqa' fil-battalja, maħsud mid-destin tal-mewt li hu ried iġib fuq l-oħrajn.

## [542] XXII – Dwar il-qawwa li t-talb tagħha kellu kontra x-xjaten.

La tistagħġibx, mela, jekk din il-verġni ta' ħila kbira, kellha qawwa
Ukoll fil-ħwejjeġ żgħar, jew jekk, megħjuna mill-armi tad-dmugħ
Kienet twerwer l-armati, u kienet trażżan qillet il-bnedmin

Waqt it-talb; għaliex it-talb qaddis tagħha kien iħarrab
L-ispirti għedewwa li jgħixu fl-arja, li l-ebda ħniena ma tqanqalhom,
U lanqas il-biża’ ma tħarrabhom, u l-ebda mistħija ma twaqqafhom.
Għal dan kollu tagħti xhieda waħda mara
Li fittxet post qaddis fost is-Sorijiet Foqra biex hemm issib is-sliem
U sabiex, devota lejn Alla, tkun tista’ trodd ħajr lil Klara.
Din il-mara sostniet li ftit taż-żmien ilu
Hi kienet inħakmet mill-korla ta’ ħames xjaten,
U li ġiet meħlusa mill-pesta tal-biża’ tagħhom
Għall-merti ta’ l-imqaddsa Klara; qalet ukoll li
Dawn ix-xjaten infushom kienu iddikjaraw li kienu jinħarqu bit-talb tal-verġni,
U li, bil-qawwa ta’ dan it-talb, kienu ħarġu minn din il-mara li kienu ħakmuha.

## [543] XXIII – Dwar kif il-Papa Girgor talabha bil-ħerqa biex titlob għalih.

L-ogħla wieħed fost l-isqfijiet, Girgor, kien jitlob
Lil Klara biex, għall-merti tagħha, tiddefendih bit-talb tagħha.
Għax hu kien jaf li t-talb tagħha kien jinfed l-ogħla smewwiet,
U li l-qawwa tas-sema kienet tagħmel ferħanin lil dawk li huma umli fuq din l-art;
Kien jaf li l-verġinità timla bil-ferħ il-meddiet bla tarf tas-sema,
Tiddi safja bil-glorja ta’ l-anġli, u bħal ċittadin tas-sema
Titgħaxxaq b’dak li hu divin, u li d-dija safja tal-verġni
Tixtieq li tkun flimkien mal-kumpanija tal-qaddisin fl-ogħla smewwiet.
Klara, ħarriesa tas-safa, kienet titgħaxxaq bis-sbuħija u l-bjuda tal-beati
U kienet tithenna fuq iċ-ċittadini tas-sema, u l-hena tas-smewwiet
Kien jistħoqqilha li jgħammar f’ruħha permezz ta’ ħajja ta’ merti qaddisa.
Hekk hi stħaqqilha premju għal darbtejn, kuruna doppja
Kienet tistennieha; għaliex it-tgħakkis tal-ġisem kien jagħmilha
Tixbaħ lill-martri, filwaqt li l-marki jiddu tal-verġinità
Kienu jagħmluha jistħoqqilha li hi tgħix flimkien mal-kori tal-verġni.

## [544] XXIV – Dwar id-devozzjoni ta’ l-għaġeb li kellha lejn is-Sagrament ta’ l-altar.

Ir-ruħ turi lilha nnifisha bil-frott ta’ l-għemejjel tagħha,
U dak li twettaq minn barra juri l-intenzjoni tagħha.  Hekk il-ħeġġa ta’ din il-verġni
Li kienet tixħet il-qawwa kollha tal-moħħ u tal-qalb, kienet tinfirex
Fuq il-mejda ta’ Kristu, li fuqha l-ministru li joffri s-sagrifiċċju
Jamministra l-offerti qaddisa tal-patt ta’ dejjem.
Hekk kienet turi l-qima tagħha b’xogħol idejha, u bil-ħidma tas-swaba tagħha.
Għax meta Klara kienet mimduda fis-sodda marida ħafna,
Kienet titlobhom jerfgħuha u jwieżnuha bl-imħaded, u hekk bilqiegħda
Kienet toqgħod tinseġ id-drapp, kienet tagħmel palli żgħar
U tinforrahom bil-ħarir jew bi drapp ta’ lewn il-propra,
U hekk kienet tagħmel għemil nobbli biex bih iżżejjen l-altar u s-Sagrament.

Imbagħad mall-ewwel kienet tqassamhom bl-imħabba lill-knejjes ta' Kristu.
U meta kienet tirċievi l-ġisem u d-demm tal-Mulej,
Kien iġelben ma' ħaddejha dmugħ jaħraq, u lil Kristu li jinħeba
Taħt l-ispeċi tal-ħobż kienet turih il-biża' u l-qima kbira tagħha,
Daqslikieku kienet tqimu bħala sultan tas-sema u ta' l-art.

[545] XXV – Dwar il-faraġ mirakoluż li Kristu taha waqt il-marda tagħha.

Bħalma l-ħassad tas-sema jagħtina dak li jistħoqqilna,
Hekk hu kien jippremja l-ħeġġa u l-wegħdiet ta' din il-verġni.
Għaliex hi kienet dejjem tiftakar fi Kristu, u l-għejja ma kienetx itaqqalha.
Għalkemm kienet tnin fil-mard, kienet taqbad bl-imħabba ta' Kristu;
Hekk Kristu kien jimlieha bil-ħlewwa, u kien ifarraġha meta kienet dgħajfa,
Kien iżurha u jimlilha lil ruħha bil-ħlewwiet tal-faraġ tas-sema.
Ġara darba minnhom kien il-lejl tat-twelid ta' Kristu,
Dak il-lejl li dawwal b'dija ta' l-għaġeb id-dlamijiet tad-dinja.
Ma kienx hemm dlam, imma l-lejl kien jiddi b'dak id-dawl ġdid
Tax-xemx ta' dejjem li kienet tiela' fuq id-dinja.
F'Dak il-lejl, jew aħjar f'dak *il-jum*, skond ix-xhieda tal-profeta,
*Il-għoljiet inixxu* l-għasel u l-muntanji *iqattru bil-ħlewwa* (cfr. Ġoel 3,18),
Għaliex tifel twieled għalina, u s-smewwiet qattru doni ġodda
Fuq id-dinja, u d-dinja b'kull ma fiha tgħarrset mas-sema.
Iċ-ċittadini tas-sema jithennew f'dan il-lejl qaddis,
Il-kori ta' l-anġli jħabbru l-ferħ ġdid lid-dinja kollha.
Bil-lejl is-Sorijiet iqumu għall-Matutin
Sabiex ifaħħru lil Kristu, imma jħallu warajhom lil omm marida;
Filwaqt li hi tiftakar fit-Tfajjel li jitwieled, hi timtela bin-niket,
Għaliex tara li ma tistax tkun preżenti għat-tifħir tiegħu.
Għaldaqstant tfittex lil Kristu, u bil-leħen ħiereġ mill-qalb
Tmur titkellem l-għarusa ma' l-Għarus, titniehed u tgħidlu:
'Mulej, ara, kif jiena ninsab hawnhekk waħdi għalik'.
Mingħajr dewmien ta' waqt wieħed, il-kunċert ta' l-għaġeb ta' l-imqaddes
Franġisku instema' jidwi fil-widnejn tal-verġni; hi bdiet tisma'
Lill-aħwa li jkantaw is-salmi: imma dak il-post ma kienx hekk fil-qrib,
Għaliex ħlief li kieku b'qawwa ġejja mis-sema setgħa jinstema' d-daqq
Ta' l-orgni, jew inkella b'don ta' qawwa ġejja mis-sema
Kien tqawwa s-smiegħ tal-ġisem, ma kienx ikun possibbli
Li b'mod uman dak il-ġmiel ta' kant imiss il-widnejn tal-verġni.
Imma lanqas ma għandna nqisu dan bħala xi ġrajja ta' l-għaġeb; kien att ta' ħniena
Nemmen, li ġie mogħti lil Klara li kienet tinsab waħedha li jistħoqqilha tara
L-presepju ta' Kristu. Imbagħad, l-għada filgħodu,
Marret tgħid hekk lil sħabha: 'Ikun imbierek il-Mulej! Għaliex Hu
Ma ħallinix waħdi; imma bil-grazzja tiegħu għamel
Li bil-widnejn tal-ġisem jiena jistħoqqli nisma' s-solennitajiet kollha
Li l-kor kien qiegħed ikanta fil-knisja ta' San Franġisk'.

[546] XXVI – Dwar l-imħabba mħeġġa li kellha lejn is-Salib.

Il-kompassjoni kollha mrar lejn is-salib ta’ Kristu kienet tinfed ir-ruħ
Tal-verġni, u l-pjagi mqaddsa kienu jnisslu ħafna dmugħ minn għajnejha.
Hi kienet titqanqal b’ħafna tqanqil tar-ruħ meta tiftakar fis-salib:
Xi mindaqqiet it-tifkira kienet tnissel id-dmugħ, f’mumenti oħrajn kienet tnissel faraġ;
Il-verġni mimlija kompassjoni kienet tibki fuq Dak li bata s-salib;
Filwaqt li kienet tiftakar fil-fidwa tas-salib, kienet timtela bil-ferħ u t-tifħir.
Il-biki tagħha kien inissel il-kalma fiha, għaliex it-tiġdid tad-dinja
Seħħ mis-salib, u għaliex id-dmugħ ħelu
Jaħsel il-biki ħtija ta’ l-imrar, u jneħħi l-piena tal-ħtija,
Il-ġerħa taħsel dak li jċappas ir-ruħ, u tneħħi kull għira.
Hekk id-dmugħ tagħha jsir ħelu, u l-kompassjoni tar-ruħ
Issir dawl, tagħmel li s-salib jeħfief, u ssir att ta’ gratitudni lejn it-tbatija
Ta’ Dak li hi intrabtet miegħu b’rabta sħiħa u li fil-profondità tiegħu
Kienet tgħammar b’qalbha, hekk li s-salib ma jitbiegħedx minn ruħha,
Imma hi żżommu magħluq bħal f’arka, li hi donnha teżor mill-isbaħ tar-ruħ,
Filwaqt li tiftakar fih il-ħin kollu, u ddawwar ħsibijietha fuqu bla waqfien.
Għalhekk kienet twissi lis-sorijiet biex jibku fuq Kristu,
U l-eżempju tagħha kien jgħallimhom. Meta kienet ta’ spiss twissihom,
Kienet timtela b’kotra ta’ dmugħ li kienu jħabbru minn qabel l-intenzjoni ta’ kliemha;
Hi kienet timmarka l-ħin u s-siegħa tas-salib ta’ Kristu,
U kienet tinħakem b’niket akbar minn nofs in-nhar sat-tlieta
Fil-ġewwieni tagħha: kienet tiffissa tikkontempla l-imsiemer tat-tbatija.
Meta darba minnhom kienet titlob fit-tlieta ta’ wara nofs in-nhar, l-ispirtu
Tal-ħażen ta daqqa ta’ ħarta lill-ħaddejn tal-verġni, u hekk
Immarkaha b’ġerħa u minn għajnejha nixxa d-demm.
Hi kienet tgħallmet l-Uffiċċju tas-salib, li kien għallimha l-maħbub tiegħu
Franġisku, u kienet ta’ spiss titolbu bl-istess mod kif kien jagħmel hu.
Kienet tieqaf timmedita fuq dawk il-kelmiet tat-talba dwar il-ħames pjagi.
Dan it-talb kien għaliha kant ta’ ferħ u kien jimlieha bil-hena.

[547] XXVII – Tifkira tal-passjoni tal-Mulej.

Darba ġara, u hi ħaġa xierqa li nirrakkontaw, li jum minnhom
Kienet waslet it-tifkira ta’ l-Aħħar Ikla mqaddsa tal-Mulej;
Kien qed joqrob il-lejl, li fih it-traditur kellu jiġi biex jaqbad l-Imgħallem
U ma jibżax ibiegħu, meta dak li ried jeqred il-paċi
Ippretenda li jittradixxi lil dawk li jmantni bis-sliem, billi jagħtih il-bewsa tal-paċi,
U li jeqred il-jum u jbiddlu fil-lejl, id-dlam ibiddel fi swedija
Id-dawl, u l-ħajja kellha tinbiegħ permezz ta’ kuntratt tal-mewt.
Il-biża’ tal-mewt kienet diġà thedded u dak id-demm
*Ta’ l-għaraq ta’ l-agunija*, meta l-Iben talab b’mod uman lill-*Missier*

Sabiex iħalli jgħaddi minn quddiemu *l-kalċi* (cfr. Lq 22,42-44) li kellu jixrob.
Il-verġni talbet li tingħalaq ġewwa fis-skiet taċ-ċella tagħha.
It-talb beda jissokkta talba wara l-oħra, u n-niket beda jġib miegħu niket dejjem ikbar.
Il-qabda kiefra tal-Mulej, iż-żeblieħ mimli żufjett, l-imrar
Li kellu jieħu fuq spallejh dak il-Ħaruf mill-aktar twajjeb u ġwejjed,
Kienu jidħlu fil-moħħ tal-verġni, u kienu jibqgħu bil-qawwa f'ruħha.
Filwaqt li kienet tiftakar f'kull ġrajja, u filwaqt li moħħha iffissa jaħseb dwarhom,
Il-verġni twajba għal matul il-lejl kollu u l-jum ta' l-għada
Ġiet maħtufa f'estasi barra minna nnifisha, u għajnejha iċċassaw fuq ħaġa waħda.
Ir-ruħ baqgħet tishar mimlija bl-affett, filwaqt li siktu
L-għemejjel kollha ta' ġisimha; ruħha kienet titpaxxa f'mistrieħ qaddis,
Filwaqt li hi baqgħet fissa u iċċassata, bla ma tiċċaqlaq.
Ta' spiss is-soru qaddejja kienet tiġi biex tara kif kienet l-omm, u kienet taraha
Ma tiċċaqlaqx; u l-bixra ta' wiċċha ma kienetx tinbidel.
Meta għadda l-jum tal-Ġimgħa
U beda dieħel il-lejl li jiġi qabel
Is-Sibt qaddis, dik is-soru devota resqet lejn ommha,
Xegħlet il-musbieħ, u bis-sinjali fakkritha
Fil-kmand li kien taha r-raġel qaddis Franġisku,
Jiġifieri, li l-ebda jum ma kellu jgħaddi li fih il-verġni ma titrejjaqx bi ftit ikel.
L-omm stenbħet, qisha ġiet lura minn dinja oħra:
Qaltilha: 'Ma hemmx għalfejn tixgħel ix-xema', mhux bin-nhar bħalissa?'
Il-qaddejja wieġbet lis-sinjura: 'Il-lejl diġà għadda,
U għadda wkoll il-jum li jiġi warajh; u ara dieħel lejl ieħor'.
Imbagħad l-omm qaltilha: 'Ikun imbierek dan it-tħeddil qaddis,
Li tant kont ili nixtiequ u nitlob għalih; fl-aħħar qtajt xewqti!'
Imma, li ma tmurx timtela' bi kburija jew inkella tintefaħ bil-ftaħir
Uman, l-omm ma ħallithiex tikxef il-ġrajja u qaltilha:
'Dment li jiena nkun ħajja f'dan il-ġisem, ara li ma tgħid lil ħadd b'dan il-ġara'.
Inti li qiegħed taqra dan kollu, nitolbok tqis kemm kienet kbira
Il-perfezzjoni ta' din il-verġni, kemm kien safi l-ispirtu tagħha,
Kemm kien ħieles u mingħajr xkiel il-ġisem tagħha li seta' jiċċaqlaq b'ħeffa bħal dik!
Ruħha kienet tiffissa tħares lejn Kristu, filwaqt li ġisimha kien jintilef f'nagħsa ħelwa.
Imma dan ma kienx irqad tal-ġisem: għaliex in-natura ma ġġibx dan
L-irqad, imma hu l-ispirtu li jagħti lilu nnifsu dan il-mistrieħ mimli sliem.
Hekk il-ħajt tal-ġisem jinħatt, u t-toqol tiegħu
Isir mill-aktar ħafif, filwaqt li l-pjaċiri tiegħu kollha jindifnu,
Iċ-ċaqliq tal-ġisem jintemm, tiġi mxejjna l-kilba tax-xewqa,
Jiġi maħkum kull tqanqil, hekk li ma tibqax il-ħeġġa ta' dak li jieqaf
Lill-intenzjonijiet tar-ruħ, u lanqas l-ebusija tal-qalb ma ttawwal il-ħin biex jitwettaq
Dak li jiġi mwiegħed, u l-affett lanqas ma joħnoq jew jieqaf lill-ħerqa.
Xi tħeddila mimlija paċi! X'kontemplazzjoni mimlija hena!
X'gost ħelu tar-ruħ u frisk li jhenni lill-moħħ!
Xorb mill-aktar ħieni, li bih marret tisker il-verġni
Fil-ġisem tagħha, sabiex hekk tikkalma l-ispirtu; u hekk barranija
Għad-dinja, issir tagħraf il-ġmiel tas-sema, fejn tkun maġenb l-Għarus.

L-Appostlu kien jixtieq *jintemm* fil-ġisem, u hekk
Li seta' jingħaqad *ma' Kristu* (cfr. Fil 1,23); aktar minnu din il-verġni,
Filwaqt li baqgħet midħla ta' Kristu, imqar għal waqt wieħed biss,
Qalbha kienet tishar, tittallab dak li hu l-aktar għoli; il-ġisem imkisser tagħha jistrieħ.
Il-ġisem hekk jobdi, filwaqt li l-liġijiet tar-ruħ
Jifraħ li jipprova jobdihom, u jkun irid jaqdihom bil-ħidma tiegħu.
L-ispirtu tagħha jmexxiha; imexxi l-ġisem, li jaqdi u jobdi.
Ma hemm l-ebda konflitt, l-ebda ġlieda bejniethom it-tnejn;
Hemm biss intenzjoni waħda, wegħda ugwali għalihom, u rieda waħdanija.
Dak li għal ftit taż-żmien kien bla lġiem u jdejjaq,
Joqgħod għat-tagħlim sod, u jagħmel b'mod safi dak li jiġi ikkmandat.
Ir-ruħ tikkmanda, il-ġisem jaqdi; hi tiddeċiedi u hu jwieġeb billi jwettaq;
Ir-ruħ tieqaf skond kif trid; hi tiġġudika qabel iż-żmien:
L-ispirtu hu s-sewwieq li jagħmel dak kollu li jiġi ikkmandat.
Dak kollu li jilqa' hu jieħu fuqu nnifsu u bil-ferħ iħaddnu;
Dak li hu iebes jagħmel li jsir ħafif: hekk dak kollu li qabel
Kien tqil, issa tista' ġġorru, u dak li kien morr, jieħu bixra ta' ħlewwa.

## [548] XXVIII – Dwar il-mirakli li seħħu bil-qawwa tas-sinjal tas-salib.

Il-pinna tal-kittieb għadha kemm uriet il-bikja morra
Tal-verġni u x-xmajjar ta' dmugħ li kienu jġelbnu ma' ħaddejha, li
Bihom hi kienet ixxarrab il-marki divini tas-salib;
Issa se niddeskrivu bi stil mill-aktar ħelu l-frott għammiel
Ta' dik is-siġra u tat-tuffieħ ħelu daqs il-għasel li hu frottha,
Li jixxottaw id-dmugħ, li jżiegħlu bis-sider tal-maħbub,
Li jisbqu l-balzmu bil-fwejjaħ li jxerrdu ma' kullimkien;
Għaliex bid-dmugħ tal-verġni ġie msoqqi s-salib li
Reġgħet laqgħet f'idejha. Hi wettqet ħwejjeġ ta' l-għaġeb,
Bil-qawwa tas-salib l-omm kienet tfejjaq lid-dgħajfa f'saħħithom,
Kif kienet tidħol bl-għajnuna tagħha għall-morda kollha bl-istess duwa.
Billi nieħdu ħafna fit-tul biex nirrakkontaw dawn is-sinjali wieħed wara l-ieħor,
U li nesprimu b'forma poetika meta u kif ġraw,
It-tifkira ta' l-istorja tikxef kollox b'kotra ta' kliem;
U għalhekk biżżejjed niddeskrivu l-mard u l-fejqan li seħħ mit-tabib,
Li fis-Salib tiegħu dehret tiddi l-qawwa ta' l-għaġeb
Kif dehru jiddu l-merti u l-virtujiet tal-qaddejja tiegħu.
Meta wieħed mill-aħwa jismu Stiefnu sofra b'tal-qamar, kif urew l-għemejjel tiegħu,
L-imqaddes Franġisku bagħat lil dan ir-raġel marid
Għand Klara, sabiex tkun hi li tipprova tfejjqu.
Hi mall-ewwel qagħdet għall-kelma tal-missier u lil dan il-patri marid
Immarkatu bis-sinjal tas-salib, u mbagħad fil-post fejn soltu kienet titlob
Ħallietu jmur biex jorqod għal ftit; u wara nagħsa ħelwa
Qam meħlus mill-marda tiegħu. Hekk telaq minn hemmhekk imfejjaq għal kollox.
Tfajjel ċkejken ta' tliet snin jismu Mattiolo

Kien deffes ċagħqa f'imnieħru, u għas-saħħa
L-ebda id ma setgħet treġġgħu lura.  Marru bih jiġru għand Klara;
Immarkatu bis-sinjal ta' Kristu, u ċ-ċagħqa mall-ewwel qabżet 'il barra.
Wieħed raġel minn Perugia kellu għajnu marid ħafna;
Mar għand Klara sabiex tfejjqu.  Hi immarkatu bis-salib,
U bagħtitu għand ommha, biex hi wkoll timmarkah bis-salib.
Din il-mara imxiet fuq il-passi miqjumin ta' bintha, għax id-dinja
Kienet stmerritha billi kellha xewqa taqdi lil Kristu, u wara li mewt żewġha ħallitha
Mir-rabta taż-żwieġ, hi xiddet fuqha t-tonka tar-reliġjon
Biex tingħalaq mal-verġni fil-ġnejna tal-klawsura.
L-omm toqgħod għall-kelma ta' bintha, u timmarka bis-sinjal imqaddes tas-salib
Dik l-għajn marida.  Minnufih għabet iż-żlieġa li kienet iċċajparlu għajnu,
U beda jara ċar ħafna.  Klara tat xhieda li dan l-għemil
Seħħ għall-merti ta' ommha; imma l-omm sostniet
Li ma kienx jistħoqqilha li ġġib fejqan bħal dak, u faħħret il-merti
Ta' bintha l-imqaddsa u faħħret lilha għat-toqol tal-mertu.
Għal kważi tnax il-sena, marda taħt id-driegħ,
Li tissejjaħ fistla, kienet ħakmet lil waħda mis-sorijiet.
Il-ġerħa li kellha kienet tnixxi l-materja minn ħames postijiet.
Il-verġni mimlija ħniena, bil-qawwa tad-duwa tas-salib,
Fejqet dik il-ġerħa ta' seħbitha, u reġgħet radditilha saħħitha.
Waħda oħra mis-sorijiet, jisimha Amata,
Kienet ilha issofri mill-idropisija, mid-deni, mis-sogħla, u minn uġiegħ f'ġenbha
Għal tlittax il-xahar, u kienet tant magħdura
Li kienet mixħuta u donnha maħkuma għal kollox mill-marda tagħha.
L-omm mimlija kompassjoni kienet esperta biex tħaddem l-arti tal-fejqan,
U filwaqt li marret tgħin lil oħtha marida bis-sinjal tas-salvazzjoni,
Hi ħelsitha mill-mard kollu tagħha, u qerdet it-tbatijiet tagħha.
Waħda mis-sorijiet kienet tilfet l-użu tal-leħen tagħha
Għal sentejn sħaħ, u kienet hekk imtaqqla
Li minħabba l-leħen dgħajjef tagħha, qajla kienet tinstema' tagħmel ħoss.
Darba minnhom ġie muri lilha f'dehra li kellha fil-lejl qaddis,
Li fih tiġi ċċelebrata bil-qima l-Assunzjoni tal-Verġni l-aktar glorjuża,
Li bil-merti tas-sinjura Klara kellha terġa' tikseb l-użu tal-leħen.
Wara din id-dehra, hi stenniet bis-sabar kollu li jisbaħ il-għada
B'ħerqa kbira; u malli sebaħ, marret titlob bil-ħlewwa
L-għajnuna ta' l-omm, u talbitha timmarkaha; dik
Immarkatha mall-ewwel: u ara malli ġie immarkata l-leħen minnufih ġieha lura.
Is-smiegħ ta' widnejha kienet ilha żmien twil li tilfitu
Waħda minn sħab Klara li isimha kien adattat fuq dak ta' Kristu (Cristiana).
Hi kienet użat bosta rimedji biex ittaffi din il-marda,
Imma kien kollu għal xejn.  Hekk il-verġni marret timmarkaha
Bis-sinjal mimli saħħa tas-salvazzjoni; u reġgħet radditilha s-smiegħ.
Darba minnhom bosta mis-sorijiet kienu inħakmu minn marda kiefra.
Filwaqt li daħlet ħdejhom sabiex tagħtihom id-duwa tas-soltu,
Il-verġni raddet fuq il-morda għal ħames darbiet is-sinjal nobbli;

U malli temmet troddu, tfejjqu ħames sorijiet morda.
Minn dawn il-ġrajjiet kien jidher ċar li s-salib kellu l-għeruq tiegħu
Fis-sider ta' din il-verġni: mill-frott tiegħu hi kienet timla lil qalbha,
U mill-weraq tiegħu kienet toħroġ id-duwa tal-fejqan.
Il-verġni kienet tqiegħed il-quċċata tat-tama u tal-fidi tagħha
Biss fil-qawwa tas-salib, li l-misteri tiegħu
Jiġu irrivelati mill-Iskrittura mqaddsa, u li jinkixfu l-fwejjaħ moħbijin tiegħu.
Għaliex x'kien ħlief is-sinjal tas-salib il-*ħatar* ta' Mosè,
Li *feraq il-baħar* (cfr. Eż 14,16), li nissel nixxiegħat mill-blat żonqri,
U li mela bil-ħlewwa l-ilma mielaħ? Is-salib ġie muri qabel b'dawn l-għeġubijiet.
U għaliex qiegħed nitkellem fuq dak li hu mbiegħed, jew nittallab dak li mhux qrib?
Għaliex nieqaf fuq dettalji u nfittex l-irqaqat?
Int ma jidhirlekx li kienet ħaġa ta' l-għaġeb il-fejqan ta' dawk li kienu morda
U li reġgħu kisbu saħħithom bil-qawwa tas-sinjal mirakoluż tas-salib?
Ma jidhirlekx li kienet ħaġa daqstant kbira li hi qerdet
Il-mard kiefer b'qawwa speċjali, u li setgħet taħsel u tneħħi
Kull ġerħa tad-dinja li tnin daqshekk bil-ħeffa lejn il-mewt?
Is-salib veru li ġie maħsul bid-demm iħammar ta' Kristu
U li żejjen il-membri tal-ġisem tiegħu bħallikieku kienu ġawhar,
Qered il-mewt, u kisser il-ktajjen ta' l-infern,
Ġedded il-ħajja, reġa' fetaħ beraħ il-ħlewwiet tas-sema.
X'nistgħu nsibu aktar minnu ħelu daqs il-għasel, mimli hena u jagħti s-saħħa,
X'nistgħu nsibu li jsalva aktar minnu, li hu aktar twajjeb u qaddis u li jiddi
Aktar mis-salib? Is-salib hu l-qerda tal-ħażen kollu,
Iħarrab il-mard, hu duwa ta' fejqan u jeqred
Kull pesta mill-ġisem, is-salib ineħħi t-tbajja' kollha
U dak kollu li jħammeġ ir-ruħ, iħarrab il-qerq kollu,
Isewwa kull fejn hemm il-ġlied, ineħħi n-nuqqas ta' qbil bejn is-sema u l-art,
Jikkwieta kull mibegħda u jerġa' jnissel is-sliem.
Oqgħod qis għal ftit li s-salib, għalkemm jista' kollox,
Imma joqgħod għall-merti u t-taħbit tal-bnedmin,
U jinbena fihom skond il-qjies tal-fidi li jkollhom.
Għax ma kienetx l-istess għal kulħadd it-togħma tal-manna.
Dan il-frott jidher b'mod differenti skond il-bixriet differenti tal-ħajja.
Jekk il-qlub jibirdu, is-salib innifsu jibred;
Jekk huma jimtlew bil-ħeġġa, is-salib jaqbad bid-devozzjoni.
Għaliex hu jagħti lilu nnifsu bla waqfien, is-salib isir xħieħ ma' dawk ta' l-ewwel;
Jingħata bil-qjies lil dawk tan-nofs, imma b'mod abbundanti joffri ruħu lil ta' l-aħħar.
Is-salib hu l-istess offerta imma li joffri ħwejjeġ differenti; hu jidher differenti
F'dawk li fihom l-adorazzjoni tas-salib tidher li tkun differenti.
Dan kollu deher fi Klara, filwaqt li kienet taqbad bl-imħabba tas-salib
U kienet tagħmel ħwejjeġ kbar fih, biex is-salib jagħmel għeġubijiet permezz tagħha.

[549] XXIX – Dwar kif is-Sorijiet kienu jinbnew kuljum bl-għajnuna tagħha u tal-predikaturi.

Klara kienet l-għalliema ta’ wliedha, u kienet tgħallem lil dawk li ma jafux,
Filwaqt li kienet tishar bil-qawwa kollha biex taqdi l-merħla li kienet imħollija f’idejha,
U kienet tqassmilha l-ħobż tal-ħajja, u tmantniha bl-ikel tas-salvazzjoni.
Bħalma omm tara li lil uliedha tagħtihom l-aħjar formazzjoni,
Bil-ħajja tagħha stess, hi kienet twissihom u tqawwilhom il-qalb
B’imħabba mill-aktar ħelwa.  Għaliex hi kienet tqis li,
Billi ma kienetx ħaġa xierqa li jgħixu fl-istess dar
Id-dinjità kbira tar-ruħ flimkien mal-patt ta’ mħabba mal-ġisem,
U lanqas ma kien jixraq li *mad-dlam* jiġi jgħammar *id-dawl* (cfr. 2Kor 6,14), mhux onest
Li dak li hu qarrieqa jgħix ma’ dak li hu nobbli; għaldaqstant kienet tgħallem lis-Sorijiet
Biex ikeċċu mill-moħħ dak kollu li jqanqal u jħawwad il-ġisem,
Sabiex ikunu jistgħu jaraw li jistrieħu biss f’Alla, u li fl-irkejjen tal-moħħ
Jinsew art twelidhom, u l-qraba u dawk li huma qribhom fil-ġisem
Jitbiegħdu minnhom, u t-tqanqil miżeru tal-ġisem u ta’ dak kollu li hu tiegħu
Iqisuh bħala bluha, u jħallu r-raġuni tmexxihom bħala għalliema tagħhom.
L-omm imbagħad kienet turihom u twissihom li l-qarrieq,
Il-għadu kapaċi jinħeba f’bosta nasbiet biex hekk
Jiddieħaq u jqarraq bl-erwieħ safjin tagħhom; għax dak li hu qarrieq
Jittanta lil min hu moħħu fil-ġisem b’mod wieħed, u lill-qaddis b’mod ieħor;
Il-għadu jaf jiftaħ u jwitti ħafna toroq għalih innifsu b’ħafna modi:
Darba minnhom jiġġieled bil-vizzji, u drabi oħrajn jinħeba taħt is-satra tal-virtù,
Biex hekk jibni dak li mhux veru bil-qawwa ta’ dak li jidher veru;
Hu jaħbi dak li hu qarrieq jew oxxen taħt is-satra ta’ dak li hu onest.
Għax billi l-moħħ ta’ spiss jiddgħajjef meta jkun fil-kwiet,
L-ispirtu jista’ jitgħażżen waqt li jkun jitlob, u waqt li jkun jimmedita,
U l-moħħ jibda jixjieħ f’dawn il-ħafna sforzi;
Għax bosta drabi jaqbel li ħsibijiet differenti jiġru wieħed wara l-ieħor fil-moħħ:
Hekk xi mindaqqiet ikun irid jaħdem fuq barra, u drabi oħrajn ifittex li jistrieħ
Billi jinqata’ mill-ħidma u jogħla ‘l fuq fil-ħsieb
Ħalli jidħol fil-kmamar ta’ ġewwa tat-tempju ta’ Alla.
Filwaqt li r-ruħ tfittex dan il-mistrieħ għal darb’oħra, u tħossha tbaqbaq minn ġewwa,
Il-għażż jiġi meqrud, kif ukoll it-tħeddil tal-moħħ u kull
Vizzju ta’ aċċidja, li l-impenn mimli ħeġġa ta’ l-omm tmur tneħħi;
Fil-ħinjiet diversi hi tmur biex iżżur lis-Sorijiet waħda, waħda:
Issa tħeġġiġhom għat-talb, issa turihom li jeħtieġ li jimmeditaw ħwejjeġ għolja
Bl-impenn tagħhom, issa tgħinhom biex jaħdmu beżlin bl-għaraq ta’ ġbinhom,
Issa issus warajhom għall-ħidma ta’ barra, u issa twissihom biex jidħlu fihom infushom
Għall-meditazzjoni tar-ruħ, biex hekk tneħħi minnhom kull tfixkil.
Għaliex filwaqt li x-xogħol iwassal għall-meditazzjoni, u din terġa’ tħeġġeġ għax-xogħol,
L-istess id li taħdem terfa’ t-toqol b’aktar ħeffa u ħeġġa.
Il-moħħ innifsu jasal b’aktar ferħ lejn l-ogħla mistrieħ,
Il-meditazzjoni ssir ħelwa, u tqanqal biex tixgħel ir-ruħ minn ġewwa.
Imma billi hi ma kienetx kuntenta bit-twissijiet li kienet tagħmel,
Kienet tqiegħed quddiem uliedha l-ikel tal-ħajja ta’ dejjem

Permezz ta' rġiel qaddisa u għorrief li kienu jgħaddu l-kelma ħelwa daqs l-għasel
Biex jimlew l-imħuħ tal-*Povere Dame* u jħeġġulhom qlubhom biha.
Dak l-ikel kellu jsir aktar abbundanti permezz ta' dak ix-xorb ħelu,
Għax, aktar ma kienet tixrob minnu, aktar kienet tkun bil-għatx;
Aktar ma tixrob, aktar il-kelma kienet tħeġġiġha bl-imħabba.
Hekk dak l-ikel ħelu daqs il-għasel, dak ix-xorb qaddis tal-kelma safja
Kienet taħjiha fir-ruħ, hekk il-kantiċi ħelwin ta' l-Għarus
Kienu jħennuha, u hekk kienu jogħxew fis-smiegħ tagħha
Il-widnejn tal-verġni, hekk li meta wieħed mill-Patrijiet,
Li kien jismu Filippo, kien jippriedkalhom il-kelma,
Dehrilha quddiemha tfajjel mill-aktar ħelu
U mlieħa bil-hena meta ratu jċapċap. Meta waħda minn sħabha
Rat dawn il-ħwejjeġ fil-ħarsa mimlija sliem ta' l-omm,
Hi faret bil-hena meta rat dik id-dehra u dik iċ-ċapċipa.
Il-verġni kienet tifraħ, għalkemm ma kienetx taf ħafna skola, li tisma'
Dutturi; mingħandhom kienet tilqa' l-kelma qaddisa biex taħżinha ġewwa fiha,
U hekk kienet taf tieħu l-ġewża mill-qoxra, u toħroġ
Il-frotta ħelwa minn qoxritha, u tidħol fil-mudullun tal-kelma.
Imma ħareġ digriet li ikkmanda li l-ebda wieħed mill-aħwa
Ma seta' jersaq lejn il-post tal-*Povere Dame*, mingħajr ma jkun armat
Bil-permess speċjali tal-Papa. Malli semgħet b'dan il-kmand il-verġni
Intebħet li issa rarament kienu jistgħu jirċievu l-kelma biex tmantniehom,
U hekk hi tnikktet mhux ftit u bagħatet lura
Lill-aħwa li kienu jittallbu kuljum l-ikel għas-sorijiet, filwaqt li qalet:
'Minn issa 'l quddiem ma rridux iżjed min jaħseb għall-għajxien ta' kuljum ta' ġisimna
La l-Papa ħareġ digriet biex jehdilna d-dixxipli tal-kelma'.
Malli sema' b'dak li għamlet, il-Papa mall-ewwel irrevoka d-digriet tiegħu,
U ħalla kollox f'idejn il-ġudizzju u r-rieda tal-Ministru.
Mhux biss kienet tieħu ħsieb ta' ruħhom, imma lil uliedha
Kienet taqdihom bil-kortesija tagħha, u ta' spiss waqt l-irqad
Kienet tgħatti lil sħabha meta jkunu jitriegħdu fil-ksieħ tal-lejl.
Jekk kien jiġri li xi waħda ma kienetx tkun tiflaħ il-liġi komuni għal kulħadd,
Jew kien jidher wisq iebes għaliha l-mod ta' ħajja ta' l-Ordni,
Hi kienet turi ħniena kbira lejhom bis-sentiment ta' pjetà materna tagħha.
Kienet titnikket ma' dawk li jitnikktu, kienet tixxotta d-dmugħ
Ta' dawk li jibku bid-dmugħ tagħha; u jekk xi tiġrib tar-ruħ
Kien jinfed il-ħitan tal-klawsura, kienet mall-ewwel tinxteħet għal tulha fl-art
U tikkonsla lis-soru mġarrba b'ħafna kliem ta' ħlewwa.
Hekk hi kienet *twieżen 'il min imil* (cfr. S 144,14; 145,8) u tqajjem lill-morda.
Kienet tiftakar fil-kelma ta' l-appostlu li tgħid li *t-tjieba tiswa* (cfr. 1Tim 4,8) għal kollox,
U kienet twettaqha bl-għemil, filwaqt li kienet tfarraġ lill-morda,
Waqt li kienet twieżen lil min hu mgħobbi, tiġiha ħniena minn dawk li jkunu fil-ħtieġa,
Tikkoreġi lil dawk li jiżbaljaw, u tqawwi lid-dgħajfa bil-ħila tagħha.
Lil kulħadd kienet tgħin, hekk li saret kollox għal kulħadd.
Filwaqt li uliedha kienu jiftakru fil-qadi mimli ħlewwa ta' ommhom,
Kienu juruha gratitudni bid-devozzjoni umli tagħhom:

Hekk kienu jqimu lil omm ħelwa tagħhom b'imħabba mimlija ħerqa,
U juru rispett lejn dik li għallmithom l-arti ta' ħajja mimlija virtù,
Fl-għarusa mqaddsa ta' Kristu kienu jistagħġbu bil-marki ta' riġlejha,
Bl-għemejjel mimlijin tjieba tagħha, il-bixra u l-għemejjel ta' perfezzjoni tagħha.

[550] XXX – Dwar il-mard u t-tbatijiet tagħha għal bosta snin.

Għal erbgħin sena din il-verġni kienet tiġri
*Fl-istadju* tal-faqar, u kienet tfittex bil-ħerqa li tikseb
*Il-premju* (cfr. 1Kor 9,24) tal-ħajja, li twassal għaliha t-tama.
Hi kienet tagħżel it-triq taċ-ċaħda, u minn jeddha qagħdet għal ħafna tbatijiet,
Kienet tgħakkes lil ġisimha b'ħafna sagrifiċċji tqal, sabiex hekk,
Waqt li l-ħamrija ta' ġisimha imtliet biż-żerriegħa ta' bosta merti,
Kienet taħdimha bil-kura tat-tiġdid u tuża l-moħriet iebes
Biex tkisser l-iebes, u hekk tagħti frott mimli u tajjeb;
Imma ġisimha beda jħossu jiddgħajjef, u bil-mod il-mod beda jnin
Taħt il-qawwa tal-mard, hekk li hi kellha tgħaddi snin twal marida.
Imma Alla ried, u aħna nemmnu li l-qawwa tar-rieda tagħha
Għamlet li hi tiddi bid-dija ta' l-għemejjel tagħha,
U li tkun qabel kulħadd għall-merti tat-tbatijiet li sofriet.
It-tbatija għamlitha rebbieħa, filwaqt li l-għemejjel ta' qawwa
Għenuha biex tikseb kuruna glorjuża ta' rebħa fuq il-għadu.
Kienet iġġib il-qawwa ta' l-għaġeb tagħha mis-sabar, li hi l-ħarriesa tal-virtujiet,
Filwaqt li kienet tithenna li żżid dejjem għana ġdid mal-merti tagħha.
Is-sabar tal-marda tagħha ma kienx anqas minn dan li għidna bl-ebda mod,
U kien jaqdi l-virtujiet l-oħrajn bħala teżor mimli bil-ġawhar ta' virtujiet.
Aktar mill-oħrajn kollha, is-sabar hi l-virtù li l-aktar li timmerita bil-qawwa.
Hi bħal meta wieħed ifittex il-merti u jħares dak li kiseb;
'Mhux anqas virtù hu li tfittex milli li tħares dak li ksibt'.
Is-sabar hu l-fus tal-virtujiet, hu l-ħabib tal-paċi.
Hi tiddi b'nobiltà akbar mill-virtujiet l-oħrajn fil-palazz tagħha.
Hi tidher l-aktar waħda li tispikka fost il-virtujiet kollha,
U filwaqt li tħares u tkattar il-għana tal-virtujiet l-oħrajn,
Hi tfittex ukoll il-premju tat-tifħir għaliha nnifisha.
Il-virtù meta hi nobbli jistħoqqilha li tkun imżejna b'fedeltà fl-impenn ta' tbatija,
U l-bniedem jimmerita li jirbaħ waqt li jbati; xejn ma hemm aktar nobbli
Mill-preżenza ta' din il-virtù; għaliex il-premju jsir aktar hieni fis-sabar
U t-tbatija ssir aktar ħelwa fil-merti tagħha.
Għax meta xi ħadd ibati ħafna fil-ġisem, jimtela bis-sabar,
U l-ispirtu tiegħu jitqawwa. Id-dgħufija tal-ġisem ta' spiss
*Tidher fil-qawwa* (cfr. 2Kor 12,9) li tipperfezzjonaha: hekk b'mod mill-aktar ħelu,
Laqgħet kull xorta ta' mard u ta' tbatija,
B'atteġġjament ta' ferħ kienet tissaporti kull ħażen, l-ebda tnehid
Jew biki ma kien jidwi fuq fommha[278]. Mhux biss bil-qawwa,

[278] *Quod nulla querela seu murmur resonat*. Espressjoni meħud mill-Innu *Sanctorum meritis*, mill-Komun tal-Martri.

Imma wkoll b'kull grazzja, donnha kienet ħlewwa, kienet tilqa'
L-mard kollu; fih kienet tfittex li tikseb il-premju kbir.
Aktar ma l-mertu kien ikun għoli, aktar kienet tara frott fil-mard tagħha;
U akbar ma kien il-mertu, hekk ukoll akbar kienet il-glorja.
Meta kienet qrib il-mewt minħabba l-marda gravi tagħha,
Kristu ried li jtawwal il-ħajja tagħha, sabiex hekk
Il-Papa jkun jista' jippresjiedi b'mod solenni
L-funerali tagħha u jagħtiha l-ġieħ mistħoqq b'dawn ir-riti.
Għax meta l-Papa kien jinsab f'Lyons,
L-omm kienet hekk imtaqqla minħabba l-mard gravi tagħha,
Li uliedha kienu inħakmu minn niket mill-aktar kbir.
Imma waħda verġni, li kienet soru fil-monasteru ta' San Paolo (delle Abbadesse)
stħaqqilha li jkollha dehra ta' dan li hu miktub hawn taħt:
Għax lilha ġie muri li hi kienet tinsab f'San Damiano,
U Klara kienet mimduda fis-sodda prezzjuża tagħha.
Filwaqt li s-sorijiet sħabha kienu jibku minħabba li kienet qorbot il-mewt għal ommhom
F'ras is-sodda dehret mara ta' ġmiel li ma bħalu li kellmet lis-Sorijiet,
Li kienu kollha jibku, u ixxottatilhom id-dmugħ tagħhom bil-ħlewwa, filwaqt li qalet:
'La tibkux fuq dik li għadha fost il-ħajjin'; u mbagħad żiedet
Li l-Mulej kellu l-ewwel jiġi lura flimkien ma' dawk li mxew warajh
Qabel ma l-verġni dgħajfa tasal għall-mewt. U hekk hu li, ftit taż-żmien wara li ħżienet,
Il-Kurja kollha Papali waslet Perugia. Wara li sar jaf kemm kienet marida Klara,
Dak l-isqof li lilu ġie mogħti t-titlu tas-sede venerabbli ta' Ostia
Mar iħaffef biex jara lill-moribonda.
Dan il-missier, permezz ta' l-uffiċċju tiegħu, kien jieħu ħsiebha bir-reqqa
U kien sar missier, dixxiplu mħeġġeġ, u ħabib għażiż għaliha.
Hekk hu temagħha bil-ħobż tal-ġisem ta' Kristu li jagħti l-ħajja,
U qawwa l-qalb tal-verġni sorijiet l-oħrajn bil-kliem ħelwin tiegħu.
Il-verġni kollha dmugħ, imma b'qalb qawwija, lilha nnifisha u lis-Sorijiet l-oħrajn
Afdathom f'idejh, u fuq kollox daret lejh
U talbitu biex jagħti privileġġ ta' ħajja fqira
Bħala kitba mis-Sede apostolika li tikkonferma dan it-titlu.
Hu wiegħed li jagħmel dan; u wettaq dik it-talba li għamlet Klara b'tant ħerqa.
Wara li għaddiet sena, il-Papa nnifsu ġie jħaffef
Lejn Assisi, sabiex iwettaq darba għal dejjem
Dak li dwar Klara kien ġie muri lilu minn qabel.
Għax għalkemm jidher li hu fuq il-bnedmin u taħt Alla, imma dan l-uffiċċju għoli
Hu aktar fil-għoli qrib tal-Mulej li tiegħu iġib ix-xbieha;
L-aħwa tiegħu, li huma simbolu tad-dixxipli,
Huma qrib tiegħu daqslikieku huma b'mod aktar speċjali l-membri tiegħu.

[551] XXXI – Dwar kif il-Papa Innoċenz ġie jżur lil Klara marida, taha l-assoluzzjoni u berikha.

L-Għarus l-aktar għoli mar iħaffef biex iwettaq
Il-pjan tiegħu fuq il-verġni, għax Hu xtaq ħafna li jdaħħal

Dik it-teka tad-deheb imsoffija bin-nar,
Fil-palazzi tas-sema biex l-għarusa tiegħu tgħammar miegħu,
Biex hekk Hu jsaltan magħha, li kienet batiet tant għalih.
Il-verġni li kienet tħossha qisha mdendla fil-ħlewwiet tiegħu
Kienet titlob li tinħall mill-irbit tal-ġisem, biex mill-ħabs tal-mewt
Toħroġ għall-ħelsien, u bi Kristu li hu l-milja ta' l-għana
Tiżżejjen; għax filwaqt li din il-verġni ċkejkna kienet imxiet wara l-Għarus
Fqajjar tagħha, kienet daqet il-ġerħat li bihom ġie mniffed, kienet imtliet bil-kompassjoni
Lejn dak li sofra l-passjoni, imxiet umli wara l-umli, warajh li Hu twajjeb u ġwejjed,
Issa kienet tittama li ssaltan miegħu u tieħu sehem mill-wirt tiegħu.
Wara l-membri kollha tagħha iddgħajfu bil-mard, ġiet fuqha
L-marda ta' l-aħħar, li billi tressaq f'xifer il-mewt
Il-ġisem li jnin ftit ftit, tħollu mill-irbit ta' kull xkiel,
U ssir it-tmiem ta' l-eżilju tiegħu u tal-ħażen li jdawwru,
Iddaħħlu fil-ħajja, u jerġa' lura fid-dar tas-sema li ma tintemm qatt.
Il-Papa mar iħaffef biex jara lil Klara li kienet diġà bdiet tfittex
Li tara lill-Aktar Għoli; u fi żminijietna
L-kotra tal-verġni sħabha jqisu kemm hi kienet qabilhom ilkoll
Fil-merti ta' ħajjitha, u kemm kien xieraq li jiġi l-Papa nnifsu
Biex jagħtiha tant ġieħ u jiċċelebra l-funerali tagħha.
Malli hu daħal fil-monasteru, resaq lejn is-sodda tal-verġni marida,
U offrielha idu l-leminija.  Klara bisitha bil-qima,
Imma talbitu joffrilha wkoll riġlejh; hekk għamel il-Papa
Billi poġġieha fuq banketta; il-verġni bisitha bl-istess mod bil-qima,
Minn fuq u minn taħt, u mielet kif setgħet quddiemu.
Meta mbagħad talbitu biex jogħġbu jaħfrilha dnubietha kollha,
Hu weġibha: 'Kelli bżonn jien ikolli bżonn maħfra bħal tiegħek!'
Imbagħad il-missier l-aktar għoli taht l-assoluzzjoni u berikha.
Meta kulħadd kien telaq, u l-verġni kienet irċeviet
L-ikel qaddis ta' Kristu minn id il-Ministru tiegħu,
Refgħet ħarsitha 'l fuq lejn il-Mulej, filwaqt li żammet idejha marbutin flimkien,
U filwaqt li mtliet bid-dmugħ, l-omm qalet lil uliedha:
'Uliedi, faħħru 'l Mulej, li għoġbu jmil lejja bil-ħlewwa,
U li fil-ħniena tiegħu tani dawn id-doni tat-tjieba tiegħu.
La s-sema u lanqas l-art ma jafu kif nista' nroddlu lura dak li tani.
Għax illum jiena irċevejt lil Kristu nnifsu, u immeritajt li nara
Lil dak li jżomm l-imfietaħ tas-smewwiet, il-Ministru l-aktar għoli tal-Mulej'.

[552] XXXII – Dwar it-transitu tat-tmiem tagħha u dwar dak li hi rat u qalet qabel mietet.

L-ulied verġni ta' l-omm moribonda kienu miġbura madwar sodditha.
Għajnejhom kienu mimlija bid-dmugħ, u mill-ġewwieni ta' qalbhom
Kien jinstema' tnehid, filwaqt li kienu maħkumin minn imrar ta' uġiegħ
Jagħfsilhom qalbhom. Dak it-tluq ta' niket kien iwassalhom ilkoll
Biex ixerrdu d-dmugħ; u la l-ġuħ u lanqas in-nuqqas ta' rqad

Ma seta' jeħlishom minn niket.  La kienu jistrieħu bil-lejl,
U lanqas jieklu bin-nhar: kienu jehdew biss fil-biki, ix-xorb tagħhom
Kien id-dmugħ, u l-imrar kien l-ikel.  Id-dwejjaq tal-firda kien jimla l-iljieli
U meta kien jasal il-jum ġdid kienu jkomplu jimtlew b'niket akbar.
Fost il-verġni jitbikkew kien hemm Agnese, oħt Klara,
Li kienet tibki u tgħidilha biex ma titlaqx minn magħhom.
Imma hi kienet tfarragħha b'dawn il-kelmiet: 'Għażiża, oħti, Kristu jogħġbu
Li jiena nitlaq minn hawn u ngħaddi għandu; imma inti ieqaf mill-biki:
Int ukoll għad tiġi għand il-Mulej, u dalwaqt tiġi warajja, ma ddumx'.
U kompliet iżżid tgħid li faraġ kbir
Kellu jiġi fuqha, bl-għajnuna ta' Alla, qabel ma tmut.
Sabiex tikber id-devozzjoni tal-poplu, din il-verġni fil-bosta jiem
Qabel il-mewt tagħha għoġobha tagħti ħafna grazzji.
Il-poplu inġabar, bdew iqimu lill-verġni diġà bħala qaddisa, u l-istess
Sede mill-aktar twajba u qaddisa flimkien mas-senat tagħha urietha ġieħ u qima.
U dak li hu l-aktar ta' l-għaġeb li nirrakkontaw: il-ġisem tagħha
Ma daq l-ebda ikel għall-aħħar sbatax il-jum tal-ħajja tagħha,
Imma qawwa divina kienet timliha b'tant virtù,
Li l-verġni lil dawk kollha li kienu jiġu għandha jfittxu s-salvazzjoni
Kienet twissihom bi kliem mimli ħlewwa biex jaqdu lil Kristu.
Meta wieħed mill-aħwa, li kien jismu Rainaldo, beda jwissi fit-tul
Lill-mara għajjiena bil-martirju tal-ġisem biex terfa' bis-sabar
Dawk it-tbatijiet tal-ġisem, hi weġbitu mingħajr tnikkir
Li, minn meta kienet għamlet wegħda lill-Mulej
Għax kienet semgħet it-twissijiet ta' l-imqaddes Franġisku,
Kristu *kien libbisha mill-għoli* (cfr. Lq 24,49), u l-ebda tbatija
Ma kienet hekk kbira li ma tiflaħx għaliha, jew marda li ma tissapportihiex.
Issa li l-Għarus kien jinsab maġenbha u kien qiegħed isejjaħ lill-Għarusa tiegħu,
Hi riedet li s-saċerdoti u l-Patrijiet li kienu l-aħwa spiritwali tagħha
Jaqrawlha r-rakkont li jinissel id-dmugħ tal-passjoni ta' Kristu.
Fost dawn kien hemm wieħed li kienu jsejħulu ċ-ċajtier tal-Mulej,
Fra Ginepro, li kien dejjem mimli bi kliem ħelu daqs il-għasel,
U li kien jitkellem b'ħeġġa kbira u profonda dwar kliem il-Mulej.
Il-verġni, bħallikieku imqanqla minn ħlewwa ġdida li ħassitha tinfirex ġewwa fiha,
Staqsiet lil dan il-Fra jekk kellux xi kliem ġodda mingħand Kristu;
U hu minnufih ħareġ mill-ħuġġieġa taqbad u profonda
Ta' qalbu kliem mimli xrar ta' mħabba,
Hekk li tpaxxew il-widnejn tal-verġni, u ruħha mtliet bil-ħlewwa.
Imbagħad l-omm daret mill-ġdid fuq uliedha li kienu jibku
U irrikmandatilhom li jgħixu fil-faqar kif ried il-Mulej:
Bit-tifħir hi fakkrithom fid-doni tas-sema, u lil ħutha
Devoti irġiel u nisa għoġobha tberikhom, u bdiet titlob
Li l-Mulej jogħġbu jbierek lir-reliġjużi fqajrin
Kemm dawk preżenti kif ukoll dawk li kellhom ikunu fil-ġejjieni.
Min jista' jirrakkonta dawn il-ġrajjiet mingħajr ma jislet id-dmugħ?
Min ma jħossx id-dmugħ ifur minn ġewwa, meta ġrajja hekk ta' niket

Xejn ħliefha ma jqanqal lill-bniedem biex jibki u jitnikket?
Kien hemm maġenbha żewġ aħwa ta' Franġisku, li wieħed minnhom,
Imsejjaħ Angelo, kien ifarraġ in-niket ta' l-oħrajn bid-dmugħ tiegħu.
L-ieħor, jismu Leone, kien jitbaxxa fuq il-ġbin
Ta' Klara b'għajnejh mimlija dmugħ u jbus is-sodda tal-mewt tagħha.
L-ulied kienu jibku fuq ommhom, għax kienu intebħu li kienet sejra,
U intebħu li huma kellhom jintemmu mċaħħdin minn faraġ hekk ħelu.
Huma kienu jwasslu d-dmugħ tagħhom warajha fi tluqha, u kienu jitniehedu
Li t-tluq tagħha kien se jidfen darba għal dejjem il-faraġ tagħhom.
Imma bid-dinjità kollha jiċċaħħdu milli jqattgħu xagħarhom
Jew jigirfu wiċċhom: imma qlubhom kienu jaqbdu b'qawwa akbar,
Ukoll għaliex il-fjamma tan-niket ma tkunx taf kif għandha toħroġ:
'Għax in-nar, aktar ma jitgħatta, aktar jaqbad'.
Il-ħajja iebsa tal-klawsura twassal lis-sorijiet biex jolfqu fis-skiet,
Filwaqt li niket bla kontroll iwassal għal ħafna biki u għajjat.
Imma dan kien jgħinhom biex iħaffu n-niket kbir tagħhom;
Għaliex dik li kienet sejra tmut fil-fatt ma kienetx se tmut, imma kienet sejra tgħix.
Jiena nqisha ħaġa qaddisa li wieħed jibki għall-mejtin, kif ukoll ħaġa qaddisa
Li wieħed jifraħ għat-tluq tagħhom; għaliex dawn iż-żewġ ħwejjeġ imorru flimkien:
Il-mewt iġġib id-dmugħ, imma l-ħajja li ma tintemmx iġġib il-hena.
Il-verġni l-aktar qaddisa daret lejha nnifisha fis-skiet
U qalet hekk lil ruħha: 'Mur, itlaq bla ebda biża':
Għaliex se jkollok skorta tajba; għaliex il-Ħallieq tiegħek,
Li għamlek mix-xejn, għoġbu li jqaddsek,
U jżommok u jħarsek, u jħobbok dejjem bħalma omm tkennen lil binha
U dejjem tħobbu'.  U meta waħda mis-Sorijiet staqsietha
Ma' min kienet qed titkellem, weġbitha: 'Jien qed nitkellem ma' ruħi l-imbierka'.
Il-kumpanija tas-sema ma kienetx 'il bogħod minnha.
Lil waħda mis-Sorijiet sħabha l-omm qaltilha: 'Mintinx qiegħda tara
Lil Dak li qed nara jien, is-Sultan tas-smewwiet?'  Fuqha niżlet
Id l-Aktar Għoli.  Imbagħad kellha dehra ferħana
U rat viżjoni bl-għajnejn tal-ġisem, u resqin lejha
Mill-bieb rat li kienu deħlin lebsin ilbies jgħammex bil-bjuda
Bosta tfajliet verġni, li kellhom girlandi tad-deheb
Li kienu jżejnuhom fuq rashom; u f'nofshom kien hemm waħda
Li kellha girlanda ħafna isbaħ minn ta' l-oħrajn kollha;
F'idejha donnha kienet qiegħda ġġorr bħal ċensier,
Li tant kien jiddi b'dija qawwija, li f'dik l-istess
Klawsura tal-monasteru l-lejl kien qisu jiddi b'dija ta' l-għaġeb.
Dik il-verġni resqet lejn is-sodda li fiha kien hemm mimduda l-għarusa,
Dik li kienet mimlija dija ta' dawl mielet bil-ħlewwa fuqha
U ħaddnitha magħha f'tgħanniqa mimlija mħabba.
Imbagħad il-verġni sħabha firxu mantell li kien ilellex
U bih għattew il-ġisem ta' Klara, u filwaqt li kollha kienu f'gara mimlija ħeġġa
Biex jaqduha, ħejjewlha l-kamra u s-sodda tat-tieġ tagħha.
Ġara mbagħad li, fil-jum ta' wara l-festa ta' Lawrenz,

Li bħala atleta ħili mar jitħabat biex jikseb il-glorja tas-sema,
Ir-ruħ ta' Klara, merfugħa ħafifa fil-għoli, telgħet fl-għamajjar ta' dejjem
Imlibbsa kuruna tad-deheb li ma tintemmx flimkien mal-verġni.
O x'mewt hienja, kemm kien qaddis dak it-transitu,
Kemm kienet ħelwa u kemm wasslet għall-ħajja t-tinda tal-ġisem li ntemmet!
Id-dħul fil-ħajja hu r-riżultat tal-mewt li tiftaħ bibien is-sema.
Għal kulħadd il-mewt hi piena tal-ħtija; imma għat-tajbin hi t-triq tal-ħajja,
Hi t-tmiem ta' l-eżilju, hi r-ritorn fl-art tal-ħajjin,
Li fiha wara l-ħajja li taħrab f'din l-art tiġi l-ħajja ta' dejjem li ma tintemmx,
Is-sema taħkem fuq l-art, u ġenna ta' l-art tieħu post id-dinja li tgħaddi,
Il-ġawhra tleqq tieħu post it-tajn, u l-porpra prezzjuża tieħu post l-ilbies tax-xkejjer,
Il-jum li ma jintemmx jieħu post il-lejl, id-dawl ta' dejjem jirbaħ id-dlamijiet,
Il-ħelsien jingħata lill-ħabsin, il-pellegrini jidħlu fil-palazz tas-sema,
Il-glorja tal-qaddisin tieħu post id-dmugħ, u l-premju ta' dejjem jirbaħ fuq il-ħidma iebsa,
U jasal il-premju għall-atela ġerrej, u l-kuruna tar-rand tlibbes ras ir-rebbieħ!

[553] XXXIII – Dwar kif il-Kurja Rumana ġie għall-funerali tagħha, flimkien ma' folol kbar.

L-aħbar tal-mogħdija tal-verġni lejn is-sema dlonk
Qanqlet liċ-ċittadini kollha: kemm irġiel kif ukoll nisa
Inġabru fl-istess ħin, u tant kien kbir il-konkors tal-poplu, li l-istess
Art donnha kienet tbattlet minn nies.  Kulħadd
Kien isejħilha qaddisa, kien iqima diġà bħala qaddisa, u fost
It-tifħir wieħed kien jilmaħ uċuħ maħsulin bid-dmugħ.  Niżel jiġri l-*Podestà*
Flimkien mal-kavallieri u t-truppi ta' irġiel bl-armi.
Huma għamluha ta' għassiesa, li ħarsu dak il-post filgħaxija u tul il-lejl kollu,
Biex hekk lil dak it-teżor mill-aktar prezzjuż iħarsuh bir-reqqa,
Li ma jmurx jiġrilu xi ħaġa kerha u mhix mistennija;
Għax id-devozzjoni tant kienet tidher kbira f'kull min kien hemm
Li sa ċ-ċrieket qaddisa pontifikali tal-prelati
Bdew idaħħluhom fis-swaba tagħha l-aktar prezzjużi
Tal-verġni li mietet, biex hekk huma jitolbu u jfittxu fiha
L-qawwa tal-virtù: kienu jittamaw li l-mejta ma tkunx xħieħa
Ma' dawk li kienu devoti tagħha, hi li meta kienet għadha ħajja,
Kienet traxxax id-doni bħax-xita, u d-dinja kellha tgħix bis-sinjali tad-dija tagħha.
L-għada filgħodu għall-funerali ta' Klara l-Isqof tas-Sede Rumana
Mar iħaffef flimkien ma' dawk kollha li kienu jakkumpanjawh:
Marru wkoll jgħaġġlu n-nies tal-belt.  Meta sar il-ħin
biex jiġu ċċelebrati r-riti tal-funeral bħas-soltu,
U l-Patrijiet bdew ikantaw fil-funeral ta' l-omm kollhom dmugħ,
Il-Papa iddikjara li kien ikun aħjar kieku huma bdew ikantaw
L-Uffiċċju tal-Verġni; imma dak li kien hekk magħruf
Bħala isqof tas-sede famuża ta' Ostia
U li d-dija u l-fama tal-ħajja tajba tiegħu u ta' l-għerf tiegħu kienu magħrufin hekk tajjeb,
Wieġeb li kwestjoni ta' importanza hekk kbira kien ikun aħjar li tiġi trattata

Bil-prudenza kollha, u għalhekk kantaw il-Quddiesa solenni tal-mejtin.
Imbagħad, meta l-Papa hieni qagħad bilqiegħda flimkien ma’ sħabu,
Il-Prelat li semmejna, bi kliem ħelu daqs il-għasel
U mqanqal mis-suġġett taċ-ċaħda tal-frugħat tad-dinja,
Niseġ kliem ta’ tifħir dwar Klara waqt priedka li għamel,
U urieha b’eżempju għal dawk kollha li jridu jħallu warajhom l-ħajja skond id-dinja.
Kien imdawwar b’dawk kollha li bħalu kienu jġibu t-titlu ta’ kardinali,
U li kienu ġew ukoll biex jiċċelebraw dak il-funeral bis-solennità kollha.
Imma billi huma bdew iqisu li ma kienetx xi ħaġa xierqa li
Dak ir-rahan hekk qaddis, hekk nobbli, u hekk prezzjuż
Jiġi midfun f’post li kien jinsab barra l-belt, permezz tal-kant ta’ innijiet,
Tat-tifħir u l-ferħ tal-poplu kollu, taż-żarżir tat-trombi,
Dak il-ġisem glorjuż ta’ Klara ħaduh lejn il-knisja
Li kienet iġġib l-isem u t-titlu ta’ San Giorgio.  F’dik il-knisja
Kien ġie midfun għall-ewwel il-ġisem qaddis ta’ San Franġisk,
Sabiex dak li meta kien għadu ħaj kien il-mexxej u l-ħajja vera
Tal-mejta, iħejjilha f’dak l-istess post il-qabar fejn kellha tindifen.
Il-poplu ġie bi ħġaru, filwaqt li bosta kienu jfaħħruha b’tifħir kbir
U jgħollu l-kobor, u jiddikjaraw li dik il-verġni tassew hienja
Kienet issa tinsab fil-ġenna fejn kienet issaltan flimkien
Maċ-ċittadini tas-sema u kienet tgħix fil-palazzi għoljin tal-beraħ tas-smewwiet,
Hi li fuq din l-art il-poplu tant kien qiegħed jagħti qima lill-ġisem tagħha.
Wara mbagħad li kienu għaddej ftit tal-jiem oħrajn
Wara Klara marret tħaffef Agnese, li kienet oħtha, biex tmur għand il-Ħaruf
Li kellu jmantniha biċ-ċena tiegħu.  Alla hekk ried li t-tnejn li huma,
Li kienu aħwa fin-natura, fil-merti tal-ħajja u fis-saltna,
Kellhom jitgħarrsu flimkien ma’ Kristu, u li jgawdu flimkien il-ħajja ta’ bla tmiem.
Hekk dak li kienet wegħditha oħtha qabel ma mietet,
Issa li kienet telqet seħħ fid-dieher; li kif hi kienet imxiet warajha
Fiċ-ċaħda tad-dinja, hekk ukoll kellha wkoll timxi warajha fil-mewt
U bħalha tkun tleqq bis-sinjali, u mlibbsa bid-dawl jiddi tal-virtujiet,
Sabiex, wara l-għaqda fil-ħajja, it-tnejn ikunu werrieta flimkien tas-saltna ta’ Kristu.
O verġni li inti mexxejja magħrufa ta’ uliedek qaddejja,
Itlob lil Kristu għalina: il-ħajja qaddisa tiegħek
Jalla teħles lil bosta mill-ħtijiet tagħhom, billi tagħtihom
Ħajja mġedda, u twassal lil dawn l-ulied ġodda għall-ħajja;
Aħna, li nifirħu li inti lħaqt l-ogħla saltna ta’ tgawdija,
U li nxandru t-tifħir ta’ l-għaġeb tiegħek b’innijiet li jidwu bil-ferħ,
Nitolbuk teħlisna mill-qawwa ta’ dak li jaħkimna fid-dinja, u troddilna l-ħajja fis-sema.

[554] XXXIV – Tibda l-kitba dwar il-mirakli li l-Mulej għoġbu juri wara l-mewt tagħha.

Sa issa jiena iddiskrevejt l-għemejjel glorjużi ta’ din il-verġni,
Sa issa jiena urejt kemm kellha taqbidiet li jsebbħuha.
Issa jixraq li nirrakkonta dawk l-għeġubijiet moħbijin,

U s-sinjali ta’ l-għaġeb li bihom nixtieq indawwal l-aħħar paġni tal-kitba tagħna.
Ma hemmx għalfejn terġa’ titqabbad mill-ġdid id-dija tgħammex tax-xemx;
Hekk id-dija tiddi ta’ l-għemejjel ta’ Klara
Hija biżżejjed biex iddawwal l-għeġubijiet li bihom hi msebbħa
U l-merti ta’ ħajjitha. *Ġwanni ma għamel l-ebda sinjal* (cfr. Ġw 10,41)
U naqraw li ma għamilx għeġubijiet, madankollu ħadd ma kien eqdes minnu;
Imma billi l-ħedla tal-fidi u d-devozzjoni tal-poplu
Kienet titlob dan, kif ukoll il-qima speċjali lejn l-omm issuqna,
U tiġbor flimkien il-ftit mill-ħafna, u tħalli barra dak li jifdal,
Jiena se nikteb dwar il-mirakli li sar ġurament fuq is-seħħ tagħhom,
U nagħti rakkont fidil ta’ dawk fosthom li l-aktar li jiddu b’dija qawwija.

## [555] XXXV – Dwar dawk meħlusin mix-xitan.

Wieħed tfajjel, li kien jismu Giacomino, u li kien ċittadin ta’
Perugia, kien imħabbat minn marda mill-aktar kerha,
Għaliex tant kien isofri b’tal-qamar, li n-nies kienu jaħsbu li dik il-marda
Ma kienetx waħda li taħkem il-ġisem, daqskemm possessjoni tax-xitan.
Għaliex xi mindaqqiet hu kien jiddispra u jinxteħet fin-nar,
U xi drabi oħrajn kien jistabat ma’ l-art, u kien jibda jiekol iż-żrar
U jogħmodhom, hekk li kien jispiċċa biex ikisser snienu biż-żonqor;
Kien ikisser rasu u jiftaħha ktieb, hekk li
L-imsejken kien jinħasel bid-demm mill-ġerħa li kien jagħmel;
Kien jgħawweġ ħalqu, u kien joħroġ ilsienu ‘l barra,
U kien jgħawweġ il-ġogi tiegħu qishom ballun hekk li kien donnu
Li riġlejh kienu mdawwrin madwar għonqu.
Darbtejn kuljum kien jinħakem minn dawn it-tbatijiet li jifnuh;
Żewġ persuni ma kienux ikunu jistgħu jrażżnuh, għaliex ħwejġu
Kien iqattagħhom ċraret; ħadd ma kien ikun jista’ jgħinu,
U lanqas l-ebda fejqan ta’ mediċina ma seta’ jreġġagħlu lura saħħtu.
Billi missier it-tfajjel, li kien jismu Guidoletto,
Ma seta’ jagħmel xejn biex jikkurah minn din il-marda li ħakmitu,
Mar idur lejn Klara, biex jitlobha li jkollha ħniena
Mit-tifel, u tipprova tgħinu, u wegħedha li joffri lilu nnifsu lilha.
Mar mela jħaffef lejn il-qabar tagħha, u hemmhekk qiegħed
Lil ibnu; mall-ewwel ħass li dan ibnu kien ġie mfejjaq:
Hu ħadu lura ħieles, u l-ebda turment ieħor ma ħakmu wara dakinhar.

## [556] XXXVI – Dwar l-istess xorta ta’ fejqan.

Kien hemm waħda mara, jisimha Alessandrina,
Li kienet hekk maħkuma bil-qawwa mix-xitan, li dan
Kien ta’ spiss jixħetha qisha ġebla fl-ilmijiet tax-xmara,
Jew inkella jtajjarha fil-għoli qisha għasfur.

Billi hu kien ukoll iġiegħel lil din il-mara biex taqbeż fit-Tevere
Minn fergħa mhix b'saħħitha, kien jagħmel li hemmhekk
Dik l-imsejkna kienet saret oġġett taż-żufjett ta' min kellu ħin x'jaħli.
Minħabba l-għemejjel tagħha, kienet tilfet l-użu tal-ġenb tax-xellug,
Id minnhom kienet milwija għal kollox minħabba l-marda tagħha;
U l-ħafna mediċini li ħadet ma ġabulha l-ebda fejqan.
Hekk din il-mara miġruha marret tħaffef lejn il-qabar ta' Klara,
U hemmhekk xerrdet quddiemha t-talbiet tagħha b'ruħ niedma.
Il-verġni qaddisa mall-ewwel wieġbet għat-talbiet u l-biki tagħha,
U daħlet għaliha din it-tabiba li fejqitha minn tliet mardiet.
Għax l-id milwija ġiet imfejqa, id-dgħufija tal-ġenb tax-xellug tagħha
Mill-ġdid ingħatat is-saħħa, u ħarab minnha l-għadu kiefer.
Waħda mara oħra kienet maħkuma mix-xitan u mtaqqla ħafna,
U marret b'qalb imnikkta lejn il-qabar tal-verġni,
U wara li offriet ruħha lilha, għall-ħniena ta' Klara, irċeviet il-fejqan mixtieq.

[557] XXXVII – Dwar l-imfejjaq mill-mard tal-moħħ.

Wieħed tifel minn Franza kien maħkum mill-marda ta' l-epilessija,
U tant kien marid li kien tilef l-użu ta' lsienu;
Ġismu kien jitriegħed il-ħin kollu hekk li ma kienx jimxi,
U ħadd ma jista' jżommu, meta kien jiġi fuqu l-attakk,
Għax kien idur fuq min irażżnu u jsawwtu.
Kien marbut fis-sodda tal-mewt, meta ġabuh
Fil-knisja tal-verġni; u quddiem il-qabar
Mirakoluż tagħha tqiegħed minn nies ta' beltu,
Sakemm it-tifel imsejken reġa' ħa saħħtu lura bit-talb tagħha.

[558] XXXVIII – Dwar wieħed imfejjaq mill-epilessija.

Valentino minn Spoleto kien maħkum mill-marda
Ta' l-epilessija, u kien hekk marid b'mod gravi,
Li sitt darbiet kuljum kien jaqa' fejn ġie ġie:
Riġlejh kienu paralizzati u ma setax jimxi.
Għalhekk ġarrewh fuq il-qabar ta' Klara fuq ħmar żgħir;
Dam jumejn mixħut marid hemmhekk
U malli beda jbexbex it-tielet jum, mingħajr ħadd ma messu,
Instemgħet tfaqqiegħa fil-għaksa tal-raġel marid.
Dak il-ħin stess ġie meħlus miż-żewġ mardiet li kellu.

[559] XXXIX – Dwar kif raġel għama irċieva d-dawl ta' għajnejh.

Għal tnax il-sena, wieħed raġel jismu Jacobello,

Kien tilef id-dawl ta’ għajnejh: ma kienx jista’ jimxi mingħajr xi ħadd li jmexxih,
U jekk kien imur waħdu f’post perikoluż u maqtugħ minn nies, kien jaqa’.
Darba minnhom wieħed tifel ħallieh waħdu, u hu u miexi
Mingħajr ħadd ma jgħinu, waqa’, u bil-waqgħa li għamel
Dak ir-raġel imsejken ħabat rasu u kiser driegħu.
Lejl minnhom meta kien rieqed maġenb pont f’Narni,
Dehritlu waħda sinjura ta’ ġmiel kbir,
Li sejħitlu fil-ħolm u qaltlu: ‘Jacobello, għax ma tiġix għandi
U tħaffef lejn Assisi, biex hekk tgawdi minn dawl mimli ferħ?’
Hu qam filgħodu kollu mriegħed, u irrakkonta liż-żewġ
Sħabu l-ħolma li kellu, u dawn qalulu: ‘Aħna smajna
Li f’dak il-post ftit ilu mietet mara nobbli,
Li fuq il-qabar famuż tagħha qiegħdin iseħħu bosta mirakli
Li juru l-id divina’.  Imħeġġeġ b’dak li sema’,
Hu beda miexi lejn Assisi, u meta wasal Spoleto
Fl-irqad reġa’ kellu l-istess ħolma li kellu l-lejl ta’ qabel.
Qam malajr mimli xewqa biex jiġri lejn dak id-dawl ta’ mħabba,
U wasal Assisi; hemmhekk kien hemm folol kbar,
Hekk li ma setax jersaq lejn il-qabar ta’ dik il-verġni.
Għalhekk qiegħed ġebla taħt rasu, u intilef f’raqda; imma sema’ min jgħidlu:
‘Jekk inti jirnexxilek tidħol, il-Mulej jagħmel miegħek bosta ġid’.
Qam, u mimli dmugħ beda jgħajjat, u jittallab bil-ħniena lill-folol ta’ nies
Biex iħalluh jgħaddi.  Wara li resaq lejn il-qabar, dak il-ħin stess
Neħħa ħwejġu u l-għata ta’ riġlejh,
U rabat il-lazz taż-żarbun madwar għonqu, u wasal fuq il-qabar.
Hemmhekk inħakem minn raqda ħafifa.  L-imqaddsa Klara
Ikkmandatu biex jitfejjaq u biex iħabbar li kien ġie milqut minn dija qawwija.
Hu qam, u fejn qabel kien jara biss dalma ħoxna
Issa ra dija qawwija, għall-merti ta’ Klara, u intebaħ li kien fid-dawl,
Hekk li kollox kien ċar madwaru, u beda jfaħħar lil Alla għal dan id-don hekk kbir,
U beda jagħmel il-qalb lil dawk li kienu hemm biex huma jfaħħru lil Alla.

[560] XL – Dwar wieħed li tilef l-użu ta’ idu u reġa’ kisibha lura.

Darba minnhom wieħed raġel minn Perugia kien ħareġ ma’ nies beltu
Biex iqumu kontra n-nies ta’ Foligno,
Meta intlaqat bi blata li ferietlu driegħu.
Nefaq ħafna flus fil-kura tat-tobba,
Imma t-tobba ma setgħu jagħmlu xejn biex ifejjquh,
Hekk li dik l-id li kienet intlaqtet kienet imdendla ma setax jużaha iżjed.
Kien jippreferi kieku jaqtgħulu barra dik l-id, għax intebaħ li ma kienet tiswa għal xejn;
Kien iqis li aħjar ikun mingħajr dik l-id li ma setax jużaha,
Milli li ġismu kollu kien ikun imtaqqal b’dik l-id marida.
Hu fittex l-għajnuna ta’ Klara: għax kien tqanqal bil-fama mill-aktar ċara
Tal-mirakli tagħha; għamel wegħda billi sawwar xbieha ta’ idu l-marida

Fix-xemgħa mdewwba, u malli hu mar ipoġġieha
Fuq il-qabar tagħha, il-verġni mall-ewwel għenitu;
Qabel ħareġ mill-knisja, hu seta' jintebaħ li kien qiegħed jerġa' jgawdi saħħtu.

[561] XLI – Dwar dawk li kienu paralizzati.

Wieħed tifel jismu Petruccio kien ilu jbati għal tliet snin
Minn marda, hekk li kienet għabet minn ġismu kull saħħa
Minħabba dik il-marda kiefra, għax minħabba dik il-marda
Il-kliewi tiegħu kienu mgħawwġin fuqhom infushom u kien mgħawweġ ganċ
Hekk li kien irid iwieżen lilu nnifsu fuq bastun biex jiċċaqlaq qajla.
Missier it-tifel kien fittex l-għajnuna ta' bosta tobba,
U kien mar għand dawk li kienu l-aktar esperti fl-arti tal-fejqan,
U fil-fejqan ta' l-għadam miksur, u kien lest li jonfoq ġidu kollu
Biex ibnu jkollu fejqan sħiħ; imma kulħadd kien jgħidlu
Li l-ebda arti umana ma setgħet tfejjaq lil dak it-tifel mill-marda tiegħu.
Għaldaqstant fittex l-għajnuna ta' Klara: u mar jieħu lil ibnu
Quddiem il-qabar tagħha, u waqt li kien mimdud hemmhekk, irċieva saħħtu lura
B'mod sħiħ, *u beda jaqbeż bil-ferħ u jfaħħar 'l Alla* (cfr. Atti 3,8).
Hu beda jagħtih glorja bil-kliem tiegħu, u dan il-miraklu ċar
Qanqal il-folol tan-nies biex jgħannu t-tifħir ta' Klara.

[562] XLII – Dwar l-istess xorta ta' fejqan.

Waħda omm bl-imħabba u l-ħniena ta' spiss offriet lil binha,
Li kien twieled b'diżabilità gravi sa minn ġuf ommu,
Lill-missier San Franġisk, sabiex hu jogħġbu jfejqu.
Meta dan ma ġiex imfejjaq kienet il-ħniena tal-verġni qaddisa
Li fejqitu. Dak li ma għoġbux jagħtih l-imgħallem twajjeb,
Għoġobha tagħtihulu dik li mxiet warajh. Meta t-tifel b'diżabilità
Inġieb fuq il-qabar tagħha, wara li kienu għaddew ftit jiem
Fid-devozzjoni tas-soltu, l-għadam tiegħu nstema' jfaqqa',
U Klara għoġobha li tiddrittalu riġlejh li kienu mifluġin.

[563] XLIII – Dwar l-istess xorta ta' fejqan.

Wieħed ċittadin ta' Gubbio, jismu Giacomo, kellu
Iben ta' ħmistax il-sena, li minħabba li riġlejh kienu dgħajfin
La seta' joqgħod wieqaf u lanqas jimxi imkien.
Missieru kien jibki jgħajjat mingħajr ħabi quddiem kulħadd fid-dar;
Għaliex ibnu kien jaqa' jitmiegħek ma' l-art, u jilgħaq it-trab,
U jipprova jqum dritt imma kollu kien ikun ta' xejn:
In-natura kienet tagħtu r-rieda li jqum u jimxi, imma ma kienetx tagħtu saħħa meħtieġa.

Il-ġenituri tiegħu offrew lil binhom lil Klara,
U tant kienu jqiegħduh qrib tagħha, li kif kienu jgħidu huma,
Kien sar qisu raġel mogħti lilha, biex hekk hi jogħġobha tfejqu.
Hi mall-ewwel fejqet lil dan ir-raġel devot lejha; u hekk il-ġenituri tiegħu
Marru jħaffu lejn il-qabar ta' l-għaġeb ta' Klara biex joffruh lilha.

[564] XLIV – Dwar l-istess xorta ta' fejqan.

Waħda mara imwielda Mevanico jisimha Plenaria,
Wara li kienet paralizzata fil-kliewi, ma setgħetx timxi,
Jekk mhux bl-għajnuna ta' bastun, u l-ġisem tagħha kien mgħawweġ ganċ;
Imma hi kienet izzappap 'l hawn u 'l hemm biex tipprova tiċċaqlaq.
Darba minnhom nhar ta' Ġimgħa ġarrewha fuq dak
Il-qabar magħruf, li minnu joħorġu l-mirakli,
U li jiddi b'bosta għeġubijiet imdawwlin,
U li jlellex bid-dawl jgħammex tal-virtujiet,
U mimli doni ta' fejqan mogħti lil dawk li jitolbu.
Hekk dik il-mara talbet u qalgħet il-grazzja li xtaqet; l-għada filgħodu
Qamet dritta, u ġiet mogħtija lura lilha saħħitha kollha.
Hi marret lura biex taqdi dmirijietha f'darha.

[565] XLV – Dwar dawk li tfejqu minn tumur fil-gerżuma.

Tfajla minn Perugia kienet issofri minn tumur ikraħ
Fil-gjandoli ta' gerżumtha; dak it-tumur kellu għoxrin nefħa
U kien iġiegħelha ssofri uġiegħ mill-aktar kiefer.
Tant kiber, li kont tista' tara li n-nefħa ta' dak it-tmur
Kienet ikbar mid-daqs ta' rasha.
Ommha ta' spiss kienet iġġorr lil din bintha fuq il-qabar
Tal-verġni. Darba, meta kienet għamlet lejl sħiħ mimduda hemmhekk,
It-tumur beda jnixxi minnu ħafna għaraq, u f'daqqa waħda
In-nefħiet tiegħu bdew jirtabu u jiċċaqilqu.
Ftit wara n-nefħa kollha għabet għal kollox bil-merti ta' Klara,
U dik il-gerżuma fieqet għal kollox,
Hekk li ma ħalliet l-ebda sinjal ta' dik il-marda li kellha qabel.

[566] XLVI – Dwar miraklu jixbħu li seħħ meta Klara kienet ħajja.

Ġara li, meta Klara kienet għadha ħajja, waħda mis-Sorijiet
Li kien jisimha Andrea, sofriet mill-istess marda ta' tumur fil-gerżuma;
Imma waqt li kienet għoddha sejra tfiq mill-uġiegħ ta' din il-marda,
Għafsitha b'idejha b'nuqqas ta' ħsieb. B'mod ta' l-għaġeb
Fost il-ġamar jaqbad ta' sidirha kien hemm ukoll is-silġ:

Għax kien hemm ruħ bierda li kienet moħbija f’nar qaddis,
Li ħall dak is-silġ, u li tqabbad il-qlub bis-saħħa tbaqbaq tagħha
U tnaddafha mis-sadid li jitrabba fiha.
F’dak il-lejl li s-Soru kienet għafset gerżumtha,
Hi irremettiet bħal massa tonda, b’tant sforz qawwi fuqha nnifisha
Li kien jidher ċar li ma kellhiex l-għajnuna tas-sema.
Dan kollu ma kienx moħbi minn Klara; għax l-istess divinità irrivelatu lilha.
Għalhekk hi talbet lil waħda mis-Sorijiet biex tmur tgħinnha,
U titlobha biex tixrob bajda sħuna li Klara stess ħejjitilha,
U mbagħad tiġi ħdejha.  Hi ħaffet u sabet
Lis-Soru li kienet nofsha mejta, u li ma setgħetx titkellem.
Hi farrġitha kif setgħet, u ħaditha għand l-omm.
Klara  qaltilha: ‘Ja msejkna, erġa’ lura f’sensik u ikxef quddiem Alla
Dak li jiena naf li inti diġà ħsibt dwaru f’qalbek.  U ara,
Il-fejqan li int ippretendejt li titlob, Alla nnifsu jrid jagħtihulek.
Mela biddel l-aħħar għemejjel tal-ħajja tiegħek dejjem għall-aħjar b’mod imġedded;
U jirnexxilek toħroġ mill-marda li minnha qiegħda ssofri’.
Hekk dik nidmet minn dak li ġralha, u biddlet ħajjitha u l-imġieba tagħha
Għall-aħjar; u ftit wara l-marda ta’ gerżumtha kienet imfejqa,
U għaddiet fil-ħajja ta’ dejjem minħabba li mardet b’marda oħra.

[567] XLVII – Dwar dawk li ġew meħlusin minn lupu.

L-inħawi ta’ madwar Assisi kienu imħabbtin minn ilpup feroċi;
Dawn il-bhejjem slavaġ tant żdiedu
Li kienu wkoll lesti li jieklu laħam tal-bnedmin.
Hekk ġara li waħda mara, li kien jisimha Bona,
U li kellha tewmin, li wieħed minnhom kien safa’ maqtul minn lupu,
Lanqas kienet laħqet temmet il-jiem tal-viżtu tagħha; meta ara,
Waqt li din l-omm kienet id-dar, daħlet bhima selvaġġa,
Qabet it-tifel l-ieħor bi snienha, u marret tiġri
Iġġorru fil-bosk. Meta l-għajjat tat-tifel
Semgħuhom xi rġiel, marru jiġru biex jaraw jekk dik l-omm
Kellhiex lit-tifel magħha, u qalulha dawn il-kelmiet:
‘Smajna biki mhux tas-soltu ftit tal-ħin ilu’.
Allura l-omm intebħet li lupu kien ġarrilha lil binha mid-dar,
U bdiet tixher u twerżaq u timla’ l-arja bl-għajjat tagħha;
Hi bdiet titlob lil Klara biex jogħġobha troddilha lura lil binha,
U żiedet tgħid li jekk ma tiehdux lura kienet tmur tgħarraq lilha nnifisha fix-xmara.
Il-ġirien ġrew għal ħdejha, u f’ħafna nħawi tal-bosk li ma jitlaħqux
Bew ifittxu lit-tifel li kien ħatfu l-lupu, u rnexxielhom isibu
Lil dak li kien ġie maħtuf mill-bhima selvaġġa.  Ħaġa ta’ l-għaġeb tassew!
Għax dik il-bhima selvaġġa, donnha kienet waqfet mill-atti selvaġġi tagħha;
U ħalliet fil-ġenb lit-tifel li kienet qattgħetu bċejjeċ.  Għalkemm mejjet bil-ġuħ
Kien ħalla fiż-żgur dak li kien ħataf: dak li kien ipaxxi l-ħarsa ta’ dawk in-nies

Kien li kienu bħal jaraw kelb li kien jilgħaq il-ġrieħi tat-tifel.
Il-bhima kienet l-ewwel gidmet lit-tifel f'għonqu;
Imma billi ried iġorru b'mod aktar ħafif, il-lupu kien daħħal snienu
Fil-qadd tat-tifel, u ħalla hemmhekk sinjali ċari
Ta' l-attakk tiegħu.  Bħala wegħda l-omm marret tħaffef lejn
Santa Klara, u kienet turi l-ġerħat ta' binha lil kulħadd,
Filwaqt li kienet tfaħħar lil Alla u lil Klara għal dan il-miraklu.

[568] XLVIII – Dwar l-istess xorta ta' miraklu.

Jum minnhom waħda tifla kienet tinsab barra,
U kienet tinsab fil-ħoġor ta' waħda mara tongħos,
Meta lupu wasal inkiss inkiss biex jaħtaf lit-tifla.
Meta t-tifla ratu quddiemha, ħasbitu li kien kelb,
U għalhekk ma beżgħetx minnu; u marret tmelles is-suf oħxon tiegħu.
F'daqqa waħda l-lupu attakkaha, u daħħal il-ħalq kbir tiegħu f'wiċċha,
Filwaqt li dik il-bhima selvaġġa bdiet iġġorrha
F'ħalqha u bdiet tkaxkarha lejn il-bosk.
Dak il-ħin stess dik il-mara qamet b'qatgħa fuqha, u filwaqt li ftakret
Fl-għeġubijiet ta' Klara, bdiet issejħilha u tgħajtilha:
'O verġni qaddisa, nitolbok, għinni, ersaq malajr lejja; lil din it-tifla
Jiena nafdaha f'idejk'.  Kienu biżżejjed dawn il-kelmiet.  Ħaġa ta' l-għaġeb li tgħidha!
Għax it-tifla, hi u kienet qegħda tinġarr mil-lupu, bdiet iċċanfar bil-qawwa
Lill-bhima ħalliela u tgħidilha: 'Ja ħalliel, inti se tisraq tifla
Li hi mogħtija kollha kemm hi lis-Sinjura?'  Dak il-ħin stess, donnu mħawwad,
Il-lupu telaq lit-tifla ma' l-art; imbagħad ħallieha warajh,
U ħarab 'il bogħod bħallikieku kien ħalliel li kien inqabad jisraq.

[569] XLIX – Il-konklużjoni ta' l-opra kollha.

Ħa jishar il-moħħ tagħna fit-tifħir ta' din il-verġni,
U ħa jidwi minn fommna t-tifħir ta' Klara li tagħmel l-għeġubijiet,
Filwaqt li ngħollu l-virtujiet tagħha, ngħannu dwar l-imġieba tagħha
Ħelwa daqs l-għasel, u nxandru l-għeġubijiet li twettaq;
Għax il-perfezzjoni tagħha tħarrab il-mard tal-ġisem,
Tkeċċi l-korla ta' l-ispirti ħżiena, tikkalma r-ruħ meta titlef ir-raġuni,
U tikkmanda lill-bhejjem feroċi biex jimmansaw.
Mela ejjew nirrikmandaw lilna nfusna għall-merti u t-talb qaddis tagħha,
Nitolbu wkoll lill-Mulej, sabiex permezz ta' din
Il-verġni, u billi jisma' t-talb qaddis tagħha, Hu jogħġbu jagħti
Is-sliem fir-ruħ u fis-sensi, il-kalma fil-moħħ,
Is-safa' fl-għemil; sabiex hekk wara s-sħab mudlam ta' din id-dinja,
Wara d-dlamijiet tal-ħajja ta' issa, fil-għodwa ġdida ta' għada
Hu jonfoħ in-nifs tiegħu u jagħti t-tama ta' l-hena tal-ħajja tas-sema.

# BULLA TA' KANONIZZAZZJONI TA' SANTA KLARA (15 ta' Awissu 1255)[279]

[570] Alessandru isqof[280], qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lill-miqjumin aħwa arċisqfijiet u isqfijiet, saħħa u barka apostolika.

[571] 1 Klara, kollha dawl bil-merti jiddu tagħha, fis-sema tiddi bid-dija ta' l-għaġeb tal-glorja, u fuq l-art tilma bid-dija ta' mirakli tassew kbar. Hawn fuq l-art l-Ordni awster u għoli mwaqqaf minn din Klara jxerred ma' kullimkien dawl mill-isbaħ, u hemm fuq fis-sema l-kobor tal-premju etern tagħha jxerred raġġi ta' dawl li jgħaxxqek. Is-setgħa tiegħu tgħammex lill-bnedmin li jmutu, b'mirakli tassew eċċezzjonali.

Lil din Klara hawn fl-art ġie mogħti l-Privileġġ ta' l-ogħla faqar, u fis-sema lilha wkoll ingħatat bi ħlas kotra ta' teżori li m'hawnx prezzhom. Lil din Klara l-kattoliċi jagħtuha qima kullimkien, u juruha l-ikbar ġieħ. Lil din Klara l-għemejjel tassew ta' l-għaġeb li għamlet żejnuha hawn fuq l-art, waqt li l-milja tad-dawl divin jagħmilha leqqiena fis-sema, u l-mirakli li hija għamlet juruha bħala li hi tassew ta' l-għaġeb f'għajnejn il-popli insara.

---

[279] Il-Bulla ta' Kanonizzazzjoni ta' Santa Klara (BullCan), *Clara claris praeclara*, ġiet ippromulgata fil-kattidral ta' Anagni mill-Papa Alessandru IV, x'aktarx fil-15 ta' Awissu 1255. Hi d-dokument konklużiv tal-Proċess informattiv li kien ġie iddikjarat minn Innoċenz IV fit-18 ta' Ottubru 1253, bil-Bulla *Gloriosus Deus*, mibgħuta lill-Isqof Bartolomeo di Spoleto. Il-BullCan, fl-istruttura tagħha, twieġeb għal dak li kienet talbet il-Bulla *Gloriosus Deus*, dwar il-*vita, conversio, conversatio* ("ħajja, konverżjoni, imġieba") ta' Klara, u tagħti ħarsa ġenerali lejn il-ħajja tagħha fid-dinja, il-passaġġ ta' konverżjoni għas-servizz ta' Kristu, il-ħajja tagħha fil-klawsura, u l-mirakli li seħħu bl-interċessjoni tagħha f'ħajjitha u wara mewtha. In-nisġa tar-rakkont hi mirquma b'ħafna riferimenti għall-Iskrittura, u l-aktar għat-tema ta' l-għerf (Għerf 6,12; 7,26), tar-ruħ safja (Għerf 4,1), li hi rifless tad-dawl ta' dejjem (Għerf 7,26 u 8). Il-Bulla tilgħab ukoll bid-diversi assonanzi latini ta' l-isem profetiku ta' *Clara*, li jfisser l-"imdawwla". "L-ewwel xitla tal-*Povere Dame* tal-monasteru ta' San Damiano" (SP 108: FSF 1555), il-*plantula*, "xitla ċkejkna" ta' San Franġisk (TestCl 37), issir, fil-glorja tal-qaddisin, dija li tirrifletti d-dawl bla tmiem. L-istil tal-Bulla xi kultant hu tqil, imma hu veru wkoll li d-dokument jipprovdi l-bażi tal-kult tal-qaddisa li kellu jiżviluppa matul is-sekli. Il-LegCl ta' spiss tikkwota, ukoll kelma b'kelma, siltiet minn dan id-dokument papali.

[280] Skond M. BARTOLI, "La bolla *Clara claris praeclara* come fonte della vita di Chiara d'Assisi", *Chiara d'Assisi. Donna nuova,* Convegno di studi, Anagni (30 gennaio 1994), Porziuncola, Assisi 1994, 19, kien l-istess Papa Alessandru IV li mhux biss ippresjieda fl-att solenni tal-kanonizzazzjoni ta' Klara fil-kattidral ta' Anagni, imma wkoll ta s-sehem tiegħu fl-isteżura ta' dan l-istess dokument ta' kanonizzazzjoni. Dan il-fatt hu għal kollox probabbli, mhux biss għaliex Alessandru IV jiġi meqjus bħala l-awtur ta' l-Uffiċċju Liturġiku ta' Klara *Iam sanctae Clarae claritas*, li jilgħab ukoll fuq l-istess assonanzi u motivi bibliċi ta' kontenuti, imma wkoll għall-għarfien partikulari u personali li l-Papa – meta kien għadu Kardinal Rainaldo di Jenne, protettur tas-Sorijiet Foqra – kellu dwar Klara u l-kariżma tagħha.

Il-bibljografija dwar il-BullCan hi ristretta ħafna. L-aktar preżentazzjoni wiesgħa u dettaljata hi dik ta' G. LA GRASTA, "La canonizzazione di Chiara", *Chiara d'Assisi*, Atti del 20 Convegno della Società Internazionale di Studi Francescani (Assisi, 15-17 ottobre 1992), Spoleto 1993, 299-324. F'dan l-istudju hemm ħjiel dwar il-qbil bejn il-Bulla *Gloriosus Deus* ta' Innoċenz IV, li biha kien infetaħ il-Proċess kanoniku fl-1253. Cfr. O. MAURIZI, "Bolla di canonizzazione di Santa Chiara vergine", *Chiara d'Assisi. Donna nuova*, Convegno di studi, Anagni (30 gennaio 1994), Porziuncola, Assisi 1994, 143-152; G. BOCCALI, *Santa Chiara d'Assisi. I primi documenti ufficiali: Lettera di annunzio della morte, Processo e Bolla di canonizzazione,* Introduzione, testo, note, traduzione italiana dei testi latini e indici a cura di G. Boccali, (Pubblicazioni della Biblioteca Francescana Chiesa Nova – Assisi 10), Santa Maria degli Angeli 2002.

[572] 2 O Klara mogħnija b'titli kotrana ta' safa! Qabel il-konverżjoni tiegħek int kont tabilħaqq safja, sirt aktar safja meta biddilt ħajtek, u bil-ħajja li għext fil-monasteru terġa' sirt aktar magħrufa għas-safa tiegħek; fi tmiem il-ġirja tal-ħajja ta' issa dehirt leqqiena b'safa tassew ta' l-għaġeb!

Minn din Klara leħħet fuq id-dinja l-mera safja ta' l-eżempju; fil-hena tas-sema hija żiedet il-ġilju jfewwaħ tal-verġinità tagħha, u hawn fuq l-art tinħass il-għajnuna tal-ħarsien tagħha.

[573] 3 O safa ta' l-għaġeb ta' Klara l-ħienja li, aktar ma wieħed jgħarbel bir-reqqa waħda, waħda l-ġrajjiet tagħha, aktar isibha leqqiena f'kull waħda minnhom! Kienet tiloma b'dija mill-isbaħ meta kienet għadha fid-dinja, imma meta ħaddnet il-ħajja reliġjuża saret bil-wisq aktar leqqiena. F'dar missierha iddiet bħal raġġ ta' dawl, imma fil-monasteru xegħlet bħal berqa. Matul ħajjitha tefgħet dawl sabiħ, iżda issa li mietet ixxerred ma' kullimkien dawl ta' l-għaġeb. Hawn fuq l-art kienet dawl safi, mis-sema tarmi dija meraviljuża.

[574] 4 O kemm hi qawwija s-saħħa ta' dan id-dawl, u x'qawwa li tgħammex għandha din il-għajn hekk safja! Tabilħaqq, dan id-dawl kien magħluq bejn il-ħitan ta' monasteru, u b'danakollu xerred barra minnhom raġġi jgħammxuk bid-dawl tagħhom. Kien miġbur fid-djuq ta' monasteru, u xorta waħda xxerred ma' kullimkien fid-dinja[281]. Inżamm ġewwa, u l-leħħa tiegħu ġriet barra ma' kullimkien. Klara kienet iżżomm is-skiet, imma l-fama tagħha kienet tgħajjat. Inħbiet fil-kenn ta' ċella, iżda xxandret fl-ibliet[282].

[575] 5 Xejn m'għandna għax nistagħġbu b'dan. Kif seta' dawl iħaġġeġ bħal dan, *musbieħ hekk leqqien, jinħeba bla ma jxerred id-dija tiegħu* u jarmi dawl sabiħ *f'dar il-Mulej* (cfr. Mt 5,14.15). U lanqas ma setgħet tinżamm moħbija ġarra mimlija b'kull xorta ta' fwejjaħ bla ma timla bir-riħa tagħha li tgħaxxqek dar il-Mulej. Fil-fatt ġara li fid-djuq tas-solitudni fejn kienet magħluqa, Klara *taħnet* b'mod aħrax *l-alabastru* ta' ġisimha, *u l-bini kollu* tal-Knisja *imtela' bil-fwieħa* ta' qdustiha (cfr. Ġw 12,3; Mt 26,7)[283].

[576] 6 Tabilħaqq, meta kienet għadha daqsxejn ta' tfajla, sa minn żogħritha[284] rat kif għamlet biex titwarrab b'ħeffa minn din id-dinja fraġli u impura, u tgħaddi mill-mogħdija tas-safa. Klara ħarset dejjem bla mittiefes it-teżor għażiż tal-verġinità tagħha, u iddedikat ruħha għall-għemejjel ta' karità u ta' tjieba[285]. Hekk il-fama tagħha, fama li tassew togħġob u ta' min ifaħħarha, saru jafu bija kemm dawk tal-qrib kif ukoll dawk tal-bogħod. L-imqaddes Franġisku wkoll sama' t-tifħir tal-fama tagħha, u dlonk beda jħeġġiġha u jħajjarha biex taqdi lil Kristu b'mod perfett[286].

[577] 7 Klara, min-naħa tagħha, laqgħet bil-qalb it-twissijiet tiegħu, u filwaqt li xtaqet b'ħerqa li tiċħad għal kollox id-dinja u l-ġid ta' l-art biex tkun tista' taqdi lill-Mulej waħdu fil-faqar li għażlet minn rajha, kif appena setgħet, għamlet minn kollox biex xewqitha sseħħ[287]. Fl-aħħar, għalhekk, biex tqiegħed lilha nnifisha u kull ma kellha għas-servizz ta' Kristu, *biegħet ġidha kollu, u qassmitu karità* (cfr. Lq 12,33) biex tgħin lill-foqra[288].

---

[281] LegCl 10.
[282] LegCl 11.
[283] LegCl 10.
[284] ProcCan 1,1.3; LegCl 3.
[285] ProcCan 1,3; 12,1; 17,1.4; 18,1.3; 20,3.5; LegCl 3.
[286] ProcCan 12,2; 17,3; LegCl 5.
[287] ProcCan 1,2; 3,1; 4,2;6,1; 12,2; 16,3.6; 20,6; LegCl 6.
[288] ProcCan 3,31; 12,3; 13,11; LegCl 13.

[578] 8 Biex taħrab mill-frattarija tad-dinja, erħitilha lejn daqsxejn ta' knisja fil-kampanja, fejn kien qed jistenniha biex jilqagħha l-istess imqaddes Franġisku, u ħadet minn idejh it-tonsura[289]; minn hemm, imbagħad, marret fi knisja oħra. Niesha għamlu minn kollox biex joħduha lura magħhom, imma kien kollu għal xejn. Klara qabdet ma' l-altar, u filwaqt li iggranfat mat-trieħi ta' fuqu, kixfet rasha u wriethom xagħarha maqtugħ. Lil niesha waqfitilhom bil-qawwa kollha, imma fehmitha ma biddlithiex. Għax issa li b'qalbha kollha kienet ingħaqdet ma' Alla, ma riedet tħalli lil ħadd jaħtafha u jwarrabha mis-servizz tiegħu[290].

[579] 9 Fl-aħħar, imbagħad, meta l-istess Franġisku ħadha fil-knisja ta' San Damiano[291] barra l-belt ta' Assisi, il-belt fejn kienet twieldet, il-Mulej bagħatilha ħafna sħab oħra biex flimkien juru mħabba lejn Ismu, u bla heda jagħtuh il-qima li tixraqlu[292]. Kien minn hawn li l-magħruf u qaddis Ordni ta' San Damiano, illum imxerred ma' kullimkien fid-dinja, ħa l-bidu qaddis tiegħu. Kien hawn li Klara, imħeġġa mill-imqaddes Franġisku nnifsu, tat bidu għal din l-osservanza ġdida u qaddisa. Kienet hi s-sies ewlieni u sod ta' dan l-Ordni kbir, u l-ġebla tax-xewka li fuqha nbena dan il-bini għoli.

[580] 10 Nobbli minn nisilha[293], imma bil-wisq aktar nobbli bil-ħajja li għexet taħt il-ħarsien ta' din ir-Regola ta' qdusija, Klara żammet bogħod minn kull taħsir il-verġinità tagħha li hija għarfet tgħasses tajjeb sa mill-bidu[294]. Aktar 'il quddiem Ortolana, ommha[295], mara mogħtija għall-għemejjel ta' tjieba, imxiet fuq il-passi ta' bintha, u hija wkoll ħaddnet dan l-Ordni. Kien fih ukoll li din il-ġardinara tabilħaqq tas-sengħa, nisslet fil-ġnien tal-Mulej pjanta bħal din, u hienja temmet jiemha[296].

[581] 11 Wara xi ftit tas-snin, Klara qagħdet għal dak li insista fuqu b'saħħa Franġisku, u ħadet f'idejha t-tmexxija tal-monasteru u ta' ħutha[297]. Kienet din tabilħaqq *is-siġra għolja u mill-aqwa, bil-friegħi tagħha mifruxin fil-wisgħa,* li fl-għalqa tal-Knisja *tat il-frott bnin* (cfr. Dan 4,8) tar-reliġjon, u *għad-dell li jhennik tagħha* ġrew minn kullimkien ħafna wlied tal-fidi *biex iduqu dan il-frott* (cfr. Għan 2,3) u għadhom jiġru llum ukoll. Din kienet il-vina ġdida fil-wied ta' Spoleto li minnha ħarġet *għajn ta' ilma meħtieġ qatigħ* (cfr. Est 10,6Vg), ilma *li jagħti l-ħajja u jagħmel il-ġid lill-erwieħ* (cfr. Għerf 3,13). Din il-għajn, issa, *infirxet f'għadd ġmielu ta' nixxiegħat* (cfr. Est 11,10Vg) fl-inħawi kollha tal-Knisja, u qed isaqqu l-imxietel tar-Reliġjon[298].

[582] 12 Klara kienet *il-kandelabru għoli* (cfr. Eż 25,31; 26,1) tal-qdusija li dawwal b'dawl qawwi *t-tinda tal-Mulej* (cfr. Lhud 9,2), u li għad-dija ta' l-għaġeb tiegħu ħaffu u għadhom jgħaġġlu qtajja bla għadd biex minnu jixegħlu *l-imsiebaħ tagħhom* (cfr. Mt 25,7). Iva, kienet hi li

---

[289] ProcCan 12,4; 14,6; 17,5; 18,3; 20,6; LegCl 8.
[290] ProcCan 12,4;18,3; 20,6; LegCl 8,9.
[291] ProcCan 12,5; 20,7; LegCl 10.
[292] LegCl 10.
[293] ProcCan 1,4; 16,1; 18,4; 19,1; 20,2; LegCl 1.
[294] ProcCan 12,1; 17,2; 18,2; 19,2; LegCl 4.
[295] ProcCan 1,4; 3,28; 6,12; LegCl 12.
[296] ProcCan 1,5; 4,11; LegCl 33.
[297] ProcCan 1,6; 3,31; 6,2; LegCl 12.
[298] LegCl 11.

fil-għalqa tal-fidi ħawwlet u ikkultivat l-għalqa tad-dwieli tal-faqar[299] li minnha jinġabar il-frott kotran u għani tas-salvazzjoni. Fl-artijiet kollha tal-Knisja Klara ħadet ħsieb tikkultiva l-ġnien ta' l-umiltà[300], u tħawwel fih ħafna pjanti li kienu nieqsa; fih, issa, hemm kotra kbira ta' virtujiet.

[583] 13 Fil-kastell tar-Reliġjon hija bniet il-fortizza ta' l-astinenza rigoruża[301], u minnha jitqassam kotran l-ikel li jgħajjex il-ħajja spiritwali. Klara kienet l-ewwel waħda fost il-foqra, il-mexxejja ta' l-umli, il-għalliema tas-safja u l-badessa tal-penitenti. Hija mexxiet il-monasteru u l-familja li kienet tgħix fih, afdata fi ħsiebha. Mexxiet b'ħerqa u b'għaqal kbir fil-biża' tal-Mulej u s-servizz tiegħu, u ħarset b'mod sħiħ l-osservanza ta' l-Ordni. Kienet tgħasses b'attenzjoni kbira, kollha ħerqa fil-qadi ta' dmirha; minn ta' quddiem filli turi mogħdrija, turi wkoll dehen fiż-żamma tas-skiet u maturità meta jkollha għax titkellem; prudenti għall-aħħar f'kull ma għandu x'jaqsam mat-tmexxija perfetta. Kienet aktar xewqana li taqdi milli tikkmanda, u tqim hi lill-oħrajn aktar milli tfittex li tkun meqjuma minnhom[302].

[584] 14 Ħajjitha kienet skola ta' għerf u tagħlim. Kien minn dan *il-ktieb tal-ħajja* (cfr. Apk 21,27) li l-oħrajn tgħallmu kif għandhom jgħixu, u f'din il-mera tal-ħajja l-oħrajn kollha raw il-mogħdijiet tal-ħajja[303]. B'ġisimha kienet pellegrina hawn fuq l-art, imma bl-ispirtu tagħha kienet tgħammar fis-sema. Klara kienet il-ġarra ta' l-umiltà, l-armarju tal-kastità, il-ħlewwa tat-tjubija, il-fortizza tas-sabar, il-medjatriċi tal-paċi u l-ħolqa li tgħaqqad fl-imħabba lil ħutha: ġwejda fi kliemha, ħelwa f'għemilha, ta' min iħobbha u jieħu gost biha f'kollox.

[585] 15 Biex hija u tgħakkes lil ġisimha tissaħħaħ fl-ispirtu – għax isir aktar qawwi dak li l-għadu tiegħu jiddgħajjef – il-qiegħa ta' l-art kienet is-sodda tagħha, u xi drabi ftit zkuk; rasha kienet isserraħha fuq biċċa għuda iebsa[304]. Kienet tikkuntenta b'tonka waħda u mantell magħmul minn drapp irħis, rozz u jxewwek[305]. B'ilbies umli bħal dan kienet tgħatti 'l ġisimha, u xi drabi kienet tilbes taħtu, imiss mal-laħam, cilizzju jniggeż, minsuġ mix-xagħar taż-żiemel[306]. Ikel u xorb kienet tieħu kemm, kemm titrejjaq, u s-sawm tagħha kien hekk aħrax li, għal żmien twil, tlitt ijiem fil-ġimgħa, jiġifieri, it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa, l-ikel lanqas biss kienet tmissu ma' ħalqha. Fil-ġranet l-oħra wkoll, l-ikel li kienet idduq kien hekk ftit, li l-oħrajn kienu jistagħġbu kif kienet iżżomm ħajja b'dik it-teftiefa li kienet tieħu[307].

[586] 16 Kienet ukoll *tishar* u titlob *bla waqfien* (cfr. 2 Kor 11,27); hekk kienet tgħaddi l-biċċa l-kbira tal-jum u l-lejl[308]. Fl-aħħar, imbagħad, imfarrka mill-mard fit-tul li ġarrbet, lanqas biss kienet tista' tqum waħedha biex tagħmel xi xogħol. Ħutha kienu jgħinuha tqum, u jqiegħdulha rfid wara daharha biex *tkun tista' taħdem b'idejha* (cfr. 1Kor 4,12); lanqas waqt il-mard ma riedet toqgħod ma tagħmel xejn. Mid-drapp li b'sengħa kienet tinseġ, imbagħad, kienet trid li jsiru ħafna

---

[299] ProcCan 1,13; 2,22; 3,13.14.32; 4,13; 12,6; LegCl 13-14.
[300] ProcCan 1,10.12; 2,1.3; 3,9; 6,2.7; 10,6; LegCl 12.
[301] ProcCan 1,7.8; 2,8; 3,5.6; 4,5; 6,5; LegCl 18.
[302] ProcCan 1,10.12; 2,1.3; 3,9; 4,3; 6,2; 7,11; 10,2; LegCl 12.
[303] ProcCan 1,9.14; 2,10; 3,3; 6,2; 8,3; 11,2; LegCl 36.
[304] ProcCan 1,7; 3,4; 10,7; LegCl 17.
[305] ProcCan 2,4; 3,4; LegCl 17.
[306] ProcCan 2,5.7; 3,4; 10,1; LegCl 17.
[307] ProcCan 1,7.8; 2,8; 3,5.6; 4,5; 6,5; 7,11; 10,4; LegCl 18.
[308] ProcCan 1,7.9; 2,9; 4,4; 6,3.4; 7,3; 10,3; LegCl 19.20.

korporali għas-sagrifiċċju ta' l-altar, u jitqassmu fil-knejjes kemm tal-pjanura kif ukoll ta' l-għoljiet ta' Assisi[309].

[587] 17 Iżda fuq kollox, Klara kienet il-ħabiba li b'imħabba kbira kienet tikkultiva l-faqar: tant rabtet qalbha miegħu b'ħerqa li tgħixu, li waqt li ssaħħet fl-imħabba lejh u ħaddnitu b'ħeġġa akbar, għall-ebda raġuni ma riedet tinfired mit-tgħanniqa marsusa u ħelwa tiegħu[310]. B'ebda mod ħadd ma seta' jipperswadiha u jġiegħelha taċċetta li l-monasteru tagħha jkollu l-proprjetà, minkejja li l-Papa ta' qabilha, Girgor IX, ta' tifkira hienja, bil-qalb tajba tiegħu, ried jaħseb għall-bżonnijiet ta' dak il-monasteru, u xtaq jagħnih bi proprjetà li tkun biżżejjed u xierqa għall-għajxien tas-Sorijiet[311].

[588] 18 Issa, billi ebda dawl kbir u jiddi ma jista' jinżamm moħbi bla ma jferrex il-leħħa tiegħu, hekk uoll meta kienet għadha ħajja, il-qawwa ta' Klara dehret tleqq bil-ħafna mirakli ta' kull xorta li għamlet. Hekk lil waħda mis-Sorijiet ta' l-istess monasteru radditilha l-vuċi li għal żmien twil kienet għoddha tilfet għal kollox. Lil Soru oħra, li lsienha kien żamm għal kollox, tatha lura l-kelma. Lil waħda oħra fetħitilha widnejha biex tisma' mill-ġdid. Bis-sinjal tas-salib li raddet fuqhom, Klara ħelset lil Soru maħkuma mid-deni, fejqet oħra li kienet minfuħa bil-marda ta' l-ilma, u oħrajn ukoll li kienu magħfusa minn fistli jew mard ieħor[312]. Lil wieħed patri ta' l-Ordni tal-Minuri fejqitu mill-mard tal-ġenn li kien isofri[313].

[589] 19 Darba minnhom fil-monasteru ż-żejt kien spiċċa għal kollox, u għalhekk bagħtet issejjaħ lill-fra li kien inkarigat li jiġbor l-elemożina għall-monasteru. Sadanittant hija ħadet il-flixkun u ħaslitu, u qiegħditu vojt barra l-bieb tal-monasteru biex x'ħin jiġi, jieħdu u jmur jittallab iż-żejt. Iżda meta ġie, il-fra sab li t-tjubija divina kienet diġà mlietu biż-żejt[314].

[590] 20 Ġara wkoll, darba oħra, li għas-Sorijiet kollha kien fadal biss nofs ħobża x'jieklu, u Klara ordnat li dik il-kisra ħobż tinqatta' u titqassam bejn kulħadd. Waqt li s-Soru kienet qiegħda tqatta', Dak li hu *l-ħobż ħaj* (cfr. Ġw 6,45-51) u li *jagħti l-ikel lill-imġewħa* (cfr. S 145,7), tant kattar il-ħobż, li ħarġu ħamsin porzjon u *tqassmu* lis-Sorijiet li kienu diġà ntasbu *madwar il-mejda* (cfr. Lq 9,14)[315].

[591] 21 Dawn is-sinjali, u oħrajn magħhom, urew biċ-ċar, waqt li kienet għadha ħajja, kemm kienu tassew kbar il-merti ta' Klara. Meta kienet għoddha waslet fl-aħħar, qtajja kbar ta' verġni lebsin l-abjad, imżejnin b'kuruni mill-isbaħ, dehru deħlin fejn kienet mixħuta l-qaddejja ta' Kristu. Fosthom deher li kien hemm waħda li kienet ta' majestà u sbuħija li tgħaddi 'l dik ta' l-oħrajn kollha. Resqu lkoll qrib id-daqsxejn ta' sodda li fuqha kienet mixħuta, daru magħha, u wrew li ġew ħdejha bħala ħbieb, biex iżuruha u jfarrġuha[316].

---

[309] ProcCan 1,11; 2,12; 6,14; 9,9; LegCl 28.
[310] ProcCan 1,13; 3,13.31.32; 12,3.6; 13,11; LegCl 13; 45.
[311] ProcCan 1,13; 2,22; 3,14; 7,8; LegCl 14; 40.
[312] ProcCan 1,18; 2,13; 3,6.10.11; 4,7-10; 5,1; 6,8; 7,7.12.13; 9,5; 11,1; LegCl 32; 34-35.
[313] ProcCan 2,15; 3,12; LegCl 32.
[314] ProcCan 1,15; 2,14; 3,26; LegCl 16.
[315] ProcCan 6,16; LegCl 15.
[316] ProcCan 11,4; LegCl 46.

[592] 22 Wara mewtha, imbagħad, ġabu fuq il-qabar tagħha raġel li kien marid b'tal-qamar, u billi kellu siequ miġbuda, lanqas biss seta' jimxi. Waqt li kien hemm, siequ għamlet ħoss li jċaqċaq, u safa mfejjaq miż-żewġ mardiet li kellu[317]. Oħrajn ukoll ġew imfejqa: min kellu s-sinsla ta' dahru mgħawwġa, min xi membru ta' ġismu miġbud, min marid bil-mard tal-moħħ u mitluf f'dagħdigħa ta' ġenn. Fuq qabarha kollha kemm huma kisbu l-fejqan[318].

Wieħed raġel, minħabba daqqa kbira li kien qala', tilef għal kollox is-saħħa ta' idu l-leminija; ebda xogħol ma seta' jagħmel biha. Għall-merti tal-Qaddisa kiseb il-fejqan, u idu ħadet is-saħħa li kellha qabel[319]. Raġel ieħor kien ilu żmien twil li tilef id-dawl ta' għajnejh, u fuq il-qabar tal-Qaddisa twassal bil-għajnuna ta' ħaddieħor. Hemm huwa reġa' ħa d-dawl mill-ġdid, u d-dar mar lura bla ma ħadd mar miegħu[320].

[593] 23 B'dawn il-ġrajjiet ta' l-għaġeb li semmejna u bil-ħafna mirakli li għamlet, din il-Verġni qaddisa xerrdet dawl kbir, hekk li deher li seħħet fiha l-profezija li semgħet ommha, kif jingħad, meta kienet tqila biha. Hija u titlob semgħet x'jgħidilha li kienet se twelled dawl li jdawwal b'qawwa d-dinja kollha[321].

[594] 24 Ħa tifraħ, għalhekk[322], il-Knisja Omm li welldet u rabbiet bint bħal din li, bħal omm li minnha jitnisslu l-virtujiet kollha, bl-eżempji tagħha nisslet ħafna dixxipli fir-reliġjon, u bit-tagħlim sħiħ li tathom, iffurmathom fis-servizz perfett ta' Kristu.

Tifraħ ukoll il-ġemgħa devota tal-fidili, għax is-Sultan u s-Sinjur tas-smewwiet daħħal bil-glorja fil-palazz kbir u sabiħ tiegħu lill-oħt u s-sieħba tagħhom, li Hu għażel b'għarusa tiegħu.

Jifirħu wkoll il-qtajja tal-Qaddisin, għax fil-patrija tagħhom tas-sema qed jiġi *iċċelebrat it-tieġ* ġdid *ta' l-għarusa tas-Sultan* (cfr. Mt 22,2; 25,10)[323].

Mill-bqija, għax hu xieraq li lil dik li l-Mulej għolla fis-sema, il-Knisja kattolika tqimha fuq l-art; u għaliex ukoll, wara li saret tfittxija għaqlija u bir-reqqa, u eżami rigoruż u miegħu diskussjoni solenni, ma hemmx dubji dwar il-qdusija ta' ħajjitha u l-mirakli li għamlet. Għad li huma magħrufa biżżejjed, fil-qrib u fil-bogħod, l-għemejjel glorjużi tagħha, Aħna, bil-parir u l-qbil ta' ħutna u l-prelati kollha li bħalissa jinsabu hawn fis-Sede Apostolika, b'fiduċja fil-qawwa divina li tista' kollox, bl-awtorità ta' l-Appostli San Pietru u San Pawl u tagħna iddeċidejna li lil Klara niktbuha fil-lista tal-Qaddisin verġni.

[595] 25 Għaldaqstant, inwissukom ilkoll u nħeġġukom, waqt li nordnawlkom dan b'din il-kitba apostolika li qed nibgħatulkom, biex tiċċelebraw b'qima u solennità l-festa ta' din il-Verġni fit-12 ta' Awissu. Araw li l-fidili tagħkom jiċċelebrawha biex hekk ikun jistħoqqilhom li quddiem Alla Klara tkun għalihom protettriċi twajba u ħerqana.

U biex il-poplu nisrani jiġi fi qtajjiet kbar iqim il-qabar tagħha b'ħeġġa kbira u f'għadd li dejjem jiżdied, u hekk il-festa tagħha tkun iċċelebrata minn ġemgħat kbar ta' nies, Aħna, għall-ħniena ta' Alla li jista' kollox, u mimlijin fiduċja fl-awtorità tal-Qaddisin Pietru u Pawlu, Appostli, nagħtu l-Indulġenza ta' sena u erbgħin jum, kull sena, lil dawk li, tabilħaqq niedma u mqarra,

[317] LegCl 52.
[318] ProcCan 20,9; LegCl 52; 55-58.
[319] LegCl 54.
[320] LegCl 52-53.
[321] ProcCan 3,28; 6,12; LegCl 2.
[322] Il-kliem *Gaudet mater Ecclesia* ("tifraħ il-Knisja Omm") huma meħudin mill-*Praeconium* tal-Vġili ta' l-Għid *Exsultet*.
[323] ProcCan 4,19; LegCl 46.

imorru b’devozzjoni u umiltà jżuru l-qabar ta’ din il-verġni f’jum il-festa tagħha, jew ukoll matul l-ottava, biex jitolbu l-ħarsien tagħha.

Mogħtija f’Anagni, nhar il-15 ta’ Awissu[324], fl-ewwel sena tal-pontifikat tagħna.

[324] Id-data hi diversa fid-diversi eżemplari tal-Bulla ta’ Kanonizzazzjoni li waslu għandna. Id-data soltu tvarja bejn Awissu, is-26 ta’ Settembru u t-18 ta’ Ottubru 1255. Qed nipproponu d-data tal-15 ta’ Awissu 1255, fuq il-bażi ta’ dak li tgħid il-LegCl 62: *Instante vero die migrationis eius ad Dominum, duobus annis ab ipsius transitu revolutis* (“qrib il-jum li fih, sentejn qabel, Klara kienet għaddiet għal għand il-Mulej”). Il-15 ta’ Awissu 1255, solennità ta’ l-Assunzjoni tal-Verġni Marija, dik is-sena ħabtet il-Ħadd, hi ta’ min jaċċettaha għax normalment il-kanonizzazzjonijiet kienu jsiru fil-jum tal-Ħadd. Isostni din it-teżi b’argumenti tajbin M. BIHL, “Documenta inedita Archivi Protomonasterii S. Clarae Assisii”, *Archivum Franciscanum Historicum* 5 (1912) 663, nota 3, kif ukoll Z. LAZZERI, “Consilium Fridericii vicecomitis archiepiscopi Pisani ut ad canonizationem S. Clarae deveniatur”, *Archivum Franciscanum Historicum* 11 (1918) 276-279. L-innijiet liturġiċi ta’ l-Uffiċċju ta’ Santa Klara, *Iam Sanctae Clarae claritas* ifakkruna wkoll f’solennità marjana fl-espressjonijiet li jużaw.

# LEĠĠENDA TA' SANTA KLARA VERĠNI
(1255)

## INTRODUZZJONI

"Qrib il-jum li fih, sentejn qabel, Klara kienet għaddiet għal għand il-Mulej, ġiet imsejħa l-ġemgħa kotrana tal-prelati u l-kleru kollu, u wara d-diskors ta' l-okkażjoni, il-hieni Alessandru, li għalih il-Mulej refa' din il-grazzja, qalb folla ta' nies immensa, bl-ikbar solennità kiteb bil-qima kollha isem Klara fil-lista tal-qaddisin, u ordna li l-festa tagħha tiġi iċċelebrata solennement fil-Knisja kollha. Kien hu l-ewwel wieħed li flimkien mal-Kurja kollha iċċelebraha bl-akbar solennità. Dan kollu ġara fil-Kattidral ta' Anagni, fis-sena 1255 ta' l-Inkarnazzjoni tal-Mulej, u l-ewwel sena tal-Pontifikat tas-Sinjur Alessandru" (LegCl 62).

Dawn il-kelmiet huma l-konklużjoni tal-*Legenda Sanctae Clarae Virginis* (LegCl), imma fil-fatt jimmarkaw ir-raġuni għaliex din ġiet miktuba. Il-LegCl, fil-fatt, hi l-bijografija uffiċjali ta' Santa Klara, miktuba fuq l-ordni tal-Papa Alessandru IV immedjatament wara l-kanonizzazzjoni tal-qaddisa. Il-karattru uffiċjali tal-LegCl jidher mill-fatt li l-Papa li ikkanonizza lil Klara kien il-Kardinal Protettur ta' l-Ordni tas-Sorijiet Foqra, Rainaldo di Jenne, u kien jaf personalment lil Klara, tant li kien hu stess, meta kien għadu kardinal, li għamel id-diskors funebri meta mietet Klara, u wara li sar Papa kien hu li għamel l-omelija waqt iċ-ċerimonja tal-kanonizzazzjoni tagħha. Alessandru IV kien ukoll dak li iffissa l-karatteristiċi tipiċi tal-qdusija ta' Klara fil-Bulla ta' kanonizzazzjoni *Clara claris praeclara*. Dan kollu jwassal lil ħafna li jsostnu li l-aġjografu tal-LegCl kien l-istess Alessandru IV, għalkemm, fil-fatt, ma nafux min kiteb din il-bijografija.

Il-kwestjoni ta' min hu l-awtur tal-LegCl hi ikkumplikata, u sallum għadha ma nstabitx soluzzjoni soddisfaċenti. Xi manuskritti jattribwixxu l-LegCl għal San Bonaventura, bħal fil-każ tal-manuskritt li użaw il-Bollandisti fl-edizzjoni tagħhom tal-LegCl fl-*Acta Sanctorum Augusti*, II, Venetiis 1751, 754: *Incipit vitae sanctae Clarae virginis, quam composuit devotus doctor Bonaventura* ("Tibda l-ħajja ta' Santa Klara verġni, li kitibha d-duttur devot Bonaventura").

Fil-maġġoranza tal-kodiċi, fosthom il-famuż Codex 338 tal-Biblioteca Comunale di Assisi, il-LegCl tidher anonima. Fra Mariano da Firenze fis-seklu 15 kien attribwiha lil Fra Tommaso da Celano (*Libro delle dignità et excellentie del ordine della seraphica madre delle povere donne sancta Chiara da Assisi*, a cura di G. Boccali, Firenze – Santa Maria degli Angeli 1986, 73).

Din l-attribuzzjoni għal Celano ġiet ripetuta minn kompilatriċi anonima – imma li llum nafu li kienet soru studjuża tal-monasteru ta' Monteluce di Perugia, fejn kien hemm *scriptorium*, Swor Battista Alfani – li kitbet ħajja ta' Santa Klara bil-*volgare* fis-seklu 16. Hi tgħid: "Meta sar Papa *messere* Rainaldo kardinal u protettur ta' l-Ordni, li mbagħad kiteb lil din il-qaddisa fil-katalogu tal-qaddisin verġni, hu ikkmanda lill-qaddis fra Toma da Celano, li kien sieħeb u dixxiplu ta' San Franġisk, u li bi kmand tal-Papa Girgor IX kien kiteb l-ewwel leġġenda ta' l-istess missier imqaddes Franġisku, sabiex jikteb din il-leġġenda b'tifkira tal-verġni Klara; u bħala iben veru ta' l-ubbidjenza hu kiteb il-leġġenda ta' l-imqaddsa Klara bi stil eleganti u ordnat, imma ma daħħalx fiha dak kollu li kien hemm fil-proċess ta' *messere* Bartholomeo isqof ta' Spoleto" (Z. LAZZERI, *La vita di santa Chiara raccolta e tradotta da tutte le fonti conosciute e completata con il testo inedito del Processo di canonizzazione per un Francescano toscano del Cinquecento*, Quaracchi 1920, 2; G. BOCCALI, *Santa Chiara d'Assisi sotto processo*. Lettura storico-spirituale degli Atti di canonizzazione, Porziuncola, Santa Maria degli Angeli 2002, 20-25, nota 9).

Francesco Pennacchi, li kien ikkura l-aktar edizzjoni kritika eżatta mil-lat filoloġiku, ippubblikata fl-1910, kien ukoll tal-fehma li kien Tommaso da Celano l-awtur tal-LegCl (*Legenda sanctae Clarae virginis*. Tratta dal ms. 338 della Biblioteca Comunale di Assisi, edita per cura di F. Pennacchi, Assisi 1910).

Fid-daħla ta' l-edizzjoni tiegħu Pennacchi attribwixxa l-opra lil Tommaso da Celano. Hu għamel konfront bejn il-LegCl u l-*Vita Sancti Francisci* ta' Celano, u kiteb hekk: "Wara dan l-eżami komparattiv sempliċi, jiena nemmen li għandna nisiltu dawn iż-żewġ ipotesi: jew kien Celano l-awtur tal-Leġġenda, inkella din inkitbet minn xi wieħed minn ħutu l-patrijiet li kien midħla sew tal-kitbiet ta' Celano, tant li kien assimila l-preġji u d-difetti tagħhom" (*Legenda sanctae Clarae virginis*, Assisi 1910, XX).

Pennacchi sab diversi elementi ta' xebħ fl-istil u l-kontenut bejn LegCl u 1C, partikolarment meta ra 1C 18-20 bħala n-nukleju essenzjali li minnu twieldet il-LegCl. Sa mill-1228 Celano kellu f'moħħu – dejjem skond Pennacchi – li jikteb xi tifkiriet ta' Klara, u offra sintesi tagħhom digà fil-*Vita Sancti Francisci* 18-20. F'dawn il-paragrafi hu jfakkar l-istituzzjoni tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano minn Franġisku nnifsu, wara l-konverżjoni ta' Klara, li ssir l-ewwel membru li fuqu jinbena l-moviment ġdid femminili. Hu jisħaq dwar kif xi virtujiet kienu jikkaratterizzaw il-komunità tas-Sorijiet Foqra: il-karità, l-umiltà, il-verġinità, il-faqar, is-sabar, is-silenzju, il-kontemplazzjoni. Il-kliem li bihom jikkonkludi 1C 20 juru l-intenzjoni ta' Tommaso da Celano: "Il-ħajja ta' l-għaġeb tagħhom [tas-Sorijiet Foqra] u r-Regola ta' min ifaħħarha li huma rċevew mingħand il-Papa Girgor, meta kien għadu isqof ta' Ostia, jitolbu studju partikulari u opra iddedikata biss lilhom" (FSF 219).

Pennacchi wkoll jinnota kif 1C, il-Bulla ta' Kanonizzazzjoni *Clara claris praeclara*, u l-LegCl għandhom rabta intima bejniethom fil-mod kif jiżvolġu r-rakkont.

Il-paternità ta' Tommaso da Celano ġiet milqugħa wkoll minn Fausta Casolini (*La Leggenda di Santa Chiara vergine*, 1953, 6-14), Ignazio Omaechevarria (*Escritos de Santa Clara y documentos contemporaneos*, Madrid 1970, 120-124), Damien Vorreux fl-introduzzjoni tiegħu għat-traduzzjoni Franċiża (*Saint Claire d'Assise*, 1983, 23-28), u Marco Bartoli (*Santa Chiara d'Assisi*, 1994, 245-246). Fuq l-istess linja tal-paternità ta' Tommaso da Celano, Georges Mailleux daħħal il-LegCl fl-elaborazzjoni elettronika tal-konkordanzi tat-*Thesaurus Celanensis*, Louvain 1974 (Corpus des Sources Franciscaines I), XI.

Fl-edizzjoni ta' l-1977 tal-*Fonti Francescane*, l-istudjuża Klarissa Swor Chiara Augusta Lainati kienet saħqet dwar il-prudenza meħtieġa meta wieħed jiġi biex jattribwixxi din il-bijografija lil Tommaso da Celano: "Ma nistgħux niċħdu, iżda, li ninsabu quddiem nuqqas ta' ċertezza meta nattribwixxu l-Leġġenda sempliċement lil Tommaso. Il-veru problema jinsab f'dak li hemm fuq l-isfond tal-Leġġenda: fin-nukleju oriġinarju li fuqu tinbena, u li hu uniku għal dawn id-dokumenti kollha f'ordni kronoloġiku, insibu l-ewwel il-*Legenda versificata* ta' Santa Klara (li inkitbet qabel il-kanonizzazzjoni tal-qaddisa); il-Bulla ta' kanonizzazzjoni (1255); u mbagħad, fl-aħħarnett, il-Leġġenda ta' Santa Klara fir-redazzjoni li tana Pennacchi". Għad hemm bżonn ta' approfondiment ulterjuri biex wieħed jifhem il-konnessjoni bejn dawn il-Fonti klarjani u wkoll ma' Leġġendi qosra oħrajn li inkitbu wara (cfr. M. BIHL, "Tres legendae minores Sanctae Clarae Assisiensis (saec. XIII)", AFH 7 (1914) 32-54).

Il-LegCl għandha titqiegħed fost il-kitbiet uffiċjali tal-bibljoteka aġjografika Franġiskana, immedjatament wara l-*Memoriale in desiderio animae* ta' Tommaso da Celano u qabel il-*Legenda Maior* ta' San Bonaventura. L-awtur tal-LegCl kien ċertament tejologu li kien jaf tajjeb il-polemika li kien hemm fi ħdan l-Ordni tal-patrijiet Minuri wara nofs is-seklu 13, imma wkoll il-

kanoni aġjografiċi li kienu qed jiġu segwiti fil-Kurja Rumana fi qbil ma' l-iżvilupp tal-proċess pontifiċju ta' kanonizzazzjoni.

Kull meta wieħed irid jutilizza kitba ta' aġjografija, jaqbel li jkun jaf jispeċifika d-differenza bejn aġjografija u storjografija. In ġenerali wieħed irid jiftakar li l-aġjografija għandha xi elementi speċifiċi tagħha. Qabel xejn l-iskop ta' l-aġjografija. Filwaqt li l-istoriku jfittex il-verità tal-ġrajjiet, l-aġjografu jfittex l-edifikazzjoni tal-qarrejja. Hu wkoll ifittex il-verità, imma l-ideja tiegħu ta' verità hi diversa minn dik ta' l-istoriku modern. Għax filwaqt li l-istoriku modern joqgħod partikolarment attent għal dawk il-waqtiet ta' bidla fl-istorja, l-aġjografu jipprova aktarx li jaċċentwa l-aspetti ta' kontinwità, skond l-iskema ta' rivelazzjoni progressiva tal-qdusija tal-persunaġġ li dwaru jitkellem.

Imbagħad hemm l-oriġini ta' l-aġjografija. Kull dokument aġjografiku hu marbut intimament ma' ambjent, ma' grupp, jew ma' kuntest li ipproduċih. Il-qaddis jibqa' dejjem frisk fil-memorja tal-grupp ta' dixxipli fidili tiegħu. It-tifkira tiegħu qatt ma hi tifkira sempliċi ta' bniedem, imma hi wkoll rappreżentazzjoni ta' mudell, ta' mera, ta' eżempju li jwaqqaf stil jew forma ta' ħajja. Xi mindaqqiet dawn l-elementi jiġu żviluppati wkoll bl-iskop li l-kitba tkun indirizzata lejn xi post partikulari. Hekk fil-każ ta' l-Ordnijiet reliġjużi, il-komunità ta' irġiel jew nisa li ipproduċiet il-kitba aġjografika tkun trid li dan jibqa' dejjem jinqara fil-komunità tal-qarrejja fil-ġenerazzjonijiet li jiġu wara.

Fl-aħħarnett hemm il-moviment tal-kitba aġjografika fiż-żmien. Għax il-kitba aġjografika, mill-banda l-waħda tirrappreżenta distanza mill-moviment tal-bidu, u mill-banda l-oħra trid tindika ritorn għall-istess bidu tal-familja reliġjuża li tkun.

F'dan is-sens il-LegCl hi prodott tipiku tal-ġeneru letterarju aġjografiku tas-seklu 13. L-aġjografu ta' Klara, fil-fatt, kellu bħala skop dak li jġib 'il quddiem l-edifikazzjoni tas-semmiegħa (ma ninsewx li l-*Legenda* kellha tinqara fil-pubbliku), bħala ambjent żamm quddiem għajnejh l-orġini fil-monasteru ta' San Damiano, u bħala destinatarji kellu d-diversi forom ta' ħajja reliġjuża femminili mxerrdin ma' l-Ewropa kollha. Fl-aħħarnett permezz ta' l-opra tiegħu hu iffissa d-distanza bejn Klara u d-dixxipli tagħha, li issa bdew iħarsu lejha bħala ikona mill-isbaħ, imma distanti minnhom fil-perfezzjoni ta' qdusija li laħqet.

L-element li jrendi interessanti l-LegCl quddiem l-għajnejn ta' l-istoriku modern hu l-fatt li, b'differenza minn kitbiet simili ta' l-istess epoka, il-LegCl nistgħu naqrawha wkoll bl-għajnuna ta' l-Atti tal-Proċess ta' Kanonizzazzjoni ta' Santa Klara, li waslu sa għandna, u li jikkostitwixxu l-fonti prinċipali li fuqha l-aġjografu kiteb dan ix-xogħol tiegħu. Hu għalhekk possibbli f'dan il-każ li neżaminaw iż-żewġ Fonti u naraw il-metodu li bih ħadem l-aġjografu.

Fl-ittra dedikatorja indirizzata lill-Papa, li nsibu bħala daħla għal-LegCl, l-awtur jispjega il-metodu tal-ħidma tiegħu u ċ-ċirkostanzi li wassluh biex jikteb din l-opra: "Għoġob lis-sinjorija tiegħek li lili, għad li żgħir, tikkmandani neżamina sewwa l-Atti ta' Santa Klara biex imbagħad nikteb l-istorja ta' ħajjitha li għandha tinqara fil-pubbliku: biċċa xogħol, din, li żgur kienet tbeżża' in-nuqqas ta' ħila tiegħi fis-sengħa tal-kitba li kieku ma kienx għall-fatt li l-awtorità papali tennietli għal aktar minn darba darbtejn dan il-kmand. Għaldaqstant, waqt li nħejji ruħi biex nagħmel dak li ġejt imqabbad, rajt li xejn ma kien ikun metodu tajjeb li noqgħod biss fuq il-materjal li ġie mogħti lili biex naqra, u li jien sibtu nieqes. X'għamilt? Mort insib jien stess lil sħab San Franġisk, u mort ukoll fl-istess monasteru fejn jgħixu l-verġni ta' Kristu. Sadanittant qgħadt naħseb u nirrifletti fuq dik ir-regola li tgħid li, mhix ħaġa flokha tinseġ awtorevolment storja li tkun taqbel mal-verità jekk mhux minn xhieda li raw b'għajnejhom jew minn nies li semgħu l-ġrajja mingħand xhieda infurmati sewwa għax raw huma stess. Kienu huma li tawni tagħrif sħiħ fir-rispett lejn il-

verità, u fil-biża' tal-Mulej. Ġbart xi informazzjoni u ħallejt oħrajn barra, insiġt kollox flimkien, u ktibt bi stil faċli u ħafif".

Il-bijografu kien jaf li ma kienx leċitu li wieħed jikteb Leġġenda ta' persuna qaddisa jekk mhux bix-xhieda ta' dawk li kienu għexu magħha. Hekk hu segwa l-eżempju tal-metodu aġjografiku patristiku u medjevali, u bena r-rakkont tiegħu fuq l-Atti tal-Proċess ta' kanonizzazzjoni, imma wkoll fuq ix-xhieda ta' sħab San Franġisk u tas-Sorijiet li kienu għexu ma' Klara. Ma ninsewx li persunaġġ importanti bħal Fra Leone, li kien qrib Klara fl-aħħar mumenti ta' ħajjitha f'San Damiano, kien għadu ħaj fl-1255.

Fil-każ tal-LegCl illum għandna partikolarità kurjuża u sabiħa: nistgħu naqraw Fonti fid-dawl tal-Fonti tagħha, għax, kif nafu, għandna f'idejna kemm il-LegCl kif ukoll il-ProcCan. Dan jurina li l-aġjografu nistgħu nafdawh bħala li hu essenzjalment fidil lejn il-verità fir-rakkonti tiegħu.

Hawnhekk ma aħniex sejrin nagħmlu analiżi ta' l-elementi kollha li l-aġjografu tal-LegCl inkluda mill-ProcCan, jew ta' dawk li hu għażel li jħalli barra. Se nieqfu biss dwar element wieħed, jiġifieri dwar l-approvazzjoni tar-Regola ta' Santa Klara minn Innoċenz IV, li dwaru titkellem fix-xhieda tagħha Swor Filippa di *messere* Leonardo di Gislerio (ProcCan 3,3). L-awtur tal-LegCl, li fil-fatt jitkellem fit-tul dwar l-aħħar żjara li l-Papa Innoċenz IV għamel lill-qaddisa, bit-talba li din għamlitlu biex tirċievi l-barka tiegħu, jiskot għal kollox dwar iċ-ċirkostanzi ta' l-approvazzjoni tar-Regola. Nistgħu ngħidu li, kieku ma għandniex f'idejna l-Atti tal-Proċess ta' kanonizzazzjoni, u l-oriġinal tal-Bulla ta' approvazzjoni ta' l-istess Regola imħares fil-Protomonasteru ta' Santa Klara f'Assisi, mil-LegCl biss lanqas biss konna nkunu nafu li Santa Klara qatt kitbet Regola tagħha.

Skond l-istudjuż Marco Bartoli, li minnu ħadna ħafna mill-elementi ta' din l-introduzzjoni, din l-ommissjoni turina li l-LegCl hi opra ta' aġjografu li ried jobdi l-kmand ta' min qabbdu jikteb il-bijografija, jiġifieri l-Papa Alessandru IV. Meta dan kien għadu l-Kardinal Rainaldo di Jenne, protettur ta' l-Ordni tas-Sorijiet Foqra, hu kien ta l-approvazzjoni tiegħu personali għar-Regola ta' Klara (16 ta' Settembru 1252), imma mbagħad hu kien qagħad itella' u jniżżel biex jitlob l-approvazzjoni pontifiċja, li biha din ir-Regola, li kienet miktuba għall-osservanza tal-monasteru ta' San Damiano, setgħet tiġi estiża għall-osservanza tal-monasteri l-oħrajn kollha tas-Sorijiet Foqra. Kien biss fl-aħħar jiem tal-ħajja ta' Klara li r-Regola ġiet approvata minn Innoċenz IV fid-9 ta' Awissu 1253. Meta Rainaldo laħaq Papa Alessandru IV, jidher li baqa' jżomm l-istess atteġġjament ta' prudenza lejn Regola li kienet tirrappreżenta l-ewwel Regola femminili li qatt inkitbet fl-istorja tal-Knisja minn mara għal komunità ta' nisa verġni.

Il-LegCl twieġeb għall-iskema tradizzjonali tal-*Legendae* medjevali permezz ta' erba' taqsimiet: *vita, conversio, conversatio, miracoli* ("ħajja, konverżjoni, imġieba qaddisa, mirakli"). Fil-fatt, nistgħu naqsmu l-LegCl skond din l-ordni: LegCl 1-4: ħajja ta' Klara meta kienet għadha f'dar missierha; LegCl 5-10: il-konverżjoni ta' Klara, li tħalli dar missierha u tikkonsagra ħajjitha lil Alla fuq il-mudell evanġeliku muri lilha minn Franġisku; LegCl 11-48: l-imġieba qaddisa ta' Klara f'San Damiano, diversi mirakli li wettqet, il-mewt qaddisa tagħha: LegCl 49-62: il-mirakli ta' Santa Klara *post mortem*.

Matul is-snin twal li għexet wara Franġisku, Klara baqgħet iżżomm ħajja t-tifkira tal-kura li Franġisku kellu lejha u lejn is-Sorijiet, permezz tal-fedeltà tagħhom lejn il-faqar evanġeliku. Kien l-uniku mod biex huma jibqgħu sħaħ ma' l-idejal tagħhom li jkunu parti mill-familja tal-Minuri, u jieqfu lit-tentazzjoni li l-Knisja tagħti uniformità lill-esperjenza ta' San Damiano billi ddaħħalha fl-iskemi tradizzjonali tal-monakeżimu femminili. Fil-LegCl, dawn il-preokkupazzjonijiet ta' Klara, li joħorġu b'tant qawwa fil-kitbiet tal-qaddisa, huma msemmija fuq

fuq fin-narrazzjoni aġjografika. Ma jingħad kważi xejn dwar it-tifkira tal-kura li Franġisku kellu lejn is-Sorijiet Foqra u l-ħajja ta' faqar evanġeliku tagħhom.

L-awtur tal-LegCl ma jidhirx li jagħti importanza lil dawn l-aspirazzjonijiet fundamentali ta' Klara. X'aktarx li l-ħtieġa li jobdi l-kmand tal-Papa biex jikteb *Legenda* li turi lis-Sorijiet Foqra bħala familja reliġjuża femminili fuq stil monastiku, kif ukoll l-iżvilupp fl-Ordni tal-Minuri, li beda jrendi aktar diffiċli l-*cura monialium* tas-Sorijiet Foqra, kienu fatturi li ma ħallewx lill-awtur jiżviluppa temi għeżież għal Klara, ħlief forsi fir-rakkonti tal-konverżjoni tagħha. L-istess immaġini ta' Klara li toħroġ fil-*Legenda* kienet taqbel ma' l-iżvilupp ta' l-impenn pastorali tal-patrijiet Minuri tul it-tieni nofs tas-seklu 13, hekk li s-Sorijiet Foqra spiċċaw għal kollox barra minn kull attività ta' kura pastorali tal-patrijiet, kuntrarjament għal dak li kien jiġri fil-bidunett, meta l-patrijiet kienu għadhom fraternità fuq stil penitenzjali, marbutin intimament mas-Sorijiet Foqra, u mhux Ordni li sab post stabbli fl-organizzazzjoni ġuridika u pastorali fuq linji klerikali.

Stefano Brufani jikkonkludi l-introduzzjoni tiegħu għal-LegCl fil-volum Latin tal-*Fontes Franciscani* b'dawn il-kelmiet: "Jekk hemm immaġini ta' Klara li toħroġ mil-*Legenda*, jidhirli li din hi ikkundizzjonata b'mod qawwi minn mudell ta' qdusija monastika, li fiha l-aġjografu ried idaħħal, b'mod kuxjenti, l-esperjenza ta' Klara. Ma tidhirx ċara n-novità ta' l-element minoritiku. Klara tibqa' marbuta mat-tradizzjoni tal-monakeżimu tas-sekli ta' qabel. U l-preżenza ta' Franġisku tibqa' biss preżenza; fil-Leġġenda ta' Klara Franġisku ma jidhirx li hu mudell. Jekk dan kollu hu veru u jekk nistgħu nikkonkludu, irridu ngħidu li l-binja aġjografika tal-ħajja ta' Klara tibqa' ċertament fil-linja tat-tradizzjoni u ftit toffri mill-element ġdid tal-kariżma minoritika" ("Le *Legendae* agiografiche di Chiara d'Assisi del secolo XIII", *Chiara d'Assisi*. Atti del XX Convegno Internazionale della Società di Studi Francescani [Assisi, 15-17 ottobre 1992], Spoleto 1993, 354-355).

# LEĠĠENDA TA' SANTA KLARA VERĠNI
(1255)

## ITTRA TA' INTRODUZZJONI MIBGĦUTA LILL-PAPA DWAR IL-LEĠĠENDA TA' SANTA KLARA VERĠNI

[596] Bħallikieku d-dinja mxejħa kienet mgħaffġa taħt it-toqol tas-snin, imdallma l-viżjoni tal-fidi, titbandal il-mixja tad-drawwiet tajba, u dgħajfa għall-aħħar il-qawwa ta' l-għemejjel tas-saħħa: mal-ħmieġ li jħalli warajh iż-żmien żdied ukoll il-vizzju!

Iżda Alla, li jħobb lill-bnedmin, mill-moħba tat-tjieba tiegħu, qajjem fil-Knisja Ordnijiet reliġjużi ġodda biex bil-għajnuna tagħhom il-fidi titwieżen, u l-imġieba tal-ħajja tiġġedded fid-dixxiplina.

[597] Lil dawn il-Fundaturi ġodda u lis-segwaċi tagħhom, ma naħsibhiex darbtejn biex insejħilhom dwal tad-dinja, dawk li juru t-triq, u għalliema tal-ħajja: fihom, infatti, fuq id-dinja li kienet miexja lejn il-għaxija feġġ dawl bħal dak ta' nofsinhar, biex jaraw id-dawl dawk li kienu miexja fid-dlam (cfr. Iż 9,2; Lq 1,79).

[598] Lanqas ma kien jixraq li s-sess l-aktar dgħajjef tkun tonqsu l-għajnuna: għax, maqbud fir-riefnu tal-passjonijiet, rieda li ma kienet xejn iżgħar ġibditu b'qawwa għad-dnub, u l-fraġilità akbar tiegħu imbuttatu għalih.

Fil-ħniena tiegħu, għalhekk, Alla qajjem lill-meqjuma verġni Klara: fiha ried li n-nisa jaraw jiddi dawl leqqien u sabiħ. U int, Missier l-aktar hieni, meta ktibt isimha fil-lista tal-Qaddisin, imqanqal mill-qawwa u l-provi ċari tal-mirakli tagħha, qegħidt dan il-musbieħ fuq l-imnara, biex idawwal lil dawk kollha li huma fid-dar (cfr. Mt 5,15).

Lilek inweġġħu bħala Missier ta' dawn l-Ordnijiet, lilek ngħarfu bħala dak li għajjixhom u waqaf magħhom, lilek ngħannqu bħala l-protettur tagħhom u nqimu bħala s-sinjur tagħhom: għad li għandek fi ħsiebek it-tmexxija ħerqana tad-dgħajsa l-kbira, b'danakollu xorta waħda tagħti kas u turi ħeġġa għad-dgħajsa ż-żgħira[325].

[599] Għoġob lis-sinjorija tiegħek li lili, għad li żgħir, tikkmandani nezamina sewwa l-Atti ta' Santa Klara[326] biex imbagħad nikteb l-istorja ta' ħajjitha li għandha tinqara fil-pubbliku: biċċa xogħol, din, li żgur kienet tbeżża' in-nuqqas ta' ħila tiegħi fis-sengħa tal-kitba li kieku ma kienx għall-fatt li l-awtorità papali tennietli għal aktar minn darba darbtejn dan il-kmand.

Għaldaqstant, waqt li nħejji ruħi biex nagħmel dak li ġejt imqabbad, rajt li xejn ma kien ikun metodu tajjeb li noqgħod biss fuq il-materjal li ġie mogħti lili biex naqra, u li jien sibtu nieqes. X'għamilt? Mort insib jien stess lil sħab San Franġisk, u mort ukoll fl-istess monasteru fejn jgħixu l-verġni ta' Kristu. Sadanittant qgħadt naħseb u nirrifletti fuq dik ir-regola li tgħid li, mhix ħaġa flokha tinseġ awtorevolment storja li tkun taqbel mal-verità jekk mhux minn xhieda li raw b'għajnejhom jew minn nies li semgħu l-ġrajja mingħand xhieda infurmati sewwa għax raw huma stess.

---

[325] Id-dgħajsa l-kbira hi l-Knisja, filwaqt li d-dgħajsa ż-żgħira hi l-Ordni Franġiskan. Rainaldo di Jenne, Isqof ta' Ostia u Velletri, kien il-Kardinal Protettur ta' l-Ordni Franġiskan, u għaldaqstant ukoll tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano, qabel ma hu sar Papa fit-12 ta' Diċembru 1254, bl-isem ta' Alessandru IV.

[326] L-espressjoni Latina *actibus sanctae Clarae* tirreferi għal-"Leġġenda ta' Santa Klara". Bil-Latin il-kelma *legenda* tindika bijografija ta' persuna qaddisa, li għandha tinqara fil-pubbliku.

Kienu huma li tawni tagħrif sħiħ fir-rispett lejn il-verità, u fil-biża' tal-Mulej (cfr. Tob 6,22; 9,12). Ġbart xi informazzjoni u ħallejt oħrajn barra, insiġt kollox flimkien, u ktibt bi stil faċli u ħafif. Għax billi din il-kitba hi magħmula bil-ħsieb li l-verġni jieħdu gost jaqraw dwar l-għeġubijiet tal-verġni Klara, ma jiġrix li l-intelliġenza mhux raffinata tal-kultura ssib ruħha mitlufa fit-tgħawwiġ tal-kliem.

[600] Ħa jimxu mela l-irġiel fuq il-passi tad-dixxipli l-ġodda tal-Verb magħmul bniedem, u n-nisa jimitaw lil Klara, xbieha ta' Omm Alla, il-mexxejja l-ġdida tan-nisa.

Int, Missier qaddis, għandek awtorità sħiħa li tikkoreġi, tnaqqas jew iżżid ma' dak li ktibt jien, u r-rieda tiegħi hi lesta li tkun soġġetta f'kollox għal dik tiegħek, taqbel ma' dak li trid int, u toqgħod għalih.

Il-Mulej Ġesù Kristu jagħtik is-saħħa llum u dejjem. Amen.

# TIBDA L-LEĠĠENDA TA' SANTA KLARA VERĠNI

## NIBDEW MIT-TWELID TAGĦHA

[601] 1 Il-mara ta' l-għaġeb, Klara isimha u leqqiena għall-aħħar bil-virtujiet tagħha, twieldet fil-belt ta' Assisi minn nisel nobbli ħafna[327]. Għall-ewwel kienet ċittadina ma' l-imqaddes Franġisku hawn fl-art, u issa qiegħda ssaltan miegħu fis-sema.

Missierha kien kavallier, u l-familja kollha tagħha, fuq iż-żewġ naħat, kienet ġejja mill-klassi tan-nobiltà kavallereska. Id-dar tagħha kienet dar sinjura, u l-ġid li kellha, meta tqabbel il-qagħda ġenerali tal-pajjiż, kien kotran tassew[328].

Ommha Ortolana – li kienet destinata li fil-ġnien tal-Knisja twelled xitla ċkejkna, imma għanja bil-frott – kienet, hija wkoll, mogħnija bi frott bnin u kotran.

Għad li marbuta bir-rabta taż-żwieġ u fid-dmir li tieħu ħsieb sewwa tal-familja tagħha, b'danakollu, mill-aħjar li setgħet, kienet tiddedika ruħha għall-qima ta' Alla, u tfittex li b'żelu qaddis tagħmel għemejjel ta' tjieba.

Misjuqa mid-devozzjoni li kellha, marret pellegrinaġġ 'l hemm mill-baħar, u żaret dawk l-imkejjen li Alla magħmul bniedem qaddes bil-passi mqaddsa tiegħu. Wara dan, ġiet lura d-dar ferħana se ttir. Marret ukoll titlob lil San Mikiel Arkanġlu, u b'devozzjoni mħeġġa qiemet l-oqbra ta' l-appostli[329].

[602] 2 Għalfejn ngħidu aktar kliem? *Is-siġra tingħaraf mill-frott* li tagħti (cfr.Mt 12,33; Lq 6,44), u l-frott jieħu l-benna tiegħu mis-siġra.

Il-kotra tal-grazzja ta' Alla niżlet qabel xejn fl-għerq, biex fil-fergħa l-qdusija tiffjorixxi kotrana.

Fl-aħħar meta l-mara li kienet tqila waslet biex twelled, talbet bla waqfien lill-Kurċifiss fil-knisja, quddiem is-salib, biex jeħlisha mill-periklu tal-ħlas. *Semgħet leħen jgħidilha* (cfr. Atti 9,4): "La tibżax, mara, għax int se twelled qawwija u sħiħa, u tagħti lid-dinja dawl li jdawwal aktar mill-istess dawl"[330].

---

[327] ProcCan 1,1. Billi ħafna mill-fatti tal-LegCl diġà ġew kommentati fin-noti tal-ProcCan, nirreferu lill-qarrejja għad-dettalji relattivi fis-siltiet tal-ProcCan u fl-apparat kritiku tiegħu.
[328] ProcCan 1,4; 16,1; 18,4; 19,1; 20,2.3.
[329] ProcCan 1,4.5.
[330] ProcCan 3,28; 6,12.

Imdawwla minn din il-profezija, riedet li t-tifla, hija u titwieled mill-ġdid fil-fonti tal-magħmudija, tissejjaħ Klara. Hekk kienet tittama li ‘l quddiem jidher tabilħaqq id-dawl sabiħ u leqqien li ġiet imwiegħda, kif jogħġob lir-rieda ta’ Alla.

## L-IMĠIEBA TA’ KLARA F’DAR MISSIERHA

[603] 3 Ftit wara li rat id-dawl, meta kienet għadha ċkejkna, Klara bdiet tagħti dawl leqqien fid-dlam tad-dinja, u bit-tjubija tagħha xerrdet id-dawl sa mis-snin bikrin ta’ ħajjitha[331].

Kienet tfajla doċli f’qalbha, u minn fomm ommha ħadet l-ewwel tagħlim tal-fidi. Fl-istess ħin l-Ispirtu kien qed jaħdem fiha, jgħallimha u jsawwarha, u hi li kienet għamara l-iżjed nadifa, saret magħrufa bħala għamara tal-grazzji.

Hija *fetħet idejha* bil-qalb *mal-fqar* (Prov 31,20), u *għamlet tajjeb għan-nuqqas ta’ ħafna miż-żejjed* ta’ darha (2Kor 8,14)[332].

Biex is-sagrifiċċju tagħha jkun aktar mogħġub quddiem Alla, kienet iċċaħħad lil ġisimha ċkejken minn ikel delikat, u tibgħatu bil-moħbi permezz ta’ oħrajn biex bih *tmantni lill-iġsma tal-foqra* (cfr. Ġob 31,17).

Hekk sa *minn ċkunitha, l-ħniena* kibret magħha (cfr. Ġob 31,18), u rawwmet fiha spirtu ta’ ħniena u mogħdrija għal kull min kien isib ruħu f’xi bżonn.

[604] 4 It-talb kien il-hena tagħha, u kienet tikkultivah b’ħerqa kbira: hija mtliet sewwa bil-fwieħa ħelwa tat-talb, u bil-mod il-mod tgħallmet tgħix il-ħajja safja tal-verġni. Meta ma kienx ikollha kuruna biex tgħodd il-Missierna, it-talbiet ċkejknin tagħha lill-Mulej kienet tgħoddhom b’borġ żgħir ta’ ċagħaq.

Meta bdiet tħoss l-ewwel tqanqiliet ta’ l-imħabba qaddisa, kienet tqis bħala ħaġa ta’ min imaqdarha t-tlellix fieragħ tad-dinja. Bl-unzjoni tiegħu l-Ispirtu s-Santu għallimha tagħmel prezz baxx ħafna fuq l-affarijiet li huma ta’ valur tassew ċkejken. U tabilħaqq, taħt l-ilbies għani u artab tagħha, kienet tilbes bil-moħbi ċ-ċilizzju[333]. Minn barra, f’għajnejn id-dinja, kienet tidher imżejna sabiħ, waqt li *minn ġewwa kienet tilbes ‘il Kristu* (cfr. Rum 13,14; Gal 3,27).

Fl-aħħar, meta qrabatha rieduha tiżżewweġ b’mod nobbli, hija ma riedet b’ebda mod, u waqt li għamlet ta’ birruħha li trid tħalli għal aktar tard iż-żwieġ ta’ l-art, afdat f’idejn il-Mulej il-verġinità tagħha[334].

F’dar missierha dawn kienu l-ewwel sinjali tal-virtujiet tagħha, dan l-ewwel frott ta’ l-Ispirtu, dan il-bidunett tal-qdusija. Għalhekk, bħalma vażett mimli fwieħa, għad li magħluq, b’danakollu jxerred riħa ħelwa madwaru, hekk Klara, bla ma kienet taf, bdiet tiġi mfaħħra minn fomm il-ġirien tagħha, u l-fama vera tagħha dwar l-għemejjel ta’ tjieba li kienet tagħmel bil-moħbi, ġriet ma’ kullimkien: kulħadd sar jaf bit-tjubija tagħha[335].

---

[331] ProcCan 1,1.3.
[332] ProcCan 1,3; 17,1.4; 18,1.3; 20,3.5.
[333] Fil-fatt, ix-xhud Giovanni di Ventura fil-ProcCan 20,4, jitkellem biss minn drapp rozz (*veste di stamigna*).
[334] ProcCan 18,2; 19,2.
[335] ProcCan 1,3; 2,2; 3,2; 4,2; 12,1.

## DWAR KIF SARET TAF LIL SAN FRANĠISK U L-ĦBIBERIJA TAGĦHA MIEGĦU

[605] 5 Meta semgħet lil min jitkellem dwar Franġisku, li issa kien diġà sar magħruf sewwa bħala *bniedem ġdid* (cfr. Ef 4,24; Kol 3,9-10), li b'virtujiet ġodda kien qed iġedded it-triq tal-perfezzjoni li kienet għoddha għebet għal kollox mid-dinja, dlonk xtaqet tisimgħu u tarah. Kienet misjuqa tagħmel dan mill-*Missier ta' l-erwieħ* (cfr. Lhud 12,9), li minnu huma t-tnejn, għad li b'mod differenti, irċevew l-ewwel ispirazzjonijiet.

U ma kienet xejn inqas fi Franġisku x-xewqa li jiltaqa' u jitkellem ma' Klara, għax kien sama' t-tifħir ta' din it-tfajla hekk grazzjuża. Ried jara x'seta' jagħmel biex b'xi mod *jeħles minn din id-dinja ħażina* (cfr. Gal 1,4) din il-priża, u jirbaħha għall-Mulej tiegħu, hu li kien mogħti biex jagħmel rebħiet bħal dawn u kien ġie biex iġib fix-xejn is-saltniet tad-dinja.

Kien imur iżurha, u aktar ta' spiss kienet tmur iżżuru hi, iżda kienu jirregolaw il-frekwenza tal-laqgħat b'tali mod li l-qawwa divina, li ġibdithom lejn xulxin, ma ssirx magħrufa mill-bnedmin, biex hekk ma tiġix imtebbgħa minn ilsien in-nies. Għaldaqstant, akkumpanjata minn persuna waħda li kienet ta' ġewwa magħha, it-tfajla kienet toħroġ minn dar missierha u tmur bil-moħbi biex tiltaqa' mal-bniedem ta' Alla. Kliemu kien għaliha qisu ħuġġieġa, u għemilu aktar minn ta' bniedem tad-demm u l-laħam[336].

Il-missier Franġisku kien iħeġġiġha biex tmaqdar id-dinja, u bi kliem ħerqan kien juriha li t-tama tad-dinja ma tagħtix frott, u d-dehra tagħha hi qarrieqa għall-aħħar. Ma kienx jgħejja jkellimha dwar il-ħlewwa taż-żwieġ ma' Kristu, u jipperswadiha biex tħares bla mittiefsa l-ġawhra tal-kastità verġinali tagħha, u terfagħha għall-Għarus Divin li l-imħabba għamlitu bniedem fost il-bnedmin.

[606] 6 Imma għaliex noqgħod nintilef f'ħafna kliem? Meta rat il-ħerqa tal-missier l-aktar qaddis li kien qed jieħu ħsiebha bil-ħeġġa ta' medjatur l-aktar fidil, il-verġni ma damitx ma tat il-kunsens tagħha[337].

Minnufih infetħet beraħ quddiem għajnejn ruħha l-viżjoni ta' l-hena ta' dejjem, u rat li, imqabbla magħha, id-dinja kollha titlef il-valur tagħha. Klara nħallet bix-xewqa ħerqana li tiksbu, u qalbha xegħlet bl-imħabba għat-tieġ ta' dejjem.

Tant tkebbes fiha n-nar tas-sema li, bil-qawwa kollha, ċaħdet il-frugħat tal-glorja tad-dinja, hekk li xejn mit-tlellix tagħha ma seta' b'xi mod jattakkalha qalbha. Hija maqdret ukoll it-tħajjir tal-ġisem, u iddeċidiet li żżomm 'il bogħod minn *friex id-dnub* (cfr. Għerf 3,13). Xtaqet li tagħmel minn ġisimha tempju għal Alla waħdu, u ħsiebha kien biss li timmerita bil-prattika tal-virtujiet it-tieġ tas-Sultan il-kbir.

Intelqet għal kollox f'idejn Franġisku, qagħdet għall-pariri tiegħu u, wara Alla, lilu għażlet bħala gwida fit-triq li qatgħatha li tieħu. Minn dakinhar 'il quddiem, ruħha bdiet tistrieħ b'fiduċja fuq il-pariri qaddisa li kien jagħtiha, u tilqa' f'qalbha mkebbsa dak kollu li beda jgħallimha dwar it-twajjeb Ġesù.

Kienet tissaporti fuq qalbha t-tiżjin tad-dinja, u tgħodd *bħala telf* kull ħaġa li tiġbed l-ammirazzjoni minn barra, biex tkun tista' *tirbaħ 'l Kristu* (Fil 3,8).

---

[336] ProcCan 17,3. Ix-xhieda tal-Proċess, Bona di Guelfuccio, li akkumpanjat lil Klara għal dawn il-laqgħat sigrieti, affermat li ma' Franġisku kien jiġi dejjem Fra Filippo Longo.
[337] ProcCan 1,2; 3,1; 4,2; 6,1; 12,2; 16,3.6; 20,6.

## DWAR KIF BIL-ĦIDMA TA’ L-IMQADDES FRANĠISKU GĦADDIET MILL-ĦAJJA TAD-DINJA GĦALL-ĦAJJA RELIĠJUŻA

[607] 7 Minnufih, biex it-trab tad-dinja ma jtappanx il-mera ta’ dik ir-ruħ bla tebgħa, u lanqas ma jniġġes iż-żogħżija safja tagħha, il-missier qaddis ħaffef biex jeħles lil Klara mill-ħakma tad-dlamijiet tad-dinja.

Is-solennità ta’ Ħadd il-Palm kienet qorbot, u t-tfajla, b’qalb imħeġġa, marret għand il-bniedem ta’ Alla biex titolbu jgħidilha x’għandha tagħmel u kif, ladarba kienet iddeċidiet li tbiddel ħajjitha.

Il-missier Franġisku ordnalha li nhar il-festa tilbes sabiħ u eleganti, u tmur tieħu l-palma flimkien mal-folla tan-nies. Il-lejla ta’ wara, imbagħad, *toħroġ barra mill-kamp* (cfr. Lhud 13,13), u *tibdel id-daħq* tad-dinja *f’biki* (cfr. Ġak 4,9) għall-passjoni tal-Mulej. Meta wasal il-Ħadd, it-tfajla, imżejna bl-ilbies sabiħ tal-festa, daħlet il-Knisja flimkien mal-kotra tan-nies nobbli. U hemm ġrat xi ħaġa li bħal donnha kienet sinjal b’tifsira speċjali: waqt li l-oħrajn kollha għaġġlu jitilgħu biex jieħdu l-palma, Klara, bħallikieku mxekkla mill-mistħija, baqgħet imsammra f’postha. U, ara, l-isqof[338] niżel it-taraġ, mar ħdejha u taha l-palma f’idejha.

Il-lejl ta’ wara, issa li kienet lesta tagħmel kull ma kien jikkmandaha l-Qaddis, wettqet il-ħarba mixtieqa flimkien ma’ kumpanija xierqa. U billi dehrilha li jkun jaqbel aktar li ma toħroġx mill-bieb tas-soltu, irnexxielha, b’saħħa li għaġġbet saħansitra lilha stess, tiftaħ bieb ieħor li kien imsakkar bi travi u ġebel tqil[339].

[608] 8 Ħalliet, mela, id-dar, il-belt u l-familjari tagħha u telqet bil-għaġġla lejn Santa Marija tal-Porziuncola. Il-patrijiet, li kienu qed jishru u jitolbu ħdejn l-altar ċkejken ta’ Alla, laqgħu lill-verġni Klara bix-xemgħat mixgħula.

Minnufih, hemmhekk stess, waqt li ċaħdet il-ħmieġ ta’ Babilonja, tat lid-dinja *l-kitba tad-divorzju* (Dt 24,1). Klara ħalliet jaqa’ ma’ l-art ix-xagħar li qatgħulha l-patrijiet, u neżgħet darba għal dejjem l-ilbies fin u jlellex li kellha fuqha[340].

Lanqas ma kien ikun jixraq li, fil-għaxija taż-żminijiet, l-Ordni tal-verġinità li kien qed jiffjorixxi jinbet xi mkien ieħor għajr fit-tempju ta’ Dik li, l-ewwel waħda fost kulħadd u minnhom kollha l-aktar waħda denja, hi waħidha saret omm u baqgħet dejjem verġni.

Dan hu l-post li fih, immexxija minn Franġisku, kellha bidu l-armata l-ġdida tal-foqra. Hekk deher biċ-ċar li kienet l-Omm tal-ħniena li f’darha welldet iż-żewġ Ordnijiet Reliġjużi.

Imbagħad, wara li ħadet l-ilbies tal-penitenza quddiem l-altar ta’ Santa Marija, u bħal qisu quddiem is-sodda tat-tieġ ta’ din il-Verġni, il-qaddejja umli tgħarrset ma’ Kristu. San Franġisk ħadha malajr, malajr fil-knisja ta’ San Paolo bil-ħsieb li tibqa’ hemm sakemm l-Aktar Għoli jiddisponi mod ieħor.

---

[338] Il-kelma Latina *pontifex*, wasslet għal xi konfużjoni fl-interpretazzjoni tal-fatt. L-awtur anonimu tal-*Vita di Santa Chiara* tas-seklu 16, pubblikata minn Z. Lazzeri, ħaseb li hu seta’ jikteb: “irċeviet il-palma minn idejn il-Papa Innoċenz III”. Fil-fatt nafu li l-kelma *pontifex* tirreferi għall-Isqof ta’ Assisi, Guido.

[339] ProcCan 13,1.

[340] ProcCan 12,4; 16,6; 17,5; 18,3; 20,6.

## DWAR KIF B'PERSEVERANZA SĦIĦA IRREŻISTIET GĦALL-VJOLENZA TAL-FAMILJARI TAGĦHA

[609] 9 Kif din l-aħbar taret u waslet għand il-familjari tagħha, b'qalbhom maqsuma ikkundannaw id-deċiżjoni li wettqet b'għemilha din il-verġni, ingħaqdu flimkien u ġrew lejn il-post biex jippruvaw jiksbu l-impossibbli.

Ma baqax x'ma għamlux: użaw magħha vjolenza qalilha, tawha pariri avvelenati, għamlulha wegħdiet fiergħa bit-tama li b'hekk jipperswaduha terġa' lura minn dik il-qagħda baxxa u umiljanti li, la kienet tixraq lin-nobbiltà tal-familja tagħha, u lanqas qatt ġrat xi ħaġa bħalha f'dawk l-inħawi.

Iżda hi iggranfat mat-trieħi ta' l-altar, kixfet xagħarha mqarweż, u għamlithielhom ċara li b'ebda mod ma kienet se tħalli lil min jaħtafha u jwarrabha mis-servizz ta' Kristu. Aktar ma kibret il-qilla tal-ġlieda li qajmu niesha, aktar tqawwa l-kuraġġ tagħha u mħabbitha, imweġġgħa mill-offiżi li sarulha, kisbet qawwa ġdida[341].

Għaddiet hekk diversi ġranet, imfixkla milli timxi fi triq il-Mulej, u ssofri l-oppożizzjoni tal-familjari tagħha għax-xewqa li titqaddes. B'danakollu, il-ħeġġa ta' qalbha xejn ma naqset, u lanqas iddgħajjef il-fervur li kellha. Mhux biss, imma qalb il-kliem iebes u li jweġġa', kebbset l-ispirtu tagħha għat-tama, sakemm niesha, mirbuħa, kellhom jaċċettaw it-telfa u jikkwetaw.

[610] 10 Wara xi ftit jiem marret fil-knisja ta' Sant'Angelo di Panzo[342], iżda hemm l-ispirtu tagħha ma sabx mistrieħ. Għalhekk, fuq il-parir ta' San Franġisk, marret tgħix qrib il-knisja ta' San Damiano[343].

F'dan il-post hija tefgħet l-ankra ta' l-ispirtu tagħha bħal f'port kenni, u ma baqgħetx imħabbta aktar b'tibdil minn post għall-ieħor. Xejn ma iddubitat minħabba ċ-ċokon tal-post u lanqas beżgħet mis-solitudni.

San Damiano kienet il-knisja li Franġisku bata ħafna biex sewwiha, misjuq minn żelu ta' l-għaġeb; lis-saċerdot li kien jieħu ħsiebha kien offrielu wkoll il-flus biex jirrestawraha. Kien ukoll f'din il-knisja li Franġisku, huwa u jitlob, sama' *leħen nieżel* (cfr. 2Pt 1,17) mill-għuda tas-salib u jgħidlu: "Mur, Franġisku, u sewwi d-dar tiegħi li kif qed tara sejra tiġġarraf"[344].

F'dan il-ħabs ta' post ċkejken il-verġni Klara ingħalqet ġewwa għall-imħabba ta' l-Għarus tas-sema. Kien hawn li ġiet tinħeba mit-tempesta tad-dinja, u f'dan il-post ikkalzrat lil ġisimha għal ħajjitha kollha.

Bħal *ħamiema* tal-fidda *li għamlet il-bejta tagħha ġewwa x-xquq tal-blat ta' dan l-irdum* (cfr. Għan 2,14; Ġer 48,28), Klara nisslet kotra ta' verġni ta' Kristu, waqqfet monasteru qaddis u tat bidu għall-Ordni tas-Sorijiet Foqra.

Hawn ukoll, fit-triq tal-penitenza farrket it-tub tal-membri ta' ġisimha, żergħet iż-żerriegħa tal-ġustizzja perfetta, u bil-passi tagħha immarkat it-triq għal dawk li riedu jimxu warajha. F'dan l-eremitaġġ dejjaq, għal tnejn u erbgħin sena sħaħ, Klara kissret l-alabastru ta' ġisimha bis-swat tad-dixxiplina, biex id-dar tal-Knisja timtela bir-riħa tal-fwejjaħ.

Aktar 'il quddiem nirrakkontaw dwar il-ħajja glorjuża li għexet f'dan il-post, iżda qabel xejn jeħtieġ li nsemmu kemm kienu u x'erwieħ kienu dawk li permezz tagħha ġew għand Kristu.

[341] ProcCan 12,4; 18,3; 20,6.
[342] ProcCan 12,5.
[343] ProcCan 12,5; 20,7.
[344] Cfr. 2C 18.10.

## IL-FAMA TAL-VIRTUJIET TAGĦHA TIXTERED MA' KULLIMKIEN

[611] 10a F'qasir żmien il-fama tal-qdusija tal-verġni Klara xterdet ma' l-inħawi tal-qrib, u n-nisa minn kullimkien ġrew *wara l-fwieħa tagħha li tgħaxxqek* (cfr. Għan 1,3).

Fuq l-eżempju tagħha l-verġni għaġġlu biex jiddedikaw lil Kristu l-verġinità tagħhom, waqt li l-miżżewġin impenjaw ruħhom biex jgħixu ħajja aktar kasta. Nisa nobbli u magħrufa telqu l-palazzi kbar tagħhom u bnew għalihom monasteri żgħar: kienu jqisuh ġieħ kbir għalihom li jgħixu *liebsin l-ixkejjer u l-irmied* (cfr. Mt 11,21; Lq 10,13) għall-imħabba ta' Kristu.

Saħansitra l-ħeġġa taż-żagħżugħa tqanqlet bis-sħiħ biex jidħlu f'din il-gara għal safa bla mittiefes, u ġiet imħeġġa biex tmaqdar il-ħajriet qarrieqa tal-ġisem minn dawn l-eżempji qawwija tas-sess l-aktar dgħajjef.

Ħafna miżżewġin ukoll, fl-aħħarnett, bi ftehim bejniethom intrabtu b'patt li jħarsu l-kastità: l-irġiel daħlu fl-Ordnijiet Reliġjużi, u n-nisa fil-monasteri. L-omm tistieden lit-tifla għal għand Kristu, u l-bint lil ommha; l-oħt tiġbed lil oħtha, u z-zija lin-neputijiet tagħha. Kollha kemm huma, imħeġġa b'għira qaddisa, jixtiequ jingħataw għas-servizz ta' Kristu. Kollha kemm huma jixxennqu biex jieħdu sehem f'din il-ħajja ta' l-anġli li, permezz ta' Klara, kienet qed tferrex id-dawl ma' kullimkien.

Numru bla għadd ta' verġni, imqanqlin mill-eżempju ta' Klara, billi minħabba xi raġunijiet ma setgħux iħaddnu l-ħajja klawstrali, b'danakollu kienu jimpenjaw ruħhom li jgħixu f'darhom fl-ispirtu ta' ħajja regolari għad li ma kellhom ebda rabta ta' xi Regola.

Kienet hekk kotrana ż-żerriegħa tas-salvazzjoni li nżergħet bl-eżempju tal-verġni Klara li bħal qisu deher jitwettaq kliem il-profeta: *Ħafna aktar huma ulied il-mitluqa minn ulied il-miżżewġa* (Iż 54,1).

## IL-FAMA TAT-TJUBIJA TAGĦHA<br>TILĦAQ ANKE L-INĦAWI L-AKTAR IMBIEGĦDA

[612] 11 Sadanittant, biex in-nixxiegħa tal-barka ta' Alla li bdiet tgelgel fil-wied ta' Spoleto ma tibqax magħluqa f'inħawi dojoq, il-Providenza divina riedet li ssir xmara kbira, hekk li *s-swieqi tagħha jferrħu l-belt ta' Alla* (S 45,5), jiġifieri l-Knisja.

L-aħbar ta' din il-ħaġa hekk ġdida u l-ġrajjiet li saru magħha tferrxet mat-tul u l-wisgħa tad-dinja, u r-riżultat kien li kullimkien ġew mirbuħa ħafna erwieħ għal Kristu.

Waqt li baqgħet dejjem magħluqa, Klara bdiet ixxerred ma' kullimkien fid-dinja d-dawl qawwi tagħha, u ddiet b'mod ta' l-għaġeb bit-tifħir li kien tabilħaqq jixirqilha.

Il-fama tal-virtujiet tagħha mliet id-djar sbieħ ta' nisa magħrufa, laħqet il-palazzi tad-dukessi, u daħlet saħansitra fil-kmamar ta' l-irġejjen. L-ogħla nobiltà tbaxxiet biex timxi fuq il-passi tagħha, u, misjuqa mill-umiltà, ċaħdet il-kburija tad-demm u tan-nisel.

Xi wħud, għad li kien jixirqilhom jiżżewġu xi duka jew re, mistiedna mit-tifħir li kulħadd kellu għal Klara, ingħataw għall-penitenza ħarxa, u dawk li diġà kienu magħquda fiż-żwieġ ma' nies ta' setgħa bdew jimitaw lil Klara huma wkoll, skond ma kienet tippermettilhom il-qagħda tagħhom. Għadd kbir ta' bliet iżżejnu bil-monasteri, u saħansitra l-kampanja u l-inħawi ta' l-għoljiet sbieħu bil-bini ta' dawn id-djar tas-sema.

Il-ħarsien tal-kastità kotor fid-dinja: Klara, il-mara l-aktar qaddisa, hi l-gwida li tiftaħ it-triq, u l-istat tal-verġinità sar għal darb'oħra attwali, bħallikieku ġie mogħti l-ħajja mill-ġdid.

Illum il-Knisja qed twarrad ferħana b'dawn il-fjuri qaddisa li xettlet Klara, dik li titlob li tkun imwieżna, u tgħid: *Ejjew għinuni bil-ħbejżiet taż-żbib, għax imradt bl-imħabba* (Għan 2,5).

Imma ħalli l-pinna tmur lura għall-intenzjoni li kelli fil-bidu, biex issir magħrufa l-ħajja tagħha kif kienet tgħixha fil-prattika.

## L-UMILTÀ QADDISA TA' KLARA

[613] 12 Klara, l-ewwel ġebla u l-pedament nobbli ta' l-Ordni tagħha, sa mill-bidunett fittxet li ttella' l-bini tal-virtujiet kollha fuq is-sies ta' l-umiltà qaddisa. Wiegħdet, għalhekk, ubbidjenza qaddisa lil San Franġisk, u qatt ma tħarrket la 'l hawn u lanqas 'l hemm minn din il-wegħda.

Matul it-tliet snin ta' wara l-konverżjoni tagħha, la riedet taf bl-isem u lanqas bil-kariga ta' badessa: xtaqet b'umiltà kbira li tkun taħt ħaddieħor aktar milli tkun hi li tikkmanda, u fost il-qaddejja ta' Kristu kienet lesta aktar li taqdi milli tkun moqdija.

Iżda, imbagħad, imġiegħela minn San Franġisk, fl-aħħar aċċettat li tkun il-mexxejja tad-*Dame* ħutha. F'qalbha nibet il-biża', mhux l-arroganza; kibret mhux l-indipendenza, iżda l-ispirtu u l-prattika tas-servizz li xtaqet tagħti[345].

Infatti, aktar ma kienet tara li qed titgħolla b'dawn l-apparenzi ta' superjorità, aktar kienet tbaxxi l-istima tagħha nnifisha, u kienet dejjem lesta biex taqdi dmirha, u tħossha li mhix denja li l-oħrajn iqimuha.

Minn dakinhar 'il quddiem qatt ma rrifjutat li tagħmel imqar l-aktar xogħol umli, hekk li l-biċċa l-kbira hi kienet titfa' l-ilma fuq idejn ħutha, tgħinhom meta jkunu bilqiegħda, u sservihom ukoll huma u jieklu[346].

Kontra qalbha kienet tagħti xi ordnijiet, għax kienet tippreferi li tagħmel hi minn rajha milli tqabbad lil xi ħadd minn ħutha[347]. Araha taqbad u taħsel hi stess is-saqqijiet tal-morda u tnaddafhom sew. U dan kienet tagħmlu misjuqa mill-ispirtu nobbli li kellha; xejn ma kienet tinġibed lura minħabba l-ħmieġ, jew titqażżeż minħabba l-intejjen[348].

Meta s-sorijiet li jaqdu barra l-monasteru kienu jiġu lura, spiss kienet hi li taħslilhom riġlejhom u tbushomlhom ukoll. Darba minnhom, hija u taħsel riġlejn waħda minn dawn is-sorijiet, x'ħin ġiet biex tbushomlha dik, billi ma ssapportietx umiljazzjoni hekk kbira, ġibdet sieqha bis-salt, u lis-Sinjura laqtitha f'wiċċha. Klara mill-ġdid reġgħet qabditilha sieqha, u waħħlitilha bewsa mal-qiegħ tagħha[349].

## IL-FAQAR QADDIS U SINĊIER TAGĦHA

[614] 13 Il-faqar ta' l-ispirtu, li hu l-umiltà vera, kien wieħed mill-aspetti tal-faqar assolut ta' Klara f'kull ħaġa.

Qabel xejn, sa mill-bidu tal-ħajja ġdida tagħha, biegħet il-wirt li messha minn dar missierha u, bla ma żammet għaliha mqar l-iċken sehem mill-qligħ, qassmet kollox lill-foqra[350].

[345] ProcCan 1,6.
[346] ProcCan 1,12; 2,1.3; 3,9.
[347] ProcCan 1,10.
[348] ProcCan 1,12; 2,1; 6,2.7.
[349] ProcCan 2,3; 3,9; 10,6.
[350] ProcCan 3,31; 12,3; 13,11.

Sa minn dak il-ħin, waqt li ħalliet barra d-dinja u stagħniet minn ġewwa f'ruħha, hija ġriet ħielsa u ħafifa, *bla ħorġa* (cfr. Mt 10,9.10; Lq 10,4) wara Kristu.

Il-patt li għamlet mal-faqar imqaddes kien hekk qawwi, u l-imħabba għall-faqar kienet hekk imħeġġa, li ma riedet ikollha xejn tagħha għajr lil Kristu l-Mulej, u lanqas ma kienet tħalli li wliedha jkollhom xejn bħala tagħhom[351].

Klara kienet konvinta li *l-ġawhra tiswa ħafna* tax-xewqa tas-sema li kisbet billi *biegħet kull ma kellha* (cfr. Mt 13,46), b'ebda mod ma setgħet tkun tagħha kemm il-darba tkun inkwetata żżejjed minħabba l-ġid temporali.

Ma kienetx tgħejja ttenni u tikkonvinċi lil ħutha li l-komunità tagħhom tkun mogħġuba minn Alla aktar ma tkun għanja bil-faqar, u tibqa' sħiħa għal dejjem kemm il-darba tkun il-ħin kollu mħarsa mit-torri ta' l-ogħla faqar.

Lil ħutha s-sorijiet kienet tħeġġiġhom biex fil-bejta żgħira tal-faqar tagħhom ikunu jixbħu lil Kristu fqir li l-Omm fqajra qiegħditu ċkejken *f'maxtura* (cfr. Lq 2,7) dejqa. Din it-tifkira speċjali, bħallikieku kienet ġojjel tad-deheb, kienet iżżommha dejjem fuq sidirha biex it-trab tal-ħwejjeġ ta' l-art ma jsibx mnejn jidħol ġewwa.

[615] 14 Klara riedet li l-familja reliġjuża tagħha tieħu isimha mill-faqar, u għalhekk qalgħet mingħand il-Papa Innoċenz III, ta' tifkira ħienja, il-privileġġ tal-faqar[352].

Dak ir-raġel tassew kbir, waqt li feraħ bil-ħeġġa hekk kbira ta' din il-verġni, ra li din il-proposta tagħha kienet tassew singulari, għax qatt qabel ħadd ma talab lis-Sede Apostolika xi privileġġ bħal dan. U biex jagħti tweġiba mhux tas-soltu għal talba ta' favur mhux tas-soltu, il-Papa innifsu, ferħan se jtir, ħażżeż b'idejh stess l-ewwel abbozz tal-privileġġ mitlub.

Is-Sinjur Papa Girgor, ta' tifkira ħienja, raġel li tabilħaqq jixraqlu t-tron daqskemm kien venerabbli għall-merti personali tiegħu, lil din il-Qaddisa ħabbha b'imħabba tassew ħerqana ta' missier. Kien jara kif jagħmel biex forsi jirnexxilu jipperswadiha li jkollha xi proprjetà tagħha minħabba ċ-ċirkustanzi li setgħu jinqalgħu, u l-perikli taż-żminijiet. Hu stess, anzi, offrielha li jagħtiha l-ġid b'idejh miftuħa.

Iżda Klara b'xejn ma qablet ma' dan, u b'ebda mid ma ħallietu jikkonvinċiha dwar din il-ħaġa[353]. Meta l-Papa qalilha: "Jekk inti qed tibża' minħabba l-vot li għamilt, Aħna niddispensawk"; hija weġbitu: "Missier qaddis: jien qatt u għall-ebda raġuni, illum u għal dejjem, ma rrid li nkun iddispensata milli nimxi wara Kristu".

Kienet tifraħ ħafna meta tirċievi għotjiet żgħar ta' karità, il-bċejjeċ tal-ħobż li dawk li jmorru għaċ-ċirka kienu jġibu magħhom, u bħal donnha ssewwed qalbha meta tara ħobżiet sħaħ, għax aktar kienet tithenna b'dawk in-naqriet ta' ħobż[354].

Għalfejn noqogħdu ngħidu ħafna kliem? Ħsiebha kien li tara kif fil-faqar l-aktar perfett issir tixbah lil Kristu fqir, biex ebda ħaġa li tgħaddi qatt ma tifred il-maħbuba mill-maħbub, jew ma tħallihiex tkompli l-ġirja tagħha mal-Mulej.

Bħalissa qed niftakar f'żewġ mirakli li din il-ħabiba tal-faqar immeritat li tagħmel.

---

[351] ProcCan 1,13.
[352] ProcCan 3,14.32; 12,6.
[353] ProcCan 1,13; 2,22; 3,14.
[354] ProcCan 3,13.

## IL-MIRAKLU TAT-TKATTIR TAL-ĦOBŻ

[616] 15 Fil-monasteru kien fadal biss ħobża waħda, ħin l-ikel wasal u l-ġuħ kien qed jagħfas sew. Il-Qaddisa sejħet lis-soru li kienet tieħu ħsieb ir-refettorju u ikkmandatha taqsam il-ħobża; nofs tibgħatu lill-patrijiet, u n-nofs l-ieħor tqassmu bejn is-sorijiet.

Ordnatilha wkoll li minn din in-nofs tqatta' ħamsin biċċa, daqs kemm kien il-għadd tas-Sorijiet, u tqiegħedhomlhom quddiemhom fuq il-mejda tal-faqar.

Meta dik it-twajba bint qaltilha: "Hemm bżonn li jsiru l-mirakli tal-qedem li kien jagħmel Kristu biex minn din il-biċċa ħobż żgħira noħroġ ħamsin porzjon", l-Omm weġbitha hekk: "Binti, agħmel b'fiduċja dak li qed ngħidlek".

Il-bint ħaffet u marret biex tagħmel il-kmand ta' Ommha, u l-Omm ħaffet tagħmel talbiet ħerqana lil Kristu tagħha għal uliedha. Bil-qawwa tal-grazzja ta' Alla, dik il-biċċa ħobż żgħira kibret f'idejn dik li kienet qed tqatta' minnha, hekk li kull soru tal-komunità ħadet biċċa ħobż kbira biżżejjed għaliha[355].

## MIRAKLU IEĦOR: IŻ-ŻEJT LI IPPROVDA L-MULEJ

[617] 16 Darba minnhom, il-qaddejja ta' Kristu ma kienx fadlilhom qatra żejt, lanqas biex iħawwru l-ikel tal-morda.

Is-Sinjura Klara ħadet flixkun u, għalliema ta' l-umiltà li kienet, ħaslithu b'idejha stess; imbagħad qiegħdet il-flixkun vojt f'post għalih biex x'ħin jiġi l-Fra li jagħmel iċ-ċirka, jieħdu. Kif kienu s-soltu jagħmlu, sejħulu biex hu jmur u jġib iż-żejt.

Ħaffef kemm seta' l-Fra twajjeb biex jagħti l-għajnuna f'dik is-siegħa tal-bżonn, u ġera biex jieħu l-flixkun.

*Mhux x'wieħed irid jew kemm jitħabat li jgħodd, iżda għal min Alla jħenn* (Rum 9,16). Difatti, dak il-flixkun, b'intervent ta' Alla waħdu, instab mimli biż-żejt; it-talb ta' Santa Klara kiseb minn qabel, b'risq uliedha foqra, il-għajnuna li l-Fra kien ħerqan li jagħtihom[356].

Tabilħaqq, dak il-Fra, billi ħaseb li kienu sejħulu għal xejn, bejnu u bejn ruħu gerger u qal: "Biex jgħaddu ż-żmien bija sejħuli dawn in-nisa għax, ara, il-flixkun hu mimli!"

## IL-MORTIFIKAZZJONI TAL-ĠISEM

[618] 17 Dwar il-mortifikazzjoni ta' l-għaġeb ta' ġisimha jkun jaqbel aktar li ma ngħid xejn milli noqgħod nitkellem fuqha: tant għamlet penitenzi li f'min jisma' r-rakkont tagħhom l-istagħġib jiġġieled, bla ma qisu jrid jemmen, mal-verità.

Ma kienitx xi ħaġa ta' l-għaġeb li lil ġisimha fraġli kienet aktar tgħattih milli ssaħħnu bil-għata ta' tonka sempliċi u mantell fqajjar ta' drapp rozz[357]. Lanqas ma tiskanta li qatt ma libset żarbun f'saqajha. U saħansitra s-sawm is-sena kollha lanqas ma kien ħaġa hekk straordinarja, jew li kienet torqod fuq saqqu ċkejken li żgur ma kien artab xejn.

Forsi għal dawn il-mortifikazzjonijiet lanqas jistħoqqilha xi tifħir speċjali, għax l-oħrajn ukoll, fl-istess monasteru, kienu jipprattikaw din ix-xorta ta' penitenza.

---

[355] ProcCan 6,16.
[356] ProcCan 1,15; 2,14.
[357] ProcCan 2,4; 3,4.

Imma x'rabta seta' jkun hemm bejn ġisem verġinali u ċilizju magħmul mill-ġild tal-ħanżir? Infatti, din il-verġni l-aktar qaddisa ddubbat ħżiem magħmul mill-ġild tal-ħanżir, u kienet tilbsu bil-moħbi taħt it-tonka, bil-lanżit iniggeż fuq in-naħa ta' ġewwa, imiss mal-laħam[358].

Xi drabi kienet tilbes ukoll ċilizzju iebes, maħdum mix-xagħar taż-żiemel, kollu għoqod, u tilbsu issikkat ma' qaddha bi spag aħrax, min-naħa u minn oħra.

Darba dan il-ħżiem silfitu lil waħda minn uliedha li kienet talbitulha, iżda din, wara li libsitu, malajr ħassitha megħluba mill-ħruxija tiegħu, u kif għaddew tlitt ijiem, fittxet tatulha lura b'ferħ akbar minn meta kienet talbitulha[359].

L-art għerja, u xi drabi ftit żraġen tad-dwieli fuqha, kienet is-sodda tagħha, u njama iebsa taħt rasha kienet isserviha ta' mħadda. Wara, imbagħad, meta s-saħħa ta' ġisimha marret lura, kienet titfa' ħasira ma' l-art, u taħt rasha, biex bħallikieku tagħmel att ta' ħniena, tefgħet ukoll ftit tiben. Iżda fl-aħħar, meta ġisimha ttrattat hekk bl-aħrax ħa marda twila, b'ordni ta' l-imqaddes Franġisku bdiet torqod fuq saqqu mimli sew bit-tiben[360].

[619] 18 Fis-sawm tagħha l-astinenza kienet hekk rigoruża li ġisimha bilkemm kien ikollu saħħa jgħix b'dak il-ftit ikel li bih kienet titrejjaq li kieku ma kienetx imwieżna minn qawwa oħra.

Sakemm kien għadha f'saħħitha kienet issum ħobż u ilma r-Randan il-kbir, u wkoll ir-Randan ta' San Martin, isqof. Il-Ħadd, imbagħad, jekk kien ikollha, kienet tieħu ftit inbid.

U int li qed tisma', ammira jekk ma tistax timita: għal tlitt ijiem fil-ġimgħa, jiġifieri, t-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa, matul ir-randanijiet l-ikel lanqas biss kienet tmissu ma' ħalqha.

Hekk, wieħed wara l-ieħor, kienu jalternaw il-jiem: jum li fih tiekol daqs għasfur, u jum li fih ma dduq proprju xejn. Il-vġili tas-sawm perfett bħal donnu kien jinbidel f'jum ta' festa għax tiekol ftit ħobż u tieħu naqra ilma!

Ma tiskantax, għalhekk, li din il-ħruxija, li damet sejra għal ħafna żmien, għamlet lil Klara suġġetta ħafna għall-mard, ġabitilha fix-xejn il-forzi tagħha, u ħallietha bla saħħa f'ġisimha.

Iżda l-ulied, li kienu ħafna devoti lejn l-omm qaddisa tagħhom, tgħidx kemm kienu jsofru meta jarawha hekk; u erħilhom jilmintaw u jibku minħabba l-imwiet ta' kuljum li hi, minn rajha, kienet iġġib fuqha nnifisha.

Sa fl-aħħar l-imqaddes Franġisku u l-Isqof ta' Assisi ipprojbew lil Santa Klara li ssum dak is-sawm kiefer ta' tlitt ijiem fil-ġimgħa, u ordnawlha li ma tħalli ebda jum jgħaddi mingħajr ma tiekol talanqas uqija u nofs ħobż.

Is-soltu jiġri li t-tgħakkis aħrax tal-ġisem iġib miegħu, bħala konsegwenza, nuqqas ta' ħeġġa ta' l-ispirtu, iżda xi ħaġa bil-wisq differenti ġrat fil-każ ta' Klara; għad li kienet taħqar lil ġisimha b'ħafna mortifikazzjonijiet, b'danakollu d-dehra ta' wiċċha kienet dejjem ferreħija u hienja. Donnha lanqas biss kienet tħoss jew, biex ngħidu hekk, kienet tidħaq bil-moħqrija li kien isfori ġisimha.

Dan iġiegħelna nifhmu li l-kotra ta' ferħ li bih qalbha kienet mimlija minn ġewwa kien ifur għal barra: għax l-imħabba tal-qalb tneħħi l-ħruxija kollha tal-moħqrija tal-ġisem[361].

---

[358] ProcCan 2,5.

[359] ProcCan 2,7; 3,4; 10,1.

[360] ProcCan 1,7; 3,4; 10,7.

[361] ProcCan 1,7.8; 2,8; 3,5.6; 4,5; 6,4.

[620] 19 Kienet tabilħaqq mejta fil-ġisem u xejn ma kienet tagħti kas għal dak li jitlobha; għad-dinja kienet bħal waħda barranija, u ruħha mehdija l-ħin kollu fit-talb qaddis u fit-tifħir lil Alla.

Iffissat il-ħarsa mħeġġa u ħerqana ta' qalbha fuq id-Dawl, u waqt li għoliet 'il fuq mill-ħwejjeġ tad-dinja li jgħaddu, fetħet beraħ il-għalqa ta' ruħha biex tilqa' x-xita qawwija tal-grazzja.

Kienet tgħaddi ħin twil titlob flimkien ma' ħutha wara l-Kumpieta, u x-xmajjar ta' dmugħ li kienu jfawwru fiha kienu jqanqlu għall-biki anke lill-oħrajn. Imbagħad, meta l-oħrajn kollha kienu jkunu marru jistrieħu fuq imtieraħ iebsa biex iserrħu l-membri għajjiena ta' ġisimhom, hi kienet tibqa' hemm, tishar u, bla mirbuħa mill-għejja, titlob biex *bil-ħatfa taħkem f'widnejha d-diwi tal-kelma ta' Alla* (Ġob 4,12), waqt li l-oħrajn ikunu jistrieħu fl-irqad tagħhom[362].

Bosta drabi kienet tinxteħet titlob wiċċha ma' l-art, ixxarrabha bid-dmugħ u tmellisha bil-bews[363]: qisu dejjem kellha f'dirgħajha 'l Ġesù tagħha, fuq riġlejh issawwab id-dmugħ u bla heda tistampa fuqhom il-bewsiet tagħha.

Darba minnhom, meta l-lejl kien daħal sewwa, waqt li kienet qiegħda tibki, dehrilha l-anġlu tad-dlam taħt forma ta' tfajjel iswed, u wissiha b'dan il-kliem: "La tibkix daqstant għax tagħma!" Iżda hi weġbitu: "Min jara lil Alla qatt mhu se jagħma". Kollu mħawwad, tbiegħed minnha.

F'dik l-istess lejla, wara l-Matutin, waqt li Klara kienet qed titlob u d-dmugħ il-ħin kollu kien iġelben ma' wiċċha, kif kien jiġri dejjem, il-kunsillier qarrieq resaq lejha: "La tibkix daqstant", reġa' tennielha, "jekk ma tridx li fl-aħħar moħħok jinħall u joħroġlok minn imnieħrek, u mbagħad ikollok tibqa' b'imnieħrek imgħawweġ". Klara tagħtu risposta f'waqtha: "Min jaqdi lill-Mulej qatt mhu se jkollu ebda ħaġa mgħawwġa f'ġismu". Il-għadu ħarab minnufih, u ma deherx aktar[364].

[621] 20 Sinjali bil-provi jixhdu kemm forza u għajnuna kienet tirċievi mill-forn tat-talb imħeġġeġ li kienet tagħmel, u xi ħlewwa divina kienet iġġarrab f'dawk il-waqtiet.

Meta, għalhekk, kienet tiġi lura kollha ferħana mit-talb qaddis, min-nar ta' l-altar tal-Mulej kienet iġġib kliem hekk imħeġġeġ li kienet tkebbes bih qlub ħutha.

B'għaġeb kbir tagħhom kienu jinnutaw li minn wiċċha kienet toħroġ ċerta ħlewwa, u li d-dehra ta' wiċċha kienet tkun aktar imdawwla mis-soltu.

*Tabilħaqq, fit-tjubija tiegħu Alla ħejja l-ikel għall-fqajra* (cfr. S 67,11), u wara li fit-talb imlielha ruħha bid-*dawl veru* (Ġw 1,9), ried li jkun jidher u jinħass minn barra wkoll[365].

Hekk f'dinja li dejjem tinbidel, Klara baqgħet magħquda ma' l-Għarus nobbli tagħha b'mod li ma jinbidilx, u kienet issib hena li qatt ma jaqta' fil-ħwejjeġ tas-sema. Miżmuma fis-sod minn virtù sħiħa fuq ir-rota dejjem iddur tad-dinja, hija u żżomm magħluq *f'ġarra tal-fuħħar it-teżor* (cfr. 2Kor 4,7) tal-glorja, bil-ġisem kienet tgħix hawn fuq l-art, imma bl-ispirtu tagħha kienet tgħammar fil-għoli.

Kienet drawwa tagħha li għall-Matutin tqum qabel iż-żgħażagħ u, waqt li tqajjimhom bis-sinjali bla ma tagħmel ħsejjes, tistedinhom biex ifaħħru lil Alla. Ta' spiss, waqt li l-oħrajn kienu

---

[362] ProcCan 1,7; 10,3.
[363] ProcCan 3,7; 6,4.
[364] Dawn iż-żewġ tentazzjonijiet tax-xitan mhumiex preżenti fl-Atti tal-Proċess ta' Kanonizzazzjoni.
[365] ProcCan 1,9; 4,4; 6,3.

jkunu għadhom reqdin, l-imsiebaħ kienet tmur tixgħelhom hi; spiss ukoll il-qanpiena kienet iddoqqha hi b'idejha stess[366].

Fil-monasteru tagħha ma kienx hemm post għall-bruda u lanqas għall-għażż: għax ċanfira qalilha kienet tħarrab kull telqa fit-talb u fis-servizz tal-Mulej.

## IL-MIRAKLI TAT-TALB TAGĦHA:
## L-EWWEL KIF IS-SARAĊINI ĠEW IMĦARRBA B'MIRAKLU

[622] 21 Hu pjaċir tiegħi issa li nirrakkonta l-għeġubijiet li saru bil-qawwa tat-talb tagħha, u dan b'tant qbil mal-verità daqskemm jistħoqqilhom qima.

F'dak iż-żmien ta' taħwid li l-Knisja kienet għaddejja minnu f'diversi nħawi tad-dinja taħt il-ħakma imperjali ta' Federiku, il-wied ta' Spoleto *xorob* aktar ta' spiss mill-oħrajn *il-kalċi tal-korla* (cfr. Apk 14,10).

B'ordni ta' l-imperatur f'dan il-wied kien hemm lesti għall-battalja qtajjiet ta' suldati u ġgajtiet ta' arċieri Saraċini, kollha ma' xulxin, qishom naħal, lesti biex jagħmlu ħerba mill-akkampament u jaħbtu għall-belt. Darba minnhom, waqt attakk ta' l-għadu kontra Assisi, belt speċjali tal-Mulej, meta l-eżerċtu kien għoddu qorob lejn il-bibien tagħha, is-Saraċini, nies tabilħaqq mill-agħar, għatxana għal demm l-insara u lesti li jwettqu kull xorta ta' għemil faħxi u qerriedi, invadew l-inħawi ta' San Damiano, u baqgħu deħlin sa ġewwanett fil-monasteru, hemm fejn kienu jgħixu l-verġni.

Qlub dawn is-Sinjuri inħallu bil-biża', kliemhom juri t-twerwir li kellhom fihom, u kollha mbikkija ġrew ħdejn ommhom. Hi, qalbha mimlija kuraġġ, ikkmandathom joħduha, marida kif kienet, ħdejn il-bieb u jqiegħduha quddiem l-għedewwa. Riedet, iżda, li qabilha tinġarr il-kaxxa tal-fidda magħluqa fl-avorju li fiha kien jinżamm bl-akbar qima l-Ġisem tal-Qaddis tal-qaddisin.

[623] 22 Mixħuta minn tulha fl-art, tibki u tolfoq, bdiet titlob lill-Mulej u tgħid lil Kristu tagħha: "Mulej tiegħi, lilek jogħġbok li terħi f'idejn il-pagani l-qaddejja tiegħek li jien tmajt bl-imħabba tiegħek? Iddefendi int, Mulej, ħares int nitolbok lil dawn il-qaddejja tiegħek li isa jien waħdi ma nistax inħares". Minnufih, leħen bħal qisu ta' tifel żgħir, instema' ħiereġ *mill-propizjatorju tal-grazzja* (cfr. Lhud 9,5) l-ġdida, u jidwi f'widnejha: "Jien niddefendikom dejjem!" "Sidi", qaltlu, "jekk dan jogħġbok, aqbeż ukoll għal din il-belt li dejjem tieqaf magħna għal imħabbtek". Weġibha l-Mulej: "Ikollha ssofri ħafna tbatija, imma tkun imħarsa mill-għawġ bil-qawwa tiegħi".

Il-verġni Klara, imbagħad, refgħet wiċċha maħsul bid-dmugħ, u farrġet lil ħutha mbikkija b'dan il-kliem: "Uliedi, niggarantilkom li m'intom se ssofru ebda deni, biss qisu li jkollkom fiduċja fi Kristu". U, ara, minnufih, il-ħruxija ta' dawk il-klieb tmewwtet u nħakmet bil-biża'; b'ħeffa ħarġu minn fuq il-ħitan li kienu xxabbtu magħhom, imnaffrin mill-qawwa ta' dik li talbet.

Klara wissiet malajr lil dawk li kienu semgħu l-leħen li semmejna aktar 'il fuq, u qaltilhom bil-qawwa kollha: "Uliedi l-aktar għeżież, araw li ma tgħidu xejn lil ħadd dwar dak il-leħen sakemm jien inkun għadni ħajja"[367].

---

[366] ProcCan 2,9; 10,3.

[367] ProcCan 2,20; 3,18; 4,14; 9,2; 10,9; 12,8; 18,6.

## MIRAKLU IEĦOR: IL-ĦELSIEN TAL-BELT

[624] 23 Darb'oħra, Vitale d'Aversa, raġel għatxan għall-glorja u qalbieni fil-battalja, mexxa l-eżerċtu imperjali, li tiegħu kien il-kap, kontra Assisi. Neżża' dawk l-inħawi mis-siġar, għamel kullimkien ħerba waħda, u fl-aħħar assedja l-belt bl-eżerċtu tiegħu.

Saħħaħ kliemu b'ħafna theddid, u ħalef li ma kienx se jitwarrab minn hemm qabel ma jaħtaf il-belt. Fil-fatt il-qagħda tal-belt kienet imwiegħra għall-aħħar, u kulħadd kien beżgħan li l-waqgħa tagħha qrib.

Meta Klara, il-qaddejja ta' Kristu, saret taf b'dan, tniehdet minn qalbha, sejħet lil ħutha u qaltilhom: "Uliedi l-aktar għeżież: minn din il-belt aħna nirċievu ħafna ġid kuljum. Tkun ħaġa wisq ħażina jekk aħna, fis-siegħa tal-bżonn li tinsab fih ma nagħtuhiex l-għajnuna mill-aħjar li nistgħu".

Ikkmandat li jġibu l-irmied, u lis-sorijiet ordnatilhom li jikxfu rashom. Bdiet l-ewwel waħda hi, kixfet rasha u fuqha raxxet ħafna irmied. Imbagħad għamlet l-irmied fuq ras ħutha u qaltilhom: "Morru għand il-Mulej tagħna u bil-qalb kollha itolbuh jeħles lil din il-belt".

Imma għalfejn ninżel fid-dettalji? Għalfejn noqgħod infakkar id-dmugħ tal-verġni jew intenni t-talb *li jaħtaf* (cfr. Mt 11,12) tagħhom?

Il-għada filgħodu, Alla l-ħanin *mat-tiġrib, ta wkoll l-għajnuna biex wieħed ikun jiflaħ għalih* (1Kor 10,13): l-armata kolla tferrxet, u dak il-bniedem kburi kien imġiegħel jitlaq hu wkoll. Il-pjani li kien għamel sfawlu fix-xejn, u qatt aktar ma ħaqar lil dik l-art.

Fil-fatt ġara li l-mexxej tal-gwerra ftit wara safa' maqtul bix-xabla[368].

## IL-QAWWA TAT-TALB TA' KLARA
## FIL-ĠRAJJA TAL-KONVERŻJONI TA' OĦTHA AGNESE

[625] 24 Lanqas ma għandna nidfnu fis-skiet dik il-qawwa ta' l-għaġeb tat-talb ta' Klara li, fil-bidunett tal-konverżjoni tagħha, dawwret ruħha lejn Alla u, wara li ikkonvertietha, iddefendietha.

Klara kellha oħtha, żagħżugħa, oħtha bin-nisel u fis-safa tagħha. Kienet tixtieq ħafna l-konverżjoni tagħha, u fost l-ewwel talbiet li offriet lil Alla bis-sentimenti kollha ta' qalbha, it-talba l-aktar ħerqana li għamlet kienet din: li bħalma hi u oħtha kienu qalb waħda u qrib ħafna fl-ispirtu meta kienu fid-dinja, ikunu wkoll rieda waħda bejniethom fis-servizz ta' Alla.

Ma kienetx tgħejja titlob b'insistenza lill-Missier il-ħniena biex f'għajnejn oħtha Agnese li ħalliet id-dar, id-dinja titlef kull qawwa li tiġbed, Alla jdewwaqha l-ħlewwa tiegħu, u jdawwarha għal imħabbtu b'tali mod li, waqt li twarrab il-ħsieb li tiżżewweġ skond il-ġisem, flimkien magħha titgħarras lill-Ispirtu tal-glorja fil-ħarsien għal dejjem tal-verġinità.

Iva, bejniethom it-tnejn kien hemm imħabba tassew ta' l-għaġeb, hekk li l-firda l-ġdida, għad li għal raġunijiet differenti, fissret għat-tnejn dulur kbir.

Il-majestà divina għaġġlet tisma' t-talba ta' din it-tallâba ta' l-għaġeb u taha fil-pront l-ewwel don li talbitu b'tant ħerqa qabel kull ħaġa oħra, don li Alla ħa pjaċir jagħtihulha.

Ġara, mela, li sittax il-ġurnata wara l-konverżjoni ta' Klara, imqanqla mill-Ispirtu s-Santu, Agnese ħaffet tmur għand oħtha u, wara li kixfitilha s-sigriet tar-rieda tagħha, qaltilha ċar u tond li trid tingħata totalment għas-servizz ta' Alla. Klara ħaddnitha magħha b'ferħ kbir, u qaltilha: "Niżżi ħajr lil Alla ja oħt l-aktar ħelwa tiegħi, għax Hu jisma' t-talb ħerqan li għamiltlu għalik".

---

[368] ProcCan 3,19; 9,3; 13,9; 14,3.

[626] 25 Wara din il-konverżjoni tassew ta' l-għaġeb ġiet id-difiża tagħha li ma kienet xejn anqas ta' min jammiraha.

Waqt li l-aħwa, kollhom ferħana, kienu miexja fuq il-passi ta' Kristu fil-knisja ta' Sant'Angelo di Panzo, u dik li kellha aktar esperjenza kienet tgħallem lin-novizza tagħha u oħtha, bħal sajjetta fil-bnazzi, kontra dawn it-tfajliet qamet il-gwerra tal-familjari tagħhom.

Meta saru jafu li Agnese marret tgħix ma' Klara, il-għada, tnax il-raġel mgħaddba għall-aħħar, erħewlha bil-ġiri lejn il-monasteru u, biex jaħbu minn barra l-qerq li kienu fasslu, għamlu ta' birruħhom li se jidħlu bis-sliem.

Fid-daqqa u l-ħin daru fuq Agnese – għax dwar Klara kienu ilhom li tilfu kull tama – u qalulha: "X'ġejt tagħmel hawn? Għaġġel ejja magħna lura d-dar". Iżda meta hi weġbithom li ma riedetx tinfired minn oħtha Klara, wieħed mill-kavallieri, mitluf f'rabja, intefa' fuqha, u bla ma ħasibha darbtejn beda jagħtiha bil-ponn u bis-sieq; ipprova jkaxkarha minn xagħarha u l-oħrajn bdew jimbuttawha u jippruvaw jerfgħuha fuq idejhom.

Iżda ż-żagħżugħa, qisha waħda li l-iljuni kienu qed jaħtfuha b'saħħa minn idejn il-Mulej, bdiet tgħajjat: "Għinni, oħti l-aktar għażiża, u tħallix li jien niġi maħtufa minn idejn Ġesù Kristu".

Meta dawk il-ħallelin vjolenti kienu qed ikaxkru liż-żagħżugħa maż-żurżieqa ta' l-għolja, ċarrtulha ħwejjiġha u mlew it-triq bix-xagħar li qalgħulha minn rasha. Klara mbikkija nxteħtet titlob biex oħtha tingħata rieda sħiħa, u biex il-qawwa ta' Alla tegħleb is-saħħa ta' dawk l-irġiel.

[627] 26 Fid-daqqa u l-ħin, il-ġisem ta' Agnese li kienet ma' l-art sar tant tqil li ħafna rġiel, minkejja s-saħħa kollha li kellhom, ma rnexxielhomx iġorruha aktar 'il bogħod minn ċerta nixxiegħa. Ġew ukoll xi nies oħrajn mir-raba u l-għelieqi tad-dwieli biex jgħinuhom, iżda kien kollu għal xejn, għax dak il-ġisem ma rnexxielhomx jerfgħuh mill-art.

Meta raw li l-ħsieb tagħhom falla għal kollox, ippruvaw iwaqqgħu għaċ-ċajt dan il-miraklu, u bdew jgħidu: "Għaddiet il-lejl kollu tiekol iċ-ċomb, u għalhekk m'hemmx għalfejn wieħed jistagħġeb li tqalet daqshekk!"

Is-sinjur Monaldo, zijuha min-naħa ta' missierha, mitluf kif kien f'rabja feroċi, ried iferiha għall-mewt b'daqqa ta' ponn. Dak il-ħin stess qabdu uġiegħ f'idu li kien ġa għolla biex isawwatha, u għal ħafna żmien baqa' jsofri turmenti ħorox.

U, ara, wara din il-battalja twila, Klara waslet fuq il-post, u talbet lill-familjari tagħha biex ma jkomplux il-ġlieda, u lil Agnese, għoddha mejta, iħalluha fi ħsiebha. Meta dawk, kollhom imrar f'qalbhom għax raw li fallielhom il-ħsieb ta' moħħhom, kienu laħqu tbiegħdu, Agnese qamet mill-art kollha ferħana, u minn dak il-ħin stess bdiet tithenna bis-salib ta' Kristu li għalih kienet iġġieldet din l-ewwel battalja, u ngħatat għal dejjem għas-servizz ta' Alla. Meta għaddiet din il-burraxka, l-imqaddes Franġisku b'idejh stess qatagħlha xagħarha u, lilha flimkien ma' oħtha, mexxiha fit-triq tal-Mulej bit-tagħlim tiegħu.

Ladarba bi ftit kliem ma nistax nuri l-perfezzjoni ta' l-għaġeb tal-ħajja ta' Agnese, ejjew inkomplu nitkellmu dwar Klara.

## MIRAKLU IEĦOR

[628] 27 Ma tiskantax li t-talb ta' Klara kien qawwi kontra l-qerq tal-bnedmin: hija rnexxielha ġġib fix-xejn saħansitra l-qawwa tax-xjaten.

Mara devota mid-djoċesi ta' Pisa darba minnhom ġiet il-monasteru biex tiżżi ħajr lil Alla u lil Santa Klara talli, għall-merti tagħha, kienet inħelset minn ħames xjaten[369]. Meta kienu qed jiġu mkeċċija, infatti, ix-xjaten stqarrew li t-talb ta' Santa Klara kien jaħqarhom u jġiegħelhom joħorġu mill-għamara li kienu għamluha tagħhom.

Mhux ta' b'xejn li s-Sinjur Papa Girgor kellu fiduċja ta' l-għaġeb fit-talb ta' din il-qaddisa, għax għaraf mill-esperjenza li talbha hu qawwi, u dak li titlob taqilgħu.

Ħafna drabi, meta kien isib ruħu f'xi diffikultà ġdida, kif jiġri ta' spiss, kemm meta kien għadu Isqof ta' Ostia kif ukoll wara li ġie mgħolli għall-ogħla setgħa apostolika, dejjem ħass l-għajnuna tat-talb tagħha[370]. Tabilħaqq, bħalma dan l-att juri b'mod ta' l-għaġeb l-umiltà, jixraq li jiġu wkoll imitat: il-Vigarju ta' Kristu jitlob l-għajnuna mingħand il-qaddejja ta' Kristu, u jirrikmanda ruħu għas-setgħa tagħha quddiem Alla.

Hu kien jaf tajjeb x'qawwa għandha l-imħabba, u kemm il-verġni safja jistgħu jidħlu bil-libertà kollha quddiem it-tron tal-Maestà Divina. Jekk is-Sultan tas-slaten jagħti lilu nnifsu lil min iħobbu b'qalb imħeġġa, x'sejjer ma jagħtix lil min jitolbu b'devozzjoni, kemm il-darba jitolbu ħaġa tajba?

## IL-QIMA TA' L-GĦAĠEB TAGĦHA LEJN IS-SAGRAMENT TA' L-ALTAR

[629] 28 Il-qawwa ta' l-imħabba tassew devota li Santa Klara kellha lejn is-Sagrament ta' l-altar juruha l-fatti. Matul il-marda gravi li tefgħetha f'qiegħ ta' sodda, kienet titlob li jtellgħuha 'l fuq u jirfduha, biex bilqiegħda kienet toqgħod tinseġ drapp mill-ifjen.

Minn dan id-drapp ħarġet aktar minn ħamsin par ta' korporali, li mbagħad kienet tagħlaqhom f'boroż tal-ħarir jew drapp kulur il-porpra, u tibgħathom fil-knejjes kemm tal-pjanura kif ukoll tal-muntanji madwar Assisi[371].

Meta kienet tkun se tirċievi l-Ġisem tal-Mulej, qabel xejn kienet ixxerred dmugħ jaħraq u tersaq imriegħda, għax kienet tibża' minnu moħbi fis-Sagrament xejn inqas milli jsaltan fis-sema u fl-art[372].

## DWAR IL-KONSOLAZZJONI TASSEW TA' L-GĦAĠEB LI L-MULEJ TAHA WAQT IL-MARD TAGĦHA

[630] 29 Bħalma Klara waqt il-mard kienet *tiftakar tajjeb* (cfr. Lam 3,20) fi Kristu tagħha, hekk ukoll Kristu kien iżurha waqt is-sofferenzi tagħha.

---

[369] ProcCan 4,20; 7,14.

[370] Għandna żewġ Ittri tal-Kardinal Ugolino (Papa Girgor IX) lil Santa Klara, li fihom hu juri s-sentimenti paterni li kellu lejha u lejn is-Sorijiet Foqra. L-ewwel waħda, *Ab illa hora*, hi ta' l-1220, meta hu kien għadu Kardinal, filwaqt li t-tieni Ittra, *Deus Pater*, hi ta' l-1228, meta hu kien sar Papa Girgor IX. L-Ittri kienu oġġett ta' studju approfondit minn K. ESSER, "Die Briefe Gregors IX an die heiligen Klara von Assisi", *Franziskanische Studien* 35 (1953) 274-295, u ġew ippubblikati fl-*Analaecta Franciscana* III, 183 u fil-*Bullarium Franciscanum* I, 37. Edizzjonijiet oħrajn f'*Santa Chiara d'Assisi. Studi e cronaca del VII centenario. 1253-1953,* Assisi 1954, 532-533; I. OMAECHEVARRIA, *Escritos de Santa Clara y Docmentos contemporáneos*, Madrid 1970, 291-297.

[371] ProcCan 1,11; 2,12; 6,14; 9,9.

[372] ProcCan 2,11; 3,7.

F'dik is-siegħa tal-Milied meta d-dinja tifraħ flimkien ma' l-Anġli għat-twelid tal-Bambin Ġesù, is-Sorijiet kollha marru fl-oratorju għall-matutin, u lil ommhom, magħfusa kif kienet mill-mard, ħallewha waħedha[373].

Meta bdiet taħseb dwar iċ-ċkejken Ġesù, u tnikktet ħafna għax ma setgħetx tieħu sehem fit-tifħir tiegħu, qalet bi tnehida: "Mulej Alla: arani hawn, imħollija waħdi għalik!" U, ara, fid-daqqa u l-ħin, f'widnejha beda jinstema' l-għana ħlejju tal-kor li kien qed ikanta fil-knisja ta' San Franġisk.

Semgħet lill-patrijiet ferħana jkantaw is-Salmi, segwiet l-armonija ta' l-għana tal-kanturi, u saħansitra semgħet ukoll id-daqq ta' l-orgni. Ta' min jgħid li l-post ma kienx hekk qrib li wieħed seta' jisma' b'mod normali dak id-daqq. Mela, jew dik iċ-ċelebrazzjoni solenni tqawwiet b'mod divin, hekk li setgħet tasal sa ħdejha, jew is-smigħ tagħha tjieb bil-wisq aktar milli bniedem normali jisma'.

Iżda ħaġa li tgħaddi dan il-għaġeb kienet li Klara nstabet jistħoqqilha li tara wkoll il-maxtura tal-Mulej.

Filgħodu, meta l-ulied marru ħdejha, l-imqaddsa Klara qaltilhom: "Ikun imbierek il-Mulej Ġesù Kristu li, meta lili ħallejtuni waħdi, Hu ma telaqnix. Għall-grazzja ta' Kristu, jien smajt dawk is-solennitajiet li dal-lejl saru fil-knisja ta' San Franġisk".

## L-IMĦABBA MĦEĠĠA TAGĦHA GĦALL-IMSALLAB

[631] 30 Kienet xi ħaġa tas-soltu għal Klara li tibki hija u taħseb fuq il-passjoni tal-Mulej. Mill-ġrieħi qaddisa tiegħu, daqqa kienet tixrob il-morr tal-mirra, u drabi oħra terda' l-ħlewwa ta' ferħ kbir tassew.

Id-dmugħ ta' Kristu fil-passjoni tiegħu kien isakkarha sewwa, u t-tifkira tagħha kienet il-ħin kollu ġġibilha quddiem għajnejha lil Dak li l-imħabba stampatulha fil-qiegħnett ta' qalbha.

Lin-novizzi kienet tgħallimhom jibku lil Ġesù msallab[374], u dak li tgħallem bil-kliem kienet turih ukoll bl-eżempju tal-fatti. Spiss kien jiġri li, waqt li fil-moħbi kienet tħeġġiġhom għal dan, qabel ma joħroġ il-kliem minn fommha id-dmugħ kien iġelben ma' ħaddejha.

Hija u titlob is-Sesta u n-Nona kienet soltu tħoss għafsa ta' qalb wisq akbar, għax kienet tixtieq u li tkun issagrifikata mal-Mulej issagrifikat[375]. Ġara, darba minnhom, li hija u titlob in-Nona fid-daqsxejn ta' kamra tagħha, ix-xitan taha daqqa fuq ix-xedaq ta' ħalqha, imlielha għajnejha bid-demm u benġlilha wiċċha kollu[376].

Bil-għan li tgħajjex lil ruħha bla heda bil-ħlewwiet ta' l-Imsallab, ta' spiss kienet toqgħod tixtarr it-talba tal-Ħames Pjagi tal-Mulej[377]. Tgħallmet l-Uffiċċju tas-Salib li kien kiteb San Franġisk, il-ħabib tas-salib, u kienet tgħidu ta' spiss b'imħabba tixbaħ lil tiegħu[378]. Minn taħt l-ilbies kienet titħażżem b'kurdiċella li kellha tlittax l-għoqda, tifkira sigrieta għaliha tal-ġrieħi tal-Feddej.

---

[373] ProcCan 3,30; 4,16; 7,9.

[374] ProcCan 11,2.

[375] ProcCan 10,3.

[376] Din it-tentazzjoni tax-xitan ukoll ma hemm l-ebda riferiment għaliha fil-ProcCan.

[377] ProcCan 10,10. Din it-Talba tal-Ħames Pjagi ġiet studjata minn Z. LAZZERI "L'orazione delle cinque piaghe recitata da Santa Chiara", AFH 16 (1923), 246-249. Aħna se nġibu traduzzjoni tagħha fl-appendiċi fi tmiem ta' din is-sezzjoni.

[378] Dan hu riferiment għall-*Uffiċċju tal-Passjoni tal-Mulej*, miktub minn San Franġisk (FSF 125-143). Klara kienet titolbu u tiftakru bl-amment.

## IT-TIFKIRA TAL-PASSJONI TAL-MULEJ

[632] 31 Kien wasal, darba minnhom, jum iċ-Ċena l-aktar qaddisa li fiha l-Mulej *ħabb lil tiegħu għall-aħħar* (Ġw 13,1).

Meta sar filgħaxija, qrib is-siegħa ta' l-agunija tal-Mulej, Klara qalbha sewda u mnikkta għall-aħħar, ingħalqet fil-moħbi tal-kamra tagħha. Hija u takkompanja bit-talb tagħha lill-Mulej jitlob*, ruħha* kienet *imedjqa għall-mewt* (Mk 14,34), u bdiet tħoss fiha l-kefrija tas-swied ta' qalb li kien ġarrab Hu. Bil-mod il-mod, it-tifkira ta' dak kollu li l-Mulej ġarrab meta ġie arrestat u ż-żufjett kollu li sofra, tant daħlet fiha li waqgħet wiċċha 'l isfel fuq is-sodda.

Matul il-lejl u l-jum ta' wara wkoll, baqgħet mitlufa u bħal donnha barra minn sensiha, u waqt li għajnejha kienu jħarsu ċassi fuq oġġett wieħed, kienet qisha msammra ma' Kristu, ma tħoss proprju xejn[379].

Waħda mis-sorijiet, midħla sewwa tagħha, marret ħdejha kemm il-darba biex tara kellhiex bżonn ta' xi ħaġa, imma kull darba sabitha fl-istess pożizzjoni, bla ma titħarrek.

Meta mbagħad ġie l-lejl tas-Sibt, il-bint devota xegħlet xemgħa, u bis-sinjali, bla kliem xejn, fakkret lill-Omm fil-kmand li kien taha San Franġisk. Għax il-Qaddis kien ordnalha li ma tħalli ebda jum jgħaddi mingħajr ma tieħu xi ikel. Waqt li dik baqgħet hemm ħdejha, Klara, qisha, waħda li ġiet lura minn x'imkien ieħor, qalet dawn il-kelmiet: "X'hemm bżonn tax-xemgħa? Forsi mhux diġà bi nhar?" "Ja omm", weġbitha dik, "il-lejl mar u l-jum għadda wkoll, u reġa' daħal lejl ieħor".

Klara mbagħad qaltilha: "Ikun imbierek dan l-irqad, binti l-aktar għażiża: għax wara li kont ilni nixtiequ ħafna, fl-aħħar ingħatali. Imma ara li ma tgħid xejn lil ħadd b'dan l-irqad sakemm jien inkun għadni ħajja".

## DWAR ID-DIVERSI MIRAKLI LI GĦAMLET BIS-SINJAL U S-SAĦĦA TAS-SALIB IMQADDES

[633] 32 L-Imsallab maħbub ħabb lil dik li tant ħabbitu, u dik li kienet hekk imħeġġa bl-imħabba għall-misteru tas-salib, bil-qawwa tas-salib dehret leqqiena b'sinjali u mirakli.

Infatti, meta kienet tagħmel is-sinjal tas-salib li jagħti l-ħajja fuq il-morda, b'mod mirakoluż kienet tħarrab minnhom il-mard[380]. Mill-ħafna ġrajjiet se nsemmi biss xi waħdiet.

Patri Stefano, marid b'moħħu, kien mibgħut minn San Franġisk għand is-Sinjura Klara biex trodd fuqu s-sinjal tas-salib imqaddes[381]. Għax hu kien jaf tajjeb il-perfezzjoni ta' Klara, u fiha kien iqim il-qawwa kbira tagħha.

Bint l-ubbidjenza raddet fuqu s-sinjal tas-salib, kif kien ordna l-missier, u ħallietu jorqod għal ftit fil-post fejn hi s-soltu kienet toqgħod titlob. Wara nagħsa qasira, x'ħin stenbaħ Stefano sab ruħu mfejjaq u mar lura lejn il-missier ħieles mill-ġenn li kellu.

---

[379] ProcCan 3,25.
[380] ProcCan 1,18; 3,6; 6,9.
[381] ProcCan 2,15.

[634] 33 Tifel ta' tlitt snin, jismu Mattiolo, mill-belt ta' Spoleto, daħħal żrara f'imnieħru[382]. Ħadd ma kien irnexxielu joħroġhielu, u lanqas hu stess ma seta' jitfagħha 'l barra. Kif kien hekk f'dan l-inkwiet kbir, ġabuh għand is-Sinjura Klara. Malli għamlet fuqu s-sinjal tas-salib iż-żrara ħarġet u t-tifel safa' meħlus.

Tifel ieħor minn Perugia kellu żlieġa li għattietlu għajnu kollha. Lilu wkoll ġabuh għand il-qaddejja ta' Alla[383], u hi, wara li messet għajn it-tifel u għamlet fuqha s-sinjal tas-salib, qaltilhom: "Ħuduh għand ommi biex hija wkoll trodd fuqu s-sinjal tas-salib".

Ommha, is-Sinjura Ortolana, kif ġa għedt, kienet imxiet fuq il-passi tal-pjanta ċ-ċkejkna tagħha, daħlet fl-Ordni wara bintha, u fil-*ġnien magħluq* (cfr. Għan 4,12)[384] flimkien mal-verġni l-oħra, hi li kienet armla, qdiet lill-Mulej. U, ara, meta hija wkoll għamlet is-sinjal tas-salib fuq it-tifel, għajnu ndafet minn dik it-tebgħa, u beda jara ċar u jagħraf tajjeb. Klara bdiet tgħid li t-tifel inħeles għall-merti ta' ommha. L-omm, iżda, dawwret it-tifħir kollu fuq bintha, u kienet tgħid li hi kienet indenja ta' ħaġa bħal din.

[635] 34 Benvenuta[385], waħda mis-Sorijiet, kienet ilha ssofri għal kważi tnax il-sena minn ġerħa ta' fistla li kellha taħt dirgħajha, u minnha kienet toħroġ il-materja minn ħames bnadi. Il-verġni Klara ġietha ħniena minnha, u dilkitielha bl-ungwent partikulari tagħha, jiġifieri s-sinjal tas-salib li jagħti s-saħħa. Minnufih, kif radditilha s-salib, dik l-ulċera li kienet ilha fuqha s-snin, fieqet għal kollox.

Amata, soru oħra, kienet ilha fis-sodda, marida bl-idropisija, għal tlittax il-xahar, u kellha wkoll id-deni, is-sogħla u uġigħ f'ġenbejha[386]. Ħasset ħafna għaliha s-Sinjura Klara, u magħha wkoll ħaddmet is-sistema nobbli ta' l-arti medika tagħha: immarkatha bis-sinjal tas-salib f'isem Kristu tagħha, u f'kemm ilni ngħidlek tatha mill-ġdid saħħitha.

[636] 35 Qaddejja oħra ta' Kristu, minn Perugia, kienet ilha sentejn li tilfet il-vuċi, hekk li bil-ħniena kienet tiftiehem meta titkellem[387]. Issa ġara li fil-lejl tat-tlugħ fis-sema tal-Verġni Marija, kien irrivelat lilha f'viżjoni li s-Sinjura Klara setgħet teħlisha, u b'ħerqa bdiet tistenna li jfittex jisbaħ. Kmieni maż-żernieq ġriet għal għand ommha u talbitha trodd fuqha s-salib, u kif Klara immarkatha bih, il-vuċi ġietha mill-ġdid.

Soru oħra, Cristiana, kienet ilha għal ħafna snin issofri min-nuqqas ta' smigħ minn widna waħda. Biex tegħleb dan id-difett, kienet ippruvat kemm il-rimedju, imma kien kollu għal xejn[388]. B'tjieba kbira Klara radditilha s-salib fuq rasha, messitilha widintha, u mill-ewwel ġiet tisma' tajjeb.

---

382 ProcCan 2,18.

383 ProcCan 4,11.

384 Dan hu riferiment għall-Għanja ta' l-Għanjiet 4,12: "Ġnien magħluq tajjeb int oħti, għarusa tiegħi, ġnien magħluq tajjeb, għajn issiġillata". Il-kelma Latina *claustrum* tista wkoll tirreferi għall-kjostru fis-sens tekniku, jiġifieri għall-ħajja monastika.

385 ProcCan 2,16; 3,10; 4,8; 10,1; 14,5. Din kienet Benvenuta di Madonna Diambra, il-ħdax il-xhud fil-Proċess kanoniku.

386 Amata di Martino, bint kuġin ta' Santa Klara, hi r-raba' xhud tal-ProcCan. Għal dan il-miraklu ta' Santa Klara, cfr. ProcCan 3,11; 4,7.

387 ProcCan 2,13; 7,9.

388 ProcCan 3,17; 4,10; 5,1. Cristiana wkoll kienet waħda mis-Sorijiet ta' Klara li tat xhieda fil-Proċess: hi l-ħames waħda fost ix-xhieda.

Fil-monasteru kien hemm *għadd ġmielu ta'* Sorijiet *morda* (cfr. Ġw 5,3), isofru minn ħafna uġigħ. Bħas-soltu, Klara daħlet għandhom bil-mediċina li kienet imdorrija tagħti: wara li raddet fuqhom is-salib għal ħames darbiet, dak il-ħin stess fejqet ħamest aħwa mill-mard tagħhom[389].

Dawn il-fatti juru biċ-ċar li fi ħdan il-verġni kien hemm imħawwla s-siġra tas-salib li l-frott tagħha kien jaħji r-ruħ, u l-weraq tagħha jservi ta' mediċina minn barra.

## IT-TAGĦLIM TA' KULJUM LI KIENET TAGĦTI LIS-SORIJIET

[637] 36 Issa billi hi kienet l-għalliema ta' nies bla skola u, biex ngħidu hekk, bħala dik li ġiet imqiegħda fil-palazz tas-Sultan il-Kbir biex tieħu ħsieb it-tfajliet, Klara uriet ruħha tassew imħarrġa fl-arti tat-tagħlim, u immaturathom b'imħabba hekk delikata li l-kliem ma jasal qatt ifisser biżżejjed[390].

Qabel xejn kienet tgħallimhom ibiegħdu mill-għamara ta' moħħhom il-ħsejjes tad-dinja biex jirnexxilhom jagħtu kas biss tal-ħwejjeġ moħbija ta' Alla. Għallmithom ukoll kif ma jħallux li jiġu influwenzati mill-imħabba ta' qrabathom skond il-ġisem, u jinsew dar missierhom biex jogħġbu lil Kristu.

Kienet tħeġġiġhom biex ftit li xejn iħabblu rashom għal dak li l-fraġilità tal-ġisem titlob minnhom, u bis-saħħa tar-raġuni jrażżnu l-frugħat tiegħu.

Uriethom ukoll kif il-għadu ħajjen jaf jagħmel nases moħbija għall-erwieħ safja, u li hu lill-qaddisin iġarrabhom mod u lil dawk mogħtijin għad-dinja mod ieħor.

Fl-aħħarnett, riedithom ukoll li f'ċerti ħinijiet tal-ġurnata jagħmlu xi xogħol b'idejhom, biex imbagħad jixxennqu għall-Ħallieq bl-eżerċizzju tat-talb imħeġġeġ. Hekk, waqt li jaħarbu n-nagħas tat-traskuraġni, bin-nar ta' l-imħabba jħollu l-ġelu tan-nuqqas ta' devozzjoni.

F'ebda post ieħor is-silenzju ma kien imħares b'reqqa akbar. Imkien qatt ma deher aktar leqqien u sabiħ il-għajxien ta' ħajja safja, u t-twettieq ta' kull għemil tajjeb. Ma kienx hemm lok għal tpaċpiċ fieragħ li juri spirtu li xejn mhu sod, u lanqas kliem fil-vojt li juri nuqqas ta' għaqal fis-sentimenti tal-qalb. Il-għalliema nnifisha kienet mara ta' ftit kliem, u kienet taf tesprimi bi kliem qasir dak li tixtieq tgħid.

## DWAR IL-ĦERQA TAGĦHA BIEX TISMA' L-KELMA TAL-PREDIKAZZJONI QADDISA

[638] 37 Bil-għajnuna ta' predikaturi devoti lil uliedha kienet tipprovdilhom l-ikel tal-Kelma ta' Alla, u minnu hi kienet *tagħżel parti* (cfr. Lq 10,42) mhix żgħira. Għax meta kienet tisma' l-predikazzjoni qaddisa kienet tant tithenna, u ġġarrab tant ferħ meta jissemma' Ġesù tagħha li, darba waħda, waqt li Fra Filippo da Atri[391] kien qed jippriedka, deher ħdejn Klara tfajjel ta' sbuħija liema bħalha, u għal ħin twil matul il-priedka qagħad jhenniha bil-faraġ tiegħu. Waħda mis-sorijiet li immeritat li tara din il-viżjoni li kellha Ommha ħasset fiha ħlewwa li qajla tista' titfisser bil-kliem.

---

389 ProcCan 1,16.19.
390 ProcCan 1,9.14; 2,10; 2,3; 6,2; 8,3; 11,2.
391 ProcCan 10,8.

Għad li Klara ma kienetx ta' ħafna skola, b'danakollu kien il-hena tagħha tisma' l-priedki ta' predikaturi għorrief, għax kienet temmen li fil-qoxra tal-kliem tinħeba d-duttrina. Hi kien jirnexxilha tifhimha b'għaqal kbir, u toqgħod ittiegħem il-benna tagħha.

Mid-diskorsi ta' kull kelliem kienet taf tieħu dak li jiswa ta' ġid għar-ruħ, għax kienet taf li mhuwiex anqas għaqli li taqta' l-fjura tas-siġra selvaġġa tax-xewk milli tiekol il-frott minn siġra tajba.

Meta darba minnhom is-Sinjur Papa Girgor kien ried li ħadd mill-patrijiet ma jersaq lejn il-monasteru tas-Sorijiet mingħajr il-permess tiegħu[392], l-Omm twajba, imnikkta għall-mewt li issa ħutha rarament kien se jkollhom l-ikel tat-tagħlim qaddis, tniegħdet u qalet: "Ħa joħdilna l-frajiet kollha, mela, ladarba ħadilna lil dawk li kienu jagħtuna l-ikel tal-ħajja!"

Bla telf ta' żmien, lill-frajiet kollha bagħtithom lura għand il-Ministru tagħhom: ma riedetx li jkollha biex jgħinuha l-frajiet li jipprovdulhom il-ħobż tal-ġisem, ladarba ma kellhiex lil min jipprovdi l-ħobż ta' l-ispirtu. Meta l-Papa Girgor sar jaf b'dan taffa mall-ewwel dik il-projbizzjoni li kien għamel, u ħalla kollox f'idejn il-Ministru Ġeneral.

## IL-KARITÀ KBIRA LI KELLHA LEJN ĦUTHA

[639] 38 Din il-Badessa l-aktar meqjuma kienet tieħu ħsieb mhux biss ir-ruħ ta' wliedha, imma kienet ukoll taqdihom fil-bżonnijiet tagħhom tal-ġisem b'żelu ta' karità ta' l-għaġeb.

Fl-iljieli kiesħa tax-xitwa, ta' spiss kienet tmur tgħattihom hi stess waqt li jkunu reqdin[393]. Meta kienet tara li xi wħud ma jifilħux jħarsu l-awsterità tal-ħajja komuni, kienet tridhom jikkuntentaw bl-osservanza ta' ħajja inqas iebsa[394].

Meta xi waħda minnhom kienet tħossha mħawwda minħabba xi tentazzjoni jew, kif ġieli jiġri, issib ruħha maħkuma mis-swied il-qalb, araha issejħilha għaliha waħedha, u bid-dmugħ f'għajnejha tfarraġha mill-aħjar li tista'.

Mhux l-ewwel darba li Klara nxteħtet f'riġlejn dawk li jkunu qed isofru biex, bil-ħlewwa tagħha ta' omm, ittaffi l-ħruxija ta' l-uġiegħ[395].

L-ulied, min-naħa tagħhom, ma kienux insensibbli għall-ġid li kienet tagħmel magħhom, u kienu jpattuhulha b'dedikazzjoni sħiħa. B'qalbhom kollha kienu jgħożżu l-imħabba tenera

---

[392] Bil-Bulla *Quo elongati* (28 ta' Settembru 1230), il-Papa Girgor IX interpreta r-RegB tal-Patrijiet Minuri. Meta jitkellem dwar il-kap. 11 tar-RegB il-Papa jipprojbixxi lill-patrijiet li jersqu lejn il-monasteri tas-Sorijiet mingħajr permess speċjali mis-Sede Apostolika. L-interpretazzjoni kienet taqbel għal kollox mar-Regola Franġiskana, hekk li kienet mifhuma li tfisser li għand is-Sorijiet Foqra setgħu jmorru biss il-patrijiet li kellhom permess speċjali li jservu lis-Sorijiet bħala kappillani jew frajiet. Jista' jagħti l-każ li din l-interpretazzjoni għall-bidu ingħatat importanza esaġerata. Minn hawn nifhmu r-rejazzjoni deċiżiva ta' Klara. Aktar tard din il-projbizzjoni wasslet lill-Patrijiet Minuri biex ma jilqgħux bil-qalb l-uffiċċju ta' kura spiritwali tas-Sorijiet Foqra, li kienu jarawh piż fuq il-ħidmiet apostoliċi tagħhom, l-aktar meta l-Ordni ħa bixra saċerdotali mill-1240 'il quddiem. Xhieda ta' dan insibuha fil-mod kif Tommaso da Celano jitkellem dwar ir-relazzjoni li kellha tgħaddi bejn il-patrijiet u s-Sorijiet Foqra, skond San Franġisk innifsu (2C 204-207: FSF 915-918). Hu jgħid li, meta darba, Franġisku ġie mitlub jagħmel priedka lil Klara u s-Sorijiet billi qiegħed irmied fuq rasu, qal is-Salm 50, il-*Miserere*, u ħareġ 'il barra. U jżid: "Din kienet l-imġieba tiegħu mar-reliġjużi nisa; dawn kienu ż-żjarat l-aktar meħtieġa li kien jagħmel, li kienu rari u dejjem iġġustifikati minħabba l-ħtieġa". San Bonaventura wkoll jitkellem minn Klara fil-LM 4,6: FSF 1165, u jsejħilha *filia patris Francisci pauperculi et mater Pauperum Dominarum*. Kien fi żmien Bonaventura li l-*cura monialium*, "il-kura tas-Sorijiet", kienet ristretta ħafna fl-Ordni.

[393] ProcCan 2,3.

[394] ProcCan 2,6.

[395] ProcCan 10,5.

tagħha ta' omm; fiha bħala għalliema kienu jirrispettaw id-dinjità ta' l-uffiċċju tagħha ta' superjura; jimxu fuq il-passi tagħha bħala mexxejja fit-triq tal-perfezzjoni; u fiha bħala l-għarusa ta' Kristu jammiraw il-grad tassew għoli ta' qdusija li kienet tgawdi.

## IL-MARD FIT-TUL U D-DGĦUFIJA LI ĦALLEWHA BLA SAĦĦA

[640] 39 Għal erbgħin sena sħaħ *ġriet fl-istadju* (cfr. 1Kor 9,24) ta' l-ogħla faqar, u wara li ġarrbet l-uġiegħ ta' ħafna mard, kienet qed toqrob lejn il-premju tas-sejħa tagħha għas-sema.

Fl-ewwel snin tal-ħajja reliġjuża tagħha l-penitenza dgħajfitilha s-saħħa ta' ġisimha, u fis-snin ta' wara sfat maħkuma minn marda kiefra. Hekk, meta kienet f'saħħitha stagħniet bil-merti ta' l-għemejjel tajba, u waqt il-mard għarfet tistagħna bil-merti tas-sofferenzi. Għax tabilħaqq, *il-qawwa tidher fl-aqwa tagħha sewwa sew fejn hemm id-dgħajjef* (2Kor 12,9).

Kemm il-qawwa ta' l-għaġeb tagħha ġiet ipperfezzjonata waqt il-mard jidher ċar minn dan: fi tmienja u għoxrin sena sħaħ ta' mard[396] bla jaqta' la qatt kienet tgerger u lanqas tilminta, u minn fommha kien joħroġ dejjem kliem qaddis, kliem ta' radd il-ħajr bla jaqta'.

Għad li t-toqol tal-mard kien jagħfas fuqha u dehret miexja ħafif, ħafif lejn it-tmiem, Alla għoġbu li l-mewt tagħha titħalla sa dak iż-żmien meta hija setgħet tiġi mgħollija, bl-unuri kollha li jixirqulha, mill-Knisja ta' Ruma li tagħha kienet il-krejatura u l-bint speċjali.

Meta l-Papa flimkien mal-Kardinali qagħad għal xi żmien mhux ħażin f'Lyons, u Klara bdiet sejra għall-agħar ħtija tal-mard li kellha, is-*sejf tad-dulur* (cfr. Lq 2,35) kien qed jifni qlub uliedha.

[641] 40 Għal dik il-ħabta, waħda qaddejja ta' Kristu, verġni ikkonsagrata lil Alla fil-monasteru ta' San Paolo ta' l-Ordni ta' San Benedittu, kellha din il-viżjoni: deherilha li hi flimkien ma' ħutha l-oħra sabet ruħha f'San Damiano biex iddur bis-Sinjura Klara li kienet marida, u li Klara kienet mixħuta f'sodda prezzjuża.

Waqt li kienu kollha mbikkija, bid-dmugħ iġelben ma' ħaddejhom, jistennew minn ħin għall-ieħor il-mogħdija ta' Klara, f'ras is-sodda dehret mara sabiħa, daret fuq dawk li kienu qed jibku, u qaltilhom: "Uliedi, tibkux li dik li se tkun rebbieħa: mhix se tmut qabel ma jiġi l-Mulej flimkien mad-dixxipli tiegħu".

U, ara, ftit taż-żmien wara l-Kurja Rumana ġiet Perugia[397]. Meta s-Sinjur ta' Ostia sar jaf li l-marda tagħha kienet iggravat, telaq jgħaġġel minn Perugia biex iżur lill-għarusa ta' Kristu. Mill-uffiċċju tiegħu hu kien għaliha missier, bil-ħerqa tiegħu kien għaliha l-protettur tagħha, u bl-imħabba safja li kellu għaliha sar għal dejjem il-ħabib devot tagħha.

Lill-marida temagħha bis-Sagrament ta' Ġisem il-Mulej, u lill-oħrajn temagħhom bi kliem imħeġġeġ li jiswa' ta' ġid. Talbet bid-dmugħ f'għajnejha lil dan il-Missier ħaġa waħda: li f'isem Kristu jieħu ħsiebha u ħsieb is-Sorijiet l-oħra. Iżda fuq kollox talbitu din il-grazzja: li jaqlagħlha mingħand is-Sinjur Papa u l-Kardinali l-oħra l-konferma tal-Privileġġ tal-Faqar. U hu li kien il-protettur fidil ta' l-Ordni mhux biss wiegħedha bil-kelma, iżda wettaq ukoll bil-fatti.

Sena wara s-Sinjur Papa flimkien mal-Kardinali minn Perugia ġie Assisi, biex hekk il-viżjoni li semmejna dwar it-transitu tal-Qaddisa titwettaq fir-rejaltà. Għax il-persuna tal-Papa, li

---

[396] ProcCan 1,17; 14,2.

[397] Kien il-5 ta' Novembru 1251, skond il-*Vita Innocentii IV* ta' Fra Niccolò da Calvi (F. PAGNOTTI, "Niccolò da Calvi e la sua Vita di Innocenzo IV", *Archivio della Società Romana di storia patria* 21 (1898) 107).

hu ogħla mill-bniedem imma taħt Alla, tirrappreżenta l-persuna tal-Mulej,waqt li s-Sinjuri Kardinali, li jdawwruh hekk mill-qrib fit-tempju tal-Knisja militanti, huma bħad-dixxipli.

## DWAR KIF IS-SINJUR PAPA INNOĊENZ MAR IŻURHA WAQT IL-MARD, TAHA L-ASSOLUZZJONI U BERIKHA

[642] 41 Il-Providenza divina kienet qed tgħaġġel biex twassal għat-tmiem il-pjan tagħha dwar Klara, u Kristu kien jgħaġġel biex lill-pellegrina fqajra jgħolliha għall-palazz tas-saltna tas-sema.

Min-naħa tagħha hija kienet imħeġġa u xewqana li *teħles minn dan il-ġisem tal-mewt* (Rum 7,24), u tara jsaltan fil-għamara tiegħu tas-sema lil Kristu fqir li hi, fqira, imxiet warajh b'qalbha kollha fuq din l-art.

U, ara, fuq il-membri ta' ġisimha, mikduda għall-aħħar mill-mard li kien ilu s-snin fuqha, feġġet debulizza gravi ġdida; din kienet sinjal li s-sejħa tagħha għal għand il-Mulej kienet fil-qrib, u ħejjiet it-triq għall-kisba tas-saħħa ta' dejjem.

Is-Sinjur Papa Innoċenz IV, ta' tifkira qaddisa, flimkien mal-Kardinali għaġġel imur iżur lill-qaddejja ta' Kristu. U bħalma kien faħħar il-ħajja tagħha aktar minn dik ta' kull mara oħra ta' żmienna, ma rahiex bi kbira li jqim il-mewt tagħha bil-preżenza tiegħu ta' Papa[398].

Kif daħal fil-monasteru mar ħdejn is-sodda ċkejkna tagħha, u taha idu biex tbusha. Klara qabditha bi gratitudni kbira, u talbet li, b'sinjal ta' rispett akbar, tbus riġlejh ukoll. Dak it-twajjeb Sinjur tela fuq banketta ta' l-injam, u bil-ġentilezza kollha ressqilha siequ; Klara baxxiet rasha b'qima, u bisithielu minn fuq u minn taħt.

Imbagħad, b'ħarsa ta' anġlu fuq wiċċha, talbet lill-Qdusija Tiegħu jagħtiha l-maħfra ta' dnubietha kollha. Hu tniehed u qal: "Mhux li kien li l-bżonn tal-maħfra għal dnubieti jkun daqs tiegħek!", u taha d-don ta' maħfra sħiħa flimkien mal-grazzja ta' barka kbira.

[643] 42 Meta telaq kulħadd, billi dakinhar Klara kienet irċeviet l-Ostja mqaddsa minn idejn il-Ministru Provinċjal, b'għajnejha merfugħa lejn is-sema, u idejha marbuta lejn Alla, qalet bid-dmugħ f'għajnejha lil ħutha: "*Faħħru lill-Mulej* (cfr. Ġdt 13,14), uliedi ċkejknin, għax illum Kristu għoġbu jagħtini rigal hekk kbir li s-sema u l-art mhumiex biżżejjed biex ipattu għalih. Għax illum – qaltilhom – irċevejt lill-Aktar Għoli, u immeritajt li nara lill-Vigarju tiegħu".

## KIF WIEĠBET LIL OĦTHA MBIKKIJA

[644] 43 Is-sodda ta' l-omm kienet imdawwra bl-ulied u dalwaqt kienu se jisfaw orfni, u ruħhom kienet *minfuda minn sejf ta' dulur aħrax* (cfr. Lq 2,35).

La n-ngħas ma ħakimhom, u lanqas il-ġuħ ma ċaqlaqhom minn ħdejha: insew kemm is-sodda u kemm il-mejda ta' l-ikel; l-uniku faraġ tagħhom kien li joqogħdu hemm, jibku lejl u nhar.

Fosthom kien hemm il-verġni devota Agnese, mimlija sax-xaba' bl-imluħa tad-dmugħ iġelben, titlob lil oħtha bil-ħniena biex ma tmurx u tħalliha waħedha. Klara qaltilha: "Ja oħt l-aktar għażiża, Alla għoġbu li jiena nitlaq, iżda int tibqax tibki, għax dalwaqt tiġi tgħaġġel warajja għand il-Mulej. U qabel nitlaq minn miegħek, il-Mulej se jagħtik konsolazzjoni kbira".

---

[398] ProcCan 3,24.

## DWAR IT-TRANSITU TAGĦHA, U DAK LI ĠARA JEW DEHER F'VIŻJONI DAKINHAR

[645] 44 Fl-aħħar rawha agonizzanti għal ħafna jiem qabel it-tmiem, u matul dan iż-żmien kollu kibret il-fidi tan-nies u d-devozzjoni popolari tqawwiet. Minn jum għall-ieħor bdiet tiġi meqjuma bħala tabilħaqq qaddisa biż-żjajjar bla jaqtgħu tal-Kardinali u l-prelati.

Iżda l-ġrajja li tgħaġġeb lil min jismagħha kienet din: għad li għal sbatax il-ġurnata ma setgħet idduq ebda ikel, il-Mulej taha qawwa hekk kbira li hi kienet issaħħaħ fis-servizz ta' Kristu lil dawk kollha li kienu jmorru jżuruha.

Hekk ġara li meta t-twajjeb Fra Rainaldo għamlilha l-qalb biex tistabar fil-martirju twil tal-ħafna mardiet li kellha, b'leħen ħieles minn kull għejja, weġbitu: "Ħija l-aktar għażiż, sa minn meta għaraft il-grazzja tal-Mulej tiegħi Ġesù Kristu bil-għajnuna tal-qaddej tiegħu Franġisku, ebda uġigħ qatt ma dejjaqni, ebda penitenza ma dehritli ħarxa, ebda marda ma ħassejtha iebsa".

[646] 45 Imbagħad, meta l-Mulej kien qorob sewwa u kien għoddu rifes il-għatba, Klara riedet li jkunu ħdejha s-saċerdoti u l-aħwa spiritwali, u jaqrawlha l-Passjoni tal-Mulej u xi kliem qaddis. Meta fosthom lemħet lil Fra Ginepro, magħruf li minn qalbu kien ilissen talbiet qosra kollhom ħeġġa lill-Mulej, imtliet b'hena ġdid, u staqsietu jekk kellux lesta xi ħaġa ġdida dwar il-Mulej.

Ginepro fetaħ fommu, u mill-forġa mkebbsa ta' qalbu ħareġ xrar jaqbad ta' kliem, u l-verġni ta' Alla ħasset faraġ kbir meta semgħet il-parabboli tiegħu.

Fl-aħħar daret lejn ulieda mbikkija u ħeġġithom biex iħarsu l-faqar tal-Mulej[399], u fakkrithom b'tifħir fil-ġid li rċevew mingħand Alla. Bierket lid-devoti kollha tagħha, u talbet il-milja tal-barka fuq is-Sorijiet kollha tal-monasteri foqra, kemm ta' dak iż-żmien kif ukoll dawk li kellhom jidħlu fil-ġejjieni.

U min jista' jirrakkonta l-bqija bla ma jinfexx jibki?

Kienu preżenti hemm ukoll dawk iż-żewġ sħab imbierka ta' l-imqaddes Franġisku. Wieħed minnhom kien Fra Angelo li, għad li kien imnikket għall-aħħar, kien ifarraġ lill-imnikkta. L-ieħor kien Fra Leone, il-ħin kollu jbus is-sodda ta' dik li kienet se titlaq.

L-ulied kienu qed jibku t-tluq ta' l-omm twajba, u lil dik li ma kienu se jaraw qatt aktar, akkompanjawha bid-dmugħ fit-transitu tagħha. Tnikktu għall-aħħar, għax magħha kien se jgħib il-faraġ kollu tagħhom; *imħollijin* waħedhom *fil-wied tad-dmugħ* (cfr. S 83,7), qatt aktar ma kienu se jiġu mfarrġa mill-għalliema tagħhom.

Il-mistħija waħedha bilkemm irnexxielha trażżan l-idejn u ma tħallihomx jidorbu lil ġisimhom, u n-nar tan-niket sar aktar kiefer minħabba li l-uġiegħ tal-qalb ma tħalliex isib l-isfog fil-biki u t-tnehid. Id-dixxiplina tal-monasteru titlob is-silenzju waqt li l-qawwa tan-niket trid tinfexx b'saħħa fil-biki u l-ilfiq. L-uċuħ intefħu bid-dmugħ, u l-qalb mifnija mid-dieqa kompliet tfawwar ilmijiet ġodda għal aktar biki.

[647] 46 Il-verġni l-aktar qaddisa, imbagħad, daret lejha nnifisha, u minn taħt l-ilsien, kellmet hekk lil ruħha: "Mur fiż-żgur – qaltilha – għax għandek skorta tajba biex tindukrak matul il-vjaġġ. Mur, għax dak li ħalqek, qaddsek. Hu dejjem ħa ħsiebek, bħalma omm tieħu ħsieb binha, u ħabbek b'imħabba l-aktar ħelwa". U żiedet tgħid: "U Int, Mulej, kun imbierek talli ħlaqtni".

Waħda mis-Sorijiet staqsietha ma' min kienet qiegħda titkellem, u hi weġbitha: "Qed inkellem lil ruħi l-imbierka"[400].

---

[399] ProcCan 3,23.32.

[400] ProcCan 3,20-22; 11,3;14,7.

U issa, tabilħaqq, dik l-iskorta ma kienetx fil-bogħod ħafna. Daret fuq waħda minn uliedha, u staqsietha: "Int qed tarah lis-Sultan tal-glorja, binti, kif qed narah jien?"[401]

*Id il-Mulej ġiet ukoll fuq waħda oħra* (cfr. Eżek 1,3), u bil-għajnejn tal-ġisem, kollha dmugħ, rat dehra li tgħaxxqek. Midruba mill-vleġġa ta' dulur aħrax, dawwret il-ħarsa tagħha lejn il-bieb tad-dar u, ara, daħlet kotra kbira ta' verġni liebsin l-abjad u fuq rashom kollha kellhom girlanda tad-deheb.

Minn qalb din il-kotra, imxiet 'il quddiem waħda ta' ġmiel akbar minn ta' l-oħrajn kollha. Fuq il-quċċata tal-kuruna tagħha kellha bħal qisu ċensier kollu twieqi, u minnu ħarġet dija hekk qawwija li d-dalma tal-lejl li kien hemm fid-dar inbidlet fid-dija tal-jum.

Resqet lejn is-sodda fejn kienet mixħuta l-Għarusa ta' Binha u, waqt li tbaxxiet lejha b'imħabba kbira, bi ħlewwa akbar għannqitha magħha. Il-verġni, imbagħad, firxu mantell ta' sbuħija li tgħaxxqek, u b'imħatra bejniethom biex jagħtuha s-servizz tagħhom, għattew il-ġisem ta' Klara, u żejjnulha s-sodda tat-tieġ[402].

Fil-jum ta' wara l-festa ta' San Lawrenz[403], dik ir-ruħ l-aktar qaddisa ħarġet biex tkun inkurunata bir-rand tal-premju ta' dejjem; it-tempju ta' ġisimha nħatt, u l-ispirtu tagħha għadda għall-hena tas-sema.

Ħa jkun imbierek dan il-ħruġ mill-wied tal-miżerja li sar għaliha d-dħul f'ħajja ta' hena bla tmiem.

Issa, bi tpattija għal ftit ikel li kienet tieħu, qed tifraħ fil-mejda taċ-ċittadini tas-sema. Flok l-irmied umli li kienet troxx fuqha, issa tinsab imżejna bl-istola tal-glorja ta' dejjem.

## IL-KURJA RUMANA TIEĦU SEHEM FIL-FUNERAL FLIMKIEN MA' FOLLA KBIRA TA' NIES

[648] 47 L-aħbar tat-transitu tal-verġni qanqlet il-poplu kollu tal-belt li kien imgħaġġeb b'dak li sama'.

Ġrew l-irġiel u ġrew ukoll in-nisa lejn il-post, u tant ħarġu nies li l-belt kienet qisha deżert. Kollha bdew ixandruha qaddisa, kollha jgħidu li kienet għażiża għal Alla, u mal-kliem ta' tifħir kien jistema' wkoll l-ilfiq tal-biki.

Ġera l-Podestà ma' ġgajta ta' kavallieri u kotra ta' nies armati, u ħadu ħsieb li filgħaxija u matul il-lejl ikun hemm għassa tajba, biex ma jiġrix li dak it-teżor hekk għażiż li kellhom fosthom iġarrab xi ħsara.

Il-jum ta' wara, il-Kurja kollha iċċaqilqet: il-Vigarju ta' Kristu mar fil-post flimkien mal-Kardinali, u l-belt kollha erħitilha lejn San Damiano.

Meta wasal il-ħin biex tibda ċ-ċelebrazzjoni qaddisa, u l-patrijiet bdew jgħidu l-Uffiċċju tal-mejtin, f'daqqa waħda s-Sinjur Papa qal li mhux l-Uffiċċju tal-mejtin għandu jingħad, imma dak tal-Verġni: bħallikieku ried jagħmilha qaddisa qabel id-difna ta' ġisimha. Iżda l-eminentissimu Sinjur, l-isqof ta' Ostia, ma qabilx ma dan, u qal li f'dil-ħaġa wieħed għandu jimxi bil-mod, u għalhekk għandha tiġi iċċelebrata l-quddiesa tal-mejtin.

Imbagħad, wara li l-Qdusija Tiegħu qagħad bilqiegħda, imdawwar bil-Kardinali u għadd ġmielu ta' prelati, l-isqof ta' Ostia qam biex jagħmel id-diskors tiegħu. Ħa bħala suġġett il-kliem:

[401] ProcCan 4,19.
[402] ProcCan 11,4.
[403] Kien il-11 ta' Awissu 1253. ProcCan 3,32; 11,4.

*Frugħa tal-frugħat* (Koħ 1,2), u niseġ diskors ta' tifħir mill-isbaħ għal din l-mara li b'mod ta' l-għaġeb maqdret il-frugħa.

[649] 48 Wara dan, il-Kardinali saċerdoti, b'rispett u qima kbira, intasbu madwar il-fdalijiet qaddisa, u għamlu ċ-ċerimonji fuq il-ġisem tal-verġni kif jitolbu r-riti mqaddsa.

Fl-aħħar, billi deher li xejn ma kien ikun fiż-żgur jew jixraq li teżor hekk għażiż jitbiegħed ħafna miċ-ċittadini, fost il-kant ta' l-innijiet u l-għana ta' tifħir, id-daqq tat-trombi u l-ferħ solenni, ġisem Klara ġie merfugħ minn hemm, u bl-unuri kollha meħud f'San Giorgio. Kien proprju f'dan l-istess post li għall-ewwel kien tqiegħed il-ġisem tal-missier qaddis Franġisku. U bħalma hu, meta kienet għadha ħajja ħejjielha t-triq tal-ħajja, hekk issa f'mewtha bħallikieku kien imnebbaħ, ħejjielha l-post tal-mistrieħ.

Minn dakinhar 'il quddiem folol kbar bdew imorru fuq il-qabar tal-verġni, *ifaħħru lil Alla u jgħidu* (cfr. Lq 2,13): "Kienet tabilħaqq qaddisa, tabilħaqq qed issaltan glorjuża ma' l-anġli dik li fuq l-art qed tirċievi tant qima mill-bnedmin. Idħol għalina ma' Kristu, int l-ewwel waħda fost is-Sorijiet Foqra, int li mexxejt ħafna fit-triq tal-penitenza, u wassalt ħafna għall-ħajja".

Ftit jiem wara Agnese wkoll ġiet imsejħa għat-tieġ tal-Ħaruf, u marret wara oħtha Klara fil-ferħ ta' dejjem: hemm it-tnejn li huma, ulied Sijon, aħwa bid-demm, bil-grazzja u bis-saltna, ifaħħru lil Alla bla heda.

U tabilħaqq, qabel mietet, Agnese irċeviet dik il-konsolazzjoni li Klara kienet wegħditha. Għax kif hi, bħal oħtha qabilha, kienet għaddiet mid-dinja għas-salib, hekk waqt li Klara kienet qed tiddi bid-dawl sabiħ tas-sinjali u l-għeġubijiet li kienet qed tagħmel, Agnese warajha għaddiet mid-dawl kiebi għas-sebħ ta' Alla. Dan ried li jseħħ il-Mulej tagħna Ġesù Kristu li mal-Missier u ma' l-Ispirtu s-Santu jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen.

## IT-TIENI TAQSIMA

## IL-MIRAKLI TA' SANTA KLARA WARA MEWTHA

[650] 49 Is-sinjali ta' l-għaġeb tal-Qaddisin u x-xhieda tal-mirakli li jistħoqqilhom qima insibuhom fil-qdusija tal-ħajja u l-perfezzjoni ta' l-għemejjel tajba tagħhom.

*Ġwanni ma għamel l-ebda sinjal* (Ġw 10,41), u b'danakollu ma jkunux aktar qaddisin minnu dawk li jagħmlu l-mirakli. Għalhekk, kien ikun biżżejjed għall-verġni qaddisa Klara, bħala xhieda tal-qdusija tagħha, it-tifħir ta' ħajjitha li kienet perfetta f'kollox, li l-bruda minn banda, u d-devozzjoni tan-nies mill-oħra ma jitolbux xi ħaġa iżjed.

Meta kienet għadha ħajja, Klara dehret leqqiena bid-dawl tal-merti tagħha, u issa li qiegħda fil-qalba tad-dawl ta' dejjem, xorta waħda għadha xxerred id-dija sa l-ibgħad trufijiet tad-dinja bid-dawl tal-mirakli tagħha.

Il-verità sinċiera li jiena saħħaħt b'argumenti iġġiegħelni nirrakkonta kotra ta' mirakli, iżda l-kotra tagħhom iġġiegħelni nħalli ħafna minnhom barra.

### INDEMONJATI MEĦLUSA

[651] 50 Tfajjel żgħir minn Perugia, jismu Giacomino, deher li kien mhux tant marid daqskemm ippossedut minn xitan mill-agħar. Daqqa kien jinxteħet fin-nar qisu iddisprat, daqqa jitmiegħek

ma’ l-art, drabi oħra jgiddem il-ġebel sa ma jkisser snienu, ġieli darab rasu sewwa u minn ġismu kollu kien joħroġ ħafna demm. Erħilu jgħawweġ ħalqu, joħroġ ilsienu barra, u b’faċilità kbira kien jilwi l-membri kollha ta’ ġismu, hekk li ta’ spiss riġlejh kien itellagħhom madwar għonqu. Dan l-attakk ta’ ġenn lit-tifel kien jaqbdu u jitturmentah darbtejn kuljum, u tnejn min-nies ma kienx jirnexxilhom iżommuh biex ma jħalluhx jinża’ għarwien.

Ippruvaw isibu għajnuna mingħand it-tobba, imma ħadd ma nstab li joffri xi rimedju.

Guidolotto, missier it-tifel, meta ra li minn fost il-bnedmin ma seta’ jsib ebda rimedju għal din id-disgrazzja, qatagħha li jirrikorri għall-merti ta’ Santa Klara: “O verġni l-aktar qaddisa – talabha – o Klara meqjuma mid-dinja kollha, noffrilek b’wegħda lil ibni l-imsejken, u mingħandek nitlob b’ħerqa l-fejqan tiegħu”.

Mimli bil-fidi mar jgħaġġel lejn il-qabar tagħha, u wara li qiegħed lil ibnu fuq il-qabar tal-verġni, huwa u jitlob l-għajnuna kiseb mingħandha dak li talab. Dak il-ħin stess it-tifel safa’ meħlus minn dik il-marda, u qatt aktar ma sofra dawk l-attakki.

## MIRAKLU IEĦOR

[652] 51 Alessandrina della Fratta, mid-djoċesi ta’ Perugia, kienet itturmentata minn xitan tassew kiefer. Tant kien irnexxielu jaħkimha u jġibha taħt is-setgħa tiegħu li kien iġiegħelha ttir qisha xi għasfur, u tmur fuq ġebla għolja ħafna, maħruġa ‘l barra fuq xatt ix-xmara. Kien iġiegħelha wkoll tinżel maz-zokk irqiq għall-aħħar ta’ siġra li kienet tagħti għal fuq it-Tevere, u toqgħod hemm fil-beraħ, sa taqa’ u ma taqax, qisha qiegħda tilgħab.

Barra dan, minħabba dnubietha, kienet tilfet għal kollox l-użu ta’ ġenbha tax-xellug, u idha wkoll kienet mifluġa; ma kisbet ebda fejqan mill-mediċini li kemm il-darba ippruvat tieħu.

B’qalbha niedma, din il-mara ġiet fuq il-qabar tal-verġni Klara, u wara li sejħet il-merti tagħha, b’rimedju wieħed ħelset mill-għawġ kollu tagħha; setgħet tħaddem mill-ġdid l-id li kienet mifluġa, ġenbha tfejjaq, u sfat meħlusa mill-ħakma tax-xitan.

Mara oħra mill-istess post u f’dak l-istess żmien, hemm quddiem il-qabar tal-Qaddisa qalgħet id-don tal-ħelsien mix-xjaten, u minn ħafna mard ieħor.

## IL-FEJQAN TA’ MIĠNUN FURJUŻ

[653] 52 Żagħżugħ Franċiż li kien jaħdem fil-Kurja inħakem mill-mard tal-ġenn. Tilef il-kelma, u erħilu jdur u jgħawweġ ġismu qisu xi mostru. Ħadd ma seta’ jżommu, anzi kien iferi bl-aħrax lilu nnifsu f’idejn dawk li riedu jżommuh.

Rabtuh bil-ħbula ma’ katalett tal-mejtin, u n-nies ta’ pajjiżu ġabuh, għad li kontra qalbu, fil-knisja ta’ Santa Klara. Qiegħduh fuq il-qabar tagħha u, bis-saħħa tal-fidi ta’ dawk li ġabuh hemm, minnufih safa’ meħlus għal kollox mid-deni li kellu.

## IL-FEJQAN TA’ RAĠEL EPILETTIKU

[654] Valentino minn Spello kien tant ibati mill-mard ta’ l-epilessija li kien jaqa’ ma’ l-art sitt darbiet kuljum, ikun fejn ikun. Barra dan, kellu sieqU miġbuda, u ma setax jimxi sewwa.

Riekeb fuq daqsxejn ta’ ħmar, ġabuh ħdejn il-qabar ta’ Santa Klara, u baqa’ mixħut hemm jumejn u tliet iljieli. Fit-tielet jum, mingħajr ħadd ma messu, siequ għamlet ħoss kbir, u dak il-ħin stess sab ruħu mfejjaq miż-żewġ mardiet.

## GĦAMA JIEĦU D-DAWL

[655] Giacomello, imlaqqam it-tifel ta’ Spoletina, kien ilu tnax il-sena li tilef id-dawl, u kellu bilfors jimxi ma’ xi gwida, għax mingħajr xi ħadd li jmexxih, żgur li kien isib ruħu f’xi għawġ u jaqa’. Hekk darba minnhom, għax it-tifel li kien ikun miegħu ħallieh għal ftit, waqa’ minn tulu, u kiser idu u għamel ġerħa f’rasu.

Meta darba bil-lejl kien rieqed ħdejn il-pont ta’ Narni, dehritlu fil-ħolm waħda Sinjura, u qaltlu: “Giacomello, għax ma tiġix għandi Assisi u tkun meħlus?”

Filgħodu, x’ħin qam, b’rogħda fuqu irrakkonta l-viżjoni li kellu lil żewġ għomja oħra, u huma weġbuh: “Aħna smajna li ftit ilu, fil-belt ta’ Assisi mietet waħda Sinjura, u jingħad li id il-Mulej qed turi ġieħ lejn il-qabar tagħha bi grazzji ta’ fejqan u ħafna mirakli li qed isiru”.

Bla tnikkir ta’ xejn, meta sama’ dan, telaq b’ħerqa għal għonq it-triq. Mal-lejl, waqt li kien sab kenn fi Spoleto, kellu mill-ġdid l-istess viżjoni. Ħaffef aktar minn qabel, u beda qisu jtir, mimli tama li kien se jieħu mill-ġdid id-dawl.

[656] 53 Iżda kif wasal Assisi xi jsib? Isib li quddiem il-qabar kbir u sabiħ tal-verġni, kien hemm miġbura folla kbira ta’ nies, hekk li hu b’ebda mod ma seta’ joqrob lejn il-qabar. Imnikket għall-aħħar għax ma rnexxilux jidħol, imma wkoll mimli bil-fidi kbira li kellu, tafa’ ġebla taħt rasu, u raqad hemm quddiem il-bieb.

U, ara, sama’ l-leħen għat-tielet darba jgħidlu: “Giacomo, il-Mulej jagħmillek il-ġid kemm il-darba jirnexxilek tidħol”. Għalhekk qam, u bid-dmugħ f’għajnejh beda jitlob lill-folla, jgħajjat u jtenni t-talba tiegħu, biex għall-imħabba ta’ Alla jħalluh jidħol. Meta fl-aħħar irnexxilu jidħol, neħħa ż-żarbun, neża’ ħwejġu, dawwar ħżiem ma’ għonqu u hekk, wara li bl-umiltà kollha mess il-qabar, intilef f’nagħsa ħelwa.

“*Qum* (cfr. Mk 5,41) – qaltlu l-imqaddsa Klara – qum, għax ġejt meħlus!”[404] Minnufih qam, u tassew sab ruħu meħlus mill-għama tiegħu. Issa li, bil-għajnuna ta’ Klara, kien tħarrab id-dlam minn għajnejh u beda jara ċar id-dawl fis-sbuħija kollha tiegħu, beda jfaħħar lil Alla, u jistieden ukoll lil dik il-ġemgħa biex tbierek lil Alla għal dak il-għaġeb tassew kbir.

## IL-FEJQAN TA’ L-ID MITLUFA

[657] 54 Raġel minn Perugia, Bongiovanni di Martino, kien mar għall-gwerra flimkien man-nies ta’ beltu biex jiġġieled kontra n-nies ta’ Foligno. Fit-taqbida ħarxa li qamet bejn iż-żewġ naħat, daqqa ta’ ġebla farrkitlu driegħu għal kollox.

Xtaq ħafna li jfiq, u nefaq ħafna flus għand it-tobba, imma ebda rimedju li toffri l-mediċina ma seta’ jeħilsu, u idu baqgħet bla saħħa, hekk li xejn ma seta’ jagħmel biha.

Iddispjaċut għall-aħħar li kellu jġorr il-piż ta’ idu l-leminija, li kienet qisha mhix tiegħu għax ma seta’ jużaha għal xejn, xtaq kemm il-darba li tinqatagħlu barra għal kollox.

---

[404] “Qum” tesprimi t-traduzzjoni tal-Latin *surge*, li tfisser ukoll “qum mill-mewt”. Hi l-espressjoni li tuża l-Vulgata biex tittraduċi l-kliem ta’ Ġesù *talitha cum* (Mk 5,41), li bihom il-Mulej qajjem mill-mewt lit-tifla ta’ Ġajru.

Iżda meta sama' dak li l-Mulej kien qed jogħġbu jagħmel bl-interċessjoni tal-qaddejja tiegħu Klara, *għamel wegħda* (cfr. Ġen 28,20), u telaq jiġri lejn il-qabar ta' Santa Klara.

Minnufih, qabel ma ħareġ mill-Knisja, idu fieqet għal kollox.

## IZ-ZOPOP

[658] 55 Ċertu Petruccio mill-kastell ta' Bettona, raġel mifni għall-aħħar minn marda li kienet ilha fuqu tliet snin, kien bħal donnu spiċċa għal kollox ħtija ta' dan il-mard fit-tul. Billi kienet attakkatlu l-kliewi, dik il-marda għawwġitu b'tali mod li kien dejjem milwi lejn l-art, u bil-kemm kien jista' jiċċaqlaq ftit bil-għajnuna ta' bastun.

Missier dan it-tifel kien għamel minn kollox biex jikseb fejqan għal ibnu bis-sengħa ta' ħafna tobba, l-aktar mingħand dawk speċjalizzati fil-kura ta' l-għadam. Kull ma kellu kien lest li jonfqu, basta jara lil ibnu mfejjaq u f'saħħtu. Iżda billi kollha kienu jgħidulu li ma kien hemm ebda rimedju li setgħet toffri l-mediċina għall-fejqan ta' dik il-marda, irrikorra għat-talb tal-Qaddisa l-ġdida, għax kien sama' bil-mirakli li kienet qiegħda tagħmel.

Ġabu lit-tifel fil-post fejn kienu jistrieħu l-fdalijiet għeżież tal-verġni, u wara ftit tal-ħin li dam quddiem il-qabar, qala' l-grazzja ta' fejqan sħiħ. Minnufih qam dritt u mfejjaq, *jimxi u jaqbeż bil-ferħ u jfaħħar 'l Alla* (cfr. Atti 3,8), u jistieden lin-nies li bdew jinġemgħu biex ifaħħru lil Santa Klara.

[659] 56 Kien hemm tfajjel ta' għaxar snin fil-Villa di San Quirico, fid-djoċesi ta' Assisi, li kien *mifluġ minn twelidu* (cfr. Atti 3,2). Il-qasab ta' saqajh kienu rqaq għall-aħħar, u hu u jimxi riġlejh kien jitfagħhom ħażin; kien jaqa' spiss, u bil-kemm kien jiflaħ jerġa' jqum fuq saqajh.

Ommu kienet offrietu ħafna drabi b'wegħda lil San Franġisk, iżda qatt ma rat lil binha jaqleb għall-aħjar. Meta semgħet li l-imqaddsa Klara kienet qiegħda tiddi bid-dawl tal-mirakli li kienet għamlet dan l-aħħar, ġabet lit-tifel fuq il-qabar tagħha. Wara xi ftit jiem il-qasab ta' saqajh ċaqċqu, u l-membri kollha ta' ġismu ġew normali. Dak li San Franġisk ma qalax, għad li kien mitlub ħafna, qalgħetu d-dixxipla tiegħu Klara bil-qawwa ta' Alla.

[660] 57 Giacomo di Franco, ċittadin ta' Gubbio, kellu tifel ta' ħames snin li, billi kellu saqajh dgħajfa, qatt ma kien mexa, u lanqas seta' jimxi. Kellu għali kbir minħabba dan it-tifel, għax kien qisu t-tebgħa tad-dar tiegħu u għajb għal razztu.

It-tifel kien jorqod fl-art, jitmiegħek fl-irmied, u xi drabi kien jipprova jqum billi jitwieżen fuq bastun, iżda ma kienx jirnexxilu. In-natura kienet tagħtu, iva, ix-xewqa li jimxi, imma ċaħditlu s-saħħa.

Il-ġenituri wiegħdu t-tifel għall-merti ta' Santa Klara, u biex ngħiduha bi kliemhom stess, rieduh li jkun "raġel ta' Santa Klara" kemm il-darba, għall-merti tagħha, ifiq. Malli temmew il-wegħda, il-verġni ta' Kristu fejjqet lir-"raġel tagħha", u lit-tifel offrut lilha tagħtu s-saħħa li jimxi bil-libertà kollha. Bla telf ta' żmien, meta raw dan, il-ġenituri marru jħaffu fuq il-qabar tal-verġni u offrew lil binhom, jaqbeż u jogħla bil-ferħ, lill-Mulej.

[661] 58 Plenaria, mara mill-kastell ta' Bevagna, kienet ilha ssofri minn paralisi f'ġenbejha, u mingħajr bastun ma kienetx tista' tagħmel pass wieħed. Iżda minkejja li kienet titwieżen fuq il-bastun, ġisimha mgħawweġ ma kien jirnexxilha tiddrittah b'xejn u, se taqa' u ma taqax, kienet titkaxkar mill-aħjar li tista'.

Darba minnhom, il-Ġimgħa, talbet biex jeħduha fuq il-qabar ta' Santa Klara fejn, bit-talb devot tagħha, qalgħet minnufih dak li talbet b'fidi kbira.

Il-għada, is-Sibt, dik li kienet miġjuba hemm minn oħrajn, marret id-dar bil-mixi, imfejqa għal kollox.

## FEJQAN MILL-MARD TAL-GRIEŻEM

[662] Tfajla minn Perugia kellha l-glandoli ta' griżmejha minfuħa. Din il-marda, jgħidulha skrofula, kienet ilha fuqha ħafna żmien, u kienet iġġiegħelha ssofri ħafna. Fi griżmejha kellha talinqas għoxrin glandola minfuħa, u b'hekk għonqa kien jidher aktar kbir minn rasha.

Ommha kienet ta' spiss toħodha fuq il-qabar tal-verġni Klara, u hemm kienet titlob b'devozzjoni kbira l-għajnuna ta' din il-Qaddisa. Darba minnhom, wara li t-tfajla għaddiet lejl sħiħ ħdejn il-qabar, bdiet togħroq ħafna, u l-glandoli bdew jirtabu, u bil-mod il-mod bdew jiċċaqilqu minn posthom. Maż-żmien, għall-merti ta' Santa Klara, għabu għal kollox, u ma ħallew lanqas l-iċken marka tagħhom.

[663] 59 Waħda mis-Sorijiet, jisimha Andrea, kellha wkoll fi griżmejha marda bħal din meta l-verġni Klara kienet għadha ħajja[405]. Hi tassew ħaġa stramba li, qalb il-ġebel jaħraq kienet tinħeba ruħ hekk kiesħa, u fost *il-verġni għaqlin* (cfr. Mt 25,1-3) mara belha tagħmel ħwejjeġ tassew bla sens.

Lejla minnhom, din Swor Andrea bdiet tagħfas griżmejha sakemm kienet għoddha fgat, biex mingħaliha tneħħi minn ħalqha dik in-nefħa. Bil-ħila tagħha riedet tgħaddi lir-rieda divina. Imnebbħa mill-Ispirtu, Klara saret taf b'dan l-għemil imprudenti tagħha.

"Iġri – qalet lil waħda mis-Sorijiet – u inżel malajr isfel, u lil Swor Andrea da Ferrara agħtiha tixrob bajda mgħollija, u itla' magħha għandi". Dik telqet tiġri, u sabet lil Swor Andrea ma tistax titkellem, u għoddha qed tifga bil-għafis ta' idejha stess.

Refgħetha kif setgħet, u ħaditha magħha għand l-Omm. Il-qaddejja ta' Alla qaltilha: "Imsejkna li int, stqarr ħsibijiet lill-Mulej, li jien ukoll sirt nafhom tajjeb. Ara, dak li inti xtaqt tfejjaq, se jfejjqek minnu l-Mulej tagħna Ġesù Kristu. Qis, iżda, li tibdel ħajtek għall-aħjar, għax ikollok issofri marda oħra, u ma tqumx minnha".

Meta semgħet din it-twissija, ħasset fiha spirtu ta' ndiema, u għamlet bidla għall-aħjar tabilħaqq. Ftit wara ġiet imfejqa mill-iskrofuli, u mietet kaġun ta' marda oħra.

## ĦARSIEN MILL-ILPUP

[664] 60 Il-qilla selvaġġa ta' l-ilpup kiefra kienet ta' spiss twerwer il-kampanja ta' dawk l-inħawi, għax kienu jattakkaw saħansitra n-nies, u jitpaxxew tajjeb b'laħamhom.

Bona, mata minn Monte Galliano, fid-djoċesi ta' Assisi, kellha żewġt itfal, u bilkemm kienet għadha waqfet mill-biki għax wieħed minnhom kien ġie maħtuf mill-ilpup, li t-tieni wieħed ma ġiex attakkat bl-istess ħruxija. Ġara li, waqt li l-omm kienet id-dar, mehdija fil-faċċendi, lupu

---

[405] Il-miraklu tal-fejqan ta' Swor Andrea, waħda mis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano, seħħ meta kienet għadha ħajja Klara, u għalhekk hawnhekk hu barra minn postu, fost il-mirakli tal-qaddisa *post mortem*. X'aktarx li l-awtur ħallieh għall-aħħar tal-LegCl minħabba l-impressjoni għal kollox negattiva li hu kellu ta' dan l-episodju, li jinsab fil-ProcCan 2,23; 3,16.

ħataf lit-tifel li kien qed jippassiġġa barra, gidmu f'għonqu, u b'din il-priża erħielha jiġri lejn il-bosk.

Meta xi nies li kienu fl-għelieqi tad-dwieli semgħu t-twerżiq tat-tifel, għajjtu lil ommu: "Ara jekk ibnek hux ħdejk, għax ftit ilu smajna ilfiq mhux tas-soltu".

Meta l-omm indunat li t-tifel kien ġie maħtuf minn xi lupu, għajjtet kemm felħet lejn is-sema, u mliet l-arja bit-twerżieq. Sejħet lil Santa Klara, u qaltilha: "Qaddisa u glorjuża Klara, agħtini lura lil ibni msejken. Agħti lura – tenniet – agħti lura t-tifel ċkejken lill-omm infeliċi tiegħu. Jekk ma tagħmilx dan immur negħreq".

Sadanittant il-ġirien telqu jiġru wara l-lupu, u sabu li l-lupu kien telaq lit-tifel fil-bosk, u ħdejn it-tifel kien hemm kelb jilgħaqlu l-ġrieħi.

Il-bhima selvaġġa bdiet billi gidmitu f'għonqu, imbagħad, biex tkun tista' ġġorr il-priża fil-kumdità, b'ħalqha ħatfet ġenbejn it-tarbija, u fiż-żewġ bnadi ħalliet marki mhux żgħar ta' gdim.

Fidila għall-wegħda li kienet għamlet, il-mara flimkien mal-ġirien tagħha marret tgħaġġel għand dik li kienet talbet l-għajnuna tagħha. Uriet il-feriti li ġarrab binha lil dawk kollha li riedu jarawhom, u raddet ħajr lil Alla u lil Santa Klara.

[665] 61 Tfajla mir-raħal ta' Cannara, f'jum sabiħ kienet bilqiegħda fil-għalqa u mara oħra meddet rasha f'ħoġorha.

U, ara, lupu li jaħtaf in-nies resaq inkiss, inkiss lejn il-priża. It-tifla indunat bih, iva, imma billi kienet ħasbet li kien kelb, xejn ma beżgħet. Waqt li kompliet tifli xagħar l-oħra, il-bhima selvaġġa intefgħet għal fuqha bl-aħrax u, wara li ħatfitilha wiċċha b'dak il-ħalq kollu snien, kaxkret il-priża tagħha lejn il-bosk.

Minnufih il-mara l-oħra qamet miblugħa u, waqt li ftakret f'Santa Klara, bdiet tgħajjat: "Għinni, Santa Klara, għinni! F'din is-siegħa f'idejk nafda lil din it-tifla!" Ħaġa li ma titwemminx. Dik stess li kienet imkaxkra minn snien il-lupu bdiet toħodha miegħu, u tgħidlu: "Se toħodni aktar 'il bogħod, ja ħalliel, ladarba jien ġejt irrikmandata lil verġni bħal din?"

Imħawwad minn ċanfira li ma kienx jistenna, minnufih il-lupu qiegħed lit-tfajla ma' l-art ħelu, ħelu u, bħal ħalliel maqbud fil-fatt, għaġġel jitbiegħed minn hemm.

## IL-KANONIZZAZZJONI TA' SANTA KLARA

[666] 62 Meta fuq il-kattedra ta' Pietru kien hemm il-prinċep l-aktar twajjeb, is-Sinjur Alessandru IV, il-ħabib ta' kull qdusija, id-difensur tar-reliġjużi u kolonna soda ta' l-Ordnijiet, ir-rakkonti ta' dawn il-ġrajjiet bdew jixterrdu ma' kullimkien. Minn jum għall-ieħor il-fama tal-virtujiet tal-verġni saret magħrufa sew, u d-dinja stess bdiet tistenna b'ħerqa l-kanonizzazzjoni ta' din il-verġni tassew kbira.

Fl-aħħar, l-istess Papa, bħal imqanqal għal deċiżjoni mhix tas-soltu minn għadd ta' mirakli kbar tassew, beda jitratta mal-Kardinali dwar il-kanonizzazzjoni tagħha.

Ħalla l-eżami tal-mirakli f'idejn persuni denji u imżejnin bi prudenza kbira, u ried li jkunu diskussi wkoll il-fatti ta' l-għaġeb ta' ħajjitha.

Instab li Klara, matul ħajjitha, kienet tassew ta' l-għaġeb fil-prattika tal-virtujiet kollha, u wara mewtha ġie ippruvat il-fatt li kien jixirqilha kull ammirazzjoni għall-mirakli awtentiċi u veri li għamlet. Għalhekk, f'jum magħżul apposta għal dan, meta grupp ta' Kardinali ġie mlaqqa', u nġemgħu ukoll għadd ta' Arċisqfijiet u l-Isqfijiet flimkien ma' membri tal-kleru u reliġjużi, u kotra kbira ta' nies għorrief u kbarat oħra, il-Qdusija Tiegħu espona pubblikament din il-kwestjoni

qaddisa, u talab il-ġudizzju tal-prelati. Kollha taw il-kunsens favorevoli tagħhom, u qablu li Klara jistħoqqilha tkun igglorifikata fuq l-art, ladarba Alla għoġbu jigglorifikaha fis-sema.

Fl-aħħarnett, qrib il-jum li fih, sentejn qabel, Klara kienet għaddiet għal għand il-Mulej, ġiet imsejħa l-ġemgħa kotrana tal-prelati u l-kleru kollu, u wara d-diskors ta' l-okkażjoni, il-hieni Alessandru, li għalih il-Mulej refa' din il-grazzja, qalb folla ta' nies immensa, bl-ikbar solennità kiteb bil-qima kollha isem Klara fil-lista tal-qaddisin, u ordna li l-festa tagħha tiġi iċċelebrata solennement fil-Knisja kollha. Kien hu l-ewwel wieħed li flimkien mal-Kurja kollha iċċelebraha bl-akbar solennità.

Dan kollu ġara fil-Kattidral ta' Anagni, fis-sena 1255 ta' l-Inkarnazzjoni tal-Mulej, u l-ewwel sena tal-Pontifikat tas-Sinjur Alessandru. Għat-tifħir tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, li jgħix u jsaltan mal-Missier u ma' l-Ispirtu s-Santu, għal dejjem ta' dejjem. Amen.

# UFFIĊĊJU TA' SANTA KLARA VERĠNI
# «IAM SANCTAE CLARAE CLARITAS»
# (1255)

## FL-I GĦASAR[406]

[Antifoni]

[667] 1 Illum id-dija tleqq ta' Santa Klara
Iddawwal it-trufijiet tad-dinja
U tlibbishom b'sebħ ta' l-għaġeb:
Il-qdusija perfetta tagħha
Tkabbar dejjem aktar bil-ħeffa
Il-qima devota ma' kullimkien.

2 Biex id-dinja kollha tistagħna,
Bil-glorja ta' Kristu,
Riedet tqis bla siwi l-għażla tagħha
Ta' dik l-hena li qatt m'hi stabbli,
U biex ma titlifx il-premju ta' dejjem
Din dejjem hi kasbritha.

3 Fil-kenn tad-dar ta' niesha
It-tfajla bi drawwiet qaddisa
Kienet tgħix fis-safa,
Li għallmitha minn qabel id-dilka
Mingħajr ma kellha bżonn għalliema
Għaliex qalbha 'l Kristu b'xejn offrietha.

---

[406] L'Uffiċċju *Iam sanctae Clarae claritas* ("Illum id-dija tleqq ta' Santa Klara", mill-1 Antifona ta' l-1 Għasar), miktub fuq l-istil ta' l-Uffiċċju Ritmiku ta' San Franġisk, ta' Fra Julian minn Speyer (1232), hu attribwit lill-Papa Alessandru IV. Qabel ma sar Papa, dan kien il-Kardinal Protettur tal-Patrijiet Minuri u tas-Sorijiet Foqra, Rainaldo di Jenne. Kellu għarfien partikulari dwar Klara u l-kariżma tagħha. Kien hu li, fis-16 ta' Settembru 1252, approva r-Regola ta' Santa Klara, li mbagħad ġiet ikkonfermata mill-Papa Innoċenz IV. Wara li sar Papa, wieħed mill-ewwel impenji tiegħu kien dak li jiddikjara qaddisa lil Klara. Il-kanonizzazzjoni saret fil-kattidral ta' Anagni, il-Ħadd 15 ta' Awissu 1255. Kien x'aktarx fl-okkażjoni ta' din il-kanonizzazzjoni li, kif soltu kien isir, il-Papa ħa ħsieb jordna li tinkiteb *Legenda* uffiċjali tal-Qaddisa, il-*Legenda Sanctae Clarae virginis*, u l-Uffiċċju Liturġiku għall-festa tagħha. Skond M. BARTOLI, "La bolla *Clara claris praeclara* come fonte della vita di Chiara d'Assisi", *Chiara d'Assisi. Donna nuova,* Convegno di studi, Anagni (30 gennaio 1994), Porziuncola, Assisi 1994, 19, kien l-istess Papa Alessandru IV li mhux biss ippresjieda fl-att solenni tal-kanonizzazzjoni ta' Klara, imma wkoll ta s-sehem tiegħu fl-isteżura ta' dan l-istess dokument ta' kanonizzazzjoni. Dan il-fatt hu għal kollox probabbli, mhux biss għaliex Alessandru IV jiġi meqjus bħala l-awtur ta' l-Uffiċċju Liturġiku ta' Klara *Iam sanctae Clarae claritas*, li jilgħab ukoll fuq l-istess assonanzi u motivi bibliċi ta' kontenuti, imma wkoll għall-għarfien partikulari u personali li l-Papa – meta kien għadu Kardinal Rainaldo di Jenne, protettur tas-Sorijiet Foqra – kellu dwar Klara u l-kariżma tagħha. L-Uffiċċju Liturġiku *Iam sanctae Clarae claritas* hu mibni kollu fuq it-tifsira ta' l-isem ta' Klara, "l-imdawwla". Bħall-Bulla *Clara claris praeclara*, fl-oriġinal Latin jilgħab bid-diversi assonanzi ta' l-isem, hekk li hu diffiċli li wieħed irendihom b'mod soddisfaċenti fit-traduzzjoni.

4 Fit-tfulija qaddisa ixxenqet
L-għerusija mas-Sultan il-Kbir
Biex jistħoqqilha tikseb il-virtù:
Malajr fuq twissijiet Franġisku
Marret tiġri, u fil-grazzja
Fittxet li titħarreġ.

5 Lilha l-Papa Girgor
Kien iħarisha, u Innoċenz,
Fid-drawwiet qaddisa tal-missirjiet,
Filwaqt li l-miqjum Alessandru
Imqanqal bi tnebbih is-sema,
Jiktibha mar fil-katalogu tal-Qaddisin.

[Kapitlu: Għan 2,10-11]

[668] Qabad jitkellem hu, il-maħbub tiegħi, u qiegħed jgħidli: Maħbuba tiegħi, qum, ejja, sabiħa tiegħi! Għax, ara, għaddiet ix-xitwa, spiċċat ix-xita, marret.

[Innu][407]

[669] 1 Ħa jgħanni l-poplu t'Alla b'ferħ u hena
tifħir li jixraq lil dil-Verġni mbierka,
li mxiet wara Omm Kristu b'qalb nadifa
u ruħha mtliet, minn jum għal jum, bil-grazzja.

2 Fost dawk li wegħdu l-faqar, l-ewwel waħda,
imseddqa mis-smewwiet b'għotjiet mill-aqwa,
bil-ħidma għaqlija tagħha kisbet merti
li tawha, kif kien xieraq, ħlas għal dejjem.

3 Fil-beraħ tas-smewwiet nibtet bħal kewkba
u dehret kollha dawl abjad, leqqieni,
għax Kristu, Dawl li minnu kull dawl ieħor,
ried hekk – li Santa Klara dejjem tiddi.

4 *Hekk dehret Klara tleqq minn jum twelidha,*

[407] L-innu liturġiku *Concinat plebs fidelium* ġie tradott bil-Malti mill-poeta Franġiskan Patri Marjanu Vella OFM (+ 25 ta' Frar 1988), li kien ħa ħsieb it-traduzzjoni tal-kompożizzjonijiet liriċi tal-Liturġija tal-Proprju Franġiskan imġedded. Fil-verżjoni latina ta' l-Uffiċċju *Iam sanctae Clarae claritas,* l-Innu għandu 10 strofi, filwaqt li l-Liturġija llum għażlet minnhom biss 6. Kien għalhekk li Patri Marjanu ma ittraduċiex l-istrofi kollha. Aħna żammejna t-traduzzjoni ta' Patri Marjanu, imma żidna wkoll l-istrofi li oriġinarjament kienu jagħmlu parti mill-Innu. Biex tidher sewwa d-differenza bejn il-pinna mirquma ta' poeta bħalma kien Patri Marjanu u t-traduzzjoni li saret ta' l-istrofi maqbużin, dawn ta' l-aħħar jiġu indikati bi kliem fil-korsiv.

*waqt li warajha riedet kollox tħalli,*
*kienet togħxa fil-milja ta' kull ħlewwa*
*fl-għemil hekk twajjeb tagħha, mimli ħniena.*

5 Bint xierqa ta' Franġisku, ħarset sewwa
u bla nuqqas ta' xejn il-vot tal-faqar:
imxiet qrib sew ta' Kristu, saret tixbħu,
id-dawl tal-ħajja tagħha jimla d-dinja.

6 Stmerret il-ħajr tad-dinja, l-ġmiel li jgħaddi
u ntelqet fid-dirgħajn ta' l-Omm ta' Kristu;
twieżnet ma' Kristu tul it-triq tal-ħajja
u miegħu – l-Akbar Fqir – imxiet fil-faqar.

7 *Kasbret il-ħajja li fiha hi trabbiet,*
*kull rabta mxekkla mal-ġisem u d-dinja;*
*tingħalaq riedet ġewwa ħabs klawstrali,*
*fejn kisbet l-ogħla don ta' l-għana veru.*

8 *Ingħalqet ġewwa qisha ndifnet f'qabar,*
*xejn minn dak li jħajjar f'din id-dinja*
*ma riedet tara f'ħajja ta' klawsura,*
*ħlief biss id-dehra tgħaxxaq t'Alla l-hieni.*

9 *Mistura b'ilbies fqajjar fuq ġisimha,*
*Waqt li l-ġuħ kien jagħfas bil-qilla fuqha,*
*Kienet titgħakkes b'ħafna sawm li tagħmel*
*Biex hekk tingħata kollha għat-talb bla heda.*

10 Għall-merti ta' dil-verġni, Santa Klara,
ħa nagħtu glorja lill-Missier ta' dejjem,
u ġieħ lil Ibnu Mqaddes il-Waħdieni,
u qima sħiħa lill-Ispirtu s-Santu. Amen.

V/. Itlob għalina, qaddisa Klara.
R/. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

[Antifona tal-Magnificat]

[670] Mexxej tas-sema, Dawl
Li l-Verġni mort għamiltha Omm,
Lil Klara, b'isimha mdawwal,
Għallimtha tkasbar l-għatba ta' darha,
U titwarrab mid-demm ta' niesha,
Iddiet bid-dawl tal-Qaddisin tas-sema,

U flimkien mal-qtajja' tal-Beati,
Iltaqgħet meta nħallet mir-rbit il-ġisem.

[Talba]

[671] Nitolbuk, Mulej, biex aħna qaddejja tiegħek, li qegħdin bil-qima kollha niċċelebraw il-festa tal-Verġni tiegħek Santa Klara, bl-interċessjoni tagħha nieħdu sehem fil-ferħ tas-sema u nkunu werrieta flimkien ma' Ibnek, li miegħek jgħix u jsaltan għal dejjem ta' dejjem.

FIL-LAWDI

[Antifoni]

[672] 1 Wara t-tmiem tal-ħajja tiddi tagħha,
Klara flimkien mal-ġemgħa tal-verġni
Ittajret lejn is-sema:
Il-Mulej ħaddanha miegħu,
U bdiet issaltan fis-saltna tad-dawl
Li fiha jsaltan il-Mulej.

2 Il-ħrief għat-tieġ tal-Ħaruf
U għall-ħlewwiet ta' dejjem
Wara Klara lkoll jissejħu;
Fejn bħall-bniet ta' Sijon,
Wara l-mogħdija ta' din il-miżerja
Jithennew għal dejjem.

3 Bħal oħtha ta' qabilha
Il-passi tagħha fil-marki ta' Kristu
Mexxiethom, ferħet bis-salib
Hekk, li filwaqt li ssebħet b'dan is-sinjal.
Agnese warajha tishar
Biex tiġi fid-dawl tiegħek, Mulej.

4 Il-leminija ta' Kristu tagħti ġieħ,
Bil-mirakli ta' fejqan,
Il-mafkar ta' din il-Verġni:
Hemm jitfejqu l-morda u l-ġerħat kollha,
Biex ibierku lil Alla l-għemejjel
Li Hu għoġbu joħloq.

5 Mimlija tifħir ħabirket biex tfaħħar,
Fit-tifħir tal-Feddej imxiet dejjem 'il quddiem

Biex tħeġġeġ lill-ġemgħa;
Hi issebbħet bi qdusija hekk kbira,
Li l-belt tagħha qatt ma tieqaf
Mit-tifħir tal-Ħallieq ta' kollox.

[Kapitlu: Għan 2,10-11]

[673] Qabad jitkellem hu, il-maħbub tiegħi, u qiegħed jgħidli: Maħbuba tiegħi, qum, ejja, sabiħa tiegħi! Għax, ara, għaddiet ix-xitwa, spiċċat ix-xita, marret.

[Innu][408]

[674] 1 Sliem għalik, Klara qaddisa,
tal-Minuri l-akbar ġieħ,
ismek, ħajtek, dawl jistqarru,
reġa' l-jum tiegħek sabiħ.

2 Int stmerrejt il-ferħ qarrieqi,
wara Kristu mxejt bis-sħiħ,
f'nofs il-ġilji jarmu l-fwieħa
ruħek tgħaxxaq bil-mistrieħ.

3 Int imżejna bil-qdusija
u taf tħares lix-xebbiet;
lejn l-Għarus, Ġesù, wassalhom
jgħixu miegħu fis-Smewwiet.

4 Bil-għajnuna ta' Franġisku
int irbaħt tliet taqbidiet –
dinja belha, ġisem dgħajjef,
u x-xitan tad-dlamijiet.

5 Ma' Franġisku qed tithenna
ġewwa saltna tarmi d-dija,
agħmel issa li uliedek
jaslu wkoll għal dil-qdusija.

6 'L Alla wieħed, Tliet Persuni,
nagħtu glorja, qima, ġieħ,
u għat-talb ta' Santa Klara
jalla nsibu l-mistrieħ fih. Amen.

[408] L-Innu liturġiku tal-Lawdi, *O Clara, luce clarior*, ġie tradott kollu kemm hu bil-Malti minn Patri Marjanu Vella OFM.

V/. Itlob għalina, qaddisa Klara.
R/. Biex ikun jistħoqqilna dak li wegħedna Kristu.

[Antifona tal-Benedictus]

[675] Deheret dija ġdida fis-sema,
Dawl bajdani daqs is-silġ ifiġġ quddiemna,
Kienet tiddi bid-dija tad-dawl,
Imliet is-smewwiet bis-sebħ tagħha;
Għax id-Dawl, li minnu jitnissel kull dawl,
Ried li bih idawwal b'mod ċar lil Klara.

## FIT-TERZA

[676] Kapitlu: *Qabad jitkellem hu, il-maħbub tiegħi*, bħal fil-Lawdi.

R/. Iħaffu warajha l-Verġni tas-Sultan.
Dawk li huma sħabha jiġru lejk biex jilħquk.
Glorja lill-Missier, u lill-Iben, u lill-Ispirtu s-Santu.

V/. Ejja, magħżula tiegħi, ħalli nqiegħed fik it-tron tiegħi.
R/. Għax is-Sultan jixxennaq għal ġmielek.

## FIS-SESTA

[Kapitlu: Għan 2,12-13]

[677] Fuq l-art ġa deher il-ward, iż-żmien ta' l-għana wasal, fuq artna nstama' leħen il-gamiem. Diġà beda mit-tin ħiereġ il-frott, n-nwar tad-dwieli jxerred riħa ħelwa. Maħbuba tiegħi, qum, ejja, ġmiel tiegħi!

R/. Ejja, magħżula tiegħi
Ħalli nqiegħed fik it-tron tiegħi.
Għax is-Sultan jixxennaq għal ġmielek.
Glorja lill-Missier.

V/. Kemm hi sabiħa u safja dik li tnisslet bħal dija ta' dawl.
R/. It-tifkira tagħha tibqa' għal dejjem.

FIN-NONA

[Kapitlu: Għan 2,14]

[678] Ħamiema tiegħi ġewwa x-xquq tal-blat, moħbija ġo xi rdum, urini wiċċek, semmagħli leħnek, għax leħnek ħlejju, u sbejjaħ wiċċek.

R/. O kemm hi sabiħa
U safja dik li tnisslet bħal dija ta' dawl.
It-tifkira tagħha tibqa' għal dejjem.
Glorja.

V/. Ejja, għarusa ta' Kristu, ilqa' l-kuruna.
R/. Li l-Mulej ħejjielek minn dejjem.

FIT-II GĦASAR

Kollox bħall-I Għasar, ħlief:

[Antifona tal-Magnificat][409]

[679] Is-sliem għalik, Għarusa t'Alla,
Verġni ikkonsagrata, xitla tal-Minuri:
Int l-għamara tas-safa,
Int mudell ewlieni tas-Sorijiet Foqra:
Klara, bit-talb tiegħek
Mexxina għas-saltna tas-sema.

[409] L-antifona tal-Magnificat, *Salve, Sponsa Dei*, inkitbet fuq il-mudell ta' l-antifona *Salve, Sancte Pater*, f'ġieħ San Franġisk, kompożizzjoni ta' Tommaso da Capua, Kardinal ta' Santa Sabina. Ħarsa sinottika bejn iż-żewġ testi turi x-xebħ tagħhom, li sar apposta saħansitra fl-istess noti tal-kant Gregorjan li bih jitkantaw:
Antifona ta' San Franġisk: *Salve, Sancte Pater, patriae lux, forma Minorum, Virtutis speculum, recti via, regula morum: Carnis ab exsilio duc nos ad regna polorum*.
Antifona ta' Santa Klara: *Salve, Sponsa Dei, Virgo sacra, planta Minorum: Tu vas munditiae, Tu praevia forma Sororum: Clara, tuis precibus duc nos ad regna polorum*.

# REGOLA TA' URBANU IV
(1263)

## INTRODUZZJONI

Għaxar snin biss wara l-mewt ta' Santa Klara t'Assisi u l-konferma papali tal-*forma vitae* li hi stess kitbet, fit-18 ta' Ottubru 1263, il-Papa Urbanu IV ippromulga Regola ġdida għall-komunitajiet ta' Damianite. L-iskop tiegħu kien dak li jagħti unità ġuridika b'mod definittiv lid-diversi monasteri li kienu żviluppaw fl-Italja u fl-Ewropa, u li kienu ispirati, xi ftit jew wisq direttament, mill-esperjenza tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano. Il-Papa ried ukoll isolvi l-kwestjoni tar-relazzjoni bejn il-monasteri femminili u l-Patrijiet Minuri, li kienet għajn ta' tensjoni reċiproka għal numru kbar ta' snin.

Ir-Regola "Urbaniana" ġiet imhejjija mill-Kardinal Giovanni Gaetano Orsini, Protettur ta' l-Ordni, li mbagħad sar Papa Nicolò III.

Il-Bulla *Beata Clara* ta' Urbanu IV tikkostitwixxi l-ewwel Regola vera u proprja li l-Papa jagħti lil Ordni femminili. Fil-fatt, mhix dokument li nistgħu inqabbluh ma' *forma vivendi*, bħalma setgħu kienu r-Regola ta' San Benedittu jew ir-Regola ta' San Franġisk, jew ir-Regola li ta l-Kardinal Ugolino lis-Sorijiet Foqra fl-1218-19, jew dik li kien tahom Innoċenz IV fl-1247. Ir-Regola ta' Urbanu IV kienet motivata minn esiġenzi storiċi preċiżi, imma fl-istess ħin timmarka paradoss fl-istorja. Fil-fatt, b'din ir-Regola jitwieled uffiċjalment l-"Ordni ta' Santa Klara", jew tas-"Sorijiet Klarissi", għax hi tiġbor taħt l-istess programm dawk il-monasteri kollha li qabel kienu magħrufin b'diversi ismijiet: *sorelle, signore, monache, povere rinchiuse dell'Ordine di San Damiano*. Il-bidu ta' l-Ordni jingħad li kien ħolqien ta' Santa Klara, u mhux ta' San Franġisk, kif Klara kienet tisħaq bil-qawwa fir-Regola u fit-Testment tagħha. Imma f'din ir-Regola ftit li xejn insibu elementi karatteristiċi li jfakkruna fi Klara, ħlief profil ta' qdusija li l-Papa jagħtih stil partikulari. Klara hi 'l bogħod mill-figura ta' mara verġni maħbuba ta' Kristu fqir, kif nafuha mill-bijografiji u mill-Bulla ta' kanonizzazzjoni, kif ukoll mill-istess kitbiet tagħha. Ir-Regola, imbagħad, ma tagħmel l-ebda aċċenn għal Klara bħala dik li ħolqot il-*forma vitae* tal-monasteru ta' San Damiano.

Dan kollu rridu narawh fl-isfond ta' l-iżvilupp tal-leġislazzjoni tat-II Ordni Franġiskan. Dawk li aħna llum nafuhom bħala Sorijiet Klarissi, fil-fatt, ma kienux jeżistu bħala Ordni magħqud fi żmien Klara. Klara rnexxielha tagħti "forma ta' ħajja" biss għas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano. Kien hemm każi fejn monasteri imitaw din il-għamla ta' ħajja, bħal fil-każ ta' Agnese ta' Praga. Imma l-maġġoranza tal-monasteri kienu miġburin ġenerikament flimkien bħala monasteri ta' Sorijiet Foqra *recluse* tal-Valle Spoletana, li l-Kardinal Ugolino kien tahom Regola proprja, li kienet torbot anke lil Klara u s-Sorijiet Foqra ta' San Damiano, bl-eċċezzjoni ta' l-hekk imsejjaħ *Privileġġ tal-faqar*. Qabel l-1263, f'kelma oħra, ma nistgħux nitkellmu minn Ordni ta' Santa Klara, jew Sorijiet Klarissi.

Il-fonti li r-Regola ta' Urbanu IV hi ispirata minnhom jinkludu t-testi leġislattivi li ġew qabilha, dawk tal-Kardinal Ugolino, u l-aktar ir-Regola ta' Innoċenz IV (1247). Wieħed jinnota wkoll l-influss tar-Regola li Alessandru IV approva fl-1259 għall-monasteru ta' Longchamp, imwaqqaf mill-Beata Isabella ta' Franza. Mir-Regola ta' Santa Klara jittieħdu biss xi elementi indiretti, bħal dak dwar l-Uffiċċju divin (kap. 6), dwar ix-xogħol (kap. 8), u dwar l-uffiċċju ta' l-abbadessa, il-kapitlu darba fil-ġimgħa, il-maħfra bejn is-sorijiet, it-tħeġġiġa finali għall-għaqda u

l-karità lejn xulxin (kap. 22). Ir-Regola ta' Urbanu IV, mela, tisħaq aktar fuq id-dimensjoni fraterna, aktar milli fuq dik klawstrali. Ma hemm l-ebda riferimenti għall-uffiċċju tal-vigarja u tad-diskrieti. Il-kapitlu 9, li jitkellem fuq silenzju perpetwu, jinkludi mumenti fraterni ta' rikrejazzjoni spiritwali fil-ġranet ta' festa.

Ir-Regola ta' Urbanu IV tilqa' u tikkonferma l-konċessjoni li Innoċenz IV diġà kien għamel fl-1247, meta kienet għadha ħajja Santa Klara, dwar li l-monasteri setgħu jirċievu beni stabbli u renti, ħaġa li nafu li kienet weġġgħet qalb Klara u ġiegħlitha tinsisti li l-Knisja, fl-1252-53, tapprova l-*Forma vitae* li kitbet hi. B'hekk, l-intwizzjoni ġdida u kariżmatika ta' Klara, li tidher fil-għażla tagħha li s-Sorijiet Foqra jgħixu *sine proprio* (mingħajr xejn tagħhom) fid-dixxipulat ta' Kristu fqir, bħall-patrijiet Minuri, fir-Regola ta' Urbanu IV tiġi mxejjna għal kollox. Flok l-ogħla faqar, l-aspett tal-klawsura, għalkemm diġà fundamentali fir-Regola ta' Klara, jidher li jingħata importanza hekk kbira b'serje twila ta' liġijiet li, fil-prattika, jsir il-karatteristika distintiva ta' l-Ordni ta' Santa Klara. Fir-Regola ta' Urbanu IV jonqos in-nifs evanġeliku u l-element Franġiskan tal-mixja wara Kristu li jidher fil-*Forma vitae* ta' Klara (f'din ir-Regola l-Evanġelju lanqas biss jissemma!). Floku tidher il-preokkupazzjoni tal-ħarsien eżatt tal-liġijiet dwar il-ħajja klawstrali, u l-uniformità anke minn barra bejn id-diversi monasteri.

Rigward elementi ġodda fir-Regola ta' min isemmi r-rwol tal-kardinal protettur, li minnu l-monasteri jiddependu ġuridikament. Għall-patrijiet Minuri titħalla biss l-assistenza sagramentali.

Ir-Regola ta' Urbanu IV kienet ġiet milqugħa mill-maġġoranza tal-monasteri Klarissi, u ħadet post ir-Regola ta' Santa Klara biex tagħti stil ta' ħajja tipiku għal ġenerazzjonijiet sħaħ ta' Klarissi. Ir-Regola ta' Klara baqgħet imħarsa biss fil-monasteri ta' Assisi u ta' Praga, u fi ftit monasteri oħrajn, sakemm reġgħet iddaħħlet fil-maġġoranza tal-każi fir-riforma kbira ta' l-Osservanza Regolari Franġiskana tas-seklu 15, li estendiet ruħha wkoll għat-II Ordni Franġiskan. L-istess Protomonasteru ta' Assisi għażel ir-Regola ta' Urbanu IV, u reġa' lura għar-Regola ta' Santa Klara biss fl-1932. Fi żminijietna din ir-Regola ta' Urbanu IV għadha mħarsa f'numru mhux kbir ta' monasteri ta' Klarissi, li jissejħu, appuntu, Urbanisti.

L-oriġinal latin tal-Bulla *Beata Clara* jinsab fil-*Bullarium Franciscanum*, II, 509-521; *Bullarii Franciscani Epitome*, 276-288. Rigward ir-Regola ta' Urbanu IV, cfr. I. Omaechevarria, *Escritos de santa Clara y documentos complementários*, segunda edición ampliada, Madrid 1982, 325-328; ID., "L'Ordine di santa Chiara sotto diverse Regole", *Forma Sororum* 15 (1978), 148; G. Andenna, "Urbano IV e l'Ordine delle Clarisse", *Chiara e la diffusione delle clarisse nel secolo XIII*, a cura di G. Andenna – B. Vetere, Galatina 1998, 195-218.

# REGOLA TA’ URBANU IV
(1263)

## BULLA *BEATA CLARA*

[680] 1 Urbanu, isqof, qaddej tal-qaddejja ta’ Alla, lill-maħbubin uliedna kollha fi Kristu, badessi u sorijiet fil-klawsura ta’ l-Ordni ta’ Santa Klara, saħħa u barka apostolika[410].

L-imqaddsa Klara, tiddi bil-virtujiet u b’isimha, wara li waslet biex tkun imnebbħa bil-grazzja divina u mgħallma bl-eżempji ta’ min ifaħħarhom u li jiswew għas-salvazzjoni, li taha l-konfessur magħruf ta’ Kristu, l-imqaddes Franġisku, biex tħares is-safa tagħha għall-Mulej, biex tistmerr il-għana tad-dinja u twarrab l-għemejjel ta’ din l-art, għażlet bil-għerf kollu li tgħix il-ħajja reliġjuża u, wara li libset it-tonka tar-Reliġjon qaddisa, *ġriet fit-triq tal-kmandamenti* tal-Mulej, *għax Hu saħħilha qalbha* (cfr. S 118,32), u għax Hu jwassal għall-ħajja ta’ dejjem lil min jimxi f’din il-mogħdija.

Kristu ried li din il-ġebla tkun il-ġebla tax-xewka tal-binja ta’ l-Ordni tagħkom. Fiha, b’mod li jidher, wera li għoġbitu din il-binja. Għaliex Hu għollieha bħala mudell ta’ qdusija, sabiex dik li kienet tiddi minħabba s-safa ta’ ħajjitha, issir aktar tiddi bil-fama tagħha, u l-istess Ordni tagħkom, li kien beda bil-persuna qaddisa u ta’ min ifaħħarha tagħha, jista’ jidher li jistħoqqlu kull stima u venerazzjoni minħabba l-merti tagħha, li hi l-fundatriċi li ġiet magħżula b’għerf kbir u patruna mistħoqqa[411].

[681] 2 F’dan l-Ordni ġara li intom, u s-Sorijiet l-oħrajn kollha li jipprofessaw din il-ħajja, kontu sallum magħrufin b’ismijiet diversi: bħala sorijiet, jew *dame* (sinjuri), jew *monache* (sorijiet li jgħixu f’monasteru), jew xi mindaqqiet *povere rinchiuse* (fqajrin fil-klawsura) ta’ l-Ordni ta’ San Damiano. Lilkom, taħt dawn l-ismijiet jew ismijiet oħrajn, is-Sede apostolika tatkom privileġġi, indulġenzi u ittri diversi; u kemm mill-Papa Girgor, il-predeċessur tagħna, ta’ tifkira hienja, meta hu kien għadu isqof ta’ Ostia u protettur ta’ l-Ordni tagħkom, kif ukoll minn oħrajn, intom ġejtu mogħtija diversi regoli u forom ta’ ħajja, li għall-osservanza tagħhom uħud minnkom obbligaw ruħhom b’mod solenni.

Għaldaqstant, ulied maħbubin fil-Mulej, ġiet ippreżentata lilna s-supplika umli biex aħna jogħġobna nagħtu titlu uniku lill-Ordni tagħkom, u sabiex, filwaqt li bil-ħniena niddispensawkom mid-diversi regoli u mill-voti li għamiltu fuq il-bażi tagħhom, aħna niktbulkom forma ta’ ħajja ċerta u determinata, biex hekk inneħħu kull skruplu mill-kuxjenzi tagħkom[412].

Aħna, għaldaqstant, billi kif diġà għidna aktar ‘il fuq, l-Ordni tagħkom kellu l-bidu hieni tat-twaqqif tiegħu mill-imqaddsa Klara, u għall-merti u l-interċessjoni tagħha, nemmnu bil-qawwa

[410] It-taqsim tal-Bulla u r-Regola f’paragrafi numerati u f’26 kapitli bit-titli relattivi tagħhom, hi żjieda li saret wara l-promulgazzjoni tal-Bulla *Beata Clara*.

[411] Dan hu element għal kollox ġdid fil-ftuħ ta’ din il-Bulla ta’ approvazzjoni ta’ Regola. Il-Papa jieqaf biex jiċċelebra t-tifħir ta’ Klara, li billi issa kienet merfugħa għall-ġieħ ta’ l-altari, hu jsejħilha “fundatriċi” ta’ l-Ordni tal-Klarissi. Din l-espressjoni hi storikament żbaljata, u Klara qatt ma kienet se taċċettaha, għax il-veru fundatur tat-II Ordni hu San Franġisk. L-aktar li jgħidu l-*fontes* ta’ Klara hu li hi kienet l-omm spiritwali tas-Sorijiet Foqra, imma mhux ċertament il-fundatriċi tagħhom.

[412] Dan kien l-objettiv tar-Regola l-ġdida: li tagħti unità lit-titlu u l-isem ta’ l-Ordni, flimkien ma’ Regola waħda lil dawk il-monasteri kollha li kienu jsegwu lil Santa Klara, biex hekk kollha jgħixu bl-istess mod.

kollha, li hu mħares quddiem Alla u hu merfugħ fit-tifħir u l-favuri quddiem il-bnedmin, jidhrilna li hi ħaġa raġjonevoli u xierqa li issa għandu wkoll jiġi immarkat bl-isem tagħha. Għaldaqstant, bil-parir ta' ħutna l-kardinali, aħna niddikjaraw li minn issa 'l quddiem l-Ordni tagħkom għandu jissejjaħ l-istess kullimkien bl-isem ta' *Ordni ta' Santa Klara;* nistabilixxu wkoll li l-immunitajiet, il-libertajiet, il-privileġġi, l-indulġenzi u l-ittri kollha li ġew mogħtija lilkom u lill-Ordni tagħkom mill-imsemmija Sede apostolika, taħt kwalunkwe isem li bih kontu magħrufin, għandhom il-qawwa ta' stabilità u intom tistgħu tkomplu tagħmlu użu minnhom, daqslikieku fil-bidunett kienu mogħtijin lilkom bit-titlu ta' dan l-isem u taħt dan il-mod kif illum intom magħrufin bih.

[682] 3 Sabiex imbagħad *tkun ħaġa sabiħa u ħelwa li tgħammru flimkien* (S 132,1) u ma tkunux tidhru li intom differenti minn xulxin fil-modi kif tgħixu, minħabba d-differenzi ta' dawn l-osservanzi li semmejna, imma sabiex intom timxu b'rieda waħda fid-dar tal-Mulej, Aħna, wara li eżaminajna r-regoli u l-forom ta' ħajja kollha li tħarsu, u speċjalment wara li qisna b'kura mill-akbar dik il-forma ta' ħajja li ġiet mogħtija lilkom mill-predeċessur tagħna Girgor, meta kien għadu isqof ta' Ostia, bil-parir ta' l-istess ħutna l-kardinali, u bil-qawwa ta' din il-kitba, nagħtukom u nikkonfermaw lilkom, u lil dawk li jiġu warajkom, ir-Regola jew Forma ta' ħajja li hi miktuba fi ħdan din l-istess ittra, sabiex tiġi mħarsa għal dejjem f'kull wieħed mill-monasteri ta' l-Ordni tagħkom. U bil-milja tal-qawwa apostolika aħna nħollu mir-regoli l-oħrajn kollha, mill-forom ta' ħajja jew voti li intom għamiltu qabel, lil dawk fostkom li minn issa 'l quddiem jipprofessaw l-istess Regola jew Forma li Aħna qegħdin nagħtukom u nikkonfermawlkom[413].

U din hi r-Regola:

## I Kapitlu
## DWAR DAWK LI JRIDU JĦADDNU DIN IR-REGOLA

[683] 4 Fl-isem tal-Mulej tibda r-Regola tas-Sorijiet ta' Santa Klara.

Dawk kollha li, wara li jħallu warajhom il-frugħat tad-dinja, jkunu jridu jħaddnu ir-Reliġjon tagħkom u jgħixu fiha, tkun ħaġa xierqa, anzi meħtieġa, li jħarsu din *il-Liġi tal-ħajja u l-għerf* (Sir 45,5), billi jgħixu fl-ubbidjenza, bla xejn tagħhom u fil-kastità, u fil-klawsura.

## II Kapitlu
## DWAR LI L-PROFESSI JRIDU JGĦIXU GĦAL DEJJEM FIL-KLAWSURA

[684] 5 Dawk li jipprofessaw din il-ħajja huma miżmumin bil-qawwa kollha biex jibqgħu fil-klawsura fil-ħitan tal-monasteru u fil-partijiet kollha li fihom torbot il-klawsura, għaż-żmien kollu ta' ħajjithom, ħlief fil-każ li jiġi fuqhom (Alla ħares qatt) periklu jew ħtieġa li ma tistax taħrab minnha: bħalma jista' jkun ħruq, invażjoni ta' għedewwa jew ħwejjeġ oħrajn jixbħuhom, u li f'din il-ħtieġa ma jkunx hemm ħin biex wieħed jitlob il-permess biex joħroġ barra mill-klawsura. F'dawn il-każi, is-sorijiet għandhom imorru f'xi post ieħor li jixraq, li fih, sakemm ikun possibbli

---

[413] Urbanu IV jiddikjara espliċitament li jagħżel bħala test bażi il-*forma vivendi* Ugolinjana (1219), għalkemm fil-fatt hu aktar jirreferi għal dik ta' Innoċenz IV (1247). Lanqas ma jagħmel l-ebda riferiment għar-Regola proprja ta' Santa Klara, li kienet ġiet ikkonfermata permezz ta' Bulla pontifiċja mill-istess Innoċenz IV (9 ta' Awissu 1253). Minkejja dan, xi mindaqqiet jieħu xi elementi minnha.

li jsir hekk, jibqgħu wkoll magħluqin fil-klawsura sakemm ikunu jistgħu jmorru lura fil-monasteru[414].

Barra minn din il-ħtieġa bid-dieher, ma għandux jingħatalhom l-ebda permess jew fakultà li joħorġu, wara li jkunu daħlu f'din il-klawsura msemmija, ħlief il-każ li, bil-kmand jew l-awtorità tal-kardinal tal-Knisja Rumana li lilu s-Santa Sede tkun afdat it-tmexxija ġenerali ta' dan l-Ordni, xi wħud mis-sorijiet ikunu mibgħuta f'xi post ieħor biex iwaqqfu jew jibnu monasteru ġdid ta' din l-istess Reliġjon, jew biex jirriformaw xi monasteru ta' l-istess Ordni, jew biex imexxu l-komunità, jew biex jikkoreġuha, jew biex jevitaw xi ħsara evidenti u gravi ħafna; ħlief il-każ li, bil-kmand jew l-awtorità ta' l-istess kardinal, ikollhom jitilqu għal motivi raġjonevoli l-ewwel monasteru tagħhom, biex il-komunità kollha tittrasferixxi ruħha f'monasteru ieħor.

[685] 6 Minkejja dan, fil-monasteri individwali jistgħu jiddaħħlu xi wħud, għalkemm f'numru żgħir, li jkunu magħrufin bħala sorijiet li jaqdu barra mill-monasteru, li jkunu obbligati għall-osservanza ta' din l-istess perfezzjoni, ħlief fejn jidħol l-artiklu dwar il-klawsura. Dawn, bil-kmand u l-permess ta' l-badessa, jistgħu għall-bżonn joħorġu biex jaqdu l-ħtiġijiet tal-monasteru. Fil-każ tal-mewt, iżda, kemm is-sorijiet klawstrali kif ukoll dawk li jaqdu barra l-monasteru, għandhom jindifnu, kif inhu xieraq, fil-limiti tal-klawsura[415].

## Kapitlu III
## DWAR DAWK LI JRIDU JĦADDNU DIN IL-ĦAJJA U DWAR IL-PROFESSJONI TAGĦHOM

[686] 7 Dawk kollha li jixtiequ jħaddnu din ir-Reliġjon u jkunu sejrin jiġu milqugħin fiha, qabel ma jbiddlu l-ilbies tagħhom u jħaddnu r-Reliġjon, għandhom jgħarrfuhom bid-diffikultajiet u l-ħruxijiet li minnhom iridu jgħaddu biex jaslu għand Alla, u b'dak kollu li huma obbligati li jħarsu bil-qawwa kollha skond din ir-Reliġjon, sabiex wara ma jkunux jistgħu jġibu l-iskuża li ma kienux jafu bihom.

Ma għandhomx jiġu milqugħin dawk li, jew minħabba età kbira ħafna, jew minħabba mard, jew minħabba nuqqas ta' saħħa mentali, jkunu meqjusin mhux tajbin jew ma jifilħux li josservaw din il-ħajja, ħlief jekk f'xi post ma ssirx xi kultant dispensa fil-każ ta' xi waħda partikulari, imma dejjem għal motiv raġjonevoli, u taħt il-kmand u l-awtorità ta' l-imsemmi kardinal; għaliex minħabba persuni bħal dawn ta' spiss jiġri li jitħawwad l-istat u s-saħħa tar-Reliġjon.

---

[414] Mill-bidunett tar-Regola jidher ċar li l-liġi tal-klawsura tingħata importanza assoluta, u donnha tidher bħala d-distintiv u l-modalità proprja ta' din il-forma ta' ħajja tal-Klarissi fl-ubbidjenza, faqar u kastità. Wieħed jinnota li l-kelma "klawsura" mall-ewwel tingħaqad ma' dawk li huma meqjusin it-tliet voti klassiċi tal-ħajja reliġjuża: *sub clausura* donnha tissuġġerixxi li l-Klarissi jridu jgħixu t-tliet voti taħt il-forma partikulari tal-klawsura. Santa Klara tippreferi titkellem biss mill-ħarsien tal-klawsura. Bħal fil-każ tas-sawm u l-penitenzi, hekk ukoll għall-klawsura, li kienet element ovvju fil-forma ta' ħajja ta' reliġjużi femminili fil-Medjuevu, Klara tippreferi jew ma jidhrilhiex li għandha tinsisti żżejjed. Għaliha hi aktar importanti l-fedeltà lejn il-kariżma Franġiskan permezz tar-rabta intima ma' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri permezz ta' l-ubbidjenza; u ċertament għaliha hi aktar importanti d-definizzjoni ta' l-istil ta' faqar li għandhom jgħixu s-Sorijiet Foqra. Interessanti li f'din ir-Regola jitneħħa kull riferiment kemm għar-Regola ta' San Benedittu kif ukoll għar-Regola ta' San Franġisk, li s-Sorijiet Foqra kienu marbutin għall-ħarsien tagħhom, fi żminijiet differenti, u b'normi speċjali. Jidher ukoll li hu ġuridikament imwarrab id-digriet tal-Konċilju Lateran IV (kostituzzjoni n. 13) rigward Ordnijiet ġodda u Regoli ġodda li kienu ġew projbiti b'mod formali.

[415] Hawnhekk, bħal fis-siltiet kollha suċċessivi tar-Regola, qegħdin nittraduċu l-kelma latina *claustrum* bil-kelma "klawsura", u nifhmu biha l-ispazju kollha li hu magħluq mill-ħitan li jdawwru l-monasteru, u li hu riservat esklużivament għas-Sorijiet.

Għaldaqstant, fl-aċċettazzjoni ta' l-aspiranti, għandu jsir studju bir-reqqa u b'attenzjoni kbira biex wieħed jevita li jiġri dan.

Il-badessa ma għandhiex tirċievi lil ħadd bl-awtorità tagħha, mingħajr il-kunsens tas-sorijiet kollha jew almenu ta' tnejn minn kull tlieta mill-istess sorijiet[416].

[687] 8 Dawk imbagħad li, skond id-drawwa, jiġu milqugħin fil-klawsura, għandhom jaqtgħu xagħarhom, u jħallu warajhom l-ilbies ta' sekulari. Lilhom għandha tiġi mogħtija majjestra li tgħallimhom id-dixxiplina regolari; matul is-sena, imbagħad, ma għandhomx bl-ebda mod jiddaħħlu biex jieħdu sehem mas-sorijiet fl-affarijiet tal-kapitlu.

[688] 9 Wara li tgħaddi sena, jekk ikollhom l-età leġittima, għandhom jagħmlu l-professjoni f'idejn l-badessa, quddiem il-komunità, billi jużaw din il-formula: "Jiena, Swor N., inwiegħed lil Alla u lill-imqaddsa Marija dejjem verġni, lil San Franġisk u lil Santa Klara, u lill-qaddisin kollha u lilek, sinjura badessa, li ngħix għal ħajti kollha taħt ir-Regola li ġiet mogħtija lill-Ordni tagħna mis-sinjur Papa Urbanu IV, fl-ubbidjenza, bla xejn tiegħi, u fil-kastità, u wkoll, kif inhu preskritt mill-istess Regola, fil-klawsura"[417].

Rigward is-sorijiet li jaqdu barra mill-monasteru jew dawk is-sorijiet li, bil-permess ta' l-badessa, jistgħu joħorġu barra mill-monasteru, għandu jitħares kollox dwar il-professjoni bl-istess mod, ħlief f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-artiklu dwar il-klawsura.

## Kapitlu IV
## DWAR IL-GĦAMLA TA' L-ILBIES

[689] 10 Is-sorijiet kollha fi żminijiet determinati u fil-komun għandhom jagħmlu t-tonsura li tinżel sa widnejhom. U kull waħda mis-sorijiet, barra miċ-ċilizzju jew flokk ta' taħt tax-xagħar, tista', jekk trid, ikollha żewġ tonok jew ukoll iżjed skond kif jidhrilha l-badessa, u l-mantell li jinqafel fuq wara ta' l-għonq.

Dawn l-ilbies għandhom ikunu ta' drapp umli u bla siwi, kemm rigward il-prezz kir ukoll rigward il-kulur, skond id-drawwiet tad-diversi reġjuni. Ma għandhomx ikunu qosra ħafna u lanqas twal iżżejjed, hekk li l-ilbies għandhom jipprovdu b'mod xieraq biex jgħattu r-riġlejn filwaqt li wieħed jevita t-tul żejjed li hu sinjal ta' vanità li tiġbed l-għajnejn. It-tonka ta' fuq barra, imbagħad, kemm rigward il-kmiem kif ukoll rigward il-qadd, għandha tkun ta' tul u wisgħa kif jixraq, b'tali mod li l-onestà tat-tonka esterna tagħti xhieda għall-onestà ta' ħajja minn ġewwa.

Għandhom ikollhom l-iskapulari mingħajr kapoċċ, li jkunu ta' drapp umli u fqajjar, jew tad-drapp tax-xagħar, li jkunu ta' wisgħa u tul xieraq, kif titlob il-kwalità u t-tul ta' kull waħda. Huma għandhom jilbsuhom meta jaħdmu jew meta jagħmlu xi ħaġa oħra, u meta f'dawn il-ħidmiet ma jkunux jistgħu jilbsu kif jixraq il-mantelli. Jistgħu wkoll joqogħdu mingħajr l-iskapulari, jekk jidher hekk lill-badessa, meta minħabba s-sħana qawwija jew raġunijiet oħrajn ikun ta' toqol kbir

[416] Din il-parteċipazzjoni tal-komunità kollha fl-aċċettazzjoni tal-postulanti hi fattur ġdid li ma jidhrix fir-Regoli ta' Ugolino u ta' Innoċenz IV, u li hu ċertament meħud mir-Regola ta' Santa Klara (II,1-2). Juri li l-Papa laqa' wieħed mill-elementi l-aktar personali tal-Franġiskaneżimu, jiġifieri l-kunċett ta' l-awtorità fraterna.

[417] Il-formola tal-professjoni, li hi assenti fir-Regola ta' Ugolino, hi meħuda mir-Regola ta' Innoċenz IV, imma biż-żjieda ta' l-impenn tal-ħajja fil-klawsura, li diġà jidher fl-1259 fir-Regola li Alessandru IV approva għall-monasteru ta' Longchamp. Ir-RegCl II,14, tgħid sempliċement: "Meta tintemm is-sena tal-prova, hija għandha tiġi milqugħa għall-ubbidjenza, u twiegħed li tħares għal dejjem din il-għamla ta' ħajja u faqar tagħna".

li wieħed jilbishom. Quddiem nies barranin, iżda, għandhom dejjem jilbsu l-iskapulari u l-mantelli.

It-tonok li jilbsu fuq barra, imbagħad, l-iskapulari u l-mantelli ma għandhomx ikunu ta' lewn għal kollox abjad, u lanqas għal kollox iswed. Għaċ-ċinglu, wara li jkunu ipprofessaw, għandhom jitħażżmu b'kurdun, imma li ma jkunx ta' materjal raffinat.

Għandhom jgħattu rashom kollha bl-istess mod u b'modestja, bil-faxex jew veli ta' pannu komuni, ta' lewn għal kollox abjad, li ma jkunux prezzjużi jew raffinati, b'tali mod li jibqa' mikxuf il-ġbin, il-ħaddejn, il-għonq u l-gerżuma, kif jixraq għall-onestà tagħhom u għar-Reliġjon. Ma għandhomx jidhru mod ieħor quddiem persuni barranin. Għandu jkollhom ukoll velu iswed, li ma jkunx prezzjuż u lanqas raffinat, li għandu jinfirex fuq ir-ras, u li jkun hekk wiesgħa li jinżel sa fuq l-ispallejn fuq iż-żewġ naħat, filwaqt li minn wara jinżel kemmxejn 'l isfel mill-kappoċċ tat-tonka. Is-sorijiet novizzi, iżda, għandhom jilbsu velu abjad li jkollu l-istess daqs u jkun ta' l-istess kwalità.

[690] 11 Is-sorijiet li jaqdu barra mill-monasteru, għandhom jilbsu f'rashom velu tal-pannu abjad, li ma jkunx prezzjuż jew raffinat, u li jkun hekk twil u wiesgħa li jkun jista' jgħatti l-ispallejn u s-sider, speċjalment meta huma joħorġu barra[418].

## Kapitlu V
## DWAR ID-DORMITORJU KOMUNI U KIF JORQDU S-SORIJIET

[691] 12 Is-sorijiet kollha li huma b'saħħithom, kemm l-badessa kif ukoll l-oħrajn, għandhom jorqdu lebsin u mħażżmin fid-dormitorju komuni, u kull waħda jkollha s-sodda tagħha mifruda mis-sodod l-oħrajn. Imma s-sodda ta' l-badessa tkun imqiegħda f'post tad-dormitorju li minnu hi tkun tista', bil-kumdità kollha u mingħajr xkiel, tara s-sodod l-oħrajn kollha tad-dormitorju.

Mill-festa tal-Qawmien mill-imwiet tal-Mulej, sal-festa tat-Twelid tal-Verġni Marija, is-sorijiet li jkunu jixtiequ jistgħu jorqdu wara l-ikel san-Nona. Dawk imbagħad li ma jkunux iridu, għandhom jokkupaw ruħhom fit-talb u fil-meditazzjoni divina, jew jehdew fis-skiet f'ħidmiet oħrajn qaddisa.

Kull waħda mis-sorijiet għandha l-permess li jkollha xkora tat-tiben u mħadda tat-tiben jew tas-suf, jekk ma jkunux jistgħu jkollhom b'faċilità saqqijiet umli tas-suf. Għandu jkun hemm dejjem musbieħ mixgħul il-lejl kollu f'nofs id-dormitorju.

## Kapitlu VI
## DWAR L-UFFIĊĊJU DIVIN U L-MOD KIF JIĠI IĊĊELEBRAT

[692] 13 Rigward l-Uffiċċju divin, li s-sorijiet għandhom joffru lill-Mulej kemm bin-nhar kif ukoll bil-lejl, għandhom iħarsu dan li ġej: dawk li jafu jaqraw u jkantaw, għandhom jiċċelebraw l-Uffiċċju divin skond id-drawwiet tal-patrijiet Minuri, b'mod serju u bl-umiltà kollha. Dawk, imbagħad, li ma jafux jaqraw, għandhom jgħidu erbgħa u għoxrin *Missierna* għall-Matutin; ħamsa għal-Lawdi; għall-Prima, Terza, Sesta u Nona, għal kull waħda minn dawn is-sigħat, sebgħa; għall-

---

[418] Santa Klara ma tieqafx fuq dawn il-preskrizzjonijiet dettaljati fir-Regola tagħha; hi tikkuntenta ruħha bil-ftit kliem ta' San Franġisk rigward il-faqar ta' l-ilbies ta' l-aħwa, u turi l-motiv ta' din l-għażla: "U għall-imħabba tal-Bambin l-aktar qaddis, li kien imfisqi fi ħrieqi fqar u mqiegħed fil-maxtura, u ta' l-Omm l-aktar qaddisa tiegħu, inwissi, nitlob bil-ħerqa u nħeġġeġ lil ħuti s-Sorijiet, biex jilbsu dejjem ilbies fqir" (RegCl 2,25).

Għasar tnax u għall-Kumpieta sebgħa. Bl-istess mod għandhom iħarsu f'kollox l-Uffiċċju tal-Verġni mqaddsa.

Għall-mejtin għandhom jgħidu sebgħa *Missierna* flimkien ma' *Agħtihom il-mistrieħ*, għall-Għasar, għall-Matutin tnax, filwaqt li s-sorijiet li jafu jaqraw għandhom jgħidu l-Uffiċċju tal-mejtin.

Jekk xi waħda mis-sorijiet, imbagħad, għal raġuni ġusta, xi mindaqqiet ma tkunx tista' taqra is-sigħat tagħha, għandha l-permess li titlob il-*Missierna*, bħas-sorijet l-oħrajn la ma jafux jaqraw[419].

Kapitlu VII
DWAR IS-SERVIZZ TAL-KNISJA, IS-SAGRAMENTI
U D-DFIN TAS-SORIJIET MEJTIN

[693] 14 Kull fejn ikun hemm il-kappillan tal-monasteru li għandu d-dmir li jiċċelebra l-Quddiesa u l-uffiċċji divini, dan għandu jkun reliġjuż ta' ħajja u mġieba u fama qaddisa, ma għandux ikun żagħżugħ, imma għandu jkollu età matura kif jixraq. Kull fejn, imbagħad, ma jkunx hemm kappillan proprju għall-monasteru, is-sorijiet jistgħu jisimgħu l-Quddiesa ta' kull saċerdot li jkollu fama tajba u ħajja onesta.

Għandhom jirċievu s-sagrament tal-penitenza u s-sagramenti l-oħrajn tal-Knisja biss mill-aħwa ta' l-Ordni tal-Minuri jew minn dawk li għandhom il-fakultà li jamministrawhom, bil-kmand jew awtorità tal-kardinal li lilu, b'mod ġenerali, jiġi afdat dan l-Ordni, ħlief fil-każ li xi waħda mis-sorijiet tkun tinsab fi ħtieġa u ma jkunx possibbli li jkunu preżenti l-patrijiet imsemmija.

Kull meta xi soru tkun triq tqerr għand saċerdot, għandha tqerr waħedha u mas-saċerdot waħdu mill-grata tal-parlatorju, u hemmhekk għandha titkellem mas-saċerdot imsemmi biss dwar dak li għandu x'jaqsam mal-qrara.

Bħala regola, s-sorijiet kollha għandhom iqerru għallinqas darba fix-xahar u hekk, wara li jkunu qerru, jkunu jistgħu jirċievu s-sagrament tal-ġisem tal-Mulej fis-solennitajiet li ġejjin: fil-Milied tal-Mulej, fil-Purifikazzjoni tal-Verġni Marija, f'Ras ir-Randan, fil-Għid il-Kbir tal-Qawmien tal-Mulej, f'Pentekoste, fil-festi ta' San Pietru u San Pawl, ta' Santa Klara, ta' San Franġisk u tal-Qaddisin Kollha.

[694] 15 Imma jekk xi waħda mis-sorijiet tkun hekk marida li ma tkunx tista' tmur faċilment fil-parlatorju, u jkollha bżonn li tqerr u li tirċievi l-ġisem tal-Mulej jew sagramenti oħrajn, is-saċerdot li jrid jamministrahom lilha, għandu jilbes il-kamżu, l-istola u l-maniplu, u flimkien ma' żewġ persuni li jakkumpanjawh li jkunu xierqa u reliġjużi, jew almenu lebsin bil-kamżu jew bl-ispellizza, għandhom jidħlu u jibqgħu l-ħin kollu lebsin, u, wara li s-saċerdot ikun sema' l-qrara jew amministra xi sagrament ieħor, hekk kif ikunu daħlu lebsin għandhom joħorġu, u ma għandhomx jiddawwru għal xejn ġewwa. Għandhom iħarsu lilhom infushom ukoll, li meta jkunu fil-monasteru, ma għandhomx jinfirdu wieħed mill-ieħor, b'tali mod li jkunu dejjem jistgħu jaraw wieħed lill-ieħor mingħajr xkiel. Għandhom iġibu ruħhom bl-istess mod meta jidħlu biex jirrikmandaw ir-ruħ ta' soru li tkun sejra tmut.

---

[419] Urbanu IV jikkonserva din in-norma ta' l-għażla libera rigward l-Uffiċċju divin, li ma kienetx tidher fir-Regoli ta' Ugolino u ta' Innoċenz IV, imma li tidher bi kliem simili fir-RegCl 3,2.

[695] 16 Rigward il-funeral li jrid isir għad-difna, imbagħad, is-saċerdot ma għandux jidħol fil-klawsura, imma għandu jaqdi dak kollu li jitlob l-uffiċċju tiegħu fuq barra, fil-kappella. Minkejja dan, jekk l-badessa u l-komunità jidhrilhom li hu għandu jidħol ġewwa għall-funeral, dan għandu jidħol mal-persuni li jakkumpanjawh, liebes bil-mod kif għidna aktar 'il fuq, u, wara li tkun indifnet il-mejta, għandu mall-ewwel joħroġ ma' dawk li jakkumpanjawh.

Jekk ikun meħtieġ li wieħed jidħol biex iħaffer jew jiftaħ il-qabar jew biex jagħlqu wara d-difna, minħabba s-saħħa dgħajfa tas-sorijiet biex jagħmlu dan, jekk l-badessa u l-komunità jidhrilhom li dan ikun meħtieġ, jista' jidħol is-saċerdot jew xi persuna oħra onesta li tkun kapaċi għal dan ix-xogħol, b'wieħed jew tnejn oħra li jakkumpanjawh.

## Kapitlu VIII
## DWAR L-EŻERĊIZZJU TAL-ĠISEM U X-XOGĦOL

[696] 17 Jekk ikun hemm sorijiet żgħażagħ jew ukoll kbar li jkollhom kapaċità tal-moħħ li tkun tajba, l-badessa, jekk jidhrilha li jkun xieraq, għandha tgħallimhom billi tagħtihom majjestra xierqa u prudenti, li permezz tagħha huma jiġu mgħallmin kemm il-kant kif ukoll l-uffiċċji divini.

[697] 18 Is-sorijiet kollha u dawk li jaqdu barra l-monasteru, fiż-żmien u l-postijiet stabiliti, kif ikun ordnat, għandhom jingħataw għal ħidmiet meħtieġa u onesti, bil-ħarsien li, filwaqt li jbiegħdu minnhom il-għażż, għadu tar-ruħ, ma jitfux fihom il-ħeġġa għat-talb qaddis u d-devozzjoni, li lejhom kull ħaġa maħluqa għandha tressaq[420].

U għaliex, għal dawk kollha li jgħixu fil-ħarsien ta' din ir-Reliġjon, hi ħaġa ġusta li kollox għandu jkun fil-komun u mhux leċitu li s-sorijiet ikollhom xi ħaġa għalihom infushom, għandhom iħarsu ruħhom sewwa li, waqt li jkunu mehdijin f'din il-ħidma u rigward il-ħlas li jirċievu għaliha, ma jinħakmux mill-marda tal-kilba tal-ġid, jew ikunu jridu xi ħaġa bi proprjetà, jew ikunu jridu xi ħaġa partikulari għalihom infushom.

## Kapitlu IX
## DWAR IS-SILENZJU

[698] 19 Is-sorijiet kollha għandhom iħarsu silenzju kontinwu b'tali mod li, mingħajr permess, mhux leċitu li huma jitkellmu la bejniethom u lanqas ma' xi ħadd ieħor, ħlief dawk li lilhom ikun ġie mogħti xi tagħlim jew ħidma li wieħed ma jistax jagħmlu fis-skiet. Lil dawn, għaldaqstant, jingħata permess li jitkellmu flimkien dwar dak li għandu x'jaqsam ma' l-uffiċċju jew xogħol proprju tagħhom, kull fejn u kull meta jidher li jaqbel għall-badessa.

Is-sorijiet li huma dgħajfin u morda, iżda, u dawk li jaqduhom, jistgħu jitkellmu fl-infermerija għar-rikrejazzjoni u għas-servizz tas-sorijiet morda.

---

[420] Il-kapitlu dwar ix-xogħol fil-monasteru, li mhux preżenti fir-Regola ta' Ugolino, jissemma' biss bil-ħatfa fir-Regola ta' Innoċenz IV: "Is-sorijiet, fil-ħinijiet stabiliti, skond dak li jiġi ordnat lilhom, għandhom jingħataw għal xogħol meħtieġ u onest". Urbanu IV jiżviluppa l-kunċett tax-xogħol billi juża l-motivazzjonijiet li tagħti r-RegCl 7,1-2, li tieħu l-kliem ta' S. Franġisk fir-RegB 5,1-2, imma jħalli barra l-espressjoni "bil-qalb it-tajba u d-devozzjoni kollha", u d-dmir tal-kapitlu li jagħti xogħol partikulari lil kull waħda mis-sorijiet. Wieħed jinnota wkoll il-preċiżazzjoni li biha l-faqar individwali jiġi mħares imma bl-għajnuna tal-proprjetà fil-komun. Din ir-Regola tammetti b'mod ċar il-kunċett monastiku ta' faqar, u d-dritt tas-sorijiet li jirċievu renti u proprjetà fil-komun, mentri S. Klara issostni li s-sorijiet "ma għandhom ikollhom xejn tagħhom" (RegCl 8,1).

Fil-festi tar-rit doppju u fis-solennitajiet ta' l-appostli, kif ukoll f'xi ġranet oħrajn li tagħżel l-badessa, f'post li jkun magħżul għal dan il-għan, min-Nona sa l-Għasar jew f'xi ħin ieħor li jaqbel, is-sorijiet jistgħu jitkellmu dwar il-Mulej Ġesù Kristu, dwar is-solennità, dwar l-eżempji devoti tal-qaddisin u dwar argumenti oħrajn leċiti u onesti. Mis-siegħa tal-Kumpieta sat-Terza, l-badessa, mingħajr raġuni ġusta, ma għandhiex tagħti permess lis-sorijiet biex jitkellmu, ħlief lis-sorijiet li jaqdu barra l-monasteru.

Fiż-żminijiet u l-postijiet l-oħrajn l-badessa għandha tqis bl-attenzjoni kollha r-raġuni, il-post, iż-żmien u l-mod li bih tista' tagħti lis-sorijiet permess li jitkellmu, hekk li fl-ebda waħda minnhom ma tonqos l-osservanza regolari, li tingħaraf mhux ftit mis-silenzju, li hu l-kult tal-ġustizzja. Is-sorijiet kollha, imbagħad, jieħdu ħsieb li jagħmlu użu mis-sinjali reliġjużi dekorużi meta jkunu flimkien[421].

## Kapitlu X
## DWAR IL-MOD KIF JITKELLMU MAL-BARRANIN

[699] 20 Meta xi persuna, reliġjuża jew sekulari, ta' kull dinjità, titlob li titkellem ma' xi waħda mis-sorijiet, qabel xejn għandha tavża lill-badessa; jekk din tatiha l-permess, is-soru li tmur fil-parlatorju għandha jkollha magħha dejjem almenu żewġ sorijiet oħrajn, li tkun ħatrithom l-badessa, li jkunu jistgħu jaraw lil min ikun qed jitkellem u jisimgħu dak kollu li jingħad. Fil-grata, imbagħad, l-ebda waħda mis-sorijiet ma tkun tista' titkellem, jekk mhux fil-preżenza ta' żewġ sorijiet imqabbdin apposta għal dan il-għan mill-badessa.

Is-sorijiet li jitkellmu ma' xi ħadd għandhom joqogħdu attenti biex ma jintilfux għal xejn b'xejn fi kliem bla ħtieġa jew li jiddawwru f'taħdidiet twal iżżejjed. Is-sorijiet kollha, imbagħad, huma obbligati li, kull meta soru marida tkun trid titkellem fil-klawsura ma' saċerdot għall-qrar, hi ma għandhiex titkellem jekk mhux fil-preżenza ta' żewġ sorijiet li jkunu bilqiegħda kemmxejn 'il bogħod, li jistgħu jaraw lil dik li tkun tqerr u lill-konfessur, u li bl-istess mod ikunu jistgħu jarawhom is-soru li tkun qed tqerr u l-konfessur.

U din il-liġi dwar il-parlatorju trid tkun imħarsa wkoll mill-badessa, sabiex ħadd ma jkun jista' jaqa' fi kliem fieragħ, ħlief fil-każ meta l-badessa tkun tista' titkellem mas-sorijiet tagħha fiż-żminijiet u fil-postijiet meħtieġa, kif jidhrilha li jaqbel skond Alla.

## Kapitlu XI
## DWAR IS-SAWM U L-ASTINENZA

[700] 21 Is-sorijiet kollha u dawk li jaqdu barra l-monasteru, ħlief dawk li jkunu morda, għandhom iħarsu sawm bla jaqta' mill-festa tat-Twelid tal-glorjuża Verġni Marija sal-festa tal-Qawmien mill-imwiet tal-Mulej, ħlief nhar ta' Ħadd u fil-jum tal-Milied tal-Mulej. Mill-Qawmien mill-imwiet tal-Mulej, imbagħad, sal-festa tat-Twelid tal-Verġni Marija, huma obbligati li jsumu

---

[421] Għalkemm fit-tqassim tradizzjonali tar-Regola ta' Urbanu IV, dan il-versett jiġi mqiegħed fil-bidu tal-kapitlu 10 li jmiss, jidher li hu għandu x'jaqsam mal-prattika tas-silenzju li jitkellem minnu l-kapitlu 9. Urbanu IV jieħu letteralment il-kliem tar-Regola ta' Innoċenz IV, u jinserixxi hawnhekk in-norma dwar l-użu tas-sinjali, li hi drawwa komuni fil-monasteri li tippermetti lir-reliġjużi biex jikkomunikaw flimkien mingħajr il-bżonn li jużaw il-kliem (cfr. Regola ta' San Benedittu, 38,7).

nhar ta' Ġimgħa. Għandhom ukoll iħarsu l-astinenza mil-laħam f'kull żmien. L-badessa, iżda, tista' tiddispensa lil dawk li huma dgħajfin, skond kif tara li titlob id-dgħufija tagħhom.

Is-sorijiet jistgħu wkoll jagħmlu użu leċitu mill-bajd, mill-ġobon u mil-lattiċini, ħlief fiż-żmien mill-Avvent sal-Milied tal-Mulej u minn Ħadd Quinquagesima sa l-Għid il-Kbir, kull nhar ta' Ġimgħa u fil-jiem ta' sawm li huma stabiliti mill-Knisja universali.

Minkejja dan, l-badessa tista' tiddispensa bil-ħniena minn dan is-sawm lis-sorijiet li jaqdu barra l-monasteru, ħlief fl-Avvent, fir-Randan u nhar ta' Ġimgħa. Tista' tiddispensa minn dan is-sawm ukoll lis-sorijiet żgħażagħ, lil dawk li huma dgħajfin u lill-anzjani, kif tara li jkun meħtieġ skond id-dgħufija u l-għejja tal-ġisem tagħhom.

Is-sorijiet b'saħħithom ukoll mhumiex obbligati li jsumu fil-jiem li tiġi applikata t-tneħħija tad-demm, li ma għandhomx ikunu aktar minn tlitt ijiem u li ma għandhomx ikunu fir-Randan il-kbir, nhar ta' Ġimgħa, fl-Avvent tal-Mulej jew fil-jiem ta' sawm stabiliti mill-Knisja universali[422].

Il-badessa għandha toqgħod attenta li ma tippermettix li ssir it-tneħħija tad-demm aktar minn tliet darbiet fis-sena, jekk ma jkunx hemm ħtieġa vera, u li din ma għandhiex issir minn persuna barranija, l-aktar jekk din tkun raġel, meta wieħed jista' faċilment jevita li jsir hekk.

## Kapitlu XII
## DWAR IS-SORIJIET MORDA

[701] 22 Is-sorijiet għandhom jieħdu kura mill-aktar kbira u ħerqana tas-sorijiet morda u, skond il-possibilità u meta jaraw li jkun meħtieġ, b'kull tjubija u ħeġġa, u b'karità kbira, għandhom jaqduhom kemm billi jagħtuhom l-ikel meħtieġ fil-marda tagħhom, kif ukoll fil-ħtiġijiet l-oħrajn kollha tagħhom. Is-sorijiet morda, kemm jista' jkun, għandhom ikollhom is-sodod tagħhom f'post separat mis-sorijiet b'saħħithom, sabiex ma jkunux motiv ta' diżordni u ma jiddisturbawx is-skiet.

## Kapitlu XIII
## DWAR IL-BIEB TAL-MONASTERU

[702] 23 F'kull monasteru għandu jkun hemm bieb uniku biex wieħed jidħol fil-klawsura jew joħroġ minnha kull meta jkun meħtieġ, skond il-liġi tad-dħul u tal-ħruġ stabilita f'din ir-Regola.

F'dan il-bieb ma għandux ikun hemm l-ebda bieba żgħira jew tieqa. Dan il-bieb għandu jitqiegħed b'mod xieraq f'post li jkun fil-għoli kemm jista' jkun, b'tali mod li minn barra wieħed ikun irid jitla' għalih permezz ta' sellum. Dan is-sellum, marbut bil-kura b'katina tal-ħadid fin-naħa li fiha jgħixu s-sorijiet, għandu jibqa' dejjem imdendel fil-post minn tmiem il-Kumpieta sal-Prima tal-jum ta' l-għada, matul il-mistrieħ ta' wara nofs in-nhar u fi żmien ta' viżta, ħlief jekk xi każ ta' ħtieġa li tidher jew ta' utilità jitolbu li ssir eċċezzjoni[423].

---

[422] Is-sawm fir-Regola ta' Urbanu IV jidher inqas iebes minn dak li kien imħares f'San Damiano (cfr. EpAgn III,31-37). Urbanu, iżda, jintroduċi d-drawwa monastika ta' l-astinenza perpetwa mil-laħam.

[423] Il-bieb tad-dħul tal-monasteru, imqiegħed fil-għoli u li wieħed ried jitla' għalih permezz ta' sellum, kien diġà preskritt fir-Regola ta' Innoċenz IV ta' l-1247 u f'dik ta' Alessandru IV ta' l-1259 għall-monasteru ta' Longchamp. Imma ma hemmx riferiment għalih fir-RegCl, li titkellem sempliċement minn *ostium* (bieb). Minkejja dan, f'silta mill-*Chronica XXIV Generalium*, AF III,178, li titkellem dwar il-mewt ta' Anjeże t'Assisi, niltaqgħu max-xhieda ta' l-eżistenza ta' bieb imqiegħed fil-għoli għall-monasteru ta' San Damiano. F'dan il-każ it-testi leġislattivi pontifiċji jikkodifikaw użanza li kienet ilha mħarsa għal żmien twil fil-monasteri żgħar tal-kampanja, għal raġunijiet ta' sigurtà (cfr. M. Bigaroni, *San Damiano-Assisi. La chiesa prima di san Francesco*, Assisi 1983, 33-36). In-novità tar-Regola

Għall-ħarsien ta' l-imsemmi bieb għandha titqiegħed soru li jkollha l-biża' ta' Alla, li tkun matura fl-imġieba tagħha, li turi ħeġġa fix-xogħol, li tkun prudenti fil-kliem u li jkollha età xierqa, li jkollha d-dmir li tħares muftieħ ta' l-istess bieb b'kura hekk kbira, li qatt ma jista' jkun li l-bieb jinfetaħ mingħajr ma tkun taf hi jew is-sieħba tagħha. Il-muftieħ l-ieħor, imbagħad, li għandu jkun differenti mill-ewwel wieħed, għandu jkun imħares mill-badessa.

Din is-soru tal-bieb għandha jkollha soru sieħba, li tkun jixirqilha bħalha li tingħata dan ix-xogħol, u li tagħmel kollox flokha kull meta hi tkun okkupata jew ma tkunx tista' minħabba xi raġuni ġusta jew ħidma oħra meħtieġa. U għandhom joqgħodu attenti u jieħdu ħsieb li l-bieb ma jkun qatt imħolli miftuħ, jekk mhux għall-inqas ħin possibbli, skond dak li jaqbel fil-mument.

[703] 24 Il-bieb għandu jkun imħares tajjeb b'serraturi u ċappetti tal-ħadid u, meta jinfetaħ jew jingħalaq, ma għandu qatt jitħalla mingħajr ħarsien, lanqas għal waqt wieħed biss, jekk ma jkunx magħluq tajjeb bil-muftieħ matul il-jum u b'żewġ imfietaħ matul il-lejl.

Il-bieb ma għandux jinfetaħ għal kull min iħabbat, jekk ma jkunux jafu b'ċertezza u bla ebda dubju min hi l-persuna li jridu jiftħulha, skond il-preskrizzjonijiet ta' din ir-Regola għal dawk li jridu jidħlu.

Ħadd mis-sorijiet ma għandu jingħata l-permess li jitkellem fil-bieb, ħlief biss il-purtinara dwar dak li għandu x'jaqsam ma' l-uffiċċju tagħha.

U jekk xi drabi jkun meħtieġ li jsir xi xogħol ġewwa l-monasteru, li għalih ikun hemm bżonn li jiddaħħlu xi sekulari jew persuna oħra tkun min tkun, l-badessa għandha tieħu ħsieb bil-ħerqa li, filwaqt li jkun qiegħed isir ix-xogħol, titqiegħed persuna xierqa biex tħares il-bieb, u din għandha tiftaħ għal dawk li jiġu biex jagħmlu x-xogħol u ma tippermetti lil ħadd iżjed li jidħol fil-klawsura.

U s-sorijiet infushom, illum u għal dejjem, għal dawk li jistgħu bir-raġun kollu, għandhom jieħdu joqgħodu ħafna attenti biex ma jarawhomx is-sekulari jew persuni barranin.

## Kapitlu XIV
## DWAR IR-ROTA U L-ĦARSIEN TAGĦHA

[704] 25 Imbagħad, billi ma rridux li l-bieb imsemmi jinfetaħ għal affarijiet oħrajn ħlief għal dawk biss li ma jistgħux jiddaħħlu b'mod ħafif u komdu permezz tar-rota jew b'xi mod ieħor, nikkmandaw li f'kull monasteru, fil-ħajt ta' barra tal-klawsura interna, f'post xieraq, li jidher sewwa minn barra u li jintlaħaq faċilment, għadha titqiegħed rota li tkun f'saħħitha, li tkun wiesgħa u għolja kemm ikun jeħtieġ, hekk li minn din ir-rota ma tkun tista' tidħol jew toħroġ l-ebda persuna, imma li permezz tagħha, kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra, ikunu jistgħu jgħaddu dak kollu li jkun meħtieġ. Din ir-rota trid tkun imqiegħda b'tali mod li ħadd ma jkun jista' jittawwal minnha, la minn ġewwa u lanqas minn barra. Għandha jkollha mbagħad, minn naħa u mill-oħra, bieba b'saħħitha, li bil-lejl u fil-ħin tal-mistrieħ tas-sajf għandha tibqa' magħluqa u msakkra bis-serraturi tal-ħadid u bl-imfietaħ.

Għall-ħarsien tar-rota, u biex tieħu ħsieb li tgħaddi minnha dak kollu li jkun meħtieġ, l-badessa għandha tqiegħed soru matura kemm għall-imġieba kif ukoll għall-età, li tkun tħobb il-fama tajba tal-monasteru; lilha biss, u meta ma tkunx leġġittimament tkun preżenti, lis-sieħba li

---

ta' Urbanu fuq ir-Regoli li ġew qabilha tikkonsisti fil-fatt li ssemmi bieb fil-baxx, bħal speċi ta' bieb sempliċi li minnu wieħed jgħaddi b'aktar ħeffa, u li jissemma fil-kapitlu 15.

tingħatalha, għandu jiġi mogħti l-permess li titkellem jew li twieġeb f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' l-uffiċċju tagħha.

Ħadd aktar ma għandu jkollu permess li jitkellem fir-rota, jekk mhux meta jkun okkupat il-parlatorju jew xi mindaqqiet għal xi raġuni oħra ġusta u meħtieġa, u dejjem bil-permess ta' l-badessa; imma dan għandu jiġri rarament, skond il-mod ta' kif is-sorijiet jitkellmu li spjegajna aktar 'il fuq.

## Kapitlu XV
## DWAR IL-BIEB RUSTIKU

[705] 26 Għall-ħtiġijiet li xi mindaqqiet ikunu urġenti, u li ma jistgħux jinqdew bil-kumdità mill-bieb li semmejna jew mir-rota, nippermettu li jista' jsir bieb ieħor f'post xieraq tal-monasteru, li minnu f'xi mumenti determinati, jista' jiddaħħal jew jinħareġ dak li jkun meħtieġ.

Dan il-bieb għandu jkun dejjem imħares bil-muftieħ, bis-serraturi tal-ħadid u bil-katenaċċi. U minn naħa ta' barra għandu jkollu ħajt quddiemu, b'tali mod li ħadd ma jkun jista' jiftħu bl-ebda mod u l-ebda persuna ma tkun tista' titkellem minnu. Fiż-żmien tal-ħtiġijiet li semmejna, iżda, jista' jitwaqqa' l-ħajt u jinfetaħ il-bieb, li ma jistax jitħalla miftuħ jekk mhux għall-inqas ħin possibbli u dejjem taħt il-ħarsien ta' soru li tkun fdata.

Malli jkun intemm ix-xogħol meħtieġ u l-bieb jerġa' jissakkar bil-mod kif semmejna bil-muftieħ, bis-serraturi u l-katenaċċi, minn barra għandu mill-ġdid jittella' l-ħajt li jostru.

## Kapitlu XVI
## DWAR IL-PARLATORJU

[706] 27 Għandu jithejja parlatorju komuni fil-kappella, jew aħjar, fil-kjostru, fejn is-sorijiet jistgħu jitkellmu mingħajr xkiel u b'mod xieraq, u biex ma jiġrix li, jekk il-parlatorju jkun fil-kappella, ikun ta' tfixkil għas-skiet ta' dawk li jkunu jitolbu. Dan il-parlatorju jrid ikollu wisgħa xierqa, irid ikollu pjanċa tal-ħadid b'ħafna toqob irqaq, li tkun imwaħħla hekk tajjeb bl-imsiemer tal-ħadid li ma tkun tista' qatt tinfetaħ. L-istess pjanċa trid tkun imħarsa tajjeb ukoll fuq barra permezz ta' imsiemer tal-ħadid imqabbżin 'il barra, filwaqt li fin-naħa ta' ġewwa għandu jitqiegħed pannu iswed tas-suf, b'tali mod li s-sorijiet la jkunu jistgħu jaraw min ikun hemm barra, u lanqas huma ma jkunu jidhru minn barra.

Għall-ebda soru ma għandu jingħata l-permess li titkellem f'dan il-parlatorju mill-Kumpieta, li għandha tingħad fis-siegħa proprja tagħha, sal-Prima ta' l-għada filgħodu, u lanqas fil-ħin ta' l-ikel jew tal-mistrieħ tas-sajf, u lanqas meta s-sorijiet ikunu jiċċelebraw l-Uffiċċju, jekk ma jkunx hemm kawża raġjonevoli u meħtieġa, li wieħed ma jkunx jista' jistenna għal ħin aktar tard. U kull darba li fil-ħin tal-permess waħda jew aktar sorijiet jieqfu biex jitkellmu fil-parlatorju, għandhom jitkellmu bil-modestja u bi prudenza kbira, kif inhu xieraq, u ma għandhomx jitlajjaw imma jaqtgħu d-diskors fi żmien qasir.

Kull fejn ikun jaqbel, minħabba n-numru kbir ta' sorijiet, dawn jista' jkollhom parlatorju ieħor jixbaħ lil dak li tkellimna dwaru.

## Kapitlu XVII
## DWAR IL-GRADA LI MINNHA JITQARBNU

[707] 28 Irridu wkoll li, fil-ħajt li jifred lis-sorijiet mill-kappella, għandha titqiegħed grada tal-ħadid ta' għamla xierqa, li tkun magħmula minn materjal tajjeb u b'saħħtu, li jkollha vireg tal-ħadid imqiegħdin ħdejn xulxin, ħoxnin u tondi, u li fuq barra tkun imħarsa sewwa b'imsiemer tal-ħadid li jaqbżu 'l barra, inkella tkun magħmula minn pjanċa tal-ħadid, li minnha, meta s-sorijiet ikunu jridu jitqarbnu, jista' jiddaħħal il-kalċi u s-saċerdot, filwaqt li jdaħħal idu, ikun jista' jamministra s-sagrament tal-ġisem tal-Mulej.

Din il-bieba għandha tinżamm dejjem magħluqa b'muftieħ tal-ħadid, u ma għandhiex tinfetaħ jekk mhux meta jkun meħtieġ li tiġi ippriedkata l-Kelma ta' Alla lis-sorijiet, jew li jiġi amministrat is-sagrament tal-ġisem tal-Mulej, jew meta xi ħadd ikun irid jara lil xi soru li tkun tiġi minnu mill-qrib, jew inkella meta titlob hekk xi kawża ta' ħtieġa; imma dan għandu jiġri rarament ħafna u dejjem bil-permess ta' l-badessa. Din iżda, fl-ebda każ, ħlief fl-ewwel żewġ każi biss, ma għandha tagħti dan il-permess jekk ma tkunx qabel talbet il-parir tal-komunità, u dan kull darba li jkun meħtieġ li jsir hekk.

F'din il-grada għandu jiddendel minn ġewwa pannu iswed ta' l-għażel, b'tali mod li minnu ħadd ma jkun jista' jara xejn. U minn naħa tas-sorijiet għandu jkun hemm ukoll bibien ta' l-injam b'serraturi tal-ħadid u bl-imfietaħ, sabiex dawn jibqgħu dejjem magħluqin u imsakkrin; u ma għandhomx jinfetħu jekk mhux meta jiġi iċċelebrat l-Uffiċċju divin jew meta, minħabba l-kawżi li semmejna ftit qabel, ikun meħtieġ li jinfetaħ dan il-bieb.

U ħadd aktar ma għandu jitkellem f'din il-grada imsemmija, jekk ma jingħatalux xi kultant il-permess, u dan rarament, minħabba kawża raġjonevoli jew ta' ħtieġa bil-kunsens ta' l-badessa, u allura jkunu jistgħu jinfetħu l-bieb ta' l-injam li tkellimna dwarhom.

U jekk jiġri li xi persuna barranija tidħol għandhom, jew inkella tersaq biex titkellem magħhom fil-grata, għandhom jgħattu wiċċhom bil-modestja u għandhom iżommu ħarsithom baxxa, kif jixraq lid-dekor tar-Reliġjon.

## Kapitlu XVIII
## DWAR KIF, META U MIN JISTA' JIDĦOL FIL-KLAWSURA

[708] 29 Dwar id-dħul ta' persuni fil-monasteru nikkmandaw bil-qawwa u b'mod iebes li qatt ma jista' jkun li l-ebda badessa u lanqas is-sorijiet tagħha ma għandhom jippermettu lil ebda persuna, reliġjuża jew sekulari jew ta' kwalunkwe dinjità, li tidħol ġewwa fil-klawsura tal-monasteru. Lanqas ma għandu jkun leċitu bl-ebda mod għal ħadd, ħlief għal dawk li lilhom ikun ingħata permess mis-Sede apostolika jew mill-kardinal li lilu jkun afdat il-ħarsien ta' l-Ordni tas-sorijiet.

Għandha, iżda, issir eċċezzjoni minn din ir-regola dwar id-dħul fil-każi li ġejjin: għat-tabib, għal raġuni ta' marda gravi ħafna, għal dak li japplika s-sangisugi meta jkun meħtieġ; imma dawn ma għandhomx jiddaħħlu mingħajr tnejn min-nies tal-familja tal-monasteru li jakkumpanjawhom, u fil-monasteru ma jistgħux jinfirdu minn xulxin. Għandha ssir eċċezzjoni wkoll għal dawk li jkun hemm bżonn li jidħlu minħabba ħruq jew tiġrif fil-bini jew xi periklu jew dannu ieħor, jew biex jiddefendu l-monasteru jew il-persuni mill-vjolenza ta' xi ħadd ikun min ikun, jew minħabba xi xogħol li ma jistax isir b'mod xieraq barra mill-monasteru. U dawn kollha, malli jtemmu s-servizz

proprju tagħhom u jkunu issodisfaw il-ħtieġa ta' dak il-ħin, għandhom mall-ewwel joħorġu mill-klawsura.

L-ebda persuna barranija ma għandha l-permess li tiekol jew torqod fi ħdan il-klawsura tal-monasteru.

[709] 30 U jekk xi kardinal tal-Knisja mqaddsa jkun irid xi darba jmur f'xi monasteru ta' din ir-Reliġjon u jkun irid jidħol fil-klawsura, għandhom jilqgħuh b'qima u devozzjoni, imma dan jiġi mitlub biex jidħol bi ftit sħab li jkunu onesti.

Ukoll lill-ministru ġeneral ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri, meta hu jkun irid jiċċelebra jew jippriedka lis-sorijiet il-Kelma ta' Alla, u dan ikun jidhirlu meħtieġ, hu għandu l-permess li jidħol fil-klawsura tal-monasteru ma' erbgħa jew ħames patrijiet ta' l-istess Ordni.

Kull prelat ieħor, imbagħad, li bil-kunsens tas-Sede apostolika jew tal-kardinal imesmmi, jingħatalu xi mindaqqiet il-permess li jidħol fil-klawsura, dan għandu jikkuntenta ruħu bi tnejn jew tlieta oħra biss li jakkumpanjawh, u dawn għandhom ikunu reliġjużi u onesti.

U jekk jingħata l-każ li, għall-barka jew il-konsagrazzjoni tas-sorijiet, jew għal xi raġuni oħra, jingħata xi mindaqqiet il-permess lil xi isqof biex jiċċelebra l-quddiesa fil-klawsura, dan għandu jikkuntenta ruħu bl-inqas numru possibbli ta' persuni u ministri li jakkumpanjawh, u dawn għandhom ikunu ta' fama tajba. U dan il-permess għandu jingħata rarament.

[710] 31 L-ebda persuna oħra b'mod assolut, la marida u lanqas f'saħħitha, ma għandha titkellem ma' xi waħda mill-persuni li jkunu daħlu, ħlief fil-mod kif spjegajna.

U fuq kollox għandhom joqgħodu attenti li dawk, li lilhom xi mindaqqiet ikun mogħti l-permess li jidħlu fil-monasteru, dawn ma għandhomx jiddaħħlu bl-ebda mod ieħor jekk lill-badessa u lis-sorijiet ma jkunx jidhrilhom li jaqbel; dan għaliex l-badessa u s-sorijiet ma humiex kostretti minn dawn il-konċessjonijiet jew liċenzji biex idaħħlu persuni fil-monasteru[424]. U dawn il-persuni għandhom ikunu tali li kull min jarahom jibqa' edifikat mill-kliem u l-imġieba tagħhom kif ukoll mill-ħajja u l-mod kif jgħixu, u li ma jkunx hemm l-ebda okkażjoni li jitwieled xi skandlu. Biex jiġi evitat kull nuqqas fil-mod kif jinftiehem dan li qegħdin ngħidu, rigward il-konċessjoni jew liċenzja tad-dħul fil-monasteru, għandhom jiġu ippreżentati l-ittri apostoliċi jew il-permess bil-miktub tal-kardinal.

## Kapitlu XIX
## DWAR IS-SORIJIET LI JAQDU BARRA L-MONASTERU

[711] 32 Rigward is-sorijiet li jaqdu barra l-monasteru u li mhumiex obbligati li jibqgħu dejjem magħluqin ġewwa fil-klawsura bħas-sorijiet l-oħrajn, irridu li jiġu mħares b'mod rigoruż ħafna li l-ebda waħda minnhom ma tista' toħroġ mill-klawsura mingħajr permess. U dawk li jiġu mibgħutin barra għandhom ikunu onesti ta' età xierqa, ikollhom bixra reliġjuża u matura, u kemm huma kif ukoll is-sorijiet li xi mindaqqiet ikunu jeħtieġu li joħorġu għall-każijiet li semmejna, dawn għandhom joħorġu lebsin l-għata tar-riġlejn. U dan il-permess għandu jingħata ukoll lil dawk is-sorijiet li jibqgħu fil-klawsura.

[424] Il-fatt li l-permessi tad-dħul fil-klawsura mogħtijin lil persuni barranin mis-Sede apostolika jew mill-kardinal protettur ma jobbligawx fuq l-badessa u s-sorijiet, li lilhom titħalla libertà assoluta u aħħarija fid-deċiżjoni ta' jekk jaqbilx li dawn in-nies jidħlu fil-klawsura, hi nota karatteristika tar-Regola ta' Urbanu IV, li ma tinsabx la fit-testi leġislattivi preċedenti ta' Ugolino u Innoċenz III u lanqas fl-istess RegCl.

Lil dawk li joħorġu għandu jingħatalhom ħin preċiż li fih iridu jiġu lura fil-monasteru, u l-ebda waħda minnhom ma għandha titħalla, mingħajr permess speċjali, li tiekol, tixrob jew torqod barra mill-monasteru, u lanqas li tinfired minn seħbitha, u lanqas li titkellem ma ħadd fis-sigriet, jew li tidħol fil-post li fih jgħix il-kappillan tal-monasteru jew tal-konversi. U jekk xi waħda minnhom ma tħarisx dan li għidna, għandha tiġi ikkastigata bl-aħrax.

Għandhom ukoll joqgħodu attenti li ma jmorrux f'postijiet sospetti jew li jidħlu fi ħbiberija ma' persuni li jkollhom fama ħażina; u meta jiġu lura fil-monasteru lanqas ma għandhom joqgħodu jirrakkontaw lis-sorijiet dak li raw fid-dinja jew ħwejjeġ bla siwi li minħabba fihom jista' jkollhom distrazzjonijiet u jitħawwdu.

Fil-ħin li fih ikunu barra, għandhom ifittxu li jġibu ruħhom b'tali mod li min jarahom ikun jista' jibqa' edifikat bl-imġieba tajba tagħhom. U kull ħaġa li tingħatalhom jew li tiġi mwiegħda lilhom, huma għandhom jagħtuha u jinfurmaw biha lill-badessa, jew lil min ikollu l-inkarigu li jkun flokha.

## Kapitlu XX
## DWAR IL-KAPPILLAN, U DWAR IL-KONVERSI TAL-MONASTERU

[712] 33 Il-kappillan, jekk ikun irid jobbliga ruħu għas-servizz tal-monasteru, u dawk li jkunu jridu jsiru konversi tal-monasteru, jekk jogħġob lill-badessa u lill-komunità li jilqgħuhom, wara li jtemmu s-sena tal-prova, għandhom iwiegħdu ubbidjenza lill-badessa, billi jagħmlu l-vot ta' l-istabilità fil-post, u li jgħixu dejjem mingħajr xejn tagħhom u fil-kastità.

Jistgħu jkollhom tonok bla kapoċċ, li jkunu tal-pannu umli u mingħajr siwi, kemm rigward il-prezz kif ukoll rigward il-kulur, skond il-ħtiġijiet tagħhom, u l-kmiem tat-tonok iridu jkunu qosra u dojoq iduru biss madwar l-idejn. It-tul tat-tonok, imbagħad, għandu jkun ta' erba' swaba 'l fuq mill-għekiesi tar-riġlejn. Il-kappillan iżda jista' jkollu tonka aktar twila. U bħala ħżiem mal-qaddejn ikollhom qafla umli li tinżel tiddendel mal-ġenb. Fuq it-tonok għandhom ukoll jilbsu l-kapparrun bil-kapoċċ, li għandu jkunu twil kemm kemm aktar mill-irkobba, u wiesgħa sal-kapoċċ. Jekk il-kappillan ikun irid, jista' jkollu kapparrun idjaq. Hu jista' wkoll jagħmel użu minn kappa umli, jew mantell li jinqafel jew wara l-għonq jew quddiem is-sider.

It-tonok fuq barra imbagħad u l-kapoċċ twil, kif ukoll il-kappa u l-mantell tal-kappillan, għandhom ikunu ta' drapp li la jkun għal kollox abjad u lanqas iswed. Għandhom ukoll jorqdu lebsin, u ma għandhomx jużaw qomos ta' l-għażel. Għandhom ikollhom żraben għoljin, wesgħin, u li jinqaflu minn quddiem, u jistgħu jilbsu l-kalzetti. U għandhom jilbsu l-qliezet minn taħt. Fi żminijiet determinati għandhom jagħmlu t-tonsura forma ta' kuruna li tasal sal-widnejn.

Għandhom jiċċelebraw l-Uffiċċju divin bħas-sorijiet, ħlief li l-konversi mhumiex obbligati għall-Uffiċċju tal-Verġni mbierka u għal dak tal-mejtin.

Għandhom iħarsu s-sawm bħas-sorijiet. Minkejja dan hu leċitu għall-badessa li tiddispensahom bil-ħniena mis-sawm tar-Regola, minħabba s-sħana jew il-vjaġġi jew ħidma iebsa oħra, u għal kull raġuni oħra li tkun raġjonevoli u onesta.

Il-kappillan u l-konversi għandhom joqgħodu f'kollox taħt il-ħarsien u l-korrezzjoni tal-viżitatur, li lilu huma miżmumin bil-qawwa li jobduh f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' l-uffiċċju tal-viżta[425].

---

[425] Wara dan id-diskors twil li għandu x'jaqsam mal-ħarsien tal-klawsura, li rridu naqrawh fil-mentalità medjevali li fih inkiteb, il-kapitlu 20 ippreżenta l-figura tal-kappillan u tal-konversi marbutin mal-monasteru. Din il-figura wkoll, iżda, tixhed għal żmien u kundizzjonijiet differenti ħafna minn dawk li fihom kitbet Klara meta, fir-Regola tagħha

## Kapitlu XXI
## DWAR IL-PROKURATUR U L-UFFIĊĊJU TIEGĦU

[713] 34 Is-sorijiet għandhom jitħallew li jirċievu u li jkollhom fil-komun renti u proprjetà u li jżommuhom bil-libertà kollha[426].

Biex jamministraw din il-proprjetà u r-renti tal-monasteru fil-mod xieraq, għandu jkun hemm f'kull wieħed mill-monasteri ta' l-Ordni tagħkom prokuratur, li jkun fl-istess ħin prudenti u ta' min jafdah, li għandu jiġi istitwit jew imneħħi mill-badessa u mill-komunità, skond kif jidher l-aktar jaqbel.

Dan il-prokuratur, skond il-mod stabilit, hu obbligat li jagħti rendikont tal-ħwejjeġ kollha li jkunu afdati lilu, tar-riċevuti u tax-xiri, u dan lill-badessa u lit-tliet sorijiet li huma destinati għal dan il-għan mill-komunità, kif ukoll lill-viżitatur, meta dan ikun irid. U ma jistax ibiegħ, ipartat, jobbliga jew jaljena l-ebda ħaġa li hi proprjetà tal-monasteru, bl-ebda mod, jekk mhux bil-permess ta' l-badessa u tal-komunità. U niddikjaraw li jkun bla valur u null kull att li jitwettaq kontra dawn in-normi. Il-prokuratur, iżda, jista' xi mindaqqiet jagħti xi affarijiet żgħar mill-beni mobbli li jkunu ta' ftit valur, għal raġuni ġusta, bil-permess ta' l-badessa. Kull meta jidher li jkun jaqbel, il-prokuratur jista' jiġi mneħħi anke mill-viżitatur.

## Kapitlu XXII
## DWAR L-ELEZZJONI TAL-BADESSA U L-UFFIĊĊJU TAGĦHA

[714] 35 L-elezzjoni ta' l-badessa għandha ssir liberament mill-komunità. Il-konferma, imbagħad, tiġi magħmula mill-kardinal, li f'idejh jinsab il-ħarsien ta' dan l-Ordni, jew inkella l-konferma ssir bl-awtorità tiegħu[427].

[715] 36 Is-sorijiet għandhom jieħdu ħsieb li jagħżlu bħala badessa soru li tfittex li tkun qabel l-oħrajn fil-virtù fil-qdusija ta' ħajjitha, aktar milli fl-uffiċċju tagħha, u li tosserva l-ħajja komuni

---

(kap. XII,5-6) titlob, "għall-imħabba ta' Alla u ta' l-imqaddes Franġisku, lill-istess Ordni l-pjaċir li jagħtina kappillan u sieħbu, it-tnejn ta' fama tajba, għaqlija u prudenti, u żewġ aħwa lajċi, li jħobbu l-ħajja qwaddisa u tajba, biex jgħinuna fil-faqar tagħna". Dawn l-aħwa kellhom ikunu sinjal, f'kull ħin, ta' l-għaqda fl-ispirtu u fil-ħajja, ma' l-Ordni ta' S. Franġisk.

[426] B'espressjoni xotta u qawwija: *Ad haec, liceat...* jiġi introdott il-prinċipju tal-proprjetà fil-komun, li kien diġà ġie stabilit minn Innoċenz IV fir-Regola ta' l-1247. Dan il-prinċipju nafu li ġab fix-xejn l-element ċentrali tar-RegCl, jiġifieri li s-Sorijiet Foqra ma seta' jkollhom xejn tagħhom, u li għalhekk ma setgħux jaċċettaw proprjetà la fil-komun u lanqas individwalment, fuq l-eżempju tal-Patrijiet Minuri. Ir-RegCl 6, għaldaqstant, tipprovdi paġna ta' tifħir lill-ħajja ta' faqar l-aktar għoli, li hu l-aktar element li r-Regola ta' Urbanu IV tmur kontrih espliċitament.

[427] Dan il-kapitlu 22, fir-Regola kollha ta' Urbanu IV, hu l-aktar wieħed li jagħti attenzjoni partikulari għall-indikazzjonijiet u l-ispirtu proprju ta' S. Klara, dwar element li hu ta' importanza assoluta biex wieħed jiddefinixxi s-sostanza tal-fraternità Franġiskana tal-Klarissi: is-sens ta' awtorità, l-istituzzjoni tal-kapitlu monastiku darba fil-ġimgħa, il-kollaborazzjoni fil-livelli kollha tal-ħajja tal-monasteru. Dan il-kapitlu jipprovdi wkoll dehra żgura dwar l-istorja ta' l-evoluzzjoni ta' l-Ordni, l-aktar rigward ir-relazzjoni bejn il-Klarissi u l-Patrijiet Minuri. Urbanu, fil-fatt, jirreserva għall-kardinal protettur il-konferma ta' l-elezzjoni ta' l-badessa, filwaqt li fir-Regola ta' Innoċenz IV ta' l-1247 din kienet imħollija f'idejn il-ministri ġenerali jew provinċjali ta' l-aħwa, li fuqhom kienu jiddependu ġuridikament il-monasteri tal-Klarissi u li kellhom ukoll id-dmir tal-viżta kanonika. Santa Klara, min-naħa tagħha, kienet tirrikmanda l-preżenza tal-ministru fil-mument ta' tħejjija għall-elezzjoni (RegCl 4,2-3) u l-għażla tal-patrijiet Minuri bħala viżitaturi bl-awtorizzazzjoni tal-kardinal protettur (RegCl 12,1-2).

f'kollox, ukoll fl-imġieba, hekk li s-sorijiet, imħeġġin mill-eżempju tagħha, jobduha imqanqlin mill-imħabba aktar milli mill-biża'[428].

Għandha taħrab kull ħbiberija partikulari biex ma jiġrix li billi tħobb lil xi wħud aktar minn oħrajn, tkun ta' skandlu għalihom ilkoll. Ħa tfarraġ lill-imnikktin, biex ma jiġrix li jekk jonqsu li jsibu fiha l-mediċina tas-saħħa, il-marda tad-disperazzjoni tegħleb lil dawk li huma morda[429].

Għandha twissi u żżur lis-sorijiet tagħha, u tikkoreġihom bl-umiltà u bil-karità, u ma għandha qatt tqabbadhom jagħmlu xi ħaġa li tmur kontra l-kuxjenza tagħhom u l-forma tal-professjoni tagħkom[430]. Ma għandhiex tikkmanda kif ġieb u laħaq, biex ma toffendix lis-sorijiet bin-nuqqas ta' prudenza fil-kmand, li hi okkażjoni ta' dnub.

Wara li l-badessa tkun ikkonfermata u sakemm iddum fl-uffiċċju tagħha, is-sorijiet kollha, kif ukoll il-familja kollha esterna tal-monasteru, huma obbligati li jobduha bil-ħerqa kollha.

[716] 37 Ta' l-inqas darba fil-ġimgħa l-badessa għandha tiġbor lis-sorijiet għall-kapitlu, biex twissihom, tagħtihom ordnijiet u tikkoreġihom. Hemm jistqarru bl-umiltà n-nuqqasijiet komuni, u li jidhru, li jkunu għamlu, u t-traskuraġni li jkunu ħatja tagħhom, u jingħataw bil-ħniena l-penitenzi. Hemm ukoll titkellem ma' ħutha dwar dak kollu li għandu jsir għall-ġid u għall-mixi 'l quddiem tal-monasteru. Għax spiss jiġri li l-Mulej, dak li hu l-aħjar jgħarrfu lill-iżgħar waħda[431].

[717] 38 Ma għandhiex tidħol fl-ebda dejn kbir jew tqil jekk mhux permezz tal-prokuratur, bil-kunsens komuni tas-sorijiet, kull meta l-ħtieġa li tidher titlob li jsir dan.

Għandha wkoll tagħti rendikont tad-dħul u tal-ħruq, ta' l-inqas darba kull tliet xhur, quddiem il-komunità, jew almenu quddiem erba' sorijiet li jkunu maħturin apposta għal dan mill-istess badessa.

[718] 39 Għandha taħtar lil dawk li huma responsabbli għall-uffiċċji tal-monasteru bil-parir u l-approvazzjoni tal-komunità, jew tal-maġġoranza tagħha[432].

Għandha mbagħad tara li jiġi mħares u merfugħ sewwa s-siġill tal-monasteru, skond l-ordni tal-komunità. U kull ittra li tintbagħat, minn naħa ta' l-istess komunità, għandha qabel xejn tinqara fil-kapitlu quddiem il-komunità u tkun approvata mill-maġġoranza tas-sorijiet, u mbagħad

---

[428] F'dan il-punt Urbanu IV jispira ruħu letteralment mir-RegCl 4, għalkemm jagħmel tqassim tiegħu proprju, u jdaħħal ukoll siltiet mill-kapitli 10 u 9 ta' l-istess Regola. Din il-parti tar-Regola ta' Urbanu IV hi l-aktar waħda li hi fidila għax-xewqat ta' Klara, kif jidhru fil-kitbiet tagħha u, permezz tagħha, għax-xewqat ta' S. Franġisk dwar il-ministeru jew qadi ta' l-aħwa.

[429] Fir-Regola ta' Urbanu IV insibu wkoll, bħal fil-każ tar-RegCl 4,12-13, xi kwalitajiet li f'2C 185 Franġisku jattribwixxi wkoll għall-persuna tal-ministru ġeneral tal-patrijiet Minuri.

[430] Is-silta hi meħuda minn RegCl 10, li titkellem dwar it-tmexxija u l-korrezzjoni tas-sorijiet; u żżomm ukoll il-frażi karatteristika ta' Klara "skond il-forma tal-professjoni tagħna". Franġisku jagħti l-istess uffiċċju lill-ministri provinċjali, jiġifieri li jżuru u jikkoreġu lill-aħwa.

[431] In-norma dwar il-kapitlu darba fil-ġimgħa wkoll hi meħuda mir-RegCl 4,15-18, u turi l-kapitlu tal-monasteru bħala mument importanti ta' laqgħa komunitarja, mhux biss għall-akkuża pubblika tal-ħtijiet, imma wkoll għall-programmazzjoni tal-ħajja komunitarja. Ir-Regola ta' Urbanu żammet il-frażi: "għax spiss jiġri li l-Mulej, dak li hu l-aħjar jgħarrfu lill-iżgħar waħda", meħuda mir-Regola ta' San Benedittu 3,3; fl-istess ħin titħalla barra n-nota li fil-kapitlu jingħataw il-ħidmiet diversi u t-tqassim tal-karità, kif hemm fir-RegCl 7,3-5.

[432] Din in-norma tidher b'mod differenti fir-RegCl 4,22: "Biex tiġi mħarsa l-għaqda tal-karità lejn xulxin u tal-paċi, dawk kollha li huma responsabbli ta' xi uffiċċji fil-monasteru għandhom jintagħżlu bil-kunsens tas-sorijiet kollha".

għandha tiġi issiġillata fil-preżenza tagħhom ilkoll[433]. U l-ebda soru ma għandha tibgħat jew tirċievi xi ittra, jekk qabel ma tkunx qratha l-badessa jew xi soru oħra inkarigata għal dan il-għan.

[719] 40 L-badessa għandha tara wkoll li tħabbeb flimkien lis-sorijiet, jekk xi darba jiġri li xi wħud minnhom għal raġuni jew okkażjoni tkun liema tkun inisslu taħwid bejniethom. Dik is-soru, imbagħad, li bil-kliem jew bis-sinjali tkun tat okkażjoni ta' taħwid jew skandlu lil xi oħra, għandha tmur bla telf ta' żmien, qabel ma *toffri* lill-Mulej *il-qima* tat-talb tagħha (cfr. Mt 5,23), tinxteħet bl-umiltà għarkobbtejha quddiem l-oħra, titlobha maħfra, u bis-sempliċità kollha titlobha tidħol għaliha quddiem il-Mulej biex jaħfrilha. L-oħra, imbagħad, tiftakar fil-Kelma tal-Mulej: *Jekk ma taħfrux lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, anqas Missierkom tas-sema ma jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom* (Mt 6,15), u taħfer b'qalb kbira lil oħtha l-offiżi kollha li tkun irċeviet minn għandha[434].

[720] 41 Inwissu lis-sorijiet kollha u nħeġġuhom fil-Mulej Ġesù Kristu, biex *iżommu ruħhom 'il bogħod minn kull kburija,* ftaħir fieragħ, *għira, xeħħa, ħsibijiet u mħabba żejda lejn il-ħwejjeġ ta' din id-dinja, tqassis u tgemgim, nuqqas ta' ftehim* u firda (cfr. Lq 12,15; Mk 7,22; Mt 13,22; Għerf 1,11; Gal 5,20-21), li bihom jistgħu *ma jogħġbux lill-għajnejn* (cfr. Eż 21,8) ta' l-Għarus veru. Għandhom ikunu *ħerqana li jżommu* (cfr. Ef 4,3) quddiem Alla bis-safa kollu minn barra u minn ġewwa, u li jkollhom dejjem bejniethom *l-għaqda* tal-karità lejn xulxin, *li hi l-qofol tal-perfezzjoni* (cfr. Kol 3,14; Ef 3,17), sabiex, filwaqt li jniżżlu għeruqhom fiha u jinbnew fuqha, ikunu jistgħu jidħlu flimkien mal-*verġni għaqlin għat-tieġ tal-Ħaruf* (Mt 25,1-2.10; Apk 19,9), il-Mulej tagħna Ġesù Kristu[435].

## Kapitlu XXIII
## DWAR LI L-EBDA SORU MA GĦANDHA TMUR FIL-KURJA RUMANA

[721] 42 Imbagħad, sabiex titneħħa l-okkażjoni ta' vjaġġi li jqumu l-flus, nikkmandaw bil-qawwa kollha, bil-virtù ta' l-ubbidjenza, taħt piena ta' skomunika li jidħlu fiha *ipso facto* dawk li jmorru kontra dan l-ordni u ma jobduhx, li (barra mis-sorijiet li jaqdu l-monasteri ta' dawk il-postijiet li fihom tkun marret toqgħod il-Kurja rumana, sakemm iddum toqgħod hemm) l-ebda badessa, soru jew soru li taqdi barra l-monasteru, għal ebda raġuni jew ħtieġa, ma għandha tmur jew tersaq personalment lejn is-Sede apostolika, jekk rigward dan ma tkunx kisbet permess speċjali permezz ta' ittri apostoliċi jew fakultà espliċita mill-imsemmi kardinal.

---

[433] Din in-norma hi proprja ta' Urbanu IV, u turi s-sens komunitarju li hu espress f'dan il-kapitlu. Rigward l-ittri personali tas-sorijiet, Klara wkoll tesprimi l-ħtieġa li jingħata l-permess, imma ma tagħmel l-ebda aċċenn għall-qari ta' l-ittri mill-badessa jew minn xi sorijiet oħrajn.

[434] Din is-silta dwar ir-rikonċiljazzjoni bejn is-sorijiet hu meħud kważi letteralment mir-RegCl 9,7-11. In-nota oriġinali ta' Urbanu hi dik li l-badessa għandha d-dmir li tirrikonċilja lis-sorijiet li ma jaqblux bejniethom.

[435] L-istedina doppja biex jevitaw il-vizzji li jbiegħdu minn Alla u mill-aħwa u biex jgħixu fis-safa quddiemu u fl-għaqda tal-karità, tittieħed ukoll letteralment minn RegCl 10,6-7, li hi ispirata mill-kliem ta' S. Franġisk.

## Kapitlu XXIV
## DWAR IL-VIŻITATUR U L-MOD KIF GĦANDU JŻUR IL-MONASTERI

[722] 43 Il-monasteri ta' din ir-Reliġjon għandhom ikollhom il-viżta almenu darba fis-sena minn viżitaturi li jkunu irċevew l-awtorità, il-forma u l-mod tal-viżta mill-kardinal li fil-kura tiegħu l-Ordni tagħkom ikun imħolli mis-Sede apostolika.

Rigward dawn il-viżti, wieħed irid jieħu ħsieb b'ħeġġa li kull min jiġi maħtur bħala viżitatur, jew ġenerali jew xi kultant speċjali għal kwalunkwe post, għandu jkun persuna li l-ħajja reliġjuża tiegħu u l-mod kif jgħix ikunu magħrufin b'mod sħiħ u b'ċertezza.

Dan, malli jasal f'xi monasteru, meta jkun daħal ġewwa, għandu juri u jġib ruħu b'tali mod li jqanqal lil kulħadd biex jikber dejjem fit-tajjeb u dejjem jitħeġġeġ bl-imħabba ta' Alla u *bl-imħabba waħda lejn l-oħra* (cfr. 1Pt 4,8).

U meta jkun daħal fil-klawsura tal-monasteru għall-viżta, għandu jieħu miegħu żewġ reliġjużi li jixirqilhom bħala sħabu. Dawn għandhom joqgħodu dejjem miegħu u, dment li jkunu fil-klawsura, ma għandhomx jinfirdu qatt wieħed mill-ieħor.

[723] 44 Il-viżitatur, wara li tkun inqrat ir-Regola u ġiet spjegata, għandu jirċievi s-siġill mill-badessa, u hi marbuta li tgħaddihulu u b'mod assolut u b'rieda ħielsa hi marbuta li titlob li tiġi maħlula u tieqaf fl-uffiċċju ta' badessa. Din, jekk ma tkunx tista' jew ma tkunx trid tgħix ħajja komuni, għandha mill-istess viżitatur tiġi maħlula mit-tmexxija tal-monasteru, ħlief fil-każ li, jekk tibqa' fl-uffiċċju tagħha, dan ma jkunx ta' dannu għall-monasteru, imma jidher assolutament meħtieġ u jidher li hu utli b'mod evidenti. Għandha wkoll tiġi maħlula mill-istess viżitatur kemm il-darba, għal raġunijiet oħrajn, tiġi meqjusa li ma jixirqilhiex jew mhijiex tajba għall-uffiċċju tat-tmexxija tal-monasteru; u dan irid isir mill-viżitatur skond il-forma u l-mod li jkun ikkmanda l-kardinal imsemmi.

[724] 45 Il-viżitatur għandu jfittex bir-reqqa kollha, mis-sorijiet kollha flimkien u minn kull waħda minnhom b'mod partikulari, il-verità dwar l-istat u l-osservanza tar-Reliġjon tagħhom kemm minn naħa ta' l-istess badessa kif ukoll mis-sorijiet. U fejn isib xi ħaġa li trid tiġi riformata jew korretta, bil-ħeġġa tal-karità u bl-imħabba tal-ġustizzja, għandu jikkoreġi u jirriforma bil-prudenza kemm ir-ras kif ukoll il-membri, kif ikun jidhirlu l-aħjar. Il-ħtija, imbagħad, li tkun diġà ġiet korretta b'mod xieraq mill-viżitatur, ma għandha bl-ebda mod tiġi korretta mill-ġdid.

Jekk imbagħad jiġi quddiemu xi każ li waħdu ma jkunx jista' jsib rimedju għalih, hu għandu jirriferih għas-superjur tiegħu, sabiex bil-parir u l-kmand tiegħu issir il-korrezzjoni meħtieġa.

L-badessa imbagħad għandha toqgħod attenta biex bl-ebda mod, la min-naħa tagħha u lanqas minn dik tas-sorijiet, ma tiġi moħbija mill-viżitatur il-qagħda tal-monasteru tagħhom, għaliex dan ikun sinjal ħażin u ħtija li jistħoqqilha kastig iebes. Mhux biss, imma rridu u nikkmandaw li s-sorijiet infushom għandhom jissuġġerixxu u jipproponu lill-viżitatur dawk il-ħwejjeġ li, skond il-forma tal-ħajja proprja u ta' l-osservanza regolari, ikunu jeħtieġu jiġu stabiliti jew emendati, kemm pubblikament kif ukoll b'mod privat, skond kif hu jidhirlu l-aħjar. Huma marbutin li jobduh bil-qawwa f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' l-uffiċċju tal-viżta tiegħu.

Dawk imbagħad li jkunu għamlu l-maqlub ta' dan li għidna, kemm l-badessa kif ukoll l-oħrajn, għandhom jiġu kastigati b'mod xieraq skond kif jidher lill-viżitatur.

U s-sorijiet kollha, kemm l-badessa kif ukoll is-sorijiet l-oħrajn, għandhom iqisu u jaraw bil-ħerqa li xejn aktar ma jqanqalhom biex jitkellmu ħlief l-imħabba ta' Alla u l-korrezzjoni tas-sorijiet u r-riforma tal-monasteru.

Il-viżitatur imbagħad għandu josserva l-mod kif jitkellem magħhom li urejna, b'tali mod li kemm jekk jitkellem ma' ħafna sorijiet flimkien, kif ukoll jekk jitkellem fis-sigriet ma' soru waħda, ikun hemm ta' l-inqas żewġ sorijiet li jkunu bilqiegħda mhux 'il bogħod minnu u li jkunu jistgħu jarawh, hekk li f'kollox tibqa' bla mittiefsa l-fama tajba tiegħu; ħlief meta l-viżitatur ikun irid jitkellem dwar dak li għandu x'jaqsam ma' l-uffiċċju tiegħu fil-parlatorju, ma' soru waħda jew aktar.

[725] 46 L-istess viżitatur imbagħad għandu jżur kemm lill-kappillan kif ukoll il-konversi u l-oħrajn li jkunu membri tal-familja esterna tal-monasteru, u fihom għandu jikkoreġi u jirriforma dak li jkun sab li għandu ħtieġa ta' korrezzjoni u riforma, filwaqt li japplika pieni li għandhom x'jaqsmu kemm mat-tkeċċija għal dejjem mill-monasteru kif ukoll mat-trasferiment tal-professi lejn monasteri jew Ordnijiet oħrajn, skond kif jidhirlu li jkun jaqbel, filwaqt li rigward pieni oħrajn, hu għandu japplikahom skond ma titlob il-gravità u l-kwalità tal-ħtija.

[726] 47 Sabiex imbagħad il-monasteri ma jkunux imtaqqlin bi spejjeż u l-viżitatur iżomm 'il bogħod minnu kull tebgħa u kull suspett, irridu b'mod qawwi li l-viżitatur jaqdi l-uffiċċju tal-viżta bl-akbar reqqa possibbli, skond dak li jara li l-aktar jeħtieġ, billi jidħol fil-klawsura tal-monasteru kemm jista' jkun rarament, mingħajr ma jonqos mill-uffiċċju tiegħu[436].

## Kapitlu XXV
## DWAR IL-KARDINAL PROTETTUR

[727] 48 Sabiex imbagħad, minħabba n-nuqqas ta' tmexxija żgura, ma jiġrix li s-sorijiet joħorġu 'l barra mill-osservanza ta' din ir-Regola jew Forma ta' ħajja li ktibna (li aħna rridu u nikkmandaw li tkun osservata bl-istess mod u kullimkien u bl-akbar reqqa), jew li jiġru wara tagħlim ta' persuni diversi, rigward il-modi differenti kif jgħixu, aħna ħsibna li nafdaw b'mod sħiħ il-ħarsien u l-gvern tal-monasteri ta' l-Ordni tagħkom, kif ukoll tal-persuni li jgħixu fihom, jiġifieri tal-kappillani, tal-konversi u tal-familjari, lill-iben maħbub tagħna Giovanni, kardinal djaknu ta' San Nicola in Carcere Tulliano, li hu l-gvernatur, il-protettur u l-korrettur ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri[437], filwaqt li niddikjaraw li minn issa 'l quddiem intom taqgħu taħt l-ubbidjenza, il-kura u l-gvern tiegħu u tal-kardinali l-oħrajn li fil-ġejjieni jkunu maħturin mis-Sede apostolika għat-tmexxija, għall-ħarsien u għall-korrezzjoni ta' l-Ordni ta' l-istess patrijiet. Intom miżmumin li tobdu bil-qawwa lil dawn il-kardinali.

---

[436] Dan il-kapitlu twil dwar il-viżitatur, li bih ir-Regola ta' Urbanu IV terġa' lura għan-normattiva ta' qabel dwar il-klawsura, ftit insibu elementi jixbħuh fir-RegCl, li titkellem biss fi ftit vrus dwar is-servizz tal-viżitatur lejn il-fedeltà għall-ispirtu Franġiskan. Għal Klara "l-viżitatur għandu jkun reliġjuż ta' l-Ordni tal-patrijiet Minuri ... ikun bniedem magħruf tajjeb għall-ħajja qaddisa tiegħu. Id-dmir tiegħu jkun li jikkoreġi, kemm fir-ras u kemm fil-membri, in-nuqqasijiet li jsiru kontra l-forma tal-professjoni tagħna. Hu joqgħod f'post pubbliku, fejn jarah kulħadd, u jista' jitkellem ma' xi wħud mis-sorijiet flimkien, jew magħhom waħda waħda, kif jidhirlu li jaqbel l-aħjar, dwar il-ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu ma' l-uffiċċju tiegħu ta' viżitatur" (RegCl 12,1-4).

[437] Dan kien il-kardinal Giovanni Gaetano Orsini, protettur ta' l-Ordni ta' Santa Klara mill-1263 sa l-1279, u li mbagħad sar Papa Niccolò III (1277-1280).

Dawn il-kardinali, billi jkollhom il-kura kollha ħerqana ta' l-erwieħ tagħkom, kull darba li huma jaraw li jaqbel, għandhom jaraw kif jaqdu l-uffiċċju tal-viżta lill-istess monasteri u persuni li jgħixu fihom, lill-kappillani, lill-konversi u lill-membri tal-familja tal-monasteri, kemm huma nfushom direttament kif ukoll permezz ta' irġiel oħrajn xierqa, billi jikkoreġu u jirriformaw fil-monasteri, kemm fir-ras kif ukoll fil-membri, dak li jaraw li jkun jeħtieġ li jiġi korrett jew riformat. Għandhom ukoll jaħtru jew ineħħu mill-ħatra, jordnaw, jistabilixxu jew jiddisponu skond kif huma jaraw li jaqbel l-aħjar skond Alla[438].

## Kapitlu XXVI
## META TRID TINQARA DIN IR-REGOLA

[728] 49 Sabiex imbagħad tkunu tistgħu tħarsu bħal f'mera f'din ir-Regola jew Forma, u biex ma tinsewx u ma tittraskuraw xejn minnha, hi għandha tiġi moqrija kull ħmistax il-ġurnata. U jekk issibu li qegħdin tħarsu dak li hemm miktub fiha, *roddu ħajr ta' dan* (cfr. 1Tes 5,18) lil Alla, li minnu jiġi kull ġid. Imma jekk xi ħadd jintebaħ li qiegħed jonqos f'xi ħaġa, għandha tisgħob biha mill-imgħoddi tiegħu u toqgħod attenta għall-ġejjieni, u għandha titlob *li jinħafrulha dnubietha* u biex *ma tiddaħħalx* aktar *fit-tiġrib* (cfr. Mt 6,12-13).

[729] 50 Ħadd, għalhekk, ma jista' jġib fix-xejn din il-kitba tagħna ta' twettieq, jew bi ħsieb ħażin imur kontriha. Jekk xi ħadd ikollu l-ħila jipprova jagħmel dan, ħa jkun jaf li jaqa' taħt il-qilla ta' Alla li jista' kollox, u tal-qaddisin Appostli tiegħu Pietru u Pawlu.

Mogħti f'Orvieto, nhar it-18 ta' Ottubru, fit-tielet sena tal-Pontifikat tagħna.

---

[438] Hawnhekk jikber ir-rwol ġuridiku tal-kardinal protettur, imma ma tingħatax l-motivazzjoni tejoloġika tal-missjoni tiegħu, kif tgħid Klara fir-RegCl 12,12-13: "biex hekk, dejjem sudditi u taħt ir-riġlejn ta' l-istess Knisja mqaddsa, u sħaħ fil-fidi kattolika, inħarsu għal dejjem il-faqar u l-umiltà tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, u ta' l-Omm l-aktar qaddisa tiegħu, u l-Evanġelju mqaddes, kif aħna bil-qawwa kollha wegħedna" (RegCl 12,12-13).

## *ŻJIEDA*
## «TALBA TAL-ĦAMES PJAGI»
## LI KIENET TITLOB SANTA KLARA[439]

[730] 1 Talb u tifħir lill-Id il-Leminija:
O Mulej Ġesù Kristu, tifħir u glorja lilek għall-ġerħa l-aktar qaddisa ta' Idek il-Leminija. Għaliex permezz ta' din il-ġerħa qaddisa inti tagħtini l-maħfra tad-dnubiet kollha li jiena għamilt bil-ħsieb, bil-kliem, bil-għemil u billi ħallejt dmirijieti. Agħtini l-grazzja li nqim il-mewt l-aktar prezzjuża tiegħek u dawn il-ġerħat tiegħek b'mod xieraq; u agħtini li, bil-għajnuna tiegħek, jiena ngħakkes lil ġismi u nkun nista' nroddlok ħajr għal dan id-don kbir tiegħek, Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen.
Talba: Missierna, Sliema.

[731] 2 Talb u tifħir lill-Id ix-Xellugija:
O Mulej l-aktar ħelu Ġesù Kristu, tifħir u glorja lilek għall-ġerħa l-aktar qaddisa ta' Idek ix-Xellugija. Għaliex permezz ta' din il-ġerħa qaddisa inti jkollok ħniena minni u tbiddel fija dak kollu li ma jogħġbokx. Agħtini r-rebħa fuq l-għedewwa l-aktar kiefra tiegħek, sabiex jiena nkun nista' nirbaħhom bil-qawwa tiegħek. Nitolbok bl-umiltà, għall-mewt l-aktar qaddisa tiegħek, li inti teħlisni mill-perikli kollha preżenti u futuri ta' ħajti. Agħmel li jkun jistħoqqli l-glorja tas-saltna tiegħek. Amen.
Talba: Missierna, Sliema.

[732] 3 Talb u tifħir lir-Riġel tal-Lemin:
O Mulej Ġesù Kristu, ħelu daqs il-għasel, tifħir u glorja lilek għall-ġerħa l-aktar qaddisa tar-Riġel tal-Lemin tiegħek. Għaliex permezz ta' din il-ġerħa qaddisa inti tħallini nagħmel penitenza xierqa għal dnubieti. Nitolbok bl-umiltà, għall-mewt l-aktar qaddisa tiegħek, li lejl u nhar inti żżomm lili, qaddejja tiegħek, ħaġa waħda mar-rieda tiegħek, u teħlisni minn kull tfixkil tar-ruħ u tal-ġisem, u li, fil-jum tal-biża', inti tilqa' lil ruħi fil-fidi u l-ħniena tiegħek, u twassalni għall-ferħ ta' dejjem. Amen.
Talba: Missierna, Sliema.

[733] 4 Talb u tifħir lir-Riġel tax-Xellug:
O Mulej l-aktar qaddis Ġesù Kristu, tifħir u glorja lilek għall-ġerħa l-aktar qaddisa tar-Riġel tax-Xellug tiegħek. Għaliex permezz ta' din il-ġerħa qaddisa inti tħallini nintelaq fil-milja tal-ħlewwa tiegħek, sabiex, bl-għajnuna tiegħek, jiena nkun jistħoqqli li naħrab mill-ġudizzju tal-vendetta tiegħek. Għaliex permezz tal-mewt l-aktar qaddisa tiegħek, nitolbok bil-ħniena, Ġesù Kristu l-aktar ħelu, li, għas-salvazzjoni ta' dejjem, jiena nkun jistħoqqli li nirċievi qabel jum mewti s-Sagrament tal-Ġisem u d-Demm l-aktar ħelu tiegħek, bi qrara sinċiera ta' dnubieti u penitenza perfetta, b'moħħ u ġisem safi, u bid-dilka taż-żejt imqaddes. Amen.

---

[439] Zefferino Lazzeri sab verżjoni Latina ta' din it-Talba f'manuskritt tal-Bibljoteka ta' Volterra, li fih il-*Vita mirabile della Serafica Madre Santa Chiara,* miktub minn Mariano da Firenze. L-ebda Fonti qatt ma tixhed li kienet Santa Klara li ikkomponiet din it-Talba. X'aktarx hi kienet tagħmel użu minn xi formola ta' l-istess Talba li kienet teżisti, imma li ċertament kienet iqsar minn din il-verżjoni li joffri l-istudjuż Franġiskan li skopra l-manuskritt. Cfr. Z. LAZZERI, "L'orazione delle cinque piaghe recitata da Santa Chiara", *Archivum Franciscanum Historicum* 16 (1923) 246-249.

Talba: Missierna, Sliema.

[734] 5 Talb u tifħir lill-Ġerħa tal-Kustat:

O Mulej Ġesù Kristu, mimli tjieba, tifħir u glorja lilek għall-ġerħa l-aktar qaddisa tal-Kustat tiegħek. Għaliex permezz ta' din il-ġerħa qaddisa u tal-ġenerożità l-aktar qaddisa tal-ħniena tiegħek, li inti urejt lis-suldat Lonġinu, meta hu fetaħlek il-kustat, u li issa qiegħed turi lilna, nitolbok bil-ħniena, Ġesù l-aktar ħelu, li naddaftni fil-Magħmudija mid-dnub oriġinali, biex issa teħlisni minn kull ħażen, preżenti u futur, bid-Demm l-aktar qaddis tiegħek li jiġi sagrifikat u ikkunsmat kuljum fid-dinja kollha, u bil-mewt l-aktar morra tiegħek, agħtini fidi retta, tama ċerta, u mħabba perfetta. Imlini bis-saħħa li nagħmel għemejjel tajba sabiex jiena inħobbok b'qalbi kollha, b'ruħi kollha u bil-qawwa tiegħi kollha, u agħtini perseveranza qawwija fis-servizz qaddis tiegħek sabiex jiena jkolli s-saħħa biex nogħġbok b'mod perfett għal dejjem. Amen.

Missierna, Sliema.

V/. O ħames pjagi ta' Alla,

R/. Kunu d-duwa tiegħi.

V/. Bil-ħames pjagi tiegħek,

R/. Eħlisni, Kristu, mill-waqgħat tiegħi.

V/. Agħtini l-paċi, O Kristu,

R/. Bil-ħames pjagi tiegħek.

Nitolbu:

O Alla ta' dejjem li tista' kollox, Inti fdejt lill-bnedmin kollha bil-ħames pjagi ta' Ibnek, il-Mulej tagħna Ġesù Kristu, agħmel li dawk li jqimu dawn il-ġerħat kuljum jeħilsu mill-mewt ta' ħesrem u ta' dejjem, bil-qawwa tad-demm qaddis tiegħu. Bl-istess Kristu Sidna.

III TAQSIMA

# IL-FONTI TA’ SAN FRANĠISK DWAR KLARA U S-SORIJIET FOQRA

## «FORMA VIVENDI SANCTAE CLARAE DATA»
## (FORMA TA' ĦAJJA MOGĦTIJA LIL SANTA KLARA)
## (1212)

[735] Għaliex intom, imnebbħin minn Alla, għamiltu lilkom infuskom ulied u qaddejja tas-Sultan l-aktar għoli, il-Missier tas-sema, u tgħarrastu ma' l-Ispirtu s-Santu billi għażiltu li tgħixu skond ma titlob il-perfezzjoni ta' l-Evanġelju mqaddes[440]: jiena rrid u nwiegħed li jien, flimkien ma' l-aħwa tiegħi, nibqa' dejjem nieħu ħsiebkom kif imiss, u li nuri lejkom, bħalma nuri lejhom stess, ħerqa speċjali.

## JACQUES DE VITRY
## ITTRA MIKTUBA MINN GENOVA
## (1216)

[736] F'dawk l-inħawi, iżda, sibt ukoll ħaġa li kienet ta' faraġ kbir għalija: xi persuni, irġiel u nisa, għonja u lajċi, li, wara li kienu jinżgħu minn kull proprjetà minħabba Kristu, kienu jħallu d-dinja. Jissejħu *patrijiet minuri* u *sorijiet minuri*[441] u huma miżmumin f'ġieħ kbir mill-Papa u l-kardinali. Dawn ma jiddefsux bl-ebda mod fi ħwejjeġ ta' din id-dinja, imma, b'xewqa mħeġġa u impenn qawwi, jitħabtu ta' kuljum biex jaħftu mill-frugħat tad-dinja l-erwieħ li jkunu se jegħerqu spiritwalment u jiġbduhom lejhom biex jingħaqdu magħhom. U, bil-grazzja divina, huma diġà għamlu frott kbir u kisbu bosta għal magħhom, hekk li min jismagħhom jistieden oħrajn biex jiġu u jgħidilhom: ejja u tara b'għajnejk.

Dawn jgħixu skond il-forma ta' ħajja tal-Knisja tal-bidu, li dwarha hemm miktub: *Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ruħ waħda u qalb waħda* (cfr. Atti 4,32). Matul il-jum huma jidħlu fil-bliet u l-irħula, u jaħdmu biex jirbħu nies oħrajn għall-Mulej. Matul il-lejl imorru lura fl-eremitaġġi tagħhom jew f'xi post ieħor imwarrab biex jingħataw għall-kontemplazzjoni[442].

---

[440] Santa Klara nnifisha tagħtina dan il-biljett ċkejken li hu meqjus bħala l-*Forma Vitae* oriġinali li San Franġisk ta lilha u lis-Sorijiet Foqra fl-1212. Hi tinkludiha fir-RegCl 6,3-4, bi kliem ta' introduzzjoni li juru l-qawwa tar-rieda tagħha u ta' l-ewwel Sorijiet biex jibqgħu fidili lejn il-Forma ta' ħajja evanġelika li wegħedu: "Il-missier qaddis imbagħad, x'ħin ra li aħna ma konna nibżgħu la mill-faqar, la mix-xogħol iebes, la mit-tbatija u la mill-umiljazzjoni jew tmaqdir tad-dinja, anzi li f'dan kollu konna nsibu hena kbir, imqanqal minn imħabba kbira ta' missier għalina, kitbilna għamla ta' ħajja b'dawn il-kelmiet". Għal ħajjitha kollha Klara kellha tinsisti li din il-*Forma Vitae* kellha tkun il-bażi ta' kull leġislazzjoni mogħtija mill-Knisja lis-Sorijiet Foqra. Dan l-impenn tagħha, li swielha ħafna tbatija, ġie ippremjat fi tmiem ħajjitha, meta l-Knisja approvat uffiċjalment ir-Regola tagħha, mibnija unikament fuq din il-*Forma Vitae*.

[441] Jacques de Vitry jitkellem minn *fratres minores* u *sorores minores*. Dan jidher li hu l-ewwel riferiment storiku għall-eżistenza tal-Patrijiet Minuri u l-*Povere Dame* ta' San Damiano, li ġej minn pinna ta' kittieb li ma kienx membru ta' l-Ordni ta' San Franġisk. Għal informazzjoni dettaljata dwar Jacques de Vitry u l-kitbiet tiegħu dwar l-Ordni Franġiskan, cfr. FSF 1681-1696.

[442] Hawn għandna l-ewwel deskrizzjoni ta' l-insedjamenti Franġiskani tal-bidu, li kienu jkunu maqtugħin mill-ibliet, imma mhux tant bogħod, biex hekk l-aħwa setgħu jmorru jippriedkaw qalb in-nies matul il-jum.

In-nisa, imbagħad, jgħixu flimkien f'xi ospizi mhux bogħod mill-ibliet, u ma jaċċettaw l-ebda proprjetà, imma jgħixu bil-ħidma ta' idejhom. Jitnikktu u jitħawwdu ħafna meta jaraw kif il-kjeriċi u l-lajċi iżommuhom fil-ġieħ aktar milli jkunu jridu huma[443].

L-irġiel ta' din ir-reliġjon jiltaqgħu darba fis-sena fil-post miftiehem, biex jifirħu fil-Mulej u jieklu flimkien, u minn dawn il-laqgħat jiksbu ġid kbir. Dawn jitolbu l-pariri ta' nies esperti, biex hekk jifformulaw u joħorġu liġijiet qaddisa, li mbagħad jippreżentawhom lill-Papa għall-approvazzjoni[444]. Wara dan, huma jinfirdu u matul is-sena jmorru fil-Lombardia, fit-Toscana, fil-Puglie u fi Sqallija.

## «CANTICUM FRATRIS SOLIS»
## (GĦANJA TAL-ĦLEJJAQ)
## (1225)

[737] Twajjeb, Mulej, Int l-ogħla, tista' kollox[445].
Għalik il-barka, s-sebħ, tifħir u ġieħ;
jixirqu lilek biss, u l-ebda bniedem
ma jlissen b'ħila l-ġmiel t'ismek sabiħ.

Ħallihom ifaħħruk il-ħlejjaq kollha,
u l-aktar id-dawl sfiq ta' oħtna x-xemx
li twelled il-jum ġdid, u bl-isfa dija
turi, Mulej, li ogħla minnek m'hemmx.

Mulejja, tkun imfaħħar f'ħuna l-qamar,
fil-kwiekeb sbieħ ġo sema kbir, leqqien;
u f'ħuna r-riħ, fis-sħab, f'taqlib, fi bnazzi
li bihom tgħajjex, b'seħer, il-ħolqien.

Mulejja, ħa tkun imfaħħar f'ħuna l-ilma,
irżin u safi wisq, meħtieġ qatigħ;
u f'ħuna n-nar li jagħti d-dawl fl-iljieli,
sbejjaħ, kollu ħajja, qawwi, sħiħ.

U f'oħtna l-art, Mulej, ħa tkun imfaħħar;
aħna nqisuha lkoll b'ommna ħanina

---

[443] Dan hu r-riferiment għall-*Povere Dame* ta' San Damiano (Klarissi), li skond Vitry jgħixu f'*hospitia*, jiġifieri kunventini ċkejknin, kif kien proprju l-kunventin ta' San Damiano, għalkemm ta' spiss jissejjaħ monasteru minħabba li Klara u s-sorijiet kienu jgħixu fil-klawsura.

[444] Jacques de Vitry jirreferi għall-Kapitli Ġenerali tal-Patrijiet Minuri, li kienu jsiru fil-Porziuncola fis-solennità ta' Għid il-Ħamsin.

[445] Din hi l-verżjoni ta' l-Għanja tal-Ħlejjaq f'forma poetika, kompożizzjoni tal-poeta Franġiskan Patri Marjanu Vella OFM. Minn diversi Fonti għall-Ħajja ta' San Franġisk nafu ċ-ċirkustanzi tal-kompożizzjoni tal-CantSol, li l-ewwel parti tiegħu (it-tifħir lill-ħlejjaq) saret meta Franġisku kien marid u kien jinsab fil-monasteru ta' San Damiano taħt il-kura materna ta' Klara u s-Sorijiet Foqra, fir-rebbiegħa ta' l-1225. Cfr. 1C 80-81 (FSF 271-272); 1C 109 (FSF 300); CA 83-84 (FSF 685-686); SP 100-101 (FSF 1547-1548); SP 120 (FSF 1567).

la hi minn ħdanha trodd, biex aħna ngħixu,
ħxejjex, ilwien ta' ward u l-frotta bnina.

Mulej, ħa tkun imfaħħar f'dawk li jaħfru
u f'dawk li jġarrbu l-mard u kull tbatija
bla jgemgmu xejn, u dejjem għal imħabbtek;
tagħtihom int kuruna ta' tgawdija.

Ħa tkun imfaħħar f'oħtna l-mewt tal-ġisem
li jaħrab minnha qatt ma jista' l-bniedem.
Ħażin għal dak li jmut fid-dnub il-mejjet,
imbierek min imut fis-sliem u niedem.

Imbierek min il-mewt issibu jagħmel
ir-rieda mqaddsa tiegħek bl-akbar ħrara,
għax jiġi ġo saltnatek; il-mewt l-oħra
titwarrab minnu bla tagħmillu ħsara.

Ejjew infaħħru lill-Mulej u Sidna
u niżżuh ħajr, għal dejjem inberkuh;
bla xejn kburija f'qalbna, b'qima kbira
ninxteħtu lkoll f'riġlejh sabiex naqduh.

## KANTIKU TA' EŻORTAZZJONI «AUDITE POVERELLE»
## (1225)

[738] Isimgħuni, xbejbiet fqajrin imsejħin mill-Mulej[446],
li minn bosta nħawi u provinċji flimkien inġbartu:
għixu dejjem fil-verità
sabiex hekk tmutu fl-ubbidjenza.

La tħarsux lejn il-ħajja ta' hemm barra,
għaliex dik ta' l-ispirtu hi aħjar minnha.
Jiena nitlobkom b'imħabba kbira
biex troddu ħajr għall-karità li jagħtikom il-Mulej.

---

[446] Fil-*Compilatio Assisiensis* 85 (FSF 687), insibu ċ-ċirkustanza li fih San Franġisk sawwar dan il-Kantiku ta' Eżortazzjoni lil Klara u lis-Sorijiet Foqra. "Fl-istess jum u fl-istess post (f'San Damiano), wara li l-imqaddes Franġisku sawwar it-Tifħir tal-Mulej għall-ħlejjaq tiegħu, kiteb ukoll xi kelmiet qaddisa bil-kant għall-faraġ tal-*Povere Dame* tal-monasteru ta' San Damiano, l-aktar għal dawk fosthom li kienu imġarrbin ħafna fil-mard tagħhom" (cfr. SP 90). Il-CantAudPov baqa' mitluf sa l-1941, meta ġie ippubblikat flimkien mar-Regola u l-Kostituzzjonijiet tas-Sorijiet ta' l-Ordni ta' Santa Klara. Kien fl-1976, iżda, li Giovanni Boccali studja manuskritt tas-seklu 14 fil-monasteru tal-Klarissi ta' San Fidenzio di Novaglie, misjub minn Sr. Chiara Augusta Lainati. Dan il-manuskritt jipprova l-eżistenza ta' dan il-Kantiku. Meta Boccali ippubblika l-istudju tiegħu kienet għadha kemm ġiet ippubblikata l-edizzjoni kritika tal-Kitbiet ta' San Franġisk ta' Kajetan Esser. Illum il-ġurnata l-CantAudPov jiġi inkluż flimkien mal-lista tal-kitbiet awtentiċi ta' San Franġisk, kif ġiet iffissata minn dan l-istudjuż Franġiskan fl-1976.

Dawk fostkom li huma mtaqqlin bil-mard
u l-oħrajn li jitħabtu biex jieħdu ħsiebhom,
ilkoll kemm intom ilqgħu kollox bis-sliem.

Għax għad tbiegħu bil-għali dan it-taħbit,
hekk li kull waħda minnkom għad tkun sultana
u fis-sema tkun inkurunata mal-Verġni Marija.

## «ULTIMA VOLUNTAS SANCTAE CLARAE SCRIPTA»
## (L-AĦĦAR RIEDA MIKTUBA LIL SANTA KLARA)
## (1226)

[739] Jiena, ħukom iċ-ċkejken Franġisku, irrid nimxi fuq il-ħajja u l-faqar ta' l-Aktar Għoli l-Mulej tagħna Ġesù Kristu, u ta' l-Omm l-aktar qaddisa tiegħu, u nibqa' miexi fiha sa l-aħħar[447]. U nitlob lilkom, sinjuri xbejbiet tiegħi, u nagħtikom ukoll dan il-parir: li tibqgħu tgħixu f'din il-ħajja l-aktar qaddisa u fil-faqar. U għassu sewwa fuqkom infuskom li, minħabba t-tagħlim u l-pariri ta' xi ħadd, kien min kien, ma jiftlilkomx titbiegħdu minn dan l-idejal.

## TOMMASO DA CELANO
## «VITA SANCTI FRANCISCI» 18-20
## (1228-1229)

Kapitlu VIII
Dwar kif sewwa l-knisja ta' San Damiano u dwar il-ħajja tas-Sorijiet Foqra li marru jgħixu hemmhekk.

[740] 18 L-ewwel ħidma li Franġisku medd idejh għaliha, wara li ħeles mill-madmad tal-missier ta' din l-art, kienet dik li jerġa' jibni dar lil Alla. Hu ma ippruvax jibni mill-ġdid, imma sewwa dak li kien qadim u li kien qed jiġġarraf. Ma qalax il-pedamenti, imma bena fuqhom, u hekk mingħajr ma kien jaf, qiegħed lil Kristu bħala l-qofol ta' kollox: *Pedament ieħor ħadd ma jista' jqiegħed, ħlief dak li diġà hu mqiegħed, Kristu Ġesù* (1Kor 3,11). Reġa' lura f'dak il-post fejn, kif diġà għidna, kienet inbniet fil-qedem il-knisja ta' San Damiano, u bil-grazzja ta' l-Aktar Għoli, fi żmien qasir, sewwieha b'kura kbira. Dan hu l-post hieni u qaddis li fih, bil-ħidma ta' dak ir-raġel

---

[447] Santa Klara nnifisha tagħtina ħjiel dwar l-UltVol li San Franġisk bagħat lilha u lis-Sorijiet Foqra, billi daħħlitha fir-RegCl 6,7-9. Jidher li dan il-biljett jisħaq dwar l-istat ta' marda gravi li kien fiha Franġisku, kif ukoll Klara, hekk li ma setgħux jaraw lil xulxin fiżikament. Il-preokkupazzjoni tal-qaddis hi dik li s-Sorijiet Foqra jibqgħu fidili lejn *Madonna Povertà,* kif huma wegħedu fil-*Forma Vitae* oriġinali tagħhom.

qaddis, ingħata bidu għar-reliġjon u l-Ordni mill-aktar eċċelleni tal-*Povere Dame*[448] u tal-verġni qaddisin, wara li għaddew sitt snin mill-konverżjoni ta' l-imqaddes Franġisku. Kienet it-tfajla nobbli Klara, li wkoll twieldet f'Assisi, li kienet qisha ġawhra mill-aktar prezzjuża u sabiħa, li kellha tkun il-ġebla li fuqha kellhom jinbnew il-ġebel l-oħrajn kollha ta' dan l-Ordni. Għax wara li l-Ordni ta' l-aħwa kien diġà kiber, kienet hi li, mirbuħa minn Alla u mit-twissijiet li bihom Franġisku kien jagħmlilha l-qalb, li wasslet lil ħafna erwieħ biex jimxu 'l quddiem fil-ħajja spiritwali. Kienet nobbli mit-twelid, aktar nobbli fil-grazzja; kienet verġni f'ġisimha, mill-aktar safja fir-ruħ; kienet żagħżugħa fiż-żmien, imma matura fil-għerf; kienet kostanti fil-wegħdiet tagħha, imma taqbad bil-ħeġġa ta'l-imħabba divina; kienet mimlija għerf imma tiddi fl-umiltà; Klara kien jisimha, il-ħajja tagħha tiddi aktar, u tlellex fil-virtujiet[449]. [L3C 21.24; 2C 11.13; LM II,7. IV,6]

[741] 19 Fuq din il-ġawhra mill-aktar prezzjuża u nobbli tela' bini ta' perli prezzjużi, li *t-tifħir tiegħu ma jagħmluhx il-bnedmin, imma Alla* (cfr. Rum 2,29), għaliex mhux biżżejjed il-ħsieb fqajjar u l-lingwaġġ tal-bnedmin biex wieħed jifimha jew jispjegaha. Fosthom tiddi qabel kollox il-virtù ta' imħabba kontinwa lejn xulxin, li tant tgħaqqad b'mod li ma jinħallx ir-rieda tagħhom li, saħansitra fejn jgħixu flimkien erbgħin jew ħamsin waħda minnhom, qishom għandhom l-istess qawwa f'dak li jridu jew ma jridux[450], hekk li tant persuni diversi qishom ruħ waħda. It-tieni, f'kull waħda minnhom tiddi l-ġawhra ta' l-umiltà, li tgħożż id-doni u l-benefiċċji tas-sema, u tagħmel li jkun jixirqilhom id-don tal-virtujiet l-oħrajn kollha. It-tielet, il-ġilju tal-verġinità u tal-kastità ixerred fosthom ilkoll il-fwieħa ħelwa tiegħu, hekk li waqt li jinsew il-ħsibijiet tal-ħwejjeġ ta' din l-art, jixtiequ jimmeditaw biss il-ħwejjeġ tas-sema. Din il-fwieħa tqajjem fil-qlub tagħhom imħabba hekk kbira lejn l-Għarus etern, li s-sħuħija ta' mħabbithom twarrab 'il barra kull rabta mal-ħajja ta' l-imgħoddi. Fir-raba' post naraw li huma tant imżejnin bit-titlu ta' l-ogħla faqar, li bil-ħniena jagħtu kas li jissoddisfaw il-ħtiġijiet l-aktar urġenti ta'l-ikel u ta' l-ilbies.

Fil-ħames post naraw kif akkwistaw il-grazzja waħdanija taċ-ċaħda u tas-skiet, tant li ma jagħmlu l-ebda sforz biex jaħkmu s-sensi u jrażżnu l-ilsien. Xi wħud minnhom tant ma humiex imdorrijin jitkellmu li, meta jkunu mġiegħlin minħabba l-ħtieġa, kważi jinsew il-mod korrett kif għandhom ilissnu l-kliem. Fis-sitt post, imbagħad, dawn il-virtujiet tant huma mżejnin b'sabar ta' l-għaġeb, li l-ebda tiġrib jew djieqa ma jistgħu ibiddlulhom jew ikissrulhom ruħhom. Fis-seba' post, fl-aħħarnett, tant stħaqqilhom li jogħlew fil-quċċata tal-kontemplazzjoni, li fiha huma jitgħallmu dak li għandhom jagħmlu jew jevitaw, u jiggustaw il-hena li jibqgħu f'intimità ma' Alla, filwaqt li lejl u nhar jissoktaw fit-tifħir u fit-talb. Jalla Alla l-etern jogħoġbu jagħti l-kuruna tal-grazzja tiegħu lil bidu daqshekk qaddis u jwasslu fi tmiem ħafna aktar qaddis. U issa daqshekk aktar kliem dwar il-verġni ikkonsagrati lil Alla u l-qaddejja mill-aktar devoti ta' Kristu. Il-ħajja

---

448 L-isem *Povere Dame* hu traduzzjoni ta' l-isem latin *Ordo Pauperum Dominarum Sancti Damiani*. Dan kien l-ewwel isem tal-Klarissi, li bil-Malti nistgħu nittraduċuh, Ordni tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano. L-indikazzjoni kronoloġika li jagħti Celano, dik ta' sitt snin wara l-konverżjoni ta' Franġisku, hi eżatta. Kien fil-lejl ta' bejn Ħadd il-Palm u t-Tnejn tal-Gimgħa l-Kbira (28-29 ta' Marzu 1211, jew 18-19 ta' Marzu 1212) li t-tfajla nobbli Chiara di Favarone ħarbet mill-palazz tal-familja fi Piazza San Rufino u niżlet fil-Porziuncola, fejn irċeviet il-libsa tal-penitenza minn idejn San Franġisk. Wara perjodu qasir għand is-Sorijiet Benedittini ta' San Paolo qrib Bastia, u ta' Sant'Angelo di Panzo, fil-Monte Subasio, Franġisku ħa lil Chiara, u lil oħtha Agnese, li kienet ingħaqdet magħha, f'San Damiano, fejn Chiara damet fil-klawsura sa jum mewtha, nhar il-11 ta' Awissu 1253.

449 Hu kważi impossibbli li t-traduzzjoni trendi s-sbuħija tal-logħob tal-kliem bil-latin fuq l-isem *Clara*, Klara, li jfisser "imdawwla": *Clara nomine, vita clarior, clarissima moribus*.

450 Celano qiegħed jikkwota lil Sallustius, *Bellum Catilin.*, 20,4, li jiddeskrivi l-ħbiberija bl-espressjoni latina: *idem velle atque idem nolle*, u japplika dan il-kliem lill-komunità ta' San Damiano.

ta' l-għaġeb tagħhom u r-Regola ta' min ifaħħarha li huma rċevew mingħand il-Papa Girgor, meta kien għadu isqof ta' Ostia, jitolbu studju partikulari u opra iddedikata biss lilhom[451].

# TOMMASO DA CELANO
# «VITA SANCTI FRANCISCI» 116-117
## (1228-1229)

Kapitlu X
Dwar il-biki tal-*Povere Dame* ta' San Damiano u dwar kif ġie midfun bit-tifħir u l-glorja.

[742] 116 Il-patrijiet ħutu u uliedu, li kienu ġew bi ħġarhom flimkien *ma' kotra kbira ta' nies* (cfr. Eżek 27,33), li kienu ġew mill-irħula tal-qrib biex jieħdu sehem bil-ferħ fil-funeral solenni, għaddew dak il-lejl kollu li fih miet il-missier imqaddes, fit-tifħir divin u fit-talb, hekk li tant kien ħlejju l-kant tagħhom u tant kienu jiddu d-dwal li xegħelu, li kienet donnha qiegħda ssir vġili ta' l-anġli. *L-għada filgħodu kmieni inġabret kotra bla għadd* (cfr. Ġw 21,4; Atti 2,6) mill-belt ta' Assisi flimkien mal-kleru kollu, u ġarrew lil ġismu mill-post li fih kien miet, bl-innijiet u t-tifħir, *bid-daqq tat-trombi* (cfr. Ġoż 6,20) u tellgħuh bil-ġieħ kollu fil-belt. Kulħadd kien ħa miegħu *friegħi taż-żebbuġ* u friegħi ta' *siġar* oħrajn (cfr. Ġw 12,13; Mt 21,8), u bdew mexjin għaċ-ċelebrazzjoni solenni tal-funeral b'ħafna xemgħa u ifaħħru lil Alla b'leħen għoli. Il-patrijiet uliedu ġarrew lil missierhom, il-merħla imxiet wara r-ragħaj, li kien mexa qabilhom biex wasal għand *ir-Ragħaj ta' kulħadd* (Eżek 37,24). Hekk waslu fil-post li fih hu kien ħawwel għall-ewwel darba r-reliġjon u l-Ordni tal-verġni qaddisin u tal-*Povere Dame*, u daħħlu l-ġisem tiegħu u qiegħduh fil-knisja ta' San Damiano, li fiha dawn l-ulied tiegħu verġni maħbubin li l-Mulej kien kiseb għalih kienu jgħixu. Infetħet it-tieqa ċkejkna li minna dawn il-qaddejja ta' Kristu, *fil-ġranet stabiliti* (cfr. 2Sam 24,15), kienu jirċievu s-sagrament tal-ġisem tal-Mulej[452]. Fetħu anke t-tebut li fih kien hemm moħbi dak it-teżor ta' virtujiet tas-sema, li issa kienu qegħdin iġorruh ftit aħwa, hu li f'ħajtu kien ġarr ħafna. U hekk hu li s-sinjura Klara, li kienet tassew tiddi għall-għana tal-merti tagħha, u li kienet l-ewwel omm tas-Sorijiet l-oħrajn kollha, għax kienet l-ewwel xitla ċkejkna ta' dan l-Ordni qaddis, ġiet flimkien ma' uliedha l-oħrajn biex tara lill-missier li ma setax ikellimhom aktar, u li ma setax lanqas jiġi aktar għandhom għax kien jinsab f'post ieħor.

Is-Sorijiet kienu jħarsu lejh, jibku b'ħafna dmugħ u b'ħafna *ilfiq fil-qalb* (cfr. S 37,9), u b'leħen ħiemed *bdew jgħajjtulu u jgħidu* (cfr. Ġoż 3,3): "Missier, missier, issa x'se nagħmlu?

---

[451] Celano hawnhekk jirreferi għar-Regola li kien ta lill-*Povere Dame* il-Kardinal Ugolino fl-1218-1219, u li meta sar Papa bl-isem ta' Girgor IX, reġa' ippubblikaha fil-31 ta' Marzu 1228. Kien biss fid-9 ta' Awissu 1253, jumejn qabel ma mietet, li Klara irċeviet l-approvazzjoni papali għar-Regola tagħha. Il-fatt li Celano jitkellem dwar xi opra partikulari fuq Klara hemm min jarah bħala indikazzjoni li hu wkoll l-awtur tal-*Legenda Sanctae Clarae Virginis*, li inkitbet fl-1255, wara li Alessandru IV iddikjaraha qaddisa.

[452] Ta' min jinnota li Celano jgħid li kien San Franġisk il-fundatur tas-Sorijiet Foqra ta' San Damiano (illum Klarissi): *in quo religionem et ordinem sacrarum virginum et Dominarum pauperum ipse primo plantavit*. Għalhekk hu żball li wieħed jgħid li Santa Klara hi l-"fundatriċi" tal-Klarissi! Il-ġisem ta' San Franġisk inżamm mill-aħwa quddiem it-tieqa ċkejkna li hemm fil-fond tal-knisja ta' San Damiano, li minnha kienu jitqarbnu s-Sorijiet, biex dawn setgħu jagħtuh l-aħħar tislima. Rigward il-ġranet stabiliti għat-tqarbin tas-Sorijiet, mir-*Regola ta' Santa Klara*, III,14 nafu li dawn kienu sebgħa: il-Milied, Ħamis ix-xirka, Ħadd il-Għid, Pentekoste, il-Verġni Marija Assunta, nhar San Franġisk, u l-Qaddisin kollha.

Għaliex tħallina hekk waħedna? F'idejn min se tħallina, deżolati kif aħna?[453] Għaliex ma tajtniex il-ferħ li naslu qablek fis-Saltna tal-beati u se tħallina hawnhekk fin-niket tagħna? Kif nistgħu ngħixu aħna magħluqin ġewwa f'dan il-ħabs[454], issa li int mintix se tiġi iżjed iżżurna, kif kont tagħmel qabel? Miegħek se jintemm għalina *l-faraġ tagħna* (cfr. 2Kor 1,5) kollu kemm hu, u l-ebda konsolazzjoni mhu se jifdlilna aħna li ndfinna għad-dinja! Min se jgħinna f'dan il-faqar tagħna ta' ġid spiritwali u materjali? O *missier il-fqajrin* (cfr. Ġob 29,16), maħbub tal-faqar! Min se jgħinna fit-tiġrib, int li kont espert biex tgħinna fil-ħafna tigrib li għaddejna minnu? Min se jkun dak li jfarraġna lilna l-imġarrbin, min *se jkun għajnuna qawwija fit-tribulazzjonijiet li diġà ħakmuna bil-bosta*? (cfr. S 45,2). O firda mill-aktar qarsa, o nuqqas ta' preżenza li jdur kontrina! O mewt li tbeżża', li toqtol eluf ta' ulied, għax qed toftomhom mill-missier imqaddes tagħhom, filwaqt li tħaffef biex teħdilna minn magħna lil dak li għall-merti tiegħu *ir-rieda tajba tagħna* (cfr. Ġer 7,3.5), dik ir-rieda li fadlilna, kienet warrdet bil-kotra!" Imma l-għaqal verġinali tagħhom wassalhom biex irażżnu l-biki, għax kienet tidher ħaġa mhijiex flokha li *jibku fuqu* (cfr. Żak 12,10) li fit-tluq tiegħu mid-dinja ġew jilqgħuh bi ħġarhom l-eżerċti ta' l-anġli, u li fih kienu ferħu *ċ-ċittadini tal-Qaddisin u tal-ħbieb ta' Alla* (cfr. Ef 2,19). Hekk imdendlin bejn in-niket u l-ferħ, kienu jbusu dawk idejh mill-aktar sbieħ, li issa kienu mżejnin minn ġawhar mill-aktar prezzjużi u jiddu. Wara li l-aħwa ħarġu 'l ġisem tiegħu, *ingħalaq* għalihom *dak il-bieb* (cfr. Mt 25,10) li qatt aktar mhu se jinfetaħ għal ġerħat bħal dawk. O kemm kien kbir in-niket ta' kulħadd għad-dehra ta' dawk il-verġni li jġibulek ħniena! Kemm kien kbir il-biki ta' uliedu! Kulħadd ħassu jieħu sehem fil-biki tagħhom, hekk li ma kien hemm ħadd li irnexxielu jżomm lura d-dmugħ meta kien jara lil dawk li *kienu jibku biki ta' mrar flimkien ma' l-Anġli* (cfr. Is 33,7). [LM XV,5]

# GIOVANNI DA PERUGIA
# «ANONIMO PERUGINO» 41
## (1241)

[743] 41 Il-Mulej kien jagħtihom kliem u spirtu skond il-ħtiġijiet taż-żmien, biex huma jkunu jistgħu jlissnu kliem ċar u li jinfed il-qlub ta' ħafna minn dawk li jisimgħuhom, iż-żgħażagħ aktar milli l-anzjani. Dawn *kienu jħallu lil missierhom u lil ommhom* (cfr. Mt 19,29) u kull ma kellhom, u kienu jmorru warajhom biex jieħdu l-libsa tar-Reliġjon imqaddsa. F'dak iż-żmien u l-aktar f'dik ir-Reliġjon, seħħu l-kliem tal-Mulej fl-Evanġelju, fejn jgħid: *Ġejt inġib mhux il-paċi, imma s-sejf. Iva, ġejt nifred lill-bniedem minn missieru, lill-bint minn ommha* (Mt 10,34-35). Dawk iż-żgħażagħ li l-aħwa kienu jilqgħu, kienu jġibuhom għand l-imqaddes Franġisku biex hu jagħtihom il-libsa.

Bl-istess mod kienu ħafna dawk in-nisa verġni li m'għandhomx żewġhom, li kienu jisimgħu l-predikazzjoni tagħhom, u jiġu għandhom b'qalb niedma, jgħidulhom: *X'għandna nagħmlu aħna?* (cfr. Atti 2,37). Ma nistgħux niġu magħkom. Għidulna mela kif nistgħu insalvaw

---

[453] Mill-ġdid hawnhekk Celano jikkopja espressjonijiet mir-rakkont ta' Sulpicio Severo dwar il-mewt ta' San Martin.

[454] L-espressjoni latina li juża Celano hi: *in isto carcere sic reclusas*. Il-kelma "ħabs" tfisser il-monasteru ċkejken ta' San Damiano fejn kienu jgħixu s-Sorijiet, filwaqt li l-espressjoni "magħluqin ġewwa" (*recluse*) kienet espressjoni komuni biex tindika verġni li jgħixu fil-klawsura.

ruħna”.  Għal din il-mistoqsija huma ħasbu biex, f’kull belt iwaqqfu monasteri ta’ nisa *recluse* li jagħmlu penitenza[455].  Huma ħatru wkoll wieħed mill-aħwa bħala viżitatur u korrettur tagħhom.

## «LEGGENDA DEI TRE COMPAGNI» 24
(1241-1246)

[744]  24 Waqt li kien jaħdem bla heda biex isewwi l-knisja, hu kien irid li fil-knisja (ta’ San Damiano) jkun hemm dejjem musbieħ mixgħul, u kien imur fil-belt jittallab iż-żejt.  Imma, meta qorob lejn dar minnhom, ra hemmhekk xi irġiel li kienu miġburin jilgħabu, u beda jistħi jidħol jittallab il-karità quddiemhom, u għalhekk beda miexi lura.  Imma meta beda jaħseb fih innifsu, intebaħ li kien dineb, u mar jiġri f’dak il-post fejn kienu qed jilgħabu, u stqarr quddiem kulħadd il-ħtija tiegħu, għax kien staħa li jittallab il-karità minn għandhom.  U, mimli bil-ħeġġa ta’ l-ispirtu, daħal fid-dar, u għall-imħabba ta’ Alla, bl-ilsien franċiż, ittallab iż-żejt għall-musbieħ ta’ dik il-knisja.

Meta kien qiegħed jaħdem ma’ nies oħrajn f’dak ix-xogħol, hu kien jgħajjat b’leħen għoli u bil-ferħ ta’ l-ispirtu lil kull min kien jgħaddi qrib il-knisja, u kien jgħidilhom bil-franċiż: “Ejjew u għinuni fil-ħidma tal-knisja ta’ San Damiano li, fil-ġejjieni, se tkun monasteru ta’ sinjuri nisa, li bil-fama u l-ħajja tagħhom fil-knisja universali se *jiġi igglorifikat il-Missier tagħna tas-sema*” (cfr. Mt 5,16)[456].  Araw kemm kien mimli *bl-ispirtu tal-profezija* (cfr. Apk 19,10), tant li tassew ħabbar il-futur.  Dan hu, fil-fatt, il-post qaddis li fih ra l-bidu tiegħu r-reliġjon glorjuż u l-Ordni eċċellenti tal-*Povere Dame* u tal-verġni qaddisin, sitt snin wara l-konverżjoni ta’ l-imqaddes Franġisku, u bil-ħidma tiegħu stess.  Il-ħajja ta’ l-għaġeb tagħhom u l-istituzzjoni glorjuża tagħhom ġiet approvata mis-sinjur Papa Girgor IX, dak iż-żmien Isqof ta’ Ostia, u ikkonfermata bl-awtorità tas-Sede Apostolika[457]. [1C 18; 2C 13; LM IV,6]

---

455 It-test latin jgħid: *monasteria reclusa ad paenitentiam faciendam*.  Din hi allużjoni ċara għal S. Klara u l-Ordni tas-Sorijiet Foqra ta’ San Damiano.  Il-kelma reclusa tirreferi, iżda, għal fenomenu ġenerali ħafna fil-ħajja reliġjuża femminili tal-medjuevu, li fih diversi nisa kienu jinqatgħu mid-dinja minn jeddhom u jgħixu “magħluqin ġewwa” (recluse) biex jagħmlu penitenza, b’mod distint mill-monasteri klawstrali rikonoxxuti, bħalma kienu dawk Benedittini. Cfr. Mario Sensi, “The Women’s Recluse Movement in Umbria during the 13th and 14th Centuries”, *Greyfriars Review* 8 (1994) 319-345.

456 Kien f’San Damiano li twaqqaf l-*Ordo Pauperum Dominarum Sancti Damiani* (l-Ordni tal-*Povere Dame* ta’ San Damiano), meta fl-1212 Franġisku bagħat hemmhekk lil Klara u lil oħtha Agnese, u tahom forma vitae, jew għamla ta’ ħajja.  B’hekk twieled it-II Ordni Franġiskan, aktar tard l-Ordni ta’ Santa Klara.

457 Il-Kardinal Ugolino kien kiteb Regola lill-Povere Dame, fit-12 ta’ April 1219.  Wara li sar Papa, fis-17 ta’ Settembru 1228, hu ikkonferma l-Privileġġ tal-Faqar li Klara u s-sorijiet kienu irċevew mill-Papa Innoċenz III fl-1216.

# «COMPILATIO ASSISIENSIS» 13 u 85
(1246)

[13 – Qabel ma miet bagħat ittra lil Santa Klara u żguraha li hi kellha terġa' tarah]

[745] F'dik l-istess ġimgħa li fiha miet l-imqaddes Franġisku, is-sinjura Klara, l-ewwel xitla[458] ta' l-Ordni tas-sorijiet, abbadessa tal-*Povere Dame* tal-monasteru ta' San Damiano f'Assisi, li kienet tixbaħ f'kollox lil San Franġisk fil-ħarsien dejjiemi tal-faqar ta' l-Iben ta' Alla, billi kienet marida ħafna u kienet tibża' li se tmut qabel l-imqaddes Franġisku, bdiet tibki ħafna b'ruħha kollha mrar u ma setgħetx titfarraġ, għax qabel tmut ma setgħetx aktar tara lil dak li wara Alla kien il-missier waħdieni tagħha, jiġifieri l-imqaddes Franġisku, li għaliha kien ta' faraġ fil-ġisem u fir-ruħ, kif ukoll kien dak li kien waqqafha fis-sod fil-grazzja ta' Alla. Għalhekk, permezz ta' wieħed mill-aħwa, għarrfet b'dan lill-imqaddes Franġisku. San Franġisk, meta sema' dan, billi hu kien iħobb lilha u lil ħutha s-sorijiet b'imħabba ta' missier minħabba l-ħajja qaddisa tagħhom, tqanqal bil-ħniena, l-aktar għaliex wara ftit snin li matulhom beda jkollu miegħu l-aħwa, bil-għajnuna tal-Mulej u bil-parir tiegħu, Klara wkoll kienet ingħatat lil Alla. Il-konverżjoni tagħha mhux biss kienet ta' eżempju kbir għall-Ordni ta' l-aħwa, imma wkoll għall-Knisja kollha ta' Alla.

Imma l-imqaddes Franġisku fehem li dak li hi xtaqet, jiġifieri li tarah, ma kienx jista' jseħħ, għaliex it-tnejn li huma kienu morda ħafna, u għalhekk biex ifarragħha kitbilha ittra bil-barka tiegħu u ħafrilha kull nuqqas li setgħet għamlet rigward dak li hu kien ikkmanda jew ried, kif ukoll rigward il-kmand u r-rieda ta' l-Iben ta' Alla. Fuq kollox, biex hi tkun tista' tneħħi kull niket u titfarraġ fil-Mulej, mhux hu, imma l-Ispirtu s-Santu tkellem fih permezz ta' dawn il-kelmiet li hu qal lil dak il-patri li kienet bgħatitlu: "Mur u ħu din l-ittra lil oħtna Klara u għidilha biex twarrab minnha kull niket u tbatija, billi għalissa ma tistax tarani. Imma għidilha li għandha tkun taf fis-sewwa li, qabel ma tmut, kemm hi kif ukoll ħutha s-sorijiet, għad jarawni u jirċievu faraġ kbir minħabba fija".

U hekk seħħ ftit taż-żmien wara, meta Franġisku miet bil-lejl[459]. L-għada filgħodu malli sebaħ, il-poplu kollu irġiel u nisa tal-belt ta' Assisi, flimkien mal-kleru kollu, ġarrew il-ġisem qaddis tiegħu mill-post fejn kien miet, bl-innijiet u t-tifħir, u billi xejjru f'idejhom il-friegħi tas-siġar, u skond ir-rieda ta' Alla ħaduh f'San Damiano. Hekk tassew seħħ dak li l-Mulej kien qal bil-fomm tal-qaddis, biex ifarraġ lil dawn uliedu u qaddejja verġni tiegħu.

Meta neħħew il-grata tal-ħadid tat-tieqa li minnha soltu[460] s-sorijiet jitqarbnu u jisimgħu l-kelma ta' Alla, l-aħwa refgħu l-ġisem qaddis mill-katalett, u hekk merfugħ f'idejhom żammewh f'dik it-tieqa għal siegħa sħiħa, sabiex Klara u ħutha s-sorijiet ikunu jistgħu jitfarrġu għad-dehra

---

[458] Klara tħobb issejjaħ lilha nnifisha *plantula*, "xitla ċkejkna", ta' San Franġisk (RegCl 1; TestCl, 37). L-espressjoni *domina Clara* u mhux *sancta Clara*, skond Sabatier, tista' tfisser li din is-silta inkitbet qabel ma Klara ġie iddikjarata qaddisa fl-1255. Klara kienet ilha marida, skond suor Pacifica di Guelfuccio (ProcCan 1) għal 29 sena qabel ma mietet fl-1253. Dan ifisser li hi mardet fl-1224, jiġifieri sentejn qabel ma miet San Franġisk.

[459] L-espressjoni *de nocte* tal-Latin ma rridux nifhmuha li San Franġisk miet "bil-lejl". Fit-*Tractatus de Miraculis* ta' Tommaso da Celano, 32, jingħad: *eo sero quo sanctus Franciscus de mundo transivit ad Christum, cum iam esset noctis secuturae crepusculum* ("dik l-istess lejla li fiha San Franġisk għadda minn din id-dinja għal għand Kristu, meta l-lejl kien għadu dieħel"), jiġifieri wara nżul ix-xemx.

[460] Il-Latin jgħid *communicare solent*, jiġifieri "soltu jitqarbnu". Dan ifisser li meta kienet qed tinkiteb din is-silta l-*Povere Dame* kienu għadhom jgħixu f'San Damiano. Issa huma damu hemm sa l-1260, meta mbagħad ġarrew fil-Protomonasteru ta' Santa Klara f'Assisi. Fi SP 108 insibu l-passat, *solebant*, "kienu soltu", għaliex SP inkiteb fl-1318.

tiegħu, kollhom maħsulin bid-dmugħ u bin-niket kif kienu, għaliex wara Alla hu kien l-uniku faraġ li kellhom f'din id-dinja. [1C 116-117; SP 108]

[85 – Jibgħat kliem ta' faraġ lil Klara u lis-sorijiet]

[746] Fl-istess jiem u fl-istess post, wara li l-imqaddes Franġisku sawwar it-Tifħir tal-Mulej għall-ħlejjaq tiegħu, kiteb ukoll xi kelmiet qaddisa bil-kant għall-faraġ tal-*Povere Dame* tal-monasteru ta' San Damiano, l-aktar għal dawk fosthom li kienu imġarrbin ħafna fil-mard tagħhom[461].

U billi hu ma setax ifarraġhom jew iżurhom minħabba l-mard tiegħu, ried li jmorru l-aħwa sabiex ikantawlhom din il-għanja. Fiha hu ried li jurihom fi ftit kliem ir-rieda tiegħu, jiġifieri li kellhom ikunu magħqudin fehma waħda fil-ħajja ta' bejniethom, għaliex bl-eżempju u l-predikazzjoni tiegħu, meta l-aħwa kienu għadhom ftit, huma kien ikkonvertew għal Kristu. Hekk il-konverżjoni u l-ħajja tagħhom mhix biss il-glorja ta' l-Ordni ta' l-aħwa, li tiegħu huma l-mixtla ċkejkna, imma wkoll tal-Knisja kollha ta' Alla. Billi Franġisku kien jaf, mill-bidunett tal-konverżjoni tagħhom, li huma kien jgħixu, kif għadhom jgħixu sallum, bl-akbar ferħ u fehma qawwija fil-ħajja ta' faqar, għalhekk bir-rieda kollha u mqanqal mill-ħtieġa, l-ispirtu tiegħu dejjem kien idur lejhom b'ħafna tjieba. F'dawk il-kelmiet hu talabhom biex, kif il-Mulej ġabarhom minn ħafna postijiet ilkoll flimkien sabiex jgħixu flimkien fl-imħabba, fil-faqar imqaddes u fl-ubbidjenza qaddisa; hekk huma kellhom jibqgħu jgħixu dejjem f'din il-ħajja sal-mewt. Ħeġġiġhom ukoll biex jieħdu ħsieb biex bil-ferħ u bir-radd ta' ħajr dejjem jirringrazzjaw lill-Mulej tal-karità li hu jogħġbu jibgħatilhom biex jipprovdilhom għal ġisimhom, u wkoll li s-sorijiet li kienu f'saħħithom kellhom juru sabar biex jgħinu lill-morda jġorru l-piż tal-mard, filwaqt li s-sorijiet morda kellhom juru sabar filli jkunu jafu jġarrbu l-ħtiġijiet u t-tbatijiet tagħhom. [SP 90]

## TOMMASO DA CELANO
## «MEMORIALE IN DESIDERIO ANIMAE» 13 u 204-207
## (1246-1247)

Kapitlu VIII
Dwar kif rebaħ il-mistħija, u l-profezija li għamel dwar il-verġni foqra.

[747] 13 Minn dak il-ħin ipprova jbiddel il-mod kif hu kien jgħix, minn wieħed delikat għal wieħed aħrax, u dwar kif seta' jreġġa' lill-ġisem tiegħu imdorri fl-irtubija għat-tjubija naturali. Jum minnhom ir-raġel ta' Alla mar Assisi biex jittallab iż-żejt ħalli jixgħel il-musbieħ fil-knisja ta' San Damiano, li dak iż-żmien kien qiegħed isewwiha. U meta ra ċorma rġiel li kienu jilgħabu quddiem dar li fiha hu xtaq jidħol, ħmar bil-mistħija u reġa' lura fuq il-passi tiegħu. Imma dak li mis-sema kien immexxi biex ikollu spirtu nobbli, ċanfar lilu nnifsu għal dak l-għemil ġwejjef, u *għamel ħaqq* (cfr. Ġak 3,1) minnu nnifsu. Reġa' lura mall-ewwel f'dik id-dar, u bil-libertà kollha

---

[461] Dan hu riferiment ċar għall-kompożizzjoni tal-kantiku *Audite poverelle*, li Franġisku kiteb lil Klara u lis-sorijiet meta kien San Damiano.

beda juri quddiem kulħadd li kien staħa, u *donnu fis-sakra* (cfr. Ġer 23,9) ta' l-ispirtu beda jittallab bil-franċiż u qala' ż-żejt li ried. Imbagħad bil-ħeġġa kollha kien iqanqal lil kulħadd biex jgħinu fil-ħidma ta' dik il-knisja, u fil-monasteru li hemmhekk kellu jitwaqqaf għall-verġni qaddisa ta' Kristu, li *quddiem dawk kollha li kienu jisimgħu* (cfr. Ġen 23,10), beda jħabbar b'leħen ċar profetiku u bl-ilsien franċiż. Għaliex meta kien ikun mimli *bil-ħeġġa* ta' l-Ispirtu *Qaddis* (cfr. Is 4,4), kien *jinfexx* bil-ħerqa *jitkellem* (cfr. S 44,1) bil-franċiż, donnu biex juri li minn dak il-poplu kellu jiġi muri qima u ġieħ speċjali. [1C 18; L3C 21.24; LM II,7]

Kapitlu CLV
Dwar kif ried li l-aħwa jġibu ruħhom magħhom.

[748] 204 Ma jixraqx li nittraskuraw it-tifkira tal-binja spiritwali, li hi ħafna aktar nobbli minn dik materjali, li l-missier imqaddes wara li sewwa dik il-knisja[462], bena f'dak il-post *taħt it-tmexxija ta' l-Ispirtu* s-Santu (cfr. Is 63,14), biex ikabbar il-belt tas-sema. U ma nistgħux nemmnu li Kristu kellmu mill-għuda tas-salib b'mod hekk ta' l-għaġeb *li qanqal* fih u f'dawk li semgħu *l-biża'* (cfr. 2Mak 12,22) u n-niket, biss biex hu jsewwi binja li kienet qed tiġġarraf, u li kienet għoddha se tinqered. Imma kif darba *kien ħabbar l-Ispirtu s-Santu* (cfr. Atti 1,16), hemmhekk kellu jitwaqqaf l-Ordni tal-verġni qaddisin, li kellhom jinġabru flimkien *bħal ġebel ħaj* (cfr. 1Pt 2,5) u magħżul biex imbagħad jgħaddu ħalli jsewwu d-dar tas-sema. Għax tassew, wara li f'dak il-post bdew jinġabru l-*verġni ta' Kristu* (cfr. 2Kor 11,2), li kienu miġburin minn diversi nħawi tad-dinja, u hemmhekk għamlu l-professjoni ta' l-ogħla perfezzjoni billi ħarsu *l-ogħla faqar* (cfr. 2Kor 8,2), u *fis-sbuħija ta' kull virtù* (cfr. Ġud 10,4), il-missier bil-mod il-mod beda jwarrab minnhom *il-preżenza tal-ġisem tiegħu* (cfr. 2Kor 10,10), imma kompla jieħu ħsiebhom billi jħobbhom dejjem aktar *fl-Ispirtu s-Santu* (cfr. Mt 3,11). Għaliex, meta l-qaddis għaraf li huma, wara l-ħafna provi ta' perfezzjoni mill-aktar għolja li kienu taw, kienu lesti li jilqgħu *minħabba Kristu* (cfr. Fil 1,29) kull tiġrib tad-dinja u kull sagrifiċċju u xogħol iebes, u kienu iddeċiedew li qatt ma *jonqsu mir-rieda* (cfr. S 118,21) qaddisa tagħhom, wiegħed lilhom u lill-oħrajn, li kellhom jipprofessaw il-faqar fl-istess għamla ta' ħajja, li kellu jagħtihom l-għajnuna u l-pariri tiegħu u ta' l-aħwa tiegħu għal dejjem[463]. Hekk dejjem, sakemm dam ħaj, hu kien bil-kura kollha jżomm din il-wiegħda, u ftit qabel ma miet, ikkmanda bil-ħerqa li din titkompla titwettaq għal dejjem: għaliex hu kien jgħid li kien *l-istess u l-uniku spirtu* (cfr. 1Kor 12,11) li ħareġ lill-aħwa u lill-*Povere Dame* minn *din id-dinja* (cfr. Gal 1,4). [CA 85; 2C 13; SP 90]

[749] 205 U billi l-aħwa jum minnhom kienu jidhru mistagħġbin, għaliex hu ma kienx għadu jżur lil dawk il-qaddejja verġni ta' Kristu billi *jkun preżenti fosthom bil-ġisem* (cfr. 2Kor 10,10), hu weġibhom hekk: "Għeżież tiegħi, la taħsbux li jiena ma nħobbhomx b'mod perfett. Kieku hi ħtija li wieħed jieħu ħsiebhom fi Kristu, ma tkunx ħtija akbar li wieħed jgħarrashom ma' Kristu? Jekk wieħed ma sejħilhomx ma kienetx ċertament tkun ħtija, imma li wieħed ma jieħux ħsiebhom wara li sejħilhom, din tkun ħaġa tassew kiefra għalihom. Imma *jiena rrid nagħtikom l-eżempju, biex intom tagħmlu kif għamilt jien* (cfr. Ġw 13,5). Jiena ma rrid lil ħadd li joffri minn jeddu li jmur iżurhom, imma nordna li għandhom jintbagħtu għall-qadi tagħhom dawk li l-aktar ma jkunux

---

[462] Il-knisja ta' San Damiano, fejn beda l-Ordni tal-*Povere Dame*. Cfr. 2C 10.11.13.14.

[463] San Franġisk kiteb lil Klara u lill-*Povere Dame* diversi biljetti ta' faraġ u pariri, li minnhom tnejn waslu għandha u li Klara daħħlithom fil-kapitlu 6 tar-Regola tagħha. Dawn huma l-*Forma Vitae* u l-*Ultima Voluntas* li San Franġisk ta lil Santa Klara.

iridu dan is-servizz u li jmorru kontra r-rieda tagħhom, imma li jkunu *bnedmin spiritwali* (cfr. Ħos 9,7), u li jkunu ippruvati f'ħajja reliġjuża twila u xierqa".

Kapitlu CLVI
Dwar kif ċanfar lil xi wħud mill-aħwa li kienu jmorru bil-qalb fil-monasteri tal-*Povere Dame*.

[750] 206 Wieħed mill-aħwa kellu fil-monasteru żewġ uliedu xebbiet li kienu mill-aktar perfetti fl-imġieba tal-ħajja reliġjuża tagħhom. Jum minnhom offra lilu nnifsu bil-qalb kollha biex iwassal fil-monasteru rigal ċkejken u fqajjar li kien bagħat il-qaddis, imma dan ċanfru bi kliem iebes ħafna, bi kliem li lanqas nista' nġibu hawnhekk. U hekk dak ir-rigal intbagħat permezz ta' wieħed ieħor mill-aħwa, li ma riedx imur bl-ebda mod, imma li mbagħad aċċetta. Wieħed ieħor mill-aħwa fix-xitwa, imqanqal bil-ħniena, mar f'monasteru ieħor, mingħajr ma qagħad iqis il-projbizzjoni iebsa li kien għamel il-qaddis. Meta Franġisku sar jaf b'dak li għamel, ġiegħelu jimxi bla tonka għal bosta mili, fil-bard mill-aktar kiefer u fis-silġ[464].

Kapitlu CLVII
Il-priedka li hu għamel aktar bl-eżempju milli bil-kliem.

[751] 207 Meta l-qaddis kien jinsab jgħix f'San Damiano, il-vigarju tiegħu[465] talbu għal bosta drabi biex lil uliedu xbejbiet jippriedkalhom *il-kelma ta' Alla* (cfr. Ġw 3,34), u fl-aħħar, mirbuħ minn dik l-insistenza, laqa' dik it-talba. Meta s-sorijiet inġabru kif kienu soltu jagħmlu *biex jisimgħu l-kelma ta' Alla* (cfr. Ġw 8,47), imma mhux inqas biex jaraw lill-missier, dan *refa' ħarstu lejn is-sema' fejn* dejjem kienet tistrieħ *qalbu* (cfr. Is 51,6; Mt 6,21), u beda jitlob lil Kristu. Imbagħad talab li jġibulu l-irmied, u raxxu dawra tond ma' l-art, filwaqt li *xeħet* il-kumplament *fuq rasu* (cfr. 1Mak 3,47). Dawk is-sorijiet kienu jistennew, u billi raw lill-missier ma jiċċaqlaqx f'nofs dik id-dawra tond ta' rmied, ħassew ruħhom timtela' bil-għaġeb. F'daqqa waħda l-qaddis qam, u fost l-istagħġib ta' kull min kien miġbur, flok il-priedka talab is-salm *Miserere mei Deus* (cfr. S 50,3ss). Malli spiċċa dak is-salm, malajr malajr *ħareġ 'il barra* (cfr. S 40,7). Għal din l-imġieba tiegħu siekta imma mimlija tifsir, dawk ix-xbejbiet qaddejja tal-Mulej ħassewhom mimlijin b'tant sogħba, li infexxew f'ħafna dmugħ u bil-ħniena setgħu jżommu lilhom infushom mid-dixxiplina fuq ġisimhom. B'dik l-imġieba hu kien għallimhom li kellhom iqisu lilhom infushom bħar-rmied, u fuq kollox li l-qalb tiegħu ma kienetx ħasset l-ebda sentiment lejhom li ma kienx jaqbel ma' dan il-ħsieb. Din kienet l-imġieba tiegħu mar-reliġjużi nisa; dawn kienu ż-żjarat l-aktar meħtieġa li kien jagħmel, li kienu rari u dejjem ġustifikati minħabba l-ħtieġa. Din kienet ir-rieda tiegħu għall-aħwa kollha, li huma kellhom jaqdu lis-sorijiet minħabba *Kristu, li tiegħu huma qaddejja* (cfr. Kol 3,24), imma dejjem billi jħarsu lilhom infushom, bħall-għasafar, minn *nasba* (cfr. Prov 1,17) li *kienet titqiegħed quddiemhom* (cfr. S 68,23).

---

[464] Jista' jkun li dan kien fra Stefano. Wara li stqarr il-ħtija tiegħu, Franġisku ordnalu li jidħol fl-ilma inġazzat tax-xmara, fix-xahar ta' Diċembru, u hekk imxarrab kif kien, mexa għal aktar minn żewġ mili, iterter bil-bard. (L. Oliger, "Descriptio Codicis S. Antonii de Urbe", *Archivum Franciscanum Historicum* 12 (1919) 384. Cfr. FF 2684).
[465] Il-vigarju tal-qaddis fl-1225 kien fra Elia.

# ITTRA TA' SAN BONAVENTURA, MINISTRU ĠENERAL, LILL-BADESSA U S-SORIJIET TAL-MONASTERU TA' SANTA KLARA F'ASSISI
(1259)

[752] 1 Lil uliedu maħbubin f'Ġesù Kristu, il-Badessa tas-Sorijiet Foqra ta' Assisi fil-monasteru ta' Santa Klara, u lis-Sorijiet kollha, Fra Bonaventura[466], Ministru Ġeneral u qaddej ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, jibgħatilhom it-tislijiet tiegħu u jixtieq li intom, flimkien mal-verġni qaddisin, *timxu dejjem wara l-Ħaruf kull fejn imur* (Apk 14,4) bħala qaddejja tiegħu.

2 Għeżież uliedi fil-Mulej, jiena dan l-aħħar tgħallimt mill-għażiż Fra Leone, li darba kien sieħeb il-Missier imqaddes tagħna, kemm għandkom ħerqa, bħala għarajjes tas-Sultan ta' dejjem, biex taqdu lill-Kristu fqir u msallab b'ħajja għal kollox safja. Jiena imtlejt b'ferħ kbir meta smajt dan, u għalhekk jiena issa nixtieq, permezz ta' din l-ittra, li ninkuraġġikom fid-devozzjoni tagħkom biex intom timxu bil-ġenerożità fuq il-passi ta' virtù ta' l-Omm qaddisa tagħkom, li permezz tar-raġel fqajjar Franġisku, ġiet mgħallma permezz ta' l-Ispirtu s-Santu.

Jalla intom ma tkunu tixtiequ qatt u xejn aktar taħt is-sema, ħlief dak li għallmitkom l-Omm tagħkom, jiġifieri, *Ġesù Kristu u dan Imsallab* (cfr. 1Kor 2,2). Għeżież uliedi, jalla intom tiġru wara l-fwejjaħ tad-demm tiegħu skond l-eżempju ta' Ommkom. Jalla iżżommu sħaħ mal-mera tal-faqar, mal-mudell ta' l-umiltà, mat-tarka tas-sabar, ma' l-istendard ta' l-ubbidjenza. Hekk, mixgħulin bin-nar ta' l-imħabba divina, jalla toffru qalbkom kollha lil dak li fuq is-salib offra lilu nnifsu għalina lil Alla l-Missier. Hekk intom titlibbsu bid-dawl ta' l-eżempju ta' Ommkom u tkunu taqbdu bin-nar hieni li l-fjammi tiegħu jibqgħu għal dejjem. Imżejnin *bil-fwieħa* tal-virtujiet kollha, intom issiru *l-fwieħa ta' Kristu* (cfr. 2Kor 2,15), l-Iben tal-Verġni u l-*Għarus tal-verġni għaqlin* (cfr. Mt 25,1-13), fost dawk li ġew salvati u dawk li sejrin jintilfu.

3 Għandkom tkunu hekk attenti li tkomplu l-ħeġġa ta' mħabbitkom u tkunu mimlijin ħerqa fl-ispirtu tad-devozzjoni li meta tisimgħu l-għajta, *ara l-Għarus* (Mt 25,6), intom jisħoqqilkom toħorġu tilqgħuh bil-fedeltà u bl-imsiebaħ mixgħula ta' rwieħkom mimlijin biż-żejt ta' l-imħabba u tal-ferħ. Filwaqt li l-verġni boloħ jibqgħu barra, intom tidħlu miegħu għall-festa tat-tieġ tal-ferħ ta' dejjem. Kristu jagħmel li l-għarajjes tiegħu joqogħdu bilqiegħda hemmhekk flimkien ma' l-anġli u l-magħżulin tiegħu, u *jgħaddi jaqdihom* (cfr. Lq 12,37), u *joffrilhom il-ħobż* (cfr. Lq 9,16) tal-ħajja u l-laħam tal-Ħaruf li ġie maqtul, *il-ħut mixwi* (cfr. Lq 24,42) fuq is-salib fuq in-nar ta' l-imħabba, dik l-imħabba taħraq li biha Hu ħabbkom. Imbagħad Hu jagħtikom tixorbu mill-kalċi

---

[466] Ma nafux jekk San Bonaventura minn Bagnoregio, Ministru Ġeneral ta' l-Ordni tal-Minuri (1257-1274) qattx iltaqa' ma' Santa Klara, li kienet diġà mietet fl-1253. Fil-fatt, hu kien jinsab f'Pariġi, qabel ma laħaq Ministru Ġeneral. Din l-Ittra lill-Klarissi ta' Assisi inkitbet sentejn wara li ġie elett Ministru Ġeneral, x'aktarx wara l-perjodu twil ta' talb u kontemplazzjoni li hu għamel fuq il-muntanja La Verna fl-1259. Kien minn dan l-irtir li Bonaventura mbagħad iproduċa l-kapolavur ta' mistika tiegħu, l-opra *Itinerarium Mentis in Deum*. Fl-Ittra l-Ministru Ġeneral ġdid jitlob bl-umiltà kollha lis-Sorijiet ta' Santa Klara biex jitolbu għalih, kif ukoll juri l-apprezzament tiegħu għal Santa Klara u l-familja reliġjuża tagħha, li dwarha mbagħad jitkellem ukoll fil-*Legenda Maior Sancti Francisci*. Ma nafux x'kienet eżattament ir-raġuni għaliex id-Duttur Serafiku kiteb din l-Ittra lis-Sorijiet. Il-fatt li l-Ittra ssemmi lil Fra Leone, li kien għadu ħaj, jagħtina ħjiel dwar l-influwenza li kellu Leone biex ifakkar lil Bonaventura dwar ir-responsabiltà tiegħu biex jieħu ħsieb it-Tieni Ordni Franġiskan. L-Ittra ta' San Bonaventura lis-Sorijiet ta' Santa Klara f'Assisi tinsab f'Doctoris Seraphici S. Bonaventurae, *Opera Omnia*, Vol. VIII (Collegium S. Bonaventurae Ad Claras Aquas, Quaracchi), Firenze 1898, 473b-474b. Fl-istess volum insibu opra oħra ta' Bonaventura, intitolata *De Perfectione Vitae ad Sorores*, (*Opera Omnia*, Vol. VIII, 107-127. X'aktarx li din l-opra Bonaventura kien indirizzaha fl-1260 lill-Beata Isabella, oħt ir-Re San Ludoviku IX ta' Franza, li kienet il-fundatriċi tal-monasteru tal-Klarissi ta' Longchamp.

ta' *l-inbid imħawwar* (Għan 8,2), jiġifieri, mill-umanità u d-divinità tiegħu, li *minnu jixorbu* sal-qiegħnett *l-ħbieb u l-għeżież tiegħu* (cfr. Għan 5,1), filwaqt li jżommu sħaħ fil-ħajja awstera tagħhom. Filwaqt li tithennew f'dik l-abbundanza ta' ħlewwa li hi *merfugħa għal dawk li jibżgħu minnu* (cfr. S 30,20), intom tiffissaw ħarsitkom fuqu li mhux biss hu *l-isbaħ wieħed fost ulied il-bnedmin* (S 44,3), imma wkoll fost l-eluf ta' anġli. Għaliex *l-anġli jixxenqu biex iħarsu lejh* (cfr. 1Pt 1,12), għaliex Hu *raġġ tad-dawl ta' dejjem, mera bla tebgħa tas-setgħa ħaddiema ta' Alla,* u *xbieha ta' l-essenza tiegħu* (Għerf 7,26; Lhud 1,3).

4 Għaldaqstant, uliedi maħbubin, filwaqt li tibqgħu magħqudin miegħu li Hu t-tjieba ta' dejjem tagħkom, Hu li għamel tant ġid magħkom, irrikmandaw persuna midinba bħalma jiena jien lit-tjieba tiegħu li ma titfissirx. Żommuni fit-talb tagħkom sabiex, għall-glorja u l-ġieħ ta' l-Isem ta' l-għaġeb tiegħu, Hu jkun hekk twajjeb miegħi li jmexxi l-passi tiegħi bil-ħniena ħalli *nieħu ħsieb il-merħla ċkejkna li Kristu fdali f'idejja* (cfr. Lq 12,32; 1Pt 5,2).

# SAN BONAVENTURA
# «LEGENDA MAIOR» IV,6 u XII,12
## (1260-1263)

[753] IV,6 Imħeġġa mill-predikazzjoni tiegħu, kienu ħafna dawk li ntrabtu bil-liġijiet il-ġodda tal-penitenza skond il-forma li wera l-bniedem ta' Alla. Il-qaddej ta' Kristu qatagħha li jsejjaħ din il-għamla ta' ħajja l-Ordni ta' l-Aħwa tal-Penitenza[467]. Dan l-Ordni jilqa' fih lil kulħadd: membri tal-kleru u lajċi, xebbiet u ġuvintur u miżżewġin ukoll, għax it-triq tal-penitenza hi l-istess għal dawk kollha li jridu jmorru l-ġenna. Il-mirakli li saru minn xi wħud mill-imseħbin fih huma prova tal-merti li għandu quddiem Alla. Kien hemm ukoll xi xebbiet li ikkonsagraw ruħhom biex iħarsu s-safa għal ħajjithom kollha, fosthom Klara, verġni għażiża ħafna għal Alla, l-ewwel xitla ċkejkna li rmiet il-fwieħa bħal warda safja tar-rebbiegħa, u xerrdet dawl leqqieni bħal kewkba ta' dija ta' l-għaġeb. Issa li qiegħda fil-glorja tal-ġenna, il-Knisja fuq l-art tagħtiha l-ġieħ li bil-ħaqq kollu jistħoqqilha. Fi Kristu, Klara kienet il-bint ta' l-imqaddes missier, il-fqajjar Franġisku, u l-omm tal-*Povere Dame*[468]. [1C 18]

[754] XII,2 Xejn ma kien jistħi jfittex ħwejjeġ żgħar mingħand l-iżgħar, hu li kien tabilħaqq il-Minuri u tgħallem ħwejjeġ kbar mingħand l-ogħla Mgħallem. Kien imdorri jfittex b'ħerqa speċjali

---

[467] Hawnhekk mhux il-post li naffrontaw il-bidu ta' l-Ordni ta' l-Aħwa Irġiel u Nisa tal-Penitenza, jew it-Terz Ordni Franġiskan. Bonaventura, iżda, jitkellem minn Ordni, li Franġisku jagħtih isem u wkoll xi direttivi jew forma ta' ħajja tixbaħ lil dik li hu u l-aħwa kienu jgħixu. Cfr. O. Schmucki, *L'Ordine della Penitenza di San Francesco d'Assisi nel secolo XIII*, Roma 1973; Mariano D'Alatri, *I Frati penitenti di san Francesco nella società del Due e Trecento,* Roma 1977; *Il movimento francescano della Penitenza nella società medioevale*, Roma 1980.

[468] Bonaventura ma jidħolx fid-dettalji tal-ġrajja tal-vokazzjoni ta' S. Klara, u lanqas ma jitkellem fit-tul dwar it-II Ordni Franġiskan. Imma dak li hu interessanti hu li, lil Klara, jagħtiha l-istess titlu li kien ta lil fra Bernardo da Quintavalle, meta jsejħilha *plantula prima* (l-ewwel xitla) tal-*Povere Dame*. Dak li hu fundamentali f'dan il-paragrafu hu li S. Franġisk hu l-fundatur tat-tliet Ordnijiet. Jiżbaljaw dawk li jsostnu li Klara hi l-fundatriċi tal-*Povere Dame* (Klarissi). Dan lanqas qatt ma għadda minn moħħha, hi li kellha qima kbira lejn Franġisku, l-ispiratur tal-ħajja evanġelika tagħha u tal-*Povere Dame* ta' San Damiano.

l-mod u t-triq li bihom seta' jaqdi lil Alla aktar perfettament, u bil-mod li l-aktar jogħġbu. Sakemm dam ħaj din kienet l-ogħla filosofija tiegħu, din l-akbar xewqa li kellu: li jistaqsi kemm lill-għorrief kif ukoll lis-sempliċi, lill-perfetti u lill-imperfetti, liż-żgħażagħ u lix-xjuħ, dwar liema hu l-aħjar mod li bih seta' jasal għall-quċċata tal-perfezzjoni. Sejjaħ għalhekk żewġ aħwa u bagħathom għand fra Silvestro, dak li ra ħiereġ salib minn fomm Franġisku u li dik il-ħabta kien mogħti għall-ħajja ta' talb fuq muntanja 'l fuq mill-belt ta' Assisi, biex ifittex li jikseb tweġiba mingħand Alla dwar id-dubju li ġieh, u jagħtihielu bħala li ġejja mill-Mulej. Bagħat jgħid l-istess ħaġa lill-verġni qaddisa Klara biex, permezz ta' xi verġni aktar pura u sempliċi li kellha taħt id-dixxiplina tagħha, u bit-talb tagħha stess flimkien ma' l-oħrajn, *tfittex li ssir taf ir-rieda tal-Mulej* (cfr. Lq 12,47) dwar din il-ħaġa[469]. Issa, billi kien l-Ispirtu s-Santu li irrivela kemm lill-venerabbli saċerdot kif ukoll lill-verġni ikkonsagrata, li Alla nebbaħhom it-tnejn li huma, biex jaqblu b'mod ta' l-għaġeb dwar dan: ikun aktar jogħġob lil Alla li l-ħabbâr ta' Kristu joħroġ jippriedka. Meta ġew lura l-aħwa u urewh x'kienet ir-rieda ta' Alla kif saru jafuha huma, qam malajr, *xeħet fuqu l-libsa* (cfr. Ġw 21,7) u bla ma qagħad jitnikker xejn, telaq għal għonq it-triq. Telaq b'tant ħeġġa biex iqiegħed fil-prattika l-kmand li kien ħa mingħand Alla, u ġera b'tant ħeffa li deher biċ-ċar li *id Alla kienet qiegħda fuqu* (cfr. Eżek 1,3; 2Slat 3,15), u imlietu b'enerġiji ġodda mis-sema. [1C 91; Fior 16]

# «SPECULUM PERFECTIONIS» 90 u 108
## (Edizzjoni Sabatier)
### (1318)

Kapitlu 90
Dwar kif kiteb kliem ta' ħeġġa lis-sorijiet ta' Santa Klara.

[755] Wara li l-imqaddes Franġisku sawwar it-Tifħir tal-Mulej għall-ħlejjaq tiegħu, kiteb ukoll xi kelmiet qaddisa bil-kant għall-faraġ tal-*Povere Dame* tal-monasteru ta' San Damiano, l-aktar għal dawk fosthom li kienu imġarrbin ħafna fil-mard tagħhom[470]. U billi hu ma setax ifarraġhom jew iżurhom minħabba l-mard tiegħu, ried li jmorru l-aħwa sabiex ikantawlhom din il-għanja. Fiha hu ried li jurihom fi ftit kliem ir-rieda tiegħu, jiġifieri li kellhom ikunu magħqudin fehma waħda fil-ħajja ta' bejniethom fl-imħabba lejn xulxin. Għax hu kien jara li l-konverżjoni u l-ħajja tagħhom mhix biss kienet il-glorja ta' l-Ordni ta' l-aħwa, imma wkoll tal-Knisja kollha ta' Alla.

Billi Franġisku kien jaf, mill-bidunett tal-konverżjoni tagħhom, li huma kien jgħixu, kif għadhom jgħixu sallum, bl-akbar ferħ u fehma qawwija fil-ħajja ta' faqar, għalhekk bir-rieda kollha u mqanqal mill-ħtieġa, l-ispirtu tiegħu dejjem kien idur lejhom b'ħafna tjieba. F'dawk il-kelmiet hu talabhom biex, kif il-Mulej ġabarhom minn ħafna postijiet ilkoll flimkien sabiex jgħixu flimkien fl-imħabba, fil-faqar imqaddes u fl-ubbidjenza qaddisa; hekk huma kellhom jibqgħu jgħixu dejjem f'din il-ħajja sal-mewt. Ħeġġiġhom ukoll biex jieħdu ħsieb biex bil-ferħ u bir-radd

---

[469] L-episodju ta' Franġisku li jitlob lil fra Silvestro u lil sorella Chiara biex jitolbu għalih ħalli l-Mulej jgħarrfu r-rieda tiegħu dwar jekk kellux jingħata għall-ħajja apostolika jew għal dik kontemplattiva, jkollu żvilupp kbir fil-*Fioretti*, kap. 16. Fra Silvestro kien jinsab fl-eremitaġġ ta' Le Carceri, fuq il-Monte Subasio.

[470] Dan hu riferiment ċar għall-kompożizzjoni tal-kantiku *Audite poverelle*, li Franġisku kiteb lil Klara u lis-sorijiet meta kien San Damiano.

ta' ħajr dejjem jirringrazzjaw lill-Mulej tal-karità li hu jogħġbu jibgħatilhom biex jipprovdilhom għal ġisimhom, u wkoll li s-sorijiet li kienu f'saħħithom kellhom juru sabar biex jgħinu lill-morda jġorru l-piż tal-mard, filwaqt li s-sorijiet morda kellhom juru sabar filli jkunu jafu jġarrbu l-ħtiġijiet u t-tbatijiet tagħhom. [CA 85]

## Kapitlu 108
Dwar kif meta qorbot il-mewt tiegħu, bagħat jgħid lill-imqaddsa Klara li hi kellha terġa' tarah u dan il-kliem seħħ tassew wara li miet.

[756] F'dik l-istess ġimgħa li fiha miet l-imqaddes Franġisku, is-sinjura Klara, l-ewwel xitla[471] ta' l-Ordni tas-sorijiet, abbadessa tal-*Povere Dame* tal-monasteru ta' San Damiano f'Assisi, li kienet tixbaħ f'kollox lil San Franġisk fil-ħarsien dejjiemi tal-faqar ta' l-Iben ta' Alla, billi kienet marida ħafna u kienet tibża' li se tmut qabel l-imqaddes Franġisku, bdiet tibki ħafna b'ruħha kollha mrar u ma setgħetx titfarraġ, għax qabel tmut ma setgħetx aktar tara lil dak li wara Alla kien il-missier waħdieni tagħha, jiġifieri l-imqaddes Franġisku, li għaliha kien ta' faraġ fil-ġisem u fir-ruħ, kif ukoll kien dak li kien waqqafha fis-sod fil-grazzja ta' Alla.

Għalhekk, permezz ta' wieħed mill-aħwa, għarrfet b'dan lill-imqaddes Franġisku. San Franġisk, meta sema' dan, billi hu kien iħobb lilha u lil ħutha s-sorijiet b'imħabba ta' missier minħabba l-ħajja qaddisa tagħhom, tqanqal bil-ħniena lejha. Imma l-imqaddes Franġisku fehem li dak li hi xtaqet, jiġifieri li tarah, ma kienx jista' jseħħ, għaliex it-tnejn li huma kienu morda ħafna, u għalhekk biex ifarraġha kitbilha ittra bil-barka tiegħu u ħafrilha kull nuqqas li setgħet għamlet rigward dak li hu kien ikkmanda jew ried, kif ukoll rigward il-kmand u r-rieda ta' l-Iben ta' Alla. Fuq kollox, biex hi tkun tista' tneħħi kull niket u titfarraġ fil-Mulej, mhux hu, imma l-Ispirtu s-Santu tkellem fih permezz ta' dawn il-kelmiet li hu qal lil dak il-patri li kienet bgħatitlu: "Mur u ħu din l-ittra lil oħtna Klara u għidilha biex twarrab minnha kull niket u tbatija, billi għalissa ma tistax tarani. Imma għidilha li għandha tkun taf fis-sewwa li, qabel ma tmut, kemm hi kif ukoll ħutha s-sorijiet, għad jarawni u jirċievu faraġ kbir minħabba fija".

U hekk seħħ ftit taż-żmien wara, meta Franġisku miet bil-lejl[472]. L-għada filgħodu malli sebaħ[473], il-poplu kollu irġiel u nisa tal-belt ta' Assisi, flimkien mal-kleru kollu, ġarrew il-ġisem qaddis tiegħu mill-post fejn kien miet, bl-innijiet u t-tifħir, u billi xejjru f'idejhom *il-friegħi tas-siġar* (cfr. Mt 21,8), u skond ir-rieda ta' Alla ħaduh f'San Damiano. Hekk tassew seħħ dak li l-Mulej kien qal bil-fomm tal-qaddis, biex ifarraġ lil dawn uliedu u qaddejja verġni tiegħu.

Meta neħħew il-grata tal-ħadid tat-tieqa li minnha soltu[474] s-sorijiet jitqarbnu u jisimgħu l-kelma ta' Alla, l-aħwa refgħu l-ġisem qaddis mill-katalett, u hekk merfugħ f'idejhom żammewh

---

[471] Klara tħobb issejjaħ lilha nnifisha *plantula*, "xitla ċkejkna", ta' San Franġisk (RegCl 1; TestCl, 37). L-espressjoni *domina Clara* u mhux *sancta Clara*, skond Sabatier, tista' tfisser li din is-silta inkitbet qabel ma Klara ġie iddikjarata qaddisa fl-1255. Klara kienet ilha marida, skond suor Pacifica di Guelfuccio (ProcCan 1) għal 29 sena qabel ma mietet fl-1253. Dan ifisser li hi mardet fl-1224, jiġifieri sentejn qabel ma miet San Franġisk.

[472] L-espressjoni *de nocte* tal-Latin ma rridux nifhmuha li San Franġisk miet "bil-lejl". Fit-*Tractatus de Miraculis* ta' Tommaso da Celano, 32, jingħad: *eo sero quo sanctus Franciscus de mundo transivit ad Christum, cum iam esset noctis secuturae crepusculum* ("dik l-istess lejla li fiha San Franġisk għadda minn din id-dinja għal għand Kristu, meta l-lejl kien għadu dieħel"), jiġifieri wara nżul ix-xemx.

[473] Minn hawn ir-rakkont ta' SP hu sintesi ta' 1C 116-118.

[474] Il-Latin jgħid *communicare solent*, jiġifieri "soltu jitqarbnu". Dan ifisser li meta kienet qed tinkiteb din is-silta l-*Povere Dame* kienu għadhom jgħixu f'San Damiano. Issa huma damu hemm sa l-1260, meta mbagħad ġarrew fil-Protomonasteru ta' Santa Klara f'Assisi. Fi SP 108 insibu l-passat, *solebant*, "kienu soltu", għaliex SP inkiteb fl-1318.

f’dik it-tieqa għal ħafna ħin, sabiex Klara u ħutha s-sorijiet ikunu jistgħu jitfarrġu għad-dehra tiegħu, kollhom maħsulin bid-dmugħ u bin-niket kif kienu, għaliex raw li issa kienu mċaħħdin mill-faraġ u t-twissijiet ta’ missier bħal dak. [CA 13; 1C 116-117]

IV TAQSIMA

# DOKUMENTI PAPALI
# DWAR KLARA
# U S-SORIJIET FOQRA

# INTRODUZZJONI

Meta wieħed jistudja d-dokumenti dwar Klara ta' Assisi u s-Sorijiet Foqra ta' San Damiano, mall-ewwel jintebaħ li diversi minnhom huma dokumenti ġejjin mill-Kurja Rumana, u saħansitra mill-Papiet. Fil-fatt, il-Papiet kollha li kienet taf Klara, bl-eċċezzjoni ta' Ċelestinu IV li miet xahar wara l-elezzjoni tiegħu, kitbu dokumenti ta' natura ġurdika li bagħatu lis-Sorijiet Foqra jew tal-monasteru ta' San Damiano, inkella dawk ta' monasteri oħrajn. Għal studju dwar ir-relazzjoni bejn il-Papiet u s-Sorijiet Foqra fis-seklu 13, cfr. E. PASZTOR, "The Popes of the Thirteenth Century and Women Religious", GR 7 (1993) 381-405.

Id-dokumenti papali li sejrin naraw f'din is-sezzjoni huma dawk li inkitbu meta Klara kienet għadha ħajja. Bosta minnhom huma ripetizzjonijiet jew varjazzjonijiet ta' dokumenti li għandhom x'jaqsmu ma' fundazzjonijiet ġodda jew biex iwieġbu għal xi bżonnijiet jew problemi partikulari. F'xi każi d-dokumenti ma waslux għandna, u nafu bihom biss minn informazzjoni miġbura minn arkivji djoċesani u monastiċi. Aħna għażilna li nittraduċu biss uħud minn dawn id-dokumenti, li jidhru l-aktar importanti, filwaqt li tingħata l-indikazzjoni fin-noti dwar fejn jinsabu l-verżjonijiet latini oriġinali tagħhom.

Ta' min jiftakar li diġà ittraduċejna xi dokumenti papali fil-kuntest tal-Kitbiet ta' Santa Klara u fil-Fonti għal Ħajja ta' Santa Klara. Dawn jinkludu, b'mod partikulari, il-Privileġġ tal-Faqar mogħti minn Innoċenz III (1216) u Girgor IX (1228), il-*Constitutiones Hugolinianae* (1219), ir-Regola ta' Innoċenz IV (1947), u l-Bulla *Solet annuere* li biha ġiet ikkonfermata r-Regola ta' Santa Klara (1253).

## DOKUMENTI TAL-PAPA INNOĊENZ III

1216: *Sicut manifestum est,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano f'Assisi[475].

## DOKUMENTI TAL-PAPA ONORJU III

1219 [9 ta' Diċembru]: *Sacrosancta Romana Ecclesia,* Lis-Sorijiet Foqra ta' Monticello[476].

[757] Lill-maħbubin uliedna fi Kristu, l-Badessa u s-Sorijiet tal-Monasteru ta' Santa Maria del Santo Sepolcro f'Monticello fid-djoċesi ta' Firenze, saħħa u barka apostolika.

Il-Knisja l-aktar qaddisa Rumana, minħabba d-dmir tagħha ta' devozzjoni ta' omm, għandha d-drawwa li tistma lil uliedha devoti u umli, u sabiex huma ma jiġux imxekklin mill-qawwa tal-ħżiena, bħala omm mimlija kura lejhom hi tħarishom bħal sur bil-kenn tagħha.

Tabilħaqq, ħuna venerabbli Ugolino, l-Isqof ta' Ostia, meta hu kien imħabbat fit-twettieq tad-dmirijiet ta' l-uffiċċju tiegħu bħala Legat fl-inħawi tagħkom, f'isimna aċċetta minn Advengnente, soru tal-monasteru tagħkom, qabel ma din daħlet fil-ħajja reliġjuża, biċċa art li tinsab fil-post imsejjaħ Santo Sepolcro ta' Monticello, flimkien ma' dak kollu li hu marbut magħha, skond il-liġi u d-dritt ta' proprjetà legali tal-Knisja Rumana, kif Aħna konna ikkmandajnieha tagħmel. Fil-monasteru tagħkom li inbena hemmhekk, hi kellha tagħmel fondazzjoni għal dak kollu li hu meħtieġ għat-tkabbir u l-approvazzjoni ta' l-Ordni tagħkom. Filwaqt li nħarsu bil-favur fuq it-talbiet ġusti tagħkom, Aħna nikkonfermaw dak li diġà twettaq mill-istess Isqof, u nqisuh li hu validu u li jogħġobna, wara li kien dan l-Isqof li waqqaf l-Ordni tagħkom, skond dak li jiġi inkluż f'dan il-privileġġ, u nsaħħu dan kollu bil-protezzjoni ta' dan li sejrin niktbulkom issa.

Madankollu, għall-ħarsien akbar tagħkom u tal-monasteru tagħkom, Aħna obbligati li f'din l-ittra niktbu kelma b'kelma f'hiex jikkonsisti dan l-istess privileġġ, li hu dan li ġej:

Ugolino, għall-ħniena ta' Alla Isqof ta' Ostia u Velletri, Legat għas-Sede Apostolika, lill-maħbubin uliedu fi Kristu, il-Badessa tal-Monasteru ta' Santa Maria del Santo Sepolcro ta' Monticello, fid-djoċesi ta' Firenze, lil Advengnente u s-Sorijiet tagħha kemm dawk preżenti u kemm dawk futuri li jipprofessaw il-ħajja reliġjuża; lill-verġni prudenti, li bl-imsiebaħ tagħhom mixgħulin u lebsin l-abitu tal-ħajja reliġjuża qed iħejju ruħhom permezz ta' ħidmiet ta' qdusija biex imorru jiltaqgħu ma' l-Għarus tagħhom, u flimkien miegħu jidħlu fit-tieġ tas-sema, aħna rridu naqsmu magħkom dak li nħossu, li ma jmurx li b'mod temerarju u bil-għaġġla intom terġgħu lura mill-għan qaddis tagħkom jew (Alla jħares qatt) iddgħajfu l-qawwa tar-Reliġjon qaddisa. Għal din ir-raġuni, Advengnente, bint maħbuba tagħna fil-Mulej, b'affett mimli gratitudni, Aħna naqblu mat-talbiet ġusti tiegħek u nilqgħu bħala dritt ta' proprjetà ta' l-Imqaddes Pietru u tal-Knisja Rumana, biċċa art flimkien mal-bini kollu li hemm fiha u dak kollu li hu marbut magħha, li inti kellek f'San Sepolcro f'Monticello fid-djoċesi ta' Firenze u li inti, bil-libertà u l-ġenerożità kollha, tajtna f'isem il-Knisja Rumana. Fuq din l-art inti tixtieq li tiddedika monasteru għall-unur ta' Alla

[475] Dan id-dokument jiġi meqjus bħala l-*Privilegium Paupertatis* li Innoċenz III ta lil Klara u lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano. It-test jinsab fin-numri 168-171.

[476] *Bullarium Franciscanum* (BF), I, ed. J.H. Sbaralea, Roma 1759, 3-5.

u tal-Verġni glorjuża Ommu, sabiex inti toffri lilek innifsek hemmhekk bħala offerta tal-ħruq lill-Mulej u bl-eżempju tiegħek issejjaħ oħrajn biex jingħaqdu f'rabta divina. Tabilħaqq, inti tlatbna għall-privileġġ tal-protezzjoni tas-Santa Sede biex tiddefendi l-post innifsu u l-persuni li hemmhekk jaqdu lil Alla kontra l-indħil ta' nies b'intenzjoni ħażina. Bit-talbiet qaddisa tiegħek Aħna rridu li nilqgħu mingħajr medjatur bħala offerta lill-Knisja Rumana u taħt il-protezzjoni ta' San Pietru, dan il-monasteru tal-Verġni glorjuża, li fih inti offrejt lilek innifsek f'rabta divina, flimkien mal-persuni u ma' dak kollu li għandkom, u Aħna nsaħħu dan il-privileġġ permezz ta' din l-ittra. Aħna għamilna din il-fundazzjoni speċjali sabiex f'dan il-post jitwaqqaf Ordni monastiku skond il-Mulej u r-Regola ta' San Benedittu, li intom tipprofessaw, u li għandha tiġi mħarsa bla ebda ksur għaż-żminijiet kollha. Minkejja dan, barra mir-Regola ġenerali ta' l-Imqaddes Benedittu, intom b'rieda ħielsa intrabattu għall-Osservanza Regolari tas-Sorijiet ta' Santa Maria ta' San Damiano f'Assisi. Dawn aħna approvajniehom u aħna niddikjaraw li din il-forma ta' ħajja tagħhom ma tistax titħassar għal dejjem. Barra dan, Aħna nikkonfermaw għalikom il-post tagħkom u dak kollu li jiġi mibni legalment fih, u li intom tippossjiedu skond il-liġi kanonika, u permezz tagħkom Aħna nikkonfermawh għal dawk li kanonikament jiġu warajk, u Aħna wkoll niddikjaraw li bl-awtorità ta' din il-kitba preżenti intom immuni minn kull irbit ta' ħlas ta' għexur għall-klawsura tagħkom u għall-frott tal-ġonna tagħkom. Minkejja dan, għal dawn il-ħwejjeġ u għal oħrajn ukoll, li bihom il-knisja tagħkom, b'liġi djoċesana, għandha tintrabat mal-knisja ta' Firenze, intom ta' kull sena obbligati li tħallsu libbra xemgħa biss u xejn aktar fil-festa ta' San Zenobio tal-knisja ta' Firenze. Intom ukoll għandkom il-permess li tilqgħu magħkom fil-knisja tagħkom dawk in-nisa ħielsa u dawk li jaħarbu mid-dinja biex jikkonvertu, u li żżommuhom mingħajr xejn kuntrarju għal dan. Mhux biss, imma talli Aħna nagħmlu projbizzjoni li mhix ħaġa xierqa għal ebda waħda mis-Sorijiet tagħkom li titlaq minn dan il-post wara li tkun għamlet il-professjoni fil-knisja tagħkom, jew li toħroġ mill-klawsura. Ħadd ma għandu jazzarda li jżomm lil xi Soru li tkun se titlaq mingħajr il-prekawzjoni tal-kelma miktuba tagħkom. Għan-nies l-oħrajn mhix ħaġa xierqa li huma jidħlu fil-klawsura tagħkom mingħajr il-permess speċjali tagħna. Id-dedikazzjonijiet tal-knejjes tagħkom, il-konsagrazzjonijiet ta' l-altari tagħkom, il-liġijiet li jridu jħarsu l-kjeriċi tagħkom, li jiġu promossi għall-Ordni Sagri, dawn intom għandkom tirċevuhom mill-Isqof djoċesan jekk huma jkunu jridu jaqdukom mingħajr ħlas u mingħajr l-ebda irregolarità. Inkella jkollkom il-permess li intom tavviċinaw lil xi Isqof li intom tippreferu, li jkollu l-favur u jkun f'komunjoni mas-Sede Apostolika, u li bl-awtorità tas-Sede Apostolika jkun jista' jwettaq b'impenn dak kollu li intom titolbuh. Jista' jiġi istitwit kappillan temporanju jew permanenti għall-knisja tagħkom bl-għarfien ta' l-Isqof tad-djoċesi, u Aħna nirriservaw il-korrezzjoni kanonika ta' dan l-istess saċerdot lill-Isqof ta' Firenze.

Inti issa tiġi maħtura li tkun Badessa ta' dan il-post: u trid tara wkoll jekk inti tkunx tista' jkollok Soru oħra mill-komunità tiegħek biex tiġi warajk fl-uffiċċju tiegħek. L-ebda qerq fin jew vjolenza ma għandu jkun hemm qabel dan l-att, ħlief li bil-kunsens komuni tas-Sorijiet jew ta' dik is-sezzjoni ta' Sorijiet prudenti tal-komunità jkun jidher li l-kandidata għandha tiġi eletta fi qbil mal-biża' ta' Alla u mar-Regola ta' San Benedittu. L-elezzjoni għandha wkoll titħabbar lill-Papa, jew lil-Legat tiegħu *a latere*, jew lil dak li fuqu l-Papa jkun qiegħed il-piż ta' dan id-dmir sabiex hu mingħajr dewmien iwettaq dak li bih l-elezzjoni tiġi ikkonfermata u l-grazzja tal-barka tingħata. Ma' dan inżidu, il-korrezzjonijiet tar-ras u wkoll tal-membri li fil-Knisja tiegħek għandhom jiġu korretti, huma riservati biss lill-Papa jew lil dak li Hu jkun ħatar f'ismu għal dan il-għan. Aħna għaldaqstant nipprojbixxu lil kwalunke Isqof jew persuna ekkleżjastika jew sekulari oħra li tindaħal fil-libertajiet tagħkom taħt pretest ta' drawwa, jew li b'xi mod ieħor tazzarda li titlob xi ħaġa minnkom, jew li jiftlilha li kontrikom jew kontra l-Knisja tagħkom tiddikjara sentenzi ta'

interdett jew skomunika. Minkejja dan, meta jiġi iddikjarat interdett ġenerali ta' xi żona, intom għandkom tagħalqu l-bibien, għandkom teskludu lill-iskomunikati u l-interdetti, għandkom taraw li ma jindaqqux qniepen, għandkom tiċċelebraw l-Uffiċċju Divin minn taħt l-ilsien. Hekk b'mod speċjali intom iżżommu 'l bogħod lil dawk li jisolħu bl-imgħax, lill-iskomunikati, lill-eretiċi, jew lil dawk li jiġu akkużti b'ereżija, u lil dawk li huma interdetti bl-isem mill-Knisja ta' Firenze għal dawk il-ħwejjeġ kollha li għandhom x'jaqsmu ma' din il-ħajja, jew mal-mewt. Lanqas ma għandkom il-permess li jkollkom qabar ħlief għalikom infuskom biss, u għall-persuni l-oħrajn li jiġu deputati bħala qaddejja tagħkom. Għall-għarfien ta' dan mis-Santa Sede, darba fis-sena intom tħallsu munita tad-deheb li hi sinjal tal-ħelsien tagħkom. Għaldaqstant, Aħna iddeċidejna li ħadd ma għandu l-permess li, bi ħsieb ħażin, jiddisturba lil dan il-monasteru, jew li jġorr ħwejjeġ li huma fil-pussess tiegħu, jew li jżomm u jnaqqas minn dak li jkun ħa, jew li jxekkel il-ħajja bih bl-ebda mod li jdejjaq: imma kollox għandu jiġi mħares għal dawn is-Sorijiet li t-tmexxija u s-sosteniment tagħhom ġie mogħti skond l-intenzjoni tas-Santa Sede. Għaldaqstant, jekk fil-futur xi persuna ekkleżjastika jew sekulari b'intenzjoni qarrieqa tmur kontra din il-paġna tal-Kostituzzjoni Tagħna, u wara li tkun imwissija għat-tieni u għat-tielet darba (ħlief fil-każ li tkun ikkoreġiet l-offiża b'soddisfazzjon xierqa), dik il-persuna għandha tiġi mneżża' mill-awtorità, unur u dinjità tagħha. Din l-istess persuna ma tkunx tista' tirċievi l-Ġisem u d-Demm l-aktar qaddisa tal-Mulejt tagħna Ġesù Kristu, u f'jum il-ħaqq hi tkun soġġetta għall-ħlas iebes. Minkejja dan, jalla s-sliem tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu jkun fuq dawk kollha li fl-istess post jgħixu bir-restrizzjonijiet tagħhom, sakemm huma jkunu konxji mill-frott tal-barka u jalla huma jsibu quddiem l-Imħallef aħrax il-premji tal-paċi ta' dejjem. Amen.

Mogħti f'Perugia fil-Monasteru ta' San Pietro, fis-27 ta' Lulju, fis-sena tal-Mulej 1219, fis-seba' *indictio* u fir-raba' sena tal-pontifikat tas-Sinjur Papa Onorju III.

Ħadd, għalhekk, ma jista' jġib fix-xejn din il-kitba tagħna ta' twettieq, jew bi ħsieb ħażin imur kontriha. Jekk xi ħadd ikollu l-ħila jipprova jagħmel dan, ħa jkun jaf li jaqa' taħt il-qilla ta' Alla li jista' kollox u tal-qaddisin Appostli tiegħu Pietru u Pawlu.

Mogħti f'Viterbo, fid-9 ta' Diċembru, tar-raba' sena tal-Pontifikat Tagħna.

1222 [19 ta' Settembru]: *Sacrosancta Romana Ecclesia*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Gattaiola[477].

1222 [19 ta' Settembru]: *Sacrosancta Romana Ecclesia*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Siena[478].

1222 [24 ta' Settembru]: *Sacrosancta Romana Ecclesia*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Perugia[479].

1224 [14 ta' Mejju]: *Iustus petentium desideriis*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Milano[480].

---

477 BF I,10-11.
478 BF I,11-13.
479 BF I,13-15.
480 P.M. SEVESI, "Il monastero delle Clarisse in S. Apollinare di Milano. Documenti sec. XIII-XVIII", AFH 17 (1924) 338-364, 520-544.

# DOKUMENTI TAL-PAPA GIRGOR IX

1227 [28 ta' Lulju]: *Magna sicut dicitur,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Milan[481].

1227 [1 ta' Awissu]: *Magna sicut dicitur,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Spello[482].

1227 [4 ta' Awissu]: *Inter venerabilem fratrem,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Spoleto[483].

1227 [5 ta' Awissu]: *Cum a nobis,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Milan[484].

1227 [12 ta' Awissu]: *Magna sicut dicitur,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Siena[485].

1227 [20 ta' Ottubru]: *Cum a nobis,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' San Tommaso del Sacro Monte[486].

[758] Girgor, Isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lill-maħbubin uliedna, il-Badessa u s-Sorijiet tal-Monasteru ta' San Tommaso del Sacro Monte: saħħa u barka apostolika.

Billi aħna obbligati li nħawwlu r-reliġjon, u meta nħawwlu, li immantnuha, aħna nistgħu bil-ġieħ nagħmlu dan meta nipprovdu għall-ħemda tar-reliġjużi, sabiex huma jkunu jistgħu bil-libertà kollha jingħataw għall-ħidmiet ta' l-ispirtu, speċjalment jekk dawn ir-reliġjużi jkunu nisa, li għalihom aktar jaqbel li tingħata l-protezzjoni apostolika, billi huma aktar dgħajfin mill-irġiel.

Kif aħna fhimna, ulied maħbubin tagħna fi Kristu, intom kasbartu l-ħwejjeġ kollha li jgħaddu flimkien mad-dinja, u iddedikajtu lilkom infuskom għal kollox għal Kristu, billi ingħalaqtu ġewwa għal dejjem fil-klawsura u qiegħedtu dak kollu li għandkom bżonn f'idejn il-faqar, ħalli intom tkun tistgħu tgħidu tabilħaqq: Ma għandniex wirt ieħor ħlief Kristu. Bil-qalb kollha, mela, aħna nixtiequ nipprovdulkom għall-ħemda tagħkom, sabiex il-għamla qaddisa tal-ħajja tagħkom tkun tista' xxerred il-fwieħa tagħha fil-bogħod, l-aktar għaliex il-għadu qadim, li dejjem jgħir għall-bnedmin ferħanin, hu mdorri li jqanqal il-ministri tiegħu kontra x-xewqat tal-Knisja.

Għaldaqstant Aħna nieħdu taħt il-protezzjoni ta' l-Imqaddes Pietru u Tagħna il-persuni tagħkom u l-post li ingħatalkom għat-tifħir divin, bil-beni kollha li dan il-post jippossjiedi fil-preżent u Aħna nikkonfermaw dan bil-patroċinju ta' din l-ittra li qegħdin nibgħatu.

Ħadd, għalhekk, ma jista' jġib fix-xejn din il-kitba tagħna ta' twettieq, jew bi ħsieb ħażin imur kontriha. Jekk xi ħadd ikollu l-ħila jipprova jagħmel dan, ħa jkun jaf li jaqa' taħt il-qilla ta' Alla li jista' kollox u tal-qaddisin Appostli tiegħu Pietru u Pawlu.

Mogħti f'Velletri, fl-20 jum ta' Ottubru, fl-ewwel sena tal-Pontifikat Tagħna.

---

[481] P.M. SEVESI, "Il monastero delle Clarisse in S. Apollinare", AFH 17 (1924) 349-350.
[482] A. POTTHAST, *Registra Pontificum Romanorum inde ab A. post Christus Natum MCXCVIII ad A. MCCCIV,* Vol. I, Berlin 1873, 691/7987.
[483] BF I,32.
[484] BF I,351.
[485] BF I,33-34.
[486] *Pro Monialibus* 39 (1973) 7.

1228 [3 ta' Jannar]: *Indigentium Monasterii,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Perugia[487].

1228 [31 ta' Jannar]: *Solet annuere,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Civita Castellana[488].

1228 [31 ta' Marzu]: *Cum a nobis,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Pamplona[489].

1228 [28 ta' April]: *Iustis petentium desideriis,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Milano[490].

1228 [17 ta' Settembru]: *Sicut manifestum est,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Assisi[491].

1228 [30 ta' Ottubru]: *Solet annuere,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Todi[492].

1228 [20 ta' Novembru]: *Pie mentis est,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Monticello[493].

1229 [18 ta' Jannar]: *Sacrosancta Romana Ecclesia,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' San Severino[494].

1229 [11 ta' Frar]: Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Gubbio[495].

1229 [18 ta' Marzu]: *Cum mortuae mundo,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' San Severino[496].

1229 [16 ta' Ġunju]: *Sicut manifestum est,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Monte Lucidi[497].

[759] Girgor, isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lill-maħbubin uliedna fi Kristu, Agnese u l-qaddejja l-oħra ta' Kristu miġburin flimkien fil-knisja ta' Santa Maria di Monte Lucidi ta' l-Isqof ta' Perugia, saħħa u barka apostolika.

Bħalma diġà deher, intom għandkom ix-xewqa ħerqana li tingħataw lill-uniku Mulej, u ċħadtu għal kull xewqa ta' ħwejjeġ ta' din id-dinja. Għaldaqstant, *intom ridtu tbiegħu u tqassmu kollox lill-foqra* (Lq 18,22), u twiegħdu li ma jkollkom xejn tagħkom, ħalli b'hekk tibqgħu magħqudin u *timxu fuq il-passi* (1Pt 2,21; 2Kor 8,9) ta' dak li għalina sar fqir, hu li hu *triq, verità u ħajja* (Ġw 14,6); u minn din il-wegħda l-ebda nuqqas ta' ħwejjeġ ma jreġġagħkom lura; l-*id ix-xellugija* ta' l-Għarus tas-sema tinsab *taħt raskom* (Għan 2,6; 8,3.6) biex isostni d-dgħufija ta' ġisimkom, li intom qiegħdtu taħt il-liġi ta' l-ispirtu b'karità meqjusa. Ibqgħu żguri li dak li *jitma l-għasafar ta' l-ajru u jlibbes il-ġilji ta' l-għelieqi* (Mt 6,26-28), mhux se jonqos li jipprovdilkom l-ikel u l-ilbies, sakemm *jgħaddi jaqdikom* (Lq 12,37) hu nnifsu fl-eternità, jiġifieri meta l-id il-

487 BF I,38-39.
488 L. OLIGER, "Documenta originis Clarissarum civitatis Castelli Eugubii", AFH 15 (1922) 71-102.
489 J.R. DE LARRINAGA, "Las Clarissas de Pamplona", *Archivo Ibero-Americano* 5 (1945) 252-253.
490 P.M. SEVESI, "Il monastero delle Clarisse in S. Apollinare a Milano", AFH 17 (1924) 353.
491 BF I,62.
492 BF I,46-47.
493 BF I,47.
494 M. FALOCI PULIGNANI, "Le Clarisse di S. Paolo presso Spoleto in documenti inediti del XIII secolo", MF 11 (1909) 65-82.
495 U. PESCI, "Conventi Francescani in Gubbio", SF 13 (1927) 407.
496 M. FALOCI PULIGNANI, "Le Clarisse di S. Paolo presso Spoleto", MF 11 (1909) 101.
497 BF I,50.

leminija tiegħu tħaddankom fil-milja tal-viżjoni tiegħu. Għaldaqstant, bħalma tlabtuna, nikkonfermaw il-proponiment tagħkom ta' l-*ogħla faqar* (cfr. 2 Kor 8,2) bil-favur apostoliku, filwaqt li nagħtukom id-dritt, bl-awtorità ta' din il-kitba, li ma tistgħux tiġu mġiegħlin minn ħadd li tirċievu proprjetà.

Għaldaqstant mhu leċitu għal ħadd li jmur kontra dan id-dokument tal-konċessjoni tagħna jew li jiksruh b'mod temerarju. Jekk xi ħadd ifettillu jagħmel hekk, għandu jkun jaf li jaqa' taħt il-korla ta' Alla li jista' kollox u ta' l-appostli qaddisin tiegħu Pietru u Pawlu.

Mogħti f'Perugia, fis-16 ta' Ġunju, tat-tielet sena tal-pontifikat tagħna.

1229 [2 ta' Ottubru]: *Sacrosancta Romana Ecclesia,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Cittanova[498].

[760] Girgor, isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lill-maħbubin uliedna fi Kristu, il-Prijura u s-Sorijiet ta' Monte Panico di Cittanova, saħħa u barka apostolika.

Il-Knisja l-aktar qaddisa Rumana hi mdorrija li bil-qalb tistma lil uliedha devota u umli minħabba t-tjieba li dejjem juru; li ma jmorrux jiġu mxekklin mill-indħil ta' persuni qarrieqa. Bħala omm mimlija kura lejhom, hi tmantnihom taħt it-tarka tal-protezzjoni tagħha. Għal din ir-raġuni, ja ulied maħbubin tagħna fil-Mulej, wara li intom ġejtu biex tgħixu flimkien fi qbil li jogħġobkom u skond it-talbiet ġusti tagħkom, Aħna nirċievu taħt il-protezzjoni tagħna u ta' l-Imqaddes Pietru il-persuni tagħkom u l-post li fih, bil-favur divin, intom mortu toqogħdu u nagħtukom il-validità permezz ta' din l-Ittra.

Għaldaqstant mhu leċitu għal ħadd li jmur kontra dan id-dokument tal-konċessjoni tagħna jew li jiksruh b'mod temerarju. Jekk xi ħadd ifettillu jagħmel hekk, għandu jkun jaf li jaqa' taħt il-korla ta' Alla li jista' kollox u ta' l-appostli qaddisin tiegħu Pietru u Pawlu.

Mogħti f'Perugia, fl-4 ta' Ottubru, tat-tielet sena tal-pontifikat tagħna.

1229 [22 ta' Novembru]: *Religiosam vitam,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Todi[499].

[761] Girgor, isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lill-maħbubin uliedna fi Kristu, il-Badessa tal-Monasteru ta' Santa Maria delle Vergini fil-limiti ta' Todi, u s-Sorijiet tagħha, kemm dawk preżenti kif ukoll dawk futuri, saħħa u barka apostolika.

Il-ħajja reliġjuża magħżula minn dawk li jridu jgħixuha, hu xieraq li tingħata l-protezzjoni apostolika, biex dawn ma jmorrux jissejħu lura mill-impenn li wegħedu b'vot reliġjuż taħt il-qawwa tal-preżunzjoni, jew jonqsu milli jkunu f'saħħithom (nittama li dan ma jseħħx) fir-Reliġjon qaddisa. Għaldaqstant, ja uliedna maħbuba fil-Mulej, Aħna bil-ġenerożità kollha nilqgħu t-talbiet ġusti tagħkom, u nieħdu taħt il-patroċiju Tagħna u ta' San Pietru l-Monasteru ta' Santa Maria delle Vergini fil-limiti ta' Todi, li tiegħu intom iġġibu t-titlu b'dak kollu li jappartjeni lilu, u Aħna nsaħħu din id-deċiżjoni tagħna bl-ordinament ta' dan id-dokument preżenti. Aħna qegħdin nagħmlu dan b'mod speċjali għaliex intom iddeċidejtu li għandkom tkunu magħrufin bħala Ordni monastiku, li ġie mwaqqaf hemmhekk skond Alla u r-Regola ta' San Benedittu, sabiex hekk jibqa' jitħares mingħajr ksur għal dejjem. Għandkom ukoll ikollkom il-permess li tirċievu għall-

[498] BF I,52.
[499] BF I,52-53.

konverżjoni persuni li huma ħielsa, dawk li jridu jaħarbu mid-dinja, u li żżommuhom magħkom mingħajr xejn kuntrarju għal dan.

Barra minn dan, Aħna nagħtukom din il-projbizzjoni: jiġifieri li ma tkunx ħaġa tajba għas-Sorijiet tagħkom li, wara li jkunu għamlu l-professjoni fil-monasteru tagħkom, joħorġu minn dan il-post, u ħadd ma għandu jirċievi lil dik li tkun ħarġet. Għall-konsagrazzjoni ta' l-altari tagħkom jew tal-knisja tagħkom jew taż-Żjut imqaddsa, jew għall-amministrazzjoni tas-Sagrament tal-Knisja, ħadd ma għandu jazzarda li jieħu xi ħaġa mingħandkom taħt il-pretest ta' drawwa jew b'xi mod ieħor. L-Isqof tad-djoċesi għandu jipprovdi dawn il-ħwejjeġ kollha għalikom b'xejn. Inkella b'din l-awtorità Tagħna intom ikollkom il-permess li tirċievu dan il-favur mingħand il-Prelati li tagħżlu intom, basta dawn ikunu f'komunjoni mas-Sede Apostolika.

Jekk it-tron ta' l-Isqof djoċesan isir vakanti, is-Sagramenti kollha tal-Knisja sadanittant tistgħu tirċevuhom mill-Isqfijiet tal-viċin mingħajr l-ebda kuntradizzjoni, imma b'tali mod li fil-futur ma jinħoloq l-ebda preġudizzju minn dan mill-Isqof regolari tagħkom.

U jekk, xi mindaqqiet intom ma jkollkomx Isqfijiet biżżejjed għalikom, u Isqof tas-Sede Rumana li, skond kif ngħidu, jkun f'relazzjoni tajba u f'komunjoni mas-Sede Apostolika, u li dwaru intom ikollkom tagħrif sħiħ, ikun jinzerta għaddej qrib l-inħawi fejn tgħixu, bl-awtorità tas-Sede Apostolika intom għandkom il-permess li tirċievu mingħandu l-barka tas-Sorijiet.

Barra minn dan, jekk xi Isqfijiet, jew retturi oħrajn ta' knejjes, ikunu ordnaw xi sentenza ta' sospensjoni, skomunika jew interdett kontra l-monasteru tagħkom jew kontra l-persuni li jgħixu fih, Aħna iddeċidejna li din is-sentenza, jekk tkun kuntrarja għall-indulti tas-Sede Apostolika, ma tistax torbotkom.

Mhux biss, imma meta jkun qed iseħħ interdett territorjali, intom tistgħu tiċċelebraw l-Uffiċċju Divin minn taħt l-ilsien u mingħajr id-daqq tal-qniepen wara li tkunu għalaqtu barra mill-bieb tagħkom lil dawk li huma skomunikati jew interdetti. Meta l-Badessa ta' l-istess post tkun ta' xkiel għalik, jew waħda mis-Sorijiet tkun se tidħol fl-uffiċċju tiegħek ta' Badessa, ma għandu jintuża l-ebda għerf qarrieq u lanqas l-ebda pressjoni ma għandha tiġi eżerċitata ħlief meta xi soru, bi qbil komuni tal-parti l-kbira tal-kunsill tad-diskrieti, tkun rat minn qabel li hi sejra tkun eletta skond Alla u r-Regola ta' San Benedittu.

Billi bi ħlewwa ta' missier Aħna nixtiequ nipprovdu għall-paċi u l-hedu tagħkom fil-ġejjieni, bl-awtorità apostolika tagħna aħna rridu nipprovdu għal dan li ġej: ħadd ma għandu jazzarda jidħol fil-klawsura tal-monasteru biex jisraq jew jieħu affarijiet, jew iqabbad in-nar, jew ixerred id-demm, jew iżomm persuna taħt il-jasar tiegħu, jew joqtolha, jew jagħmel għemejjel ta' vjolenza.

Għaldaqstant aħna nikkonfermaw b'dan il-privileġġ speċjali u nsaħħu bil-protezzjoni ta' din il-kitba preżenti l-libertajiet kollha u l-immunitajiet li Ħuna l-venerabbli, l-Isqof ta' Todi, flimkien mal-Kapitlu tiegħu, bil-kunsens indulġenti tiegħu, akkumpanjakom u li mbagħad ressaq quddiemna biex nikkonfermawha bil-miktub. Bħala turija ta' dan il-ħelsien li intom irċevejtu mis-Sede Apostolika, intom tħallsu s-somma ta' libbra xemgħa ta' kull sena Lilna u lis-suċċessuri Tagħna.

Sabiex dan il-privileġġ jiġi innutat bħala miżura ta' prekawzjoni, Aħna qed intennu dak li għidna f'Ittra preċendenti Tagħna li taqra hekk: "Girgor, Isqof ... lill-maħbubin uliedu fi Kristu, il-Badessa u s-Sorijiet tal-Monasteru ta' Santa Maria delle Vergini fil-limiti ta' Todi: saħħa ... Mogħti f'Perugia fit-30 ta' Ottubru fit-tieni sena tal-pontifikat tagħna".

Għaldaqstant, Aħna niġġudikaw li assolutament ħadd ma għandu jitħalla li, bi ħsieb ħażin, ixekkel il-paċi ta' dan il-monasteru, jew li jisraq dak li jippossjedi, jew li jżommhom għalih u jnaqqas minnhom, jew li jwettaq kull xorta ta' indħil f'dawn il-kwestjonijiet, imma araw li dak

kollu li tippossjedu, li jservu għal bosta użi, għandhom jitħarsu għal dawk li ġew mogħtija biex jiggvernaw u jħarushom, ħlief fil-każ fejn tidħol l-awtorità tas-Sede Apostolika.

Għalhekk, jekk fil-ġejjieni xi persuna, jew ekkleżjastika jew sekulari, li tkun taf b'din it-taqsima tal-Kostituzzjonijiet tagħna, tkun marret kontriha bi ħsieb ħażin, wara li tiġi imwissija għat-tieni u għat-tielet darba, jekk ma tkunx ikkoreġiet din l-akkuża kontriha permezz ta' soddisfazzjon xieraq, għandha tiġi mneżża' mid-dinjità ta' l-awtorità u tal-ġieħ tagħha, u għandha tkun taf li hi tkun meqjusa bħala ħatja quddiem il-ġudizzju divin talli wettqet dan l-għemil ta' ksur ta' liġi; dik il-persuna għandha tinżamm 'il bogħod mill-Ġisem u d-Demm l-aktar qaddisa ta' Alla u tal-Mulej u Feddej tagħna Ġesù Kristu, u f'jum il-ħaqq għandha tkun soġġetta għall-vendetta iebsa. Jalla l-paċi tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu, iżda, tkun mal-qaddejja kollha ta' dak il-post skond il-liġijiet tiegħu; sabiex huma jieħdu sehem hawnhekk mill-frott ta' l-għemil tajjeb, u jsibu l-ħlas tal-paċi eterna quddiem l-Imħallef iebes. Amen, Amen, Amen.

Mogħti f'Perugia minn idejn *messere* Martino, Viċi Kanċillier tal-Knisja Mqaddsa Rumana, fit-22 ta' Novembru, fit-tielet sena tal-Pontifikat tas-Sinjur Papa Girgor IX.

1229 [22 ta' Novembru]: *Religiosam vitam*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Gattaiola[500].

1229 [21 ta' Diċembru]: *Religiosam vitam*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Monticello[501].

1229 [21 ta' Diċembru]: *Religiosam vitam*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Spello[502].

1230 [21 ta' Jannar]: *Cum mortuae mundo*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Pamplona[503].

1230 [26 ta' Jannar]: *Religiosam vitam*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Siena[504].

1230 [1 ta' Marzu]: *Cum a nobis*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Milano[505].

1230 [11 ta' Mejju]: *Religiosam vitam*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Massa Trabaria[506].

1231 [23 ta' April]: *Inter alia quae Christo*, Lill-Isqof ta' Firenze[507].

1231: *Annuere consuevit*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Pamplona[508].

1231 [18 ta' Ġunju]: *Sacrosancta Romana Ecclesia*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Dubrovnik[509].

---

500 BF I,54.
501 BF I,56.
502 BF I,57.
503 J. RUIZ DE LARRANIGA, "Las Clarissas de Pamplona", *Archivo Ibero-Americano* 5 (1945) 255.
504 BF I,57.
505 P.M. SEVESI, "Il monastero delle Clarisse in S. Apollinare di Milano", AFH 17 (1924) 354.
506 BF I,62.
507 BF I,62-63.
508 BF I,72.
509 A. POTTHAST, *Registra Pontificum Romanorum inde ab A. post Christus Natum MCXCVIII ad A. MCCCIV*, Vol. 1, Berlin 1873, 751.

1231 [1 ta' Lulju]: *Religionis vestrae meretur,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Milano[510].

1231 [18 ta' Lulju]: *Ad faciendam vobis,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Perugia[511].

1232 [29 ta' Lulju]: *Solet annuere,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Spello[512].

1232 [7 ta' Ottubru]: *Volentes ut monasterium,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Rossano[513].

[762] Girgor, isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lill-maħbubin uliedna fi Kristu, il-Badessa tal-Monasteru tas-Sorijiet klawstrali ta' Santa Maria di Rossano, saħħa u barka apostolika.

Aħna nixtiequ li l-monasteru tagħkom igawdi minn numru tajjeb ta' persuni li jgħixu fih, imma fl-istess ħin ma rridux li l-monasteru innifsu, jekk jikber iżżejjed, isir piż għal dawk li jgħixu fih biex imantnuh jew li jsir ta' ħsara li ddgħajjef lil kull waħda minnhom.

Minħabba f'dan intom ma għandkomx tkunu aktar minn tnax il-soru u sitt qaddejja. Aħna sejrin nillimitaw bl-awtorità tagħna li jiżdiedu oħrajn magħkom.

Għaldaqstant mhu leċitu għal ħadd li jmur kontra dan id-dokument tal-konċessjoni tagħna jew li jiksruh b'mod temerarju. Jekk xi ħadd ifettillu jagħmel hekk, għandu jkun jaf li jaqa' taħt il-korla ta' Alla li jista' kollox u ta' l-appostli qaddisin tiegħu Pietru u Pawlu.

Mogħti f'Anagnina, fis-7 ta' Ottubru, fis-sitt sena tal-pontifikat tagħna.

1232 [13 ta' Ottubru]: *Quoniam ut ait,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Speyer[514].

1233 [18 ta' Frar]: *Licet ex suscepte,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Milan[515].

1233 [10 ta' April]: *Quia et Apostolus,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Spoleto[516].

1233 [29 ta' Mejju]: *Cum id in novo,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Campolungo[517].

1233 [31 ta' Mejju]: *Religiosam vitam,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Soissons[518].

1233 [4 ta' Ġunju]: *Gloriam virginalem,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Cambrai[519].

---

510 P.M. SEVESI, "Il monastero delle Clarisse in S. Apollinare di Milano", AFH 17 (1924) 356.
511 BF I,73.
512 BF I,82-83.
513 BF I,84.
514 L. AUVRAY, *Les Registres de Grégoire IX. Recueil des Bulles de ce papa publièes ou analysèes d'apres les manuscrits originaux du Vatican,* Vol. I, Bibliothèque des écoles françaises d'Athéneset de Rome, 1896-1899, 548-912.
515 BF I,96-97.
516 BF I,101.
517 BF I,107-108.
518 BF I,108-110.
519 A. POTTHAST, *Registra Pontificum Romanorum inde ab A. post Christus Natum MCXCVIII ad A. MCCCIV,* Vol. 1, Berlin 1873, 789/9218.

1233 [24 ta' Diċembru]: *Religionis vestrae meretur*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Treviso[520].

1233 [24 ta' Diċembru]: Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Viterbo[521].

1234 [13 ta' April]: *Ille dulcissimus spiritus*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Burgos[522].

1234 [7 ta' Ġunju]: *Ardens et illuminans*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Zaragoza[523].

1234 [30 ta' Awissu]: *Sincerum animi tui*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Praga[524].

1234 [31 ta' Awissu]: *Sincerum animi*, Lil Giovanni, Ministru tas-Sassonja u Tommaso, Kustodju fil-Boemja[525].

[763] Girgor, isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lill-maħbubin uliedu ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, Fra Giovanni, Ministru tas-Sassonja, u Fra Tommaso, Kustodju fil-Boemja, saħħa u barka apostolika.

Bis-sinċerità ta' ruħna u l-ferħ kollu aħna għarafna l-ħeġġa spiritwali tal-bint l-aktar għażiża tagħna fi Kristu, Agnese, oħt l-iben l-aktar għażiż tagħna fi Kristu, Vaclav, ir-re illustrissimu tal-Boemja, u għarafna wkoll il-fwieħa tad-devozzjoni tagħha. Aħna mimlijin ferħ b'dan kollu bħallikieku għad-dehra ta' għalqa mimlija li l-Mulej bierek. Filwaqt li niftakru fl-imħabba ta' Agnese l-oħra, *imħabba li ma setgħux jitfuha l-ħafna ilmijiet* (cfr. Għan 8,7), aħna nqumu biex infaħħru u nroddu ħajr lil Dak li jagħti l-ġid kollu. Hu, fil-ħniena tiegħu, ispiraha għal dan l-istat tar-ruħ, sabiex magħquda ma' *verġni* żgħażagħ *għaqlin* oħrajn, hi tista' tibqa' wieqfa u żgura *bil-musbieħ tagħha* lest għal meta *Hu jiġi għal għarrieda* (cfr. Mt 25,2-3.6). Għaliex Agnese imitat lill-wisq qaddisa Agense li semmejna. Għalkemm għadha xebba żagħżugħa, hi ma ħallietx lilha nnifisha tiġi mqarrqa mill-qawwa tad-dinja li tiġbed, jew li tiġi mirbuħa mill-glorja ta' l-art li tgħaddi. Imma billi qagħdet tqis il-favuri tad-dinja u l-abbundanza tal-ħwejjeġ ta' l-art bħala li ma jiswew għal xejn, hi ħarrġet lil ġisimha sabiex dan ikun qaddej ta' l-ispirtu, sabiex billi tiċħad dak kollu li jgħaddi hi tkun tista' tagħżel b'qalb nadifa l-Għarus tas-sema fl-Ordni tas-Sorijiet Foqra klawstrali, u flok reġina ssir qaddejja billi tiddedika lilha nnifisha għall-voti solenni ħalli taqdi lil *Dak li ċċekken mill-għoli tad-divinità tiegħu, ħa l-forma ta' qaddej* (cfr. Fil 2,7), u hekk *jgħolli lill-umli* (cfr. Lq 1,52) għas-salvazzjoni.

Għaldaqstant, l-iben l-aktar għażiż tagħna fi Kristu, Vaclav, ir-re illustrissimu tal-Boemja u ħuha, filwaqt li qed dmiru biex iqis li hi ingħatat saħħa mill-għoli bil-qawwa ta' l-Ispirtu, li hi kienet imqabbda bil-ħeġġa ta' l-imħabba lejn Kristu, u li l-intenzjoni tiegħu kienet ispirata minn Alla, hu warrab fil-ġenb dak li seta' jħoss skond l-imħabba li tgħaddi bejn l-aħwa. B'tjieba li togħġobna, hu għaġġel sabiex jagħti lill-Knisja Rumana l-art li fuqha seta' jinbena fi Praga monasteru u ospizju ad unur ta' San Franġisk, u li fih Agnese iddeċidiet li tagħlaq lilha nnifisha ġewwa flimkien ma' Sorijiet oħrajn. Hu u Ħuna l-miqjum, l-Isqof ta' Praga, djoċesan ta' dak il-

---

[520] BF I,118-119.
[521] BF I,299, numru 3. It-test ta' dan id-dokument ma nstabx.
[522] BF I,124.
[523] BF I,127.
[524] BF I,134-135.
[525] BF I,135-136.

post, bil-kunsens tal-Kapitlu, kull wieħed minnhom offrew dan il-post ta' tjieba b'rieda ħielsa u sħiħa, kif Aħna stajna naraw mill-ittri li ġew mibgħuta lilna.

Id-dilka ta' l-Ispirtu s-Santu iffurmat lil Agnese. Għal din ir-raġuni Aħna għandna tama qawwija li l-istess Spirtu li permezz tal-ħeġġa tagħha xettel hemmhekk l-Ordni skond ix-xewqa tagħha jista' dejjem jikber mit-tajjeb għall-aħjar. Għaldaqstant Aħna nikkmandawk permezz ta' dawn il-kitbiet apostoliċi u bl-awtorità Tagħna li tagħmilha Badessa ta' dan il-monasteru. Minkejja dan, għandha tiġi mogħtija lilha l-fakultà li tkun kapaċi tiddispensa, skond id-dixxerniment mogħti lilha mill-Mulej, f'diversi ġranet minn dak li r-Regola tikkmanda rigward is-sawm ħobż u ilma, u rigward l-għata tar-riġlejn u l-mantell.

Mogħti fi Spoleto, fil-31 ta' Awissu, fit-tmien sena tal-pontifikat tagħna.

1234 [25 ta' Ottubru]: *Solet annuere,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Alatri[526].

1234 [2 ta' Diċembru]: *Coelestia quaerentibus,* Lil Klara u lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano[527].

[764] Girgor, isqof, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lill-maħbubin uliedu fi Kristu, il-Badessa u s-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Assisi, saħħa u barka apostolika.

Billi intom tfittxu l-ħwejjeġ tas-sema u ċħadtu dawk ta' l-art, Aħna bil-libertà kollha nagħtukom dik il-protezzjoni speċjali tal-favur tagħna li nħossu li jnissel fikom il-grazzja tas-sliem u l-kontemplazzjoni. Għaldaqstant, bl-awtorità ta' din l-ittra tagħna, aħna nagħtukom, ja ulied maħbubin tagħna fi Kristu, li ħadd ma jista' jsejħilkom biex tweġbuh bl-istess indulġenza li nurukom Aħna, u jekk ma jkunx qabel semma' li se jagħmel dan lill-Ordni tagħkom.

Għaldaqstant mhu leċitu għal ħadd li jmur kontra dan id-dokument tal-konċessjoni tagħna jew li jiksruh b'mod temerarju. Jekk xi ħadd ifettillu jagħmel hekk, għandu jkun jaf li jaqa' taħt il-korla ta' Alla li jista' kollox u ta' l-appostli qaddisin tiegħu Pietru u Pawlu.

Mogħti f'Perugia, fl-4 ta' Diċembru, fit-tmien sena tal-pontifikat tagħna.

1234: *Coelestia quaerentibus,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Monticello[528].

1234 [12 ta' Diċembru]: *Quoties a nobis,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Foligno[529].

1235 [6 ta' Marzu]: *Religiosam vitam,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Alatri[530].

1235 [8 ta' Marzu]: *Coelestia quaerentibus,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Milan.

1235 [13 ta' Marzu]: *Coelestia quaerentibus,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Pamplona[531].

1235 [28 ta' Marzu]: *Cum olim bone memoriam,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Milan[532].

---

[526] BF I,140-141.
[527] BF I,143.
[528] BF I,143.
[529] BF I,143.
[530] BF I,147-148.
[531] J. RUIZ DE LARRINAGA, "Las Clarissas de Pamplona", *Archivo Ibero-Americano* 5 (1945) 256.
[532] BF I,149.

1235 [31 ta' Marzu]: *Solet annuere,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Faenza[533].

1235 [7 ta' April]: *Iustus petentium desideriis,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Milan.

1235 [21 ta' April]: *Solet annuere,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Milan.

1235 [24 ta' April]: *Religiosam vitam,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Spoleto[534].

1235 [5 ta' Mejju]: *Religiosam vitam,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Milan[535].

1235 [18 ta' Mejju]: *Cum relicta saeculi,* Lil Agnese u s-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Praga[536].

[765] Girgor, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, jibgħat it-tislijiet u l-barka apostolika lill-maħbubin uliedu fi Kristu, il-Badessa u l-Komunità tal-qaddejja klawstrali ta' l-Ordni ta' San Damiano tal-Monasteru ta' San Franġisk fi Praga.

Billi intom ħallejtu l-frugħat tad-dinja, u wara li ċħadtu għal dak li jiġbed fuq din l-art, qegħdin bil-qalb kollha ddawwru d-dgħufija tagħkom fi stabilità dejjiema, bil-providenza tat-tjieba divina, intom tistgħu timxu 'l quddiem fit-triq tal-perfezzjoni u fl-impenn tal-ħajja reliġjuża. U billi intom tixtiequ li tintrabtu mal-Mulej fl-ogħla faqar, billi tagħżlu li timxu wara Kristu l-fqir bħala nisa fqar, Aħna nfaħħru l-forma devota u qaddisa tal-ħajja tagħkom fit-tifħir li jistħoqqu lil Alla. Filwaqt li nroddu ħajr, Aħna lesti li nilqgħu t-talbiet tagħkom rigward l-Isptar ta' San Franġisk li jinsab qrib il-monasteru tagħkom.

Billi inti, ja binti Badessa, bnejt dan l-isptar fuq art tal-Knisja Rumana, Aħna qisna li dak kollu li fih bħala li hu proprjetà għal dejjem li tgħajjat lill-istess monasteru. Minkejja dawn il-preskrizzjonijiet, l-istess sptar b'dak kollu li fih ma jistax jiġi mifrud mill-monasteru bl-ebda mod jew b'xi skuża tkun liema tkun. Imma tista' dejjem tingħata żjieda għal dak kollu li l-isptar jippossjedi għall-użu tiegħek u ta' dawk li jiġu warajk, dejjem imħarsa l-awtorità tas-Sede Apostolika.

Għaldaqstant mhu leċitu għal ħadd li jmur kontra dan id-dokument tal-konċessjoni tagħna jew li jiksruh b'mod temerarju. Jekk xi ħadd ifettillu jagħmel hekk, għandu jkun jaf li jaqa' taħt il-korla ta' Alla li jista' kollox u ta' l-appostli qaddisin tiegħu Pietru u Pawlu.

Mogħti f'Perugia, fil-15 ta' Mejju, fid-disa' sena tal-pontifikat tagħna.

1235 [21 ta' Mejju]: *Solet annuere,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Milan[537].

1235 [22 ta' Mejju]: *Iustis petentium desideriis,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Collazone[538].

1235 [23 ta' Lulju]: *Religiosam vitam,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Pisa[539].

---

533 BF I,150.
534 BF I,153-154.
535 BF I,154-155.
536 BF I,156.
537 P.M. SEVESI, "Il monastero delle Clarisse in S. Apollinare in Milano", AFH 17 (1924) 363.
538 BF I,160-162.
539 BF I,167-169.

1235 [23 ta' Lulju]: *Religiosam vitam,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Collazione[540].

1235 [23 ta' Lulju]: *Religiosam vitam,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Orvieto[541].

1235 [25 ta' Lulju]: *Prudentes virginibus,* Lil Agnese u s-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Praga[542].

1235 [25 ta' Awissu]: *Cum mortuae mundo,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Perugia[543].

[766] Girgor, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lill-maħbubin uliedu fi Kristu, il-Badessa u l-kunvent tas-Sorijiet klawstrali tal-Monasteru ta' Santa Maria di Monte Lucio f'Perugia, saħħa u barka apostolika.

Billi intom mittu għad-dinja imma tridu tgħixu għal Kristu u offrejtu ruħkom lilu għall-kumplament ta' ħajjitkom, jixraq li Aħna, li aħna marbutin li nġibu 'l quddiem u nħarsu r-reliġjon u nieħdu ħsiebha b'kura u dispożizzjoni mill-akbar, li ma jmurx jiġri li, minħabba li tiġi nieqsa mill-għajnuna tagħna rigward għajxien, il-ħeġġa tar-reliġjużi qaddisin tkun b'xi mod mhedda jew tiddgħajjef, jew jiġu mxekklin il-proponiment jew l-osservanza spiritwali.

Billi l-monasteru tagħkom, fejn intom għażiltu li tingħalqu għal dejjem, ġie mwaqqaf mis-Sede Apostolika, Aħna nħossu li għandna nieħdu ħsieb li nuru ħniena divina biex nilqgħu l-ħtiġijiet tagħkom kollha, u biex inkunu attenti b'mod speċjali li naraw li jkun ħafif għalikom li jkollkom dak li teħtieġu bħala qaddejja umli ta' Alla. Għaldaqstant Aħna ninfurmawkom permezz ta' din l-ittra u bl-awtorità apostolika tagħna nikkonfermaw għalikom u għall-monasteru tagħkom l-ikel, l-artijiet, id-dwieli, is-siġar taż-żebbuġ, il-ġonna u l-ħwejjeġ l-oħrajn li aħna xtrajna mill-ħidma tagħkom bil-flus li aħna, f'sens ta' tjieba, ordnajna li jinżammu bħala karità safja għar-reliġjużi fqajrin.

Għaldaqstant mhu leċitu għal ħadd li jmur kontra dan id-dokument tal-konċessjoni tagħna jew li jiksruh b'mod temerarju. Jekk xi ħadd ifettillu jagħmel hekk, għandu jkun jaf li jaqa' taħt il-korla ta' Alla li jista' kollox u ta' l-appostli qaddisin tiegħu Pietru u Pawlu.

Mogħti f'Perugia, fil-25 ta' Awissu, fid-disa' sena tal-pontifikat tagħna.

1235 [26 ta' Awissu]: *Religiosam vitam,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Ascoli-Piceno[544].

1235 [30 ta' Awissu]: *Religiosam vitam,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Verona[545].

1235 [1 ta' Settembru]: *Si quibuslibet piis,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Perugia[546].

1235 [4 ta' Marzu]: *Cum a nobis,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Monte Mascarano[547].

---

[540] BF I,169-179.
[541] BF I,170.
[542] BF I,171-172.
[543] BF I,172.
[544] BF I,172-174.
[545] BF I,175-176.
[546] BF I,177.
[547] BF I,185-188.

1235 [25 ta' Mejju]: *Iustus petentium desideriis*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Spello[548].

1235 [20 ta' Ġunju]: *Religiosam vitam*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Monte Mascarano[549].

1235 [29 ta' Lulju]: *Cum mortuae mundo*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Spello[550].

1235 [29 ta' Lulju]: *Religiosam vitam*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Cremona[551].

1235 [2 ta' Awissu]: *Religiosam vitam*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Spello[552].

1235 [2 ta' Awissu]: *Religiosam vitam*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Spoleto[553].

1235 [1 ta' Ottubru]: *Ut intemerata consistant*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Foligno[554].

1235 [2 ta' Diċembru]: *Cum a nobis*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Monte Mascarano[555].

1237 [9 ta' Frar]: *Licet velut ignis*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano[556].

[767] Girgor, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lil uliedu kollha fi Kristu, il-Badessi u s-Sorijiet ta' l-Ordni ta' San Damiano, saħħa u barka apostolika.

Għalkemm bħan-nar qed jitqabbad il-qerq u qed jiżdied bħal tempesta qalila mad-dinja kollha, Aħna obbligati li nieħdu ħsieb ta' bosta ħwejjeġ u li nkunu mħassbin dwar bosta oħrajn. Imma aktar ma Aħna nqisu kull waħda minnkom bħala speċjali għalina fil-qiegħnett ta' qalbna, uliedna maħbubin Tagħna fi Kristu, aktar naħsbu li għandna nuru kura ħerqana biex inħarsu l-istat ta' l-Ordni tagħkom u mmexxuh 'il quddiem lejn dak li hu l-aħjar, kif Aħna bl-umiltà kollha nitolbu t-tjieba tal-ħniena divina u nżommukom dejjem fit-talb Tagħna, sabiex il-fama tajba ta' dan l-Ordni tkun imħarsa bla ebda ħsara u l-kuxjenzi tagħkom ikunu bla xkiel. Billi, għaldaqstant, fost iċ-Ċisterċensi, u f'xi Ordnijiet oħrajn, ġie deċiż li ma jieklux laħam fil-klawsura tal-monasteri tagħhom ħlief (skond ir-Regola ta' San Benedittu) minn dawk li huma morda jew dgħajfin, Aħna nixtiequ li nuru interess għall-qliegħ tal-kuxjenzi tagħkom u Tagħna, u għall-fama ta' l-Ordni tagħkom li bil-grazzja ta' Alla għażel l-osservanza ta' għamla ta' ħajja aktar iebsa. Għaldaqstant, bl-imsemmija awtorità Tagħna Aħna nipprojbixxu b'mod strett lil kull waħda minnkom, ħlief lill-morda, lix-xbejbiet żgħażagħ dgħajfin li ma jistgħux b'mod ieħor josservaw l-ebusija tal-ħajja regulari minħabba l-età żgħira tagħhom, u nikkmandawkom li ma tieklux laħam fil-klawsura tal-monasteri tagħkom, u lanqas ma tistgħu toffruh lil xi ħadd barra mill-klawsura. Aħna norbtu b'dan il-Komunità kollha tagħkom bil-virtù ta' l-ubbidjenza billi nwissukom minn qabel li jekk intom

[548] BF I,195.
[549] BF I,197-198.
[550] BF I,199.
[551] BF I,199-200.
[552] BF I,200-201.
[553] BF I,201-202.
[554] BF I,204-205.
[555] BF I,207-208.
[556] BF I,209-210.

ma tixtiequx li ddaħħlu lil rwieħkom fil-periklu, għandkom tieħdu ħsieb li tosservaw dan kollu mingħajr qatt ma tiksruh.

1237 [14 ta' Marzu]: *Cum sit accepimus*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Spoleto[557].

1237 [30 ta' Marzu]: *Attendentes sicut*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Perugia[558].

1237 [4 ta' April]: *Cum saeculi vanitate*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Praga[559].

[768] Girgor, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, lill-Badessa tal-monasteru ta' San Franġisk ta' l-Ordni ta' San Damiano fi Praga, saħħa u barka apostolika.

Billi inti ħallejt warajk il-frugħa tad-dinja, inti biddilt id-dgħufija umana fi stabilità perpetwa. Mill-istat ta' Reġina inti bil-qalb kollha sirt qaddejja ta' Alla li jista' kollox, u intlaqt għal għonq it-triq tal-perfezzjoni fir-reliġjon qaddisa li inti fiha offrejt lilek innifsek.

Filwaqt li inti tqis li kull ferħ u faraġ tiegħek jinsab fil-qima divina, l-aktar meta l-Ġisem ta' Kristu jiġi offrut fuq l-altar, aħna nixtiequ li bil-favur tagħna nilqgħu it-talbiet tad-devozzjoni tiegħek bl-awtorità ta' dan id-dokument. B'hekk għal ħames darbiet fis-sena inti tista' tisma' s-solennità tal-Quddiesa fil-kor tal-monasteru tiegħek u tista' tħares lejn is-saċerdot li jkun qiegħed jiċċelebraha.

Mogħti f'Viterbo, fl-4 ta' April, fil-ħdax il-sena tal-pontifikat tagħna.

1237 [9 ta' April]: *Cum sicut propositum*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Praga[560].

1237 [14 ta' April]: *Prudentibus virginibus*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Praga[561].

1237 [17 ta' Mejju]: Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Zaragoza[562].

1237 [24 ta' Mejju]: *Monasterium vestrum*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Perugia[563].

1237 [10 ta' Ġunju]: Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Zaragoza[564].

1237 [13 ta' Lulju]: Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Zaragoza[565].

1238 [15 ta' April]: *Pia credulitate tenentes*, Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Praga[566].

---

557 M. FALOCI PULIGNANI, "Le Clarisse di S. Paolo presso Spoleto in documenti inediti del XIII secolo", MF 11 (1909) 73.
558 BF I,211.
559 BF I,213.
560 BF I,215.
561 BF I,215-216.
562 BF I,299, numru 12. Dan id-dokument ma nstabx.
563 BF I,244.
564 BF I,300, numru 13. Dan id-dokument ma nstabx.
565 BF I,300, numru 14. Dan id-dokument ma nstabx.
566 BF I,236-237.

[769] Girgor, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, jibgħat it-tislijiet u l-barka apostolika tiegħu lil uliedu maħbubin fi Kristu, il-Badessa u l-Komunità tal-qaddejja klawstrali ta' Kristu ta' l-Ordni ta' San Damiano tal-Monasteru ta' San Franġisk fi Praga.

Billi Aħna marbutin li nemmnu bid-devozzjoni u bil-qawwa li l-Ispirtu tal-Missier etern jista' jitkellem fikom, li qlubkom ma jsibux mistrieħ ieħor ħlief f'Alla, Aħna bil-ħlewwa kollha tajna widen u nilqgħu bil-favur tagħna t-talbiet tagħkom kif inhuma ispirati biss mill-kunsiderazzjonijiet tas-sema u kif ġew formulati mill-istess Spirtu. Dan ngħiduh b'mod speċjali billi hemm indikazzjonijiet ċari u evidenti li intom qegħdin tikkontemplaw dak il-faqar tas-Sultana tal-Verġni, li jipprovdi l-ġid li ma jintemmx lill-fidili. Tabilħaqq, Hi ma sabitx post ta' kenn li setgħet tmur fih fost il-fqajrin ukoll meta kienet se twelled lis-Sultan tas-sema. Bħala konsegwenza, hu evidenti li intom konvinti li ma jixraqx għall-qaddejja umli li jħaddnu l-lussu meta l-Ħallieq ta' kollox li hu l-Iben il-waħdieni ġie mqieghed f'maxtura, u mgeżwer fi ftit ħrieqi fqajrin.

Għaldaqstant, Aħna nilqgħu iċ-ċaħda li intom bil-libertà kollha tagħmlu ta' l-Isptar ta' San Franġisk fid-djoċesi ta' Praga, flimkien mad-drittijiet u ma' dak kollu li jappartjieni lilu, u li darba minnhom kien ġie mogħti lilkom u, permezz tagħkom, lill-monasteru tagħkom. Intom, li stmerrejtu l-ħwejjeġ li jidhru sabiex tħaffu lejn il-hena tal-ħwejjeġ li ma jidhrux, għandhom ix-xewqa li tevitaw dak ix-xkiel (li ġie li tistgħu tiltaqgħu miegħu) għall-kontemplazzjoni ta' Alla, li ma għandhiex tiġi mfixkla mill-kura tal-ħwejjeġ materjali. Għaldaqstant, mirbuħin mit-talbiet u d-dmugħ tagħkom, bl-awtorità ta' din l-ittra Aħna nagħtukom id-dritt li ma tistgħux tiġu mġiegħelin li, kontra r-rieda tagħkom, mil-lum il-quddiem ikollkom taċċettaw kull tip ta' proprjetà.

Għaldaqstant mhu leċitu għal ħadd li jmur kontra dan id-dokument tal-konċessjoni tagħna jew li jiksruh b'mod temerarju. Jekk xi ħadd ifettillu jagħmel hekk, għandu jkun jaf li jaqa' taħt il-korla ta' Alla li jista' kollox u ta' l-appostli qaddisin tiegħu Pietru u Pawlu.

Mogħti fil-Lateran, fis-16 ta' April, fit-tnax il-sena tal-pontifikat tagħna.

1238 [5 ta' Mejju]: *Pia meditationes pensantes,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Praga[567].

[770] Girgor, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, jibgħat it-tislijiet u l-barka apostolika tiegħu lil uliedu maħbubin fi Kristu, il-Badessa u l-Komunità tal-qaddejja klawstrali ta' Kristu ta' l-Ordni ta' San Damiano tal-Monasteru ta' San Franġisk fi Praga.

Filwaqt li naħsbu dwar il-meditazzjoni devota tal-fatt li l-Iben tal-Missier etern ħa l-ġisem fil-ġuf tal-Verġni glorjuża Marija għas-salvazzjoni tal-ġens tal-bnedmin, u li Hu bil-ħlewwa kollha ried li jkun hemm modi diversi kif il-fidili tiegħu ikunu jistgħu jipperseveraw fit-talb u fit-tifħir lil Alla, Aħna ċertament nixtiequ li nidhru li nagħtu attenzjoni kbira għal dak kollu li, bil-għajnuna ta' Alla, il-ħeġġa tad-devozzjoni u l-grazzja tal-perseveranza tkun tista' tiżdied fikom għall-ħarsien tal-liġi ta' Alla. Għaldaqstant, billi jista' jidher li intom ma tkunux tistgħu tosservaw, kif tixtiequ, il-ħruxija tar-Regola li ġiet mogħtija lilkom, minħabba l-klima kiesħa tal-pajjiż li intom tgħixu fih, intom li tinsabu taħt id-dixxiplina ta' l-osservanza regolari mwaqqfa għall-glorja tal-Feddej tagħna, Aħna qisna li minħabba din it-tjieba eterna, naraw li din il-ħruxija tiġi mnaqqsa bix-xewqa ta' moderazzjoni li tgħin fis-salvazzjoni. Għaldaqstant, bl-awtorità ta' din l-ittra, Aħna nikkonċedulkom li, ukoll jekk intom tridu ssumu dejjem fuq ikel tar-Randan skond ir-Regola tagħkom, imma għandkom tieklu żewġ ikliet nhar ta' Ħadd u nhar ta' Ħamis, u għandkom ukoll issostnu ruħkom bil-lattiċini. Imma ħadd ma hu obbligat li jsum fl-Għid il-Kbir, fis-solennitajiet

[567] BF I,240-241.

tal-Verġni Marija u ta' l-Appostli, fil-festa tat-Twelid tal-Mulej, u wkoll fi żminijiet li fihom ikun hemm ħtieġa li tidher, bħal ngħidu aħna, meta waħda tkun marida. Jekk xi ħadd minnkom jimrad, il-Badessa, jew is-Soru l-aktar anzjana, għandha l-fakultà li tiddispensa mis-sawm u mill-ikel. Barra dan, Aħna nixtiequ li f'dawk il-ġranet tar-Randan u ta' l-Avvent li fihom intom obbligati li ssumu skond ir-Regola, intom tistgħu tieklu dak l-ikel kollu li soltu tistgħu tieklu fil-jiem ta' sawm. Nagħtukom ukoll il-permess li jkollkom żewġ tonok u skapular, mantell tal-pannu u sandli, u li tużaw l-imħaded u saqqijiet tat-tiben.

Għaldaqstant mhu leċitu għal ħadd li jmur kontra dan id-dokument tal-konċessjoni tagħna jew li jiksruh b'mod temerarju. Jekk xi ħadd ifettillu jagħmel hekk, għandu jkun jaf li jaqa' taħt il-korla ta' Alla li jista' kollox u ta' l-appostli qaddisin tiegħu Pietru u Pawlu.

Mogħti fil-Lateran, fil-5 ta' Mejju, fit-tnax il-sena tal-pontifikat tagħna.

1238 [9 ta' Mejju]: *De Conditoris omnium*, Lil Agnese u lis-Sorijiet Foqra ta' Praga[568].

[771] Girgor, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, jibgħat it-tislijiet u l-barka apostolika tiegħu lil bintu l-maħbuba, Agnese, qaddejja ta' Kristu u tal-Verġni glorjuża u mbierka fost in-nisa, saħħa u barka apostolika.

Il-Ħallieq ta' kollox għoġbu jagħtina rigal li ma jitfissirx fil-qawwa tiegħu, jiġifieri li l-Ispirtu ta' kontemplazzjoni jogħla 'l fuq lejn is-smewwiet u li Hu kapaċi jinfed ukoll il-fond ta' l-abbiss. Dan kollu jidher mill-bosta xorta ta' doni ta' Alla li inti urejtna dan l-aħħar fl-ittra sinċiera tiegħek. Minnha Aħna ġbarna li inti tgħix fl-inħawi tat-tramuntana, li ħallejt warajk dak kollu li jżommok marbuta mad-dinja, bħalma huma l-kilba, il-frugħa u l-pjaċir li lejhom iħarsu dawk li huma boloħ. Bħar-Reġina tan-nofsinhar inti mort biex tisma' l-għerf tal-veru Salamun. F'riġlejh, bħal fi skola ta' virtù, inti tinsab tishar bla qatt ma tehda fil-perseveranza. Inti tant tgħallimt il-ġudizzju u l-għarfien sal-punt ta' tjubija sħiħa, hekk li malli xrobt min-nixxiegħa tal-pjaċir tiegħek fil-ġudizzju u t-tjieba, inti xerridtha madwarek, u fl-istess ħin mit-teżor ta' sidrek inti ħriġt il-ħerqa ġdida, filwaqt li urejt fil-beraħ ir-rieda li ma tinbidilx li għandha x'taqsam mat-twettieq ta' rieda antika.

Barra minn dan, lill-Iben ta' din il-Verġni glorjuża, li fit-tjubija tiegħek inti offrejtlu s-sbuħija tas-safa verġinali tiegħek, Aħna, filwaqt li kemm nistgħu nuruk l-apprezzament tagħna, inħeġġuk, ja bint il-barka, mill-affett l-aktar ġewwieni tal-ġenerożità Tagħna, li tagħtih dak kollu li hu tajjeb, sabiex il-ministeri ta' l-anġli u tal-bnedmin b'mod ta' l-għaġeb ikunu jistgħu jiksbu l-bidu u l-milja tal-perfezzjoni, il-kuruna tal-glorja li ma tintemmx b'devozzjoni dejjem akbar, bil-fidi bħala pedament, li biha l-istess bnedmin bħallikieku bi strument tar-rieda Tiegħu, ikunu jistgħu iwettqu l-għanijiet ta' grazzja Tiegħu.

Aħna, filwaqt li nifirħu fil-Mulej, nikkontemplaw lill-Imqaddes Franġisku bħala l-mera tal-kontemporanji tagħna, li malli s-Sultan ta' dejjem baxx ħarstu lejh, f'daqqa waħda mar jiġri mix-xewka għall-warda. Imbagħad hu ġenneb il-frugħat kollha tad-dinja u ħalliehom warajh, u għadda għas-safa bla jaqta' li ingħatalu mill-għoli talli ħa ħsieb bil-fedeltà ta' l-uffiċċju tiegħu ta' ħabbâr. Permezz tas-sinjali ta' l-Istimmati li dehru b'mod xieraq lil tant persuni li kien jistħoqqilhom jarawhom, Hu ġab żjieda kbira fl-erwieħ li rebaħ għall-Iben tal-Missier etern meta hu waqqaf tliet Ordnijiet mal-firxa tad-dinja kollha, li fihom kuljum Dak li jista' kollox tingħatalu glorja b'diversi modi. Għaliex minn ġewwa, bħallikieku kien imxebbgħa mit-*tliet friegħi*, li l-*kuppier tal-Fargħun* (cfr. Ġen 40,10) ra quddiemu fil-ħolma, (Franġisku) mar iwaqqaf il-familji ta' l-Ordni tal-Patrijiet Minuri, tas-Sorijiet klawstrali, u tal-Penitenti, li kellhom ikunu mogħtija għallqima tat-Trinità

[568] BF I,241-242.

qaddisa u mhux mifruda. Sadanittant huma joffru l-ward ta' tifħir tal-fama tajba tagħhom u l-għeneb tal-ħajja onesta tagħhom flimkien, u l-inbid ta' l-indiema qaddisa huma jxerrduh; għal bosta mill-komunità ta' l-insara jidher ċar li billi huma *jaqdu lill-Mulej bil-ġustizzja u l-qdusija* (cfr. Lq 1,75), huma jistgħu jaħtfu l-prezz tal-ferħ ta' dejjem li ġie mħejji għalik, ja bint l-aktar maħbuba fi Kristu, kif Aħna mimlijin fiduċja li jseħħ mit-tjieba infinita ta' Alla.

Għax min fost l-insara ma jemminx bħala verità l-fatt li inti, li qabel kont tgħix fl-abbundanza tal-pjaċiri u l-unuri, issa sirt qaddejja fqajra u Reġina umli, u li trid taħkem il-ġawhar tat-teżor li ma jintemmx, u li l-Verġni u Martri Sant'Agnese kienet qalet li riedet tħaddan meta setgħet tinġibed biex tgħannaq magħha l-virtujiet? Min, fost dawk li jibżgħu minn Alla, ma jlissinx fuq xofftejh li l-eċċellenza tal-Feddej kellha tagħżlek bħala għarusa tiegħu meta inti ridt tkun ħielsa għas-safa verġinali?

Għaldaqstant, Aħna nitolbuk id-devozzjoni tiegħek u nħeġġuk fil-Mulej Ġesù Kristu, billi inti mħeġġa għal dan kollu, biex tagħmel użu ta' spiss mill-kantiku ta' tifħir li Dik, li kellha fiduċja sħiħa fil-ġemgħa tas-sema, nisġet bl-ispirazzjoni ta' Dak li fih l-anġli jifirħu. Inti tħabat biex tqiegħed l-attenzjoni kollha tiegħek fuq dan kollu mingħajr qatt ma tieqaf, sabiex inti tagħraf dak li inkiteb għal ħafna bħala eżempju ta' salvazzjoni, u sabiex fl-aħħarnett tkun jistħoqqlok li titqiegħed fl-art tal-Missier ta' dejjem, imsieħba ma' kori bla għadd ta' Verġni qaddisa. Aħseb ukoll fina, li nfittxu niksbu dik il-hena bla tmiem li dejjem tinżel mill-Missier, permezz ta' Ibnu li jagħtih l-ogħla ġieħ u glorja.

Mogħti fil-Lateran, fid-9 ta' Mejju, tat-tnax il-sena tal-pontifikat tagħna.

1238 [11 ta' Mejju]: *Angelis gaudium,* Lil Agnese u s-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Praga[569].

[772] Girgor, qaddej tal-qaddejja ta' Alla, jibgħat it-tislijiet u l-barka apostolika tiegħu lil bintu l-maħbuba, Agnese, qaddejja ta' Kristu u tal-Verġni glorjuża li hi mbierka għal dejjem.

Il-ferħ ta' l-Anġli, kif nemmnu, kotor meta raw id-devozzjoni fost dawk li daru lura lejn il-Mulej. Għaliex inti warrabt l-ilbies irjali tiegħek u ħadt fuqek it-tonka tal-faqar sabiex tikseb dak il-premju tas-sema li hu mwiegħed lil dawk li jimxu fuq il-passi tas-Sultan ta' dejjem. Għax tassew, inti trid tishar bil-ħerqa sabiex l-intenzjoni tiegħek, bl-għajnuna ta' Alla, tkun immexxija lejn dan il-għan u ssib it-twettieq tagħha. Sabiex qalbek, kbira kemm hi kbira, tkun tista' titħeġġeġ għall-ħarsien tal-virtù taħt l-ispirazzjoni tal-Mulej, inti trid dejjem tkun lesta għall-prattika ta' l-ubbidjenza u dejjem disposta għall-glorja ta' Dak li sar ubbidjenti għall-Missier ta' dawk kollha li jemmnu. Billi Aħna nafu li l-ħsieb ewlieni tagħna hu dak dwar is-salvazzjoni ta' l-erwieħ li, bil-għajnuna ta' Alla, tista' sseħħ ukoll bil-qadi ta' l-uffiċċju Tagħna, inti għandek tilqa' l-pariri tagħna b'qalb devota u timxi fuqhom b'ħeġġa u ħerqa kbira, l-aktar f'dawk il-ħwejjeġ li l-uniku skop tagħhom hu li jogħġbu lill-Ħallieq ta' kollox.

Tassew, ja bint ta' barka u grazzja, meta Aħna konna għadna f'uffiċċju iżgħar, u meta dik il-bint maħbuba fi Kristu, Klara, il-Badessa tal-Monasteru ta' San Damiano f'Assisi, flimkien ma' xi nisa oħrajn devoti fil-Mulej, ħallew fil-ġenb il-frugħat tad-dinja u għażlu li jaqduh taħt il-madmad ta' l-osservanza reliġjuża, l-Imqaddes Franġisku tahom, bħala trabi għadhom jitwieldu, mhux ikel solidu, imma sqiehom il-ħalib, permezz ta' Forma ta' ħajja li dehret li tkun tajba għalihom. Din il-Forma ta' ħajja miktuba ġiet ippreżentata Lilna ftit taż-żmien ilu mill-iben għażiż Tagħna, il-Prijur ta' l-Isptar ta' San Franġisk fi Praga, raġel li dejjem wera ruħu bħala bniedem għaqli li jiddedika ruħu għall-iskop tal-ħajja tagħkom. Bit-talba umli tiegħu, hu talabna biex Aħna nikkonfermaw bl-awtorità Apostolika din il-Forma ta' ħajja, li hu ippreżentalna bis-siġill tiegħek,

---

[569] BF I,242.

u li ġiet miktuba mill-istess Forma ta' ħajja u xi kapitli oħrajn li huma inklużi fir-Regola ta' l-Ordni ta' San Damiano.

Wara li Aħna qiesna fuq li qiesna kollox, għal bosta raġunijiet Aħna ma ħassejniex li kien jaqbel li nagħtuk is-siġill sħiħ ta' l-approvazzjoni Tagħna: qabel xejn, għaliex Klara u s-Sorijiet tagħha kellhom il-privileġġ ta' eżenzjoni li kien ġie mogħti lilhom mill-Papa Onorju fuq talba Tagħna stess, u huma b'mod solenni ipprofessaw dik ir-Regola li kienet inkitbet b'ħeġġa kollha reqqa u li kienet ġiet aċċettata minn San Franġisk, u wara dan kienet ġiet ikkonfermata mill-istess Papa Onorju, il-predeċessur tagħna ta' tifkira hienja. It-tieni, għaliex Klara u s-Sorijiet tagħha kienu warrbu din il-Forma ta' ħajja u ilhom josservaw l-istess Regola b'mod ta' min ifaħħru minn żmien il-professjoni tagħhom sal-ġurnata tallum. It-tielet, għaliex ġie determinat li din ir-Regola għandha tiġi osservata bl-istess mod kullimkien minn dawk kollha li jipprofessawha, u dan għaliex inkella jqum skandlu kbir u li wieħed ma jkunx jiflaħ għalih jekk xi ħadd ikun irid jassumi li jrid dak li hu kuntrarju għaliha. Dan hu hekk b'mod speċjali, billi Sorijiet oħrajn ta' dan l-Ordni qiegħdu fil-ġenb din il-Forma ta' ħajja u baqgħu josservaw l-istess Regola. Jekk huma jaraw li xi ħadd ikun jikser l-integrità ta' l-istess Regola, huma wkoll, (Alla ħares qatt!) ikollhom qlubhom imfixklin u jiddgħajjfu fl-osservanza tagħha.

Għaldaqstant, Aħna nitolbuk l-ubbidjenza devota fil-Mulej Ġesù Kristu, u fl-istess ħin Aħna nassolvuk mid-dnubiet li inti tqis li tkun għamilt meta timmedita l-frott dak li kont wegħidt fil-bidu, u bil-għaqal kollu nistednuk taħseb li kull tip ta' azzjoni ta' ħeġġa qaddisa li forsi tiġi suġġerita lilek minn dawk li ma għandhomx għarfien meħtieġ, inti għandek tara l-konklużjoni tagħha f'dak kollu li jogħġob lil Alla, li jkun milqugħ Minna, u li jkun ta' fejda għalik u għall-komunità tiegħek. Fl-istess ħin, bil-qawwa tal-Feddej li jsostnik maġenbek, inti għandek twarrab minnek kull pretest, u bil-għaqal u l-ħeġġa tosserva r-Regola. Inti wkoll trid tara li din għandha tiġi mħarsa mis-Sorijiet tiegħek. Qiegħed quddiem għajnejk it-tama li ma titfissirx li, jekk inti tagħmel dan kollu, għall-ħniena ta' Alla ruħek tkun jistħoqqilha li tiġi mżejna bil-ġmiel ta' dawk il-ġawhar li bihom jingħad li hu mżejjen it-tron tal-palazz tas-sema. Lanqas ma għandek tibża' għaliex inti rbatt lilek innifsek għall-osservanza ta' din ir-Regola li semmejna. Din il-biża' tista' titnissel mill-fatt li, milli jidher, inti ma tafx dak li Aħna iddikjarajna meta ingħatat dik il-Forma ta' ħajja. Inti bl-ebda mod ma inti obbligatha għaliha, għaliex hi ma ġietx approvata mis-Sede Apostolika. Hi ma ġietx osservata minn Klara li semmejna bosta drabi, jew mis-Sorijiet tagħha, jew minn oħrajn. X'naqbad ngħidlek iżjed? Wieħed ma jistax jikser vot jekk dan jiġi mibdul f'xi ħaġa aħjar. Aħna nassolvu lilek u lis-Sorijiet tiegħek mill-osservanza tal-Forma ta' ħajja skond il-qawwa ta' l-awtorità mogħtija Lilna mill-Mulej.

Aħna nixtiequ u nikkmandaw li inti tilqa' b'devozzjoni ta' bint dik ir-Regola li ġiet mogħtija lilek bid-digriet Tagħna, sabiex din tkun osservata fil-monasteru tiegħek għall-ġejjieni, flimkien ma' dawk l-artikli li Aħna, mirbuħin mill-imħabba li wasslet lis-Sultan tas-sema li jkollu ħniena mid-dgħufija tal-bnedmin, ħassejna li għandhom jiġu mnaqqsin mill-ħruxija tagħhom.

Għandek tkun taf li dak kollu li jista' jsir għall-Mulej għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ, hu ħaġa li tixraq. Hi miġbura fl-ittri apostoliċi li intbagħtu lilek permezz tal-Prijur rigward it-talbiet li inti ippreżentajt bis-sinċerità kollha. Għandu jkollok fiduċja sħiħa li jekk f'xi żmien Aħna niġu mitlubin minnek jew mis-Sorijiet tal-monasteru tiegħek biex innaqqsu mill-ħruxija ta' xi aspetti tar-Regola jew jekk aħna niġu mistoqsijin dwar affarijiet oħrajn, Aħna, bil-ħlewwa paterna Tagħna, nagħtu l-kunsens Tagħna lilek u lil dak li inti titlob skond Alla.

Mogħti fil-Lateran, fil-11 ta' Mejju, fit-tnax il-sena tal-pontifikat tagħna.

1238 [10 ta' Mejju]: Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Zaragoza[570].

1238 [3 ta' Ġunju]: Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Zaragoza[571].

1238 [16 ta' Ġunju]: Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Zaragoza[572].

1238 [9 ta' Awissu]: *Quotiens a nobis,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Ruma[573].

1238 [23 ta' Awissu]: *Arca foederis,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Collazone[574].

1238 [17 ta' Diċembru]: *Cum a nobis,* Lis-Sorijiet Foqra ta' San Damiano ta' Panzo[575].

